



Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli li Jaħdem: 71 Każ ta' Prattika Tajba

Mejju 2020

#WeBuySocialEU



**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

Numru tat-telephone bla flas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija mingħajr flas, kif huma wkoll il-biċċa l-kbira tat-telefonati (għalkemm xi operaturi, telephone boxes jew lukandi jistgħu jitolbuk flas).

AVVIŻ LEGALI

L-informazzjoni u l-opinjoni jiet ippreżentati f'din il-pubblikazzjoni huma dawk tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu l-opinjoni uffiċjali tal-EASME jew tal-Kummissjoni. La l-EASME u lanqas il-Kummissjoni ma jistgħu jiggarrantixxu l-preċiżjoni tad-*data* inkluża f'dan l-istudju. La l-EASME, la l-Kummissjoni u lanqas xi persuna oħra li tagħxi f'isimhom ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih.

Aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea huwa disponibbli fuq l-Internet (<http://www.europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

ISBN 978-92-9202-958-6

doi: 10.2826/844552

© L-Unjoni Ewropea, 2020

AWTURI

Philipp Tepper (resp.), Ashleigh McLennan, Rafael Hirt, Peter Defranceschi, ICLEI – Gvernijiet Lokali għas-Sostenibbiltà u Valentina Caimi, Alexander Elu, AEIDL. Bl-appoġ ta' Public Procurement Analysis, ta' Dialog Makarna u ta' Social Economy Europe.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME)
Dipartiment A - COSME, H2020 SME u FEMS
Unità A.1 — COSME

Posta elettronika: EASME-COSME-ENQUIRIES@ec.europa.eu

Il-Kummissjoni Ewropea
B-1049 Brussell

Werrej

Werrej

| | |
|---|----|
| INTRODUZZJONI (MT) | 4 |
| X'INHU L-SRPP? | 4 |
| X'INHU INKLUŻ F'DIN IL-ĠABRA?..... | 5 |
| EŻITI EWLENIN..... | 5 |
| STUDJI TAL-KAŻ | 9 |
| SETTUR 1. Servizzi ta' tindif u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet | 10 |
| SETTUR 2. Il-Kostruzzjoni..... | 49 |
| SETTUR 3- Servizzi tal-ikel/catering | 73 |
| SETTUR 4- Għamara | 94 |

INTRODUZZJONI (MT)

L-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) jikkonċerna l-kisba ta' eżiti soċjali pożittivi fil-kuntratti pubbliċi. L-akkwist jaffettwa numru kbir ta' nies, kemm jekk bħala utenti tas-servizzi pubbliċi, bħala persuni involuti fil-produzzjoni u fil-kunsinna, jew bħala persunal tal-organizzazzjoni tax-xiri. Lil hinn minn daww affettwati direttament, l-SRPP għandu l-potenzjal li jinfluwenza s-suq usa' kemm fuq in-naħa tad-domanda kif ukoll fuq in-naħa tal-provvista.

Permezz tax-xiri bil-għaqaq, ix-xerrejja pubbliċi jistgħu jippromwovu l-opportunitajiet ta' impjeg, ix-xogħol deċenti, l-inklużjoni soċjali, l-aċċessibbiltà, id-disinn għal kulħadd, il-kummerċ etiku, u jfittxu li jkunu konformità usa' mal-istandards soċjali. Għal xi prodotti, xogħlijiet u servizzi, l-impatt jista' jkun partikolarment sinifikanti, peress li ix-xerrejja pubbliċi għandhom sehem kbir mis-suq f'setturi bħall-kostruzzjoni, il-kura tas-saħħa u t-trasport.

Ix-xerrejja pubbliċi huma investituri ewlenin fl-Ewropa, u jonfqu 14 % tal-prodott domestiku gross tal-UE. Billi jużaw il-kapaċità tal-akkwist tagħhom sabiex jagħżlu oġġetti u servizzi li jwasslu eżiti soċjali pożittivi, huma jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-iżvilupp sostenibbli. Dejjem aktar minn qatt qabel kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat qed jirrikonoxxu l-ħtieġa li jindirizzaw it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà (soċjali, ambjentali u ekonomika) fl-akkwist.

Id-Direttivi tal-2014 dwar l-Akkwist Pubbliku¹ jagħmluha ċara li l-aspetti soċjali jistgħu jitqiesu matul iċ-ċiklu tal-akkwist kollu, mill-konsultazzjoni preliminari tas-suq, sal-użu tar-riżervi u tar-reġim anqas strett, u sal-kriterji tal-aġġudikazzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

Ix-xerrejja pubbliċi madwar l-Ewropa qed jibdeu jisfruttaw dawn l-opportunitajiet u juru impatt soċjali reali fix-xiri tagħhom. Minkejja dan, l-Istati Membri għandhom mhumiex qed jisfruttaw bis-sħiħ il-possibiltajiet tal-akkwist pubbliku bħala għodda strateġika sabiex isostnu l-oġġettivi tal-politika soċjali.

Dan il-għbir ta' studji tal-każ għandu l-għan li jtejjeb l-għarfien u l-fehim tal-potenzjal tal-SRPP, billi juri 71 eżempju ta' kif ix-xerrejja pubbliċi kisbu benefiċċji soċjali fil-prattika. L-istudji tal-każ juru l-proċeduri ta' offerti korretti u politiki effettivi, u jaġixxu bħala ispirazzjoni – kemm għax-xerrejja kif ukoll għall-operaturi fl-ekonomija soċjali – bl-għan li jstimolaw ir-replikazzjoni madwar l-Ewropa.

Għal aktar informazzjoni dwar kif l-aspetti soċjali tad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku ġew trasposti f'livell nazzjonali, flimkien ma' aktar Prattiki Tajbin dwar l-SRPP, b'enfasi partikolari fuq l-aċċess għas-swieq pubbliċi mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, ara r-rapport dwar ix-xiri għall-impatt soċjali [Buying for Social Impact](#). Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tagħorna l-gwida *Xiri Soċjali*, li se tipprovdi pariri Prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-SRPP (mistennija fl-2020).

X'INHU L-SRPP?

L-SRPP għandu l-għan li jindirizza l-impatt fuq is-soċjetà tal-oġġetti, tas-servizzi u tax-xogħlijiet mixtrija mis-settur pubbliku. Tista' tkun mutur għal dawn:

- Il-promozzjoni tal-opportunitajiet ta' impjeg u tal-inklużjoni soċjali
- L-għoti ta' opportunitajiet għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali
- L-inkoraġġiment tax-xogħol deċenti

¹ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ("id-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet"); Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ("id-Direttiva dwar is-Settur Pubbliku"); u d-Direttiva 2014/25/UE dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ("id-Direttiva tal-Utilitajiet"). Din il-gwida tirreferi primarjament għad-Direttiva 2014/24/UE, madankollu, il-biċċa l-kbira tal-istess possibiltajiet għat-tweqqif tal-SRPP jeżistu wkoll taħt iż-żewġ direttivi l-oħra.

- L-appoġġ għall-konformità mad-drittijiet soċjali u tax-xogħol
- L-aċċessibbiltà u d-disinn għal kulħadd
- Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ etiku
- Il-forniment ta' servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u kulturali ta' kwalità għolja

X'INHU INKLUŻ F'DIN IL-ĠABRA?

Din l-għażla ta' studji tal-każ ta' prattika tajba ġiet żviluppata bejn Settembru 2019 u Marzu 2020. Ix-xogħol jibni fuq attivitajiet preċedenti u kurrenti relatati mal-SRPP fil-livelli Ewropej, nazzjonali u tal-gvernijiet lokali.

Ġew imfittxija każijiet ta' prattika tajba minn xerrejja pubbliċi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, u b'riżultat ta' dan, f'din il-ġabra huma ppreżentati 71 każ minn 27 pajjiż, minn 22 Stat Membru flimkien ma' 5 pajjiżi mhux tal-UE. Peress li l-applikazzjoni tal-SRPP tvarja minn Stat Membru għall-ieħor, il-każijiet ivarjaw mil-livell bażiku/tal-bidu, sal-livell intermedju u dak avanzat. Huma jindirizzaw għażla diversa ta' prodotti u ta' servizzi, kif ukoll jinkludu l-aspetti u l-fażijiet kollha tal-akkwist pubbliku (inklużi l-fażijiet ta' qabel u ta' wara s-sejthiet għall-offerti) u firxa wiesgħa ta' xerrejja pubbliċi, li jvarjaw minn gvernijiet lokali sa korpi ta' xiri ċentrali u sptarjiet.

Il-ġabra hija mqassma skont is-setturi sabiex tgħin lill-qarrej jinnaviga b'mod aktar konvenjenti. Il-każijiet ta' prattika tajba li jkopru aktar minn settur wieħed jew li jirrelataw ma' politiki jew ma' proċessi huma miġbura flimkien fl-aħħar. Is-setturi koperti minn din il-ġabra jinkludu: servizzi tat-tindif; il-kostruzzjoni; servizzi tal-ikel u tal-catering; għamara; servizzi ta' ġardinaġġ; il-kura tas-saħħa; teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; servizzi soċjali; tessuti; flimkien mat-trasport, mal-mobilità u mal-iskart.

EŻITI EWLENIN

Il-ġabra ppreżentata tal-prattika tal-SRPP turi d-diversità tal-applikazzjoni kurrenti, u l-firxa ta' opportunitajiet disponibbli għax-xerrejja pubbliċi sabiex jużaw l-akkwist tagħhom b'mod strateġiku bl-għan li jwasslu eżiti soċjali reali, filwaqt li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Fil-ġbir ta' dawn l-istudji tal-każ, kien possibbli li jiġi osservat sa liema punt qed jiġu applikati fil-prattika l-mekkaniżmi differenti permessi skont id-Direttivi Ewropej dwar l-Akkwisti.

Pereżempju, l-użu ta' klawżoli dwar l-impjeg skont l-Artikolu 70 huwa mifrux ħafna, iżda t-tali klawżoli jvarjaw f'termini tal-ambizzjoni u tas-sofistikazzjoni tagħhom. Fil-livell bażiku, il-klawżoli jistgħu jgħinu jstimolaw opportunitajiet ta' impjeg għal persuni "mbiegħda mis-suq tax-xogħol" (jiġifieri, persuni li jaffaċċjaw ostakli għall-impjeg, bħal diżabilitajiet, livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni jew ta' ħila, nuqqas ta' esperjenza jew qgħad fit-tul, jew ostakli oħra kif iddefiniti mix-xerrej pubbliċi). Approċċi aktar avanzati huma inkorporati f'inizjattivi usa' tal-politika soċjali, li jinkludu l-provvista ta' helpdesks għall-akkwirenti u għall-fornituri, servizzi ta' "tlaqqiġ" bejn persuni qiegħda u rwoli speċifiċi ta' impjeg, jew appoġġ indirett għall-persuni li qed ifittxu impjeg sabiex jiġu meġġuna jerġgħu jintegraw irwieħhom fil-forza tax-xogħol. Xi klawżoli dwar l-impjeg jispeċifikaw ukoll it-termini li fuqhom impjegati reklutati jew apprendisti jenħtieġ li jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem matul il-kuntratt pubbliku, jew jistabilixxu rekwiżiti speċifiċi ta' taħriġ. Jeżistu wkoll ħafna eżempji ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi riżervati għal workshops protetti/intrapriżi soċjali li jimpjegaw ħaddiema b'diżabilità u żvantaġġati, b'mod partikolari għal kuntratti relatati ma' manutenzjoni, ma' servizzi ta' ġardinaġġ, u ma' servizzi soċjali.

Min-naħa l-oħra, ir-riċerka tindika li xi wħud mid-dispożizzjonijiet soċjali disponibbli skont id-Direttiva 2014/24/UE jidhru li mhumiex sfruttati biżżejjed. Dan jinkludi l-użu tal-flessibbiltà pprovduta taħt ir-reġim anqas strett u l-użu attiv tar-raġunijiet għall-esklużjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' konformità mal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol (kif previst skont l-Artikolu 57(4)). Madankollu, huwa possibbli li l-awtoritajiet pubbliċi qed japplikaw dawn il-kriterji mingħajr ma jimmarkawhom b'mod espliċitu bħala SRPP.

Ir-riskji soċjali possibbli u l-benefiċċji potenzjali tax-xiri pubbliku sa ċertu punt jiddependu mill-prodott jew mis-servizz li jkun qed jinxtara. Pereżempju, xi setturi għandhom proporzjon oġġla ta' ħaddiema vulnerabbli,

jew potenzjal akbar għall-ħolqien tax-xogħol. Ċerti prodotti jistgħu jinkludu materja prima li toriġina minn żoni ta' kunflitt jew minn reġjuni bi standards baxxi tax-xogħol, iżda jistgħu jiġu ċertifikati bħala soċjalment sostenibbli permezz ta' tikketti ta' kwalità. Hawn taħt hija pprovduta ħarsa ġenerali lejn kull wieħed mis-setturi koperti f'din il-ġabra, u xi konklużjonijiet ewlenin dwar kull wieħed minnhom.

Servizzi tat-Tindif

Għaxar studji tal-każ dwar is-servizzi tat-tindif u l-ġestjoni tal-faċilitajiet minn disa' pajjiżi Ewropej huma inklużi f'din il-ġabra, inklużi każ mill-Kummissjoni Ewropea nnifisha, flimkien ma' każijiet minn gvern reġjonali, minn kumpaniji pubbliċi, u minn numru ta' bliet żgħira u medji. Il-kunsiderazzjonijiet tal-SRPP fis-settur tat-tindif tipikament jinkludu rekwiżiti għal kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin (inklużi s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, miżuri li jipromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata), kriterji għall-għoti u klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt li jipromwovu l-ħolqien tax-xogħol u t-taħriġ, flimkien ma' lottijiet riżervati għal intrapriżi soċjali.

L-istudji tal-każ juru li ma hemm l-ebda approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd", u li d-djalogu mas-suq huwa l-ewwel pass tajjeb għall-valutazzjoni tal-possibbiltajiet lokali. F'xi partijiet tal-Ewropa, dan id-djalogu huwa importanti sabiex jiġi żgurat li l-kriterji soċjali jkunu jistgħu jinkisbu u ma jxekklux il-kompetizzjoni. F'partijiet oħra, b'livelli għoljin ta' kompetizzjoni u b'differenza żgħira fil-prezz tal-offerti, il-kriterji għall-għoti jistgħu jagħtu sinjal qawwi, u huma fattur importanti għad-differenzazzjoni bejn l-offerti.

Xi tagħlimiet kondiviżi mix-xerrejja pubbliċi jinkludu l-importanza tat-tlaqqiġ tan-nies qiegħda ma' rwoli xierqa, li għalih l-organizzazzjonijiet ta' partijiet terzi li jaħdmu mal-gruppi fil-mira jistgħu jkunu sħab importanti. Il-monitoraġġ matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt huwa importanti wkoll, u fil-kuntratt għandhom jiġu inklużi penali xierqa għan-nuqqas ta' konformità.

Kostruzzjoni

Huma inklużi seba' studji tal-każ mis-settur tal-kostruzzjoni, minn ħames Stati Membri Ewropej (flimkien ma' studju tal-każ wieħed mill-Kanada). Il-kunsiderazzjonijiet tal-SRPP s-settur tal-kostruzzjoni tipikament jiffokaw fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għall-gruppi fil-mira. Barra minn hekk, każ wieħed iqis ukoll il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema li jista' jinstab fl-estrazzjoni u fil-proċessar tal-ġebla naturali, u l-użu ta' tikketti ta' kwalità (b'sostenn minn awdituri indipendenti) sabiex tiġi żgurata provvista soċjalment responsabbli ta' materjali tal-kostruzzjoni.

Is-settur tal-kostruzzjoni għandu sfidi speċifiċi fir-rigward tal-impjieg, inkluż il-volum varjabbli ta' proġetti u ċ-ċiklu partikolari tas-suq. Is-siti tal-kostruzzjoni jistgħu wkoll ikunu ġeografikament diffiċli sabiex jintlaħqu, u l-opportunitajiet ta' impjieg disponibbli mhumiex adattati għall-ħiliet kollha. Bħal fis-settur tat-tindif, l-SRPP jista' jiġi ffaċilitat minn servizz li jipprovdi pariri dwar klawżoli soċjali lil akkwirenti u lil fornituri, jew jistgħu jiġu identifikati azzjonijiet xierqa f'kollaborazzjoni mal-fornituri permezz ta' konsultazzjoni tas-suq.

Servizzi tal-Ikel u tal-Catering

Il-ġabra tinkludi sitt eżempji relatati mal-ikel u mal-catering minn sitt pajjiżi Ewropej differenti. Bosta minn dawn jittrattaw sejħiet għall-offerti riżervati, bl-għan li jiġu appoġġati l-intrapriżi soċjali u l-impjieg ta' persuni b'diżabilità jew ta' gruppi oħra b'ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-provvista ġusta ta' komoditajiet bi ktajjen tal-provvista globali (inklużi l-kafè, it-te, iz-zokkor, iċ-ċikkulata u l-banana) hija kkunsidrata f'diversi studji tal-każ.

Tagħlima ewlenija rrapportata minn xerrejja pubbliċi li jirriżervaw il-kuntratti hija l-importanza li jiġu kkunsidrati l-kapaċità tal-intrapriżi soċjali u l-kapaċità tagħhom li jagħmlu offerti għall-kuntratti pubbliċi. Għalhekk, ir-riċerka tas-suq hija għodda importanti sabiex jiġi żgurat li x-xerrejja pubbliċi jirċievu offerti kompetittivi li jkunu kapaċi jwasslu l-prodotti jew is-servizzi mixtieqa.

Għamara

Huma inklużi żewġ studji tal-każ dwar l-akkwist tal-għamara minn żewġ Stati Membri tal-UE (l-Italja u r-Rumanija). Min-naħa l-waħda, l-għamara nnifisha għandha tkun adattata għall-utenti kollha, sabiex tappoġġa

xogħol u spazji pubbliċi aċċessibbli. Dan jista' jinkiseb permezz tal-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi. Standards li juru l-konformità mar-regolamenti tax-xogħol, tas-saħħa u tas-sikurezza jeżistu wkoll għal għamara ġdida, filwaqt li għamara antika tista' tingħata b'donazzjoni lil organizzazzjonijiet tal-karità. Fir-rigward tal-istandards, ġiet enfasizzata l-importanza tal-użu mifrux fis-sejnhiet għall-offerti pubbliċi, sabiex il-manifatturi jadottaw dawn l-istandards.

Servizzi ta' Ġardinaġġ

Tliet studji tal-każ minn żewġ Stati Membri tal-UE (l-Italja u r-Rumanija) jiffokaw fuq kuntratti riżervati għal servizzi ta' ġardinaġġ. Il-kuntratti riżervati jintużaw f'dan is-settur, minħabba t-tipi ta' ħaddiema li jeħtieġ u l-kapaċità tiegħu li joħloq impjegi għal persuni li jaffaċċjaw ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jew li huma f'riskju ta' esklużjoni. Tagħlima waħda minn dawn l-istudji tal-każ hija l-importanza li jiġi investit il-ħin fl-attivitatiet ta' qabel l-akkwist, bħar-riċerka tas-suq, sabiex jiġi żgurat li l-intrapriżi soċjali lokali jkollhom il-kapaċità meħtieġa li jeżegwixxu l-kuntratti riżervati. Il-każijiet juru wkoll li bir-riżervar tal-kuntratti, huwa possibbli li jissaħħaħ is-settur tal-ekonomija soċjali u li tiżdied l-istabbiltà tal-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni f'riskju ta' esklużjoni.

Kura tas-saħħa

Tliet studji tal-każ – mill-Finlandja, min-Norveġja u mill-Ukrajna – jikkunsidraw l-SRPP fis-settur tal-kura tas-saħħa. Tnejn jiffokaw fuq kif l-opportunitajiet tal-kuntratti pubbliċi jsiru aktar aċċessibbli għall-operaturi mingħajr skop ta' qligħ, b'rikonoxximent tal-valur soċjetali addizzjonali li jipprovdu dawn l-operaturi. Barra minn hekk, wieħed mill-istudji tal-każ jikkunsidra x-xiri ta' ingwanti protettivi bħala prodott bi problemi magħrufa fil-proċess tal-produzzjoni, inklużi d-drittijiet tal-impjegati, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impatti fuq is-saħħa. It-tagħlimiet mis-settur tas-saħħa jinkludu l-importanza li wieħed jifhem is-suq u l-kapaċità tal-fornituri. L-iffokar fuq l-eżiti mixtieqa tas-saħħa, aktar milli l-istabbiliment minn qabel ta' proċessi speċifiċi li jridu jiġu segwiti, huwa importanti wkoll matul l-akkwist ta' servizzi tal-kura tas-saħħa effettivi.

Servizzi Soċjali

Tnax-il każ minn sitt Stati Membri, flimkien ma' każ mill-Korea t'Isfel, huma inklużi f'din il-ġabra. L-istudji tal-każ jeżaminaw kif il-proċess tal-akkwist jista' jintuża sabiex jingħataw servizzi effettivi, imfassla flimkien mal-fornituri u mal-utenti, li jipprovdu valur soċjali addizzjonali. Il-każijiet juru l-importanza tas-servizzi integrati, li huma olistiċi fil-perspettiva tagħhom, iżda li jipprovdu wkoll aċċess għal fornituri varji, inklużi intrapriżi soċjali u entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Filwaqt li proċessi bħad-disinn konġunt u l-kuntrattar orjentat lejn ir-riżultati jżidu ż-żmien mat-tul medju tal-proċedura, dawn jistgħu jirriżultaw ukoll f'servizzi aktar effettivi u inklużivi, li jkun m'f'f'f' speċifikament għall-ħtiġijiet tal-utenti.

Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni

Erba' każijiet minn tliet Stati Membri tal-UE huma inklużi f'din il-ġabra. Dawn jinkludu studji tal-każ dwar ix-xiri ta' tagħmir tal-ICT, flimkien ma' każ wieħed dwar kif is-siti web jistgħu jsiru aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha. It-tagħmir tal-ICT għandu l-isfida partikolari ta' katini twal u kumpleksi tal-provvista, li hija sfida kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-fornituri meta jippruvaw jiżguraw il-konformità u l-verifika. Il-każijiet juru li jeżistu diversi miżuri, inklużi l-Kodiċi ta' Kondotta, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji għall-għoti u l-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, li koll għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza, u jstabbilixxu d-diliġenza dovuta bħala Prattika standard.

Tessuti

Fil-ġabra huma inklużi ħames eżempji ta' akkwist tat-tessuti minn ħames Stati Membri differenti tal-UE. Tlieta jikkunsidraw approċċi differenti sabiex iżidu l-konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO fil-katina tal-

provista tat-tessuti, inklużi l-kriterji tal-għażla, il-kriterji għall-għoti u l-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Żewġ każijiet jiffokaw ukoll fuq il-kundizzjonijiet tal-ħolqien tax-xogħol, jew bħala parti minn kuntratt ta' provvista jew minn kuntratt ta' ġbir ta' skart tat-tessuti. Filwaqt li l-istudju tal-każ juru li l-fornituri jistgħu jivverifikaw il-konformità, u li teżisti firxa ta' tikketti li tista' tgħin fil-verifika tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-monitoraġġ ta' dawn il-kundizzjonijiet matul l-eżekuzzjoni ta' kuntratt għadu sfida. Madankollu, id-djalogu u s-sħubija huma essenzjali sabiex wieħed jifhem il-katina tal-provvista, u r-riskji u l-opportunitajiet potenzi jli għandhom jiġu indirizzati permezz tal-akkwist pubbliku.

Setturi Oħrajn

Studju tal-każ wieħed jiffoka fuq l-akkwist ta' servizzi tat-trasport f'Varsavja, il-Polonja. F'dan il-każ, il-kundizzjonijiet tal-impjieg kienu marbuta mal-provvista tas-servizzi, li joħolqu pożizzjonijiet għal 120 persuna qiegħda/ mbiegħda mis-suq tax-xogħol. Ġie rikonoxxut li filwaqt li l-kuntratti pubbliċi kollha jwasslu għall-ħolqien tax-xogħol, klawżoli speċifiċi f'dan ir-rigward iżidu l-impatt.

Il-ġabra tinkludi wkoll studju tal-każ mis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart, ukoll mill-Polonja. Dan il-każ jiffoka wkoll fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol għal persuni li jaffaċċjaw ostakli għall-impjieg, bl-użu ta' approċċ ta' kuntratt riżervat.

Fl-aħħar nett, fil-ġabra huwa inkluż studju tal-każ ta' sħubija għall-innovazzjoni minn Lille, Franza. F'dan l-istudju tal-każ, ix-xerrej daħal fi ftehim ma' intrapriża soċjali lokali għar-riċerka u għall-iżvilupp ta' approċċ ġdid għall-ġbir taż-żjut użati fil-Belt, u l-konverżjoni ta' dawn f'bijofjuwils għal vetturi pubbliċi.

Politika

Il-Ġabra tintemm bi 17-il studju tal-każ, minn 11-il Stat Membru tal-UE flimkien ma' żewġ pajjiżi mhux tal-UE, b'ħarsa lejn inizjattivi transettorjali jew fil-livell ta' politika li jappoġġaw l-SRPP. Dawn jinkludu politiki li jeħtieġu l-użu ta' klawżoli soċjali sabiex jappoġġaw l-impjieg ta' gruppi speċifiċi (disa' każijiet), politiki ffokati fuq l-appoġġ tal-aċċess għall-kuntratti pubbliċi minn intrapriżi soċjali u minn organizzazzjonijiet mhux għall-profitt (sitt każijiet), u żewġ każijiet min-Netherlands dwar politiki rigward ir-Redditu Soċjali fuq l-Investment.

STUDI TAL-KAŻ

SETTUR 1. Servizzi ta' tindif u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet

1. Ftehim qafas soċjalment responsabbli għas-servizzi tat-tindif

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Gvern tal-Katalonja, Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fl-2018, il-Gvern Katalan nieda ftehim qafas ġdid għal servizzi tat-tindif soċjalment responsabbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għall-bini amministrattivi tiegħu f'sitt territorji (il-Belt ta' Barcellona, il-bqija tal-provinċja ta' Barcellona, kif ukoll il-provinċji ta' Girona, Lleida, Tarragona, u l-uffiċċji tal-Gvern tal-Katalonja bbażati fil-Belt ta' Madrid). Minn disa' lottijiet, lott wieħed (b'valur ta' EUR 5 miljun) kien riżervat għal aġenziji tal-impjieg speċjali u għal kumpaniji ta' riintegrazzjoni, li jipprovdu lill-ħaddiema b'diżabilitajiet b'impjieg rimunerattiv u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol. Kunsiderazzjonijiet soċjali oħra fis-sejħa għall-offerti kienu jinkludu:

- Il-kriterji għall-għoti soċjali (li jkopru l-aspetti tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali, il-miżuri għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-miżuri għall-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, it-taħriġ għall-ħaddiema, u l-limitazzjonijiet fuq sustanzi perikolużi fit-tessuti tal-uniformijiet),
- Il-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt soċjali, li permezz tagħhom il-kumpaniji kellhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ftehim ta' negozjar kollettiv tas-servizz tat-tindif, u
- Kriterji għall-valutazzjoni tal-eżistenza ta' offerti bi prezz baxx b'mod anormali.

Is-sejħa għall-offerti kienet tinkludi wkoll rekwiżiti ambjentali obbligatorji. Barra minn hekk, il-konformità mal-klawżoli kuntrattwali soċjali u ambjentali kienet żgurata mill-awtorità kontraenti permezz tal-awditjar.

48 kumpanija ħadu sehem fl-offerti, u b'kollox 39 kumpanija ntgħażlu bħala fornituri potenzjali f'lott wieħed jew aktar tal-ftehim qafas imsemmi. Sa Ottubru 2019, ingħataw 187 kuntratt, li jirrappreżentaw ammont totali ta' aktar minn EUR 51 miljun.

Suġġett

Il-Ftehim Qafas għas-Servizzi tat-Tindif

Stadju tal-akkwist u kriterji

Fl-istadju tal-għoti, ingħataw punti lill-offerenti li setgħu juru l-impenn tagħhom favur prattiki ta' impjieg soċjalment responsabbli permezz ta' Pjan ta' Kwalità. Dan il-Pjan ta' Kwalità kellu valur totali ta' 49 punt, u kopra l-aspetti li ġejjin:

- Miżuri tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali (sa 10 punti)
- Miżuri li jippromwovu t-trattament u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel (sa 10 punti)
- Miżuri għall-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (sa 5 punti)
- Proċedura ta' riżoluzzjoni ta' inċidenti (sa 12-il punt)
- Metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-kwalità tas-servizz (sa 12-il punt).

Sabiex jiġu vvalutati fuq l-ewwel tliet punti, l-offerenti ntalbu jimlew annessi li jindikaw l-attivitajiet proposti tagħhom sabiex jissodisfaw kull kriterju, l-oġġettiv ta' dawn l-attivitajiet, l-azzjonijiet li se jiġu segwiti, l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-attività u l-indikaturi li permezz tagħhom jista' jitkejjel il-progress.

Għas-saħħa u għas-sikurezza okkupazzjonali u għall-promozzjoni tat-trattament ugwali, jistgħu jiġu ppreżentati massimu ta' żewġ attivitajiet, li kull waħda minnhom tiswa sa 5 punti (mit-total ta' 10 punti disponibbli). Fir-rigward tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, għal darb'oħra setgħu jiġu ppreżentati massimu ta' żewġ attivitajiet, li jswew sa 2,5 punti kull waħda (mit-total ta' 5 punti disponibbli).

Sabiex tiġi evalwata l-proċedura ta' riżoluzzjoni ta' inċidenti, l-offerenti ntalbu jissottomettu rapport (massimu ta' 6 paġni) b'deskrizzjoni tal-proċedura proposta tagħhom. Kienu disponibbli massimu ta' 12-il punt, imqassmin kif ġej:

- Proċedura għar-riżoluzzjoni ta' inċidenti attribwiti lill-kuntrattur, pereżempju, kwistjonijiet relatati mal-persunal jew id-disponibbiltà ta' materjali jew ta' għodod xierqa (6 punti).
- Proċedura għar-riżoluzzjoni ta' inċidenti mhux attribwiti lill-kuntrattur, pereżempju, tnixxijiet jew inċidenti ta' vandaliżmu (6 punti).

Il-punteġġi ġew allokati bl-użu tal-iskala li ġejja:

- Deskrizzjoni komprensiva tal-proċedura ta' azzjoni, li tissodisfa b'mod adegwat il-ħtiġijiet (6 punti)
- Deskrizzjoni tal-azzjoni nieqsa mid-dettall, jew ma tissodisfax b'mod effettiv il-ħtiġijiet (3 punti)
- Ma tingħata l-ebda deskrizzjoni, jew id-deskrizzjoni fiha żbalji ovvjji (0 punti).

Is-sejħa għall-offerti ġiet aġġudikata lill-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Jekk żewġ offerti irċievew l-istess punteġġ, ingħatat preferenza lill-offerent li jimpjega l-oġġla perċentwal ta' persuni b'diżabilità.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tas-settur tas-servizzi li jaħdmu f'bini tas-settur pubbliku, promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Verifika

Inħolqot Kummissjoni ta' Monitoraġġ sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni korretta tal-ftehim qafas u tivverifika l-konformità mal-obbligi meħuda mill-kumpaniji. Din hija msawra mid-dipartimenti tal-gvern li ġejjin:

- Id-dipartiment tal-Provvisti u tas-Servizzi
- L-Uffiċċju tas-Superviżjoni u tal-Valutazzjoni tal-Kuntratti Pubbliċi
- Erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni Ċentrali tas-Sottoamministrazzjonijiet
- Rappreżentanti tat-trade unions ewlenin u tal-assoċjazzjonijiet kummerċjali tas-settur tat-tindif

Il-Kummissjoni ta' Monitoraġġ awditjat lill-fornituri billi vverifikat il-pagi, ir-rekords tal-ħin tax-xogħol u l-kuntratti ta' impjeg tagħhom. Meta jinstabu diskrepanzi (pereżempju, fir-reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol, fl-użu tas-sahra, jew in-nuqqas parzjali ta' ħlas ta' salarji jew ta' kontribuzzjonijiet xierqa tas-sigurtà soċjali, il-Kummissjoni ta' Monitoraġġ tipprovdni lill-fornitur bl-opportunità li jwieġeb għall-problemi u jindirizzahom. Jekk ma tkunx ipprovduta ġustifikazzjoni jew soluzzjoni adegwata, jistgħu jiġu applikati penali.

F'każ ta' ksur serju (jiġifieri nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji), l-awtorità kontraenti tista' tagħżel li timponi penali sa 10 % tal-baġit tal-kuntratt, jew li tittermina l-kuntratt. Għal ksur minuri (jiġifieri azzjonijiet mhux obbligatorji offruti mill-offerenti bħala tweġiba għall-attivitajiet tal-għoti), tista' tiġi applikata penali sa 2 % tal-baġit tal-kuntratt.

Valur tal-kuntratt

Il-valur stmat tal-ftehim qafas huwa stabbilit għad-durata kollha tiegħu, inkluża l-estensjoni possibbli tiegħu, għal ftit anqas minn EUR 76 miljun. Għandu durata inizjali ta' sentejn, u ma jistax jaqbeż l-erba' snin.

Strument

- L-Art. 67 dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Il-Liġi Kuntrattwali tas-Settur Pubbliku ta' Spanja (TRLCSP), approvata permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Reġju 3/11 fl-14 ta' Novembru.

Atturi

- Awtorità Kontraenti: il-Ministeru tat-Territorju u tas-Sostenibbiltà u l-Kummissjoni Ċentrali tal-Provvisti tal-Ministeru tal-Ekonomija).
- Parteċipanti fil-ftehim qafas: 39 fornitur ta' servizzi tat-tindif.
- Monitoraġġ u evalwazzjoni: Il-Kummissjoni ta' Monitoraġġ (deskritta aktar 'il fuq)

Impatti soċjali

- Dan il-qafas bena fuq qafas preċedenti li kien fis-seħħ bejn l-2014 u l-2018, li l-ewwel awditu tiegħu sar f'Diċembru 2016. B'riżultat ta' dan l-awditjar, instabu xi każijiet ta' nuqqas ta' konformità, u l-Gvern Katalan seta' jaħdem mal-fornituri sabiex itejjeb il-prestazzjoni soċjali tas-servizzi.
- Il-Kummissjoni Ċentrali tal-Provvisti kompliet dan il-monitoraġġ, bl-elaborazzjoni, mill-Kummissjoni ta' Monitoraġġ, tal-programm il-ġdid ta' awditjar tal-konformità għall-2019. Il-kumpaniji kollha b'kuntratti bbażati fuq il-ftehim qafas fl-eżekuzzjoni matul l-2019 ġew awditjati.

Benefiċċji oħra

- Dan il-qafas inkluda wkoll speċifikazzjonijiet tekniċi għal prodotti tat-tindif li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Dawn għandhom il-benefiċċju addizzjonali li jevitaw sustanzi kimiċi dannużi, u b'hekk inaqqsu r-riskji għas-saħħa kemm għall-persunal tat-tindif kif ukoll għall-utenti tal-bini. Aktar informazzjoni dwar il-benefiċċji ambjentali ta' dan il-każ tista' tinkiseb minn [hawn](#).

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-monitoraġġ huwa importanti, iżda jeħtieġ riżorsi umani u ekonomiċi, li l-awtorità kontraenti jeħtieġilha tippjana minn qabel.
- Penali xierqa għan-nuqqas ta' konformità għandhom jiġu inklużi fil-kuntratt.

Kuntatt

Anna Esteve Traveset, Tekniku, il-Ministeru tat-Territorju u tas-Sostenibbiltà, aesteve@gencat.cat

Pilar Baldellou García, Maniġer Tekniku u tal-Istudji, il-Kummissjoni Ċentrali tal-Provvisti, pbaldellou@gencat.cat

2. Konsultazzjoni tas-suq għal żieda fl-impjiegi fis-servizzi tat-tindif

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Helsingborg, l-Iżvezja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Belt ta' Helsingborg stiednet lil diversi fornituri potenzjali ta' servizzi għal laqgħa ta' konsultazzjoni tas-suq sabiex jiġu diskussi u tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-rekwiżiti soċjali differenti li l-Belt kellha l-ħsieb li tuża f'akkwist ta' servizzi tat-tindif. Wieħed mill-għanijiet tal-konsultazzjoni tas-suq kien li jiġu diskussi possibbiltajiet differenti sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol għal persuni qiegħda. Il-Belt ta' Helsingborg riedet tkun taf l-opinjoni tal-parteċipanti tas-suq dwar il-kriterji soċjali u tisma' l-ideat tagħhom dwar kif ir-rekwiżiti dwar l-impjiegi u l-apprendistati setgħu jiġu ssodisfati fl-akkwist pubbliku. Dan l-approċċ kien ikkunsidrat mill-Belt bħala aktar kostruttiv mis-sempliċi stabbiliment ta' rekwiżiti minimi għan-numru ta' apprendistati jew ta' impjiegi maħluqa bħala parti mis-sejħa għall-offerti.

Suġġett

L-akkwist ta' servizzi tat-tindif fil-Belt ta' Helsingborg permezz ta' ftehim qafas.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Stadju ta' qabel l-akkwist

Il-Belt xeħtet enfasi fuq id-djalogu mas-suq qabel is-sejħa għall-offerti. Intbagħtu stedinet għad-djalogu mas-suq lil għoxrin offerent potenzjali. Sitta minn dawn il-kumpaniji wiegħbu u kkontribwew b'input u b'mistoqsijiet. Ir-reazzjoni għad-djalogu mas-suq minn dawn l-offerenti potenzjali kienet pożittiva ħafna. Id-djalogu ħoloq relazzjoni bejn il-Belt u dawn il-kumpaniji. Erbgħa mis-sitt kumpaniji li eventwalment saru fornituri għall-Muniċipalit ta' Helsingborg sehem fid-djalogu mas-suq.

Id-Dipartiment tax-Xogħol tal-Belt għandu programm ta' taħriġ vokazzjonali intern fis-servizzi tat-tindif bl-għan li l-persuni qiegħda li jipparteċipaw jirċievu -ċertifikat meħtieġ għall-impjieg mill-atturi tas-suq. Meta l-Belt stiednet lil offerenti potenzjali għal konsultazzjoni tas-suq, ie ppreżentat il-programm ta' taħriġ vokazzjonali intern tagħhom għa-ittadini qiegħda. L-Amministrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol fi hdan il-Belt iddikjarat li hija setgħet tgħin lill-kumpaniji billi tlaqqa' d-domanda mal-provvista sabiex i-ittadini qiegħda jkunu jistgħu jiksbu internships jew impjieg sostnut meta jiġi ffirmat kuntratt. Hija qasmet ukoll is-CVs tat-trainees tagħha, sabiex il-fornituri jkunu jistgħu jsiru jafu aħjar l-impjegati potenzjali.

Permezz tad-djalogu, il-Belt ta' Helsingborg kisbet ukoll għarfien mingħand l-offerenti potenzjali minflok ma ħarset lejn l-esperjenza tas-suq b'rekwiżiti f'akkwisti oħra relatati mas-servizzi tat-tindif.

Stadju tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt

Il-Belt inkludiet ukoll rekwiżit ta' djalogu marbut mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-fornitur u l-Belt kellhom bżonn jiddiskutu l-possibiltajiet li joffru internships jew impjiegi.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Fil-politika tagħha dwar l-akkwisti, il-Belt ta' Helsingborg għandha l-għan li tikkoopera mal-fornituri sabiex tiżgura li -ittadini li jkunu qiegħda u mbiegħda mis-suq tax-xogħol ikollhom opportunitajiet akbar għall-impjieg. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, aspett ewlieni msemmi fil-politika dwar l-akkwisti huwa d-djalogu mas-suq. Il-politika tiddikjara li d-djalogu dwar is-suq għandu jkun trasparenti u miftuħ. L-Amministrazzjoni

tas-Suq tax-Xogħol hija responsabbli għall-kontenut u għall-informazzjoni kondiviża mal-fornituri potenzjali fid-djalogi mas-suq.

Verifika

Il-Belt ta' Helsingborg għandha djalogu kontinwu u diskussjonijiet ta' segwitu kontinwi mal-fornituri tal-ftehim qafas dwar il-possibiltajiet ta' internships jew ta' impjegji. Dawn id-djalogi jitwettqu regolarment. Il-pass li jmiss se jkun li jinħolqu workshops flimkien mal-kumpaniji li rebħu l-offerta. Il-Belt kellha wkoll workshops ma' kumpaniji oħra li jaħdmu fil-provvista ta' servizzi tat-tindif sabiex dawn il-kumpaniji setgħu jħejju rwieħhom u jkunu konxji mir-rekwiżiti dwar l-impjegji fis-sejnhiet għall-offerti li ġejjin.

Valur tal-kuntratt

Ftehim qafas għal erba' snin b'valur annwali ta' SEK 35 miljun jew EUR 3,3 miljun.

Strument

- L-Art. 40 (konsultazzjonijiet preliminari mas-suq) u l-Art. 70 (kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- It-Taqsima 1 tal-Kapitolu 17 tal-Att Żvediż dwar l-Akkwist Pubbliku ("LOU") (2016).

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Helsingborg.
- Il-fornituri magħżula għall-ftehim qafas:
 - Förenade Service
 - Lassila & Tikanoja
 - Samhall
 - Sydsvenska städ
 - Sodexo
 - MIAB

Impatti soċjali

Il-Belt ta' Helsingborg irnexxielha tinfluwenza lill-kumpaniji permezz tal-approċċ tagħha ta' djalogu mas-suq. Il-kumpaniji saru jħarsu b'mod aktar pożittiv lejn il-ħtiġijiet ta' internship jew ta' impjeg u aktar lesti li jikkooperaw mal-Amministrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol għar-reklutaġġ u għat-tlaqqiġ. Matul l-ewwel sena tal-ftehim qafas, ħames ċittadini sabu impjeg jew internship permezz ta' dawn ir-rekwiżiti.

Il-Belt identifikat il-benefiċċji soċjali li ġejjin:

- Aktar nies qiegħda jsibu xogħol u jsiru awtosuffiċjenti.
- Bit-tnaqqis tal-pagamenti tal-qgħad, l-ispejjeż pubbliċi għal benefiċċji soċjali bħal dawn jonqsu filwaqt li jiżdiedu t-taxxi fuq l-introjt.
- Aktar kompetenza u sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet multikulturali fir-reklutaġġ fost il-fornituri tas-servizzi tat-tindif.

Benefiċċji oħra

- L-użu tal-involvement tas-suq qabel l-akkwist jirriżulta f'fażi ta' thejjiya informata sew u fi kwalità aħjar tad-dokumenti tal-akkwist, filwaqt li xorta waħda jinħolqu aktar impjegji.
- Il-Belt ta' Helsingborg sabet li d-djalogu mas-suq iġġenera effetti tajbin fil-ħolqien tax-xogħol.

- Il-kumpaniji jippreferu d-djalogu milli ħtiġijiet speċifiċi ta' impjieg jew ta' internships.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- B'xorti ħażina, l-idea li jsir workshop flimkien mas-suq ma rnexxiex minħabba li kienu ftit wisq il-kumpaniji li kienu qed jjeħdu sehem. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-awtorità kontraenti tikseb għarfien aħjar tas-swieq differenti u x'tip ta' djalogi huma ta' interess għall-atturi tas-suq minn kmieni.
- Għandu jinkiteb f'kuntratti li d-djalogu għandu jsir malajr kemm jista' jkun. Jekk il-kuntratt ikun ilu għaddej għal xi żmien u ma jkun seħħ l-ebda kuntatt bejn il-fornitur u l-Belt, jista' jsir iżjed diffiċli li jinkisbu eżiti tal-impjieg.
- It-tlaqqiġ tal-persuni qiegħda ma' rwoli ta' impjieg xierqa u s-segwitu matul il-kuntratt huma fatturi ewlenin għas-suċċess.
- L-Amministrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol tirrakkomanda l-użu ta' rekwiżiti ta' impjieg aktar speċifiċi, fejn possibbli, flimkien mad-djalogu.

Kuntatt

Magnus Nilvér, l-Amministrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol, il-Belt ta' Helsingborg, Magnus.nilver@helsingborg.se

3. Impjieg tal-persuni Rom fis-servizzi tat-tindif għall-kumpanija pubblika ta' Budapest tat-tindif taċ-ċmieni

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: FŐKÉTÜSZ Capital Chimney Sweeper Ltd., l-Ungerija

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-kumpanija pubblika ta' Budapest għat-tindif taċ-ċmieni – FŐKÉTÜSZ Capital Chimney Sweeper Ltd – li hija kompletament proprjetà tal-Muniċipalità ta' Budapest, għamlet sejħa għall-offerti għal servizz tat-tindif għall-kwartieri ġenerali tagħha u għal bini ieħor. FŐKÉTÜSZ iddeċidiet li tipprovdi opportunità lill-kumpaniji li jimpjegaw persuni Rom sabiex jidħlu għal dan il-kuntratt, minħabba livelli għolja ta' qgħad fost dan il-grupp. Din il-proċedura ntgħażlet bħala l-ewwel tentattiv tal-awtorità kontraenti li tuża kriterji għall-evalwazzjoni li ma jikkonċernawx il-prezz, peress li kienet ikkunsidrata bħala proċedura faċli li tiġi kkontrollata u mod effettiv kif jiġu integrati l-persuni Rom fis-suq tax-xogħol.

Fl-2019, il-popolazzjoni ta' Budapest kienet ta' 1 752 286 li, fiha, il-popolazzjoni tar-Rom hija ta' 20 151 (awtodikjarati). Madankollu, huwa stmat li l-popolazzjoni tar-Rom li tgħix f'Budapest tista' tilħaq jew saħansitra taqbeż il-100 000. Id-*data* dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tar-Rom fl-Ungerija hija skarsa, madankollu, l-evidenza turi li n-numru ta' persuni impjegati ta' bejn il-15 u l-64 sena huwa anqas fost ir-Rom (39 %) milli fost dawk li mhumieq Rom (65 %; *data* mill-2015). Filwaqt li l-livelli baxxi ta' edukazzjoni u l-konċentrazzjoni reġjonali f'żoni b'kundizzjonijiet ta' impjieg anqas favorevoli għandhom rwol f'dawn iċ-ċifri, ir-rati baxxi ta' impjieg fost ir-Rom huma marbuta wkoll ma' diskriminazzjoni fis-swieq tax-xogħol. Il-programmi pubbliċi tal-impjegi u l-iskemi tax-xogħlijiet pubbliċi tradizzjonalment kienu sors ta' impjieg fost il-persuni Rom.²

Suġġett

Ftehim qafas dwar il-forniment ta' servizz tat-tindif għall-kwartieri ġenerali u għal bini ieħor tal-kumpanija pubblika ta' Budapest għat-tindif taċ-ċmieni, bl-inklużjoni ta' opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni Rom fil-kriterji għall-għoti.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Din il-proċedura kienet tinvolvi l-inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali fil-kriterji għall-għoti. Huwa wieħed mill-ewwel każijiet, jekk mhux l-ewwel wieħed, li juri l-użu tal-kriterji għall-għoti skont l-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità (BPQR) minflok l-aktar prezz baxx fl-Ungerija.

Il-kunsiderazzjonijiet soċjali ġew ponderati għal 20 % u inkludew it-tliet sottokriterji li ġejjin:

- L-offerent kellu juri evidenza li kellu ftehim ta' kooperazzjoni ma' kwalunkwe fondazzjoni ta' interess pubbliku tar-Rom³, li tkun ilha rreġistrata għal tal-anqas 3 snin.

² Il-Kummissjoni Ewropea, Civil society monitoring report on implementation of the national Roma integration strategy in Hungary, Settembru 2018

³ Skont l-Att CLXXV tal-2011 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni, l-Istatus Mingħajr Skop ta' Qliġh u l-Operat u l-Appoġġ tal-Organizzazzjonijiet Ċivili (l-Att Ċivili), fondazzjoni tista' tiġi rreġistrata bħala fondazzjoni ta' interess

- L-offerent kellu jieħu impenn li jimpjega impjegati Rom reġistrati bħala persuni żvantaġġati matul il-perjodu tal-kuntratt.
- L-offerent kellu jiżgura li n-numru ta' impjegati Rom kien jirrappreżenta tal-anqas 8 % tal-persunal kollu.

Il-prezz kien ponderat għal 80 %.

Il-ftehim bejn l-offerenti u fondazzjoni ta' interess pubbliku tar-Rom kellu jiġi ffirmat sal-mument tas-sottomissjoni tal-offerta.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv tal-politika soċjali kien li n-nies Rom jiġu integrati fis-suq tax-xogħol. It-tip ta' ħaddiema meħtieġa f'dan il-kuntratt huwa ta' bla sengħa, u għalhekk tqies xieraq għall-klawżoli dwar l-integrazzjoni fix-xogħol.

Verifika

L-awtorità kontraenti vverifikat l-organizzazzjonijiet ta' beneficiċċju pubbliku indikati fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni fuq www.birosag.hu (is-sit web uffiċjali tal-qorti Ungeriża). L-offerenti kellhom ukoll jissottomettu l-prova tar-reġistrazzjoni pubblika tal-organizzazzjoni ta' beneficiċċju pubbliku. Mill-erba' offerenti, tnejn iddikjaraw li kellhom ftehim ta' kooperazzjoni ma' fondazzjoni ta' interess pubbliku tar-Rom; madankollu, dan seta' jiġi vverifikat biss għal wieħed minnhom. L-offerent rebbieħ kien negozju (Fort Facility Ltd.) li kellu ftehim ta' kooperazzjoni mal-Assoċjazzjoni Ċivika tar-Rom, fondazzjoni ta' interess pubbliku tar-Rom.

Valur tal-kuntratt

Il-valur tal-kuntratt kien anqas mil-livell limitu tal-UE: il-valur massimu tal-qafas kien jammonta għal HUF 42 000 000 (ugwali għal EUR 135 641,15), b'valur minimu ta' HUF 30 000 000 (ugwali għal EUR 96 886,53). Il-kuntratt ġie ffirmat f'Diċembru 2017 u dam sentejn.

Strument

- L-Art. 67 dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- L-Istrateġija Nazzjonali Ungeriża għall-Inklużjoni Soċjali (2014). L-Ungerija kienet l-ewwel Stat Membru li ppreżenta l-Istrateġija Nazzjonali Ungeriża għall-Inklużjoni Soċjali (f'Diċembru 2011), li tfasslet fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom. Fl-2014, il-gvern irrieżamina u aġġorna l-istrateġija, li qed tiġi implimentata fil-forma ta' pjanijiet ta' azzjoni fuq tliet snin u hija soġġetta għal rapport annwali tal-gvern ibbażat fuq is-sistema ta' monitoraġġ tal-istrateġija. Wieħed jista' jaraha [hawnhekk](#).

Atturi

- Awtorità kontraenti: FŐKÉTSZ Capital Chimney Sweeper Ltd. bi sjieda pubblika
- Fornitur ta' servizz kuntrattat: Fort Facility Ltd.
- Min fassal il-politika: Il-Municipalitá ta' Budapest stabbiliet l-istrateġija dwar l-akkwist pubbliku u tissorvelja l-kumpaniji pubbliċi tagħha stess.

pubbliku jekk l-attività tal-fondazzjoni titqies bħala ta' beneficiċċju pubbliku, ikollha riżorsi adegwati sabiex taqdi l-ħtiġijiet komuni tas-soċjetá u tal-individwi u jkun jista' jintwera l-appoġġ tagħha mis-soċjetá.

- Appoġġ għall-verifika: l-Assoċjazzjoni Ċivika tar-Rom – fondazzjoni ta' interess pubbliku – għenet f'dan il-każ sabiex tivverifika l-identità tal-persuni Rom li kienu se jiġu impjegati mill-kuntrattur.

Impatti soċjali

- Din il-proċedura kienet l-ewwel waħda ta' din ix-xorta fl-Ungerija li inkludiet kunsiderazzjonijiet soċjali fil-kriterji għall-għoti, u b'hekk ikkontribwiet għall-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni Rom. L-awtorità kontraenti hija assolutament sodisfatta bil-forniment ta' servizzi tat-tindif.
- Il-kooperazzjoni mal-kuntrattur u mal-fondazzjoni ta' interess pubbliku tar-Rom kienet tajba ħafna. Skont il-punt f) tat-taqsimha 3 tal-ftehim konkluż bejn l-offerent rebbieħ u l-fondazzjoni ta' interess pubbliku tar-Rom, l-offerent rebbieħ jaqbel li jimpjega impjegati Rom li jirrappreżentaw tal-anqas 8 - 10 % tal-għadd medju ta' ħaddiema tiegħu.
- Il-kollaborazzjoni bejn l-awtorità kontraenti u l-Assoċjazzjoni Ċivika tar-Rom għadha għaddejja. Fl-2019, il-Pjan għal Opportunitajiet Indaq ta' FŐKÉTÜSZ ġie aġġornat b'kontribuzzjonijiet mill-Assoċjazzjoni Ċivika tar-Rom.

Benefiċċji oħra

- Fl-2019, FŐKÉTÜSZ applikat kunsiderazzjonijiet soċjali simili fil-kriterji għall-għoti ta' proċedura ta' akkwist għall-forniment ta' servizzi ta' ċentri telefoniċi. Fil-kuntratt mogħti wara l-proċedura ta' akkwist, l-offerent rebbieħ ħa impenn li jimpjega tal-anqas impjegat Rom żvantaġġat jew żvantaġġat ħafna wieħed matul it-terminu tal-kuntratt.
- Il-Muniċipalità ta' Budapest qed tiżviluppa "Strateġija ekoloġika u sostenibbli għall-innovazzjoni u għall-akkwist pubbliku responsabbli" li għandha tiġi adottata fl-ewwel trimestru tal-2020. Għalkemm l-istrateġija u l-proċedura inkwistjoni mhumiex direttament marbuta ma' xulxin, din il-proċedura stabbiliet preċedent għall-użu ta' kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku fil-Belt ta' Budapest u fl-Ungerija b'mod ġenerali.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- It-tnejn u l-verifika ta' wara huma kruċjali fl-implimentazzjoni tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli. Matul it-tnejn tal-proċedura, huwa importanti li l-awtorità kontraenti teżamina jekk il-kriterji soċjali li għandhom jiġu applikati jistgħux jinkisbu u li dawn ma jfixklux il-kompetizzjoni. Huwa rrakkomandat ukoll li l-awtoritajiet kontraenti jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-kuntratti u jirreġistraw lezzjonijiet siewja li jistgħu jkunu rilevanti matul it-tnejn ta' proċeduri ta' akkwist simili fil-ġejjieni.
- L-applikazzjoni ta' kriterji soċjali għadha mhijiex komuni fl-Ungerija, u għalhekk tista' tnaqqas il-kompetizzjoni. L-involvement preċedenti tas-suq huwa opportunità tajba sabiex jiġi mmonitorjat is-suq u n-numru ta' offerenti potenzjali, kif ukoll sabiex jiġi ddefinit il-valur stmat tal-akkwist.

Kuntatt

Dr. Dalma Kittka, il-Kap tal-Ufficiju tal-Akkwist Pubbliku, il-Muniċipalità ta' Budapest, KittkaD@budapest.hu

4. Taħriġ fl-impjiegi u apprendistati bħala l-kriterji għall-għoti deċiżivi

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalitá ta' Aarhus, id-Danimarka

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Xogħol fid-drenaġġ: servizz u manutenzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Muniċipalitá ta' Aarhus bdiet tagħti attenzjoni dejjem akbar lill-impatt soċjali u ekonomiku tal-akkwist, li jista' jinkiseb permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjeg għal ċittadini qiegħda fit-tul. Fid-dawl ta' dan, id-dipartiment tal-akkwist xtaq jeżamina l-potenzjal li jiġu inklużi l-opportunitajiet ta' taħriġ u ta' impjeg bħala objettivi tal-akkwist. Fl-2019 ftehim qafas għas-servizzi tad-drenaġġ intgħażel bħala pilota, u Aarhus iddeċidiet li tiffoka fuq l-apprendistati flimkien ma' opportunitajiet ta' taħriġ u ta' impjeg. Kuntratti preċedenti għas-servizzi tad-drenaġġ kienu ġew evalwati fuq il-bażi tal-prezz biss.

Fid-Danimarka, sar obligatorju li l-awtoritajiet kontraenti jikkunsidraw l-apprendistati bħala kundizzjoni relatata mal-eżekuzzjoni ta' ċerti kuntratti. Madankollu, f'dan il-każ, id-dipartiment tal-akkwist għażel li, minflok, jiffoka fuq il-kriterji għall-għoti.

L-għażla tal-istrument saret wara djalogu mas-suq li fih id-dipartiment tal-akkwist sar jaf li seta' jistenna li d-differenza fil-prezz bejn l-offerenti kienet se tkun marġinali, peress li l-fornituri dehru li kellhom spejjeż simili għall-materjali u għall-pagi. Dan sar jaf ukoll li diversi offerenti potenzjali kienu esperjenzaw diffikultajiet ta' reklutaġġ.

Il-ftehim qafas se jdum sitt snin (2019-2025). L-avviż tas-sejħa għall-offerti jagħti r-raġunijiet li ġejjin:

- Li tinfetaħ il-kompetizzjoni minħabba l-ispejjeż għoljin tal-investiment fil-materjali. Id-deprezzament tal-investimenti fil-materjali se jieħu aktar minn 4 snin;
- L-issodisfar tal-kundizzjonijiet ambjentali u tal-impjeg, inklużi r-rekwiżiti ambjentali speċifiċi għat-tagħmir tat-trasport.

Suġġett

Ftehim qafas dwar is-servizzi tad-drenaġġ

Stadju tal-akkwist u kriterji

Kriterji għall-għoti

L-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża ġiet identifikata fuq il-bażi tal-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità bl-użu tal-kriterji u tal-ponderazzjonijiet li ġejjin:

- Prezz (80 %)
- Kwalità (20 %), maqsuma fis-sottokriterji tal-prestazzjoni ambjentali (10 %) u miżuri dwar l-impjiegi (10 %)

Stadju tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt

Il-kuntratt jinkludi klawżoli dwar l-eżekuzzjoni rigward:

- Il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, skont il-konvenzjoni Nru 94 tal-ILO

- L-apprendistati u ż-żamma tal-ħaddiema
- Ir-responsabbiltà soċjali (konvenzjonijiet tal-ILO Nri 29 u 105; 100 u 111; 138 u 182; 87, 98 u 135; u 155).

Il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol iridu jkunu allinjati mal-konvenzjoni nru 94 tal-ILO. Il-kuntrattur irid jiżgura li l-impjegati li jimpjega fid-Danimarka sabiex iwettqu l-kompitu jirċievu paga u termini ġenerali ta' impjieg li ma jkunux anqas ta' benefiċċju minn dawk li japplikaw għall-istess tip ta' xogħol skont ftehim kollettiv vinkolanti b'mod universali fi ħdan il-qasam partikolari (jiġifieri skont ftehim rappreżentattiv tal-unjoni tas-suq tax-xogħol). Din il-kundizzjoni tapplika għal kull sottokuntrattur, u l-benefiċċji u s-sigħat tax-xogħol huma inklużi fl-ambitu tagħha.

Fir-rigward tal-apprendistati u taż-żamma tal-ħaddiema, kien obligatorju li l-kuntrattur ikollu politika bil-miktub dwar il-persunal li tinkludi politika ta' edukazzjoni u żamma għall-persuni impjegati bil-kuntratt.

Fir-rigward tar-responsabbiltà soċjali, il-kuntrattur, kif ukoll is-sottokuntratturi, huma obligati jikkonformaw mal-konvenzjonijiet internazzjonali, elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2014/24/UE, konklużi mid-Danimarka, inklużi dawk dwar:

- Ix-xogħol furzat (konvenzjonijiet nru 29 u nru 105 tal-ILO)
- In-nondiskriminazzjoni (konvenzjonijiet nru 100 u nru 111 tal-ILO)
- It-tħaddim tat-tfal (konvenzjonijiet nru 138 u nru 182 tal-ILO)
- Il-libertà tal-organizzazzjoni (konvenzjonijiet nru 87, nru 98 u nru 135 tal-ILO)
- L-ambjent tax-xogħol (konvenzjoni nru 155 tal-ILO)

Il-kuntrattur huwa meħtieġ jirrispetta d-drittijiet bażiċi tal-bniedem inklużi d-Dikjarazzjoni Universali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' apprendistat fi ħdan impjieg tas-sengħa kif ukoll opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ għaċ-ċittadini qiegħda.

Verifika

- Sabiex jiġi vverifikat is-subkriterju ta' "miżuri ta' impjieg", l-offerent intalab jirrapporta n-numru ta' impjegati f'taħriġ dwar l-impjieg jew f'apprendistati li huma mistennija jaħdmu bil-kuntratt.
- Fir-rigward tal-kriterji ta' impjieg li b'kollox kienu jirrappreżentaw 10 % tal-kriterji għall-għoti, diversi forum ta' taħriġ u ta' apprendistati ġew assenjati valuri differenti, li mbagħad ingħaddew sabiex jiġi assenjat punteġġ kumulattiv:
 - Apprendist għall-adulti: 10
 - Apprendist: 8
 - Skema ta' appoġġ tal-pagi għall-qiegħda: 3
 - Skema ta' internship għall-qiegħda: 3

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali stmat tal-kuntratt qafas kien ta' DKK 15-il miljun (madwar EUR 2 miljun).

Strument

L-Art. 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) u l-Art. 70 (kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE

Atturi

- Tmexxija tal-proġett u awtorità kontraenti: Id-Dipartiment tal-Akkwist u tas-Sejħiet għall-Offerti tal-Belt ta' Aarhus
- Grupp ta' ħidma interdipartimentali li jirrappreżenta lill-utenti finali tas-servizzi tad-drenaġġ fi ħdan l-organizzazzjoni muniċipali.
- Korrispondenza mad-Dipartiment tal-Impjiegi rigward il-kriterju tal-miżuri ta' impjieg.

Impatti soċjali

- Il-kriterju tal-miżuri ta' impjieg spiċċa jsir fattur deċiżiv għaliex il-kompetizzjoni fil-prezz kienet ħarxa ħafna. Fid-djalogu sussegwenti mal-offerenti li ma rnexewx, kien ċar li l-użu ta' dan il-kriterju kellu effett qawwi ta' sinjalar. Għalhekk, l-impatt soċjali ewlieni tas-sejħa għall-offerti huwa li wriet lis-suq li l-Muniċipalità kienet lesta li tippremja r-responsabbiltà soċjali. Huwa mistenni li r-riżultat tas-sejħa għall-offerta se jimmotiva lill-fornituri potenzjali li qabel ma kinux ikkunsidraw din l-għażla sabiex joħolqu apprendistati jew opportunitajiet ta' taħriġ.
- L-apprendisti kuntrattati jew sottokuntrattati permezz ta' dan il-kuntratt qafas u r-repliki sussegwenti ta' dan l-approċċ se jibbenefikaw direttament mill-esperjenza professjonali miksuba. Il-komunità ġenerali se tibbenefika wkoll minn forza tax-xogħol imħarrġa aħjar.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-ikkombinar ta' kriterji għall-għoti ma' rekwiżiti minimi jippremja lil offerenti potenzjali li jkunu kapaċi jjsbqu r-rekwiżiti minimi.
- Il-kuntratt ma jinkludix objettivi intermedji għall-monitoraġġ ta' kemm il-kuntrattur jissodisfa l-kriterji ta' impjieg matul il-perjodu tal-kuntratt. Għal sejħa għall-offerti simili, ikun aħjar li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi fil-kuntratt, li jobbligaw lill-kuntrattur sabiex kontinwament jissodisfa l-kriterji tal-impjieg. Dan jista' jinvolvi objettivi intermedji annwali u tariffi ta' penali fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.
- Il-kriterji għall-għoti soċjali jstgħu jkunu utli għall-akkwist fi swieq ġodda jew mhux magħrufa meta l-awtorità kontraenti ssibha diffiċli li tifformula rekwiżiti minimi u/jew kundizzjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Rekwiżiti laxki wisq jstgħu jfissru li l-awtorità kontraenti titef mill-impatt potenzjali, filwaqt li rekwiżiti stretti wisq jstgħu jfissru li ma tasal l-ebda offerta jew li jaslu ftit li xejn.

Kuntatt

Jakob Laursen, Konsulent tal-Akkwisti, id-Dipartiment tas-Sindki, il-Muniċipalità ta' Aarhus, Jaklau@aarhus.dk

5. Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol bħala mod kif tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tat-tindif għal Televiżjoni Ċeka

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Televiżjoni Ċeka (Česká televize), ir-Repubblika Ċeka

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-akkwist fit-tul skont l-orħos prezz biss tas-servizzi tat-tindif ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet tax-xogħol aktar batuti u indirettament ukoll għat-tnaqqis fil-kwalità tas-servizzi. Is-servizzi tat-tindif huma kkaratterizzati minn ħaddiema b'paga baxxa, minn rata għolja ta' dawran tal-impjegati, eċċ. Televiżjoni Ċeka, bħala l-awtorità kontraenti, użat diversi strumenti bl-għan ġenerali li tikseb servizz tat-tindif ta' kwalità tajba, inkluż billi tiżgura kundizzjonijiet deċenti għall-ħaddiema involuti. Televiżjoni Ċeka għamlet rabta raġonevoli mal-istabbiltà tat-tim u mal-kwalità materjali tas-servizz ipprovdut.

Suġġett

Sejħa għall-offerti għas-servizzi tat-tindif f'siti li huma proprjetà ta' Televiżjoni Ċeka (CT), istituzzjoni pubblika tax-xandir tat-TV li tinsab fi Praga, ir-Repubblika Ċeka.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Stadju ta' qabel l-akkwist

Il-konsultazzjoni preliminari tas-suq iffokat fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati (inklużi r-remunerazzjoni u l-organizzazzjoni tax-xogħol) u fuq l-iżgurar tal-kwalità tas-servizzi mwettqa. Fuq il-bażi tar-risultati tal-konsultazzjoni, CT iddeċidiet li tintroduċi fil-kuntratt klawżoli ta' rieżami jew ta' għażla sabiex taġġusta għat-tibdiliet possibbli fir-regolament dwar il-paga minima, u xeħtu attenzjoni partikolari fuq elementi bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-istabbiltà u l-iżvilupp kontinwu tat-tim. CT talbet ukoll deskrizzjoni dettaljata tal-eżekuzzjoni pplanata tal-kuntratt proposta mill-offerent (Pjan tal-prattika tat-tindif) u iċċentivat responsabbiltà dejjiema ta' impjegat individwali għal żona assenjata.

Il-kuntratt inqasam f'5 lottijiet. Għal-lottijiet 1 sa 4, kien hemm limitu ta' offerta fuq mhux aktar minn 2 lottijiet kull darba.

Speċifikazzjonijiet

It-tikkettar kien meħtieġ jagħti prova tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u mal-karatteristiċi ambjentali tal-prodotti tat-tindif inkwistjoni.

Kriterji għall-għoti

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin ġew deskritti fis-sejħa għall-offerti:

- Il-kriterji għall-għoti tal-kwalità (45 % tat-total) kienu jikkonsistu f'dawn:

- Organizzazzjoni tat-tim (dawn il-karatteristiċi għandhom jiżguraw il-kwalità u l-ġestjoni stabbli tax-xogħol. Pereżempju: post tax-xogħol u perjodu ta' żmien assenjati u stabbli għax-xogħol mogħti lill-impjegati individwali, li jipprovduhom l-opportunità li jidraw għall-kompiti mogħtijha lilhom u sabiex itejbu r-rutini tagħhom maż-żmien; deskrizzjoni ċara wkoll tas-superviżjoni u tar-responsabbiltà tal-kontroll tal-kwalità kienu parti mill-kriterji għall-għoti, li jistgħu jwasslu wkoll għal titjib fil-prestazzjoni tax-xogħol tal-membri tat-tim) - 9 %
 - Organizzazzjoni tax-xogħol - 9 %
 - Il-metodu, l-istrumenti, il-prodotti tat-tindif u r-rutini sabiex jiġu żgurati servizzi tat-tindif ta' kwalità (inklużi diversi rutini stabbiliti minn qabel b'impatt baxx fuq l-ambjent) - 9 %
 - Il-ġestjoni tas-sejħa għall-offerti, il-ġestjoni tal-kuntratti u l-ġestjoni tal-kwalità tas-servizz - 9 % u
 - It-titjib kontinwu tat-tim (inkluża l-istabbiltà tat-tim permezz ta' miżuri sabiex jitnaqqas id-dawran tal-impjegati, il-bini kontinwu tal-kapaċitajiet, eċċ.) - 9 %
- Prezz (55 % tat-total).

Stadju tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt

Intużaw il-klawżoli li ġejjin dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt:

- Sabiex jiġi żgurat il-kontroll tal-kwalità, l-offerent kien meħtieġ li jippermetti li impjegat ta' CT jirrapporta u jimmonitorja l-eżekuzzjoni tas-servizzi tat-tindif.
- Il-prodotti tat-tindif li kellhom jintużaw riedu jkunu ekoloġiċi. Pereżempju, l-offerent seta' jaħdem bl-ekotikketti.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Ġestjoni ġenerali tajba tas-servizz, inkluża l-ġestjoni tar-riżorsi umani, bl-objettiv aħħari li jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. CT tqis li dan l-objettiv (il-kwalità ġenerali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal rispettiv) huwa marbut mal-kwalità tas-servizz pprovduti. Il-persunal, li huwa ġestit, imħarreġ u attrezzat kif xieraq, u li jaħdem f'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, għandu aktar probabbiltà li jkun stabbli, joffri servizz kontinwu u ta' kwalità, u l-ħaddiema jistgħu jaqdu dmiriethom aħjar.
- Is-servizzi tat-tindif għandhom jitwettqu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Verifika

- L-offerenti kellhom jissottomettu pjan għall-prattika tat-tindif, li jiddeskrivi l-informazzjoni rilevanti għall-kwalità tas-servizz. Il-pjan kien fih ukoll deskrizzjoni tat-tim u tal-ġestjoni tal-filiet u tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-ħaddiema rispettivi.
- L-istabbiltà tat-tim ġiet evalwata fuq il-bażi ta':
 - Perċentwal ta' kuntratti terminati li jaqbżu n-numru ta' impjegati fis-sena ta' qabel;
 - Perċentwal ta' kuntratti b'terminu limitat li jaqbżu n-numru ta' impjegati fis-sena ta' qabel;
 - Perċentwal ta' xogħol temporanju⁴ min-numru ta' impjegati fis-sena ta' qabel.
- L-awtorità kontraenti hija intitolata li titlob dokumenti fir-rigward tal-karatteristiċi ambjentali tal-prodotti tat-tindif.

Valur tal-kuntratt

⁴ Ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jiġi impjegat minn aġenzija li temporanjament tipprovdih lil impjegatur <https://www.citizensadvice.org.uk/work/rights-at-work/agency-workers/agency-workers-what-you-need-to-know/>

Il-valur totali stmat tal-kuntratt huwa ta' EUR 2 400 000 (CZK 60 125 000) fuq erba' snin.

- Lott Nru 1: madwar EUR 130 000 (CZK 3 430 000)
- Lott Nru 2: madwar EUR 1 500 000 (CZK 37 570 000)
- Lott Nru 3: madwar EUR 250 000 (CZK 6 165 000)
- Lott Nru 4: madwar EUR 440 000 (CZK 10 960 000)
- Lott Nru 5: madwar EUR 80 000 (CZK 2 000 000)

Strument

- L-Artikoli 18.2, 40, 46, 67 u 70 tad-Direttiva 2014/24/UE

Atturi

- Awtorità kontraenti: Televiżjoni Ċeka
- Parteċipanti fil-konsultazzjoni preliminari tas-suq:
 - ZENOVA Services, s.r.o.
 - HONDL Global Services, a.s.
 - European Cleaning Services, s.r.o.
 - 111UKLID.CZ Trade, s.r.o.
- Fornituri ta' servizzi kuntrattati:
 - OCS Trading, s.r.o. (Lottijiet Nri 1 u 3)
 - INEX Česká republika, s.r.o. (Lottijiet Nri 2 u 4)
 - Ma waslet l-ebda offerta għal-lott Nru 5

Impatti soċjali

- Il-qsim tas-sejħa għall-offerti f'lottijiet itejjeb l-aċċessibbiltà għall-parteċipazzjoni fl-akkwisti pubbliċi għall-fornituri iżgħar.
- Parti sinifikanti mill-punti tal-kriterji għall-għoti jingħataw fuq il-bażi tal-approċċ tal-offerent għall-impjegati tiegħu u għall-ġestjoni ġenerali tas-servizz u tal-kwalità tiegħu. Il-ġestjoni tajba tax-xogħol u tal-persunal hija kruċjali għall-istabbiltà tat-tim, għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-impjegati u għall-kwalità ġenerali tal-prestazzjoni. Dan mhux biss jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ħiliet tax-xogħol tal-individwi, iżda jaffettwa l-kwalità ġenerali tas-servizz.
- Il-valutazzjoni tal-kwalità tal-impjegi (inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istabbiltà tat-tim) mhux biss ittejjeb il-benesseri tal-ħaddiema, iżda wkoll il-kumentizza tagħhom, li tħalli impatt pożittiv fuq ir-rata ta' dawran tal-impjegati u fl-aħħar mill-aħħar twassal għal servizzi ta' kwalità aħjar.

Benefiċċji oħra

- In-natura speċifika tas-servizz teħtieġ għarfien dwar il-bini u l-utent tas-servizz. Tibdiliet frekwenti fit-tim jistgħu jwasslu għal diffikultajiet u għall-ispejjeż li jakkumpanjawhom, pereżempju, minħabba l-introduzzjoni ta' impjegat ġdid fis-sit. Għalhekk, l-istabbiltà tat-tim tidher li hija kundizzjoni importanti għall-kwalità tas-servizz tat-tindif.
- It-tendenza li jingħataw kuntratti fuq il-bażi tal-prezz l-aktar baxx tista' faċilment tbaxxi l-kwalità tas-servizzi, b'riskju għoli ta' nuqqas ta' kumentizza fost l-impjegati, kif ukoll rata għolja ta' dawran tal-impjegati.

- Sforz biex jitqiesu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati huwa faċilment trasferibbli għal awtoritajiet kontraenti oħra u għal servizzi oħra mwettqa minn persunal b'pagi baxxi.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tas-servizzi, l-awtorità kontraenti trid tagħmel sforz akbar fil-fażi preparatorja tas-sejħa għall-offerti, fil-ġestjoni tal-kuntratti u fil-ġestjoni tal-kwalità tas-servizz.
- Fis-sejħa għall-offerti simili li jmiss, l-awtorità kontraenti x'aktarx li se terġa' tuża l-konsultazzjoni preliminari tas-suq.
- Fil-ġejjieni, Televiżjoni Ċeka tixtieq issib modi kif tistabbilixxi Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni għas-servizzi tat-tindif u tirrikonoxxi l-prestazzjoni eċċellenti ta' fornitur, pereżempju, permezz ta' premju.

Kuntatt

Is-Sur Martin Rajman, Kap tal-Unità Ċentrali tal-Akkwist, Televiżjoni Ċeka, Martin.Rajman@ceskatelevize.cz

6. Responsabbiltà soċjali bħala kriterji għall-għoti għal kuntratt tat-tindif, id-Danimarka⁵

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalitá ta' Ballerup, id-Danimarka

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/ objettivi tal-akkwisti

Fi Frar 2019, il-Muniċipalitá ta' Ballerup adottat politika ġdida dwar l-akkwist, li tagħti prijoritá għolja lir-responsabbiltá soċjali.

Il-politika⁶ għandha sitt objettivi ewlenin:

1. L-applikazzjoni tal-qafas regolatorju għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tan-negozji
2. Enfasi fuq fatturi oħra minbarra l-prezz kif muri hawn taħt:
 - Il-fornituri għandhom jiddikjaraw li huma jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem, mad-drittijiet tal-ħaddiema, mar-rekwiżiti ambjentali u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
 - Il-Muniċipalitá trid tinkludi kunsiderazzjonijiet soċjali fil-proċeduri tal-akkwist kull meta jkun possibbli (u klawżoli tal-impjeg fi proċeduri għal kuntratti ta' servizz u ta' xogħol ta' kostruzzjoni), u tispjega r-raġunijiet meta tqis li ma jkunx possibbli;
 - Jekk ikun hemm suspett li fornitur ma jkunx qed jikkonforma mal-obbligi ta' responsabbiltá soċjali tiegħu, il-Muniċipalitá tagħmel segwitu u għandha l-għażla li tħassar il-kuntratt.
3. L-użu tad-djalogu mas-suq u l-kooperazzjoni man-negozji
4. It-tnedija u l-implimentazzjoni ta' sejħiet konġunti għall-offerti
5. L-użu tal-akkwist diġitali u tal-kummerċ elettroniku
6. L-iżgurar ta' livell għoli ta' konformitá.

Il-kuntratt dwar is-servizzi tat-tindif intgħażel bħala pilota xieraq li fih din id-dispożizzjoni ġiet applikata għall-ewwel darba.

Il-kuntratt se jibda mill-1 ta' April 2020 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2023, u jinkludi għażla li l-kuntratt jiġi estiż sa darbtejn għal perjodu ta' 12-il xahar kull darba.

Suġġett

Servizzi tat-tindif ta' kuljum u servizzi perjodiċi tat-tindif tat-twieqi f'157 bini municipli differenti, li jinkludu skejjel pubbliċi, ċentri għall-indukrar tat-tfal, libreriċi, areni tal-għawm u tal-isport.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Kriterji għall-għoti

Fil-proċess tal-għoti tal-kuntratt, l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża ġiet identifikata fuq il-bażi tal-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalitá bl-użu tal-ponderazzjonijiet li ġejjin:

⁵ <https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:440930-2019:TEXT:MT:HTML>

⁶ <https://ballerup.dk/sites/default/files/udbuds- og indkoebspolitik 2019 0.pdf>

- Prezz: 60 %
- Garanzija tal-kwalità: 20 %
- Responsabbiltà soċjali: 20 %. F'din is-sejħa għall-offerta, ir-responsabbiltà soċjali fissret il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal persuni qiegħda li jirċievu benefiċċju soċjali u għal persuni b'liv minħabba mard fit-tul.

Stadju tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt

Id-dokumenti tas-sejħa għall-offerti kienu jinkludu wkoll:

- Klawżola dwar il-ħaddiema li tobbliga lill-offerent jissodisfa l-istandards ġenerali tas-suq tax-xogħol fir-rigward tal-pagi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.
- Klawżola dwar ir-responsabbiltà soċjali, li fiha lista ta' rekwiżiti speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-ħaddiema, l-ambjent u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ibbażata fuq l-għaxar prinċipji tal-Patt Globali tan-NU. B'mod partikolari, il-kuntrattur jieħu impenn li jiżgura l-konformità mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mad-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema protetti mill-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv soċjali tal-Muniċipalità kien li jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg għal żewġ gruppi fil-mira:

- Il-benefiċjarji tal-għajnuna soċjali għall-qgħad "lesta għall-attività", li jesperjenzaw sfidi oħra minbarra l-qgħad. Dawn jeħtieġu trajettorja ta' taħriġ imfassla apposta għalihom, li tinkludi miżuri ta' appoġġ sabiex isibu impjieg.⁷
- Il-persuni li jkunu fuq liv minħabba l-mard fit-tul. Ħafna f'din il-kategorija se jkunu jistgħu jerġgħu jibdedw impjieg meta jerġgħu jkunu tajbin għax-xogħol. Dawn se jeħtieġu trajettorja ta' taħriġ, li potenzjalment tinkludi miżuri ta' appoġġ għar-ritorn fis-suq tax-xogħol.

Verifika

- Sabiex jiġi vverifikat is-sottokriterju ta' "responsabbiltà soċjali", l-offerenti ntalbu jissottomettu proposta, li għandha tinkludi:
 - Deskrizzjoni tal-metodoloġija li permezz tagħha l-offerent ippjana li jgħin lill-gruppi fil-mira msemmija hawn fuq joqorbu lejn impjieg. Bħala eżempju, dan jista' jsir billi jiġu deskritti "trajettorja ta' taħriġ" u l-attivitàjiet inklużi fiha.
 - In-numru ta' korsijiet/trajettorji offruti għal kull wieħed miż-żewġ gruppi fil-mira.
- Id-deskrizzjonijiet tal-offerenti ngħataw punteġġ fuq skala li tvarja minn 0 (kriterji ssodisfati bl-aħjar mod possibbli) sa 8 (kriterji ssodisfati bl-agħar mod possibbli), fuq il-bażi tan-numru ta' korsijiet/trajettorji offruti u tal-metodoloġija proposta u tal-probabbiltà stmata tagħha ta' impatt b'suċċess.
- Sussegwentement il-punteġġ ġie kkonvertit f'ekwivalenti ta' prezz korrispondenti. Dan il-kalkolu sar billi l-prezz medju offrut ġie diviż bin-numri totali ta' offerenti bil-"punteġġ tar-responsabbiltà soċjali" miksub. B'dan il-mod, il-kuntratt ingħata lill-offerent bl-anqas punteġġ ta' evalwazzjoni kkombinat li jfisser is-somma ta' dawn li ġejjin:
 - $(\text{Prezz offrut} \times 0,6) +$
 - $((\text{prezz medju offrut mill-offerenti} / 8 \times \text{punteġġ tal-garanzija tal-kwalità}) \times 0,2) +$

⁷ Il-politika attiva tas-suq tax-xogħol tad-Danimarka tvarja bejn jekk persuna qiegħda titqiesx "lesta għall-impjieg" jew "lesta għall-attività", b'din tal-aħħar li potenzjalment tkun teħtieġ taħriġ u/jew miżuri ta' appoġġ sabiex issib impjieg.

- ((prezz medju offrut mill-offerenti / 8 x punteġġ tar-responsabbiltà soċjali) x 0,2)

Valur tal-kuntratt

Stmat għal DKK 187 000 000, eskluża l-VAT (madwar EUR 25 miljun)

Strument

- L-Art. 67 (dwar il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt) u l-Art. 70 (dwar il-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Il-Gwida tal-Aġenzija Daniża għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur għall-Klawżoli Soċjali teħtieġ li l-entitajiet kontraenti statali, reġjonali u municijali jikkunsidraw l-użu ta' klawżoli soċjali dwar ftehimiet ta' edukazzjoni u ta' apprendistat, u jagħtu spjegazzjoni jekk ma tintuża l-ebda klawżola soċjali.
- Politika ġdida dwar l-akkwist mill-Municipalitá ta' Ballerup sabiex ittejjeb ir-responsabbiltá soċjali⁸.

Atturi

- Awtoritá kontraenti: id-Dipartiment tal-Akkwist tal-Municipalitá ta' Ballerup
- Fornitur ta' servizz kuntrattat: Coor Service Management A/S
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali: Iç-Ċentru Muniċipali tal-Impjiegi ta' Ballerup, li se jkun is-sieħeb preferut ta' reklutaġġ tal-offerent rebbieħ.

Impatti soċjali

- Is-sejħa għall-offerti, inklużi l-kriterji tar-responsabbiltá soċjali li kienet tinkludi, intlaqgħet tajjeb ħafna mis-suq.
- L-offerent rebbieħ, Coor Service Management A/S, jaħdem b'fokus ta' sostenibbiltá b'kunsiderazzjoni soċjali, ambjentali u finanzjarja. Il-kumpanija hija esperjenzata sew u kisbet suċċess fil-kollaborazzjoni ma' numru ta' Ċentri tal-Impjiegi fid-Danimarka, fost dawn il-proġett rivoluzzjonarju OPI-project.
- L-offerent rebbieħ offra soluzzjoni li fiha metodu meqjus li jappoġġa l-kisba ta' proċessi pożittivi għall-grupp fil-mira (kandidati bi problemi għajr il-qgħad), inklużi:
 - L-istabbiliment ta' erba' korsijiet ta' taħriġ f'erba' postijiet magħżula f'Ballerup. Maniġer permanenti tas-servizzi u "buddies" mill-pjan tal-kuntrattur u korsijiet ta' taħriġ kompluti u korsijiet ta' reklutaġġ għall-kandidati. Il-"buddies" huma karatteristika tradizzjonali tat-tagħlim mill-imgħallem.
 - Kull darba, erba' kandidati jingħataw taħriġ. Kull meta kandidat isib impjieg, kandidat ġdid jista' jibda t-taħriġ. Il-kuntrattur jistenna li tmien kandidati jipparteċipaw kull sena.
 - Il-kandidati se jkunu parti mit-tim fuq il-post tax-xogħol u se jkun hemm taħriġ gradwali, li jibda b'numru xieraq ta' sigħat fil-ġimgħa. L-għan huwa li l-apprendisti jiksbu impjiegi regolari, possibbilment b'ħala "xogħol flessibbli" jew impjieg b'sussidju fuq il-paga.
 - Il-kors ta' taħriġ jiġi addattat individwalment għall-kandidat.
 - Il-kuntrattur jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib ma' Ċentru tal-Impjiegi. Dan jinkludi involviment fil-vizitazzjonijiet, korsijiet ta' taħriġ, taħriġ fil-lingwa u miżuri ta' appoġġ.

Benefiċċji oħra

- Il-kriterji għall-għoti soċjali jistgħu jkunu strument effettiv sabiex tingħeleb l-asimmetrija fl-informazzjoni bejn l-offerent u l-awtoritá kontraenti fir-rigward tal-livell ta' responsabbiltá soċjali li jista' jkun meħtieġ mill-kompetizzjoni f'ċertu suq. Bl-użu tal-kriterji għall-għoti soċjali, l-awtoritá kontraenti tinċentiva s-suq sabiex jikkompeti fihom, minflok ma tifformula rekwiżiti bbażati fuq ħsieb informat.

⁸ Madwar 7 minn kull 10 municiptajiet Daniżi għandhom politika uffiċjali dwar l-akkwist.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-fornituri u s-suq jidhru li huma maturi ħafna u lesti li jaħdmu b'responsabbiltà soċjali, speċjalment f'dan iż-żmien, peress li fid-Danimarka huwa diffiċli li jiġu rekrutati ħaddiema f'industriji speċifiċi.
- Il-politika dwar l-akkwist tat mandat b'saħħtu lid-dipartiment tal-akkwist sabiex jinkludi kunsiderazzjonijiet soċjali, u dan iffaċilita l-proċess.

Kuntatt

Mette Kongsgaard Jensen, Kap tal-Akkwisti, il-Muniċipalità ta' Ballerup, Indkøb - Ċentru għal Økonomi, met@balk.dk

Kim Funk, Konsulent dwar l-Akkwist, il-Muniċipalità ta' Ballerup, Indkøb - Ċentru għal Økonomi, kimf@balk.dk

7. Inklużjoni ta' persuni mingħajr dar billi jiġu pprovduti servizzi tat-tindif lill-Muniċipalità ta' Wrocław

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, pajjiż: Wrocławskie Mieszkania Limited Company, proprjetà tal-Muniċipalità ta' Wrocław, il-Polonja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Is-sejħa għall-offerti kienet riżervata għall-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u tikkonċerna l-forniment ta' servizzi tat-tindif għall-Muniċipalità ta' Wrocław.

Hija tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali elaborata mill-Belt ta' Wrocław sabiex tindirizza kwistjonijiet relatati mar-riintegrazzjoni soċjali u vokazzjonali. L-istrateġija tinkludi t-tisfih tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli sabiex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi soċjali u jiġu involuti l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. Sfida soċjali partikolari li għandha tiġi indirizzata hija l-problema ta' persuni mingħajr dar: hemm madwar 1 000 persuna mingħajr dar li jgħixu fil-Belt, li hija r-raba' l-ogħla popolazzjoni ta' persuni mingħajr dar fil-Polonja.

Din is-sejħa segwiet kuntratt simili mill-2017 sal-2018, li għen lill-fornituri tal-ekonomija soċjali jiksbu aktar esperjenza fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi u fil-forniment ta' servizzi pubbliċi. Din id-darba l-valur tal-kuntratt żdied bit-tripplu.

Suġġett

Il-forniment ta' servizzi tat-tindif fil-bini u f'faċilitajiet assoċjati tal-Muniċipalità ta' Wrocław.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-kuntratt kien riżervat għal workshops protetti u għal operaturi ekonomiċi li l-għan tagħhom jinkludi l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni li jappartjenu għal gruppi soċjalment marġinalizzati li tal-anqas 30 % tal-ħaddiema tagħhom huma ħaddiema b'diżabilità jew żvantaġġati f'konformità mal-Art. 20 tad-Direttiva 2014/24/UE. Kien jeħtieġ ukoll li l-kuntrattur jew is-subkuntrattur iħaddem mingħajr interruzzjoni matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt persuni b'diżabilità jew żvantaġġati li jwettqu direttament l-attivitajiet speċifikati fis-sejħa għall-offerti.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Il-promozzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali
- Il-promozzjoni tal-kundizzjonijiet ta' impjieg ġusti
- L-integrazzjoni tax-xogħol ta' ħaddiema żvantaġġati

Verifika

- Fl-istadju tal-applikazzjoni: dikjarazzjoni sottomessa mill-applikant dwar l-issodisfar tal-kriterji li tal-anqas 30 % tal-ħaddiema tiegħu jkunu ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità.
- Matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt: l-awtorità kontraenti hija intitolata twettaq spezzjonijiet fi ħdan l-ambitu tal-kuntratt. L-ispezzjonijiet jistgħu jitwettqu mingħajr il-preżenza tal-kuntrattur u mingħajr ma l-kuntrattur jiġi nnotifikat dwar id-data tal-ispezzjoni. Il-kuntrattur għandu jħallas penali kull darba li jonqos milli jissodisfa l-obbligu tiegħu li jimpjega persuni li jwettqu direttament l-attivitajiet elenkati fil-ftehim. L-awtorità kontraenti għandha wkoll il-possibbiltà li tikkanċella l-kuntratt jekk il-kuntrattur ma jissodisfax l-obbligi tiegħu u ma jipprovdix kjarifika sodisfaċenti.

Valur tal-kuntratt

PLN 368 590 (ekwivalenti għal EUR 86 100) għal kuntratt ta' sena (minn April 2019 sa April 2020)

Strument

- L-Art. 20 dwar kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE (traspost mill-par. 2 tal-Artikolu 22 tal-Att tal-Polonja dwar l-Akkwist Pubbliku)
- [Il-programm lokali tal-ekonomija soċjali](#) tal-Belt ta' Wrocław
- L-Ordinanza tal-President tal-belt li tirrakkomanda l-użu tal-aspetti soċjali fix-xiri pubbliku kollu.

Il-liġi nazzjonali tal-Polonja tiddefinixxi l-kategoriji li ġejjin ta' persuni li jappartjenu għal gruppi soċjalment marġinalizzati:

- Persuni b'diżabilità fis-sens tal-Att tas-27 ta' Awwissu 1997 dwar ir-riabilitazzjoni vokazzjonali, ir-risistemazzjoni soċjali, u l-impjieg ta' persuni b'diżabilità (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2011, punt 721);
- Persuni qiegħda fis-sens tal-Att tal-20 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni tal-istituzzjonijiet tal-impjegi u tas-suq tax-xogħol (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, punti 645, 691, u 868);
- Il-persuni mċaħħda mil-libertà jew meħlusa mill-ħabsijiet, imsemmija fl-Att tas-6 ta' Ġunju 1997 – il-Kodiċi Eżekuttiv Kriminali (Il-Ġurnal tal-Liġijiet, punt 557), li jesperjenzaw diffikultajiet fl-integrazzjoni fis-soċjetà;
- Persuni b'disturbi mentali fis-sens tal-Att tad-19 ta' Awwissu 1994 dwar il-protezzjoni tas-saħħa mentali (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, punti 546 u 960);
- Persuni mingħajr dar fis-sens tal-Att tat-12 ta' Marzu 2004 dwar l-assistenza soċjali (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, punt 930);
- Persuni mogħtija mir-Repubblika tal-Polonja status ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja msemmija fl-Att tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar il-protezzjoni ta' barranin fir-Repubblika tal-Polonja (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2012, punt 680; tal-2013, punt 1650; tal-2014, punt 1004; tal-2015, punt 1607; u tal-2016, punt 783);

- Persuni sa 30 sena u persuni li jkunu laħqu l-età ta' 50 sena, li jkollhom status ta' persuna li qed tfitte xogħol u qiegħda;
- Persuni li jappartjenu għal minoranzi żvantaġġati, b'mod partikolari minoranzi nazzjonali u etniċi fis-sens tal-Att tas-6 ta' Jannar 2005 dwar il-minoranzi nazzjonali u etniċi u l-lingwa reġjonali (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2015, punt 573; u tal-2016, punt 749).

Atturi

- Wrocławskie Mieszkania Limited Company (proprjetà tal-Muniċipalità ta' Wrocław) - awtorità kontraenti
- Wrocławska Social Cooperative (li timpjega nies f'riskju ta' esklużjoni soċjali) – fornitur ta' servizz, li rebaħ il-kuntratt.

Impatti soċjali

- Wrocławska Social Cooperative timpjega nies f'riskju ta' esklużjoni soċjali, speċjalment persuni mingħajr dar (90 % tal-forza tax-xogħol). Il-kooperattiva tipprovdi taħriġ lill-persuni mingħajr dar, inkluż dwar kif wieħed jikseb liċenzja tas-sewqan. Dan huwa parti mill-attività ġenerali tal-kooperattiva, li għaliha tirċievi xi finanzjament pubbliku, u ma kienx meħtieġ mill-kuntratt inkwistjoni.
- B'dan il-kuntratt, huma impjegaw erba' persuni mingħajr dar.
- Il-kuntratt ippermetta lill-kooperattiva tikber u tikseb riintegrazzjoni soċjali u professjonali tal-persuni involuti fil-forniment ta' servizzi tat-tindif skont il-kuntratt.

Benefiċċji oħra

- Dan il-kuntratt kien opportunità għall-kooperattiva soċjali sabiex tibni l-fiduċja mal-Muniċipalità, billi juriha li l-fornituri tal-ekonomija soċjali jistgħu jiżguraw servizzi ta' kwalità.
- Il-kuntratti riżervati u l-klawżoli soċjali għadhom ma jintużawx b'mod daqshekk komuni fil-Polonja. Bil-Programm Lokali għall-Ekonomija Soċjali u bl-ordinanza tal-president ta' Wrocław sabiex jippromwovi l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali inkluż permezz tal-akkwist pubbliku, is-sitwazzjoni tjiebet b'mod viżibbli.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Waħda mill-isfidi tal-Belt ta' Wrocław hija n-nuqqas ta' ekosistema tal-ekonomija soċjali żviluppata sew, bi ftit intrapriżi soċjali b'kapaċità baxxa li jwieġbu għal sejħiet għall-offerti. Din hija r-raġuni għaliex il-Belt iddeċidiet li tagħti kuntratti iżgħar sabiex l-intrapriżi soċjali u l-NGOs ikunu jistgħu gradwalment jiksbu esperjenza bl-għan li ikunu jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti akbar.
- Is-suq tal-akkwist pubbliku fil-Polonja, speċjalment fil-bliet il-kbar, qed jaffaċċja sfidi speċifiċi ħafna (rata baxxa tal-qgħad, ammont kbir ta' kuntratti fis-suq tal-akkwist), u għalhekk is-sejħiet għall-offerti pubbliċi ma għandhomx ħafna offerenti u n-negozji interessati għandhom problemi kbar sabiex isibu l-impjegati xierqa. Dan ma jħeġġiġx lill-awtoritajiet kontraenti jintroduċu kriterji addizzjonali fl-akkwist pubbliku. Madankollu, għal xi ċittadini l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha sfida, u din hija r-raġuni għaliex il-Belt qed tintroduċi gradwalment inċentivi għall-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku għall-intrapriżi soċjali u għall-NGOs li joffru postijiet tax-xogħol "protetti" u li jaħdmu fuq l-integrazzjoni professjonali, sabiex tinċentivahom jissottomettu offerti.

- Il-kuntratt kien maħsub ukoll sabiex juri lill-awtoritajiet kontraenti li l-akkwist pubbliku jista' jkun għodda b'saħħitha għall-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi. Huwa kruċjali li l-awtoritajiet kontraenti juru kemm-il kwistjoni soċjali tista' tissolva bl-użu tal-akkwist pubbliku.

Kuntatt

Marta Pawlaczyk, esperta fl-Akkwist Pubbliku, il-Municipalit  ta' Wroclaw, marta.pawlaczyk@wm.wroc.pl

8. Klawżoli soċjali għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali fis-servizzi tat-tindif u tal-manutenzjoni għall-Kummissjoni Ewropea

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Uffiċċju għall-Infrastruttura u għal-Loġistika, il-Kummissjoni Ewropea (KE), il-Belġju

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Tindif u manutenzjoni ta' spazji ekoloġiċi

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Fl-2019, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u għal-Loġistika tal-Kummissjoni Ewropea fittex il-provvista ta' servizzi tat-tindif u tal-manutenzjoni ta' spazji ekoloġiċi interni u esterni tal-binjiet tiegħu li jinsabu fir-Reġjun Kapitali ta' Brussell. B'dan l-akkwist, l-awtorità kontraenti kellha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali billi tipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ u ta' integrazzjoni soċjoprofessionali. Id-dokumenti tas-sejħa għall-offerti pprevedew l-użu ta' żewġ tipi ta' klawżoli soċjali. Is-servizzi kollha pprovduti mill-kuntrattur kellhom ukoll jirrispettaw ir-rekwiżiti ambjentali fis-seħħ fil-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-qafas tal-politika tagħha dwar l-EMAS.

Suġġett

Din is-sejħa għall-offerti tikkonċerna:

- Il-forniment ta' servizzi tat-tindif għall-binjiet tal-Kummissjoni Ewropea li jinsabu fir-Reġjun Kapitali ta' Brussell (72 binja)
- Tindif ta' ħsajjar, ta' qlugħ, ta' drappijiet u ta' bñadar
- Provvista ta' prodotti iġjeniċi
- Kontroll tal-pesti
- Servizzi tat-tneħħija tal-borra madwar il-binjiet (inkluża l-provvista ta' melħ għat-tneħħija tal-borra)
- Manutenzjoni ta' pjanti u ta' spazji ekoloġiċi, kemm interni (parapetti, btieħi, ġnien, qsari, eċċ), kif ukoll esterni, inklużi kurituri, ħwat u bankini li jmissu mal-binjiet ikkonċernati u ż-żoni ta' parkeġġ tagħhom.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

Is-sejħa għall-offerti kienet tinkludi żewġ tipi ta' klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt.

Matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-kuntrattur irid jipprovdi taħriġ fit-tindif lill-ħaddiema kollha impjegati b'kuntratt permanenti jew temporanju (li jdum aktar minn sitt xhur) involut fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' servizz tat-tindif. Il-kuntrattur irid jipprovdi pjanijiet ta' taħriġ bid-dettalji tat-taħriġ obligatorju u tat-taħriġ mill-ġdid annwali għall-persunal kollu, irrISPETTIVAMENT mill-anzjanità tal-impjeg mal-kuntrattur, kif ukoll ċertifikati ta' taħriġ uffijjali individwali għall-persunal tiegħu fuq il-post (maħruġa minn korp estern, jew fejn xieraq prova ta' taħriġ intern), sa mhux aktar tard minn xahrejn wara li l-kuntratt jidħol fis-seħħ.

Il-kuntratt jeħtieġ li l-persunal tat-tindif ikun imħarreġ regolarment u informat dwar il-metodi ta' tindif, id-dożaġġ u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu bil-prodotti tat-tindif, bl-imballaġġ u bl-iskart (l-għażla u r-

rimi), kif ukoll l-użu tal-makkinarju. Il-kuntrattur irid jissottometti ċertifikati ta' taħriġ li jagħtu prova li l-persuni kollha assenjati lis-servizzi koperti mill-kuntratt irċivew it-taħriġ professjonali meħtieġ u adegwat, minn perspettiva teknika, tas-sikurezza u ambjentali.

It-taħriġ għandu jiġi pprovdut skont il-moduli proposti miċ-Ċentru ta' Taħriġ tat-Tindif, jew skont moduli speċjalizzati kif meħtieġ. Għall-ħaddiema li rċevew taħriġ bażiku aktar minn 8 snin ilu, huwa meħtieġ ukoll modulu ta' reviżjoni. Il-ħin minimu ta' taħriġ li għandu jiġi pprovdut għal kull ħaddiem matul id-durata tal-kuntratt huwa ta' 20 siegħa. Kull sena, il-kuntrattur irid jipprovi taħriġ għal tal-anqas 20 % tan-numru totali ta' ħaddiema b'kuntratti permanenti jew b'terminu fiss assenjati għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, u lill-persunal kollu tiegħu sa tmien l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Dan it-taħriġ jista' jiġi ssostitwit b'taħriġ lingwistiku għal dawk il-ħaddiema li ma jkollhomx għarfien suffiċjenti tal-Franċiż.

It-tieni tip ta' klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt teħtieġ li l-kuntrattur iwettaq miżuri ta' integrazzjoni soċjoprofessjonali għall-persuni li qed ifittxu xogħol li huma partikolarment diffiċli li jiġu kollokati jew miżuri ta' integrazzjoni soċjoprofessjonali għal persuni b'diżabilità fi ħdan il-qafas tat-tweġġ tas-servizzi relatati mal-manutenzjoni tal-pjanti u tal-ispazji ekoloġiċi. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat bis-sottokuntrattar ta' intrapriża/i tal-ekonomija soċjali li l-oġġettiv ewlieni tagħha/tagħhom ikun l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'diżabilità jew żvantaġġati u li fiha/fihom tal-anqas tletin fil-mija tal-persunal ta' dawn il-workshops, l-operaturi ekonomiċi jew il-programmi jkunu ħaddiema b'diżabilità jew żvantaġġati.

Il-kuntrattur jagħżel l-ispazji ekoloġiċi li għandhom mantnuti billi japplika klawżola bħal din, li trid tkun tal-anqas 25 % tal-ammont annwali totali inkluż fis-servizzi msemmija hawn fuq.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Permezz ta' dan il-kuntratt, l-awtorità kontraenti tixtieq ittejjeb il-ħiliet professjonali u s-sikurezza tal-persunal li jeżegwixxi l-kuntratt billi teħtieġ it-taħriġ tal-impjegati kollha li jkunu se jieħdu sehem fl-eżekuzzjoni tiegħu (in-numru previst huwa ta' 700 impjegat).
- It-tieni oġġettiv huwa li tiġi promossa l-integrazzjoni soċjoprofessjonali ta' persuni b'diżabilitajiet jew ta' ħaddiema żvantaġġati, fi ħdan it-tifsira tal-Art. 20 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Verifika

- L-ewwel pass importanti fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-klawżola soċjali huwa li tiġi organizzata laqgħa ta' tnedija bejn il-kuntrattur u l-awtorità kontraenti. Din il-laqgħa ta' tnedija ssir fi żmien xahar mill-għoti tal-kuntratt u se tkopri l-klawżoli soċjali kollha li għandhom jiġu implimentati. F'din l-okkażjoni, il-klawżoli soċjali jiġu diskussi fid-dettall, u tiġi stabbilita data li fiha dawn iridu jibdew, jew data ta' qabel il-valutazzjoni.
- Darba fis-sena, il-kuntrattur jikkomunika l-lista ta' ħaddiema li jkunu ngħataw taħriġ. Kopja taċ-ċertifikazzjonijiet u tal-attestazzjonijiet taċ-ċentru tat-taħriġ tat-tindif u/jew taċ-ċentru tat-taħriġ tal-lingwa trid tkun disponibbli sabiex tagħti prova ta' dan.
- Mad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt, il-kuntrattur jibgħat id-dokumenti li ġejjin lill-awtorità kontraenti relatata mal-intrapriża/i tal-ekonomija soċjali li lilha/lilhom ikun se jagħti b'sottokuntratt is-servizzi:
 - L-impenn debitament iffirmit minn kull intrapriża tal-ekonomija soċjali kif iddefinit hawn fuq;

- Prova li l-intrapriża/i tal-ekonomija soċjali jkollha/jkollhom approvazzjoni valida jew tissodisfa/jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Art. 20 tad-Direttiva 2014/24/UE; din il-prova tiġi rrapportata jew billi titwassal awtorizzazzjoni (temporanja jew indefinita) valida fiż-żmien meta l-intrapriża/i tal-ekonomija soċjali tiġi/jiġu kkuntrattata/kkuntrattati jew billi jiġi sottomess fajl li juri konformità mal-kundizzjonijiet tal-Art. 20 tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Laqgħa ta' preevalwazzjoni tiġi organizzata fi żmien xahrejn mill-ġoti tal-kuntratt qafas, sabiex jiġi vverifikat li l-klawżola soċjali tinftiehem sew. It-tielet laqgħa ssir mal-konklużjoni tal-kuntratt qafas sabiex tiġi vverifikata l-eżekuzzjoni xierqa tal-klawżola soċjali.
- L-awtorità kontraenti u r-rappreżentanti tagħha għandhom id-dritt li jispezzjonaw u jissorveljaw l-eżekuzzjoni tal-klawżola soċjali. Kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-klawżoli soċjali nnotati matul l-eżekuzzjoni, jew mill-awtorità kontraenti jew minn kwalunkwe persuna oħra debitament awtorizzata għal dan l-għan, jista' jitqies mill-awtorità kontraenti bħala nuqqas ta' eżekuzzjoni.

Valur tal-kuntratt

Id-durata tal-kuntratt hija ta' erba' snin. Il-valur tal-kuntratt huwa ta' EUR 20 miljun fis-sena, għal ammont totali ta' EUR 80 miljun.

Strument

- L-Art. 70 (dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) u l-Art. 20 (dwar kuntratti riżervati) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Uffiċċju għall-Infrastruttura u għal-Loġistika tal-Kummissjoni Ewropea
- Appoġġ għall-formulazzjoni tal-klawżola soċjali: Actiris, is-servizz pubbliku tal-impjegi tar-reġjun Kapitali tal-Belġju ta' Brussell
- Rappreżentant mit-trade unions Belġjani, mis-settur tat-tindif, li ġie kkonsultat bi tnejn għall-proċedura
- Impjegati tal-kuntrattur li jeżegwixxi s-servizzi tat-tindif akkwistati, li jistgħu jibbenefikaw mit-taħriġ professjonali u mill-inklużjoni tal-ħaddiema previsti fil-kuntratt

Impatti soċjali

- Huwa stmat li madwar 700 impjegat se jkunu impjegati fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt. Il-biċċa l-kbira tagħhom għandhom livell baxx ta' ħiliet u/jew ġejjin minn sfond żvantaġġat. Huwa mistenni li l-obbligu li jiġu pprovduti b'opportunitajiet ta' taħriġ u ta' impjieg se jikkontribwixxi sabiex itejjeb l-inklużjoni soċjali u professjonali, is-sikurezza tagħhom, kif ukoll il-ħiliet tagħhom.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Mhuwiex possibbli li jintuża approċċ wieħed għal kulħadd meta titfassal klawżola soċjali fi proċedura ta' akkwist. Pereżempju, b'mod parallel ma' din il-proċedura ta' akkwist, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u għal-Loġistika kkollabora ma' Actiris sabiex ifassal klawżola soċjali adegwata fi proċedura relatata ma' xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Madankollu, f'dak il-każ, il-klawżola soċjali kienet differenti u mfassla għal suq differenti. Il-klawżoli soċjali jridu jitfasslu b'kont meħud tal-ispeċifità tal-proċedura u tas-suq.

- Il-kollaborazzjoni ma' Actiris, korp kwalifikat b'għarfien espert fl-implimentazzjoni tal-klawżoli soċjali, uriet li kienet kruċjali fit-tfassil tal-klawżola soċjali l-aktar xierqa għal din il-proċedura speċifika.
- B'reazzjoni għal din il-proċedura ġew sottomessi f'ames offerti tekniċi. Dan juri li s-suq huwa lest li jwieġeb u jimplimenta proċeduri għal kuntratti kbar li jinkorporaw klawżoli soċjali.

Kuntatt

Pierre-Olivier Bindels, Kap tal-Unità, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u għal-Loġistika, il-Kummissjoni Ewropea,
Pierre-Olivier.BINDELS@ec.europa.eu

9. Żgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol soċjalment responsabbli fis-settur Malti tat-tindif

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi tat-tindif

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Fi sforz sabiex jittaffew il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji kif ukoll sabiex titħeġġeġ is-sottomissjoni ta' rati/prezz f'livell ugwali, fl-2019 id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta ddeċieda li l-forniment ta' servizzi b'intensità għolja ta' impjegati prekarji u ta' kwalità baxxa, b'hat-tindif, għandu jiġi akkwistat skont il-kriterju għall-għoti tal-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità (BPQR) minflok skont il-prezz jew il-kost biss.

Għal dan l-għan, l-awtorità kontraenti użat kriterji għall-għoti soċjali li kienu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u proporzjonati għas-servizzi li kienu qed jiġu akkwistati.

Suġġett

Il-Forniment ta' Servizzi tat-Tindif li jużaw Prodotti tat-Tindif li ma Jagħmlux Ħsara lill-Ambjent fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta) u fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

Il-BPQR jiġi stabbilit billi tiġi ponderata l-kwalità teknika meta mqabbla mal-prezz fuq bażi ta' 60/40 rispettivament.

Tintuża l-grilja ta' evalwazzjoni li ġejja:

- Taħriġ, ħiliet u kapaċitajiet tal-impjegati: massimu ta' 6 punti
- Ġestjoni tal-kuntratti u operazzjonijiet (Żamma tal-Ħin, Livell ta' Servizz, Pjanijiet ta' Kontinġenza, Metodoloġija, Obbligi ta' Rapportar, Akkwist Pubbliku Ekoloġiku - prodotti tat-tindif): massimu ta' 64 punt
- Opportunitajiet indaqs u kundizzjonijiet tax-xogħol: massimu ta' 30 punt.

Fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs, l-operatur ekonomiku jrid jissottometti:

- Evidenza li l-operatur ekonomiku huwa impjegatur li jagħti Opportunitajiet Indaqs f'konformità mal-Marka għall-Ugwaljanza jew ekwivalenti (suppliment) (2 punti)
- Prova li l-operatur ekonomiku jissodisfa r-Rekwiżiti Legali għall-impjeg ta' persuni b'diżabilità (obbligatorja) (2 punti)

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjeg, l-operatur ekonomiku jrid jissottometti prova li tindika dan li ġej:

- Impjegati eżistenti / potenzjali għandhom kuntratt bil-miktub (obbligatorja) (2 punti)
- Il-pagi jitħallsu permezz ta' trasferiment ta' kreditu - li l-kostijiet tiegħu jitħallsu mill-kuntrattur (obbligatorja) (2 punti)

- L-iskeda ppjanata tad-dati tal-ħlas għas-snin 2019 u 2020 li tindika d-dati meta l-pagi jitħallsu lill-impjegati (suppliment) (massimu ta' 3 punti)
- L-impjegati jingħataw payslip dettaljata (obbligatorja) (3 punti)
- Prova tal-kopertura tal-assigurazzjoni għall-impjegati f'każ ta' korriment waqt ix-xogħol (suppliment) (3 punti)
- Dikjarazzjoni mill-kuntrattur dwar il-libertà tal-impjegati (l-ebda restrizzjoni imposta) ta' sħubija fi Trade Union (obbligatorja) (3 punti)
- Kopja ta' Ftehim Kollettiv Validu li jkun fis-seħħ u rreġistrat mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (Suppliment) (3 punti)
- Allowance jew provvediment għat-trasport – (suppliment) (2 punti)
- Riżorsi tas-Saħħa u tas-Sikurezza (sistemi ta' garanzija tal-kwalità użati mill-kuntrattur sabiex jiżgura ambjent tax-xogħol tajjeb/sikur) (obbligatorja) (5 punti)

“Kummerċjanti waħdiena/Kumpaniji mingħajr impjegati” li jissottokuntrattaw is-servizzi lil partijiet terzi magħrufa fl-istadju tas-sejħa għall-offerti, kellhom jipprovdu wkoll il-prova/l-evidenza meħtieġa skont ir-rekwiżiti stabbiliti tal-“Kumpanija b'Impjegati” f'isem is-sottokuntratturi.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Is-sejħa għall-offerti tfasslet sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi:

- Joffru taħriġ bażiku fl-Indafa u fl-Iġjene lill-impjegati tagħhom.
- Jippromwovu opportunitajiet indaq u jikkonformaw mar-rekwiżiti legali li jikkonċernaw l-impjieg ta' persuni b'diżabilità.
- Jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-konformità mad-drittijiet soċjali u tax-xogħol bażiċi.
- Ikollhom sistema ta' garanzija tal-kwalità, inklużi s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

Verifika

L-offerenti kellhom jissottomettu d-dokumenti li ġejjin sabiex jissodisfaw is-subkriterji għall-għoti relatati mal-opportunitajiet indaq u mal-kundizzjonijiet tax-xogħol:

- Kopja taċ-ċertifikat tal-Marka Ugwaljanza tal-NCPE (jew ekwivalenti)
- Prova/evidenza permezz ta' dokumentazzjoni xierqa miċ-ċentru tal-impjieg jew mill-korp tal-istat rilevanti li l-operatur ekonomiku jissodisfa r-rekwiżit legali għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità
- Kopja ta' ftehim kuntrattwali bejn l-offerent u impjegat
- Ftehim ma' Bank jew komunikazzjoni bil-miktub bejn l-offerent u l-Bank li tikkonferma s-saldu permezz ta' kreditu dirett tal-pagi
- Kopja ta' payslip
- Kopja tal-Kopertura tal-Assigurazzjoni tar-Responsabbiltà tal-Impjegatur tal-kumpanija
- Dikjarazzjonijiet mill-operatur ekonomiku li ma ġiet imposta l-ebda restrizzjoni fuq l-impjegati sabiex jissieħbu fi trade union
- Kopja ta' Ftehim Kollettiv Validu (jekk applikabbli).

Ġew sottomessi disa' offeriti. Skont ir-Rapport ta' Evalwazzjoni, tliet offerenti kellhom punteġġ tekniku medju finali ta' aktar minn 65 punt. Is-sitt offerenti l-oħra tqiesu bħala teknikament mhux konformi minħabba li ma ssodisfawx kriterju wieħed jew aktar.

Valur tal-kuntratt

EUR 486 944,80 eskluża l-VAT fuq perjodu ta' 36 xahar

Strument

- L-Art. 67 dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE

Atturi

- Awtorità kontraenti: Id-Dipartiment tal-Kuntratti (Awtorità tal-Gvern Ċentrali)
- Benefiċjarju Finali: Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja
- Fornitur ta' servizz kuntrattat: Specialist Group Cleaners Ltd
- Offerenti: Operaturi Ekonomiċi li jipprovdu servizz speċifiku li qed jiġi akkwistat
- Benefiċjarju Finali: Impjegati mħaddma mill-offerent rebbieħ

Impatti soċjali

- L-Unità Ministerjali tal-Akkwist (MPU) f'isem l-Awtorità Kontraenti tat parir li l-“proċedura adottata f'din is-sejħa għall-offerti kellha impatt pożittiv f'termini tal-għarfien fost l-impjegaturi dwar il-ħtieġa li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin lill-impjegati li jipprovdu s-servizz. Minħabba li l-offerta kif abbozzata talbet numru ta' rekwiżiti obbligatorji fir-rigward ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, din irriżultat f'kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-impjegati kkonċernati”.

Benefiċċji oħra

- Din il-prattika tista' tiġi rreplikata f'setturi oħra b'intensità għolja ta' impjegi prekarji. L-Amministrazzjoni Pubblika ta' Malta għandha l-ħsieb li tippromwovi l-użu tal-mekkaniżmu tal-BPQR fil-proċeduri tal-akkwist sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi b'impjegi ta' kwalità baxxa.
- Is-Sejħiet għall-Akkwist jiġu ppubblikati fuq is-Sistema tal-Akkwist Elettroniku tal-Gvern (ospitata fuq www.etenders.gov.mt), kif ukoll fil-ĠU tal-UE (jekk ogħla mil-limitu tal-UE). L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jfittxu fis-sistema għal akkwisti simili sabiex jirrieżaminaw il-kriterji tal-BPQR kif ukoll is-Sejħa għall-Akkwisti b'mod ġenerali, u b'hekk jagħmluha aktar faċli għal oħrajn sabiex jirreplikaw din il-prattika.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-prattika minn perspettiva kunċettwali għandha tinżamm, madankollu, id-Dipartiment tal-Kuntratti għandu jkompli jirfina l-Kriterji għall-Għoti li għandhom jintużaw meta tiġi abbozzata Matriċi tal-BPQR għall-forniment ta' servizz b'intensità għolja ta' impjegi prekarji.

- Għalkemm id-Dipartiment tal-Kuntratti ppubblika mudelli għall-forniment ta' servizzi b'intensità għolja ta' impjegi prekarji, l-awtoritajiet kontraenti huma avżati sabiex ifasslu l-Kriterji għall-Għoti tal-BPQR skont l-eżiġenzi tal-akkwist tagħhom.
- Hija rakkomandata konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti meta jkunu qed jitfasslu l-Kriterji għall-Għoti, sabiex jiġi aċċertat li l-kriterji ma jkunux restrittivi u joffru kompetizzjoni wiesgħa.
- Madankollu, il-konsultazzjoni u l-gwida mid-Dipartiment tal-Kuntratti huma rakkomandati ħafna sabiex ikun hemm kondivizzjoni tal-għarfien u aġġornar tal-mudelli, kif u fejn applikabbli.

Kuntatt

Is-Sur Anthony Cachia, Direttur Ġenerali (KUNTRATTI), id-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, anthony.j.cachia@gov.mt, +356 25670100

10. **Ġestjoni tal-Faċilitajiet inklużiva u sostenibbli għal-Logħob Olimpiku tal-2024**

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Kumitat li Jorganizza PARIĠI 2024 għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ġestjoni tal-Faċilitajiet (tiswija u manutenzjoni, ġestjoni ġenerali, provvista tat-tindif u tal-iġjene, immaniġġjar tal-iskart, provvista tal-ikel)

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-Kumitat li Jorganizza PARIĠI 2024 għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku huwa impenjat li jipprovdi l-“Logħob l-aktar inklużiv u sostenibbli fl-istorja”. Fil-livell tal-akkwist, dan l-approċċ jissarraf f’azzjonijiet b’saħħithom dwar ir-responsabbiltà ambjentali u soċjali minn PARIĠI 2024 u mill-fornituri tagħha.

Sabiex jissaħħaħ l-aċċess għall-kuntratti relatati mal-Logħob Olimpiku għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, PARIĠI 2024 nediet il-“Pjattaforma ta’ Solidarjetà ESS 2024”⁹ f’Mejju 2018, fi sħubija mal-Belt ta’ Pariġi, ma’ SOLIDEO (kumpanija pubblika li tissorvelja x-xogħlijiet Olimpiċi u Paralimpiċi), ma’ LES CANAUX (assoċjazzjoni mingħajr skop ta’ qligħ li tappoġġa l-Ekonomija Soċjali u tas-Solidarjetà, l-innovazzjoni soċjali u l-atturi tan-ekonomija ċirkolari) u ma’ Yunus Centre (NGO li tappoġġa n-negozji u l-inklużjoni soċjali). Permezz tax-xiri relatat mal-infrastruttura tal-Olimpijadi li jammonta għal EUR 3 biljun, l-objettivi tal-EES 2024 jinkludu:

- L-allokkazzjoni ta’ 25 % tal-valur tax-xiri għan-negozji soċjali u għall-SMEs.
- L-iżgurar li 10 % tas-siġhat maħduma f’operazzjonijiet tal-kostruzzjoni, tat-tagħmir u ta’ manutenzjoni jitwettqu minn ħaddiema żvantaġġati.

Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, ESS 2024:

- Tipprovdi sorveljanza strateġika u legali dwar sejħiet għal offerti, opportunitajiet ta’ impjeg u aspettattivi tal-organizzaturi ta’ Pariġi 2024.
- Tistabbilixxi laqgħat bejn in-negozji soċjali, l-organizzaturi tal-Logħob, u korporazzjonijiet ewlenin, sabiex tippromwovi n-negozji soċjali bħala fornituri potenzjali li għandhom jiġu inklużi f’konsorzji jew bħala sottokuntratturi ta’ fornituri kbar.
- Tipprovdi għodod u appoġġ sabiex tgħin lin-negozji soċjali jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-offerti.
- Issegwi u tkejjel l-impatt soċjali u ambjentali ta’ Pariġi 2024, f’kooperazzjoni mal-universitajiet, mal-partijiet konċernati ta’ SEE, mal-gruppi ta’ riflessjoni, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ.
- Tissorvelja l-aħjar prattika minn pajjiżi oħra u xxerred l-aħjar prattiki implimentati mill-awtoritajiet aġġudikanti Franċiżi miksuba għal-Logħob.

Bħala eżempju ta’ kif il-Pjattaforma qed tappoġġa l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, hawn taħt hija esplorata proċedura għall-“Ġestjoni tal-Faċilitajiet”.

Suġġett

Kuntratt qafas imħallat għall-ġestjoni tal-faċilitajiet, li jinkludi il-provvista ta’ prodotti tat-tindif u tal-iġjene, l-immaniġġjar tal-iskart, il-ġestjoni ġenerali tal-faċilitajiet, il-provvista tal-ikel, il-ġestjoni delegata tal-kuntratti u l-kontroll regolatorju, għall-kwartieri ġenerali ta’ PARIĠI 2024.

⁹ <https://ess2024.org>

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

Il-proċess tal-akkwist tnieda fil-ħarifa tal-2019 bħala proċedura nnegozjata b'sejħa għall-kompetizzjoni skont l-Artikoli L. 2124-3 u R. 2124-3 tal-Kodiċi Franċiż dwar l-Akkwist Pubbliku.

Matul l-ewwel stadju tal-proċedura, l-operaturi ekonomiċi ntalbu mill-awtorità aġġudikanti sabiex jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni sal-4 ta' Ottubru 2019.

Is-sejħa ġiet iddefinita b'mod oġġettiv, u kienet miftuħa għall-intrapriżi interessati kollha, irrispettivament mill-forma ġuridika jew mill-Istat Membru ta' stabbiliment. Il-kandidati ġew ivvalutati fuq il-bażi ta' 3 kriterji:

- Kapaċità professjonali (40 %).
- Kapaċità teknika (40 %).
- Kapaċità finanzjarja (20 %).

Fit-tieni fażi tal-proċedura (immedija fl-aħħar ta' Ottubru 2019), il-kandidati magħżula ssottomettew l-offerti inizjali tagħhom, li ġew ivvalutati skont il-kriterju MEAT. 30 % tal-punteġġi ngħataw għall-prezz, filwaqt li 70 % għall-kwalità u għal kriterji oħra (inklużi 10 % attribwiti għall-kwalità, għall-iġjene, għas-sigurtà u għar-rispett għall-ambjent u 5 % għall-lppjanar tal-Progress u tal-Innovazzjoni).

Il-kriterju "lppjanar tal-Progress u tal-Innovazzjoni" kellu l-għan li jidentifika kif it-twassil tas-servizzi jista' jiġi organizzat sabiex jiġi żgurat mudell ta' twassil imtejjeb, b'enfasi partikolari fuq il-fatturi kritiċi li jinfluwenzaw il-kwalità, il-kost u l-prestazzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva.

Fi tmiem il-fażi tal-applikazzjoni, intgħażlu żewġ kumpaniji sabiex jagħmlu żjara fil-binjiet ikkonċernati mill-proċedura tal-akkwist u jissottomettu offerta: Samsic u Arteis. Mal-wasla tal-offerti, il-Kumitat li Jorganizza l-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' Pariġi 2024 iltaqa' maż-żewġ kandidati magħżula għan-negozjati. Fil-konklużjoni tan-negozjati, l-offerenti ssottomettew l-offerti finali tagħhom, li ġew ivvalutati fuq il-bażi tal-istess kriterji użati għall-valutazzjoni tal-offerti inizjali. Il-kuntratt ingħata lil Arteis. Vitaservices, intrapriża soċjali għall-integrazzjoni tal-ħaddiema, hija sottokuntrattur ta' Arteis.

Vitaservices hija parti mill-[Grupp Vitamine T](#) li l-missjoni tiegħu hija li jinkludi fis-suq tax-xogħol persuni qiegħda fit-tul, refulġjati, applikanti għall-ażil, ġenituri waħedhom bi tfal, żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs), ħaddiema anzjani li qed jaffaċċjaw diffikultajiet sabiex jadattaw mill-ġdid il-ħiliet tagħhom jew jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, u persuni f'riskju ta' faqar jew li jgħixu f'żoni żvantaġġati.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, il-fornituri huma meħtieġa li:

- Jirrispettaw il-leġiżlazzjoni soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar l-impjeg ta' persuni b'diżabilità.
- Jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.
- Jippromwovu l-inklużjoni u l-iżvilupp tar-riżorsi umani (jiġifieri jimpjegaw persuni minn gruppi vulnerabbli jew żvantaġġati, jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u jtejbu l-ħiliet, speċjalment ta' persuni minn gruppi vulnerabbli, isaħħu l-oportunitajiet indaqs għall-impjeg).
- Jieħdu azzjoni sabiex itejbu l-iżvilupp ekonomiku lokali (jiġifieri joħolqu u jżommu impjegji ġodda, sħubijiet ma' atturi lokali, u proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw ħiliet u know-how fil-qasam tal-ospitar tal-Olimpijadi ta' Pariġi)
- L-offerenti jintalbu jippreżentaw l-azzjonijiet li bihom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-istrateġija tas-CSR promossa mill-awtorità aġġudikanti.

Il-fornituri huma mistiedna jippreżentaw lill-awtorità kontraenti l-miżuri kollha stabbiliti sabiex jissodisfaw dawn l-obbligi. L-awtorità kontraenti tista' titlob lill-fornitur fi kwalunkwe ħin sabiex jagħti evidenza tal-miżuri meħuda.

Verifika

Fil-fażi tal-applikazzjoni, l-offerenti u s-sottokuntratturi kellhom jissottomettu rapport tekniku dettaljat li juri r-riżorsi umani, il-materjali u t-tekniki kollha li jużaw għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. L-offerenti ġew mistiedna jistabbilixxu proċessi u azzjonijiet sabiex joħolqu valur għall-persunal tagħhom u għall-komunità, li jikkonċernaw b'mod partikolari:

- Il-governanza ġenerali tal-kumpanija;
- L-impjeg ta' persuni fraġli jew żvantaġġati;
- Il-promozzjoni tal-ugwaljanza professjonali bejn l-irġiel u n-nisa;
- L-iżvilupp ta' ħiliet tal-persunal, b'mod partikolari l-kapaċitajiet u l-impjegabbiltà ta' gruppi vulnerabbli jew żvantaġġati; u
- Id-diversità u l-opportunitajiet indaqs fuq ix-xogħol.

L-awtorità kontraenti tivverifika l-eżekuzzjoni tal-kuntratt permezz ta' laqgħat mal-kuntrattur, u permezz ta' rapporti ta' attività ta' kull xahar, trimestrali u annwali. Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi jridu jirrapportaw il-punti msemmija hawn fuq matul il-laqgħat ta' progress mal-awtorità kontraenti u fir-rapporti ta' attività.

Il-prestazzjoni tiġi mmonitorjata b'żewġ tipi ta' indikaturi: indikaturi operatorji u indikaturi ewlenin tal-ġestjoni. L-indikaturi operatorji se jiġu mmonitorjati kull xahar u se jindirizzaw l-elementi li ġejjin:

- Ir-rispett għal-livelli ta' kwalità
- Il-konformità mal-ħinijiet tar-rispons
- Il-monitoraġġ tal-manutenzjoni preventiva
- Id-disponibbiltà tat-tagħmir
- in-numru ta' lmenti
- Il-konformità mar-regoli dwar is-sikurezza

Kull indikatur jiġi evalwat minn 0 sa 10 punti, għal ammont totali massimu ta' 100. Fil-każ li r-riżultati miksuba jiġu vvalutati anqas minn 80, jiġu applikati penali (iddefiniti matul l-iffirmar tal-kuntratt).

L-indikaturi ewlenin tal-ġestjoni se jiġu mmonitorjati matul il-laqgħa ta' rieżami trimestrali u annwali u ta' rieżami tal-kuntratt. L-indikaturi se jkejlu l-eżekuzzjoni kumplessiva tal-kuntratt: sodisfazzjon tal-klijenti; reattività; proattività; kontroll tas-servizzi; pjanijiet ta' progress. L-offerenti kellhom jipproponu l-pjanijiet tagħhom ta' monitoraġġ u ta' kejl, li kellhom jiġu miftiehma mal-awtorità kontraenti.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt jipprevedi kemm sehem ta' somma f'daqqa kif ukoll ordni ta' xiri u sehem sussegwenti mill-kuntratt. Dan jiġi konkluż mingħajr valur jew kwantità minima jew massima.

Is-servizzi soġġetti għall-kuntratt jitħallsu:

- F'konformità mal-iskeda tal-prezz unitarju annessa mal-ftehim tal-kuntratt, għall-parti eżegwita permezz ta' ordnijiet ta' xiri.
- F'konformità mas-somma f'daqqa tad-disaggregazzjoni globali u fissa (DPGF) annessa mal-ftehim tal-kuntratt, għall-parti eżegwita fis-somma f'daqqa.

- F'konformità mal-ammont tas-somma f'daqqa tal-kuntratt sussegwenti, għall-parti eżegwita minn kuntratti sussegwenti.

Il-prezzijiet mhumiex soġġetti għal reviżjoni.

Il-valur tal-kuntratt ta' sottokuntrattar bejn Arteis u Vitaservices huwa ta' EUR 80 850 għal durata minima ta' 11-il xahar u ta' EUR 132 200 għal durata massima ta' 18-il xahar. Wara 11-il xahar, il-kuntratt jista' jiġġedded fuq bażi ta' kull xahar, sal-aħħar ta' Mejju 2021.

Strument

- L-Art. 70 (dwar il-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) u l-Art. 71 (dwar is-sottokuntrattar) tad-Direttiva 2014/24/UE
- Pariġi 2024 "Strateġija ta' Legat u ta' Sostenibbiltà", li tirrikjedi li l-fornituri kollha jimpenjaw ruħhom f'4 oqsma tas-CSR (l-iġjene, l-ambjent, is-sikurezza okkupazzjonali u l-aspetti soċjali), u jippreżentaw fl-offerti tagħhom azzjonijiet speċifiċi tas-CSR għal valur soċjali u ambjentali miżjud.
- L-awtorità aġġudikanti akkumpanjat id-dokumenti tal-kuntratt b'Regolament dwar in-Negozjati, li jistabbilixxi regoli għall-proċedura partikolari tan-negozjati.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Kumitat li Jorganizza PARIĠI 2024 għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku
- Parteċipanti fin-negozjati: Samsic u Arteis
- Kuntrattur: Arteis
- Sottokuntrattur: Vitaservices, intrapriża soċjali għall-integrazzjoni tal-ħaddiema
- Attur ta' appoġġ: Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-ESS

Impatti soċjali

- Matul l-ewwel sitt xhur tal-operat tagħha (minn Mejju 2018), il-Pjattaforma tal-ESS 2024 kisbet dan li ġej:
 - ingħataw 20 kuntratt lil intrapriżi tal-ekonomija soċjali u tas-solidarjetà f'diversi oqsma (il-forniment tal-ikel, il-konsultazzjoni u l-loġistika).
 - 350 u aktar organizzazzjoni tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà pparteċipaw f'workshops u f'laqgħat dwar it-twettiq ta' Pariġi 2024.
 - Żewġ seminars internazzjonali ma' Londra 2012 u ma' Rio 2016 għall-iskambju u għat-tixrid ta' prattiki tajbin.
 - 40 sieħeb huma involuti fl-attività tal-pjattaforma tal-ESS 2024.
 - Tnedija tal-pjattaforma tal-ESS 2024 fit-territorju Franċiż kollu f'Ottubru 2019.
- L-appoġġ u s-servizzi tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-ESS kienu utli, peress li Vitaservices rebħet il-kuntratt. Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-ESS iffaċilitat il-laqgħa bejn Vitaservices u l-offerent Arteis, kif ukoll ma' Vitaservices u mal-Uffiċjal Kap tax-Xiri ta' PARIĠI 2024. Il-Pjattaforma għandha wkoll rwol importanti ħafna fis-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet kontraenti dwar l-ispeċifiċitajiet tal-integrazzjoni fix-xogħol ta' ħaddiema żvantaġġati.
- Vitaservices kellha timpjega sitt impjegati mill-kuntrattur preċedenti. Dan huwa obbligu li jeżisti fi Franza sabiex ikunu protetti l-impjegati tal-fornituri ta' servizzi tat-tindif. Barra minn hekk, Vitaservices impjegat kap tat-tim u persuna li hija meqjusa bħala ħaddiem żvantaġġat skont l-Art. 20 tad-Direttiva 2014/24/UE. Vitaservices tissostitwixxi l-impjegati li jkunu fuq leave minħabba l-mard, fuq btala, fuq liv tal-paternità, tal-maternità jew tal-ġenituri ma' persuni li jkunu qegħdin isegwu perkorsi ta' integrazzjoni fix-xogħol.

Benefiċċji oħra

Hemm potenzjal kbir għar-replikar ta' din l-inizjattiva fost l-awtoritajiet kontraenti f'pajjiżi oħra, assoċjazzjonijiet sportivi jew korporazzjonijiet li jorganizzaw avvenimenti atletiċi, kulturali eċċ. fuq skala kbira, kif ukoll fost awtoritajiet pubbliċi li jagħtu xogħlijiet pubbliċi fuq skala kbira.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-aktar tagħlima kruċjali meħuda mill-inizjattiva ġenerali tidher li hija l-importanza ta' kunsens mifruq u fuq diversi livelli fir-rigward tal-inklużività u tas-sostenibbiltà bħala għan primarju. Għall-Olimpijadi ta' Pariġi 2024, l-inklussività u s-sostenibbiltà jinsabu fil-qalba u fl-identità tal-Logħob. Dan l-approċċ viżjonarju ispira impenn kollettiv wiesa'.
- L-eżempju tal-“Ġestjoni tal-Faċilitajiet” juri kemm l-użu tas-sottokuntrattar huwa għodda utli sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' operatori ekonomiċi żgħar u ta' daqs medju, inklużi intrapriżi soċjali. B'xorti ħażina, PARIĠI 2024 ma għandhiex “faċilitaturi” li jissorveljaw kif il-proċess ta' integrazzjoni fix-xogħol iseħħ fil-prattika matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, fost kompiti oħra li jwettqu. Għalkemm dawn huma previsti mil-liġi Franċiża f'kuntratti akbar, mhux l-awtoritajiet kontraenti kollha fi Franza għandhom ir-riżorsi sabiex jipprovdu faċilitaturi.

Kuntatt

Is-Sa Yoko Youssouf, Maniġer tal-Programmi, Yunus Center, yoko.youssouf@yunusssporthub.com

Is-Sur Baptiste Odin, Responsable Développement Ile-de France, il-Grupp VitamineT, baptiste.odin@groupevitaminet.com

SETTUR 2. Il-Kostruzzjoni

11. L-użu ta' tikketti ta' partijiet terzi sabiex jiġi żgurati it-twassil ta' ġebel naturali soċjalment responsabbli għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Id-Distrett ta' Friedrichshain-Kreuzberg, Berlin, il-Ġermanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kostruzzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Meta ġie għar-ripavimentar ta' Mehringplatz fl-2018-2019, id-distrett ta' Friedrichshain-Kreuzberg f'Berlin iddeċieda li jsaħħa l-akkwist soċjalment responsabbli tiegħu billi jniedi sejħa għall-offerti pilota għal ġebel naturali responsabbli ċertifikat. Dan intgħażel bħala punt fokali minħabba l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema li ħafna drabi jiġu osservati fis-settur, inklużi riskji serji għas-saħħa u għall-ħajja għal dawk li jaħdmu fl-estrazzjoni u fil-proċessar, kif ukoll prattiki ta' tħaddim tat-tfal, nuqqas ta' ħlas u nuqqas ta' miżuri tas-saħħa u tas-sikurezza.

Skont l-Att ta' Berlin dwar is-Sejħiet għall-Offerti u l-Akkwist, il-kuntratturi huma obbligati juru konformità mal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali. Madankollu, id-dipendenza preċedenti fuq l-awtodikjarazzjonijiet ma kinitx qed tipprovdni evidenza affidabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Friedrichshain-Kreuzberg iddeċieda li jagħmel aktar użu mit-tikketti ta' kwalità li ġew żviluppatti f'dawn l-aħħar snin sabiex tintwera l-konformità mal-istandards tal-ILO u ma' standards oħra, bħat-tikketti [Xertifix](#)¹⁰ jew [Fair Stone](#)¹¹, jew ma' standards ekwivalenti.

Suġġett

Rikostruzzjoni ta' Mehringplatz

Stadju tal-akkwist u kriterji

Fi ħdan l-offerta tagħhom, l-offerenti kienu meħtieġa jindikaw f'liema pajjiżi/ territorji jiġi estratt u mmanifatturat il-ġebel li se jużaw għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, u jippreżentaw dikjarazzjoni li biha jieħdu impenn li jfornu ġebel li jikkonforma mal-istandards soċjali u tax-xogħol kollha li huma msemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Jekk din id-dikjarazzjoni ma tiġix ippreżentata, l-offerta ma tiġix ikkunsidrata aktar.

L-offerenti ntabu jipprovdni ċertifikati jew prova ekwivalenti li l-ġebel ikun ġej minn faċilitajiet responsabbli tal-estrazzjoni u tal-manifattura meta jissottomettu offerti. Għal ġebel miġjub minn pajjiżi elenkati fil-lista

¹⁰ L-għan ta' Xertifix huwa li jiġi miġġieled it-tħaddim tat-tfal u ta' skjavi fl-estrazzjoni u fil-proċessar tal-ġebel naturali f'pajjiżi bħall-Indja, iċ-Ċina u l-Vjetnam. It-tikketta tigarantixxi l-konformità mal-istandards soċjali minimi, fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tal-prattiki fil-barrieri u fl-impjanti kollha tal-proċessar involuti fil-pajjiżi ta' oriġini. Hemm disponibbli wkoll tikketta Xertifix PLUS, b'rekwiżiti addizzjonali. Il-faċilitajiet tal-produzzjoni kollha li ngħataw tikketta Xertifix jiġu spezzjonati darbtejn fis-sena.

¹¹ Fair Stone huwa Standard Soċjali internazzjonali għall-importazzjonijiet tal-ġebel naturali minn swieq emerġenti u fil-fażi tal-iżvilupp. Din it-tikketta tingħata lil prodotti li jiġu mmanifatturati f'konformità mal-Konvenzjonijiet Ewlenin tax-Xogħol tal-ILO, li huma traċċabbli bis-software Tracing Fair Stone, u li jikkunsidraw miżuri tas-saħħa u tas-sikurezza u miżuri ambjentali.

tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp tad-DAC (lista tal-OECD tal-pajjiżi kollha bi dħul baxx jew medju)¹², il-konformità mal-istandards soċjali meħtieġa tista' tiġi pprovata jew permezz ta':

- Pussess taċ-ċertifikat Xertifix
- Pussess taċ-ċertifikat Fair Stone
- Pussess tal-provi l-oħra kollha, b'informazzjoni dettaljata u speċifika għall-prodott ekwivalenti għall-istandards meħtieġa, soġġetti għal verifika indipendenti.

Barra minn hekk, peress li l-kuntratturi f'dan is-settur ġeneralment jixtru biss ġebel wara li jkun ingħata l-kuntratt, il-prova finali tal-konformità mal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali tista' tiġi pprovduta biss mal-kunsinna tal-ġebel.

Il-kuntrattur magħżul huwa meħtieġ li b'mod esklussiv jakkwista ġebel naturali għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt minn attivitajiet tal-barrieri u tal-proċessar li jikkonformaw b'mod ċar mal-istandards ewlenin kollha tal-ILO (elenkati hawn taħt – "Objettiv ta' politika soċjali u/jew standard ta' referenza"). Barra minn hekk, il-kuntrattur irid jieħu impenn li jkompli jtejjeb fl-istandards tax-xogħol u soċjali addizzjonali li ġejjin:

- Is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għall-ħaddiema (ilbies protettiv, minimizzar tal-kuntatt mas-silika u ma' trab minerali oħra)
- Il-ħlas tal-pagi minimi statutorji f'konformità mar-rekwiżiti fil-pajjiż tal-estrazzjoni u tal-proċessar

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Il-projbizzjoni tax-xogħol furzat skont il-Konvenzjonijiet Nru 29 u Nru 105 tal-ILO
- Il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-protezzjoni tad-dritt ta' organizzazzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 87 tal-ILO u tad-Dritt għal Negozjar Kollettiv f'konformità mal-konvenzjoni Nru 98 tal-ILO
- Il-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal skont il-Konvenzjonijiet 138 u 182 tal-ILO
- Il-ħlas ta' pagi ugwali għal xogħol ugwali f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 100 tal-ILO u n-nondiskriminazzjoni fl-impjieg u fl-okkupazzjoni, kif iddefinit fil-Konvenzjoni Nru 111 tal-ILO.

Verifika

Evidenza tal-konformità mal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali trid tingħata meta jiġu sottomessi offerti u mal-kunsinna tal-ġebel, fil-forma ta' ċertifikat minn organizzazzjoni ta' ċertifikazzjoni indipendenti (jew prova ekwivalenti li tissodisfa l-kundizzjonijiet elenkati), li jikkonferma li l-istandards soċjali ġew i-verifikati fl-operazzjonijiet tal-barrieri u tal-manifattura li pprovdew il-ġebel.

Il-kuntrattur li jwettaq ix-xogħol irid ikollu dokumentazzjoni kompleta u verifikabbli għall-ispezzjoni, disponibbli sabiex jippreżentaha lill-awtorità kontraenti fuq talba. Jekk il-kuntrattur jikser kwalunkwe obbligu kuntrattwali, tista' tiġi applikata penali ta' 1 % tal-valur tal-kuntratt għal kull ksur, jew f'każ ta' diversi ksur, sa 5 % tal-valur tal-kuntratt.

Jekk il-kuntrattur jitlef iċ-ċertifikazzjoni tiegħu bħala fornitur responsabbli minħabba kondotta ħażina tiegħu stess, l-awtorità kontraenti jkollha d-dritt li ttejjem il-kuntratt, u l-kuntrattur ikollu jħallas l-ispejjeż li jirriżultaw lill-awtorità kontraenti, b'mod partikolari l-ispiża sabiex terġa' tinfetaħ is-sejħa għall-offerti.

Strument

¹² Dan l-approċċ jista' jiġi ġġustifikat taħt il-prinċipju ta' trattament ugwali, li jirrikjedi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti, u sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat. F'dan il-każ, il-profil tar-riskju differenti fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tax-xogħol li japplika fil-pajjiżi żviluppatti u fil-fażi tal-iżvilupp huwa kkunsidrat li jiġġustifika t-trattament differenti tagħhom fil-kwestjonarju.

- L-Art. 43 dwar it-tikketti tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Is-sejħa għall-offerti tissodisfa wkoll u tisboq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Att ta' Berlin dwar is-Sejħiet għall-Offerti u l-Akkwist (BerlAVG, it-8 ta' Lulju 2010). 8.1 - l-ebda oġġett soġġett għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ma nkiseb jew għe mmanifatturat b'nuqqas ta' osservanza tal-istandards minimi stabbiliti fl-istandards ewlenin tax-xogħol tal-ILO¹³.

Atturi

Awtorità kontraenti: L-Uffiċċju Distrettwali ta' Friedrichshain-Kreuzberg

Organizzazzjonijiet ta' appoġġ: NGO dwar l-iżvilupp sostenibbli WEED

Impatti soċjali

- Bl-użu ta' tikketti ta' kwalità vverifikati b'mod indipendenti, Friedrichshain-Kreuzberg qed jiżgura li l-ġebel mixtri f'dan il-kuntratt jinġieb biss minn sorsi soċjalment responsabbli.
- Permezz tal-promozzjoni ta' verifika indipendenti fis-settur tal-estrazzjoni u tal-proċessar tal-ġebel, dan jgħin sabiex tiżdied it-trasparenza f'settur fejn spiss iseħħ ksur tad-drittijiet soċjali u tal-ħaddiema, u jippromwovi standards li jmorru lil hinn mill-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Din is-sejħa għall-offerti tfittex li tindirizza t-tagħlima meħuda minn kuntratti preċedenti, li wriet li l-awtodikjarazzjonijiet waħidhom ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni sabiex jinformatu it-teħid affidabbli ta' deċiżjonijiet u jiżguraw li jintlaħqu l-ambizzjonijiet tar-responsabbiltà soċjali.
- L-użu ta' tikketti ta' kwalità appoġġati minn awdituri indipendenti huwa strateġija rilevanti f'firxa ta' setturi b'katina ta' provvista simili, bħal kuntratti ta' servizzi jew ta' xogħlijiet fejn il-kuntratturi jixtru biss il-materjali wara li jkunu ngħataw il-kuntratt.
- Friedrichshain-Kreuzberg talab ukoll aktar mir-rekwiżiti ewlenin tal-ILO. Huwa jemmen li sabiex jinxtrow prodotti verament soċjalment responsabbli huwa neċessarju li wieħed imur lil hinn minnhom f'termini ta' paga u ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali.

Kuntatt

Helena Jansen, Koordinatur tal-Politika Reġjonali tal-Iżvilupp, l-Uffiċċju distrettwali ta' Friedrichshain-Kreuzberg, Berlin, Helena.Jansen@ba-fk.berlin.de

¹³<http://gesetze.berlin.de/jportal/?quelle=jlink&query=VergabeG+BE&psml=bsbeprod.psml&max=true&aiz=true>

12. *Ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg permezz ta' klawżoli dwar l-integrazzjoni fix-xogħol*

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Département ta' Ille-et-Vilaine, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kostruzzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fl-2018, id-Dipartiment ta' Ille et Vilaine ppubblika sejħiet għall-offerti għal tliet skejjel ġodda fil-muniċipalitajiet ta' Guipry-Messac, ta' Laillé u ta' Bréal-Sous-Montfort. Klawżoli obligatorji dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt relatati mal-integrazzjoni soċjali u professjonali ġew inklużi f'kull wieħed minnhom, f'konformità mal-Art. 30 tal-Ordni 2015-899 ta' Franza dwar l-akkwist pubbliku (minn dak iż-żmien 'l hawn issositwita bl-[Ordni 2018-1074](#), li hija integrata fil-Kodiċi dwar l-Akkwist Pubbliku).

Suġġett

Kostruzzjoni ta' tliet skejjel ġodda

Stadju tal-akkwist u kriterji

Flimkien, it-tliet kuntratti nqasnu fi 52 lott, li 28 minnhom kienu jinkludu klawżoli obligatorji dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti li jeħtieġu l-impjieg ta' persuni li jsibu diffikultajiet partikolari ta' integrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 38-1 tal-Ordinanza (2015-899) (li tiddikjara li l-kunsiderazzjonijiet soċjali huma aċċettabbli, dment li jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt).

Id-deċiżjoni dwar liema lottijiet għandhom jinkludu klawżoli dwar l-impjieg kienet iggwidata mid-dipartimenti tekniċi u mill-Pjattaforma tal-Klawżoli Soċjali - tim dedikat li jassisti fl-integrazzjoni tal-klawżoli dwar ix-xogħol. L-ewwel nett, il-lottijiet irid ikollhom rekwiżiti kbar ta' ħaddiema (xi lottijiet huma relatati ma' attivitajiet tekniċi ħafna, u jeħtieġu biss ftit ħaddiema b'ħiliet għolja). It-tieni nett, l-awtorità kontraenti trid tkun ċerta li l-ħaddiema mhux kwalifikati jew kwalifikati jkunu jistgħu jinstabu fost l-udjenza fil-mira, sabiex tiżgura li l-kuntratt ikun jista' jiġi eżegwit, u li l-klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ikunu jistgħu jiġu ssodisfati.

Sabiex jappoġġa lill-offerenti f'dan, Ille et Vilaine pprovda l-gwida "Attivazzjoni tal-Klawżoli ta' Integrazzjoni Soċjali" tiegħu għall-kumpaniji bħala anness għas-sejħa għall-offerti. Dan jispjega kif inhu ddefinit it-terminu "persuni li jiltaqgħu ma' diffikultajiet partikolari ta' integrazzjoni", u fih id-dettalji ta' kuntatt ta' organizzazzjonijiet li jistgħu jappoġġaw ir-reklutaġġ minn kull wieħed minn dawn il-gruppi.

Persuni li jsibu diffikultajiet ta' integrazzjoni huma ddefiniti kif ġej:

- benefiċjarji tal-"Introjtu Attiv ta' Solidarjetà" ("RSA") (jiġifieri persuni li jfittxu impjieg) u d-dipendenti tagħhom;
- Persuni li jfittxu impjieg għal żmien twil (dawk reġistrati bħala qiegħda għal aktar minn 12-il xahar);
- Ħaddiema rikonoxxuti bħala diżabbli (kif iddefiniti mill-artikolu L 5212-13 tal-Kodiċi tax-Xogħol);
- Il-benefiċjarji tal-Benefiċċju ta' Solidarjetà Specifica (SSA), il-Benefiċċju għall-Adulti b'Diżabilità (AAH) u l-Benefiċċju għad-Diżabilità;
- Żgħażaġħ taħt li kisbu livell edukattiv anqas mil-"Livell 5" ta' Franza (jiġifieri mingħajr aktar taħriġ jew livell edukattiv mil-huq lil hinn mil-livell tal-iskola);

- Nies li jwettqu kors fl-SIAE (Structures d'insertion par l'Activité Economique – ġabra ta' assoċjazzjonijiet, ta' workshops u ta' siti ta' integrazzjoni jew ta' kumpaniji ta' integrazzjoni temporanja, li għandhom ftehimiet mal-Istat sabiex jappoġġaw lil ħaddiema b'diffikultajiet soċjali u professjonali;
- Persuni impjegati fil-GEIQ (Groupement d'Employeurs pour l'Insertion et la Qualification – grupp ta' kumpaniji impenjati li jipprovdu taħriġ u esperjenza għall-ħaddiema);
- Il-benefiċarji ta' kuntratti ta' professjonalizzazzjoni jew ta' apprendistat.

Għal kull kuntratt ta' kostruzzjoni ta' skola, in-numru ta' sigħat ta' impjieg ta' integrazzjoni ġie ddefinit għal kull lott, li jvarja minn 105 sa 860 siegħa f'lottijiet b'hal xogħol tal-mastrudaxxa, tibjid, xogħlijiet elettriċi u titjib tal-pajsaġġ. L-offerti li ma ħadux impenn li jissodisfaw dawn il-klawżoli kienu kkunsidrati irregolari u ġew esklużi mill-kompetizzjoni. Malli jingħata l-kuntratt, l-operatur ekonomiku kien meħtieġ jissottometti proposti lill-awtorità kontraenti dwar kif ippjana li jissodisfa l-klawżoli tal-impjieg fi żmien sebat ijiem, billi jlesti l-anness "taqsima ta' inserzjoni" mad-dokumenti tal-kuntratt.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Mill-2005, id-Département ta' Ille-et-Vilaine ntrabat li jintegra l-klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku tiegħu u li jippromwovi l-akkwist etiku, ekwu u ambjentalment responsabbli. Il-Politika dwar ix-Xiri Sostenibbli tiegħu ġiet adottata f'Ġunju 2018, u sal-2021, Ille et Vilaine għandu l-għan li jiġġenera 70 000 siegħa ta' xogħol annwali fil-kuntratti pubbliċi permezz tal-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali fil-kuntratti u l-użu ta' sejħiet għall-offerti riżervati. Fl-2018, qabeż din il-mira annwali, u laħaq 80 556 siegħa ta' klawżoli ta' impjieg għal 355 persuna.

Verifika

Ille et Vilaine stabbilixxa sistema għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-klawżoli soċjali fil-kuntratti kollha tiegħu. Twaqqfet kummissjoni ta' monitoraġġ (li tinkludi rappreżentanti li jaħdmu f'funzjonijiet relatati mal-akkwist, mal-integrazzjoni, mal-iżvilupp soċjali lokali, mal-edukazzjoni u mal-ambjent), li hija inkarigata mill-verifika tal-progress u tal-ippjanar tal-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali fi proċeduri ta' akkwist fil-ġejjieni.

Valur tal-kuntratt

It-28 kuntratt għall-kostruzzjoni ta' tliet skejjel li rriżultaw minn lottijiet bi klawżoli soċjali jirrappreżentaw ammont totali ta' EUR 22 374 885 eskluża l-VAT, allokatu kif ġej:

- Skola sekondarja ta' Guipry-Messac: EUR 7 591 457 eskluża l-VAT;
- Skola sekondarja ta' Laillé: EUR 8 008 063 eskluża l-VAT;
- Skola sekondarja ta' Bréal sous Montfort: EUR 6 775 365 eskluża l-VAT.

Strument

- L-Art. 70 dwar il-kondizzjonijiet għat-tweqqif ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Département d'Ille-et-Vilaine
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali: Pjattaforma ddedikata għall-Klawżoli Soċjali, li tappoġġa lix-xerrejja sabiex jużaw klawżoli, u tipprovdi lill-kumpaniji b'sett ta' għodod li jgħinjom jimplimentaw il-klawżoli (inklużi definizzjonijiet u dettalji ta' kuntatt għal organizzazzjonijiet ta' appoġġ), u tista' wkoll tgħin lil xi kumpaniji sabiex ifittxu kandidati. Fil-kulleġġ ta' Guipry, pereżempju, il-Pjattaforma kienet qed tappoġġa b'mod attiv lill-organizzazzjonijiet tal-integrazzjoni u tal-impjieg sabiex jiżguraw opportunitajiet ta' impjieg għall-klijenti tagħhom fis-sit tal-kostruzzjoni.

- Fornituri kuntrattati: 22 kumpanija (inklużi tliet kumpaniji li rebħu żewġ lottijiet u kumpanija waħda li rebħet erba' lottijiet)

Impatti soċjali

- Il-kuntratt ingħata f'Marzu 2019. Huwa mistenni minimu ta' 7 230 siegħa ta' impjeg għall-benefiċċju tal-gruppi fil-mira bħala riżultat ta' dawn it-tliet proġetti ta' kostruzzjoni. Se ssir valutazzjoni fi tmiem il-proġett sabiex dan jiġi vverifikat.
- Mill-offerenti rebbieħa, 16 huma bbażati fid-dipartiment u l-bqija huma bbażati f'postijiet oħra fi Franza.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Jistgħu jinqalgħu diversi diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-klawżoli soċjali, inkluż l-ibbilanċjar tal-ħtiġijiet ta' impjeg imbassra ma' rekwiżiti flessibbli dwar is-sit tax-xogħol, u l-ġestjoni tal-aspettattivi tal-kumpanija tal-grupp fil-mira tal-impjegati.
- In-nuqqas ġenerali ta' mobilità tal-grupp fil-mira (jiġifieri li ma jkollux aċċess għall-karozzi jew li ma jkunx kapaċi jaffordja l-fjuwil) jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kapaċità tiegħu li jaċċessa ċerti siti tal-kostruzzjoni. Din hija problema speċjalment għal dawk barra mill-Belt u mill-agglomerazzjoni, lil hinn min-networks tat-trasport pubbliku.
- Tim iddedikat għall-klawżoli soċjali kellu rwol importanti fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-klawżoli soċjali. Dan kien il-muftieħ għas-suċċess.
- Il-klawżoli dwar l-integrazzjoni fix-xogħol issa qed jintużaw minn ħafna awtoritajiet pubbliċi fi Franza, u qed isaħħu r-rwol tal-akkwist pubbliku bħala lieva sabiex jiġu appoġġati l-impjegati u l-integrazzjoni. Minbarra l-kostruzzjoni, dawn jistgħu jiġu applikati għat-tipi kollha ta' kuntratti, inklużi sejħiet għall-offerti għal servizzi u għall-ġestjoni tal-proġetti.

Kuntatt

Marie-Eve Depasse, Uffiċjal tal-Politika, Département d'Ille-et-Vilaine, clausessociales@ille-et-vilaine.fr

13. **Bini ta' Pont b'Benefiċċji għall-Komunità**

Status: Finalizzat

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Windsor-Detroit Bridge Authority (WDBA), il-Kanada

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Xogħlijiet tal-inġinerija ċivili/tal-kostruzzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Gordie Howe International Bridge se jkun punt ta' qsim ġdid tal-fruntiera bejn il-bliet ta' Windsor, Ontario, il-Kanada, u Detroit, Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerika. Il-pont eżistenti bin-nollijiet, li jgħorr kważi 30 % tal-kummerċ tal-merkanzija totali bejn il-Kanada u l-Istati Uniti, huwa ta' proprjetà privata u nfetaħ fl-1929. Ladarba jinbena, il-pont il-ġdid se jkollu l-itwal medda ta' kwalunkwe pont sostnut b'kejbils fl-Amerika ta' Fuq. Barra minn sitt korsiji għat-traffiku tal-karozzi, il-pont jinkludi passaġġ b'diversi użi għaċ-ċiklisti u għall-persuni mixjin fit-triq, kif ukoll faċilitajiet ta' spezzjoni fil-fruntiera f'kull tarf. Il-kostruzzjoni bdiet fl-2018, u l-pont huwa mistenni li jinfetaħ fl-2024.

Sa mill-bidu tal-proġett, dan tqies bħala opportunità sabiex jinkisbu benefiċċji għall-komunità. Il-benefiċċji għall-komunità huma vantaġġi identifikati li jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali għall-partijiet ikkonċernati lokali. Żewġ żoni fuq kull naħa tal-fruntiera (Sandwich f'Windsor u Delray f'Detroit) ġew identifikati bħala żoni fil-mira partikolari għal dawn il-benefiċċji. Pereżempju, il-proġett se jgħin ukoll sabiex it-traffiku jiġi dirett mill-ġdid 'il bogħod mit-toroq taċ-ċentru tal-Belt ta' Windsor, u b'hekk inaqqas il-konġestjoni. L-inklużjoni tal-benefiċċji għall-komunità fi proġetti infrastrutturali hija tendenza li qed tikber fil-Kanada, u l-Gordie Howe International Bridge juri r-rwol vitali tal-konsultazzjoni mal-poplu lokali fid-definizzjoni u fit-twassil ta' dawn il-benefiċċji.

Suġġett

Disinn, bini, finanzjament, operar u manutenzjoni tal-Gordie Howe International Bridge

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-proġett qed jitwettaq permezz ta' [sħubija pubblika-privata](#) (PPP). Qabel l-akkwist, Ftehim Internazzjonali dwar il-Qsim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Istat ta' Michigan stabbilixxa linji gwida għall-proġett, inklużi l-benefiċċji għall-komunità li għandhom jinqasnu b'mod ugwali bejn iż-żewġ pajjiżi. Il-proċess tal-akkwist beda fl-2015 u inkluda diversi stadji sabiex jiġi żviluppat u rfinut l-approċċ tal-benefiċċji għall-komunità:

- Qabel l-akkwist, id-WDBA rriċerka l-aħjar prattika internazzjonali fit-twassil ta' benefiċċji għall-komunità għal proġetti simili;
- Mill-2015 sal-2017, id-WDBA mexxiet impenn u konsultazzjoni fuq skala kbira mar-residenti lokali, man-negozji, mal-iskejjel, mal-gruppi indiġeni, mal-aġenziji pubbliċi, mal-gruppi mingħajr skop ta' qligħ, mal-attivisti ambjentali u soċjali u ma' partijiet konċernati oħra;
- Fl-istadju tal-kwalifika, l-offerenti potenzjali ġew evalwati fuq il-bażi tal-esperjenza preċedenti tagħhom relatata mal-iżvilupp u mal-eżekuzzjoni tal-pjanijiet ta' benefiċċju għall-komunità u mal-proċessi ta' konsultazzjoni tal-komunità;
- Id-WDBA żviluppat bażi ta' *data* li tiġbor aktar minn 230 idea unika għall-benefiċċji għall-komunità li għandhom jiġu inklużi fil-proġett u din ġiet kondiviża mal-konsorzji tal-offerti;
- Il-konsorzji tal-offerti ġew mistiedna jwettqu l-impenn tagħhom stess man-nies lokali, u saret sensjela ta' avvenimenti "ltaqa' mal-offerenti", li għalihom attendew 125 grupp differenti li jirrappreżentaw il-partijiet konċernati lokali;

- It-Talba għal Proposti (RfP) stabbiliet qafas u prijoritajiet għall-għajnuna fl-iżvilupp tal-Pjanijiet tal-Benefiċċji għall-Komunità tal-offerenti.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-viżjoni għall-Benefiċċji għall-Komunità fuq il-proġett tal-Gordie Howe International Bridge hija li titwettaq sensiela ta' inizjattivi, ibbażati fuq il-kontribut mill-pubbliku, li joħolqu benefiċċji li jistgħu jitkejlu għall-komunitajiet ospitanti. Il-pjan se:

- Jipprovdi opportunitajiet ekonomiċi fil-komunitajiet ospitanti;
- Jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-programmi ta' żvilupp tal-forza tax-xogħol;
- Iġib titjib fil-*viċinat*¹⁴; u
- Jiżgura impenji u responsabbiltà ċari mill-partijiet kollha għat-twettiq tiegħu.

Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, jiġu applikati l-prinċipji tal-qafas tal-"KURA-I":

Integrati - Il-Benefiċċji għall-Komunità huma komponent integrali tal-Proġett imwettaq matul il-perjodi ta' kostruzzjoni u ta' operat.

Kollaborattivi - Il-Benefiċċji għall-Komunità jirriflettu l-kontribut tal-komunitajiet ospitanti u jitwasslu permezz ta' sħubijiet, filwaqt li jiżguraw li jitqiesu l-interessi tal-komunitajiet rispettivi.

Aċċessibbli - Il-Benefiċċji għall-Komunità huma faċli sabiex jinftiehem, faċilment aċċessibbli, jitkejlu b'mod regolari u jiġu rrapportati pubblikament.

Reġjonali - Il-Benefiċċji għall-Komunità jirriflettu l-karattru tar-reġjun, huma mfassla speċifikament għar-reġjun u jipprovdu valur għar-reġjun.

Intraprenditorija - Il-Benefiċċji għall-Komunità huma magħmula minn metodi ġodda, minn ideat u minn approċċi innovattivi sabiex jinvolvu u jibbenefikaw lill-komunitajiet ġirien.

Verifika

Il-Pjan ta' Benefiċċji għall-Komunità kien jifforma parti mill-[Ftehim tal-Proġett](#) ffirmit mid-WDBA u mill-konsorzju rebbieħ, Bridging North America (BNA). Fl-istadju ta' wara l-akkwist, malli ntgħażel, BNA ppreżenta l-pjan tiegħu lill-gruppi komunitarji u lil partijiet konċernati oħra u wettaq konsultazzjoni oħra wara sitt xhur sabiex jikkonferma l-attivitajiet proposti fil-Pjan u jifforma sħubijiet għall-eżekuzzjoni. Matul din il-fażi, saru aktar minn 70 laqgħa fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera b'total kombinat ta' aktar minn 1 000 persuna li attendiet u 400 sħarriġ riċevuti u analizzati.

Matul il-fażi tat-twettiq tal-proġett, BNA se jirrapporta kull xahar lid-WDBA dwar il-benefiċċji għall-komunità. Il-Benefiċċji għall-Komunità se jiġu rrapportati wkoll f'livell pubbliku erba' darbiet fis-sena. Numru ta' metriċi speċifiċi huma inklużi fil-Ftehim tal-Proġett, pereżempju, l-parametraġġ referenzjarju tal-pagi mħallsa lill-ħaddiema, ir-reklutaġġ ta' persuni indiġeni u l-kuntrattar ma' negozji li huma proprjetà tagħhom, u l-għoti ta' opportunitajiet ta' taħriġ, ta' preapprentistat u ta' apprentistat.

Valur tal-kuntratt

CDN 5,7 biljun (EUR 3,8 biljun)

Strument

¹⁴ It-titjib fil-*viċinat* miksub permezz tal-proġett huwa relatat mal-impatt tiegħu fuq il-komunitajiet affettwati u jifforma parti mill-proġett kif iddefinit fid-dokumenti tal-akkwist.

Il-Ftehimiet dwar il-Benefiċċji għall-Komunità (CBAs) huma ftehimiet legali bejn il-gvern, l-iżviluppaturi/is-sidien, u l-partijiet konċernati tal-komunità sabiex jiksibu eżiti soċjali definiti minn żviluppi ewlenin u minn proġetti infrastrutturali. Fil-Kanada, is-CBAs jifformaw parti mill-maġġoranza tal-proġetti ffinanzjati mill-Programm [Investing in Canada Infrastructure Programme](#). Din l-inizjattiva ta' CDN 180 biljun (EUR 120 biljun) tipprovdi finanzjament fuq ħames flussi ta' infrastruttura ta' prijorità: it-tranżitu pubbliku, l-infrastruttura ekoloġika, l-infrastruttura soċjali (eż. l-akkomodazzjoni, il-kura tat-tfal affordabbli), il-kummerċ u t-trasport, u l-komunitajiet rurali u tat-Tramuntana.

Atturi

- Awtorità kontraenti: WDBA (awtorità kontraenti)
- Sħab Strateġiċi (taħt Ftehim ta' Qsim): Il-Gvern tal-Kanada; L-Istat ta' Michigan
- Gruppi tal-komunità: Partijiet konċernati tal-komunità ta' Detroit; Partijiet konċernati tal-Komunità ta' Windsor
- Kuntrattur: Bridging North America (BNA) (konsorzju magħmul minn kumpaniji Kanadiżi, Amerikani u internazzjonali)
- Sottokuntratturi

Impatti soċjali

Il-Pjan dwar il-Benefiċċji għall-Komunità għandu żewġ komponenti:

1. L-Istrateġija għall-Iżvilupp u għall-Parteċipazzjoni tal-Forza tax-Xogħol

L-Istrateġija għall-Iżvilupp u għall-Parteċipazzjoni tal-Forza tax-Xogħol tinkludi aktar minn 80 inizjattiva separata. Eżempji tal-benefiċċji li għandhom jinkisbu jinkludu:

- Ħidma ma' għaqdiet lokali u ma' organizzazzjonijiet għall-iżvilupp tal-forza tax-xogħol sabiex jipprovdu programmi ta' preapprestitat u ta' apprenjistat u sabiex jikkoordinaw it-taħriġ;
- L-organizzazzjoni u l-ospitar ta' sessjoni annwali sabiex jiġu informati l-għaqdiet, il-kuntratturi lokali, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni postsekondarja, is-sidien tan-negozji u l-assoċjazzjonijiet dwar kif jistgħu jappoġġaw it-twassil tal-proġett u jikkwalifikaw għal opportunitajiet kummerċjali futuri;
- Serje ta' kelliema sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost l-istudenti tal-iskola primarja u sekondarja dwar il-proġett kif ukoll il-karrieri fis-snaġġa, u sabiex jiġu ffaċilitati l-opportunitajiet ta' mentoraġġ bejn l-istudenti u l-persunal tal-proġett;
- L-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' opportunitajiet ta' kollokament għal riċerka u għal apprenjistat għall-istituzzjonijiet postsekondarji;
- L-implimentazzjoni ta' prattiki u ta' dispożizzjonijiet ġusti dwar ir-reklutaġġ tal-ħaddiema, inkluża r-riżoluzzjoni f'waqtha ta' kwistjonijiet relatati mal-impjegi u ta' obbligi ta' ħlas fil-pront;
- L-għoti ta' opportunitajiet ta' mentoraġġ lil Nisa Indiġeni Kanadiżi u lil nisa oħra fil-komunitajiet ospitanti;
- L-appoġġ għal parti mill-ispejjeż tal-indukrar tat-tfal sabiex persuni qiegħda jew sottoimpjegati jkunu jistgħu jipparteċipaw f'workshops u f'opportunitajiet ta' taħriġ tal-proġett (fi ħdan kriterji stabbiliti);
- L-għoti ta' possibbiltà lill-kelliema li l-Ingliż huwa t-tieni lingwa tagħhom (ESL) sabiex jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' taħriġ għal intervisti tax-xogħol, f'għodod ta' tiftix online, fil-ħolqien ta' CVs u fil-proċess ta' reklutaġġ.

2. Strateġija tal-Infrastruttura tal-Viċinat

L-Istrateġija tal-Infrastruttura tal-Viċinat tinkludi l-benefiċċji li ġejjin:

- L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu, inkluża l-espansjoni tal-passaġġi ta' konnessjoni u kompetizzjoni lokali għad-disinni għall-ixkafef tar-roti;
- Pjattaforma ta' osservazzjoni li tippermetti lill-istudenti, lir-residenti u lit-turisti josservaw il-konstruzzjoni tal-pont;
- It-titjib tat-toroq u tal-ġonna lokali, inkluż it-tħawwil ta' siġar u l-finanzjament ta' avvjament għal passaġġ ekoloġiku (pont) li jipprovdi passaġġ sikur għall-organiżmi selvaġġi fiż-żona, li jinkludu speċijiet f'riskju;
- Benefiċċju ta' investiment annwali għall-gruppi komunitarji sabiex jappoġġaw l-avvenimenti, il-programmazzjoni u t-titjib fl-infrastruttura tagħhom;
- Sensiela ta' workshops dwar l-iżvilupp tan-negozji mmirati lejn in-negozji lokali;
- Programm ta' tiswija tad-djar li jgħin lir-residenti lokali jtejbju s-soqfa, il-fuklari, it-twieqi u l-iżolament sa limitu għal kull unità domestika.

L-ewwel rapport pubbliku dwar l-impatt tal-benefiċċji għall-komunità tal-Gordie Howe Bridge se jiġi ppubblikat fl-2020. L-ewwel ħarġa ta' finanzjament għal inizjattivi komunitarji appoġġat proġett tal-arti għall-komunità f'Windsor li jimmira l-involviment taż-żgħażaġh u jirrifletti l-istorja u l-kultura tal-komunità, programm ta' żvilupp tan-negozji sabiex jappoġġa lil negozji żgħar u ġodda fil-Lbiċ ta' Detroit, u diversi inizjattivi oħra. Il-finanzjament mogħti sa Marzu 2020 ammonta għal aktar minn CDN 475 000.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Filwaqt li saret konsultazzjoni estensiva qabel u matul il-proċess ta' akkwist, kien diffiċli li ma jkunx hemm il-possibbiltà li jinqasmu r-rekwiżiti tal-RFP jew il-Pjanijiet dwar il-Benefiċċji għall-Komunità sottomessi sakemm il-proġett jilħaq il-fażi tal-għeluq finanzjarju ("financial close"). Wara l-għeluq finanzjarju, il-konsorzju rebbieħ kellu jstabilixxi l-operazzjonijiet tiegħu, jimpjega l-persunal, isib uffiċċji u jagħmel it-tranżizzjoni mill-offerti għall-eżekuzzjoni.
- Stephanie Campeau, id-Direttur tad-WDBA tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Konċernati, temmen li x-xogħol li sar fl-istadji bikrija tal-ippjanar sabiex jinbnew il-konnessjonijiet u l-fiduċja mal-gruppi lokali kien siewi hekk kif il-profil tal-proġett kompli jikber. "Sabiex ikollok benefiċċji għall-komunità li verament jaħdmu u li jiġu aċċettati min-nies lokali, trid tibda minn kmieni," qalet, "l-aħjar ħaġa li qatt qaluli kienet 'Int tajtna widen'."

Kuntatt

Stephanie Campeau, id-Direttur tad-WDBA tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Konċernati, info@wdbridge.com, 1-519-946-3038

Sit web tal-proġett: <http://gordiehoweinternationalbridge.com>, Twitter: @GordieHoweBrg Facebook: @GordieHoweBridge

14. Inklużjoni fix-xogħol permezz ta' kondizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti f'Castilla y León (Spanja)

Status: Finalizzat

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Gvern ta' Castilla y León (id-Dipartiment tas-Saħħa reġjonali), Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kostruzzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Permezz tal-[Ftehim 44/2016 tiegħu tal-21 ta' Lulju July](#), il-gvern reġjonali ta' Castilla y León stabbilixxa dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) fi proċeduri ta' kuntrattar imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi reġjonali. Dan il-Ftehim jipprovdi għall-applikazzjoni ta' klawżoli soċjali fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku permezz ta' kriterji soċjali, permezz ta' kuntratti riżervati u permezz ta' miżuri li jiffaċilitaw l-impjeg ta' persuni esklużi mis-swieq tax-xogħol.

Din il-proċedura speċifika kellha l-għan li tipprovdi opportunitajiet ta' impjeg lil persuni li jappartjenu għal gruppi żvantaġġati jew li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali bil-konsegwenza li jkollhom possibbiltajiet batuti li jsibu impjeg. Il-kuntratt kien jeħtieġ l-impjeg ta' persuni f'dawn il-gruppi bħala kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Il-gruppi ta' nies fil-mira ta' din il-proċedura ta' akkwist kienu l-biċċa l-kbira ta' dawk elenkati fil-Ftehim tal-2016 [it-taqsima II.1 tal-Anness I), l-ittri (a) sa (f)].

Suġġett

Espansjoni u modifika retroattiva ta' sptar fil-Belt ta' Soria (Castilla y León, Spanja).

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-proċedura kienet tinkludi kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, relatata mal-impjeg ta' persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Din kienet tkopri total ta' 14 600 siegħa (70 siegħa fil-gimġha x 4,34523 gimġhat/xahar x 48 xahar). L-inklużjoni ta' persuni żvantaġġati kellha sseħħ permezz ta' kuntratti ta' impjeg b'durata minima ta' 3 xhur (jista' jintlaħaq qbil dwar durata iqsar mill-awtorità kontraenti għal partijiet speċifiċi tax-xogħlijiet li jdumu anqas minn 3 xhur) u tal-anqas 20 siegħa fil-gimġha.

Persuni eliġibbli sabiex iwettqu x-xogħlijiet skont din id-dispożizzjoni jistgħu jkunu jappartjenu għal kwalunkwe wieħed mill-gruppi li ġejjin:

- dawk li jirċievu introjtu minimu jew membri ta' unità domestika li jibbenefikaw minn introjtu minimu.
- persuni li mhumiex eliġibbli għal introjtu minimu minħabba li t-tul tar-residenza ma jkunx biżżejjed sabiex jikkwalifikaw għal introjtu minimu jew li jkunu temmew it-tul kollu tal-benefiċċji ta' introjtu minimu.
- żgħażaġh ta' bejn it-18 u t-30 sena li kienu taħt protezzjoni tat-tfal; delinkwenti minorenni li jkollhom aktar minn 16-il sena u ex delinkwenti li jkollhom anqas minn 30 sena.
- persuni bi problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew b'forom oħra ta' dipendenza li bħalissa qed jirċievu kura.
- delinkwenti u ex delinkwenti b'intitolament legali għax-xogħol.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-għoti ta' opportunitajiet ta' impjeg lil persuni li ma għandhomx aċċess għas-swieq tax-xogħol jew li huma f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Verifika

Qabel il-bidu tax-xogħlijiet, l-offerent rebbieħ kellu jissottometti pjan li kien jistipula kif tiġi implimentata l-inklużjoni fix-xogħol, inkluż it-tip ta' impjegati u ta' kompiti li għandhom jitwettqu mill-impjegati.

Sabiex jagħti prova tal-konformità mal-kundizzjoni ta' prestazzjoni msemmija hawn fuq, l-offerent rebbieħ kellu jissottometti d-dokumenti li ġejjin għal kull impjegat ġdid li jibbenefika mill-inklużjoni fi żmien xahar mill-kollokament tiegħu:

- Kuntratt ta' impjeg, li jiddikjara t-tip, id-durata u l-ħinijiet tax-xogħol tiegħu.
- Prova tar-reġistrazzjoni fis-sistema tas-sigurtà soċjali.
- Identifikazzjoni tal-impjegat b'evidenza ta' esklużjoni soċjali maħruġa minn aġenzija pubblika tas-servizzi soċjali.

L-offerent kellu jakkumpanja kull rapport ta' ħidma mwettqa b'dikjarazzjoni li ma kien hemm l-ebda tibdil fil-pjan ta' inklużjoni fix-xogħol miftiehem.

Valur tal-kuntratt

EUR 32,1 miljun fuq 48 xahar

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- [Il-Ftehim 44/2016, tal-21 ta' Lulju](#), tal-gvern reġjonali ta' Castilla y León, li jistabbilixxi linji gwida obbligatorji għall-awtoritajiet kontraenti li jappartjenu lil korpi governattivi reġjonali lejn akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Castilla y León
- Fornitur ta' servizz kuntrattat
- Persuni impjegati
- Servizzi soċjali pubbliċi: L-offerent rebbieħ huwa liberu li jagħżel l-impjegati li se jwettqu x-xogħol taħt il-programm ta' inklużjoni tax-xogħol dment li dawn ikunu jappartjenu għal xi wieħed mill-gruppi eliġibbli. Fuq talba tal-offerent, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jirreferu kandidati xierqa permezz ta' aġenziji tas-servizzi soċjali operati mid-Dipartiment tal-Familja u Opportunitajiet Indaq tal-gvern reġjonali li qed jittrattaw il-gruppi eliġibbli ta' persuni f'riskju ta' esklużjoni.

Impatti soċjali

- L-objettiv ewlieni tad-dispożizzjoni huwa li jiżiedu l-opportunitajiet ta' integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji ta' opportunitajiet ta' inklużjoni fix-xogħol.
- Il-kuntrattur irid jaħtar persuna fi ħdan it-tim inkarigat mis-supervizzjoni u mill-akkumpanjament tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol sabiex jiżgura s-suċċess tal-kollokamenti. Din il-persuna hija l-persuna ta' referenza għall-awtorità kontraenti matul il-monitoraġġ ta' din il-kundizzjoni ta' prestazzjoni.
- Fi tmiem il-kuntratt, il-kuntrattur jiltaqa' mal-awtorità kontraenti sabiex jivvalutaw il-programm ta' inklużjoni fix-xogħol, il-progress li jkun sar fl-impjegabbiltà tal-benefiċjarji, il-ħiliet miksuba u l-isfidi ffaċċjati. Se tiġi esplorata wkoll l-integrazzjoni tal-benefiċjarji bħala impjegati permanenti, kif ukoll il-

kontinwazzjoni ta' programmi ta' inklużjoni fix-xogħol bħal dawn fi ħdan il-prattiki tal-impjegji tal-kuntrattur. Anki rappreżentanti mid-Dipartiment reġjonali tal-Familja u tal-Opportunitajiet Indaq jistgħu jieħdu sehem f'valutazzjonijiet bħal dawn.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

L -awtoritajiet kontraenti spiss ikollhom riżervi kontra l-użu ta' tali proċeduri minħabba r-riskju ta' kontestazzjoni legali. B'riżultat ta' dan, esperjenzi pijunieri jistgħu jagħtu bidu għal azzjoni sinifikanti. Dan il-kuntratt huwa l-ewwel wieħed ta' dan it-tip u ġie rreplikat fi proċeduri oħra ta' kuntrattar maħruġa mill-Gvern Reġjonali ta' Castilla y León. Fost dawn hemm:

- Kostruzzjoni ta' dar għall-kura tal-anzjani u ta' ċentru ta' indukrar f'Salamanca
- (A2019/001392, link għall-proċedura tinsab [hawnhekk](#)). Dan il-kuntratt jipprevedi 8 680 siegħa xogħol għall-persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali u jinkludi n-nisa affettwati mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala grupp fil-mira.
- Il-bini ta' ċentru tal-kura tas-saħħa primarja f'Calzada de Vanduciel (Salamanca) (2020008538, link għall-proċedura tinsab [hawnhekk](#)), inklużi 1 140 siegħa xogħol.
- Il-bini ta' ċentru tal-kura tas-saħħa primarja (Parada del Molino) f'Zamora (2020008470, link għall-proċedura tinsab [hawnhekk](#)), inklużi 1 520 siegħa xogħol.
- Il-bini ta' ċentru tal-kura tas-saħħa primarja f'Bembibre (León) (2020008470, link għall-proċedura tinsab [hawnhekk](#)), inklużi 1 370 siegħa xogħol.

L-isfida ewlenija li għandna quddiemna hija l-promozzjoni tal-infurzar tal-klawżoli tal-inklużjoni fix-xogħol bħala kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' impjeg offriti mill-korpi kontraenti taħt is-superviżjoni tal-Gvern Reġjonali ta' Castilla y León, kull meta d-durata u l-baġit ta' dawn ix-xogħlijiet jagħmluha fattibbli. Il-mira prevista hija li tal-anqas 3 % tan-numru totali ta' sigħat maħduma fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt jitwettqu minn ħaddiema li jibbenefikaw minn programm ta' inklużjoni fix-xogħol.

Kuntatt

Is-Sa María del Rocío Andrés, Konsulent Legali għall-Koordinazzjoni tas-Servizz, id-Dipartiment tal-Familja u tal-Opportunitajiet Indaq, Junta de Castilla y León, mrocio.andres@jcy.es, +34 983 410 942

15. Xogħlijiet fit-toroq għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Eurometropole ta' Strasburgu (awtorità lokali), Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kostruzzjoni, xogħlijiet fit-toroq.

Introduzzjoni/ objettivi tal-akkwist

Il-Belt u l-Eurometropole ta' Strasburgu ilha aktar minn għoxrin sena timplimenta klawżoli soċjali fil-kuntratti ta' akkwist pubbliku tagħha, li jiġu analizzati sistematikament billi jitqiesu l-għan ta' kull kuntratt, il-ħaddiema meħtieġa u l-kapaċità teknika. Din is-sistema, li tista' tiġi rreplikata minn kwalunkwe awtorità lokali, ġiet imsaħħa bl-applikazzjoni tal-Istrateġija ta' Strasburgu għall-Promozzjoni ta' Xiri Soċjalment u Ambjentalment Responsabbli (SPASER).¹⁵

Fis-7 ta' April 2019, il-Eurometropole ta' Strasburgu [ppubblikat sejħa għall-offerti](#) sabiex tagħżel operaturi għat-tiswija ta' Rue Coulaux fil-viċinat tal-Port du Rhin. Dan kellu l-għan li jipprovdi opportunitajiet ta' impjieg għal persuni li huma mbiegħda mis-suq tax-xogħol, li jappartjenu għal gruppi żvantaġġati jew li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali bil-konsegwenza li jkollhom possibbiltajiet batuti li jsibu impjieg.

Suġġett

Ir-rinnovament ta' triq fil-viċinat tal-Port du Rhin fi Strasburgu, Franza.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

L-awtorità kontraenti nediet proċedura miftuħa anqas mil-limitu (Art. 27 tad-Digriet 2016-360 tal-25 ta' Marzu 2016) u qasmet il-kuntratt f'żewġ lottijiet.

Il-Lott 1 relatat mar-rinnovament tat-triq, li, f'konformità mal-Art. 38 u 52 tal-Ordinanza 2015-899 tat-23 ta' Lulju 2015 (il-liġi Franċiża), kien jeħtieġ li l-operaturi kuntrattati jieħdu impenn li jimpjegaw persuni "mbiegħda mis-suq tax-xogħol" (persuni fil-proċess ta' integrazzjoni fix-xogħol jew gruppi ta' prijorità li jiltaqqgħu ma' diffikultajiet partikolari sabiex ikollhom aċċess għall-impjieg)¹⁶ bl-għan ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Bħala kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt esklussivament għal-lott 1, l-operatur kuntrattat kellu jieħu impenn li jimpjega nies imbiegħda mis-suq tax-xogħol għal 245 siegħa matul id-durata sħiħa tal-kuntratt. L-opportunitajiet ta' impjieg matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt jippermettu lill-persuni impjegati jiksbu jew itejbu l-kwalifiki u l-esperjenza bl-għan li jżidu l-impjegabbiltà u l-integrazzjoni sostenibbli.

L-offerti ġew evalwati kif ġej:

¹⁵ SPASER huwa strument nazzjonali introdott mil-liġi nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku u mil-liġi dwar l-ekonomija soċjali li jirrikjedi li l-awtoritajiet lokali jonfqu aktar minn 100 000 fis-sena sabiex jadottaw strateġija dwar l-akkwist pubbliku soċjalment u ambjentalment responsabbli.

¹⁶ B'mod aktar speċifiku: zgħażaġh b'livell baxx ta' taħriġ; zgħażaġh li qatt ma ħadmu; persuni li qed ifittxu impjieg li jkunu ġew irreġistrati maċ-Ċentru tal-Impjegi għal aktar minn sena waħda b'mod kontinwu jew li kienu f'qgħad rikorrenti għal aktar minn sentejn jew li għandhom aktar minn 50 sena; il-benefiċjarji tal-benefiċċji soċjali, b'mod partikolari l-benefiċjarji tal-programmi RSA u A.S.S.; individwi li qed jiġu integrati fis-suq tax-xogħol permezz ta' Intrapriżi ta' Integrazzjoni fl-Ekonomija Soċjali (SIAE); ħaddiema b'diżabbiltà rikonoxxuti mill-Kummissjoni għad-Drittijiet u għall-Awtonomija tal-Persuni b'Diżabbiltà (CDAPH), eċċ.)

- Prezz tas-servizzi: 80 %
- Kapaċità teknika tal-kuntrattur: 10 %
- Prestazzjoni ta' ħarsien tal-ambjent: 10 %.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-għoti ta' opportunitajiet ta' impjieg għal individwi mbiegħda mis-suq tax-xogħol. Il-gruppi ta' persuni fil-mira ta' din il-proċedura ta' akkwist huma elenkati fil-Kundizzjonijiet Speċjali ta' Kuntratt (SCC).¹⁷

Verifika

Għal-lott 1 biss:

Matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, ir-Relais Chantiers¹⁸ jivverifikaw id-dokumenti li jistabbilixxu jekk hemmx promozzjoni ġenwina tal-impjieg fost il-gruppi ta' individwi rilevanti fuq talba tar-rappreżentant tal-Eurometropole ta' Strasburgu. Għal dan l-għan, fl-aħħar ta' kull trimestru, l-operatur kuntrattat jibgħat lir-Relais Chantiers l-informazzjoni relatata mas-servizz ta' "promozzjoni tax-xogħol", pereżempju:

- Informazzjoni dwar ir-reklutaġġ imwettaq direttament jew indirettament, inklużi l-payslips, iċ-ċertifikati ta' sottokuntrattar jew iċ-ċertifikati ta' forniment ta' persunal kollha fil-każ ta' reklutaġġ permezz ta' Intrapriżi ta' Integrazzjoni fix-Xogħol jew permezz ta' Intrapriżi ta' Integrazzjoni f'Xogħol Temporanju.
- Obbligi oħra ta' natura soċjali previsti mill-kuntratt, fejn applikabbli.

Għal dan l-għan, il-kuntrattur irid jaħtar interlokutor li jirrapporta lir-Relais Chantiers dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-impjieg ta' persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol. L-interlokutor huwa l-persuna ta' referenza għall-awtorità kontraenti matul il-monitoraġġ ta' din il-kundizzjoni ta' prestazzjoni.

Valur tal-kuntratt

EUR 366 657,46 (VAT mhux inkluża)

Strument

- Għalkemm huwa taħt il-livell limitu tal-UE, il-kuntratt jeħtieġ l-impjieg ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol bħala kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, f'konformità mal-Art. 70 tad-Direttiva 2014/24/UE kif ukoll qsim f'lottijiet, f'konformità mal-Art. 46 tal-qsim f'lottijiet, tad-Direttiva 2014/24/UE.
- [SPASER](#) – L-istrateġija ta' Franza għall-promozzjoni tal-akkwist pubbliku soċjalment u ambjentalment responsabbli

Atturi

¹⁷ Il-"Cahier des Clauses Administratives Particulières (CCAP)" huwa d-dokument kuntrattwali li fih l-istipulazzjonijiet legali u finanzjarji kollha li jirregolaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, bħat-termini ta' ħlas, il-finanzjament, kwalunkwe garanzija, terminu ta' kunsinna, penali, skadenza għall-eżekuzzjoni, proċedura ta' verifika, eċċ. L-SCC huwa wkoll id-dokument kuntrattwali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

¹⁸ Assoċjazzjoni pubblika-privata mwaqqfa sabiex timmaniġġja l-klawżoli dwar l-integrazzjoni fix-xogħol f'kuntratti ta' akkwist pubbliku f'isem l-awtoritajiet kontraenti fil-grupp ta' impjegi ta' Strasburgu.

- Awtorità Kontraenti: Eurometropole ta' Strasburgu
- Fornituri ta' servizzi kuntrattati
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali: Relais Chantiers
- Impjegati tal-offerent

Impatti soċjali

- L-objettiv ewlieni tal-proċedura huwa li jiżdiedu l-opportunitajiet ta' integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji ta' opportunitajiet ta' inklużjoni fix-xogħol. Id-*data* disponibbli mill-2015 mir-Relais Chantiers turi li mill-2010, permezz tal-implimentazzjoni ta' kuntratti bħal dak inkwistjoni, tlestew aktar minn 3,5 miljun siegħa xogħol (ekwivalenti għal aktar minn 450 kuntratt full-time fuq ħames snin).

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Evalwazzjoni tikkonferma li l-klawżoli soċjali li ntużaw fis-swieq tal-akkwist pubbliku tal-Belt għal ħafna snin huma pożittivi. Dan l-istudju ta' evalwazzjoni tal-futur tal-gruppi benefiċjarji jikkonferma li s-sistema twieġeb għat-tħassib dwar l-integrazzjoni u l-kwalifiki ta' persuni li huma mbiegħda mill-impjieg.
- B'mod partikolari, dan jindika li 55 % tal-gruppi li jibbenefikaw minn klawżola soċjali jkunu għadhom f'impjieg jew f'taħriġ minn 6 xhur sa 12-il xahar wara l-assenjazzjoni tagħhom, filwaqt li 39 % minnhom ikunu għadhom impjegati fil-kumpanija li tathom l-ewwel opportunità.

Kuntatt

Bruno Koebel, id-Deputat Direttur għall-effiċjenza u għall-affarijiet legali, il-Belt u l-Eurométropole ta' Strasburgu, Bruno.Koebel@strasbourg.eu

16. *Il-Mudell ta' Skien għall-kwalità tal-impjiegi fis-settur tal-kostruzzjoni*

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalitá ta' Skien, in-Norveġja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kostruzzjoni

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-Muniċipalitá ta' Skien għandha l-għan li tippromwovi xogħol deċenti u tiġġieled il-kriminalità relatata max-xogħol, id-dumping soċjali u l-isfruttament tal-ħaddiema tul il-ktajjen tal-provvista. Sabiex tagħmel dan, hija implimentat termini kuntrattwali standard, applikabbli għal oġġetti, għal servizzi u għal kuntratti ta' bini u ta' kostruzzjoni partikolari, li huma perċepiti bħala partikolarment sensitivi għad-drittijiet tal-ħaddiema. Dan is-sett ta' rekwiżiti kuntrattwali kollettivi applikabbli għas-setturi ta' "riskju għoli" jissejjaħ il-Mudell ta' Skien.

Il-Mudell ta' Skien ġie implimentat permezz ta' riżoluzzjoni tal-kunsill tal-Belt fl-2014, u ġie rieżaminat fl-2019. Sommarju tal-mudell (bin-Norveġiż) jista' jinstab [hawnhekk](#). Il-mudell huwa obbligatorju għall-kuntratti kollha ta' bini u ta' kostruzzjoni u jintuża fuq kuntratti għall-oġġetti u għas-servizzi dment li dan ikun Prattiku u proporzjonali.

Billi tippreċiża dawn l-istandards, Skien timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi fost il-fornituri u toħloq qafas ta' abilitazzjoni għal impjegaturi konformi li jinvestu f'impjiegi ta' kwalità u fir-responsabbiltá soċjali korporattiva.

Skien hija wkoll parti minn sħubija ta' akkwist intermuniċipali - il-Grenlandskommunenenes innkjøpsenhet - ma' ħames muniċipalitajiet oħra (Bamble, Drangedal, Kragerøe, Porsgrunn, Siljan). F'Jannar 2019, dawn il-muniċipalitajiet adottaw ukoll il-mudell ta' Skien.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-impjiegi informali u l-kriminalità relatata max-xogħol diffiċilment jistgħu jitkejlu, madankollu, huwa stmata li għandhom impatt ekonomiku ta' madwar 1,2 % tal-PDG nazzjonali, jew NOK 28 biljun (madwar EUR 3 biljun).¹⁹

Fid-dawl tal-isfidi marbuta mal-kriminalità relatata max-xogħol u mas-suq tax-xogħol illegali fi ħdan is-settur tal-kostruzzjoni, il-Muniċipalitá ta' Skien qiegħdet l-akkwist fil-qalba tal-inizjattivi tagħha favur xogħol deċenti, standards tax-xogħol ġusti u impjiegi ta' kwalità.

Il-Mudell ta' Skien huwa r-riżultat ta' sforz konġunt bejn il-Muniċipalitá ta' Skien bħala awtorità kontraenti u l-partijiet konċernati rilevanti l-oħra kollha fl-akkwist pubbliku. Saru diskussjonijiet ma' organizzazzjonijiet tan-negozju tal-kostruzzjoni, li kkondividew l-isfidi ewlenin li jaffaċċjaw fl-attività tagħhom, u mat-trade unions, li ressqu l-ideat tagħhom għal azzjonijiet u għal rekwiżiti ta' akkwist xierqa sabiex jinkisbu eżiti mtejba. L-awtoritajiet kontraenti rrikonoxxew il-ħtieġa li jittejbu l-istandards tax-xogħol filwaqt li jiġi żgurati li l-livell tar-rekwiżiti ma johlqox ostakli addizzjonali għall-parteciċipazzjoni ta' fornituri affidabbli fl-akkwist pubbliku.

Il-Muniċipalitá fittxet approċċ koordinat fost l-awtoritajiet kontraenti l-oħra li huma parti mis-sħubija tal-akkwist intermuniċipali dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet u l-istandards tax-xogħol permezz

¹⁹ Kif irrapportat minn Economics Norway, f'xogħol ikkummissjonat mill-Ministeru Norveġiż tax-Xogħol u tal-Affarijiet Soċjali: <https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/article/2017/norway-strategies-to-tackle-work-related-crime>

tal-akkwist. Dan irriżulta fil-foġkien ta' dispożizzjonijiet u ta' kuntratti standard li jiġġeneraw grad ogħla ta' prevedibbiltà fost il-fornituri kif ukoll ambjent operattiv sikur għall-prattikanti fl-akkwist.

Il-mudell jittratta l-oqsma li ġejjin²⁰:

- *L-użu ta' impjegati li huma primarjament stabbli*

Relazzjonijiet stabbli ta' impjeg, minn naħa waħda, jipromwovu aktar sigurtà fost il-ħaddiema u, min-naħa l-oħra, jagħmluha aktar faċli għall-awtoritajiet sabiex jivverifikaw il-ħlas tal-pagi mill-kuntratturi u jiżguraw is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali. Madankollu, is-settur tal-bini u tal-kostruzzjoni jeħtieġ ċertu grad ta' flessibbiltà minħabba l-volum li jvarja tal-proġetti jew iċ-ċiklu tas-suq. Għalhekk, il-Muniċipalità teħtieġ li l-ħaddiema involuti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti jridu jkunu impjegati mill-kuntratturi f'konformità mal-liġi Norveġiża, li tipprojbixxi "kuntratti ta' żero sigħat". Barra minn hekk, il-mudell jeħtieġ ukoll li l-użu ta' ħaddiema temporanji (forniti minn aġenziji tax-xogħol) jiġi approvat minn qabel mill-awtorità kontraenti. Barra minn hekk, il-fornituri huma obbligati jagħtu prova li l-ħaddiema temporanji użati fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ikollhom kuntratti ta' impjeg li jiżguraw livelli ta' ħlas skont ftehimiet kollettivi legalment vinkolanti.

- *Użu ta' apprendisti*

Sabiex tippromwovi l-ispeċjalizzazzjoni u l-livelli adegwati ta' taħriġ f'setturi rilevanti, il-Muniċipalità talbet użu speċifiku ta' apprendisti f'kuntratti li jinvolvu xogħol speċjalizzat. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-fornituri jkunu affiljati ma' skema ta' apprendistat.

Sabiex jiġi żgurat li dan ir-rekwiżit ma jaffettwax b'mod sproporzjonat kuntratti u fornituri iżgħar, japplika biss għal kuntratti b'durata ta' aktar minn 3 xhur u b'valur li jaqbeż in-NOK 0,5 miljun (madwar EUR 50 000) għal kuntratti ta' bini u ta' kostruzzjoni u b'valur li jaqbeż in-NOK 2 miljun (EUR 200 000) għal kuntratti għal oġġetti u għal servizzi. Kwalunkwe eċċezzjoni oħra trid tiġi approvata mill-Muniċipalità.

- *Użu ta' ħaddiema tas-sengħa*

Il-promozzjoni ta' kwalifiki adegwati u ta' livelli ta' ħiliet tillimita l-possibbiltà li jiġu sfruttati ħaddiema vulnerabbli li jkunu niqsin minn għarfien dwar is-sengħa jew dwar id-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-użu ta' apprendisti jesiġi ħaddiema tas-sengħa fuq il-post li jkunu kapaċi jaġixxu bħala mentors. Il-Mudell ta' Skien jeħtieġ li l-maġġoranza tal-impjegati involuti fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti ta' bini u ta' kostruzzjoni jkollhom kwalifika vokazzjonali rilevanti.

- *Limitu fuq in-numru ta' livelli ta' sottokuntratturi*

Limitazzjoni fuq in-numru massimu ta' sottokuntratturi tippermetti segwitu u kontroll aħjar tal-kundizzjonijiet u tal-istandards tax-xogħol applikati mill-awtorità kontraenti. Għal dan l-għan, il-Muniċipalità stabbliet bħala regola massimu ta' livell wieħed ta' sottokuntrattar taħt il-fornitur ewlieni. Filwaqt li ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq in-numru ta' sottokuntratturi jew fuq il-proporzjon tal-kuntratt sottokuntrattat, is-sottokuntratturi kollha jridu jkunu taħt kontroll dirett tal-kuntrattur ewlieni sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tar-responsabbiltà. Is-sottokuntratturi jridu jiġu identifikati fil-kuntratt.

Din id-dispożizzjoni tirrappreżenta ħtiġijiet possibbli ta' speċjalizzazzjoni f'kuntratt u ma ttellifx l-aċċess għall-akkwist pubbliku minn operatori iżgħar. Għalhekk, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħmlu eċċezzjonijiet għal din ir-regola qabel il-kompetizzjoni għal raġunijiet relatati mas-suq jew matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt għal raġunijiet speċjali jew imprevisti biss.

- *Prevenzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-katina kollha tal-provvista*

²⁰ Din il-verżjoni aġġornata tar-rapport tħalli barra paragrafu dwar l-elementi ta' sottokuntrattar ta' din il-prattika, li kien inkluż fil-verżjoni oriġinali. Il-paragrafu tneħħa minħabba dubji li tqajmu fir-rigward tal-legalità ta' dawn l-elementi.

Il-fornitur huwa obligat li jkun inkorpora linji gwida li jinkludu r-rispett għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u għall-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO fl-operazzjonijiet tiegħu stess u għall-katina tal-provvista tiegħu. Iridu jitwettqu miżuri ta' kontroll u jridu isiru rapporti dwar is-segwitu speċifiku tas-sottokuntratturi tul il-katina tal-provvista kollha. Minbarra dan ta' hawn fuq, il-Muniċipalità tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali:

- *L-ebda ħlas fi flus kontanti:* il-pagamenti kollha tal-pagi u ta' kumpens ieħor għandhom jitħallsu fil-kont bankarju tal-ħaddiem individwali. Il-pagamenti tal-pagi jridu jitħallsu f'kont bankarju, u l-impjegatur irid ikun jista' jitraċċa l-ħlas. Il-pagamenti kollha minbarra l-pagi li jsiru mill-fornitur b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt jitħallsu wkoll b'mezzi elettroniċi u jkunu traċċabbli. Il-fornituri huma obligati jidentifikaw il-bank tagħhom fuq talba.
- *Livelli tal-paga minima u kundizzjonijiet tax-xogħol:* Il-fornituri għall-Muniċipalità jridu jiżguraw li l-impjegati jgawdu pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol li ma jkunux anqas minn dawk mandati permezz tal-ftehimiet kollettivi rilevanti mal-pajjiż kollu dwar il-pagi.

Verifika

Ir-rekwiżiti huma parti mit-termini tal-kuntratt u, għalhekk, billi jieħdu sehem fil-kompetizzjoni, il-kuntratturi jieħdu impenn li jirrispettaw dawn it-termini matul il-perjodu tal-eżekuzzjoni.

Fuq talba, l-offerenti jridu jipprovdu dokumentazzjoni dwar il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-impjegati tagħhom. L-offerenti jridu jiċċertifikaw il-konformità mal-[Konvenzjoni Nru 94 tal-ILO dwar il-Klawżoli tal-Ħaddiema fil-Kuntratti Pubbliċi](#).

L-awtorità kontraenti tista' timponi penali ta' kuljum fuq l-offerenti jekk huma jew xi sottokuntratturi tagħhom jużaw ħaddiema illegali jew mhux konformi u s-sitwazzjoni ma tiġix irrimedjata qabel skadenza stabbilita mill-klijent bil-miktub. Il-penali ta' kuljum hija ekwivalenti għal wieħed minn elf mill-valur tal-kuntratt iżda mhux anqas minn NOK 1 000 (madwar EUR 100) għal kull jum tan-negozju sakemm tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.

Fil-każ ta' ksur konfermat tat-termini tal-Mudell u ta' nuqqas ta' kapaċità tal-kuntrattur li jsolvih, l-awtorità kontraenti tista' xxolji l-kuntratt b'perijodu ta' sospensjoni fuq il-parteċipazzjoni futura fi proċeduri ta' akkwist.

Valur tal-kuntratt

Jiddependi fuq il-kuntratti speċifiċi li jiġu offruti.

Strument

- L-Art. 18.2 dwar il-klawżola soċjali obligatorja u l-Artikolu 70 dwar il-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE. L-użu ta' dawn id-dispożizzjonijiet irid ikun konformi mad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema (id-Direttiva 96/71/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/957).

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Skien u s-servizzi, l-aġenziji, eċċ. tagħha
- It-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi (il-mudell huwa bbażat fuq kooperazzjoni tripartitika bejn il-muniċipalitajiet u s-sħab soċjali)
- Fornituri tal-bini u tal-kostruzzjoni
- Ħaddiema

Impatti soċjali

- Akkwist pubbliku effettiv u soċjalment responsabbli - u mudell li ispira lil muniċipalitajiet oħra sabiex jieħdu r-responsabbiltà.
- Il-bini tar-reputazzjoni pubblika billi tittieħed responsabbiltà soċjali.
- Il-protezzjoni tax-xogħol deċenti u t-titjib tal-kwalità tax-xogħol.
- Kontroll aħjar fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (ambjenti tax-xogħol aktar sikuri).
- Il-promozzjoni tat-taħriġ tal-apprendisti u tal-użu ta' ħaddiema tas-sengħa u ta' żieda fin-negozji reġjonali affiljati ma' skema ta' apprendistat.
- Il-promozzjoni ta' kuntratturi serji u affidabbli, li min-naħa tagħhom jagħtu stabbiltà, kwalità u prevedibbiltà.
- Kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi fost il-fornituri.
- Anqas evażjoni tat-taxxa u frodi - anqas kriminalità relatata max-xogħol.

F'rapport dwar l-isforzi sabiex jiġi eliminat id-dumping soċjali fl-akkwist pubbliku, l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jinnota li ħafna awtoritajiet lokali għandhom lok għal titjib f'dan il-qasam u rakkomanda li jiġi segwit l-eżempju ta' Skien. Fil-fatt, numru dejjem akbar ta' awtoritajiet lokali Norveġiżi qed jadottaw il-Mudell ta' Skien. Sal-2019 madwar 180 mill-426 muniċipalità fin-Norveġja implimentaw tipi differenti ta' mudelli ta' akkwist sabiex jiżguraw akkwist pubbliku soċjalment responsabbli. Il-Mudell ta' Skien huwa l-mudell pijunier, u hemm diversi mudelli differenti li jintużaw fil-muniċipalitajiet Norveġiżi. Xi mudelli jikkopjaw il-Mudell ta' Skien, oħrajn huma aġġustati sabiex jissodisfaw l-interessi u l-ħtiġijiet ta' oqsma, ta' fergħat u ta' politika differenti.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Id-djalogu mas-sħab soċjali u mal-partijiet konċernati fis-settur huwa essenzjali sabiex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti b'mod realistiku, u sabiex jiġu żgurati l-konformità u riżultati effettivi.
- Huwa importanti li jiġi adottat approċċ inkrementali għar-rekwiżiti. F'dan ir-rigward, l-istandards adottati fis-settur tal-bini u tal-konstruzzjoni jibnu fuq il-miżuri preċedenti meħuda mill-Muniċipalità, li ġew aċċellerati f'dan is-settur fid-dawl tar-riskji għoljin perċepiti ta' nuqqas ta' konformità.
- Il-klawżoli u l-kuntratti standard huma utli sabiex il-konformità mal-istandards tiġi operazzjonalizzata b'mod ġenerali. Standards komuni dwar kwistjonijiet ċentrali/orizzontali bħad-drittijiet tal-ħaddiema u l-kwalità tal-impjiegi huma kompatibbli mal-adattament tal-proċeduri għal ħtiġijiet speċifiċi mill-awtoritajiet kontraenti.
- Il-Mudell ġie rieżaminat fl-2019, sabiex jiġi aġġustat u jittejjeb fuq il-bażi tal-esperjenza prattika sal-lum, u sabiex ikun hemm konformità mal-liġi nazzjonali u taż-ŻEE wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-2014 dwar l-Akkwist. Il-Muniċipalità qieset kif il-mudell affettwa s-suq, il-ħaddiema u l-ħtiġijiet u l-politiki tal-muniċipalitajiet. Pereżempju, il-mudell bikri kien jeħtieġ li l-pagi jitħallsu f'kont bankarju Norveġiż. Madankollu, Skien staqsiet lilha nnifisha jekk dan kienx verament meħtieġ – il-Muniċipalità teħtieġ biss li tkun tista' tittraċċa l-flus, xi ħaġa li tista' ssir anki jekk il-kont bankarju ma jkunx Norveġiż. Barra minn hekk, il-verżjoni l-qadima tal-Mudell kienet teħtieġ biss l-użu ta' apprendisti minn kuntratturi Norveġiżi, iżda dan issa huwa rekwiżit ġenerali (meta hemm bżonn li jiġu promossi l-apprendisti.)

- Il-mudell se jiġi rieżaminat kull sentejn, sabiex jiġi aġġustat kif is-swieg u tinbidel u tiżviluppa l-kriminalità relatata max-xogħol, kif ukoll aġġustat għar-rekwiżiti mill-Muniċipalitá.
- Is-segwitu u l-kontroll tar-rekwiżiti tal-mudell huma sfida kontinwa. Id-diġitalizzazzjoni, l-informazzjoni f'ħin reali u l-ġbir sistematiku ta' *data* huma għodod kruċjali għal dan l-għan.

Kuntatt

Is-Sa Ingrid Buset, Fagforbundet (L-Unjoni Norveġiża tal-Impjegati Ġenerali u Muniċipali), Ingrid.Buset@fagforbundet.no

Is-Sa Anette Wessel Gerner, Kap tal-Unitá tal-Akkwist Intermuniċipali, il-Muniċipalitá ta' Skien, AnetteWessel.Gerner@skien.kommune.no

Is-Sur Jonas Bals, Konsulent, LO (Il-Konfederazzjoni Norveġiza tat-Trade Unions), Jonas.bals@lo.no

17. **Karta dwar l-Impjiegi ta' Gegegorman, l-Irlanda**

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Grangegorman Development Agency, l-Irlanda

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kostruzzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-Aġenzija għall-Iżvilupp ta' Grangegorman (minn hawn 'il quddiem GDA), flimkien mal-Koordinatur tal-Impjiegi u tat-Taħriġ u l-Forum dwar ix-Xogħol u l-Apprendiment ta' Grangegorman (GLLF), żviluppaw u implimentaw [Karta dwar l-Impjiegi ta' Grangegorman](#).

Wara [studju ta-2009](#) dwar l-opportunitajiet ta' impjieg li jirriżultaw mill-Iżvilupp ta' Grangegorman fil-Belt Interna fit-Tramuntana ta' Dublin, issawret strateġija li mbagħad ġiet żviluppata f'Karta. Din ġiet introdotta fl-2012, żmien ta' qgħad għoli fl-Irlanda (madwar 16 %) u saħansitra qgħad ogħla f'żoni madwar l-Iżvilupp ta' Grangegorman, li kien fihom komunitajiet li esperjenzaw livelli għolja ta' privazzjoni u ta' żvantaġġ. L-iżvilupp iffoka fuq it-twassil ta' infrastruttura edukattiva, tas-saħħa u tal-amenitajiet ewlenija. Fil-qalba tal-iżvilupp hemm il-konsolidazzjoni ta' TU Dublin, l-akbar Università tal-Irlanda fis-sit ta' Grangegorman. L-involviment tradizzjonali u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-komunità ta' TU Dublin kienu ta' għajjnuna kbira sabiex jinbena l-appoġġ għall-karta dwar l-impjiegi fil-komunitajiet tal-madwar u sabiex jiġu pprovduti elementi ta' appoġġ.

L-għan tal-Karta huwa li tiżgura li l-komunità lokali, b'mod partikolari l-individwi f'sitwazzjoni ta' qgħad, tkun tista' tibbenefika mill-opportunitajiet ta' impjieg li jirriżultaw mill-proġett ta' Grangegorman – li jinvolvi l-iżvilupp ta' żona urbana ġdida fil-Belt interna fit-Tramuntana ta' Dublin.

Il-Karta tistabbilixxi x'jistgħu jagħmlu l-kuntratturi u s-sottokuntratturi sabiex jottimizzaw l-opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ li jirriżultaw mill-proġett ta' Żvilupp ta' Grangegorman għar-residenti tal-viċinat ta' Grangegorman. Il-Karta tiddekrivi wkoll kif dan se jiġi mmonitorjat u rrapportat.

Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jingħataw kuntratti jiġu informati sabiex jiġi żgurat li jkollhom fehim ċar ta' dak li huwa meħtieġ minnhom f'termini ta' rapportar, inkluż ippanar bil-quddiem, u li jidentifikaw impjiegi potenzjali li għalihom jista' jsir reklutaġġ lokali. Il-Karta tapplika għall-kuntratturi għax-xogħol speċifiku li huwa s-suġġett ta' kuntratti mal-GDA. Hija mfassla sabiex tirrispetta d-drittijiet tal-kuntrattur skont id-dritt Irlandiż u Ewropew u għandha tiġi interpretata skont dawn.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-prattika tajba tirreferi għall-fażi ta' wara l-akkwist.

Id-dokumenti tas-sejħa għall-offerti jagħmlu referenza għall-Karta dwar l-Impjiegi ta' Grangegorman, li fiha kundizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratti relatati ma' kunsiderazzjonijiet soċjali. Il-Karta mhijiex vinkolanti u l-kumpanija kuntrattata tista' tagħżel jekk għandhiex timxi magħha jew le. S'issa l-kuntratturi kollha ntrabtu biha.

L-obbligi skont il-Karta japplikaw biss fir-rigward tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u tal-kuntratt. Il-GDA tfittex li tiżgura li tal-anqas 20 % tal-impjiegi l-ġodda maħluqa fuq proġetti relatati mal-iżvilupp il-ġdid jiġu offruti lir-residenti tal-viċinat ta' Grangegorman u, wara dawn, lir-residenti taż-żoni tal-madwar. Jekk il-kuntrattur jaqbel li jsegwi l-Karta, huwa jjeħu impenn li juża l-passi raġonevoli kollha sabiex jimla tal-anqas 10 % tal-impjiegi l-ġodda maħluqa għat-twassil tal-proġett ma' parteċipanti ġodda jew ma' persuni qiegħda fit-tul. Din se tittratta lill-persuni lokali bl-istess mod u tagħti kunsiderazzjoni speċifika lill-impjieg tagħhom.

Barra minn hekk, il-kuntrattur, fi żmien erba' ġimgħat mill-bidu tal-kuntratt u/jew qabel l-opportunitajiet ta' impjieg previsti, jipparteċipa f'"jum ta' laqgħa mal-Kuntrattur" (previst fl-Art. 5 tal-Karta dwar l-Impjiegi ta' Grangegorman). L-għan ta' dan il-jum huwa li jintroduċi l-proġett u l-kuntrattur lill-persuni lokali u lin-negozji

sabiex il-kuntratturi jkunu jistgħu jibnu network u jiżviluppaw opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ xierqa għar-residenti lokali.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-Karta dwar l-Impjieg tal-GDA hija miżura ta' appoġġ li għandha l-għan li tintegra lil persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol u lil persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol permezz tal-użu ta' kundizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt relatati ma' kunsiderazzjonijiet soċjali, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-Karta mill-kuntratturi.

Verifika

- It-Tim tad-Disinn tal-GDA huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Karta mill-kuntratturi u jirrapporta kif xieraq lill-Koordinatur tal-Impjieg.
- Isiru laqgħat ta' kull xahar bejn il-Koordinatur tal-Impjieg u l-Uffiċjal ta' Kollegament tal-kuntrattur għall-monitoraġġ u għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Karta.
- Il-Koordinatur tal-Impjieg jissorvelja u jirrevedi l-effettività tal-miżuri meħuda sabiex jintlaħaq kwalunkwe impenn jew mira tal-Kuntrattur skont il-Karta.
- L-Uffiċjal ta' Kollegament tal-Kuntrattur, flimkien mal-Koordinatur tal-Impjieg, jissorvelja wkoll u jirrapporta dwar in-numru ta' persuni lokali impjegati fil-proġett.

Valur tal-kuntratt

Ivarja minn kuntratt għal kuntratt

Strument

- L-Art. 70 dwar il-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Grangegorman Development Agency
- Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi rebbieħa, inklużi:
 - Kuntrattur 1: John Sisk & Son u FCC Construcción (sottokuntratturi: SISK, FCC, Sodexo, Building Management Services, Kennedy Security, Duggan Systems Ltd., Techrete Ireland & UK, Crown Roofing Ltd., Wintrop Engineering, Cleartech, Designer Group).
 - Kuntrattur 2: Energy Centre, John Paul Construction
 - Kuntrattur 3: Purcell Construction

Impatti soċjali

- Ir-riġenerazzjoni strutturali u soċjali tal-viċinat ta' Grangegorman għal futur sostenibbli għar-residenti u għan-negozji lokali;
- L-inklużjoni soċjali billi jiġu offruti opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ lill-gruppi soċjali emarġinati;
- Peress li l-komunità lokali hija involuta fl-iżvilupp, ġie żviluppat sens ta' sjieda lokali tal-proġett. Bis-saħħa ta' dan l-approċċ, il-proġett irċieva impenn u appoġġ mill-komunità lokali;
- Hoġq sinerġija bejn l-interessi pubbliċi u privati għall-benefiċċju tal-komunità ta' Grangegorman;
- L-ottimizzazzjoni tal-opportunitajiet ta' impjieg u ta' taħriġ li jirriżultaw mill-proġett ta' Żvilupp ta' Grangegorman;

- Appoġġ permezz ta' taħriġ, ta' apprendistati u ta' opportunitajiet ta' impjeg għal persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari individwi qiegħda fit-tul;
- Il-konformità titkejjel fuq bażi ta' xahar b'xahar billi jiġi kkalkolat in-numru ta' impjegati lokali fi kwalunkwe xahar b'rabta man-numru totali ta' impjegati fuq il-post għal dak ix-xahar. Ħaddiema individwali ma jiġux identifikati u jiġi segwit biss il-perċentwal ta' ħaddiema lokali f'kull xahar. Numri medji fis-sit fis-sena: 2015 – 130 totali/24 lokali, jiġifieri 19 % kienu impjegati lokali; 2016 – 49 totali/8 lokali, jiġifieri 17 %; 2017 – l-ebda kostruzzjoni; 2018 – 275 totali/35 lokali, jiġifieri 13 %; 2019 – 760 totali/76 lokali, jiġifieri 10 %²¹. Dan it-tnaqqis jirrifletti t-titjib gradwali tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fir-rati tal-qgħad fl-Irlanda. B'riżultat ta' dan, il-Karta adattat ruħha sabiex tolgot nies li jkunu mbiegħda mis-suq tax-xogħol u li jkollhom ħtiġijiet ta' appoġġ aktar speċifiċi.

Benefiċċji oħra

- Il-mudell ġie rreplikat mit-Technological University (TU) Dublin, u dan juri t-trasferibbiltà ta' din il-prattika tajba;
- Id-dettalji tal-kuntratturi li jaħdmu fuq l-lżvilupp ta' Grangegorman huma ppubblikati wkoll fuq is-sit web tal-GDA stess (www.ggda.ie/employment-and-training) li tippermetti lin-nies, inklużi dawk li jgħixu lil hinn mill-firxa ġeografika tal-Karta, jikkuntattjaw lill-impjegaturi direttament jekk jixtiequ;
- Il-ħidma bejn l-aġenziji bħala riżultat tal-Karta, jiġifieri is-sottokuntrattur/il-kuntrattur jinnotifika lill-Koordinatur tal-Impjiegi dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, dan il-Koordinatur imbagħad jgħaddi d-dettalji lil Intreo (id-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Impjiegi u tal-Protezzjoni Soċjali), li jiċċirkolahom lill-aġenziji rilevanti, bħas-Servizzi Lokali tal-Impjiegi;
- Fil-21 ta' Jannar 2020, sar avveniment "iltaqa' mal-kuntrattur" fil-Grangegorman Development Agency. L-avveniment kien immirat lejn nies minn komunitajiet lokali kif ukoll minn komunitajiet minn madwar il-Belt (b'mod partikolari dawk li jesperjenzaw livelli għolja ta' żvantaġġ ekonomiku u soċjali). Ir-rispons mar lil hinn mill-aspettattivi; il-GDA involviet madwar 400 persuna minn fost dawk il-komunitajiet interessati li jaħdmu fi rwoli ta' ġestjoni tal-faċilitajiet fit-TU Dublin Quads il-ġodda f'Grangegorman, li huma skedati sabiex jifflu fix-xhur li ġejjin. Dawn huma l-ewwel impjiegi permanenti fl-lżvilupp ta' Grangegorman u xi wħud mill-ewwel opportunitajiet ta' impjeg għan-nisa (il-kostruzzjoni għadha settur b'diviżjoni skont il-ġeneri fl-Irlanda).

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-GDA għadha tapplika l-Karta, għalkemm suq tax-xogħol mibdul jagħmilha aktar diffiċli li jintlaħqu l-miri oriġinali.
- Għalhekk, issa qed tara kif tista' tappoġġa lil organizzazzjonijiet u lil proġetti (inklużi l-intrapriżi soċjali) li qed jiffokaw fuq il-5 % li jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol, skont dak li l-Gvern Irlandiż iqis li huma barra minn "okkupazzjoni sħiħa".
- Għal dan l-għan, il-Forum dwar ix-Xogħol u l-Apprendiment ta' Grangegorman (GLLF) stabbilixxa Grupp tan-Negozju u tal-Intrapriża ta' Grangegorman, li għandu l-għan li jqajjem kuxjenza dwar il-potenzjal mill-lżvilupp ta' Grangegorman għan-negozji lokali u li jesplora kif il-GLLF jista' jappoġġa lin-negozji lokali (b'mod partikolari lil intrapriżi żgħar u mikro).

Kuntatt

Kathleen McCann, Koordinatur tal-Impjiegi u tat-Taħriġ fi Grangegorman Development Agency, kathleen.mccann@ggda.ie

²¹ Dawn iċ-ċifri u ħarsa ġenerali usa' tal-impatt tal-Karta dwar l-Impjiegi fuq il-profil soċjoekonomiku tal-Belt Interna fi l-Majjistral ta' Dublin jinsabu hawnhekk: <http://ggda.ie/assets/Joining-up-the-Dots-3-Report.pdf> (pp. 91-94)

SETTUR 3- Servizi tal-ikel/catering

18. Sejħa għall-offerti riżervata għall-intrapriża soċjali

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Département ta' Vendée, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ikel u catering

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Kunsill tiegħu, fl-2010 id-Dipartiment iddeċieda li jipromwovi l-użu ta' prodotti organiċi u ta' kwalità għolja fl-iskejjel (kulleġġi).

L-idea kienet li ċentru agroalimentari jiġi konness permezz ta' offerti differenti mal-produtturi organiċi tal-ħxejjex, tal-frott u tal-prodotti tal-ħalib.

Analiżi tal-ħtiġijiet imwettqa fl-2010 ikkonkludiet li kien hemm intrapriża soċjali li timpjega persuni b'diżabilità li jittrattaw is-servizzi agroalimentari u l-produtturi organiċi ċertifikati, li potenzjalment jistgħu jiġu konnessi flimkien permezz tal-kuntratti tad-Dipartiment. Wara r-reklamar ta' sejħa għall-offerti riżervata, id-Dipartiment ta' Vendée ta kuntratt fl-2011 lill-intrapriża soċjali identifikata matul l-analiżi tal-ħtiġijiet, li timpjega madwar 10 persuni b'diżabilità fil-provvista ta' servizzi agroalimentari. Wara r-reklamar mill-ġdid fl-2015, il-kuntratt ġie mġedded għal sitt snin.

Is-servizzi huma pprovduti lil aktar minn 30 skola li jinsabu fit-territorju tad-Dipartiment. Il-prodotti pproċessati jirrappreżentaw, bħala medja, aktar minn 100 tunnellata fis-sena.

Wara l-iffirmar tal-ewwel kuntratt, id-Dipartiment inkluda l-possibbiltà li l-prodotti mhux pproċessati jitwasslu lill-intrapriża soċjali f'sejħiet għall-offerti għall-provvista tal-ikel aġġudikati fl-2012 u fl-2016. Ġie stabbilit grupp ta' xerrejja bejn id-Dipartiment u l-iskejjel, li jħeġġeġ l-użu taċ-ċentru agroalimentari.

Suġġett

Servizzi agroalimentari: il-ħżin, il-proċessar (it-tindif, it-tqaxxir u l-qtuġħ), l-imballaġġ tal-prodotti mhux pproċessati u t-twassil tal-prodotti pproċessati.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Is-sejħa għall-offerti kienet riżervata għall-organizzazzjonijiet li fost il-ħaddiema tagħhom bejn 55 % u 100 % kienu persuni b'diżabilità. Ma kien hemm l-ebda rekwiżit ġeografiku fl-offerta ppubblikata. Ir-reklamar iddefinixxa r-rekwiżiti b'mod oġġettiv sabiex jirċievi tweġibiet mingħand offerenti differenti.

Offerent wieħed biss għamel offerta wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti. Din l-offerta ġiet analizzata f'konformità mal-kriterji għall-għoti ddefiniti fis-sejħa għall-offerti:

- **Prezz:** 35 %, fuq il-bażi ta' volum annwali stmat ta' ikel pproċessat;
- **Prestazzjoni ambjentali:** 25 %, fuq il-bażi tas-servizzi proposti u tas-sorsi tal-enerġija użati sabiex dawn is-servizzi jitwettqu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent;
- **Kwalità teknika:** 25 %, fuq il-bażi tal-kwalità tal-persunal u tal-organizzazzjoni istituzzjonali u fuq il-garanziji tar-rendiment ipprovduti għall-proċessar tal-ikel;

L-offerent rebbieħ kien l-organizzazzjoni ADAPEI-ARIA 85. Din l-intrapriża soċjali taħdem ma' persuni b'diżabilità u toffrihom mhux biss post tax-xogħol, iżda anki appoġġ mediku u soċjali. B'kollox, aktar minn 1

400 persuna huma impjegati mill-organizzazzjoni fi Franza u madwar 10 huma impjegati fl-intrapriża li teżegwixxi l-kuntratt mogħti f'Vendée.

Objettiv tal-politika soċjali u standard ta' referenza

Il-kuntratt inizjali, li ngħata qabel l-adozzjoni tad-Direttiva tal-2014 tal-UE dwar l-Akkwist, kien riżervat f'konformità mal-Art. 15 tal-Kodiċi tal-2006 ta' Franza dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Verifika

- L-iskema ta' verifika implimentata sabiex jiġi vverifikat il-perċentwal ta' persuni b'diżabilità impjegati. Il-liġi Franċiża teħtieġ skema ta' verifika sabiex "intrapriżi adattati" jikkonkludu kuntratt mal-awtoritajiet Franċiżi sabiex jiġu ddefiniti l-għanijiet (perċentwal ta' persuni b'diżabilità, pjan ta' appoġġ u ta' mobilità għall-persuni b'diżabilità) li għandhom jiġu approvati u li tingħata għajjnuna finanzjarja mill-awtoritajiet tal-Istat. L-awtoritajiet tal-istat iridu jwettqu kontrolli regolari. Hemm ukoll dispożizzjoni fil-kuntratt li teħtieġ li kull sena l-kuntrattur jipprovdi rapport ta' attività li jippreżenta: il-perċentwal ta' persuni b'diżabilità mmobilizzati għall-eżekuzzjoni ta' servizzi, it-tipi differenti ta' servizzi pprovduti u n-numru ta' sigħat maħduma mill-persuni b'diżabilità konċernati.
- L-offerent jintalab jipprovdi d-dettalji b'mod kontinwu matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt dwar il-volumi tal-ħxejjex, tal-frott u tal-prodotti tal-ħalib proċessati, il-kunsinni fl-iskejjel u l-konformità mar-regolamenti dwar il-prodotti organiċi;
- L-awtorità kontraenti inkludiet fl-ispeċifikazzjonijiet id-dritt li twestaq analiżi tal-prodotti forniti minn laboratorju uffiċjali awtorizzat li jwestaq tali analiżijiet (eż. LEAV, Laboratory of Environment and Food of Vendée).
- Is-sejħa għall-offerti spjegat is-sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità. Is-sanzjonijiet huma ddefiniti fl-offerta (penali finanzjarja jekk ma jsirx il-ħlas) fil-kuntratt konkluż mill-organizzazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istat: anqas għajjniet, nuqqas ta' tiġdid jew terminazzjoni tal-kuntratt.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt huwa stmat għal madwar EUR 105 000 fis-sena għas-servizzi agroalimentari u jittratta t-tnejn tal-ikel organiku (speċjalment il-ħxejjex, il-frott u l-prodotti tal-ħalib).

Strument

- L-Art. 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Id-Dipartiment ta' Vendée.
- Fornitur ta' servizz kuntrattat: l-intrapriża soċjali ADAPEI-ARIA 85
- Benefiċjarji: Aktar minn 30 skola (kulleġġi), il-Muniċipalità ta' Olonne-sur-Mer u skola postsekondarja f'Luçon jixtru l-prodotti tal-ikel differenti.
- Appoġġ għas-sejħa għall-offerti: RESECO (li qabel kienet magħrufa bħala RGO, Réseau Grand Ouest), assoċjazzjoni indipendenti li l-għan tagħha huwa li tgħaqqad u tqarreb il-muniċipalitajiet, kif ukoll li tappoġġa l-attivitajiet tagħhom fl-akkwist pubbliku ekoloġiku u soċjalment responsabbli.

Impatti soċjali

Bl-għoti ta' kuntratt riżervat lil intrapriża soċjali li taħdem ma' persuni b'diżabilità, id-Dipartiment ta' Vendée żgura impatt soċjali pożittiv u ppromwova l-użu ta' ikel organiku prodott lokalment, bl-eżiti li ġejjin:

- Is-servizzi agroalimentari kuntrattati appoġġaw l-impjeg ta' 10 persuni
- Kull sena, aktar minn 1,8 miljun ikla li fihom aktar minn 100 tunnellata prodotti organiċi jintbagħtu lill-34 skola. Il-prodotti organiċi jirrappreżentaw minn 10 sa 15 % tal-kontenut tal-ikel servuti.

Benefiċċji oħra

- Huwa antiċipat li, permezz tal-proġett tal-catering, kull sena se jiġu ffrankati 281,59 tunnellata CO₂.
- It-tnaqqis fit-trasport se jwassal għall-iffrankar mistenni ta' 1,03 GWh/sena f'enerġija primarja. B'kunsinni kondiviżi mwettqa mill-intrapriża soċjali, il-volum tal-kunsinni jitnaqqas b'żewġ terzi (2 200 kunsinna jekk l-iskejjel jirċievu l-prodotti waħedhom; bejn wieħed u ieħor 700 kunsinna li jużaw is-servizzi tal-intrapriża soċjali.) Din il-prattika ħolqot opportunitajiet kummerċjali għal produtturi żgħar bi spejjeż loġistiċi aktar baxxi u li jinsabu fl-inħawi. Skont din l-iskema, aktar minn 30 produttur żgħir ta' ħxejjex organiċi, ta' frott u ta' prodotti tal-ħalib bħalissa qed jipprovdu ikel li jiswa madwar EUR 170 000 fis-sena.
- Aktar benefiċċji jinkludu l-istabbiliment tal-grupp tax-xerrejja li jwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż għall-akkwist u għall-ġestjoni tal-kuntratti u s-servizzi mwettqa mill-intrapriża soċjali bħall-appoġġ mediku u soċjali pprovdut lill-impjegati tagħha.
- Fi Franza, il-ġlieda kontra l-ħela ta' ikel hija għan politiku. Dan il-proġett iqajjem kuxjenza fost l-istudenti dwar l-importanza li titnaqqas il-ħela ta' ikel u dwar l-iżvilupp sostenibbli.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Dan kien mudell ta' suċċess għall-istabbiliment ta' approċċ ta' xiri kondiviż u globali għas-settur tal-ikel u tal-catering, li jkopri t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli – ambjentali, soċjali u ekonomiku.
- L-approċċ effettivament rabat il-ħtiġijiet tal-fornituri ta' servizzi agroalimentari mal-ħtiġijiet tal-provvista ta' diversi xerrejja permezz tal-għoti ta' kuntratt riżervat lil intrapriża soċjali.
- Id-Dipartiment ta' Vendée issa qed jikkunsidra li jwessa' l-programm sabiex jinkludi xerrejja oħra (djar tal-anzjani, skejjel u muniċipalitajiet). Sa mill-2016, id-Dipartiment ta' Vendée ħa approċċ simili għall-akkwist tal-ħut u tal-laħam.
- Il-proġett ġie enfasizzat fl-Ewropa (permezz tar-RESECO, li kien involut f'dan il-proġett) u fi Franza, speċjalment permezz ta' komunità elettronika li tittratta l-catering u li hija mmexxija minn RESECO u mis-CNFPT (Centre National de la Fonction Publique Territoriale): <https://e-communautes.cnfpt.fr/alimentation-restauration-collective>, li hija organizzazzjoni li tgħaqqad atturi differenti għall-formazzjonijiet tekniċi u legali.

Kuntatt

Mickaël TESSIER, espert legali fis-sejħiet għall-offerti għad-Dipartiment ta' Vendée, mickael.tessier@vendee.fr

19. Akkwist soċjalment responsabbli ta' ikel u ta' xorb mill-Belt ta' Oslo

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Oslo, in-Norveġja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ikel u catering

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Belt ta' Oslo għandha 50 aġenzija. Kull waħda hija responsabbli għall-akkwisti tagħha stess sabiex tappoġġa l-operazzjonijiet ta' kuljum. L-Aġenzija għat-Titjib u għall-Iżvilupp (AID) hija l-unità konsultattiva ċentrali għall-akkwist. AID tipprepara u tamministra l-ftehimiet qafas bejn l-aġenziji tal-Belt u tipprovdi wkoll gwida, mudelli standard tal-kuntratti, taħriġ u servizzi ta' konsulenza lill-aġenziji kollha.

Fl-2017-2018, AID wettqet akkwist għal tliet ftehimiet qafas għall-ikel u x-xorb, għall-frott u l-ħxejjex u għall-prodotti tal-ħalib. Minbarra r-rekwiżiti ambjentali komprensivi, inkluża l-ħtieġa ta' alternattivi organiċi, il-Belt ta' Oslo użat numru ta' kriterji soċjali u ta' klawżoli kuntrattwali sabiex tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista għall-prodotti agrikoli ta' riskju għoli.

Il-Belt tuża kriterji soċjali fil-kuntratti kollha li fihom il-proċessi ta' produzzjoni jimplikaw riskji ta' impatti negattivi fuq id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u fuq id-drittijiet internazzjonali tal-ħaddiema. Ir-rekwiżiti kurrenti tal-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli (SRPP) huma allinjati mal-oqfsa internazzjonali ewlenin bħalma huma l-Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju

Suġġett

L-akkwist tal-ikel u tax-xorb, inklużi l-frott, il-ħxejjex u l-prodotti tal-ħalib għal diversi faċilitajiet u servizzi pprovdu mill-Belt ta' Oslo, eż. servizzi għall-indukrar tat-tfal, djar tal-irtirar eċċ.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Dan l-akkwist ġie organizzat bħala proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar.

Kriterji tal-għażla:

Sabiex titqies bħala fornitur potenzjali għall-Belt ta' Oslo, il-kumpanija kellha tiddokumenta l-ġestjoni tal-kwalità u sistema ta' traċċabbiltà xierqa sabiex tivverifika l-konformità mal-klawżoli soċjali fil-katina kollha tal-provvista.

Speċifikazzjonijiet:

- Il-kafè b'ċertifikazzjoni tal-kummerċ ġust (Il-kafè kollu jrid ikun iċċertifikat u jkollu t-tikketta "Fairtrade" jew ekwivalenti);
- Il-banana b'ċertifikazzjoni tal-kummerċ ġust (Il-banana kollha trid tkun iċċertifikata u jkollha t-tikketta "Fairtrade" jew ekwivalenti)

Kriterji għall-għoti:

- Ingħataw marki għal prodotti oħra b'oriġini ta' kummerċ ġust (Prodotti oħra offruti b'ċertifikazzjoni ta' kummerċ ġust irid ikollhom it-tikketta "Fairtrade", "UTZ" jew ekwivalenti).

Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt:

- Il-kuntratt jinkludi l-klawżoli standard ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti soċjali ta' Oslo (ara d-deskrizzjoni aktar 'il quddiem taħt "Strument")

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Fl-2017 ġiet żviluppata Strateġija ġdida dwar l-Akkwist permezz ta' djalogu mal-partijiet konċernati interni u esterni. Hija msejsa fuq il-prinċipji ta' sostenibbiltà. L-objettiv ewlieni huwa li Oslo twettaq proċessi ta' akkwist xierqa u kosteffettivi, filwaqt li tipprovi soluzzjonijiet sodi u sostenibbli kemm fuq medda qasira kif ukoll fit-tul. L-objettivi sekondarji jiddikjaraw li l-akkwist għandu jikkontribwixxi sabiex Oslo ssir Belt aktar ekoloġika, aktar soċjalment inklużiva u aktar innovattiva li tipprovi lir-residenti, lin-negozji u lill-industrija tagħha soluzzjonijiet u servizzi skont il-ħtiġijiet attwali u futuri tagħhom. L-għan sekondarju 3 jindirizza l-aspetti soċjali tal-akkwist u jinkludi gwida strateġika li tgħid li "l-Muniċipalità ma tistax tidħol f'negozju ma' fornituri li jistgħu jkunu assoċjati ma' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO jew tal-liġi internazzjonali li n-Norveġja hija soġġetta għaliha permezz ta' riżoluzzjonijiet tan-NU." Barra minn hekk, "il-Belt ta' Oslo trid taħdem sabiex tiżgura b'mod attiv li l-ktajjen tal-provvista globali tal-Muniċipalità jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u r-regoli internazzjonali li n-Norveġja hija soġġetta għalihom permezz ta' riżoluzzjonijiet tan-NU. Fl-aħħar nett, "il-Muniċipalità għandha tuża l-ġestjoni tal-kategoriji (il-ġestjoni strateġika tal-gruppi ta' prodotti permezz ta' sħubijiet kummerċjali) sabiex iżżid il-porzjon tal-prodotti tal-kummerċ ġust.

Ir-Regolament tal-Kunsill tal-Belt kontra t-Tħaddim tat-Tfal: L-ewwel Regolament tal-Kunsill tal-Belt ta' Oslo kontra t-tħaddim tat-tfal ġie adottat fl-1996. Id-dispożizzjonijiet tiegħu ntużaw f'numru limitat ta' kuntratti. Fl-2005, ġie estiż għall-kuntratti standard kollha għal oġġetti b'riskju għoli ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema.

Il-"Mudell ta' Oslo": Fl-2012, Oslo applikat sabiex issir membru tal-Patt Globali tan-NU. Ġie adottat regolament rivedut dwar l-implimentazzjoni tal-Għaxar Prinċipji fil-funzjoni tal-akkwist. Dan inkluda wkoll klawżola ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt soċjali standard imsaħħa, u kriterji tal-għażla soċjali. Il-klawżola u l-kriterji ntużaw fil-kuntratti kollha ta' riskju għoli għall-oġġetti. L-aħħar regolament, magħruf bħala l-Mudell ta' Oslo u adottat fl-2017, ikompli jiżviluppa u jsaħħaħ ir-rekwiżiti soċjali u jestendi l-użu tagħhom għal kuntratti għal servizzi u għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jinkludu prodotti ta' riskju għoli bħall-materjali tal-bini.

Kummerċ Etiku tan-Norveġja ("Ethical Trade Norway"): Fl-2017, Oslo saret membru tal-Kummerċ Etiku tan-Norveġja. Kummerċ Etiku tan-Norveġja hija inizjattiva b'diversi partijiet konċernati, irrappreżentati minn NGOs, minn Trade Unions, minn Negozji u mill-Federazzjoni tal-Intrapriżi tan-Norveġja. Hija ċentru tar-riżorsi u sostenitur tal-prattiki ta' kummerċ etiku. Permezz tas-sħubija tagħha f'Kummerċ Etiku tan-Norveġja, Oslo timmira li tindika l-impenn tagħha li taħdem favur il-kummerċ etiku permezz tal-akkwist pubbliku. Il-Belt tkegġeg lill-fornituri u lis-sħab tagħha sabiex iħaddnu l-kummerċ etiku.

Belt tal-Kummerċ Ġust ("Fair Trade City"): Oslo hija wkoll Belt tal-Kummerċ Ġust. Ġie stabbilit Kumitat ta' Tmexxija magħmul minn rappreżentanti mill-Muniċipalità, minn intrapriżi tan-negozju u minn NGOs u dan qed jieħu azzjonijiet sabiex jippromwovi l-kummerċ ġust²² fl-azzjonijiet ewlenin tal-Belt, inkluż fl-akkwist, u fost iċ-ċittadini tagħha. L-aktar pass importanti f'dan il-qasam f'dawn l-aħħar sentejn kien il-ġestjoni tal-kategoriji sabiex jiżdied is-sehem ta' prodotti b'ċertifikazzjoni ta' kummerċ ġust akkwistati mill-Muniċipalità.

Verifika

Il-fornituri jridu jieħdu miżuri attivi sabiex jippromwovu d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina kollha tal-provvista jkunu tal-anqas konformi mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, mal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u mar-regolamenti nazzjonali rilevanti tax-xogħol fil-pajjiżi produttori. Intużaw it-tekniki ta' verifika li ġejjin:

²² It-terminu "kummerċ ġust" jirreferi għal kundizzjonijiet tal-kummerċ li jiżguraw li l-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista għall-oġġetti mixtrija jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u jirċievu tal-anqas il-paga minima kurrenti u li l-produttori jkollhom kundizzjonijiet tal-kummerċ tajbin permezz ta' prezz minimu għall-oġġetti.

- Formola ta' awtovalutazzjoni mimlija fl-2018;
- Proċess ta' monitoraġġ intern 2019-2020;
- Proċess ta' monitoraġġ koordinat 2019-2020: il-Belt ta' Oslo qed tmexxi tim ta' esperti dwar il-monitoraġġ koordinat tal-kriterji soċjali f'kuntratti għall-ikel u għax-xorb flimkien ma' numru ta' awtoritajiet pubbliċi oħra fin-Norveġja. Dan huwa parti minn proġett mibdi u mmexxi minn Kummerċ Etiku tan-Norveġja. L-għan huwa li tiġi enfasizzata l-effettività tal-proċess ta' monitoraġġ billi diversi awtoritajiet pubbliċi ewlenin jgħaqqdu l-forzi tagħhom favur fornituri komuni u wkoll sabiex jiġu ffrankati riżorsi kemm għall-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll għall-fornituri.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-Belt ta' Oslo l-ewwel twissi mbagħad tissanzjona lil fornitur kif tagħmel f'kuntratti oħra. L-amministrazzjoni tal-Belt ħarġet twissijiet dwar it-terminazzjoni ta' kuntratti oħra darbtejn. Fl-ewwel każ, dan sar wara awditu minn parti terza f'sit ta' produzzjoni għall-ilbies tax-xogħol fiċ-Ċina. Fit-tieni każ, it-twissija nħarġet wara awditu minn parti terza fl-uffiċċju ewleni ta' eks fornitur ta' tagħmir mediku fin-Norveġja. Madankollu, fiż-żewġ każijiet, il-fornituri applikaw miżuri korrettivi, li kienu ddokumentati sew u approvati mill-amministrazzjoni. Bħala tali, kuntratt qatt ma kellu jiġi tterminat biss minħabba ksur ta' klawżoli kuntrattwali soċjali relatati ma' ktajjen tal-provvista globali. Madankollu, l-awtorità lokali hija intitolata ttejjem kuntratt minħabba ksur tal-liġijiet dwar it-tħaddim tat-tfal jew ta' liġijiet fundamentali oħra dwar il-ħaddiema u d-drittijiet tal-bniedem, anke meta l-fornituri japplikaw miżuri korrettivi.

Valur tal-kuntratt

Il-valur annwali stmat tal-kuntratt għat-tliet oqsma kuntrattwali tal-ikel u x-xorb, tal-frott u l-ħaxix u tal-prodotti tal-ħalib jammonta għal NOK 80 miljun (EUR 6,9 miljun). Fl-2018, it-total kien ta' NOK 78 720 462 (EUR 6,8 miljun).

Strumenti

- L-Art. 18.2 dwar il-konformità mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tal-ħaddiema tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Oslo
- Fornituri ta' servizzi kuntrattati
 - Ikel u xorb – Servicegrossistene AS
 - Frott u ħxejjex - Cater Drammen AS
 - Prodotti tal-ħalib – Tine SA

Impatti soċjali

Il-Belt kisbet fornituri aktar responsabbli bħala riżultat tal-użu tal-kriterji tal-għażla soċjali, bl-eżiti li ġejjin:

- Is-sehem tal-banana b'ċertifikazzjoni "Fairtrade" u organika akkwistata pubblikament żdied minn 3 % għal 50 % fl-ewwel erba' xhur tal-2019.
- Matul l-istess perjodu, is-sehem tal-kafè b'ċertifikazzjoni tal-kummerċ ġust żdied minn 9 % għal 13 %.

Dan juri li l-istabbiliment ta' ftehimiet qafas ċentrali u l-użu tal-ġestjoni tal-kategoriji huma strumenti effettivi fit-tisħiħ tal-kummerċ etiku. Il-Belt taħdem flimkien mal-fornituri sabiex tagħmel is-suq aktar soċjalment responsabbli u sabiex iżżid il-provvista ta' alternattivi ta' kummerċ ġust u organiċi bi prezz tajjeb.

Benefiċċji oħra

- Is-sehem tal-ikel organiku żdied ukoll flimkien mal-"Fairtrade".

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Il-passi li jmiss għat-titjib kontinwu tar-responsabbiltà soċjali fl-akkwist ta' Oslo se jkunu li:

- Tikkunsidra l-kriterji għall-għoti soċjali, eż. fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju għal prodotti partikolari
- Tikkunsidra klawżoli progressivi soċjali dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratti, bħal sehem dejjem akbar ta' prodotti partikolari oħra b'ċertifikazzjoni ta' kummerċ ġust matul il-perjodu tal-kuntratt.

Kuntatt

Katja Khardikova, Koordinatur tal-Akkwist Sostenibbli, il-Belt ta' Oslo, katja.khardikova@uke.oslo.kommune.no

20. Klawżola obligatorja tal-kummerċ ġust fil-kuntratti tal-Muniċipalit  ta' Madrid

Status: Verżjoni finali

Isem l-Awtorit  akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Madrid, Spanja

Settur tal-Prodotti jew tas-Servizzi: Ikel u catering

Introduzzjoni u objettivi tal-akkwisti

Fit-18 ta' Lulju 2016, il-Muniċipalit  ta' Madrid għaddiet regolament dwar l-inklużjoni ta' klawżoli soċjali obligatorji f'kuntratti pubbliċi, f'konċessjonijiet u f'awtorizzazzjonijiet tal-awtorit  lokali.

Ir-regolament jeħtieġ li l-korpi pubbliċi japplikaw klawżola dwar il-kummerċ ġust fl-akkwist tagħhom, li tagħmilha obligatorja li tal-anqas jiġi inkluż prodott wieħed ġust jew negozjat b'mod responsabbli tal-kategorija partikolari fl-offerta. Il-klawżola tkopri prodotti partikolari magħżula fix-xiri ta' ikel għal servizzi ta' catering u ta' ristoranti.

Ir-regolament kien parti minn pjan usa' mill-Muniċipalit  ta' Madrid sabiex trawwem ambjent pożittiv għal konsum responsabbli u għal kummerċ ġust, diġ  minqux fl-Ordinanza Muniċipali tal-2011 dwar il-konsum (ara l-Art. 48, 49 u 50 dwar l-akkwist pubbliku responsabbli u l-kriterji soċjali).

Bħala parti mill-faġi ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni lokali, ġew ipprovduti moduli u eżempji online għall-kumpaniji li japplikaw għas-sejħa għall-offerti (ara t-taqsima dwar il-Verifika). Id-dispożizzjoni kienet maħsuba sabiex tagħmel il-proċess aktar faċli u aktar aċċessibbli għall-intrapriżi kollha.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Ir-regolament jipprevedi l-inklużjoni ta' klawżola dwar il-kummerċ ġust fl-għan tal-akkwist, tat-titolu tiegħu u tat-tħabbir tiegħu. L-inklużjoni obligatorja tal-klawżola dwar il-kummerċ ġust tista' ssir jew bħala klawżola speċjali tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew bħala kriterju għall-għoti, skont il-karatteristiċi tal-akkwist. L-għoti ta' tikketta (ara t-taqsima tal-Istandard ta' Referenza) jew ekwivalenti huwa kkunsidrat bħala strettament neċessarju għall-akkwist. Fil-każ tal-kriterji għall-għoti, il-kummerċ ġust jista' jkun sa 10 % tal-punti. Il-liġi tiddefinixxi u tiddistingwi prodotti tal-kummerċ ġust skont il-kunċett ta' kummerċ ġust u responsabbli kif ġej:

- It-terminu "ġust" jirreferi għar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-ħarsien tal-ambjent f'konformit  mad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew 2005/2245 dwar il-Kummerċ Ġust u l-Iżvilupp.
- It-terminu "responsabbli" jirreferi għall-istess Dikjarazzjoni 2005/2245 tal-PE; ta' min jinnota li l-kunċett ta' kummerċ responsabbli ma jinkludix speċifikazzjonijiet għal prezz minimu u għall-għoti ta' primjum għall-kummerċ ġust lill-produtturi; għalhekk, din hija definizzjoni anqas stretta minn dik tal-kummerċ ġust.

Il-prodotti inklużi fir-regolamenti huma l-kaf , it-te jew infużjonijiet oħra, iz-zokkor, iz-zokkrijiet kandji, il-gallettini, il-kawkaw u prodotti taċ-ċikkulata. Il-kriterji dwar il-kummerċ ġust għal dawk il-prodotti għandhom jinkisbu fil-każ ta' servizzi ta' catering, ta' ristoranti, ta' kafetteriji, ta' canteens u ta' magni tal-bejgħ. F'dawk il-każijiet, tal-anqas wieħed minn dawk il-prodotti għandu jkun 100 % ġust jew responsabbli.

Il-klawżola hija obligatorja wkoll għal kuntratti minuri. Skont il-liġi Spanjola, il-kuntratti minuri jkopru ħtiġijiet jew azzjonijiet speċifiċi li ma jiġux irripetuti sistematikament matul iż-żmien, u l-valur stmat tagħhom ma għandux ikun ogħla minn EUR 15 000.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Ir-regolament dwar il-prattiki tal-kummerċ ġust għall-awtoritajiet lokali kien parti minn inizjattiva usa' għat-titjib tal-kummerċ ġust fi Spanja. Bejn l-2000 u l-2016, in-nefqa globali fuq il-prodotti tal-kummerċ ġust

żdiedet minn EUR 10 miljun għal EUR 40 miljun. Sabiex jappoġġaw dan l-iżvilupp, il-gvern nazzjonali u l-awtoritajiet lokali ħadu impenn li jżidu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-kwistjoni u li jżidu l-infiq pubbliku fuq il-kummerċ ġust u responsabbli. Ir-regolament municiipali tal-2016 inħareġ bħala parti mill-promozzjoni tal-kummerċ responsabbli, kif stipulat fl-ordinanza tal-2011 dwar il-kosnum għall-Belt ta' Madrid.

Bħala referenza għad-definizzjoni ta' prodott tal-kummerċ ġust, ir-regolament jispecifica l-obbligu li jiġu inkorporati l-istandards u l-organizzazzjonijiet li ġejjin:

- L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ Ġust: l-organizzazzjoni ewlenija attiva fil-verifika u fl-istandardizzazzjoni tal-kummerċ ġust;
- FairTrade: Organizzazzjoni internazzjonali tal-kummerċ ġust, li tipprovdi għal marka tal-FAIRTRADE lill-produtturi u lin-negozji li jissodisfaw l-istandards internazzjonali;
- Naturland Fair: organizzazzjoni internazzjonali tal-agrikoltura organika li tagħxi fi 58 pajjiż madwar id-dinja;
- EcoCert: assoċjazzjoni internazzjonali tas-sostenibbiltà li tipprovdi ċertifikazzjonijiet tal-kummerċ ġust, inkluża l-biedja sostenibbli u l-akkwist responsabbli;
- Fair for Life: organizzazzjoni internazzjonali tal-kummerċ ġust li tiffoka fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti;
- Símbolo de Pequeños Productores: network internazzjonali ta' produtturi ekoloġiċi żgħar u medji li joperaw l-aktar fil-pajjiżi tal-Amerika Latina;
- Rainforest Alliance Certified: ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika tal-prodott;
- ċertifikazzjoni UTZ: tikketta tas-sostenibbiltà li tinkludi l-katina kollha tal-provvista;
- Tikketti u organizzazzjonijiet oħrajn b'għan u bi skop ekwivalenti.

Verifika

- L-applikant jiċċertifika li juża prodott tal-kummerċ ġust permezz ta' modulu online disponibbli mingħand l-Amministrazzjoni ta' Madrid. Il-verifika ssir matul l-istadju tal-għoti.
- L-intrapriżi għandhom il-possibbiltà li jħarsu lejn mudell matul il-proċess tas-sejħa għall-offerti u lejn eżempji li jiffaċilitaw il-mili tad-dokumenti.
- Minħabba li l-proċess huwa ġdid fjamant, kemm għall-persunal amministrattiv kif ukoll għall-intrapriżi kuntrattati, il-Municipalitá ta' Madrid ipprovdiet lill-impjegati tagħha b'taħriġ specificu dwar il-prattiki ta' kummerċ ġust.

Strument

- L-Art. 43 tad-Direttiva 2014/24/UE
- Digriet maħruġ mill-Awtoritá Muniċipali ta' Madrid f'Lulju 2016, li jimplementa d-Digriet Qafas Nazzjonali tal-Ministeru tal-Ekonomija dwar l-inkorporazzjoni tal-klawżoli soċjali fl-akkwisti pubbliċi tal-awtoritajiet tal-Belt (id-19 ta' Jannar 2016). Sussegwentement, id-dispożizzjonijiet tnaqqxu fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku ta' Novembru 2017 dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtoritá kontraenti: Il-Municipalitá ta' Madrid (id-Dip. tal-Akkwist u tas-Servizzi u d-Dip. tal-Ekonomija, tal-Innovazzjoni u tal-Impjieg)

- Offerenti u fornituri kuntrattati

Impatt soċjali

- Ir-regolament wassal għal aktar attenzjoni min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi għall-użu ta' prodotti kummerċjali ġusti u responsabbli fis-servizzi tal-catering tagħhom. Il-prodotti koperti mir-regolamenti huma dawk l-aktar milquta mill-konsum tal-kummerċ ġust: fl-2016, il-kafè kien jirrappreżenta 43 % tal-bejgħ kollu tal-kummerċ ġust, segwit miz-zokkor u l-ħelu (40 %), mit-te (3 %) u minn oġġetti oħra tal-ikel (7 %).
- Għalhekk, ir-regolament għen fil-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema fil-kawkaw, fil-produzzjoni tat-te u taz-zokkor billi l-prodotti ntgħażlu fuq il-bażi ta' tikketta tal-kummerċ ġust. Fil-perjodu 2016-2018, l-awtoritajiet muniċipali ta' Madrid ħarġu 126 kuntratt bi klawżoli dwar il-kummerċ ġusti jew responsabbli; 46 fl-2018. Dawn jinkludu kuntratti għal 47 skola preprimarja b'servizzi ta' canteen.

Tagħlimiet meħuda u triq 'il quddiem

- Il-Muniċipalità ta' Madrid konsistentement użat tikketti tal-kummerċ ġust bħala mezz sabiex iżżid l-impatt soċjali pożittiv tal-amministrazzjoni lokali.
- L-uffiċjali tal-belt enfasizzaw l-importanza ta' monitoraġġ kompjuterizzat għall-implimentazzjoni effettiva tal-kuntratti, minħabba n-numru kbir ta' kuntratturi u ta' prodotti involuti. Barra minn hekk, miżura urġenti li ttiprovdi għal akkwist ta' kummerċ ġust etiku effettiv u tespandi l-ambitu tal-użu tiegħu tkun li jiġi pprovdut għal standardizzazzjoni tat-tikketti.
- Minħabba s-suċċess tal-inizjattiva, il-kunsill tal-Belt bħalissa qed jikkunsidra li jespandi l-firxa ta' prodotti inklużi fil-lista għall-kummerċ ġust.

Kuntatti

Maria Sanchez Rebollo, id-Direttorat Ġenerali għall-Kuntrattar u għas-Servizzi, rebollosmc@madrid.es (kuntatt primarju)

Angel Rodrigo Bravo, il-Belt ta' Madrid Dg.contraser@madrid.es (kuntatt sekondarju)

21. L-użu tal-qsim f'lottijiet għal kuntratti riżervati bi struttura baġitarja kumplessa

Status: Finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalitá ta' Korfu, il-Greċja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ikel u catering

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Matul il-bidu tas-snin 2000 u b'riżultat tar-riforma tas-sistema tas-saħħa mentali, l-intraprenditorija soċjali għall-integrazzjoni soċjali u fix-xogħol ta' persuni bi problemi psikosoċjali ġiet promossa bil-qawwa f'Korfu. F'dan il-kuntest, il-Muniċipalitá ta' Korfu kisbet livell għoli ta' għarfien dwar "ix-xiri soċjali" u esperjenza importanti fl-użu ta' sejħiet għall-offerti riżervati għall-intrapriża soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol.

F'dan il-każ partikolari, l-idea kienet li tiġi mwessa' l-attività tax-xiri soċjali tal-Muniċipalitá billi jinxtrow is-servizzi tal-catering għal żewġ unitajiet muniċipali differenti b'sorsi ta' finanzjament differenti (unitá edukattiva waħda ffinanzjata permezz ta' għotja pprovduta lill-Muniċipalitá mill-Ministeru Grieg tal-Intern, u unitá waħda tal-għajnuna soċjali kkofinanzjata b'fondi tal-UE u nazzjonali permezz ta' proġett tal-NSRF) permezz ta' sejhja għall-offerti unika riżervata.

Suġġett

Il-forniment ta' ikliet għall-Iskola tal-Mużika ta' Korfu u l-forniment ta' ikliet ippreparati għan-nisa u għat-tfal ospitati fil-Hostel Soċjali ta' Korfu għall-Vittmi ta' Vjolenza Domestika.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Is-sejhja għall-offerti tnediet mill-Muniċipalitá ta' Korfu fit-28 ta' Diċembru 2017 bħala sejhja għall-offerti riżervata għall-intrapriża soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol ibbażata biss fuq il-kriterju tal-kost (l-orħos prezz). Is-sejhja kienet definita b'mod oġġettiv u ddikjarat b'mod ċar li kienet miftuħa għall-intrapriża soċjali kollha għall-integrazzjoni fix-xogħol ibbażati fil-Greċja jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor li kienu attivi fis-settur tal-catering u li tal-anqas 30 % tal-impjegati tagħhom kienu persuni b'diżabilitá jew ħaddiema żvantaġġati.

Il-partikolaritá ta' din is-sejhja għall-offerti kienet l-inizjattiva tal-awtoritá aġġudikanti li taqsam il-kuntratt f'lottijiet sabiex tegħleb il-kumplessitajiet li jirriżultaw mill-fatt li dawn iż-żewġ unitajiet muniċipali kellhom sorsi ta' finanzjament differenti (durata differenti, proċeduri ta' ħlas differenti eċċ.). Iż-żewġ lottijiet kienu definiti kif ġej:

- Lott 1: Servizzi ta' catering għall-Iskola tal-Mużika ta' Korfu għal perjodu li jibda mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2018 jew aktar tard fil-każ tal-provvisti li jifdal (u sakemm jispiċċaw il-provvisti).
- Lott 2: Servizzi ta' catering għall-ikliet ipprovduti lin-nisa u lit-tfal ospitati fil-Hostel Muniċipali għall-Vittmi ta' Vjolenza Domestika għal perjodu li jibda mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt u jintemm fid-data tat-tlestija tal-proġett kofinanzjat, il-31 ta' Novembru 2018.

L-awtoritá kontraenti indikat fl-avviż tal-kuntratt li l-offerti jistgħu jiġu sottomessi għal lott wieħed jew għaż-żewġ lottijiet.

Matul l-istadju tal-akkwist, ġiet sottomessa biss offerta waħda. L-offerent kien KoiSPE Corfu New Horizons, intrapriża soċjali lokali għall-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni bi problemi psikosoċjali b'attività qawwiya fis-settur tal-catering. In-nuqqas ta' aktar offerenti għandu jiġi attribwit għall-isfidi marbuta man-natura tas-servizzi akkwistati (ikliet friski) flimkien mal-pożizzjoni ġeografika tal-gżira ta' Korfu, peress li l-intrapriża

bbażati xi mkien ieħor ikollhom jiżguraw it-trasferiment ta' ikliet friski bil-bastimenti mill-Greċja kontinentali (tal-anqas siegħa u nofs) kuljum.

Il-kuntratt ingħata lill-offerent uniku, KoiSPE Corfu New Horizons. Il-fornitur wettaq is-servizzi b'mod kompetenti u f'konformità mal-kuntratt.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv tal-politika soċjali kien li jżied l-aċċess tal-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol għas-suq lokali tal-kuntratti pubbliċi permezz tal-użu ta' offerta unika riżervata li tkopri l-ħtiġijiet tax-xiri għal aktar unitajiet municiċpali minkejja s-sorsi differenti ta' finanzjament tagħhom.

Verifika

Il-verifika tal-iskop tal-integrazzjoni fix-xogħol u tal-perċentwal meħtieġ ta' impjegati żvantaġġati sseħħ kemm matul l-istadju tal-offerti, kif ukoll matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. L-offerenti (u aktar tard il-kuntrattur) jintalbu mill-Awtorità Kontraenti jissottomettu ċertifikati rilevanti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti. Fil-Greċja, dawn iċ-ċertifikati jinħarġu mir-Reġistru tal-Intraprenditorija Soċjali tal-Ministeru tax-Xogħol u tal-Affarijiet Soċjali u (b'mod partikolari għall-KoiSPEs) mid-Direttorat tas-Saħħa Mentali tal-Ministeru tas-Saħħa.

Il-kuntratt ġie eżegwit b'suċċess sal-aħħar ta' Diċembru 2018 għal-Lott 1 u sal-aħħar ta' Novembru 2018 għal-Lott 2.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt għaż-żewġ lottijiet kien ta' EUR 177 653 mingħajr VAT, bil-Lott 1 li kellu valur ta' EUR 113 243 u l-Lott 2 valur ta' EUR 64 410.

Strument

- L-Art. 20 (dwar kuntratti riżervati) u l-Art. 46 (dwar it-tqassim ta' kuntratti f'lottijiet) tad-Direttiva 2014/24/UE
- Trasposti bl-Art. 20 u bl-Art. 59 tal-Liġi Griega dwar l-akkwist pubbliku Nru 4412/2016

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Municiċpalità ta' Korfu
- Fornitur ta' servizz kuntrattat: KoiSPE Corfu New Horizons, intrapriża soċjali taħt il-forma ġuridika ta' KoiSPE (Kooperrattiva Soċjali b'Responsabbiltà Limitata) ibbażata f'Korfu u speċjalizzata fl-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni bi problemi psikosoċjali.
- Atturi ta' appoġġ: EAADHSY, li hija l-Awtorità Indipendenti Ellenika għall-Akkwist Pubbliku (responsabbli għall-awditjar u għall-iggwidar tal-awtoritajiet aġġudikanti nazzjonali) u r-Reġjun tal-Gżejjer tal-Jonju (responsabbli għall-ġestjoni tal-Programm Operazzjonali Reġjonali tal-NSRF permezz tal-Awtorità Maniġerjali reġjonali speċjali tiegħu) ipprovdew l-assistenza teknika u l-pariri tagħhom lill-Municiċpalità sabiex din tindirizza l-kumplessità relatata mas-sorsi differenti ta' finanzjament tal-kuntratt. L-approċċ pożittiv u l-kooperazzjoni tagħhom ikkontribwew għas-suċċess ta' dan l-isforz.

Impatti soċjali

L-offerent rebbieħ, KoiSPE Corfu New Horizons, għandu 234 membru (professjonisti tas-saħħa mentali u persuni bi problemi psikosoċjali) u firxa wiesgħa ta' attivitajiet intraprenditorjali, bħall-catering, it-tindif, il-produzzjoni u l-proċessar tal-ikel, il-ġestjoni taż-żoni ta' parkeġġ u l-indukrar tal-ispazji miftuħa. Dan jimpjega 85 persuna, li 60 minnhom huma persuni b'mard mentali. Għalhekk, il-perċentwal ta' ħaddiema b'diżabbiltà huwa ta' aktar minn 70 %, li jisboq il-minimu ta' 30 % stipulat fis-sejħha għall-offerti.

L-impatt soċjali ta' din is-sejħa speċifika ma tkejjilx. Madankollu, KoiSPE Corfu New Horizons kejet (permezz ta' evalwazzjoni esterna mwettqa minn esperti indipendenti - esperti psikjatriku u fir-riżorsi umani) l-impatt soċjali tal-attività ekonomika tagħha għall-aħħar tliet snin (2014-2018), li madwar nofsa jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi. Skont id-*data* disponibbli, l-impatt soċjali miksub minn KoiSPE Corfu New Horizons fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tan-nies b'mard mentali li timpjega jinkludi:

- Tnaqqis sinifikanti fl-irkaduti (-35 %)
- Titjib sinifikanti fl-indikaturi tal-komunikazzjoni fuq il-post tax-xogħol (+25 %)
- Tnaqqis tal-ħtieġa li jintuża servizz tas-saħħa mentali
- Inklużjoni soċjali u professjonali
- Titjib tal-immaniġġjar tal-istress
- Titjib tal-ħiliet tal-apprendiment
- Assistenza sinifikanti għad-dħul

B'mod ġenerali, l-attività ekonomika ta' KoiSPE Corfu New Horizons ikkontribwiet ukoll għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali lokali tal-gżira, u b'hekk kisbet il-benefiċċji li ġejjin:

- Sensibilizzazzjoni fil-komunità
- Sostenibbiltà tal-intraprenditorija soċjali lokali
- Żvilupp ta' prattiki tajbin għal gruppi vulnerabbli oħra
- Tnaqqis tal-ħtieġa ta' servizzi mis-sottosistemi lokali tas-saħħa u tal-benesseri soċjali

Benefiċċji oħra

- Il-każ għandu potenzjal għoli ta' replikazzjoni għal awtoritajiet kontraenti oħrajn fil-Greċja u f'pajjiżi oħra li jimplementaw proġetti taħt l-NSRF – speċjalment fil-livell reġjonali.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Dan il-każ kien sforz kuraġġuż minn awtorità zġħira tal-gvern lokali favur mudell aktar kumpless għal sejħiet għall-offerti riżervati. It-tagħlimiet ewlenin meħuda jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- L-akkwist soċjali jista' jiġi applikat b'suċċess anki jekk il-baġit tal-kuntratt ikollu sorsi kumplessi ta' finanzjament.
- Il-qsim ta' kuntratt f'lottijiet huwa approċċ intelliġenti, li jista' jintuża mhux biss sabiex jiffaċilita l-aċċess tal-intrapriżi soċjali għas-suq tal-kuntratti pubbliċi, iżda anki sabiex jipprovdi flessibbiltà f'każijiet kumplessi ta' akkwist.
- Peress li l-isfida ewlenija f'każijiet bħal dawn hija li l-partijiet kollha li jipparteċipaw fil-finanzjament tal-baġit tal-kuntratt jaqblu dwar l-użu ta' sejħa għall-offerti unika riżervata minkejja l-mekkaniżmi differenti ta' finanzjament, iċ-ċavetta għas-suċċess hija l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtorità kontraenti u l-Awtorità Maniġerjali kompetenti tal-NSRF. Ir-responsabbilizzazzjoni pprovduta mill-awdituri nazzjonali tal-akkwist tista' tkun ta' importanza kritika wkoll.

L-isfida ewlenija tal-ġejjieni hija s-sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet aġġudikanti lokali u l-awtoritajiet maniġerjali reġjonali tal-NSRF dwar il-promozzjoni integrata tal-akkwist soċjali f'kuntratti pubbliċi marbuta ma' proġetti kofinanzjati mill-UE.

Kuntatt

Is-Sur Athanasios Papavlassopoulos, id-Direttur Ġenerali ta' KoiSPE Corfu New Horizons,
thanassios@yahoo.gr u koi-spekerk@yahoo.gr

22. Kuntratti riżervati għall-inklużjoni fix-xogħol sabiex jinkisbu diversi għanijiet ta' sostenibbiltà

Status: Verżjoni finali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Is-Servizz Federali Pubbliku għall-Ippjanar tal-Integrazzjoni Soċjali, għall-Ġlieda kontra l-Faqar, għall-Ekonomija Soċjali u għall-Politiki Federali tal-Bliet (PPS SI), il-BELĠJU (<https://www.mi-is.be>)

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ikel u catering

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

PPS SI huwa aġenzija pubblika federali tal-Belġju bil-missjoni li tiggarantixxi eżistenza dinjituża għal dawk kollha li jgħixu fil-faqar permezz tat-tfassil, tal-implimentazzjoni, tal-evalwazzjoni u tas-segwitu ta' politika federali inklużiva għall-integrazzjoni soċjali. F'dan il-kuntest, l-aġenzija PPS SI hija responsabbli wkoll għall-ġestjoni tal-programm operazzjonali FEAD (Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn) fil-Belġju, li jipprova għajjnuna permezz ta' ikel lil persuni fil-bżonn. Bħala l-Awtorità Maniġerjali nazzjonali tal-FEAD, PPS SI takkwista l-prodotti kollha tal-ikel sabiex jitqassmu b'xejn lil persuni li jgħixu taħt is-soll tal-faqar.

F'dan il-każ partikolari, l-objettivi tal-awtorità aġġudikanti kienu maqsuma fi tlieta:

1. Il-kisba ta' prodotti tajbin għas-saħħa u nutrizzjonali għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Belġju,
2. Il-kontribut għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel permezz tal-ħtieġa li jintuża l-ħaxix żejjed mhux mibjugħ bħala materja prima u,
3. It-titjib tal-integrazzjoni fix-xogħol ta' ħaddiema żvantaġġati billi jiġi rriżervat il-proċess għall-għoti tal-kuntratt għall-intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol.

Suġġett

It-tnejn, l-imballaġġ u t-trasport lejn żoni ta' ħżin predefiniti ta' soppa ppreparata bil-ħaxix żejjed. Is-soppa tkun waħda mill-prodotti tal-ikel li titqassam b'xejn lil dawk l-aktar fil-bżonn skont il-Programm nazzjonali tal-FEAD tal-Belġju.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-proċess tal-akkwist tnedja minn PPS SI fl-2018 bħala proċedura kompetittiva b'negozjar riżervata għal workshops protetti u għal operatori ekonomiċi li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'diżabilità u ta' persuni żvantaġġati. Il-valur tal-kuntratt kien anqas mil-livell limitu tal-UE, u l-użu ta' din il-proċedura ppermetta lill-offerenti jfasslu l-offerta tagħhom skont l-aspettattivi tal-Awtorità Kontraenti u jinnegozjaw fuq il-prezz, f'każ li dan jaqbeż il-baġit disponibbli.

Is-sejħa ġiet iddefinita b'mod oġġettiv, billi ġew mistiedna t-tipi kollha ta' intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol ibbażati fil-Belġju u li jissodisfaw il-kriterji ta' "tidħol fl-ekonomija soċjali" stabbiliti fl-Artikolu 59 tal-Liġi tas-26 ta' Marzu 1999 (fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni Belġjan għall-Impjiegi tal-1998), jew ibbażati fi kwalunkwe Stat Membru ieħor jew pajjiż li huwa parti għall-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (GPA) u li jissodisfa kriterji ekwivalenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

Fid-dawl tal-kumplessità u tal-karattru innovattiv ta' dan l-akkwist partikolari, l-awtorità aġġudikanti organizzat sessjoni ta' informazzjoni għall-offerenti potenzjali qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti.

L-għoti tal-kuntratt kien ibbażat fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, li tikkorrispondi għall-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità vvalutat fuq il-bażi ta' żewġ kriterji:

1. Il-prezz propost għal kull unità tal-prodott finali (70 % tal-punteġġ totali)
2. Deskrizzjoni tal-approċċ propost għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt (30 % tal-punteġġ totali), inklużi 3 sottokriterji:
 - L-affidabbiltà tas-sors propost tal-ħaxix żejjed;
 - Il-kredibbiltà tal-proċess ta' produzzjoni propost tas-soppa; u
 - Il-kredibbiltà tal-iskeda proposta tal-konsenja tal-prodott fiż-żoni tal-ħżin indikata mill-awtorità aġġudikanti.

Matul l-istadju tal-akkwist, offerta waħda biss ġiet sottomessa minn konsorzju ta' diversi intrapriżi soċjali, li eventwalment ingħata l-kuntratt. In-nuqqas ta' aktar offerenti jista' jiġi attribwit għall-karattru ferm impenjattiv tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-servizzi (speċifikazzjonijiet tekniċi stretti għall-prodotti tal-ikel, skadenzi stretti għall-konsenja, konsenji f'ambjent imkessaħ eċċ.), li qabżu l-kapaċità ta' operaturi oħra fis-settur tal-intrapriżi soċjali.

Il-konsorzju rebbieħ wettaq is-servizzi b'mod kompetenti u f'konformità mal-kuntratt matul il-perjodu minn Ottubru 2018 sa Lulju 2019.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv tal-politika soċjali ta' dan l-akkwist, kif iddikjarat b'mod ċar fis-sejħa għall-offerti, kien it-tiftix tal-integrazzjoni soċjali u professjonali għal persuni b'diżabbiltà jew żvantaġġati. Fil-Fjandri, l-impjegati tal-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol jinkludu persuni b'diżabbiltajiet mentali jew fiżiċi (mhux severi) u persuni oħra li ma jistgħux jaħdmu fis-suq tax-xogħol regolari (persuni bi problemi psikoloġiċi severi, inklużi refuġjati li għaddew minn trawmi, persuni nieqsa mill-ħiliet soċjali meħtieġa, eċċ.).

Verifika

Qabel ma ngħata l-kuntratt, il-verifika kienet tinkludi:

- Ir-rekwiżiti amministrattivi tal-offerenti (intrapriża tal-ekonomija soċjali, solvenza, eċċ.)
- L-orijini tal-ħaxix żejjed
- Il-metodi tal-produzzjoni u tal-imballaġġ
- L-ippjanar tal-konsenji

Ir-rekwiżiti amministrattivi ġew ivverifikati mill-esperti tax-Xiri tad-Dipartiment Finanzjarju, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli permezz tal-bażijiet ta' *data* finanzjarji u fiskali (Knuspuntbank) u permezz tar-reġistru għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali rikonossuti. Il-verifiki fuq it-tliet elementi l-oħra saru mill-Awtorità Maniġerjali tal-FEAD fuq il-bażi tad-dokumenti inklużi fl-offerta.

Matul il-kuntratt, il-verifika kienet tinkludi:

- Il-kontroll tal-kwalità tal-prodott
- Il-kwalità tal-konsenji

L-Awtorità Maniġerjali tal-FEAD ivverifikat il-kwalità tal-prodotti u tal-konsenji. Għall-kwalità tal-prodotti, huma jieħdu kampjuni u jittestjawhom f'laboratorju. Għall-kwalità tal-konsenji, huma jwettqu verifika fuq il-post waħda jew aktar fil-mument ta' konsenja.

Wara l-konsenji, il-verifika kkorrispondiet għat-tqabbil tad-dokumenti kollha tal-konsenji mal-fatturi sabiex jiġi żgurat li twasslet il-kwantità sħiħa tal-prodotti kif ippjanat.

Għalkemm ma kien hemm l-ebda kriterji ta' prestazzjoni ta' natura "soċjali", l-aġenzija PPS SI imponiet sett ta' kriterji ta' prestazzjoni ambjentali, b'ħall-użu ta' karta riċiklata u l-prijoritizzazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-*data* sabiex jiġi limitat l-użu tal-karta, f'konformità mat-tikketta tagħha tal-EMAS sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tal-attivitajiet tagħha.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt kien jammonta għal EUR 134 500 (mingħajr il-VAT).

Strument

- L-Art. 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE
- Traspost bl-Art. 15 tal-Liġi Belġjana dwar l-Akkwist Pubbliku tas-17 ta' Ġunju 2016

Atturi

- Awtorità kontraenti: Is-Servizz Pubbliku għall-Ippjanar tal-Integrazzjoni Soċjali (PPS SI)
- Fornitur ta' servizz kuntrattat: Konsorzju ta' 10 intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol immexxja minn Trabajo Arbeitskansen vzw.
- Atturi ta' appoġġ: Il-Federazzjoni Belġjana tal-Banek tal-Ikel appoġġat il-proċess billi aċċettat il-konsenji tal-prodott fil-bini tagħhom u qassmitu ulterjorment lill-organizzazzjonijiet sħab tal-FEAD tal-PPS SI.

Impatti soċjali

F'dan l-ewwel sforz pilota, l-idea kienet li jiġi esplorat kif akkwist uniku jista' jiffassal b'mod li jtejjeb l-għanijiet tas-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali. L-awtorità kontraenti tittama li tibni fuq din l-esperjenza sabiex tistabbilixxi proġetti simili taħt il-FSE+ fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2021-2027, flimkien ma' awtoritajiet reġjonali oħra.

Ir-riżerva tal-kuntratt għal workshops protetti u għal programmi ta' impjeg kabbret l-impatt soċjali, filwaqt li l-proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar intużat sabiex tinstiga lill-offerenti sabiex jipprovdu prodott imfassal b'tali mod li jipprevjeni l-ħela tal-ikel (soppa mħejjija b'ħaxix żejjed). Għalkemm l-evalwazzjoni formali ta' dan il-proċess għadha ma ġietx konkluża, l-aktar impatti importanti jinkludu dawn li ġejjin:

- L-intrapriżi soċjali kellhom l-oportunità li jittestjaw il-ħila tagħhom li jipproduċu prodotti tal-ikel friski skont speċifikazzjonijiet tekniċi stretti u li jinvestu fit-tagħmir u fis-sistemi meħtieġa.
- Il-konsorzju kkuntrattat ta' 10 intrapriżi soċjali kkollabora sabiex jeżegwixxi dan il-kuntratt, u għalhekk se jkun adattat aħjar sabiex jikkollabora ma' intrapriżi soċjali oħra u jikkompeti għal kuntratti pubbliċi fil-futur.
- L-awtorità aġġudikanti kellha l-oportunità li tikseb prodott tal-ikel sostenibbli u tajjeb għas-saħħa għal dawk l-aktar fil-bżonn, kif ukoll li tuża b'mod attiv il-ħaxix żejjed u tevita l-ħela tal-ikel.

Benefiċċju ieħor

- Bl-inkitament tal-irkupru tal-ħaxix żejjed għas-soppa, l-awtorità kontraenti kisbet tnaqqis fil-ħela tal-ikel u tnaqqis korrispondenti fil-volum ta' skart organiku li għandu jiġi ttrattat permezz tal-immuniġġjar reġjonali tal-iskart. L-użu ta' dan il-ħaxix żejjed juri wkoll mod effiċċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekonomiku kif tiġi ġestita l-implimentazzjoni tal-Programm FEAD mill-Belġju.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-każ għandu potenzjal għoli ta' replikazzjoni għall-awtoritajiet aġġudikanti fl-Istati Membri l-oħra kollha tal-UE li jimplimentaw proġetti skont il-Programm FEAD. Dawk li huma interessati li jwettqu akkwisti simili għandhom jikkunsidraw dawn it-suġġerimenti li ġejjin:

- Il-kapaċità tal-intrapriżi soċjali u l-ħila tagħhom li joħolqu konsorzju huma fattur kruċjali għas-suċċess. L-awtorità kontraenti għandha tagħmel riċerka dwar il-kapaċità tas-suq sabiex tiżgura li tirċievi offerti kompetittivi li jkunu kapaċi jwasslu l-prodotti jew is-servizzi mixtieqa.
- Dan il-każ huwa kkaratterizzat minn aspetti innovattivi b'saħħithom minħabba li jippromwovi fl-istess ħin il-vijabbiltà soċjali (l-akkwist soċjali) u l-vijabbiltà tar-riżorsi naturali (il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel) fil-kuntest ta' Programm tal-UE implimentat madwar il-pajjiż kollu.

It-tagħlimiet ewlenin meħuda jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- L-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli jista' jikkontribwixxi kemm għall-vijabbiltà soċjali kif ukoll għall-vijabbiltà tar-riżorsi naturali meta l-awtoritajiet aġġudikanti jgħaqqdu għodod differenti b'mod immaġinattiv.
- In-natura tal-Programm FEAD bħala programm ta' distribuzzjoni tal-ikel tagħmlu kuntest xieraq għall-kisba tal-għanijiet ta' sostenibbiltà fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel.

L-isfidi futuri jinkludu dawn li ġejjin:

- L-appoġġ lill-intrapriżi soċjali sabiex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'suċċess għal dan it-tip ta' akkwist.
- It-titjib tar-rekwiżiti tekniċi b'tali mod li l-loġistika ssir aktar faċli u aktar kosteffiċjenti (eż. tiġi limitata l-ħtieġa għal ħżin imkessaħ).
- It-tfassil ta' tekniki ta' kooperazzjoni speċjali bejn il-Programm FEAD u l-programmi tal-FSE (eż. inizjattivi lokali tal-FSE) sabiex jittejbu s-sorsi ta' finanzjament għall-ispejjeż tal-impjegi u tat-taħriġ involuti f'dan it-tip ta' akkwist.

Kuntatt

Is-Sur Tom Anthuenis, id-Direttur tas-servizzi tal-Fondi Ewropej (PPS SI), tom.anthuenis@mi-is.be

23. AQUA Mühle u l-Bliet ta' Feldkirch u Bregenz jingħaqdu flimkien għas-servizzi tal-ikel soċjali

Status: Identifikat

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Bregenz, l-Awstrija u l-Belt ta' Feldkirch, l-Awstrija

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ikel u catering

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Fl-2017 u fl-2018, żewġ muniċipalitajiet fl-Awstrija tal-Punent, Bregenz u Feldkirch, użaw il-possibiltajiet ipprovduti mil-liġi dwar l-akkwist sabiex jippromwovu s-sostenibbiltà soċjali u ekoloġika. L-għan taż-żewġ sejħiet għall-offerti analizzati kien li jipprovdut ikel tajjeb għas-saħħa lill-iskejjel pubbliċi u lill-kindergartens kollha, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għal għan soċjali.

Għalhekk, is-sejħiet għall-offerti pubbliċi għall-catering għall-iskejjel pubbliċi u għall-kindergartens kollha inkludew kriterji għall-għoti bbażati fuq l-impjeg ta' persuni qiegħda fit-tul u ta' persuni b'diżabilità. Iż-żewġ kuntratti ntrebħu minn intrapriża soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol, AQUA Mühle.

Suġġett

L-inklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali f'sejħiet għall-offerti relatati mal-provvista ta' ikel lil skejjel pubbliċi u lil kindergartens fil-kontea ta' Vorarlberg, l-Awstrija.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

Kriterji għall-għoti: B'kollox ingħataw 100 punt fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

- il-prezz (50)
- il-kwalità tal-ippjanar tal-menu (5)
- kriterji formali rigward l-ippjanar tal-menu (20)
- il-kwalità tal-ikel (10)
- it-tnaqqis tal-piż ambjentali (5)
- it-tnaqqis tal-perjodu ta' rispons (5)
- l-impjeg ta' persuni qiegħda fit-tul (2,5)
- l-impjeg ta' persuni b'diżabilità (2,5)

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-istandard ta' referenza bażiku kien il-Bundesvergabegesetz tal-2006 tal-Awstrija, li jippermetti l-inklużjoni ta' aspetti relatati mal-politika soċjali u l-kriterji ekoloġiċi (5. Abschnitt: Grundsätze des Vergabeverfahrens, §19 (6); 6. Abschnitt: Die Ausschreibung – 4. Unterabschnitt: Bestimmungen über den Leistungsvertrag, §99(1))

L-għan soċjali ta' dan l-akkwist kien l-inklużjoni ta' persuni żvantaġġati permezz tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, sabiex jiġi miġġieled il-qgħad fit-tul u tinħoloq rabta mas-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ekoloġika.

Verifika

AQUA Mühle ngħatat iż-żewġ kuntratti bħala l-offerent bl-ogħla punteġġ kumplessiv, u rċiviet ukoll punti għall-inklużjoni ta' persuni qiegħda fit-tul u ta' persuni b'diżabilità bħala impjegati.

Fir-rigward tal-impjeg tal-persuni b'diżabilità, AQUA Mühle pprovdiet dikjarazzjoni mill-kumpanija tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika (Gebietskrankenkasse) tal-istatus ta' diżabilità tal-impjegati. Għall-ħaddiema li kienu qiegħda fit-tul, l-offerent issottometta dokumentazzjoni interna bħala prova lill-awtorità kontraenti.

L-indikaturi interni u l-kalkoli li jikkonċernaw is-sehem tal-prodotti tal-ikel ekoloġiċi ġew ipprovduti lill-awtorità kontraenti, u hekk ukoll id-divulgazzjoni tal-fornituri ewlenin tal-ikel.

Sal-lum, ma saret l-ebda evalwazzjoni ulterjuri ta' dawn il-kriterji.

Valur tal-kuntratt

Iż-żewġ kuntratti kellhom durata ta' sena. Il-kuntratt f'Bregenz kellu valur ta' madwar EUR 300 000, filwaqt li l-kuntratt f'Feldkirch kien ta' madwar EUR 400 000. Flimkien, dawn jirrappreżentaw 150 000 ikla fl-iskejjel pubbliċi fis-sena.

Strument

- L-Art. 67 dwar il-kriterji għall-għoti tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Bregenz u l-Muniċipalità ta' Feldkirch,
- Fornitur kuntrattat: AQUA Mühle hija intrapriża soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol b'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, li jinkludu servizzi tal-ikel, li hija ferm stabbilita fir-reġjun; hija rebħet iż-żewġ kuntratti. AQUA Mühle toffri taħriġ u impjeg lil dawk qiegħda fit-tul u lil gruppi vulnerabbli oħra. L-organizzazzjoni għandha esperjenza twila fir-rigward tas-servizzi tal-ikel. Tipprovi servizzi ta' catering lil istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll lil organizzazzjonijiet u lil individwi privati, tmexxi kafetterija u tipproduċi prodotti ta' konvenjenza tajbin għas-saħħa.

Impatti soċjali

- L-inklużjoni ta' kriterji soċjali f'dan l-akkwist ikkontribwiet għall-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni qiegħda fit-tul u ta' persuni b'diżabilità fil-qasam. L-awtoritajiet kontraenti rnexxielhom jiżguraw ikel ta' kwalità għall-iskejjel pubbliċi tagħhom, filwaqt li kisbu wkoll għanijiet soċjali u ambjentali.
- Peress li l-entità kuntrattata kienet kumpanija lokali, beneficiċju miżjud tal-impjeg għall-akkwist huwa li l-ġid iġġenerat jibqa' fi ħdan il-komunità.

Benefiċċji oħra

- Il-benefiċċji ambjentali nkisbu permezz ta' trasport imnaqqas fir-reġjun relatat mal-provvista ta' ikliet għall-iskejjel, kif ukoll permezz tal-promozzjoni ta' ikel aktar ekoloġiku.
- Fil-prinċipju, din il-prattika hija trasferibbli, għalkemm mhux l-intrapriżi soċjali kollha tal-integrazzjoni fix-xogħol għandhom id-daqs, l-esperjenza u l-potenzjal li jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti bħal dawn.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Aktar komunikazzjoni mal-awtorità kontraenti qabel il-bidu tal-kuntratt tista' tkun utli, peress li tippermetti li ssir valutazzjoni aħjar tax-xenarji futuri possibbli li jaffettwaw is-suġġett tal-kuntratt. Pereżempju, il-kuntrattur huwa tal-opinjoni li djalogu akbar bejn l-awtorità kontraenti u l-kuntrattur dwar aspetti bħat-tibdiliet possibbli fir-rigward tal-volum tal-kuntratt (eż. kindergartens addizzjonali) ikun utli.

Kuntatt

Clara Moder, Riċerkatur, arbeit plus – Intrapriżi Soċjali Awstrija, clara.moder@arbeitplus.at

SETTUR 4- Għamara

24. L-Emilia-Romagna tagħżel għamara b'impatt ambjentali u soċjali mnaqqas

Status: Verżjoni finali

Isem l-Awtorità akkwirenti, pajjiż: Intercent-Emilia Romagna, l-Italja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Għamara

Introduzzjoni u objettivi tal-akkwisti

L-“Aġenzija Reġjonali għall-iżvilupp tas-swieq elettroniċi ta' Emilia Romagna” (Intercent-ER) hija istituzzjoni reġjonali pijuniera għax-xiri kollettiv ifffinanzjat mill-gvern reġjonali ta' Emilia Romagna.

Sa mill-attivazzjoni tiegħu fl-2006, Intercent-ER taġixxi bħala unità ċentrali tax-xiri għall-amministrazzjoni pubblika reġjonali u tmexxi s-sistema tal-Akkwist elettroniku. Wara li stabbiliet lilha nnifisha bħala istituzzjoni ewlenija fl-akkwist pubbliku ekoloġiku u soċjali u fil-prattiki sostenibbli, hija rebħet il-Premju tal-Akkwist Soċjali Taljan fil-Forum Compraverde (avveniment nazzjonali annwali dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli fl-Italja) għal sentejn konsekuttivi.

Fl-2018, tnediet proċedura tal-akkwist li tkopri x-xiri ta' għamara għall-uffiċċji tal-amministrazzjoni pubblika. L-objettiv tal-proċess tas-sejħiet għall-offerti kien li l-uffiċċji jiġu pprovduti b'sett imġedded ta' għamara b'impatt ambjentali mnaqqas. Barra minn hekk, iċ-ċessjoni tal-għamara sostitwita kienet ukoll parti mill-akkwist, bl-objettiv li din tingħata b'donazzjoni lil organizzazzjoni tal-karità, bħas-Salib l-Aħmar jew organizzazzjonijiet oħra ta' xogħol volontarju reġistrati fl-Italja jew f'pajjiż barrani.

Suġġett: Ix-xiri ta' għamara ġdida b'impatt ambjentali u soċjali mnaqqas

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-proċess tal-akkwist beda fil-21/11/2017 bil-pubblikazzjoni fuq is-sit web ta' Intercent-ER u fuq il-portal tal-ĠU. Intużat proċedura b'żewġ stadji. Matul il-fażi miftuħa kienu permessi żewġ sensiliet ta' mistoqsijiet u twegjibiet u dawn ġew ippubblikati fuq is-sit web b'mod trasparenti. L-akkwist kien maqsum fi 3 lottijiet, fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet materjali u tekniċi tal-għamara. L-għan tal-qsam kien li jgħin lill-fornituri speċjalizzati japplikaw għas-sejħa. Il-kuntratti jdmu għal 24 xahar, bil-possibbiltà ta' tiġdid għal 12-il xahar wara d-data ta' skadenza. Il-kuntratt ingħata fuq il-bażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, b'attenzjoni mogħtija lill-istandards tal-kwalità teknika, ambjentali u soċjali fl-offerti.

Seba' intrapriżi pparteċipaw fl-akkwist; tliet kumpaniji differenti ngħataw lottijiet rispettivament għal għamara tal-metall, għal għamara tal-injam u għal siġġijiet.

Kriterji għall-Għoti

Il-kriterji għall-għoti ġew ponderati kif ġej:

- Spiża - 30 %
- Offerta Teknika - 70 %

L-Offerta Teknika kienet tinkludi kriterji soċjali li pprovdew 7 minn 70 punt (10 %) u kienu maqsuma kif ġej:

- 2 punti għall-kisba taċ-ċertifikazzjoni SA 8000, jew ekwivalenti, kontra t-tħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat u d-diskriminazzjoni tal-ħaddiema

- 2 punti għall-kisba tat-tikketta BS OHSAS 18001, jew ekwivalenti, dwar is-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa
- 3 punti għall-użu mill-ġdid tal-għamara l-antika, ipprovat b'dikjarazzjoni fis-sejħa għall-offerti

Barra minn hekk, kienu disponibbli sa 5 punti għall-kisba tal-istandard tal-EMAS, ISO 14001 jew tal-Impronta tal-Karbonju jew ekwivalenti.

Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt

It-termini tal-kuntratt kienu jinkludu wkoll mekkaniżmu għall-valutazzjoni u għat-titjib tal-katina tal-provvista fil-fażi ta' monitoraġġ tal-kuntratt permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' evalwazzjoni. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jiddependi fuq id-dikjarazzjoni mill-impriżi offerenti dwar kif se jiġu eżegwiti l-klawżoli fil-kuntratt fid-dawl tal-oġġettivi soċjali tas-sejħa għall-offerti. Ladarba tiġi riċevuta d-dokumentazzjoni, il-persunal ta' Intercent-ER għandu jissorvelja u jivverifika l-konformità, kif deskritt fit-taqsimha tal-verifika aktar 'il quddiem. Il-kumpaniji offerenti huma mħeġġa jidentifikaw il-katina tal-provvista tal-prodotti tagħhom u jivverifikaw il-konformità man-normi soċjali tal-organizzazzjoni offerenti, sa biex jevitaw dumping soċjali.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-oġġettivi tal-politika soċjali tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti kienu tnejn:

- Fir-rigward tat-trawwim tat-tikketti u tal-istandards soċjali, l-amministrazzjoni riedet tiżgura standard soċjali adegwat għall-intrapriżi li jaħdmu mal-awtorità reġjonali u, b'hekk, trawwem politika ta' sostenibbiltà soċjali fir-reġjun kollu.
- Rigward l-użu mill-ġdid tal-għamara l-antika, l-oġġettiv soċjali kellu l-għan li joħloq ambjent ta' sħubijiet pożittivi bejn l-amministrazzjoni pubblika, l-intrapriżi privati u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

Il-proċess tas-sejħa għall-offerti kien jiddependi fuq żewġ standards soċjali ewlenin ta' referenza fil-kriterji għall-għoti, SA 8000 u BS OHSAS 18001:

- SA 8000 huwa standard internazzjonali taċ-ċertifikazzjoni li jħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet jiżviluppaw, iżommu u japplikaw prattiki soċjalment aċċettabbli fuq il-post tax-xogħol; dan jinkludi kwistjonijiet ta' tħaddim tat-tfal, ta' libertà ta' assoċjazzjoni, ta' diskriminazzjoni, ta' sigħat tax-xogħol u ta' sistemi maniġerjali b'attenzjoni għall-impjegati.
- It-tikketta BS OHSAS 18001 tikkonċerna l-valutazzjoni tal-okkupazzjoni u tas-saħħa tal-ħaddiema. Organizzazzjonijiet li japplikaw għall-istandard BS OHSAS 18001 għandhom jiżguraw sistema ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza għall-impjegati tagħhom.

L-istandards ambjentali kienu konformi mad-Digriet Ministerjali tal-11 ta' Jannar 2017 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-għamara u l-iffrankar tal-enerġija. L-oġġettiv ewlieni tad-Digriet kien li jrawwem l-iffrankar tal-enerġija fl-amministrazzjoni pubblika fid-dawl tal-Objettivi Ewropej għas-sena 2020.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt għandu valur totali ta' EUR 4,1 miljun għal sentejn, maqsum kif ġej:

- Lott 1: EUR 1,65 miljun (għamara tal-injam)
- Lott 2: EUR 1,05 miljun (għamara tal-metall)
- Lott 3: EUR 1,38 miljun (siġġijiet għall-uffiċċji).

Verifika

L-akkwist kien partikolarment attent għall-mekkaniżmu ta' verifika ta' segwitu sabiex jiżgura l-prestazzjoni effettiva tas-sejħa għall-offerti. Il-verifika kienet tinkludi dan li ġej:

- Il-kumpanija rebbieħa taqbel li taċċetta awditi esterni għall-verifika ta' standards soċjali minimi;
- Fi żmien 6 xhur mill-għoti tal-kuntratt, il-kumpanija għandha tipprovdi lil Intercent-ER b'viżjoni ċara u dokumentata tal-katina tal-provvista għall-prodotti li għandhom jiġu kkonsenjati;
- Sistema ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tul il-katina tal-provvista għandha tkun fis-seħħ bit-"titjib kontinwu" tal-istandards ambjentali u soċjali fil-qalba tagħha;
- Fi żmien 12-il xahar mill-bidu tal-kuntratt, il-kuntrattur għandu jipprovdi dokument dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda fil-katina tal-provvista.

Strument

- L-Art. 67 (dwar il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt) u l-Art. 70 (dwar il-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratti) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Id-digriet leġiżlattiv Taljan tat-18 ta' April 2016.

Atturi

- Awtorità Kontraenti:
 - Ir-reġjun ta' Emilia Romagna
 - Intercent-ER - awtorità pubblika reġjonali tax-xiri, li tikkoordina l-akkwist
- Parteċipanti fil-konsultazzjonijiet preliminari tas-suq
 - Armet s.r.l.;
 - Mobilferro s.r.l.;
 - Metalplex s.p.a.;
 - L.T. Form2 s.r.l.;
 - Laezza s.p.a.;
 - Moschella sedute s.r.l.;
 - SO.C.A.M. Società Cooperativa
- Fornituri ta' servizzi kuntrattati
 - Lott 1 (għamara tal-injam): Metalplex s.p.a
 - Lott 2 (għamara tal-metall): Mobilferro s.r.l.
 - Lott 3 (siġġijiet għall-uffiċċji): Moschella sedute s.r.l

Impatt soċjali

- L-akkwist immarka innovazzjoni fl-aproċċ tal-awtoritajiet reġjonali favur l-implimentazzjoni ta' kriterji soċjali fl-akkwist pubbliku. Intercent-ER rat l-interess tal-entitajiet lokali u tal-NGOs li jaħdmu fuq l-iżvilupp sostenibbli u fuq is-sostenibbiltà soċjali. Minħabba l-bidu riċenti tal-kuntratt, għadha ma ġiet identifikata l-ebda organizzazzjoni ta' destinazzjoni sabiex tirċievi l-għamara użata; madankollu, il-proċess qed jiġi mmonitorjat minn Intercent-ER.
- Ir-reġjun qabad it-triq lejn prattiki tal-akkwist pubbliku sostenibbli fl-2011; minn dak iż-żmien, ġew inklużi kriterji soċjalment responsabbli fi tletin kuntratt maħruġa minn Intercent-ER. L-inizjattiva tqieset bħala suċċess. Illum il-ġurnata, il-biċċa l-kbira tal-intrapriżi u tal-offerenti li jfittxu opportunitajiet ta' akkwist pubbliku għandhom probabbiltà akbar li jkollhom iċ-ċertifikazzjoni SA 8000; barra minn hekk, numru dejjem akbar minnhom jikkompetu fuq il-bażi ta' karatteristiċi soċjalment responsabbli.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Intercent-ER tinsab heqana li tkompli tuża l-akkwist soċjalment responsabbli, b'miri saħansitra aktar ambizzjużi. Madankollu, l-amministrazzjoni saħqet fuq l-importanza tal-istrumenti ta' tixrid, l-aktar it-taħriġ, kemm fost l-uffiċċji tal-amministrazzjoni reġjonali kif ukoll fost l-intrapriżi sabiex jipprovdu għal riżultati aktar konkreti.
- Intercent-ER se tkompli tippremja u tħaddan ir-responsabbiltà soċjali korporattiva fost l-intrapriżi li jagħmlu offerti bħala mezz sabiex tottimizza l-intrapriżi soċjali u r-riżorsi fir-reġjun. Barra minn hekk, l-awtorità reġjonali tittama li ssegwi u torbot l-istrategġiji nazzjonali u reġjonali għall-integrazzjoni soċjali permezz ta' akkwisti pubbliċi integrati, kif ukoll permezz tal-iżvilupp ta' suq soċjalment responsabbli fuq in-naħa tal-provvista u tad-domanda. B'hekk, l-akkwist soċjali jkun ċentrali għall-implimentazzjoni tad-domanda responsabbli fis-setturi tal-prodotti aktar reżistenti għat-tibdil; Intercent-ER ħadet impenn favur preżenza akbar ta' klawżoli tal-SRPP f'kuntratti futuri.

Kuntatti

Rossella Galli, ir-Reġjun ta' Emilia Romagna, rossella.galli@regione.emilia-romagna.it, 051 5273480 (kuntatt primarju)

Elisabetta Bonfiglioli, ir-Reġjun ta' Emilia Romagna, elisabetta.bonfiglioli@regione.emilia-romagna.it, 0515273027 (kuntatt sekondarju)

25. Akkwist ċentralizzat ta' għamara tal-uffiċċju għall-istituzzjonijiet pubbliċi Rumani

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Akkwist Ċentralizzat (NOCP), ir-Rumanija

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Għamara

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-objettiv ta' din il-proċedura ta' akkwist pubbliku huwa li jiġi ġestit l-akkwist ċentralizzat ta' għamara tal-uffiċċju f'kundizzjonijiet ta' effiċjenza ekonomika u fl-istess ħin li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-atturi involuti (l-awtoritajiet kontraenti u l-offerenti) dwar l-aspett soċjali.

L-NOCP, bħala korp ċentralizzat għall-akkwist pubbliku, jinvestiga l-ħtiġijiet tal-klijenti (istituzzjonijiet tal-gvern u pubbliċi) fir-rigward tal-għamara tal-uffiċċju. Wara dan, l-NOCP jiddeċiedi liema prodotti se jinxtaw fis-sistema ċentralizzata, jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-oġġetti magħżula u jixtri l-għamara tal-uffiċċju b'mod ċentralizzat billi jistabbilixxi ftehim qafas b'minimu ta' tliet operaturi ekonomiċi.

L-NOCP jinsab fl-istadju tat-tnejn tal-akkwist tal-għamara tal-uffiċċju. Din il-fażi ta' preakkwist għandha l-għan li tidentifika l-ħtiġijiet speċifiċi tal-gvern u tal-istituzzjonijiet pubbliċi Rumani, kif ukoll li tittestja l-interess tal-operaturi ekonomiċi potenzjali li jimplimentaw konsiderazzjonijiet soċjali fil-proċedura. Huwa mistenni li l-proċedura titnieda f'April 2020.

Suġġett

Għamara tal-uffiċċju

Stadju tal-akkwist u kriterji

Preakkwist:

L-istadju ta' preakkwist tħabbar fl-SEAP (Sistema Elettronika tal-Akkwisti Pubbliċi fir-Rumanija) u twettaq fi 3 passi:

1. Is-sottomissjoni ta' kwestjonarju permezz ta' konsultazzjoni miftuħa,²³ li twettqet minn 6 operaturi ekonomiċi;
2. Fl-istadju tal-kitba tad-dokumenti tal-akkwist, saret l-ewwel laqgħa ma' operaturi ekonomiċi potenzjali biex tinformahom dwar l-intenzjoni tal-NOCP li jniedi akkwist bi kriterji soċjali u ambjentali;
3. It-tieni laqgħa saret fil-forma ta' konsultazzjoni tas-suq ma' offerenti potenzjali wara li nġabru l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, bil-għan li jiġu finalizzati d-dokumenti tal-akkwist.

Fit-tieni laqgħa ħadu sehem ħames operaturi ekonomiċi. Wara li jkunu ġew ivvalutati l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, se ssir it-tielet laqgħa.

Fil-konsultazzjoni mas-suq, saru l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Taqbel mal-promozzjoni ta' politiki ta' responsabbiltà soċjali fil-qasam tal-akkwist pubbliku billi jiġu stabbiliti fatturi ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward? *It-tweġiba mill-fornituri potenzjali kienet, b'mod unanimu, iva.*
- X'politiki ta' responsabbiltà soċjali tipproponi għal dan il-ftehim qafas ċentralizzat? *It-tweġibiet mill-fornituri potenzjali kienu jinkludu: l-investimenti fil-komunità (proġetti soċjali), l-inklużjoni, l-użu tat-teknoloġija biex jiġu solvuti l-problemi soċjali, l-etika tan-negozju, id-drittijiet tal-utenti, l-ekwità ekonomika u soċjali, il-ħarsien tal-ambjent, l-opportunitajiet indaqs u l-integrità morali.*

Speċifikazzjonijiet tekniċi:

²³ <http://e-licitatie.ro/pub/notices/mc-notice/view/100059944>; L-NOCP baġħat ukoll stedinet lil 25 operatur ekonomiku, 4 raggruppamenti ta' profili u lill-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tal-Għamara fir-Rumanija.

Wieħed mil-lottijiet jirrigwarda l-forniment ta' għamara tal-uffiċċju li l-għoli tagħha jista' jiġi aġġustat, biex jiġi żgurat li l-persunal kollu jkun jista' juża tagħmir adattat għall-ħtiġijiet tiegħu. Dan jinkludi dawk b'diżabbiltajiet fiżiċi jew b'disturbi lumbari, li biex jaħdmu jridu joqogħdu bilwieqfa.

Kriterji għall-għoti:

Il-kuntratt se jingħata abbażi tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Il-kriterji se jiġu ponderati kif ġej:

- Prezz: 80 %
- Garanzija addizzjonali tal-prodott (garanzija): 10 %
- Il-valur tal-proġett soċjali propost: 10 %.

Fir-rigward tal-garanzija, jingħataw il-punti li ġejjin:

- 0 punti jekk l-operatur ekonomiku joffri garanzija ta' 3 snin (ir-rekwiżit minimu)
- 5 punti għal garanzija ta' 4 snin
- 10 punti għal garanzija ta' 5 snin.

Il-proġett soċjali se jinvolvi l-forniment ta' għamara fis-servizzi soċjali, bħal skejjet speċjali, kindergartens jew djar tal-anzjani. L-offerenti se jiġu infurmati fid-dokumenti tal-akkwist (l-avviż ta' parteċipazzjoni, l-ispeċifikazzjoni, il-ftehim qafas u l-kuntratt sussegwenti) dwar il-fatt li l-proġett soċjali jkun jeħtieġ li jkun relatat direttament mal-prodotti pprovduti, f'konformità mal-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/24/UE. Il-proġett soċjali jrid jitlesta fl-ewwel sena tal-kuntratt.

Kundizzjonijiet għat-tweġiq ta' kuntratt:

Id-dokumentazzjoni tal-kuntratt fiha "Dikjarazzjoni dwar l-osservanza tal-kundizzjonijiet ambjentali, soċjali u tax-xogħol matul id-durata tal-kuntratt ta' xogħlijiet".

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv tal-politika soċjali ta' din il-proċedura huwa li jiġu pprovduti servizzi pubbliċi effettivi u inklużivi, b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti. Objettiv speċifiku wieħed tal-Istrateġija Nazzjonali Rumena għall-Inklużjoni Soċjali ta' Persuni b'Diżabilità (2014-2020) huwa li jiġu pprovduti faċilitajiet fir-rigward tal-arranġament tal-ispazju tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità (skont it-tip ta' diżabilità), bħal adattamenti arkitettoniċi jew għamara adattata. F'dan ir-rigward, il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet individwali jew ta' tim jekk ikollhom għamara xierqa skont il-ħtiġijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-NOCP se jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u mil-liġi nazzjonali fit-tweġiq tal-kuntratti pubbliċi. Id-dikjarazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt hija mmudellata fuq l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/24/UE, li jirrikjedi konformità mal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol applikabbli.

Verifika

Il-proġetti soċjali proposti se jiġu evalwati abbażi tal-ammont ta' kapital investit. Ir-rilaxx tal-garanzija finanzjarja ta' eżekuzzjoni tajba se jkun jiddependi fuq it-tweġiq tal-proġett iddikjarat.

Intalab sett ta' rekwiżiti tekniċi minimi mill-offerenti għal-lott rigward l-għamara tal-uffiċċju li l-għoli tagħha jista' jiġi aġġustat u l-offerti mhux konformi se jiġu miċħuda.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt għadu ma ġiex determinat, iżda huwa stmat li se jaqbeż il-limitu għar-reklamar fil-Ġurnal Uffiċjali stabbilit mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE 2019/1828) tat-30 ta' Ottubru 2019.

Strument

- L-Artikoli 18(2), 40, 42, 67 u 70 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

L-atturi involuti fl-akkwist huma:

- Awtorità kontraenti: L-NOCP, bħala l-korp ċentralizzat għall-akkwist pubbliku;
- Benefiċjarji: L-awtoritajiet kontraenti rreġistrati fir-Reġistru tal-Utenti li se jittrażmettu l-ħtiġijiet tagħhom lill-NOCP;
- L-impjegati tal-awtoritajiet kontraenti li se jkunu l-utenti finali tal-għamara mixtrija;
- L-operaturi ekonomiċi li se jissottomettu offeriti biex jipparteċipaw fil-proċedura ċentralizzata u l-impjegati tagħhom.

L-NOCP se jagħmel l-akkwist f'isem l-awtoritajiet kontraenti rreġistrati fir-Reġistru tal-Utenti li jkunu ttrażmettew il-ħtiġijiet tagħhom. Fi Frar 2020, 2,978 utent huma rreġistrati fir-Reġistru tal-Utenti, skont: http://onac.gov.ro/wp-content/uploads/2019/10/RU_07.10.2019_ONAC.pdf

Meta wieħed iqis li l-ewwel akkwist pubbliku ċentralizzat għall-karta tal-istampar kien jinvolvi 1,153 istituzzjoni pubblika, jista' jiġi antiċipat li aktar minn 1,000 utent se jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku ċentralizzat tal-għamara tal-uffiċċju.

Impatti soċjali

- Bl-allokkazzjoni ta' punti addizzjonali għall-aspett soċjali fir-rigward tal-fondi allokatu għal proġetti soċjali, l-NOCP beħsiebu jidderieġi parti mill-profitt tal-offerenti lejn proġetti soċjali.
- Sabiex tiġi promossa l-inklużjoni fix-xogħol ta' persuni b'diżabilità u/jew b'tul atipiku, l-NOCP ħoloq lott speċifik u mmirat lejn dawn il-gruppi biex jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Benefiċċji oħra

- Billi din il-proċedura hija l-ewwel akkwist ċentralizzat ta' għamara tal-uffiċċju fir-Rumanija, l-impatt tal-użu ta' kriterji soċjali huwa mistenni li jkun għoli ħafna, billi l-akkwisti magħmula mill-NOCP se jittieħdu bħala parametru referenzjarju minn awtoritajiet kontraenti nazzjonali oħra.
- Barra minn hekk, il-proċedura ta' akkwist tal-NOCP tista' tiġi replikata minn unitajiet tal-akkwist ċentralizzati oħra minn pajjiżi oħra tal-UE.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- mhux applikabbli, peress li l-proċedura għadha għaddejja.

Kuntatt

Alin Ion Izvoran, Uffiċċju Nazzjonali għall-Akkwist Ċentralizzat, Direttur, alin.izvoran@onac.gov.ro, 0786.826.901

SETTUR 5- Servizi ta' ġardinaġġ

26. Kollaborazzjoni mal-Kooperattivi Soċjali għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol fit-Toskana

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: ESTAR, l-Italja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ġardinaġġ

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

F'Mejju 2017 tnediet proċedura miftuħa għaż-żamma ta' servizzi ta' żona ekoloġika għall-istabbilimenti tal-kura tas-saħħa tat-Toskana mill-awtorità kontraenti ESTAR (entità ta' appoġġ reġjonali teknika-amministrattiva, stabbilita bil-Liġi 40/2005).

L-objettiv tal-akkwist kien li tiġi inkluża l-parteċipazzjoni ta' kooperattivi soċjali tat-tip b (minn hawn 'il quddiem "kooperattivi soċjali") u li tiġi promossa l-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni b'diżabilità u ta' persuni żvantaġġati, filwaqt li jiġi żgurat impatt pożittiv fuq l-ambjent. Dan inkiseb billi:

- il-kuntratt ġie maqsum f'lottijiet (li tmienja minn ħdax minnhom kienu riżervati għall-intrapriża soċjali); u,
- billi ġew inklużi rekwiżiti ambjentali u soċjali.

Suġġett

Iż-żamma ta' żoni ekoloġiċi tal-istabbilimenti tal-kura tas-saħħa fir-reġjun tat-Toskana, l-Italja.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Kriterji għall-għoti

Il-kriterji għall-għoti użati għal-lottijiet riżervati 1-8 kienu:

Kriterji soċjali (total ta' 22 punt):

- Azzjonijiet u proċeduri relatati mar-reklutaġġ, l-għażla u l-kollokament ta' ħaddiema li għandhom jiġu integrati fis-suq tax-xogħol - 4 punti
- Metodi ta' organizzazzjoni tax-xogħol - 7 punti
- Metodoloġija għall-appoġġ tal-ħaddiema matul it-twettiq tas-servizz - 7 punti
- Taħriġ, inkluż l-għadd ta' sigħat u l-objettivi għal kull individwu - 4 punti

Kriterji ambjentali (total ta' 40 punt):

- L-użu ta' tekniki li jevitaw il-ħtieġa li jintużaw il-pestiċidi (fitofarmaċewtiċi)- 12-il punt
- L-użu ta' prattiki u teknoloġiji tal-irrigazzjoni li jnaqqsu l-konsum tal-ilma - 2 punti
- It-tħawwil ta' speċijiet ta' pjanti nattivi li jkunu xierqa għall-karatteristiċi tat-territorju (jiġifieri l-klima, il-ħtiġijiet tat-tisqija u l-mard endemiku) - 5 punti
- L-użu tal-kompost bħala fertilizzant - 8 punti
- L-użu ta' kontenituri u tgeżwir riċiklati jew użati mill-ġdid - 5 punti
- L-użu ta' prodotti li jikkonformaw mal-kriterji ekoloġiċi Ewropej - 8 punti

Kundizzjonijiet għat-twertiq ta' kuntratt

Il-kuntratti għal kull wieħed mit-tmien lottijiet fihom klawżoli soċjali u ambjentali għall-kooperattivi soċjali biex jimplimentawhom. Il-klawżoli soċjali jirrikjedu li l-kooperattivi soċjali kkuntrattati:

- Jippromwovu l-impjeg stabbli tal-impjegati kkuntrattati billi jimpenjaw ruħhom li joffru kuntratt ta' impjeg għad-durata kollha tal-kuntratt tal-offerta, jiġifieri 72 xahar; u
- Jimpenjaw ruħhom li jimpjegaw għad-durata kollha tal-kuntratt lill-persunal li qabel kien impjegat biex iwettaq l-istess servizzi fil-bini tal-Aġenziji tas-Saħħa, persunal li jappartjeni għall-kategoriji ta' ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità (klawżola ta' salvagwardja tal-impjeggi); il-kuntrattur jista' jimpjega persunal ġdid li jappartjeni għall-istess kategoriji biex jissodisfa l-obbligu li jkollu mill-anqas 30 % tal-forza tax-xogħol impjegata biex twettaq is-servizzi speċifikati fil-kuntratt.

Barra minn hekk, il-klawżoli ambjentali jirrikjedu li l-kooperattivi soċjali kkuntrattati jadottaw metodi, tekniki u prodotti li ma jużawx ammont eċċessiv ta' ilma jew ċerti pestiċidi, u fejn ikun rilevanti jagħmlu użu minn materjali rikiklati u użati mill-ġdid.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Jiġu pprovduti opportunitajiet ta' integrazzjoni fix-xogħol għall-impjeg lil persuni b'diżabilità jew żvantaġġati.
- Jiġi promoss l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mill-kooperattivi soċjali.
- Jiġu żgurati standards tax-xogħol deċenti għall-persuni impjegati f'kooperattivi soċjali.

Verifika

Il-monitoraġġ jitwettaq mill-Aġenziji tas-Saħħa tar-Reġjun tat-Toskana u mill-ESTAR (il-korp ċentrali għall-akkwisti). L-Aġenziji tas-Saħħa jiddefinixxu l-iskeda u l-modi kif se jsir il-monitoraġġ, abbażi tar-regolamenti tagħhom. L-ESTAR tista' twettaq attivitajiet ta' monitoraġġ *ad hoc* dwar il-verifiki mwettqa mill-Aġenziji tas-Saħħa, bħal kontrolli fuq il-post u żjarat ta' spezzjoni, biex tiżgura li l-obbligi kuntrattwali jkunu qed jiġu ssodisfati b'mod sħiħ. Dawn il-kontrolli *ad hoc* jistgħu jirrigwardaw l-obbligi inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, kif ukoll is-servizzi inklużi fl-offerta teknika tal-kuntrattur li kienu soġġetti għall-evalwazzjoni mill-awtorità kontraenti.

Valur tal-kuntratt

Madwar EUR 24 miljun għat-tmien lottijiet riżervati, minn valur totali tal-kuntratt ta' EUR 40 miljun għall-ħdax-il lott kollha (durata ta' 72 xahar)

Ammonti għal kull lott:

- Lott 1: EUR 3,110,000
- Lott 2: EUR 6,000,000
- Lott 3: EUR 3,400,000
- Lott 4: EUR 810,000
- Lott 5: EUR 1,910,000
- Lott 6: EUR 625,000
- Lott 7: EUR 3,610,000
- Lott 8: EUR 4,685,000

Strument

Din il-prattika toħroġ minn Memorandum ta' Qbil (MtQ) iffirmit fl-10 ta' April 2017 għal perjodu ta' ħames snin, bejn ir-Reġjun tat-Toskana, l-ESTAR, il-ConfCooperative Toscana, il-Federsolidarietà, il-Legacoopsociali, il-Lega Coop Toscana u l-Assoċjazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Taljani (AGCI), bil-għan li jiġu promossi r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-kooperattivi soċjali. Il-Memorandum jispeċifika li l-awtoritajiet kontraenti jimpenjaw ruħhom li jużaw għodod bħal kuntratti riżervati oġġla jew aktar baxxi mil-limitu għall-kooperattivi soċjali u l-qsim f'lottijiet biex jiggarrantixxu l-parteċipazzjoni tal-SMEs.

Ir-Reġjun tat-Toskana żviluppa l-Liġi Reġjonali tal-31 ta' Ottubru 2018, Nru 58 "Normi għall-kooperazzjoni soċjali fit-Toskana", il-MtQ kien il-pedament għall-iżvilupp ta' din il-liġi. F'din il-liġi l-ġdida, ir-Reġjun tat-Toskana jdaħħal fis-seħħ risposti innovattivi li jindirizzaw kemm il-kollokament f'impjieg għall-persuni żvantaġġati u għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll il-ġestjoni tas-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa u s-servizzi edukattivi.

Atturi

- Awtorità kontraenti: ESPAR – il-korp ċentrali għall-akkwisti
- Partijiet ikkonċernati tal-MtQ: L-organizzazzjonijiet tal-Kooperattivi Soċjali
- Il-kooperattivi soċjali kkuntrattati u l-impjegati tagħhom

Impatti soċjali

- Il-kooperattivi soċjali ppremjati jissaħħu permezz tal-involvement tagħhom fl-akkwist pubbliku, u dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-operaturi u jiżgura s-sostenibbiltà tal-programmi u l-proġetti tagħhom. Minħabba n-natura tal-funzjonament u tax-xogħol tal-kooperattivi soċjali fl-Italja, dan jissarraf ukoll fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' individwi żvantaġġati kif ukoll jibbenefika mill-miżuri ta' appoġġ li joffru.

Benefiċċji oħra

- L-inklużjoni ta' kriterji ambjentali għall-prodotti u t-tekniki involuti fiż-żamma ta' servizzi ekoloġiċi tnaqqas l-impatt ambjentali tas-servizzi, u tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għas-saħħa tal-ħaddiema.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Minkejja l-implimentazzjoni b'suċċess ta' din il-prattika speċifika, sal-lum l-awtoritajiet kontraenti ma ppubblikawx sejħiet għall-offerti bl-użu tal-ġhodod tal-MtQ (jiġifieri kuntratti riżervati jew il-qsim f'lottijiet) daqs kemm kien antiċipat mill-firmatarji, li jirrapportaw li ġew ippubblikati ftit ħafna kuntratti ta' dan it-tip. Għalhekk, l-isfida futura se tkun li l-politiki tar-reġjun jiġu tradotti f'azzjonijiet konkreti. Ir-rieda politika li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli teżisti, kif muri mill-MtQ u mil-Liġi Reġjonali Toskana tal-2018. Madankollu, sabiex l-awtoritajiet kontraenti (uffiċjali u diretturi) jiġu mħeġġa u appoġġati jintroduċu konsiderazzjonijiet soċjali fis-sejħiet għall-offerti tagħhom, hemm ħtieġa reali għal sensibilizzazzjoni u taħriġ aktar immirati dwar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.

Kuntatt

Francesco Fragola, Kelliemi Reġjonali fil-Confcooperative tat-Toskana, fragola.f@confcooperative.it

27. Kuntratti riżervati għal servizzi ta' ġardinaġġ f'Castilla – La Mancha

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Gvern Reġjonali ta' Castilla - La Mancha, Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ġardinaġġ

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Id-Dipartiment identifika opportunità biex titnieda proċedura ta' akkwist għas-servizzi ta' ġardinaġġ fil-forma ta' kuntratt riżervat. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali dwar l-akkwist pubbliku tippromwovi l-kuntratti riżervati bħala għodda għall-inklużjoni professjonali u soċjali fost persuni b'forom differenti ta' żvantaġġ, l-awtoritajiet kontraenti għadhom riluttanti milli japplikaw tali proċeduri f'xi każijiet. Dan spiss huwa dovut għan-nuqqas ta' għarfien tal-operaturi tal-ekonomija soċjali u l-potenzjal tagħhom li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi.

F'din il-proċedura, il-preakkwist kien għalhekk kruċjali biex wieħed jifhem l-opportunitajiet disponibbli fis-suq, jiżgura li r-rekwiżiti tal-kuntratt kienu adattati għan-natura speċifika tal-Intrapriżi Soċjali għall-Integrazzjoni fix-Xogħol (WISEs) u tal-impjegati tagħhom u, għalhekk, jiggwarantixxu t-tweġġ b'suċċess tas-servizz.

Il-proċedura tinkludi wkoll konsiderazzjonijiet soċjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-valur totali tal-kuntratt huwa konsiderevolment aktar baxx mil-limitu għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/24/UE.

Suġġett

Servizzi ta' ġardinaġġ li għandhom jitwettqu fil-kwartieri ġenerali tad-Dipartiment reġjonali tal-Ekonomija ta' Castilla - La Mancha u ċentru tat-taħriġ fil-Belt ta' Toledo.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fit-2 ta' Awwissu 2019²⁴.

Id-Dipartiment kellu l-għan li jniedi din il-proċedura bħala kuntratt riżervat għad-WISEs. Id-Dipartiment iddedika sforzi sinifikanti għall-fażi ta' preakkwist sabiex jiżgura li r-rekwiżiti tal-kuntratt għas-servizz ta' ġardinaġġ ikunu adattati għall-karatteristiċi tad-WISEs u tal-ħaddiema tagħhom. Din ir-riċerka dwar is-suq kienet tirrappreżenta waħda mill-ewwel esperjenzi tad-Dipartiment bil-preakkwist.

Wara l-fażi inizjali tar-riċerka dwar is-suq, id-Dipartiment investiga aktar dwar l-ispeċifikitajiet tad-WISEs, inkluż il-ftehim kollettiv applikabbli għal dan it-tip ta' operatur.

Il-proċedura kienet tinkludi l-konsiderazzjonijiet soċjali bħala kundizzjonijiet għat-tweġġ tal-kuntratt. Il-kuntratt kien jinkludi obbligu li jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' impjieg li jikkonformaw mal-ftehim kollettiv applikabbli fir-rigward tal-obbligi ta' ħlas, taħriġ u sigurtà soċjali.

Barra minn hekk, skont it-termini tal-kuntratt, il-kuntratti ta' impjieg kellu jkollhom durata minima ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-kuntrattur kien meħtieġ jipprovdri lill-awtorità kontraenti informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni impjegati fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

Il-kuntrattur kien meħtieġ ukoll li jintegra dimensjoni tal-ġeneru fit-tweġġ tal-kuntratt (pereżempju, impenn għat-trattament ugwali u li jippreżenta *data* diżaggregata skont il-ġeneru). Il-perspettiva tal-ġeneru kellha tiġi inkluża fid-dokumenti, ir-rapporti, id-*data*, eċċ. kollha; il-materjali kollha ta' disseminazzjoni kellhom ikunu newtrali għall-ġeneru.

Il-kriterji kwalitattivi tal-għoti indirizzaw l-użu ta' pjanti indiġeni, erbiċidi mhux kimiċi, prodotti sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti organiċi. Il-ponderazzjoni ta' dawn il-kriterji kienet massimu ta' 10 punti (2.5 għal kull wieħed), filwaqt li d-90 punt l-oħra kienu determinati mill-prezz biss.

²⁴https://contrataciondelestado.es/wps/wcm/connect/e632650d-197a-4981-95c0-ff6bcf877dc6/DOC_CD2019-843013.html?MOD=AJPERES (bl-Ispanjol)

Il-kriterji determinanti għall-offerti li kellhom punteġġ ugwali kienu jinkludu l-kriterji soċjali li ġejjin (f'din l-ordni): a) l-offerent bl-akbar sehem ta' ħaddiema b'diżabilità jew forom oħra ta' esklużjoni soċjali, bi preferenza għall-għadd ta' ħaddiema permanenti f'każ ta' sehem ugwali; b) l-aktar sehem baxx ta' kuntratti b'terminu fiss u c) l-akbar sehem ta' nisa impjegati.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Jiġu pprovduti opportunitajiet għall-impjieg lil persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali.
- Jiġi promoss l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mid-WISEs.
- Jiġu żgurati standards tax-xogħol deċenti għall-persuni impjegati fid-WISEs.

Verifika

L-awtorità kontraenti timmonitorja u tirrapporta dwar il-konformità mal-klawżoli soċjali fuq bażi trimestrali. Għal dan il-għan, hija tista' titlob dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur meta jkun meħtieġ.

Il-kuntrattur huwa meħtieġ ukoll li jinnomina persuna responsabbli għall-kuntatt mal-awtorità kontraenti u jissorvelja l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, b'attenzjoni speċjali għall-organizzazzjoni tal-kompiti fost il-ħaddiema, il-preżenza tagħhom fuq il-post tax-xogħol jew kwalunkwe bidla fit-tim.

Valur tal-kuntratt

EUR 23,747 fuq sentejn.

Strument

- L-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE
- Traspost fil-leġiżlazzjoni Spanjola (il-Liġi 9/2017, disposición adicional 4a), fejn il-kompetizzjoni hija ristretta għal workshops protetti, programmi ta' impjieg protetti u Intrapriżi Soċjali għall-Inklużjoni fix-Xogħol (WISEs) li jimpjegaw mill-anqas 30 % tal-persuni b'diżabilità jew forom oħra ta' żvantaġġ.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Id-Dipartiment tal-Ekonomija, il-Gvern ta' Castilla - La Mancha
- Fornituri tas-servizzi kkuntrattati: WISEs
- Impjegati tal-intrapriża kkuntrattata: Il-ħaddiema inkarigati mit-tweġiq tas-servizzi ta' ġardinaġġ huma impjegati mill-kuntrattur. Meta jitnieda kuntratt ġdid għas-servizz, hemm impenn li l-impjegati attwali jiġu assorbiti skont id-Direttiva 2001/23/KE.

Impatti soċjali

- Il-kuntratt iffaċilita l-integrazzjoni fix-xogħol ta' tliet impjegati full-time b'diżabilitajiet – kemm fiżiċi (tnejn) kif ukoll intellettwali (wieħed) – f'ambjent tax-xogħol ġenerali fl-amministrazzjoni pubblika.
- L-impjegati huma integrati b'mod sħiħ mal-bqija tal-impjegati fid-Dipartiment, li jirrikonoxxu l-valur tax-xogħol tagħhom. Is-servizz tweġaq b'suċċess mingħajr problemi kbar u huwa kompletament konformi mal-ispeċifikazzjonijiet u mal-aspettattivi tal-awtorità kontraenti.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-esperjenza kienet kompletament pożittiva u, għal din ir-raġuni, id-Dipartiment ikkondivida d-dettalji ta' din il-proċedura ma' awtoritajiet kontraenti oħra sabiex jinkoraġġixxi r-replikazzjoni tagħha. Filwaqt li hemm obbligu skont liġi reġjonali li jiġu riżervati mill-anqas 6 % tal-valur tal-kuntratti għal servizzi speċifiċi, l-awtoritajiet kontraenti xi

drabi huma riluttanti milli japplikaw tali proċeduri peress li huma meqjusa bħala relattivament ġodda u għalhekk mhux familjari.

- Ladarba jiġi konkluż il-kuntratt preżenti, titnieda offerta ġdida billi jiġi segwit l-istess approċċ. F'dan il-każ, id-Dipartiment għandu l-għan li jżid il-ponderazzjoni tal-kriterji tal-kwalità fil-kriterji tal-għoti (li għadhom fil-biċċa l-kbira determinati mill-prezz). Huwa għandu l-għan ukoll li jilħaq gruppi fil-mira oħrajn, pereżempju billi jistabbilixxi sħubijiet ma' servizzi pubbliċi tal-impjiegi u servizzi soċjali li jistgħu jirreferu lid-WISEs bi profili rilevanti.
- L-investiment tal-ħin fl-istadju ta' preakkwist assigura tqabbil tajjeb bejn l-ispeċifikazzjoni tas-servizz u s-soluzzjonijiet disponibbli fis-suq għal kuntratti riżervati.

Kuntatt

Is-Sinjura María Jesús Hernández García, is-Segretarju Provinċjali tad-Delegazzjoni Provinċjali tal-Ekonomija, in-Negozju u l-Impjiegi, il-Bord tal-Komunitajiet ta' Castilla - La Mancha, delegacionprovincialeconomiaempresasyempleoto@jccm.es, +34 925 38 91 79

28. Il-kuntratti riżervati bħala għodda għall-protezzjoni tal-aktar persuni vulnerabbli u tal-ambjent

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Salamanca (Spanja)

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ġardinaġġ

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Muniċipalità ta' Salamanca stabbiliet il-promozzjoni ta' kuntratti riżervati fl-attività ta' akkwist pubbliku tagħha permezz ta' Ftehim fil-11 ta' Novembru 2016. Il-Ftehim kien risposta diretta għad-dispożizzjonijiet introdotti mil-leġiżlazzjoni Spanjola li indikaw ir-rwol ewlieni tal-kuntratti riżervati biex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali. Dan stabbilixxa sehem minimu ta' nfiq lokali allokat għall-kuntratti riżervati – mill-anqas 17.56 %. Skont il-Ftehim, il-kuntratti riżervati għandhom japplikaw għal tipi speċifiċi ta' servizzi: il-ġardinaġġ, il-kontroll tal-pesti, it-tindif, il-catering, il-ġbir ta' ħwejjeġ użati, il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart, u r-riċiklaġġ taż-żejt.

L-objettiv ewlieni tal-kuntratti riżervati li qed jiġu eżegwiti mill-Intrapriżi Soċjali għall-Integrazzjoni fix-Xogħol (WISEs) huwa li jiżviluppaw perkorsi personalizzati lejn l-integrazzjoni fix-xogħol u soċjali għall-persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali permezz tat-tweqqif ta' servizzi ambjentali. Billi jlaqqgħu flimkien għanijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi, iż-żewġ kuntratti jagħmlu kontribut pożittiv għall-politiki soċjali u tal-impjiegi tal-Muniċipalità.

Is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fil-ĠUUE f'Marzu 2018.

Suġġett

Servizzi ta' tindif u manutenzjoni għal parks lokali, spazji ekoloġiċi, siġar urbani u ċentri sportivi, riżervati għad-WISEs.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-kriterji tal-għoti għall-kuntratt ta' ġardinaġġ kienu jinkludu għadd ta' dispożizzjonijiet soċjali lil hinn mir-rekwiżiti marbuta speċifikament mal-eliġibbiltà għall-kuntratti riżervati.

- Prezz (sa 35 punt)
- L-impjeg ta' persuni f'sitwazzjonijiet żvantaġġati lil hinn mis-sehem minimu meħtieġ (sa 10 punti)
- L-użu ta' vetturi u makkinarju b'emissjonijiet baxxi (sa 5 punti)
- L-użu ta' speċijiet ġodda ta' pjanti (sa 5 punti)
- Kriterji soċjali (15-il punt); inkluż l-istabbiliment ta' pjan għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri (5 punti), miżuri li jippermettu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (5 punti) u programm ta' taħriġ għall-impjegati (5 punti)
- Kriterji ambjentali (15-il punt); inklużi miżuri għall-kontroll tal-emissjonijiet (5 punti), azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni (5 punti) jew organizzazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart (5 punti)
- Il-kwalità tal-organizzazzjoni tas-servizz (15-il punt)

L-offerta ntrebħet mid-WISE, La Encina. La Encina ilha topera f'Salamanca mis-sena 2000, meta nħolqot mill-Caritas lokali (l-organizzazzjoni tal-għajnuna soċjali tal-Knisja Kattolika).

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Tnaqqis fir-rati tal-faqar u tal-livelli ta' esklużjoni soċjali permezz tal-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklużivi.

- Jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-gruppi ta' persuni l-aktar vulnerabbli sabiex tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fis-swieq tax-xogħol.
- Jittejbu u jissaħħu l-politiki ta' inklużjoni attiva permezz ta' approċċ olistiku għall-interventi li jibbenefikaw mill-esperjenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ħidma mal-gruppi fil-mira.

Verifika

Il-verifika tar-rekwiżiti tal-kuntratt saret matul il-fażi tal-għoti. Wara dan, il-Muniċipalità timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti – kemm soċjali kif ukoll tekniċi – matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-kuntrattur huwa obligat ukoll li jissottometti rapport annwali tal-attivitajiet.

Valur tal-kuntratt

EUR 2,177,403.48 fuq 4 snin (inkluża estensjoni possibbli ta' sentejn addizzjonali).

Strument

- L-Artikolu 20 (dwar il-kuntratti riżervati) u l-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- L-opportunità li jintużaw kuntratti riżervati ttieħdet għall-ewwel darba mill-Muniċipalità ta' Salamanca fil-Ftehim tagħha tal-2016. F'Diċembru 2018, Att lokali ġdid (Instrucción) enfasizza ulterjorment l-impenn tal-Muniċipalità ta' Salamanca għal akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u sejjaħ għall-introduzzjoni integrata ta' kriterji soċjali fil-proċeduri kollha ta' kuntrattar. Dawn il-kriterji soċjali għandhom, b'mod partikolari, jippromwovu kwalità akbar ta' impjeg, opportunitajiet imtejba ta' impjeg għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol²⁵ (inklużi persuni b'diżabilità), il-promozzjoni tal-ugwaljanza, l-aċċessibilità, is-sostenibilità ambjentali, il-kummerċ ġust u aktar trasparenza fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' kuntrattar.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Salamanca
- Fornituri tas-servizzi kkuntrattati: L-Intrapriżi Soċjali għall-Integrazzjoni fix-Xogħol
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali: Is-servizzi pubbliċi tal-impjegi u soċjali
- Benefiċjarji: L-impjegati, li ġew riferuti għal La Encina mis-servizzi pubbliċi lokali tal-impjegi u dawk soċjali, jew li ġew ingaġġati permezz ta' perkorsi ta' inklużjoni personalizzati pprovduti mill-Caritas lokali.

Impatti soċjali

- Inħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjeg għal persuni f'sitwazzjoni ta' esklużjoni soċjali bis-saħħa ta' kuntratti riżervati, li jippermettu l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali.
- Żieda fir-redditu soċjali u ekonomiku għall-Belt billi l-operaturi tal-ekonomija soċjali lokali jkunu jistgħu jjieħdu sehem f'attivitajiet li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fil-livell lokali.

²⁵ Il-persuni żvantaġġati eliġibbli għall-klawżoli ta' impjeg jinkludu wkoll: a) dawk li jirċievu introjtu minimu jew membri ta' unità domestika li jibbenefikaw minn introjtu minimu; b) persuni li ma humiex eliġibbli għal introjtu minimu jew minħabba tul ta' residenza li ma jkunx suffiċjenti biex jikkwalifikaw għal introjtu minimu jew li jkunu temmew it-tul kollu tal-benefiċċji ta' introjtu minimu; c) żgħażaġh ta' bejn 18 u 30 sena li kienu taħt protezzjoni tat-tfal; delinkwenti minorenni li jkollhom aktar minn 16-il sena u eks-trasgressuri li jkollhom anqas minn 30 sena; d) persuni bi problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew b'forom oħra ta' dipendenza li attwalment ikunu qed jirċievu kura; e) trasgressuri u eks-trasgressuri b'intitolament legali għax-xogħol; f) persuni qiegħda fit-tul; g) nisa vittmi ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u h) persuni mingħajr dar akkumpanjati minn servizzi ta' appoġġ.

- Il-ġenerazzjoni ta' eżiti pożittivi kemm għall-komunità lokali kif ukoll għall-impjegati, li jiksbu aċċess għal opportunitajiet ta' introjtu li jtejbju l-livelli tal-kwalità tal-ħajja tagħhom.
- Żvilupp ta' prattiki sostenibbli mal-ambjent.

Benefiċċji oħra

- Is-sħubija mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tista' tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-impjegati pubbliċi u tas-servizzi soċjali.
- L-aċċess għall-akkwist pubbliku minn operatori mingħajr skop ta' qligħ żdied, u dan jagħti spazju akbar lin-negozji bi skop soċjali li jpoġġu lin-nies fiċ-ċentru tal-attività tagħhom.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Kien hemm kollaborazzjoni bejn l-awtorità kontraenti u l-ekonomija soċjali mis-sena 2000 fil-forma ta' ftehimiet *ad hoc*. Madankollu, il-Ftehim dwar il-kuntratti riżervati wessa' l-isparzju għall-impjegati formali u kundizzjonijiet stabbiliti sewwa għall-persuni f'sitwazzjonijiet żvantaġġati f'Salamanca.
- Is-sħubijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili jistgħu jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà b'mod effettiv. Element ewlieni ta' tali struttura ta' governanza innovattiva huwa l-parteċipazzjoni effettiva tal-persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Il-vuċi tagħhom hija essenzjali biex wieħed jifhem kif jesperjenzaw il-perkorsi ta' integrazzjoni u liema titjib huwa meħtieġ.
- Il-kuntratti riżervati kienu lieva għax-xogħol u għall-inklużjoni soċjali ta' persuni b'forom differenti ta' żvantaġġ u li għalihom l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tradizzjonali huwa diffiċli ħafna. Il-gruppi ewlenin rappreżentati bħala impjegati huma l-migranti mingħajr riżorsi, il-persuni bi storja ta' problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew il-persuni qiegħda fit-tul.
- Il-forniment ta' servizzi ambjentali ppermetta lid-WISEs iżidu l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom b'approċċ aktar sostenibbli għall-attività tagħhom. La Encina, pereżempju, ma għadhiex tuża erbiċidi jew prodotti kimiċi għas-saħħa tal-pjanti, u issa tuża makkinarju b'emissjonijiet baxxi.

Kuntatt

Ms Ana Fe Félix Iglesias, Manager, La Encina Servicios Integrados, laencina_ei@infonegocio.com , 923193149

29. Forniment ta' servizzi lill-persuni li jgħixu bl-HIV fl-Ukrajna

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Iċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika, l-Ukrajna

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kura tas-saħħa

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

F'dawn l-aħħar snin l-Ukrajna rriformat il-qafas legali u tekniku għall-akkwist pubbliku, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-pjattaforma magħrufa [ProZorro](#). L-għanijiet primarji kienu li tizzied it-trasparenza u jitnaqqsu l-opportunitajiet għall-korruzzjoni, filwaqt li tizzied il-fiduċja fost in-negozji u b'hekk titħeġġeġ kompetizzjoni akbar għall-kuntratti pubbliċi. Fl-ambitu tal-[Ftehim ta' Assoċjazzjoni](#) tal-Ukrajna mal-UE, il-liġi dwar l-akkwist pubbliku qed tiġi gradwalment armonizzata mad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwisti. F'April 2020, se tidħol fis-seħħ Liġi ġdida dwar l-Akkwist Pubbliku (PPL), li tintroduċi diversi dispożizzjonijiet ġodda rilevanti għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.

Waħda mill-isfidi soċjali li qed tiffaċċja l-Ukrajna hija l-kura ta' 240,000 persuna li jgħixu bl-HIV. Filwaqt li sar progress fit-tnaqqis tal-għadd ta' mwiet relatati mal-AIDS u tal-infezzjonijiet ġodda tal-HIV, fl-2018 anqas minn nofs il-persuni bl-HIV kienu jafu l-istatus tagħhom u 35 % biss irċewew trattament. Fl-2019, iċ-[Ċentru tas-Saħħa Pubblika](#) (PHC) nazzjonali tal-Ukrajna ħa r-responsabbiltà għall-akkwist ta' servizzi għall-persuni li jgħixu bl-HIV, li qabel kienu pprovduti minn organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali. Dan huwa parti minn [sett aktar wiesa' ta' riformi](#) fis-sistema tal-kura tas-saħħa tal-Ukrajna, inkluż l-istabbiliment ta' korp ċentrali tal-akkwisti għall-mediċini. L-NGO [100 % Life](#), l-akbar organizzazzjoni mmexxija mill-pazjenti fl-Ukrajna, għandha wkoll rwol ewlieni fl-appoġġ għall-forniment ta' servizzi għall-HIV fil-pajjiż kollu u fir-reġjun aktar wiesa'.

Suġġett

Servizzi ta' kura u appoġġ għall-persuni li jgħixu bl-HIV

Stadju tal-akkwist u kriterji

Is-suq għall-forniment tas-servizzi meħtieġa huwa pjuttost limitat fl-Ukrajna, li rriżulta f'għadd ta' offerti kkanċellati fl-2019. Il-PHC iddeċieda li jagħti kuntratti separati biex ikopri r-reġjuni u s-servizzi ta' appoġġ kollha għall-pazjenti bl-HIV. Il-kriterji ta' kwalifika (għażla) għall-kuntratti jinkludu r-rekwiżiti li ġejjin:

- Evidenza ta' esperjenza preċedenti fit-tweġiq ta' kuntratti simili. Kuntratt simili huwa mifhum b'ħala ftehim ta' servizz, għajjnuna għall-karità, għotja, subgħotja jew ftehim ieħor li jikkonferma mill-anqas sentejn esperjenza fil-forniment ta' servizzi b'ħall-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV, appoġġ għall-kura u protezzjoni soċjali għall-gruppi f'riskju akbar ta' HIV u l-persuni li jgħixu bl-HIV.
- Id-disponibbiltà ta' persunal bil-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza rilevanti, inkluż mill-anqas impjegat wieħed bi kwalifika ta' livell oġhla fix-xogħol soċjali, il-pedagoġija soċjali, il-mediċina, is-saħħa pubblika jew il-psikoloġija u mill-anqas ħames impjegati li temmew korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat dwar il-kura ta' persuni bl-HIV jew kundizzjonijiet kroniċi oħra.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiddefinixxu t-tip ta' servizzi ta' kura u appoġġ li għandhom jiġu pprovduti, inklużi:

- Il-kisba ta' kunsens infurmat mill-parteċipanti
- Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tal-parteċipanti
- L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' appoġġ individwali – dan jinkludi sessjonijiet tematiċi strutturati ffukati fuq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull parteċipant u l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' appoġġ soċjali biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa tagħhom.

- L-iżgurar ta' ridirezzjoni attiva (inkluż riferiment lil istituzzjonijiet mediċi, programmi għat-tnaqqis tal-ħsara, trattament tad-dipendenza fuq id-droga, eċċ.)

Iż-żieda fil-motivazzjoni u l-għarfien tal-parteċipanti biex jieħdu ħsieb saħħithom stess, inkluża l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-istatus tal-HIV tagħhom mal-qraba u l-ħbieb u l-imġiba sikura.

Fil-forniment tas-servizzi msemmija hawn fuq, il-fornituri huma meħtieġa li:

- Jadattaw il-ħin u l-post tal-forniment tas-servizz għall-ħtiġijiet tar-riċevituri;
- Juru fehim tat-trajettorji tad-dijanjożi u tat-trattament mill-mument li klijent jirċievi riżultat pożittiv tat-test rapidu tal-HIV;
- Jiżviluppaw metodi ta' motivazzjoni tal-klijenti, inklużi dawk bi ħtiġijiet kumplessi;
- Japplikaw sistema ta' monitoraġġ intern u jassenjaw speċjalist/i individwali responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha.
- Jiżguraw id-disponibbiltà kontinwa ta' sistema ta' taħriġ għall-fornituri diretti tas-servizzi.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Fl-2013, l-UNAIDS stabbilixxa l-[miri 90-90-90](#) għall-progress globali dwar it-trattament tal-HIV sal-2020:

- 90 % tal-persuni li jgħixu bl-HIV ikunu jafu l-istatus tal-HIV tagħhom;
- 90 % tal-persuni li jafu l-istatus pożittiv għall-HIV tagħhom ikollhom aċċess għat-trattament, u
- 90 % tal-persuni fuq trattament ikunu rażżnu t-tagħbijiet virali.

Il-gvern u l-parlament tal-Ukrajna adottaw diversi liġijiet, digrieti u deċiżjonijiet dwar it-trattament tal-HIV u t-tuberkulożi, li jistgħu jiġu aċċessati [hawnhekk](#). Dawn jiddeterminaw il-qafas legali, organizzazzjonali u finanzjarju bażiku għall-attivitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi li huma direttament responsabbli għall-HIV/AIDS fl-Ukrajna.

Verifika

Evidenza ta' kuntratti simili preċedenti mwettqa; il-*curricula vitae* għall-persunal rilevanti; il-pjan tal-proġett.

Valur tal-kuntratt

Għaxar kuntratti b'valuri stmati li jvarjaw minn UAH 250,000 (EUR 10,000) sa UAH 10.9 miljun (EUR 405,000). Il-kuntratti jkopru r-reġjuni Ukreni li ġejjin:

- Dnipropetrovsk
- Donetsk
- Transcarpathians
- Zaporizhzhia
- Poltava
- Sumy
- Kherson
- Cherkasy
- Vinnytsia
- Volyn

Strument

Ma hemm l-ebda ekwivalenti fil-liġi Ukrena tar-“reġim anqas strett” għas-servizzi soċjali, tas-saħħa u servizzi speċifiċi oħra, li jfisser li dawn huma soġġetti għall-istess regoli bħal kuntratti pubbliċi oħra. Skont il-PPL tal-2016, l-użu ta' proċeduri għajr il-proċedura miftuħa u kriterji għall-għoti għajr il-kost kien limitat għal każijiet speċjali. Il-PPL tal-2020 tintroduċi għadd ta' dispożizzjonijiet ġodda:

- Il-possibbiltà li jiġu riżervati kuntratti taħt il-limitu għal intrapriżi li jimpjegaw persuni b'diżabbiltà;

- L-esklużjoni obbligatorja ta' offerenti kkundannati għal reati ta' tħaddim tat-tfal jew ta' traffikar tal-bnedmin;
- L-esklużjoni obbligatorja ta' offerenti li jkollhom djun tat-taxxa jew tas-sigurtà soċjali sakemm ma jkunx sar arranġament mal-awtoritajiet tat-taxxa rilevanti;
- Il-possibbiltà li tintuża l-proċedura ristretta (minbarra l-proċedura miftuħa u d-djalogu kompetittiv disponibbli taħt il-PPL tal-2016);
- Ir-rekwiżit biex l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jqisu l-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà jew il-kundizzjonijiet tad-disinn għall-utenti kollha, għall-akkwisti kollha li jkunu maħsuba għall-użu minn persuni fiżiċi;
- L-abbiltà li jiġi applikat l-ikkostjar taċ-ċiklu tal-ħajja;
- L-introduzzjoni ta' regoli dwar offerti baxxi b'mod anormali.

L-użu ta' kriterji għall-għoti (kwalitattivi) mhux relatati mal-kostijiet huwa permess, madankollu dawn ma jistgħux jaqbu 30 % tal-marki disponibbli, ħlief fi djalogi kompetittivi fejn ma jkun hemm l-ebda limitu bħal dan. Ta' min jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-kuntratti fl-Ukraina jingħataw abbażi tal-prezz l-aktar baxx, b'irkant elettroniku li jintuża biex tiġi identifikata l-irħas l-offerta. Fil-futur, skont il-PPL tal-2020, jistgħu jittieħdu approċċi aktar kwalitattivi għall-akkwist ta' servizzi għall-HIV.

Atturi

- Awtorità Kontraenti: Iċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika tal-Ukraina (responsabbli għall-akkwist tas-servizzi)
- 100 % Life (organizzazzjoni li tappoġġa u tirrappreżenta lill-pazjenti)
- Il-Ministeru tas-Saħħa tal-Ukraina (sorveljanza tal-PHC)
- Il-Pjattaforma ProZorro (pubblikazzjoni u parteċipazzjoni fl-offerti)

Impatti soċjali

- Iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u d-direzzjoni ta' għadd akbar ta' persuni infettati bl-HIV lejn it-trattament se jgħinu biex jitnaqqas l-għadd ta' infezzjonijiet ġodda, filwaqt li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-persuni affettwati u għall-familji tagħhom. Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet kwalifikati u b'esperjenza, inklużi l-NGOs, u l-enfasi fuq l-involvement tal-pazjenti fil-kura tagħhom stess huma meqjusa bħala kruċjali għas-suċċess ta' dawn il-kuntratti.

Benefiċċji oħra

- Proċeduri trasparenti għall-għoti tal-kuntratti, inklużi dawk għas-servizzi tas-saħħa u l-mediċini, iġibu benefiċċji estensivi għas-soċjetà Ukrena. Biż-żieda fit-trasparenza u fil-livelli ta' kompetizzjoni għall-kuntratti pubbliċi, huwa stmat li ProZorro kienet responsabbli għal iffrankar ta' 10 % fin-nefqa pubblika, li jstgħu jiġu diretti lejn il-ħtiġijiet soċjali. Iċ-ċittadini u n-negozji jstgħu jaraw kif jintefqu l-flus pubbliċi, u b'hekk jibnu fiduċja akbar fis-servizzi tal-Istat.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-offerti għas-servizzi ta' appoġġ għall-HIV jirrikjedu fehim tas-suq u l-użu ta' kriterji mmirati biex jiġi żgurat rizzultat tajjeb.
- Ir-rekwiżiti għall-esperjenza preċedenti u l-kwalifiki tal-persunal iridu jkunu proporzjonati biex jiġi żgurat li firxa ta' organizzazzjonijiet, inklużi NGOs u intrapriżi soċjali, ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-offerta.
- L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jirriflettu wkoll l-eżiti mixtieqa mis-servizzi, mingħajr ma jkunu preskrittivi żżejjed.

Kuntatt

Artem Kremen, Iċ-Ċentru Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika tal-Ukraina, a.kremen@phc.org.ua

30. Akkwist responsabbli ta' ingwanti protettivi għall-kura tas-saħħa fil-Finlandja

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Tampere (Tuomi Logistiikka Oy), il-Finlandja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kura tas-saħħa

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-metodi ta' produzzjoni tal-ingwanti protettivi għall-kura tas-saħħa huma magħrufa li jinvolvu kwistjonijiet relatati mad-drittijiet u s-saħħa tal-impjegati, is-siġhat tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dawn il-problemi ġew indikati minn Finnwatch, organizzazzjoni mhux governattiva li tiffoka fuq ir-responsabbiltà korporattiva globali, kif ukoll minn organizzazzjonijiet oħra. Il-produzzjoni, l-użu u r-rimi tal-ingwanti protettivi joħolqu wkoll diversi problemi ambjentali, pereżempju, l-ingwanti tal-vinil magħmula mill-PVC użati biex jintlibsu fil-kura tas-saħħa. Minħabba l-materjal, ingwanti bħal dawn kienu kkomplicati biex jintremew. L-immaniġġjar tal-iskart tal-PVC huwa estremament problematiku minħabba l-kontenut tiegħu ta' kloru. L-ingwanti tal-vinil jesponu wkoll lil min jilbishom għal sustanzi kimiċi u jikkawżaw problemi fil-ġilda għal ħafna.

Il-Belt ta' Tampere (Tuomi Logistiikka Oy) għalhekk nediet proċedura ta' akkwist għal ingwanti protettivi għall-użu fil-kura tas-saħħa li fiha l-fornituri kienu meħtieġa jużaw metodi ta' produzzjoni responsabbli. Il-Municipalitá kkunsidrat ukoll aspetti ambjentali billi qieset il-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ingwanti protettivi pjuttost milli qieset biss il-prezz tal-akkwist.

Suġġett

Akkwist ta' ingwanti protettivi għall-kura tas-saħħa fil-Belt ta' Tampere

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-Municipalitá inkludiet rekwiżiti relatati mal-metodi ta' produzzjoni fid-dokumenti tal-akkwist skont l-Artikolu 18.2 u l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Il-fornituri/manifatturi kienu meħtieġa jikkonformaw mad-Dikjarazzjoni ta-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol tul il-katina tal-valur globali relatata mal-produzzjoni tal-ingwanti protettivi. Ir-rekwiżiti ġew stabbiliti bħala klawżoli dwar it-tweġiq tal-kuntratt. Il-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja ġew ikkunsidrati wkoll bħala kriterju għall-għoti ta' kuntratt.

Objettiv tal-politika soċjali u standard ta' referenza

Permezz tal-akkwist tagħha, il-Belt ta' Tampere tfittex li tippromwovi r-responsabbiltà globali, il-benesseri tal-impjegati u tal-ambjent u ekonomija aktar ekwa. Dan l-akkwist għalhekk kien immirat lejn l-iffrankar fil-kostijiet, il-kwalità ambjentali u l-konsiderazzjonijiet soċjali. Il-Belt riedet ukoll għażla aktar sensibbli tal-prodott; filwaqt li f'kuntratti preċedenti kienu disponibbli għall-użu kważi għaxar tipi ta' ingwanti protettivi, il-Belt issa kienet qiegħda timmira għal tip ta' ingwanti protettivi wieħed biss.

Verifika

L-offerti kellhom ikunu akkumpanjati minn kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni relatat ma' aspetti soċjali u etiċi żviluppat mill-Ministeru Finlandiż tal-Impjiegi. Il-mistoqsijiet kellhom l-għan li jiċċaraw ir-responsabbiltà soċjali tal-produzzjoni fil-pajjiżi ta' riskju. Dawn il-mistoqsijiet kienu jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-manifattura tal-oġġetti forniti fil-kuntratt irrispettivament minn jekk l-oġġetti jkunux manifatturati mill-fornitur jew minn sottofornitur. L-offerenti f'dan l-akkwist imlew il-kwestjonarju u kienu mitluba wkoll jissottomettu rapport dwar is-sostenibbiltà jew dikjarazzjoni simili biex jeżaminaw l-applikazzjoni tagħhom tad-dikjarazzjoni ta-ILO. L-implimentazzjoni tar-responsabbiltà korporattiva tiġi mmonitorjata kull sena matul il-perjodu tal-ftehim mill-Belt ta' Tampere.

Valur tal-kuntratt

Il-valur tal-kuntratt għax-xiri tal-ingwanti protettivi kien ta' madwar EUR 300,000 bejn Jannar 2016 u Ottubru 2016.

Strument

- L-Artikolu 42 (speċifikazzjonijiet tekniċi) u l-Artikolu 18.2 (prinċipji tal-akkwist – konformità mal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol applikabbli) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Il-liġi Finlandiża dwar l-akkwisti pubbliċi u l-konċessjonijiet issostni li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħmlu hilitom biex jirranġaw l-akkwisti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aktar mod ekonomiku, ta' kwalità għolja u sistematiku possibbli bl-użu tal-kundizzjonijiet kompetittivi eżistenti u b'kont meħud tal-aspetti ambjentali u soċjali.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Tampere
- Fornitur: Abena Finland Oy
- Utent finali tal-ingwanti: il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa pubblika u l-pazjenti li jikkuraw

Impatti soċjali

L-enfasi fuq il-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja wasslet għall-akkwist ta' ingwanti tan-nitril minflok ingwanti tal-vinil. L-ingwanti tan-nitril għandhom prezz inizjali ogħla għal kull unità; madankollu, huwa irħas b'mod kumplessiv li jinkiseb volum akbar ta' ingwanti tan-nitril jekk jitqies il-kost taċ-ċiklu tal-ħajja. Dan inaqqas ukoll il-kostijiet għal-loġistika. Il-kost għalhekk huwa madwar EUR 100,000 anqas mill-kuntratt preċedenti tal-ingwanti protettivi. Fl-istess ħin, il-Belt ta' Tampere tista' tnaqqas l-effetti ambjentali tal-akkwist tagħha filwaqt li tagħti attenzjoni lid-drittijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati.

Fil-qosor,

- Inkiseb iffrankar sinifikanti fil-kostijiet billi ġew ikkunsidrati l-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja. Dan irriżulta f'għażla aktar simplifikata tal-prodott u prodotti ta' kwalità ogħla.
- L-akkwist jipprovvi ċikli aktar nodfa tal-materjali billi r-rimi tal-ingwanti tan-nitril jagħmel anqas ħsara lill-ambjent mir-rimi tal-ingwanti tal-vinil.
- L-akkwist iqis l-aspetti soċjali tal-katina tal-produzzjoni.

Benefiċċji oħra

- L-ingwanti tan-nitril jipprovdu protezzjoni u saħħa mekkanika aħjar mill-ingwanti tal-latex. Ma humiex allerġeniċi u jistgħu jintremew permezz tal-inċinerazzjoni.
- Kostijiet aktar baxxi tal-loġistika billi l-akkwist tal-ingwanti protettivi jiġi simplifikat għal tip wieħed biss ta' ingwanta.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Il-Belt ta' Tampere saret taf li huwa possibbli li jinxtrow ingwanti ta' kwalità aħjar b'kostijiet aktar baxxi, anqas impatt ambjentali u produzzjoni aktar sostenibbli.

Kuntatt

Nina Wihlman, Maniġer tal-Kategorija fi Tuomi Logistiikka Oy, Nina.wihlman@tuomilogistiikka.fi

31. L-istrateġija ta' Oslo għall-promozzjoni ta' fornituri ta' servizzi tas-saħħa u ta' kura soċjali mingħajr skop ta' qligħ

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Oslo, in-Norveġja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kura tas-saħħa

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ għandhom tradizzjoni twila fil-forniment ta' servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali lil persuni bi bżonnijiet ta' kura f'Oslo. Billi tirrikonoxxi l-valur għas-soċjetà miġjub mill-operaturi mingħajr skop ta' qligħ, il-Muniċipalità ta' Oslo fittxet li ssaħħa l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku minn dan it-tip ta' fornitur u tilħaq l-għan li sal-2025 mill-anqas 25 % tal-għadd totali ta' postijiet fid-djar tal-kura f'Oslo jkunu operati minn fornituri mingħajr skop ta' qligħ.

F'Ġunju 2019, l-operaturi kummerċjali jmexxu 1,188 post fid-djar tal-kura f'Oslo, li jirrappreżentaw 29 % tat-total. L-operaturi mingħajr skop ta' qligħ bħalissa jmexxu 746 post, jew madwar 18 % tat-total. It-53 % li jifdal tal-postijiet huma mmexxija pubblikament.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-forniment ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali huwa obbligu statutorju li l-Muniċipalità ta' Oslo tista' tagħżel li tissodisfa hija stess bħala fornitur dirett jew, inkella, tista' tidħol f'kuntratti ma' operaturi li jipprovdu s-servizz f'isimha. Tali kuntratti għandhom, kemm jista' jkun, ikunu ugwali għar-rekwiżiti osservati mill-Muniċipalità meta taġixxi bħala fornitur dirett.

Il-kuntratti għas-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali normalment ikunu ta' valur għoli u jdumu għal bosta snin (ħafna drabi sa 10 snin). Huwa kruċjali li tali servizzi jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-utenti tas-servizzi u mill-gruppi ta' utenti tas-servizzi. Dan ifisser li l-prezz ma huwiex neċessarjament l-aktar element rilevanti fil-valutazzjoni tas-servizzi, li jista' jkollu bżonn ukoll jadatta l-forniment tas-servizzi skont il-ħtiġijiet li jinbidlu tal-utenti.

L-istrateġija ta' Oslo għal Access Akbar u l-Promozzjoni ta' Fornituri ta' Servizzi tas-Saħħa u ta' Kura Soċjali Mingħajr Skop ta' Qligħ hija integrata fi ħdan approċċ strateġiku aktar wiesa' għall-akkwist pubbliku mwettaq mill-Muniċipalità ta' Oslo (il-proposta 1104/17 tal-Gvern tal-Belt). Din l-istrateġija għandha l-objettiv ġenerali li tissimplifika u tagħmel użu aktar strateġiku mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, u ilha fis-seħħ minn Jannar 2017, wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali (il-Liġi numru 73 tas-17 ta' Ġunju 2016 u r-Regolament numru 974 tat-12 ta' Awwissu 2016 dwar l-Akkwist Pubbliku).

Sabiex tintlaħaq il-mira ta' 25 % fornituri mingħajr skop ta' qligħ, il-Muniċipalità għandha l-għan li telimina gradwalment uħud mill-kuntratti li bħalissa għandhom operaturi kummerċjali filwaqt li tistabbilixxi sett ta' miżuri mmirati biex iżidu l-parteċipazzjoni ta' dawk mingħajr skop ta' qligħ fis-suq lokali tal-akkwisti.

Il-Muniċipalità ta' Oslo poġġiet l-enfasi fuq is-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali minħabba d-dimensjoni soċjali miżjuda tal-attività tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Muniċipalità għandha l-għan li tiżgura li r-riżorsi pubbliċi li jintefqu fuq attività mmirata soċjalment jiġu lura bħala benefiċċji għall-komunità.

L-istrateġija kienet tipprevedi erba' strumenti ewlenin sabiex tintlaħaq il-mira mistennija. Dawn l-istrumenti huma diversi u jaġixxu fuq iċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist.

- **Kuntratti riżervati:** L-istrateġija għandha l-għan li timmassimizza l-ispazju għall-użu ta' kuntratti riżervati għall-operaturi mingħajr skop ta' qligħ bħala mod kif jiżdied il-piż globali tagħhom fil-forniment tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali. Il-kuntratti li jsiru b'riżultat ta' kuntratt riżervat ma jistgħux jaqbu t-tliet snin, f'konformità mal-Artikolu 77.
- **Jiġu introdotti konsiderazzjonijiet ta' rilevanza speċjali għall-operaturi mingħajr skop ta' qligħ:** għall-kuntratti li jkunu miftuħa għat-tipi kollha ta' kompetituri, l-istrateġija għandha l-għan li tagħmel enfasi speċjali fuq il-kriterji tal-kwalità, jew bħala parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji tal-għoti, ir-rekwiżiti tal-kwalifika, il-

kriterji ta' eżekuzzjoni jew mit-termini ġenerali tal-kuntratt. Fost dawn il-konsiderazzjonijiet hemm: il-ħtiġijiet tal-utent għall-kwalità, il-kontinwità, id-disinn universali, l-ipprezzar aċċettabbli, l-aċċessibbiltà u offerta komprensiva ta' servizzi, l-għarfien espert u l-esperjenza, il-parteċipazzjoni tal-utent u s-salvagwardja tal-integrità tal-utent. Il-klijent jista' jenfasizza wkoll il-ħtiġijiet tiegħu għad-diversità, il-kontinwità u l-innovazzjoni. Il-mobilizzazzjoni tar-żors fi-ambjent immedjat tal-utent hija wkoll prijorità.

- **Jiġu inklużi dispożizzjonijiet kuntrattwali li jiżguraw il-kwalità tas-servizzi għaċ-ċittadini u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għall-impjegati:** Il-Kunsill tal-Belt adotta l-mudell ta' Oslo għas-settur tas-saħħa u tal-kura (il-każ tal-Kunsill tal-Belt 1006/19). Dan il-kodiċi ta' prattika tajba jstabilixxi l-obbligu li l-ħaddiema li jwettqu kuntratt għall-Belt ta' Oslo għandhom ikunu prinċipalment impjegati permanenti. Dan japplika wkoll għas-sottokuntratturi. Il-forza tax-xogħol tas-settur tas-saħħa u tal-kura soċjali għandha sehem sinifikanti ta' ħaddiema part-time - bħala medja 2 minn kull 3 fil-muniċipalitajiet Norveġiżi. Ix-xiftijiet twal, li jduru, u x-xogħol ta' billejl jagħmluha diffiċli biex jiġu infurzati r-rekwiżiti tax-xogħol full-time. Għal din ir-raġuni, il-Muniċipalità għandha tirrikjedi li l-ħaddiema kkuntrattati jkunu qrib kemm jista' jkun ta' full-time u li dan l-oġġettiv jiġi tal-anqas promoss kull meta jkun possibbli. Skont il-kodiċi, il-ħaddiema kollha b'kunntatt mal-pazjenti u mal-utenti jridu jikkomunikaw sew bin-Norveġiż, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Dan ir-rekwiżit se jkun obligatorju iżda għustifikat għall-kategoriji ta' impjegati individwali u relatat mal-kontenut tal-pożizzjoni. L-Amministrazzjoni Norveġiża tax-Xogħol u l-Benesseri (NAV) għandha tkun il-kanal ewlieni għall-ingaġġi ġodda fis-settur. Il-Kunsill tal-Belt jagħmel ħiltu wkoll biex is-settur ikun inklużiv kemm jista' jkun mal-ħaddiema li jista' jkollhom bżonn appoġġ jew akkumpanjament addizzjonali biex ikunu jistgħu jintegraw b'mod sħiħ fuq il-post tax-xogħol.
- **Djalogu ma' atturi mingħajr skop ta' qligħ:** Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-atturi mingħajr skop ta' qligħ fis-settur tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali, il-Muniċipalità se tippromwovi djalogu sistematiku mal-fornituri tal-kura mingħajr skop ta' qligħ u l-assoċjazzjonijiet li jirrapreżentaw l-interessi tagħhom. Dan id-djalogu se jiffoka b'mod partikolari fuq dak li huwa meħtieġ biex jiġu pprovduti servizzi ta' kwalità għolja lill-Muniċipalità u lill-komunità, x'inhu fattibbli għalihom bħala fornituri u kif jista' jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-akkwist pubbliku. Għal kull offerta dwar servizzi tas-saħħa u soċjali, il-Muniċipalità għandha tinvolvi ruħha f'azzjonijiet ta' preakkwist immirati biex jivalutaw sa liema punt l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu jieħdu sehem f'kull kompetizzjoni.

Valur tal-kuntratt

Jiddependi mill-kuntratti speċifiċi li jkunu qed jiġu offruti. Għall-informazzjoni, il-Muniċipalità ta' Oslo nefqet aktar minn 59 biljun krona (EUR 5,9 biljun) fuq il-kura tas-saħħa, l-infermerija, il-kura u s-servizzi soċjali fl-2018 (Statistics Norway).

Strument

- L-Artikoli 20, 40, 67, 70 u 77 tad-Direttiva 2014/22/UE.
- L-Istrateġija ta' Oslo għal Access Akbar u l-Promozzjoni ta' Fornituri ta' Servizzi tas-Saħħa u ta' Kura Soċjali Mingħajr Skop ta' Qligħ

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Oslo
- Fornituri kkuntrattati: Il-fornituri ta' servizzi tas-saħħa u ta' kura soċjali mingħajr skop ta' qligħ
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżola dwar l-impjegati: L-Amministrazzjoni Norveġiża tax-Xogħol u l-Benesseri (NAV)
- Parteċipanti fid-djalogu: L-organizzazzjonijiet tal-fornituri u l-gruppi tal-utenti
- Utenti: Ir-riċevituri tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali

Impatti soċjali

- L-Istrateġija għaddiet biss f'Ottubru 2019 u l-impatti soċjali għad iridu jiġu identifikati jew ikkwantifikati. L-oġġettiv prinċipali ta' tali dispożizzjoni huwa li jiżdied is-sehem tal-postijiet fid-djar tal-kura operati minn fornituri ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali mingħajr skop ta' qligħ. Billi żżid is-sehem tal-operaturi mingħajr skop ta' qligħ għal mill-anqas 25 % sal-2025, il-Belt trid ukoll tinkoraġġixxi effett multiplikatur, peress li ħafna minn dawn l-operaturi jaħdmu

taħt u għal għan soċjali. Għalhekk, il-benefiċċji tal-kuntrattar ta' fornituri mingħajr skop ta' qligħ mill-Belt jirritornaw lejn il-komunità b'mod ġenerali.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-Istrateġija, li għaddiet f'Ottubru 2019, tinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni tagħha.

Kuntatt

Il-Kunsill tal-Belt ta' Oslo, id-Dipartiment għall-Anzjani, is-Saħħa u x-Xogħol, postmottak@byr.oslo.kommune.no

SETTUR 7- Servizzi soċjali

32. Integrazzjoni fis-Suq tax-Xogħol għall-Immigranti bl-użu ta' Bond b'Impatt Soċjali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi, il-Finlandja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Matul l-2015, il-Finlandja esperjenzat żieda rapida fl-għadd ta' persuni li jaslu fil-pajjiż. Bħala parti mir-rispons, il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi wettaq proġett biex jgħin lill-immigranti li waslu reċentement jaċċessaw is-suq tax-xogħol. Ir-rata tal-qgħad għall-migranti kienet madwar id-doppju ta' dik għall-Finlandiżi.

Wara riċerka u konsultazzjoni mas-suq, il-Ministeru ddeċieda li jmexxi l-proġett bħala bond b'impatt soċjali (SIB) — forma ta' kuntrattar b'eżiti soċjali li fih sieħeb privat jipprovdi l-finanzjament u jieħu r-riskju tal-prestazzjoni. B'kuntrattar tal-SIB, il-korp pubbliku jħallas biss meta jinkisbu ċerti eżiti tal-prestazzjoni. F'dan il-każ, l-indikaturi tal-prestazzjoni kienu bbażati fuq tnaqqis fil-ħtieġa ta' pagamenti tal-qgħad u żieda fid-dħul mit-taxxa mill-impjeg tal-parteċipanti fil-programm.

Dan il-proġett, imsejjaħ il-Koto SIB, kien wieħed mill-ewwel li ġie implimentat fl-Ewropa u kien kofinanzjat mill-Fond Ewropew tal-Investment u l-Kummissjoni Ewropea flimkien ma' għadd ta' investituri privati u istituzzjonali oħra.

Suġġett

Fi tmiem l-2015 tnediet proċedura ta' akkwist biex jinħatar manijer tal-proġett għall-SIB. Il-manijer tal-proġett ikun responsabbli għal kompiti li jinkludu:

- l-istabbiliment ta' fond ta' investment
- il-kummerċjalizzazzjoni tal-fond lil investituri esterni, bħal fondazzjonijiet u individwi privati
- li jsib l-għalliema u l-impjiegi u jorganizza t-taħriġ għall-parteċipanti

L-għadd immirat ta' parteċipanti fil-programm ġie stabbilit għal 2,500 fuq tliet snin, b'servizzi li jinkludu l-edukazzjoni u t-taħriġ speċifiku għall-impjeg. Ladarba jitqiegħdu f'impjeg, il-parteċipanti jirċievu appoġġ professjonali, lingwistiku u kulturali kontinwu.

Stadju tal-akkwist u kriterji

F'Diċembru 2015, ġie ppubblikat Avviż ta' Informazzjoni Minn Qabel (PIN) fil-Ġurnal Uffiċjali li talab informazzjoni mis-suq. Il-PIN iddeskriva l-interess tal-Ministeru li jstabbilixxi bond b'impatt soċjali biex jittestja mudelli ġodda ta' edukazzjoni u impjeg biex jaċċellera l-impjeg tal-immigranti. Diversi organizzazzjonijiet wiegħbu għall-PIN u sar jum ta' informazzjoni, li matulu ġew ipprovduti abbozzi ta' dokumenti u l-atturi tas-suq setgħu jagħmlu kummenti.

F'Marzu 2016, ġie ppubblikat avviż dwar kuntratt skont il-proċedura miftuħa, fejn ġew mistiedna proposti għall-ġestjoni tal-proġett tal-SIB. Il-manijer tal-proġett ikun responsabbli għal kompiti li jinkludu:

- It-tfassil u l-ġestjoni tal-proġett
- L-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ u ta' impjeg tal-migranti f'konformità mal-outputs tal-proġett, f'kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi
- Il-monitoraġġ, ir-rapportar interim u finali

Il-kriterji għall-għoti ffukaw fuq il-pjan tal-proġett (60 %) u l-esperjenza tal-persunal tal-maniġer tal-proġett (40 %). Waslet offerta waħda biss bi tweġiba għas-sejħa, minn Epicus Oy (issa FIM Vaikuttavuussijoitukset Oy). Dan jirrifletti n-natura innovattiva tal-proġett u l-għadd relattivament żgħir ta' ditti li joperaw f'dan is-suq. Firxa ta' fornituri ta' servizzi ġew inklużi fl-offerta bħala sottokuntratturi, sabiex jipprovdur edukazzjoni, taħriġ u kollokament f'impjieg f'postijiet differenti madwar il-Finlandja.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv prinċipali tal-politika soċjali tal-akkwist kien li jipprovdur opportunitajiet ta' impjieg u li jinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-immigranti fi ħdan is-suq tax-xogħol Finlandiż. Il-proġett tqies ukoll bħala opportunità biex jiġi ttestjat il-mudell tal-SIB fil-Finlandja u biex jiġi determinat il-potenzjal ta' replikazzjoni tiegħu.

Verifika

Il-ħlas tal-maniġer tal-proġett huwa definit billi jitqabblu t-taxxi ġġenerati u l-benefiċċji tal-qgħad iffrankati minn:

- Il-parteċipanti fil-programm tal-SIB u
- Grupp ta' kontroll li jkun integrat permezz ta' mudell tradizzjonali.

It-tqabbil isir fi tmiem il-perjodu tal-kuntratt. Jekk il-proġett jirriżulta f'iffrankar għall-gvern, il-maniġer tal-proġett jirċievi nofshom. Barra minn hekk, il-maniġer tal-proġett jirċievi tariffa ta' EUR 1,500 għal kull parteċipant li jirċievi aktar minn 70 jum ta' taħriġ.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt kellu valur stmat ta' EUR 8,625,000. Madankollu, il-valur totali tal-kuntratt jiġi ddeterminat abbażi tal-prestazzjoni skont it-termini tal-kuntratt. Il-valur totali tal-fond ta' investiment taħt l-SIB huwa ta' EUR 14.2 miljun.

Strument

- L-Artikolu 40 (Konsultazzjonijiet Preliminari tas-Suq) u l-Artikolu 70 (Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Korp akkwirenti: Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjieg, il-Finlandja
- Sħab strateġiċi: Hansel (Korp Ċentrali għall-Akkwisti); SITRA (fond Finlandiż għall-innovazzjoni)
- Maniġer tal-proġett: Epicus Oy
- Investituri oħra: Il-Fond Ewropew tal-Investiment
- Il-fornituri ta' servizzi

Il-parteċipanti fil-programm

Impatti soċjali

- Ir-riżultati sal-lum jissuġġerixxu li madwar 50 % tal-parteċipanti fil-Koto SIB sabu impjieg, li huwa konsiderevolment aħjar mill-grupp ta' kontroll.
- Il-parteċipanti fil-programm jirċievu taħriġ individwali, minbarra t-taħriġ fil-lingwa u l-kollokamenti f'impjieg. It-taħriġ normalment idur 3-4 xhur.

- Jingħata wkoll appoġ lill-impjegaturi, li wħud minnhom ma kellhomx esperjenza preċedenti fl-impjieg ta' immigranti.
- Sa tmiem l-2019, kien hemm total ta' 2211-il parteċipant fil-Koto SIB, bi 869 persuna li ġew impjegati. Huma involuti varjetà wiesgħa ta' impjegi u impjegaturi, bl-aktar komuni jkunu fis-settur tal-catering/ristoranti, il-loġistika, it-tindif u l-impjegi fil-manifattura. Id-distribuzzjoni demografika tal-parteeipanti fil-programm hija ta' 63 % irġiel u 37 % nisa, li parzjalment tirrifletti l-għadd akbar ta' migranti rġiel fil-Finlandja.
- Il-parteeipanti b'edukazzjoni ta' livell ogħla ġew offriti wkoll taħriġ fin-negozju u fl-intraprenditorija, inkluż [programm ta' bidu ta' negozju teknoloġiku](#).

Benefiċċji oħra

- Mill-2016 'l hawn, il-Ministeru ffranka mill-anqas EUR 20 miljun permezz ta' din l-inizjattiva. Is-suċċess tal-Koto SIB wassal għall-użu ta' dan il-mudell minn awtoritajiet pubbliċi Finlandiżi oħra, pereżempju biex jipprovdu servizzi għaż-żgħażaġħ.
- Il-Ministeru ddeċieda wkoll li jakkwista t-tieni proġett bl-użu ta' mudell simili, din id-darba sabiex jipprovdi assistenza għall-impjieg lil persuni qiegħda fit-tul li ma humiex migranti. Dan il-proġett ġie offrit bl-użu tal-proċedura ta' djalogu kompetittiv, u l-kuntratt beda fl-2019.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Sonja Hämmäläinen, Direttur tal-Migrazzjoni fil-Ministeru u kummissarju tal-proġett, tgħid: "Huwa vitali għall-proġett u għas-suċċess tiegħu li jkun hemm intermedjarju li jifhem il-kumplessità tal-investment ta' impatt minħabba li huma involuti tant affarijiet. Hemm il-għbir tal-investment privat, hemm il-kuntrattar tal-maniġer il-ġdid tal-proġett, hemm il-kejl tal-impatt b'mod ġdid...li jkollok intermedjarju indipendenti li tista' tiddiskuti l-ideat miegħu huwa fundamentali għas-suċċess."

Kuntatt

Susanna Piepponen, Speċjalista Superjuri, Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjegi, susanna.piepponen@tem.fi

33. Tfassil konġunt tal-akkwist tal-manutenzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Seoul Housing and Communities Corporation, ir-Repubblika tal-Korea (t'Isfel)

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Din l-inizjattiva hija każ ta' tfassil konġunt tal-akkwist pubbliku ta' servizzi minn Seoul Housing and Communities Corporation (SH) u s-Seoul Social Economy Center (SSEC). L-għan tal-inizjattiva kien doppju:

- li jiġi żgurat ambjent tal-għajxien tajjeb għar-residenti ta' akkomodazzjoni pubblika tal-kiri, li huma prinċipalment unitajiet domestiċi bi dħul baxx, billi jiġu pprovduti servizzi ta' manutenzjoni ta' kwalità minn organizzazzjonijiet u intrapriżi tal-ekonomija soċjali (SEOs)
- li jinfetaħ suq ġdid għall-intrapriżi soċjali f'kumpless ta' appartamenti pubbliċi fuq skala kbira.

Fil-Korea, hemm erba' kategoriji ta' SEOs definiti legalment: intrapriżi soċjali, kooperattivi, negozji komunitarji, u intrapriżi li jgħinu lilhom infushom. F'dan il-każ, il-konsorzju kien magħmul minn kooperattiva u intrapriża soċjali.

Propost għall-ewwel darba mill-SSEC u ftit SEOs fl-2017, l-SH u l-SSEC ħarġu b'uffiċċju tal-manutenzjoni għall-akkomodazzjoni pubblika (appartamenti mikrija) billi segwew mudell ta' ekonomija soċjali. Dan il-mudell ta' ġestjoni integrata huwa proprjetà tal-komunità u jipprovdi aktar perspettivi ta' benesseri tal-akkomodazzjoni.

Huwa jinkludi mhux biss il-manutenzjoni tradizzjonali tal-bini (eż. tindif, sigurtà, sistemi tal-pajpijiet, elettriku, liftijiet, eċċ.), iżda wkoll servizzi komunitarji fil-kumpless ta' appartamenti (eż. pariri dwar l-impjiegi għar-residenti, il-kura komunitarja tal-anzjani u t-tfal, il-ġestjoni tal-ispazji komunitarji, avvenimenti kulturali, eċċ.).

Suġġett

Forniment ta' manutenzjoni u ġestjoni ta' akkomodazzjoni pubblika tal-kiri, kif ukoll ta' servizzi komunitarji

Stadju tal-akkwist u kriterji

Seoul Housing and Communities Corporation (SH) fasslet il-proċess tal-offerti biex tiżgura l-parteċipazzjoni tal-SEOs fl-inizjattiva billi żiedet l-elementi li ġejjin:

- It-tfassil konġunt tal-proċess tal-kuntrattar mas-settur tal-ekonomija soċjali
 - It-tnaqqis tal-ostakoli ta' kwalifika biex wieħed jipparticipa fl-offerti biex jiġi żgurat li l-SEOs li huma parteċipanti ġodda fis-suq ikunu jistgħu jipparteċipaw;
 - L-użu ta' kuntratt riżervat għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali
- L-ikkowċjar tal-SEOs biex tinkiseb iċ-ċertifikazzjoni għall-ġestjoni tal-akkomodazzjoni kollettiva bħala kumpless ta' appartamenti pubbliċi.

L-istrument użat fil-proċedura ta' akkwist pubbliku kien kuntratt riżervat għall-intrapriżi soċjali (simili għall-Artikolu 77 tad-Direttiva 2014/24/UE), ibbażat fuq l-Artikolu 9, Metodi ta' Kuntrattar fl-[Att dwar Kuntratti li għalihom Gvern Lokali huwa Parti](#) tal-Korea t'Isfel u l-Artikolu 12 "Xiri preferenzjali minn Istituzzjonijiet Pubbliċi" ta' [Att dwar il-Promozzjoni tal-Intrapriżi Soċjali](#), kif emendat sat-30 ta' Ġunju 2013.

L-operaturi ekonomiċi li ġejjin kienu eliġibbli biex jagħmlu offerta (kienu inkoraġġiti offerti konġunti):

- Servizz ta' ġestjoni tal-akkomodazzjoni (85 % tal-kuntratt globali): il-kumpanija ta' ġestjoni tal-akkomodazzjoni

- Servizz soċjali tal-akkomodazzjoni (15 % tal-kuntratt globali): il-korporazzjoni soċjali jew l-intrapriża soċjali kif definiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Intrapriżi Soċjali.

Fl-evalwazzjoni tal-offerti ntużaw il-kriterji li ġejjin:

- Kapaċità tal-intrapriża: 80 %

(Evalwata abbażi ta': l-istatus finanzjarju u l-kreditu tal-intrapriża, l-esperjenza preċedenti fi proġetti simili f'termini ta' daqs u kontenut, l-għadd ta' tekniċi bil-ħiliet meħtieġa, il-perċentwal tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, il-politiki ta' ġestjoni tar-riskju u l-ġestjoni tal-ħin)

- Il-kompetittività fuq il-kost issuġġerit tal-proġett kollu: 20 %

SH għażlet konsorzju ta' SEOs magħmul minn kooperattiva u intrapriża soċjali li kienu jwettqu l-funzjonijiet ta' operatur tas-servizz ta' manutenzjoni u fornitur tas-servizz soċjali. L-inizjattiva bdiet fl-2017 f'kumpless ta' appartamenti fil-belt ta' Shinnae, fid-distrett ta' Jungang, f'Seoul, fejn l-SEOs ikkuntrattati huma responsabbli għall-ġestjoni tal-uffiċċji tal-manutenzjoni għall-kumpless kollu (1,300 unità domestika).

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv ta' politika soċjali tal-proċedura kien li tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali f'offerta għall-forniment ta' servizzi ta' manutenzjoni ta' kwalità fl-akkomodazzjoni pubblika tal-kiri. Objettiv ieħor kien li jinħolqu impjegji għar-residenti tal-kumpless ta' appartamenti, fejn il-konċentrazzjoni ta' familji bi dħul baxx hija għolja.

Verifika

L-awtorità kontraenti vverifikat li l-operaturi ekonomiċi kienu jissodisfaw il-kriterji f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.

Il-valur tal-kuntratt għall-ġestjoni tal-uffiċċju tal-manutenzjoni huwa ta' madwar EUR 300,000, u l-kuntratt għall-ħolqien tal-impjegji fis-servizzi tal-kura komunitarja huwa ta' madwar EUR 1.1 miljun.

Għalhekk, il-valur totali tas-servizzi kkontrattati kien ta' EUR 1.4 miljun fuq sentejn (minn Ottubru 2015 sa Ottubru 2017), għalkemm l-offerti kienu maqsuma fi tliet kuntratti (tnejn fil-manutenzjoni, wieħed fil-kura komunitarja).

Strument

- L-Artikolu 9 "Metodi ta' Kuntrattar" tal-[Att dwar Kuntratti li għalihom Gvern Lokali huwa Parti](#), li jippermetti r-riżerva ta' kuntratt, simili għal dik ibbażata fuq l-Artikolu 77 tad-Direttiva 2014/24/UE
- L-Artikolu 12 "Xiri preferenzjali minn Istituzzjonijiet Pubbliċi" tal-[Att dwar il-Promozzjoni tal-Intrapriżi Soċjali](#), kif emendat sat-30 ta' Ġunju 2013
- Il-Korea hija parti għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi, u l-miżuri applikati huma konsistenti ma' dan il-ftehim.

Atturi

- Tmexxija tal-proġett u awtorità kontraenti: Seoul Housing and Communities Corporation (SH) – korporazzjoni muniċipali inkarigata mill-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' akkomodazzjonijiet pubbliċi tal-kiri
- Appoġġ għall-intrapriżi soċjali: Seoul Social Economy Centre (SSEC)
- Offerenti: Organizzazzjonijiet tal-Ekonomija Soċjali – inkluża "Green Environment Korea", li pprovdiet is-servizzi
- Benefiċjarji: Ir-residenti tal-kumpless ta' appartamenti, li pparteċipaw kemm bħala konsumaturi kif ukoll bħala impjegati tal-fornitur tas-servizz fl-implimentazzjoni.

Impatti soċjali

- F'dan il-każ, uffiċċju tal-gvern u s-settur tal-ekonomija soċjali kkollaboraw mill-istadju tat-tfassil tal-proċess tal-akkwist b'interess komuni li jipprovdu servizz u ambjent aħjar għar-residenti tal-akkomodazzjoni pubblika.
- L-SEOs huma rikonoxxuti għall-ispeċjalitajiet tagħhom fl-aspetti tekniċi u soċjali tal-iżvilupp u ż-żamma tal-akkomodazzjoni pubblika. Il-korporazzjoni pubblika tejbet il-valur soċjali tal-offerta billi rvediet il-prattika konvenzjonali tagħhom tal-offerti favur L-SEOs.
- Il-fornitur tas-servizz ħoloq impjegi għar-residenti tal-akkomodazzjoni pubblika tal-kiri, prinċipalment għall-konjuġi/carers li kienu qegħdin ifittxu impjieg part-time jew għar-residenti qiegħda.

Benefiċċji oħra

- Il-każ jista' jiġi replikat u estiż faċilment għal akkomodazzjoni kollettiva pubblika u privata oħra (kumpless kbir ta' appartamenti b'eluf ta' unitajiet domestiċi), li huwa l-aktar tip prevalenti ta' akkomodazzjoni urbana fil-Belt ta' Seoul. Għalhekk, dan il-mudell jista' jiftaħ qasam ta' negozju ġdid għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bi prospettivi u impatti soċjali kbar.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-mudell deskritt kien oriġinarjament imfassal bħala proposta integrata ta' diversi servizzi allinjati mal-ħtiġijiet tar-residenti (inklużi l-ġestjoni tal-bini, il-kura u t-taħriġ vokazzjonali) bħala tip ta' mudell ta' ekonomija ċirkolari f'kumpless wieħed ta' bini residenzjali. Madankollu, il-fatt li fornituri differenti kienu responsabbli għall-forniment ta' servizzi differenti xi drabi għamilha diffiċli li s-servizzi jiġu pprovduti b'mod koerenti u komprensiv.
- F'replikazzjoni potenzjali ta' dan il-każ, id-daqs tal-kuntratt għandu jżied u l-akkwist għandu jinkludi servizzi aktar integrati. Id-durata tal-kuntratt għandha tiżdied sabiex jingħata forniment aktar stabbli tas-servizzi.
- Huma rakkomandati kundizzjonijiet aktar flessibbli fl-iffurmar ta' konsorzju fost l-intrapriżi.

Kuntatt

Is-Sinjura Ahreum Kim, Maniġer tat-Tim, Segretarjat tal-Global Social Economy Forum (GSEF), ahreum.kim@gsef-net.org

Is-Sinjura Li Yoo, Maniġer Superjuri, Seoul Social Economy Center, lilyatom@sehub.net

34. Tfassil u implimentazzjoni konġunti ta' servizz immirat lejn it-titjib tal-għarfien u l-ħiliet tal-ġenituri b'minorenni

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Brescia, l-Italja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-proċedura tipprevedi l-għażla ta' operatori ekonomiċi adatti biex jipparteċipaw fi proċess ta' tfassil konġunt ta' servizz indirizzat lejn familji b'minorenni (tfal taħt it-18-il sena) mal-Muniċipalità ta' Brescia. L-għan finali tas-servizz li se jiġi pprovdut fi stadju aktar tard huwa li:

- Jiffavorixxi l-iżvilupp u t-tkabbir korrett ta' kull wild fil-familji tagħhom, billi jrawwem relazzjonijiet familjari u billi jipproteġi lit-tfal jew lill-minorenni minn kwalunkwe disturb li jista' jaffettwa l-benesseri tagħhom
- Jappoġġa inklużjoni aħjar tal-familji fil-komunitajiet lokali.

Dan is-servizz se jiġi indirizzat lil familji b'minorenni li jgħixu fil-Muniċipalità ta' Brescia li jfittxu s-servizz b'mod spontanju jew li jkun meħtieġa jaħdmu bih wara sentenza tal-qorti.

Fejn l-istandards ta' servizz li għandu jiġi akkwistat ikunu definiti sewwa, il-Muniċipalità tista' tniedi proċedura ta' akkwist pubbliku standard. Madankollu, jekk tkun trid tiddefinixxi aħjar l-istandards tagħha jew tintroduċi elementi innovattivi ġodda, proċess ta' tfassil konġunt jista' jkun mod interessanti biex jiġu involuti l-operaturi ekonomiċi u biex jinstabu ideat ġodda għat-tfassil u t-twassil aħjar tas-servizzi.

Fil-passat, il-Muniċipalità ta' Brescia kienet torganizza s-servizzi tagħha għat-tfal u l-familji tagħhom b'mod ċentralizzat. Fl-2015, huma implimentaw riorganizzazzjoni tas-servizzi: ġew stabbiliti ħames servizzi territorjali b'persuna waħda responsabbli għal kull servizz. B'din is-sejħa, il-Muniċipalità riedet ittejjeb il-mod kif is-servizz eżistenti jiġi organizzat f'livell territorjali billi toħloq timijiet territorjali u multiprofessionali li jiffukaw fuq il-ħidma komunitarja.²⁶ L-għan tal-ħidma komunitarja huwa li tippreveni t-tbatija u l-emarġinazzjoni tal-familji, u fl-aktar każijiet estremi, li tipproteġi lit-tfal, kif ukoll li tevita kemm jista' jkun is-separazzjoni tagħhom mill-familji tagħhom.

L-idea ta' din is-sejħa għall-offerti ġiet mid-djalogu u l-kooperazzjoni regolari bejn il-Muniċipalità ta' Brescia u l-atturi li jipparteċipaw fil-"Piano di Żona" (Pjan taż-Żona Lokali) ta' Brescia. Pjan b'hal dan huwa meħtieġ mil-liġi Taljana Nru 328/2000, li tiddefinixxi r-regoli dwar l-ippjanar u r-riorganizzazzjoni tal-politiki u s-servizzi soċjali. Dan il-pjan huwa l-istrument għall-programmazzjoni tal-forniment tas-servizzi soċjali fil-livell lokali. Huwa jiddefinixxi l-prijoritajiet, l-objettivi strateġiċi, il-modi, il-mezzi u r-riżorsi umani li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' sistema integrata ta' servizzi pubbliċi u interventi soċjali.

Suġġett

It-tfassil konġunt ta' servizz immirat lejn it-titjib tal-għarfien u l-ħiliet tal-ġenituri b'minorenni

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

²⁶ Il-ħidma komunitarja hija l-proċess li bih il-ħaddiema soċjali u professjonisti oħra jgħinu lill-persuni jtejbju r-relazzjoni u l-appartenenza tagħhom mal-komunità lokali li fiha jgħixu permezz ta' azzjonijiet kollettivi

L-ewwel stadju tal-proċedura kien proċedura miftuħa mmirata lejn l-għażla tal-operatur(i) ekonomiku/ekonomiċi li miegħu/magħhom għandhom jiġu żviluppati l-attivitajiet ta' tfassil konġunt tas-servizz inkwistjoni. L-offerti ġew evalwati abbażi tal-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Il-punti minn 0 sa 80 ġew assenjati għall-kwalità tal-proġett, filwaqt li massimu ta' 20 punt kienu disponibbli għall-offerta ekonomika.

Il-kriterji tal-kwalità kienu dawn li ġejjin:

- Organizzazzjoni tas-servizz - Massimu ta' 40 punt allokati kif ġej:
 - Żvilupp ġenerali tal-proposta tal-proġett (20 punt) b'referenza partikolari għall-attivitajiet meħtieġa għal kull profil professjonali u l-kisba tal-għanijiet u l-oġettivi ġenerali tas-servizz
 - Deskrizzjoni tal-proċeduri u l-metodi għat-tfassil, l-evalwazzjoni u l-ippjanar tal-interventi f'kollaborazzjoni mas-servizz soċjali pubbliku (10 punti)
 - Deskrizzjoni tal-modi li bihom il-profili professjonali differenti jikkollaboraw mas-servizzi speċifiċi li għaddejjin (bħall-proġett ta' konsulenza għall-familja PIPPI²⁷, jew il-proġett dwar il-foster care) u s-servizzi l-ġodda li għandhom jiġu implimentati (eż. servizzi edukattivi fil-kindergartens muniċipali) (10 punti)
- Tim professjonali: Massimu ta' 25 punt, allokati kif ġej:
 - Il-kwantità u l-kwalità tal-persunal li se jiġi impjegat fis-servizz li għandu jiġi mfassal b'mod konġunt (billi jiġi speċifikat l-għadd ta' persunal full-time u part-time, it-tul medju tas-servizz fl-impjieg, l-esperjenza u l-kwalifiki addizzjonali speċifiċi fil-qasam ma' dak speċifikat fir-rekwiżiti) (10 punti)
 - Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u appoġġ għall-ħolqien ta' lingwaġġ komuni fost il-figuri professjonali differenti involuti (metodoloġiji għat-tisħiħ tal-bini ta' timijiet, għodod għall-iżvilupp ta' evalwazzjonijiet integrati multiprofessjonali, oġettivi speċifiċi tal-prestazzjoni għal kull professjonist u ta' identifikazzjoni tar-riżultati interim u finali miksuba) (10 punti)
 - Pjan ta' taħriġ u edukazzjoni teknika kontinwa propost lill-persunal, ħliet għat-taħriġ obligatorju meħtieġ bil-liġi u dak propost fl-offerta ekonomika (5 punti)
- Ħidma mal-komunità - Massimu ta' 15-il punt, allokati kif ġej:
 - Deskrizzjoni tal-modi ta' ħidma ma' profili professjonali differenti flimkien mal-istituzzjonijiet u l-atturi attivi fiż-żona territorjali, kif ukoll tal-istrumenti biex tiġi faċilitata l-kollaborazzjoni (10 punti)
 - Proposti innovattivi għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-għarfien u l-ħiliet tal-ġenituri (5 punti)

Il-profili professjonali differenti jaħdmu mal-familji kif ġej:

- Il-psikologu joffri appoġġ minn perspettiva psikoloġika, edukattiva, soċjali u klinika.
- Il-kompitu tal-edukatur huwa li jappoġġa r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal u fi ħdan il-familja billi jaħdem fid-dar tal-familja fil-kuntest tal-ħajja tagħhom ta' kuljum.
- Il-ħaddiem soċjali għandu l-kompitu li jiżgura li l-ħtiġijiet tal-kura u l-iġjene tal-unitajiet domestiċi jiġu ssodisfati.
- Il-konsulent dwar il-foster care jappoġġa l-proġetti ta' foster care li għaddejjin bħalissa jew dawk li għandhom jiġu attivati.

²⁷ II-PIPI. II-Programm (Programm ta' Intervent għall-Prevenzjoni tal-Istituzzjonalizzazzjoni) beda fl-2010, bħala riżultat ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru tax-Xogħol u l-Politiki Soċjali, l-Università ta' Padova, 10 Bliet Taljani u servizzi soċjali mmirati lejn il-protezzjoni u l-protezzjoni tal-minorenni. Il-Programm għandu l-għan li jinnova l-prattiki ta' intervent sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' moħqrija u t-tneħħija konsegwenti tat-tfal mill-familji ta' oriġini tagħhom. Dan jinkiseb permezz tal-artikolazzjoni b'mod koerenti tal-oqsma differenti ta' azzjoni involuti madwar il-ħtiġijiet tat-tfal li jgħixu f'dawn il-familji, filwaqt li titqies il-perspettiva tal-ġenituri u tat-tfal infushom fil-bini tal-analiżi u r-riżpons għal dawn il-ħtiġijiet.

- Il-konsulent etno-kliniku għandu r-responsabbiltà li jiffaċilita l-fehim, ir-relazzjonijiet u n-negozjati bejn familja barranija u s-servizzi u l-professjonisti differenti involuti.
- Il-medjatur kulturali u lingwistiku għandu l-kompitu li jiffaċilita l-komunikazzjoni tas-servizzi lil familji minn kulturi mhux Taljani.
- Il-koordinatur tas-servizz jggarantixxi l-kwalità tas-servizz, jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet, il-persunal involut u jimmonitorja l-effiċjenza u l-effikaċja tas-servizz.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- It-titjib tal-programmazzjoni strateġika u tal-ippjanar operazzjonali tas-servizzi deskritti
- It-tishiĥ tal-iżvilupp tal-ħidma komunitarja fil-ħames żoni territorjali ta' Brescia
- Iż-żieda fl-approċċ preventiv tas-servizzi inkwistjoni biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' tbatija, abbuż jew disturbi li jstgħu jaffettwaw lit-tfal u lill-minorenni
- It-titjib tal-inklużjoni tal-familji li jibbenefikaw mis-servizz fil-komunità lokali u l-prevenzjoni tal-faqar edukattiv.

Verifika

Fir-rigward tal-kapaċità teknika u finanzjarja, l-issodisfar tar-rekwiżiti għas-sitt profili professjonali li ġejjin (psikologu, edukatur, ħaddiem soċjali, konsulent dwar il-foster care, konsulent etno-kliniku, medjatur kulturali u lingwistiku, u koordinatur tas-servizz) ġie vverifikat mill-awtorità kontraenti billi ġew iwwerifikati l-*curricula vitae* tal-professjonisti proposti mill-offerent.

Valur tal-kuntratt

Il-valur annwali tal-kuntratt għas-servizz huwa ta' EUR 600,275, eskluża l-VAT, għal ammont totali ta' EUR 2,401,102.10, eskluża l-VAT, għal erba' snin. Dan l-ammont irid jiġi kkomplementat mir-riżorsi li l-operatur(i) ekonomiku/ekonomiċi magħżul(a) irid(u) jipprovdi/jipprovdu f'termini ta' kofinanzjament.

Strument

- L-Artikoli 74-77 dwar ir-reġim anqas strett għas-servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra tad-Direttiva 2014/24/UE
- L-Artikolu 55 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 117 tat-3 ta' Lulju 2017 (Kodiċi tat-Tielet Settur), li jiddefinixxi l-istrument ta' tfassil konġunt tas-servizzi, fost forom oħra ta' kollaborazzjoni, bejn l-amministrazzjoni pubblika u l-atturi tat-tielet settur
- Il-liġi Taljana Nru 328/2000, li tiddefinixxi r-regoli dwar l-ippjanar u r-riorganizzazzjoni tal-politiki u s-servizzi soċjali.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Brescia
- Sħab tal-Pjan ta' Azzjoni Lokali ta' Brescia: il-muniċipalitajiet, l-assoċjazzjonijiet, il-kooperattivi soċjali, il-Caritas (konfederazzjoni ta' organizzazzjonijiet Kattoliċi Rumani ta' għajjnuna, żvilupp u servizz soċjali) u l-parroċċi li huma involuti attivament fl-ippjanar u t-twettiq tal-politiki u s-servizzi soċjali fil-livell lokali.
- Fornitur ta' servizz ikkuntrattat: Grupp ta' tliet kooperattivi soċjali: (f'din is-sejħa, żewġ gruppi magħmula minn tliet kooperattivi soċjali kull wieħed ipparteċipaw billi ssottomettew offerta).
- Utenti tas-servizz imfassal b'mod konġunt: Familji b'minorenni (kemm ġenituri kif ukoll tfal)

Impatti soċjali

L-attivitajiet bdew wara s-sajf tal-2019, u l-impatti għadhom ma ġewx ivvalutati. L-indikaturi ewlenin se jkunu t-tnaqqis mistenni fil-għadd ta' każijiet fejn it-tfal jiġu separati mill-familji u dawk ta' vjolenza domestika kontra n-nisa. L-impatti soċjali ewlenin miksuba sa issa huma:

- It-tfassil konġunt ta' dan is-servizz mal-kooperattivi soċjali rriżulta f'servizzi ta' kwalità ogħla, minħabba l-inklużjoni ta' perspettivi mill-kooperattivi soċjali li għandhom esperjenza fil-qasam u li huma konxji taċ-ċirkostanzi tal-familji li jużaw is-servizz.
- It-tfassil konġunt ikkontribwixxa għall-implimentazzjoni ta' approċċ preventiv fis-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal u fis-servizzi indirizzati lill-minorenni u lill-familji tagħhom, flimkien ma' proġetti u interventi oħra mnedija mill-Muniċipalità
- Issa nħet il-ħidma ta' sħubija fost l-atturi differenti involuti (b'mod partikolari mal-iskejjel; appoġġ imsaħħaħ lill-familji bil-għajnuna ta' familji oħra).
- Inħolqu xbieki ta' sikurezza madwar il-familji f'sitwazzjonijiet ta' tbatija, bil-għan li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' iżolament u emarġinazzjoni.

Benefiċċji oħra

- Il-proċedura biex jinbeda t-tfassil konġunt tas-servizzi diġà ġiet replikata fi Brescia. Din is-sejħa hija t-tieni edizzjoni fil-qafas tas-servizzi għat-tfal, għall-minorenni u għall-familji tagħhom. Tnediet ukoll proċedura biex jinbdew proċessi ta' tfassil konġunt biex jiġu riorganizzati s-servizzi mmirati lejn il-għieda kontra l-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali. Tista' titnieda sejħa simili fil-qasam tad-diżabilità.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Iż-żmien meħtieġ biex tiġi stabbilita proċedura amministrattiva simili għat-tfassil konġunt tas-servizzi huwa 30 % itwal minn dak meħtieġ għal proċedura ta' akkwist pubbliku standard, li tinvolvi kostijiet relatati mal-persunal u organizzazzjoni u ppjanar tajbin ħafna mill-Muniċipalità.
- Qabel it-tnedija ta' dan il-proċess ta' tfassil konġunt, kien meħtieġ li jsir eżerċizzju preliminari ta' ppjanar strateġiku fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni Lokali. L-ippjanar serva biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet, il-prijoritajiet u r-riżorsi li l-Muniċipalità kellha f'termini ta' fomiment ġenerali ta' servizzi soċjali. Dan l-eżerċizzju għen biex jiġu definiti l-istandards tas-servizz.
- Huwa essenzjali persunal kompetenti b'għarfien tal-proċessi ta' tfassil konġunt u tas-sitwazzjoni soċjali fil-livell lokali, kemm mill-Muniċipalità kif ukoll mill-atturi l-oħra involuti. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm *data* informattiva disponibbli dwar is-sitwazzjoni soċjali.

Kuntatt

Massimo Molgora, Qasam tas-Servizzi Umani u l-Edukazzjoni, Maniġer responsabbli mis-Settur tas-Servizzi Soċjali, MMolgora@comune.brescia.it

35. Definizzjoni Parteċipattiva tal-Istandards ta' Kwalità għat-tfassil, l-organizzazzjoni u l-forniment tas-servizzi tal-kura u l-inklużjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku

Isem l-awtorità akkwirenti: Miejski Ośrodek Pomocy Społecznej, Gdynia (Ċentru Muniċipali għas-Servizzi Soċjali fi Gdynia), il-Polonja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fl-2011 u fl-2012, il-Belt ta' Gdynia organizzat l-avveniment "Id-Djalogo ta' Gdynia dwar il-Kwalità tas-Servizzi tal-Kura". L-għan kien li jiġu identifikati u indirizzati l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tas-servizzi tal-kura sabiex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-kura. Din kienet opportunità għal dibattitu wiesa' bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha: ipparteċipaw aktar minn 1,000 persuna, inklużi benefiċjarji u fornituri tal-kura. Il-benefiċjarji u l-fornituri tal-kura ltaqgħu kemm fi gruppi kif ukoll individwalment; dawk li ma setgħu jipparteċipaw fl-ebda waħda mit-18-il sessjoni saritilhom żjara u ġew intervistati fi djarhom. Il-parteċipanti ġew mistoqsija x'jimmnu li huwa servizz ta' kura tajjeb.

B'riżultat ta' dan, ġew ifformulati kriterji ta' kwalità, linji gwida u standards komuni li għandhom iwasslu għal titjib fil-kwalità tal-kura u fil-kwalità tax-xogħol fis-settur tal-kura.

L-standards tas-servizzi tal-kura definiti mbagħad ġew integrati fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Billi jistabbilixxu rekwiżiti rigward l-impjeg ta' dawk li jipprovdu l-kura (bħas-salarju minimu, l-eżistenza ta' kuntratt xieraq u ta' fond għat-taħriġ - għal taħriġ speċjalizzat u korsijiet professjonali li jiżviluppaw il-kwalifiki u l-ħiliet tal-kura - jew kontribuzzjoni għal fond ta' taħriġ lokali mill-impjegaturi), l-awtoritajiet lokali għandhom l-għan li jtejbju l-immaġni tal-professjoni ta' dawk li jipprovdu l-kura u l-livell ta' edukazzjoni ta' dawk li jipprovdu l-kura. Il-motto tad-"Djalogo ta' Gdynia dwar il-Kwalità tas-Servizzi tal-Kura" kien: "*Irridu naraw. Irridu nisimgħu. Irridu niddeċiedu flimkien.*"

Suġġett

Il-forniment ta' servizzi ta' kura effettivi u inklużivi b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-benefiċjarji tal-kura.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Preakkwist:

L-ewwel eżitu tal-proċess ta' preakkwist kien "Il-Karta tas-Servizzi ta' Kura ta' Kwalità" li ddeskriviet il-valuri ġenerali u l-kriterji ewlenin tal-kwalità identifikati mill-partijiet ikkonċernati, bħal: l-effiċjenza, il-ġestjoni tajba, l-approċċ pożittiv għall-kooperazzjoni, il-fluss tal-informazzjoni, ir-rispett reċiproku, id-disponibbiltà, ir-responsabbiltà, l-adattabbiltà u s-solidarjetà.

Speċifikazzjonijiet

Fil-proċeduri ta' akkwist, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-servizzi ta' kura jinkludu r-rekwiżiti essenzjali identifikati abbażi tal-konsultazzjoni. L-aktar offerta vantaġġuża tintgħażel abbażi tal-kriterji tal-għoti li ġejjin:

- Il-prezz - 45 %,
- Il-kwalità u l-kwantità tal-persunal li jipprovdi l-kura assenjat għall-kuntratt - 45 % (il-kwalità tiġi valutata b'referenza għall-kwalifiki professjonali tal-persunal assenjat)

Kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk li jipprovdu l-kura – 10 % *Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt*

Il-kuntratti jinkludu rekwiżiti stretti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal dawk li jipprovdu l-kura (inklużi s-salarji u l-ħin tax-xogħol) u l-possibbiltà ta' żvilupp personali u żieda fil-kwalifiki professjonali. Pereżempju, sal-2014, il-kuntrattur kien meħtieġ joħloq fond għat-taħriġ fl-ammont ta' 1 % tal-fond tal-pagi li kellu jintuża għal taħriġ speċjalizzat għal dawk li jipprovdu l-kura.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Ġie żviluppat "L-Istandard ta' Gdynia tas-Servizzi ta' Kura Pprovduti fil-Post ta' Residenza", billi għad m'hemmx standards legali għall-istandards tas-servizzi ta' kura jew linji gwida rakkomandati mill-Ministeru Pollakk tal-Familja, ix-Xogħol u l-Politika Soċjali.

Id-dokument jiddeskrivi kif għandhom jiġu organizzati u pprovduti servizzi ta' kura ta' kwalità tajba b'mod li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati lokali. L-objettivi tas-servizzi ta' kura u r-riżultati mistennija huma definiti l-ewwel, imbagħad huwa ppreżentat il-katalgu tas-servizzi ta' kura lokali, li jinkludi offerta wiesgħa ta' servizzi personali u domestiċi.

Wara, huma stabbiliti d-dmirijiet u d-drittijiet tal-organizzaturi tas-servizzi ta' kura, tal-fornituri u ta' dawk li jipprovdu l-kura, kif ukoll ir-rekwiżiti għall-kwalifiki professjonali tal-persuni li jipprovdu l-kura. Il-valuri ewlenin rigward l-impjieg ta' dawk li jipprovdu l-kura huma kif ġej: l-adozzjoni ta' jum tax-xogħol ta' tmien sigħat u l-eżistenza ta' kuntratt ta' impjieg, kundizzjonijiet ta' paga deċenti, nondiskriminazzjoni fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, u aċċess għat-taħriġ vokazzjonali.

L-istandard ġie stabbilit mis-Sindku tal-Belt ta' Gdynia bħala regola lokali tal-forniment tas-servizzi ta' kura u minn Mejju 2011 irid jiġi inkluż fl-ispeċifikazzjonijiet u fil-klawżoli kuntrattwali.

L-istandards ta' referenza kienu jinkludu konvenzjonijiet ewlenin rilevanti tal-ILO bħal:

- Il-Kostituzzjoni tal-ILO - l-Artikolu 427
- C100 - Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs
- C111 - Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjegi u x-xogħol
- C140 - Il-Konvenzjoni dwar il-Liv Edukattiv Imħallas
- C175 - Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Part-Time

Verifika

Il-verifika u l-monitoraġġ huma bbażati fuq l-indikaturi li ġejjin:

- Kriterji kwantitattivi u kwalitattivi għall-forniment ta' servizzi ta' kura, skont "L-Istandard tas-Servizzi ta' Kura ta' Gdynia",
- L-iżgurar li r-remunerazzjoni għall-persuni li jipprovdu l-kura tikkonforma mal-liġi Pollakka (rata minima legali fis-siegħa, li ma tkunx taħt l-istandards tal-paga applikabbli speċifikati fil-liġi Pollakka, u li tiddependi fuq il-livell ta' edukazzjoni u kwalifiki professjonali),
- L-iżgurar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa,
- L-iżgurar tal-forma ta' impjieg meħtieġa (kuntratt ta' impjieg),
- L-iżgurar tal-istandards tal-ħin tax-xogħol (jum ta' xogħol ta' tmien sigħat),
- L-għoti ta' aċċess għat-taħriġ għal dawk li jipprovdu l-kura,
- Il-livell edukattiv ta' dawk li jipprovdu l-kura, inkluż l-għadd ta' persuni li jipprovdu l-kura bi kwalifiki sħaħ,
- Is-sostituzzjoni tal-persunal li jipprovdi l-kura, l-effiċjenza fl-organizzazzjoni tas-sostituzzjonijiet.

Valur tal-kuntratt

Bejn l-2011 u l-2018 kien hemm 39 proċedura ta' akkwist pubbliku bi klawżoli soċjali u ġew konklużi 39 kuntratt għal servizzi ta' kura b'valur totali ta' PLN 49.1 miljun, jew madwar EUR 11.4 miljun.

Strumenti

- L-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) u l-Artikolu 70 (dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Regolament lokali - L-ordinanza tas-Sindku ta' Gdynia Nru: 2073/11/VI/R, 24 ta' Mejju 2011.

Atturi

Aktar minn 1,000 parti kkonċernata diretta u indiretta tas-servizzi ta' kura pparteċipaw fil-proċess ta' djalogu, li kienu jinkludu:

- L-utenti finali (ċittadini anzjani u membri tal-familji tagħhom)
- Il-persunal tal-ewwel linja (persuni li jipprovdu l-kura)
- Ħaddiema volontarji
- Ħaddiema soċjali
- Il-maniġers tal-akkwired ta' servizzi u tal-fornituri ta' servizzi
- L-awtorità lokali.

Impatti soċjali

- Viżjoni komuni ta' kura ta' kwalità tajba fl-ambjent lokali.
- It-titjib tal-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kura, li huwa meqjus bħala wieħed mis-setturi sottovalutati b'kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' flas żgħira.
- It-titjib tal-kompetenzi u tal-livell tal-edukazzjoni tal-persuni li jipprovdu l-kura.
- It-titjib tal-immaġni tal-professjoni ta' dawk li jipprovdu l-kura.
- It-titjib tal-kwalità tas-servizzi ta' kura għall-utenti u b'hekk il-kwalità tal-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Benefiċċji oħra

- L-esperjenza ta' Gdynia fit-tmexxija ta' proċess parteċipattiv biex jiġu determinati l-essenza u l-valur soċjali tas-servizzi pubbliċi u l-użu ta' strumenti favur l-impjeggi fl-akkwist pubbliku tikkonferma li dawn jistgħu jkunu għodda għat-titjib tal-kwalità ta' dawn is-servizzi, li jinfluenzaw is-suq tax-xogħol u jipromwovu negozji soċjalment responsabbli.
- Il-proċess parteċipattiv li wassal għad-definizzjoni ta' standards ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli ġie ttestjat u implimentat b'suċċess u għadu jiffunzjona sal-lum. Il-proċess huwa replikabbli għal servizzi soċjali oħra u jista' jitwettaq ukoll minn organizzazzjonijiet oħra.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-proċessi demografiċi kontinwi u l-bidliet fil-mudell tal-familja diġà huma sfida serja għall-politiki soċjali u bla dubju se jinvolvu l-ħtieġa li jiġu adattati b'mod kostanti kemm l-ambitu kif ukoll l-iskala tas-servizzi ta' kura, kif ukoll il-livell u l-effettività tan-nefqa għal dan il-għan.
- Approċċ parteċipattiv għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-forniment tas-servizzi ta' kura jagħmilhom aktar effettivi, inklużivi u adattati għall-ħtiġijiet individwali tar-riċevituri, filwaqt li jippermetti l-forniment ta' kundizzjonijiet deċenti għall-implimentazzjoni tagħhom għall-kuntratturi.

Kuntatt

Katarzyna Stec - Iċ-Ċentru Muniċipali għas-Servizzi Soċjali fi Gdynia, il-Polonja, k.stec@mopsgdynia.pl

36. Servizzi ta' kura soċjali mogħtija minn diversi organizzazzjonijiet

Isem l-awtorità akkwirenti: Id-Dipartiment tal-Welfare tal-Kunsill tal-Belt ta' Riga, il-Latvja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi Soċjali

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fil-Belt ta' Riga, is-servizzi tal-kura soċjali bħalissa jiġu pprovduti minn diversi organizzazzjonijiet permezz tal-użu ta' Ftehim Qafas. Din l-għodda ntużat mid-Dipartiment tal-Welfare tal-Kunsill tal-Belt ta' Riga għal dawn l-aħħar sitt snin.

Qabel dan, l-awtorità kontraenti kienet tippublika sejħa għall-offerti li normalment kienet tintrebaħ minn operatur wieħed b'kapaċità limitata ħafna f'termini ta' kopertura territorjali fl-eżekuzzjoni tas-servizzi. Is-Samaritani Latvjani kkontestaw din il-prattika quddiem l-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku tal-Istat (bħala korp tal-appell), fejn argumentaw li din kienet tirrappreżenta monopolizzazzjoni tal-forniment tas-servizzi soċjali f'Riga. Il-każ ġie riżolt favur is-Samaritani Latvjani. Dan wassal għall-waqfien tal-prattiki ta' akkwist li jippermettu monopolju. Dawn ġew sostitwiti bi proċeduri ta' akkwist aktar trasparenti, kompetittivi u miftuħa. Biex jinkiseb dan, l-awtorità kontraenti użat Ftehimiet Qafas għas-servizzi tal-kura soċjali fil-Belt ta' Riga. Dawn is-servizzi huma soġġetti għar-Reġim Anqas Strett skont l-Artikoli 74-77 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Is-servizzi akkwistati fl-ambitu tal-qafas jinkludu l-assistenza fil-forniment ta' kura personali u/jew xogħol domestiku għal persuni li, minħabba l-età jew id-diżabilità tagħhom, ma jistgħux jipprovdu għaliha huma stess. Il-miri huma persuni li jew jgħixu waħedhom jew fejn il-membri tal-familja li jgħixu mal-persuna ma jkunux jistgħu jipprovdu l-kura meħtieġa, minħabba l-età, is-saħħa jew is-sitwazzjoni tal-impjeg tagħhom. Il-Ftehim Qafas ikopri wkoll il-forniment ta' kura għall-minorenni b'diżabilità.

Suġġett

Ftehim Qafas ma' Diversi Operaturi għall-Forniment ta' Servizzi ta' Kura fid-Dar lill-Utenti tas-Servizz Soċjali ta' Riga fl-2020.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-Ftehim Qafas ingħata skont il-proċedura ta' akkwist għas-servizzi ta' Kura Soċjali (kif imsemmi fl-Anness 2 tal-Liġi Latvjana dwar l-Akkwist Pubbliku) li hija tip ta' proċedura miftuħa. Il-fornituri tas-servizzi soċjali huma mistennija li jipprovdu 250,000 siegħa ta' servizzi u jipprovdu servizz ta' emerġenza 130 darba għad-durata tal-kuntratt. Jiġu ffirmati kuntratti individwali mar-riċevituri tas-servizz u jridu jiġu maqbula pjanijiet ta' kura skont it-termini ġenerali.

L-offerenti kellhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin, fir-rigward tal-kapaċità teknika u professjonali tagħhom:

- L-impjeg ta' persuni li jipprovdu kura soċjali b'mill-anqas l-ewwel livell ta' edukazzjoni terzjarja fil-kura soċjali, jew mill-anqas edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fil-qasam tal-kura soċjali (wara li joħroġu minn stabbiliment sekondarju vokazzjonali jew stabbiliment edukattiv ieħor li jwettaq programmi ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali) u persuni li jipprovdu kura (li jissodisfaw rekwiżiti edukattivi mnaqqsa)
- L-iżgurar tal-iżvilupp regolari tal-kompetenza professjonali, f'konformità mar-Regolament tal-Kabinett Nru 338 tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar "Rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi soċjali", il-paragrafu 9.

Fl-offerta teknika, l-offerenti kellhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- L-unitajiet distrettwali u l-għadd ta' persuni li jipprovdu kura u s-siġhat ta' servizzi ta' kura fid-dar ipprovduti;
- L-arranġamenti għall-forniment tas-servizzi, inklużi l-arranġamenti biex jiġu ttrattati l-ilmenti tal-klijenti u r-riżorsi li għandhom jintużaw;
- Id-durata tas-servizz, l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-persuni li jipprovdu kura u l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji;
- Il-kontenut tas-servizz għall-adulti u l-minorenni, inkluża informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji, il-metodi ta' ħidma u l-materjali użati għax-xogħol, id-dokumentazzjoni tas-servizz u l-kustodja tad-dokumenti.

- L-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet offerenti jiġu evalwati abbażi tal-kapaċità tagħhom f'termini tal-kopertura territorjali, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal, u l-infrastruttura li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

Waslu sitt offerti u s-sitt fornituri kollha ġew ammessi għall-Ftehim Qafas.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-Muniċipalità ta' Riga ddeċidiet li tuża Ftehim Qafas (skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva 24/2014/UE) biex tiżgura:

- L-aċċessibbiltà fiżika tas-servizzi, jiġifieri s-servizzi jiġu pprovduti lokalment, qrib il-post tal-għajxien tal-utenti;
- Il-kwalità għolja tas-servizzi, jiġifieri l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' kura fid-dar, ikollhom l-esperjenza u jissodisfaw ir-rekwiżiti professjonali;
- Id-disponibbiltà, jiġifieri l-Ftehim Qafas jippermetti l-formazzjoni ta' network ta' fornituri ta' servizzi soċjali f'Riga u jżid id-disponibbiltà tal-forniment ta' servizzi ta' kura fid-dar.

L-objettiv tal-kuntratt pubbliku huwa li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-individwu u/jew tal-familja, jipprovdi ħtiġijiet personali bażiċi, jassisti fix-xogħol domestiku u jipprovdi kura personali għal persuni li għandhom diffikultajiet oġġettivi biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom minħabba l-età jew id-diżabilità.

Verifika

- Il-Kummissjoni għall-Akkwisti eżaminat il-konformità tal-offerti tekniċi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1.6 tar-Regolament tal-Kabinett Nru 338 tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar "Rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi soċjali".
- Meta jissottomettu d-dokumenti tal-offerta, l-offerenti kellhom jipprovdu ċertifikazzjoni minn speċjalista li tikkonferma li l-offerent jissodisfa r-rekwiżit speċifiku relatat mal-iżvilupp professjonali.
- Il-valutazzjoni tal-kwalità tas-servizz ipprovdut mill-offerent titwettaq mill-ispeċjalisti tas-Servizzi Soċjali ta' Riga kif meħtieġ.
- L-offerenti jridu jwettqu awtovalutazzjoni tal-kwalità tas-servizz mill-anqas darba fis-sena.
- Il-monitoraġġ tal-kuntratt jitwettaq mill-impjegati tal-Fornitur tas-Servizz.
- Ir-rapporti u l-fatturi annwali jiġu ppreżentati lill-awtorità kontraenti.

Valur tal-kuntratt

Stmat: Il-valur totali tal-qafas mhux se jaqbeż EUR 12,877,609 eskluża l-VAT. In-nefqa għal kull persuna fis-siegħa ma tistax taqbeż EUR 4.44 u n-nefqa għas-servizzi ta' kura fid-dar f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ma tistax taqbeż EUR 30 kuljum. Id-durata inizjali tal-Ftehim Qafas hija ta' sena, li tibda fl-1 ta' Jannar 2020.

Strument

- L-Artikoli 74-77 dwar ir-reġim anqas strett għas-servizzi soċjali u servizzi speċifiki oħra tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Ir-Regolament tal-Kabinett Nru 338 tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar "Rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi soċjali".

Atturi

- Awtorità kontraenti: Id-Dipartiment tal-Welfare tal-Kunsill tal-Belt ta' Riga
- Organizzazzjonijiet li huma parti mill-Ftehim Qafas:
 - "Latvijas Samariešu apvienība", l-Assoċjazzjoni tas-Samaritani tal-Latvja
 - "Latvijas Sarkanais Krusts", is-Salib l-Aħmar Latvjan
 - "Biedrība SIA Mājas aprūpe", intrapriża soċjali li tipprovdi servizz ta' kura fid-dar f'Riga

- "Svētā Jāņa Palīdzība", membru Latvjana ta' Johanniter International, organizazzjoni umanitarja volontarja
- "SIA Pirmais Patronāžas Serviss", organizazzjoni attiva fl-attivitajiet ta' ħidma soċjali għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità
- "AS Aprūpes birojs", organizazzjoni li tiprovdi servizzi ta' kura tas-saħħa professjonali lill-pazjenti fid-dar

Impatti soċjali:

- Titjib tas-servizzi soċjali u tal-kopertura territorjali tagħhom għall-persuni li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom fil-Belt ta' Riga, u konsegwentement, titjib fil-kwalità tal-ħajja għal dawn il-persuni u għall-familji tagħhom.
- Kull utent jista' jagħżel l-aktar fornitur ta' servizz xieraq skont kriterji differenti, pereżempju, organizazzjoni reliġjuża jew mhux reliġjuża.

Benefiċċji oħra

- L-użu ta' ftehim Qafas huwa partikolarment ta' vantaġġ minħabba li hemm għadd kbir ta' organizazzjonijiet tal-kura soċjali li jistgħu jipprovdu servizzi ta' kura soċjali xierqa għall-Muniċipalità ta' Riga, iżda ma hemm l-ebda organizazzjoni waħda li kapaċi tipprovdi s-servizzi soċjali kollha meħtieġa fit-territorju. Din l-għodda ppermettiet il-ħolqien ta' network ta' fornituri ta' servizzi soċjali f'Riga, minħabba l-kollaborazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-Ftehim Qafas, filwaqt li saħħet ukoll is-settur tas-servizzi soċjali mingħajr skop ta' qligħ billi pprovditilhom aċċess għall-akkwist pubbliku li qabel ma kellhomx.
- Is-servizzi tal-kura soċjali jiġu pprovduti minn diversi organizazzjonijiet; ma hemm l-ebda monopolju għal organizazzjoni partikolari waħda. L-intrapriżi soċjali tejbu l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi.
- Il-kompetizzjoni hija regolata u l-aħjar fornitur ta' servizz ma jintgħażilx abbażi biss tal-anqas prezz, iżda bl-aktar offerta xierqa għall-utent.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Id-durata tal-ftehim qafas hija ta' sena u tista' tiġġedded kull sena sa massimu ta' erba' snin. Xi muniċipalitajiet lokali oħra stipulaw (fl-atti normattivi lokali tagħhom) li l-ftehim jista' jiġi ffirmit għal terminu ta' tliet snin. Jekk it-terminu tal-ftehim ikun itwal minn sena, dan jagħti aktar stabbiltà lill-utenti tas-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi. Madankollu, f'każijiet fejn il-ftehimiet ikunu itwal minn sena, huwa aktar diffiċli għall-fornituri ta' servizzi ġodda li jidħlu fis-suq.
- F'każijiet fejn is-servizz ta' kura soċjali pprovdut ikun akkomodazzjoni, it-termini tal-ftehim għandhom ikunu itwal minn sena. Madankollu, xi muniċipalitajiet lokali jwettqu l-proċessi ta' akkwist tagħhom fuq bażi annwali, u għalhekk hemm ir-riskju li l-utenti jkollhom jiċċaqilqu minn post ta' akkomodazzjoni għal ieħor kull sena.

Kuntatt

Agnese Fridenberga, Espert Legali, agnese.fridenberga@providus.lv

Andris Bērziņš, Direttur tal-Assoċjazzjoni tas-Samaritani tal-Latvja samariesi@samariesi.lv

37. Akkwist ta' servizzi soċjali għal għajxien indipendenti f'Kaisiadorys, il-Litwanja

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Kaisiadorys, il-Litwanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/ oġġettivi tal-akkwisti

L-Istrateġija għall-Progress Litwana għall-2030 tipprovdi qafas strateġiku biex jiggwida l-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jirrispondu għall-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali matul il-ftit snin li ġejjin. Wieheċ mill-pilastru ewlenin tal-Istrateġija huwa li tippermetti l-involvement dirett tal-komunitajiet, l-atturi mingħajr skop ta' qligħ u l-NGOs biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv. Dan kellu xi implikazzjonijiet importanti fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u r-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi bħala fornituri diretti ta' servizzi soċjali. L-ewwel nett, l-Istrateġija ssostni li s-settur pubbliku għandu jipprovdi servizzi biss meta l-NGOs, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-intrapriżi privati ma jkunux jistgħu jipprovduhom. It-tieni, kif indikat mill-Programm Nazzjonali ta' Progress 2014-2020, mill-anqas 15 % tas-servizzi soċjali pubbliċi pprovduti fil-livell lokali jenħtieġ li jiġu akkwistati u mwettqa minn tali operaturi privati.

L-oġġettivi tal-promozzjoni ta' foment akbar ta' servizzi soċjali minn operaturi privati huma:

- Li jiġu żgurati livelli ogħla ta' kwalità tas-servizz permezz ta' kejl imtejjeb tal-impatt soċjali;
- Li jingħeleb in-nuqqas ta' għarfien espert u esperjenza fl-espansjoni tas-servizzi u
- Li jiġi promoss l-iżvilupp ta' approċċi bbażati fuq l-eżitu (l-impatt) għall-akkwist pubbliku ta' servizzi, pjuttost milli dawk ibbażati fuq l-attivitajiet u l-inputs.

Enterprise Lithuania, aġenzija mingħajr skop ta' qligħ taħt il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Innovazzjoni mmirata lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tan-negozju, iproduċiet [Gwida għat-Trażmissjoni tas-Servizzi Pubbliċi](#). Il-gwida hija mmirata lejn l-awtoritajiet lokali u għandha l-għan li żżid l-għarfien dwar ir-regoli tal-akkwist pubbliku, il-metodi ta' kejl tal-impatt u l-finanzjament disponibbli u li tagħti pariri dwar kwistjonijiet legali ewlenin.

Enterprise Lithuania akkumpanjat ukoll xi awtoritajiet lokali fit-tfassil tal-akkwist tagħhom għal servizzi ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali. Fil-preżent, il-persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali jgħixu b'mod indipendenti f'ambjenti bbażati fil-komunità. Madankollu, minbarra li jieħdu ħsieb il-benesseri tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi jfittxu li jippromwovu l-integrazzjoni ta' persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali fis-soċjetà u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom. B'mod partikolari, il-persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali m'għandhomx opportunitajiet biex jipparteċipaw fis-soċjetà, li jkollhom passatempi u li jiġu rikonoxxuti bħala membri siewja tal-komunitajiet tagħhom lil hinn mill-istereotipi negattivi. Ostakolu ewleni għall-integrazzjoni ekonomika huwa n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg li huma disponibbli fil-komunitajiet (jew f'distanza raġonevoli) u li jaqblu mal-kapaċitajiet ta' kull persuna.

F'Diċembru 2019, il-Muniċipalità ta' Kaisiadorys nediet l-ewwel proċedura biex tixtri servizzi ta' appoġġ għall-għajxien indipendenti bil-għan li żżid l-awtonomija u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità mentali. L-impatt tas-servizz se jitkejjel wara sitt xhur. Il-ħlas tas-servizz huwa bbażat fuq sistema doppja li biha l-fornitur jikseb bonus jekk jintlaħaq ir-riżultat mistenni jew jiġi penalizzat jekk ma jintlaħaqx.

Suġġett

L-akkwist ta' servizzi għall-promozzjoni ta' għajxien indipendenti fid-dar għall-persuni b'diżabilità mentali u li jwassal għall-impjieg u l-integrazzjoni soċjali tagħhom.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Sabiex timplimenta l-approċċ imsemmi hawn fuq ibbażat fuq l-eżitu u tiżgura d-disponibbiltà ta' offerenti xierqa, l-awtorità kontraenti għamlet użu mill-opportunitajiet disponibbli skont il-Liġi Litwana dwar l-Akkwist Pubbliku, li timplimenta d-Direttiva 2014/24/UE. B'mod partikolari, hija użat konsultazzjoni tas-suq ta' qabel l-akkwist u proċedura kompetittiva permezz tan-negożjar. Elementi ewlenin oħra kienu d-definizzjoni tal-oġġettivi mistennija tal-proċedura, kemm fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul, u l-istabbiliment tas-sistema doppja ta' pagament.

Il-konsultazzjonijiet ta' qabel l-akkwist kienu jinvolvu fornituri u komunitajiet potenzjali tas-servizzi soċjali. Il-konsultazzjonijiet kellhom l-għan li jsiru jafu jekk il-fornituri tas-servizzi jkunux kapaċi jiksbu r-risultati mistennija mill-Muniċipalità, jiddiskutu t-termini possibbli tal-kuntratt u jidentifikaw it-termini li jistgħu joħolqu diffikultà għall-fornituri. Dawn id-djalogi ġew organizzati wkoll biex jinstabu kollaborazzjonijiet potenzjali bejn il-fornituri f'każ li fornitur wieħed ma jkunx jista' jilħaq l-oġġettivi kollha definiti mill-Muniċipalità waħdu. Il-konsultazzjonijiet ittrattaw il-kriterji tal-kwalità għas-servizzi, li kienu definiti mill-Muniċipalità u validati minn fornituri u partijiet ikkonċernati potenzjali involuti f'dik il-fażi.

L-evalwazzjoni tal-offerti saret abbażi tal-aqwa proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Il-prezz (il-kost għal kull persuna fix-xahar) kellu piż ta' 60 % u l-kwalità l-40 % li jifdal.

Il-kwalità ġiet invaluata skont tliet kriterji, u l-offerenti ġew mistiedna jipproponu sett ta' parametri għal kull wieħed:

- Ir-riċevituri tas-servizzi jistgħu jappoġġaw lilhom infushom permezz tal-impjeg u jaqilgħu introjtu; imkejjet bl-għadd ta' xhur fis-sena li fihom il-persuni jkunu impjegati – wara l-konklużjoni tal-kuntratt mal-fornitur tas-servizz – u l-livell tal-qligħ tagħhom (massimu ta' 15-il punt).
- Ir-riċevituri tas-servizzi jkunu jistgħu jieħdu ħsieb l-iġjene u l-awtoġestjoni tagħhom stess (massimu ta' 15-il punt).
- Deskrizzjoni tas-servizz(i) propost(i), li tindirizza l-mod kif il-forniment tas-servizz(i) ikollu impatt fuq il-grupp fil-mira u jsegwi l-oġġettivi segwiti mill-awtorità kontraenti (inkluż, l-involvement tal-voluntiera fl-ażżjoni tal-eżitu u s-sħubija ma' NGOs u negozji privati lokali) (massimu ta' 10 punti).

L-operazzjonalizzazzjoni ta' tali kriterji, kif propost mill-offerent rebbieħ, tiddefinixxi l-kejl tal-impatt u l-ħlas.

L-offerti ġew mistiedna jipproponu prezz tas-servizz għal kull persuna fix-xahar. Il-valur massimu tal-kuntratt huwa ugwali għal: *Il-prezz fiss għal kull persuna fix-xahar*10 (# ta' utenti)*12 (# ta' xhur)*

Il-proċedura kienet miftuħa għat-tipi kollha ta' operaturi u ngħatat lil fornitur ta' servizzi mingħajr skop ta' qligħ, f'konformità mal-oġġettiv strateġiku tal-Gwida għat-Trażmissjoni li jitwessa' r-rwol tal-operaturi tal-ekonomija soċjali bħala fornituri ta' servizzi, b'mod partikolari dawk koperti mir-reġim anqas strett.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Żvilupp tal-ħiliet soċjali: is-servizzi akkwistati għandhom l-għan li jżidu s-sens ta' responsabbiltà u sjieda fuq il-ħajja tal-persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali. Dan jinkludi l-għajxien indipendenti, it-tagħlim dwar kif jinvolvu ruħhom mal-komunità u ż-żieda fil-parteċipazzjoni soċjali tagħhom. L-appoġġ mogħti għandu jwassal għal żieda fil-kapaċità tal-utenti li jikkomunikaw u jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll li jkollhom is-sjieda fuq id-deċiżjonijiet u l-ażzjonijiet tagħhom.
- Tqabbil tal-opportunitajiet ta' impjeg mal-kapaċitajiet u l-kompetenzi ta' kull persuna: il-kisba tal-aċċess għal impjeg bi ħlas u d-dritt ta' ġestjoni tad-dħul proprju tagħhom iwasslu għad-dritt effettiv tal-persuni li jiddeċiedu dwar ħajjithom u l-awtonomija tagħhom.
- Jiġi pprovdut sett olistiku ta' servizzi ta' appoġġ li jippermettu l-inklużjoni tal-persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali fix-xogħol u fis-soċjetà: il-forniment ta' sett sħiħ ta' servizzi soċjali li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' kull persuna lil hinn mill-kura tas-saħħa huwa prekundizzjoni ewlenija biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-integrazzjoni tagħhom.

Verifika

Sabiex tiġi faċilitata l-valutazzjoni tal-proposti, l-awtorità kontraenti ddefiniet l-istrateġija tagħha, billi stabbiliet ir-risultati mistennija fuq perjodu ta' żmien medju u l-effetti mistennija fit-tul, kif ukoll approċċ metodoloġiku biex dawn jitkejlu wara verifika.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt tnedja f'Diċembru 2019 u se jintemm f'Novembru 2020 (12-il xahar), b'estensjoni possibbli ta' 12-il xahar addizzjonali. Il-valur totali tal-kuntratt mogħti kien ta' EUR 55,000 għal sena waħda, b'estensjoni possibbli ta' sena addizzjonali bl-istess ammont.

Strument

- L-Artikolu 40 (dwar konsultazzjonijiet preliminari tas-suq) u l-Artikoli 74-77 (dwar ir-reġim anqas strett għas-servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Municipalitá ta' Kaisiadorys
- Fornituri tas-servizzi kkuntrattati: il-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali, kemm privati kif ukoll mingħajr skop ta' qligħ.
- Appoġġ: Enterprise Lithuania (u l-konsulenti tagħhom), akkumpanjaw lill-Municipalitá matul iċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist, mill-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-servizz sat-tnedja tal-proċedura u l-ġhoti tagħha. Huma jappoġġaw ukoll lill-awtorità kontraenti fl-implimentazzjoni tal-kuntratt. L-istadju importanti li jmiss tagħhom huwa l-ewwel kejl tal-impatt tagħhom wara 6 xhur.
- Benefiċjarji: Il-persuni b'diżabilitá mentali, bħala riċevituri tas-servizz ikkuntrattat.

Impatti soċjali

- L-objettiv prinċipali tas-servizzi pprovduti huwa li tiżdied l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali li jgħixu f'ambjenti bbażati fil-komunitá.
- Il-Municipalitá setgħet tikkapitalizza fuq l-esperjenza u l-għarfien espert ta' operaturi mhux pubbliċi, b'mod partikolari fornituri ta' servizzi soċjali mingħajr skop ta' qligħ, biex tfittex modi innovattivi biex tipprovdri servizzi għall-persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali.
- Dan l-akkwist serva biex l-akkwist pubbliku bbażat fuq l-eżitu jiġi integrat bħala mod biex tiżdied l-effettività tas-servizzi soċjali u jingħata l-aħjar valur għall-flus.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid ma kinitx faċli minħabba l-għadd limitat ta' fornituri ta' servizzi disponibbli li setgħu jwettqu l-kuntratt kif meħtieġ mill-awtorità kontraenti. Madankollu, il-Municipalitá għamlet sforz biex tistieden kemm lill-fornituri privati kif ukoll lil dawk mingħajr skop ta' qligħ li diġà kienu qed jipprovdru servizzi simili u biex tiżgura li l-komunitajiet (gruppi ta' utenti, organizzazzjonijiet tad-diżabilitá, eċċ.) ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom. L-enfasi fuq il-konsultazzjonijiet u n-negożjati hija element ewlieni tal-Gwida għat-Trażmissjoni.
- Il-muniċipalitajiet iridu jiġu assistiti fl-implimentazzjoni ta' akkwist ta' impatt u l-komunikazzjoni tiegħu lis-suq, peress li dan l-approċċ għall-proċeduri ta' kuntrattar huwa aktar kumpless minn dawk tradizzjonali. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet pubbliċi – speċjalment fil-livell lokali – ħafna drabi ma jkollhomx prattikanti li jkunu mdrorja jaħdmu ma' fornituri b'għan soċjali u li jitttrattaw l-isfidi marbuta mal-preakkwist.
- Il-muniċipalitajiet għandhom jipplanaw l-attività ta' akkwist tagħhom fuq perjodu fit-tul, peress li l-proċeduri bbażati fuq l-impatt huma aktar kumplessi u jitolbu analiżi aktar profonda f'kull stadju tal-akkwist.
- Huwa kruċjali li wieħed jaħdem ma' fornituri potenzjali biex titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji li jistgħu jinkisbu mill-konsultazzjonijiet mas-suq u li jiġi kkomunikat għaliex għandhom jieħdu sehem fihom.

Kuntatt

Is-Sinjura Aušra Pulauskaitė, Maniġer tal-Proġett f'Enterprise Lithuania, a.pulauskaite@enterpriselithuania.com

38. Servizzi ta' assistenza għaż-żgħażaġh orjentati lejn ir-riżultati, inklużi r-rekwiżiti ta' Redditi Soċjali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Rotterdam, in-Netherlands

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/ oġġettivi tal-akkwisti

Fl-2014, ġie stabbilit Att ġdid dwar iż-żgħażaġh fin-Netherlands, li rristuttura u ddecentralizza s-servizzi taż-żgħażaġh biex jippermetti approċċi aktar lokali. B'riżultat ta' dan, 15-il muniċipalità fir-reġjun ta' Rijnmond (provinċja fil-Punent tan-Netherlands) ingħaqdu flimkien biex jiffurmaw l-iskema Komuni ta' Assistenza għaż-żgħażaġh ta' Rijnmond (GR-JR), preseduta mill-Municipalitá ta' Rotterdam. Meta reġgħet offriet is-servizzi tagħha għaż-żgħażaġh fl-2018, il-GR-JR iddeċidiet li tuża mudell ta' finanzjament orjentat lejn ir-riżultati, li jċaqlaq il-fokus mill-outputs għall-eżiti, sabiex jincéntiva r-responsabbiltá akbar tal-kuntrattur għar-riżultati u jħeġġeġ l-innovazzjoni.

Sabiex tiġi żgurata l-provista kontinwa u xierqa tal-kura, il-GR-JR qassmet is-servizzi taż-żgħażaġh f'lottijiet differenti u tuża ftehim qafas sabiex diversi fornituri jkunu jistgħu jġu kkuntrattati għal kull lott. Id-durata inizjali tal-ftehim qafas hija ta' tliet snin (mill-1 ta' Jannar 2018), u tista' tiġi estiża darbtejn, kull darba b'sena. Is-servizzi li qed jġu pprovduti taħt il-qafas huma koperti mir-reġim anqas strett (l-Artikoli 74-77 tad-Direttiva 2014/24/UE).

Suġġett

L-assistenza għaż-żgħażaġh - Lott A: Il-Foster Care (it-tqegħid temporanju jew fit-tul ta' żgħażaġh f'sitwazzjoni ta' dar stabbli)

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-GR-JR użat proċedura miftuħa, u l-offerenti ngħataw punteġġ skont il-kriterji tal-għoti li ġejjin:

- L-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-persunal (30 punt)
- L-implimentazzjoni ta' assistenza għaż-żgħażaġh orjentata lejn ir-riżultati (40 punt)
- Il-kooperazzjoni - kif l-offerent se jikkollabora ma' atturi oħra biex jiżgura assistenza olistika għaż-żgħażaġh (30 punt)

Peress li l-pagament isir biss fuq ir-riżultati, l-offerenti ntalbu jipprovdur deskrizzjonijiet ta' kif se jimplementaw l-assistenza għaż-żgħażaġh orjentata lejn ir-riżultati, inkluż:

- Kif l-organizzazzjoni hija mgħammra biex tiżgura użu effettiv u effiċjenti tal-opportunitajiet il-ġodda permessi mill-finanzjament orjentat lejn ir-riżultati, inkluż biex tiddefinixxi l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-azzjonijiet, u kif se tiżgura li jkunu disponibbli l-ħin u r-riżorsi biex jinkisbu r-riżultati meħtieġa;
- Il-punt sa fejn l-organizzazzjoni tirrikonoxxi, tikkontrolla u timmaniġġja r-riskji mal-introduzzjoni tal-metodoloġija ta' finanzjament orjentata lejn ir-riżultati;
- Il-punt sa fejn l-organizzazzjoni tipprovdur kura integrali li tkopri l-firxa sħiħa tas-servizzi għaż-żgħażaġh u tikkoopera ma' fornituri oħra tal-kura fejn rilevanti.

L-offerti ġew ivvalutati fuq skala minn 0 sa 5 (minn "Ħażin" sa "Eċċellenti"). It-tim ta' valutazzjoni kien jikkonsisti f'mill-anqas ħames membri, inklużi uffiċjali tal-politika u maniġers tal-kuntratti fi ħdan il-GR-JR.

Fl-aħħar nett, il-GR-JR inkludiet klawżoli ta' "Redditi Soċjali" fil-kuntratti mar-rebbieħa eventwali. Il-fornituri tas-servizzi jridu jissodisfaw obbligu aktar wiesa' ta' redditu soċjali ffukat fuq l-għoti ta' opportunitajiet relatati max-xogħol lill-persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol (jiġifieri persuni li qed jirċievu benefiċċji għall-persuni li qed ifittxu impjieg, jew żgħażaġh fi programmi ta' taħriġ). Dan huwa bbażat fuq il-Protokoll dwar ir-Redditi Soċjali ta' Rotterdam, li jelenka l-attivitajiet kollha meqjusa rilevanti u metodoloġija għall-valutazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. In-nuqqas ta' twettiq jirriżulta f'multa li tiswa 125 % tas-somma mhux issodisfata.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Din l-offerta hija riżultat tal-Att Nazzjonali dwar iż-Żgħażaġħ (1 ta' Marzu 2014), li għandu l-għan li jippermetti liż-żgħażaġh jikbru b'mod san u sikur biex ikunu indipendenti u awtosuffiċjenti biżżejjed biex jipparteċipaw fis-soċjetà. Barra minn hekk, Rotterdam tapplika klawżoli ta' redditu soċjali fil-kuntratti kollha b'valur ta' aktar minn EUR 50,000 bil-għan li toħloq opportunitajiet ta' impjeg għal persuni li kieku jsibuha diffiċli biex jaħdmu.

Verifika

Biex jagħtu prova tal-kompetenzi ewlenin tagħhom li jaħdmu mal-grupp ta' klijenti, l-offerenti jridu jipprovdu referenza minn impjeg simili, imwettqa mhux aktar minn tliet snin qabel l-iskadenza għall-offerti.

Il-GR-JR se timmonitorja l-prestazzjoni tas-servizz billi tuża erba' indikaturi definiti fil-livell nazzjonali: is-sodisfazzjon tal-klijenti, ir-realizzazzjoni tal-għanijiet, il-falliment u l-ħinijiet ta' stennija. Il-fornitur tas-servizz jista' jitlob ukoll indikaturi addizzjonali, meta dawn jipprovdu ħarsa ġenerali tajba tar-riżultati miksuba. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizz se tiġi mmonitorjata kull tliet xhur minn erba' perspettivi:

- Il-feedback mit-Tim Lokali (tim definit ta' persunal tal-Muniċipalità li jaħdem fuq l-assistenza għaż-żgħażaġh) dwar il-metodu ta' kooperazzjoni, l-aċċessibilità, it-trasparenza, it-trattament tal-utenti tas-servizzi, il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra, u l-ħeffa tal-azzjonijiet.
- Il-verifika tal-ilmenti mill-utenti tas-servizzi permezz ta' intervisti annwali maż-żgħażaġh.
- L-implimentazzjoni tal-outputs.
- L-għadd ta' żgħażaġh ittrattati u l-prezz medju tal-klijent.

Il-GR-JR u l-fornitur jiddiskutu r-riżultati u l-azzjonijiet meħtieġa erba' darbiet fis-sena. Kull sena tiġi ppreżentata dikjarazzjoni finanzjarja biex jiġi kkalkulat il-ħlas, abbażi tal-baġits totali allokat tal-iskema għat-total ta' żgħażaġh assistiti/appoġġati. Din id-dikjarazzjoni trid tkun akkumpanjata minn rapport tal-awditur (sakemm il-fatturat annwali ma jkunx anqas minn EUR 125,000, fejn awtodikjarazzjoni tkun biżżejjed).

Barra minn hekk, il-fornitur irid jirrapporta dwar l-issodisfar tal-klawżola dwar ir-redditu soċjali. Il-GR-JR tipprovdi "Protokoll dwar ir-Redditu Soċjali", li jelenka l-attivitajiet ta' redditu soċjali applikabbli, u l-valur finanzjarju ta' dawn l-attivitajiet. Pereżempju, l-impjeg ta' persuna li tirċievi benefiċċji tal-qgħad jgħodd bħala EUR 30,000 fis-sena lejn il-kontribuzzjoni soċjali tal-kuntrattur, jew EUR 20.51 fis-siegħa. Dan jitle' sa EUR 35,000 fis-sena jew EUR 29.92 fis-siegħa jekk il-persuna tkun ilha qiegħda għal aktar minn sena. Biex jiġu traċċati l-kontribuzzjonijiet, il-fornituri jridu jirreġistraw l-attivitajiet ta' redditu soċjali fis-sistema ta' reġistrazzjoni tar-Redditu Soċjali tal-GR-JRs. Il-fornitur irid juri li l-impjegat jaqa' taħt wieħed mill-gruppi fil-mira, minbarra li jipprovdi riċevuta tal-paga jew kuntratt ta' impjeg.

Hemm diversi modi kif ir-redditu soċjali fin-Netherlands jista' jiġi inkorporat fl-akkwist pubbliku. L-għażliet jinkludu l-istabbiliment ta' termini u kundizzjonijiet speċjali ta' prestazzjoni, l-inklużjoni ta' kriterji għall-għoti, jew ir-riżerva ta' kuntratt ma' kumpaniji tal-impjegi protetti. Għal eżempju ieħor, ara l-każijiet f'din il-ġabra minn Wageningen (p. X) jew Haarlem (p.X).

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt għas-servizzi ta' assistenza għaż-żgħażaġh fuq tliet snin kellu valur totali ta' EUR 50 miljun (EUR 18-il miljun għal-Lott A)

Strument

- L-Artikolu 46 (dwar il-qsim ta' kuntratti f'lottijiet) u l-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) tad-Direttiva 2015/24/UE. Barra minn hekk, l-Artikolu 74-77 jistabbilixxi r-reġim anqas strett dwar is-servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra, li jippermetti flessibilità akbar fir-rigward tal-proċeduri u jinkoraġġixxi l-użu ta' kriterji kwalitattivi.
- Id-Direttiva tal-2014 ġiet implimentata fin-Netherlands permezz tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku tal-2020 (emendata fl-1 ta' Lulju 2016).

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Rotterdam u l-GR-JR
- Fornitur ta' servizz ikkuntrattat: Enver
- Benefiċjarji: Iż-żgħażaġh li jirċievu servizzi ta' assistenza taħt il-GR-JR, flimkien mal-impjegati reklutati biex jissodisfaw l-obbligi ta' redditu soċjali.

Impatti soċjali

- Billi tuża mekkaniżmu ta' finanzjament orjentat lejn ir-riżultati, il-GR-JR tista' tiżgura li s-servizzi taż-żgħażaġh akkwistati qed jipprovdu riżultati reali, u mhux biss outputs. Dan jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni billi ma jkunx preskrittiv iżżejjed dwar x'inhu s-servizz, iżda pjuttost jiffoka fuq dak li għandu jikseb.

Benefiċċji oħra

- Is-suq tax-xogħol f'Rotterdam qed jinbidel. Il-port tiegħu kien jimpjega ħafna nies b'livell baxx ta' ħiliet, iżda l-awtomattizzazzjoni u bidliet oħra fis-suq tax-xogħol ifissru li m'għadx hemm impjegi għal dawn il-ħaddiema. Barra minn hekk, il-port ġie rilokat aktar 'il bogħod mill-Belt, u l-ivvjaġġar għal hemmhekk sar diffiċli wisq għal ħafna persuni bi dħul baxx li qed ifittxu impjieg.
- Permezz tal-politika ta' redditu soċjali ta' Rotterdam, kull kuntratt tas-settur pubbliku b'valur ta' aktar minn EUR 50,000 jiġi rieżaminat minn espert tar-redditu soċjali għall-opportunitajiet ta' redditu soċjali. Kuntratt irid jalloka bejn 0 %-50 % tal-valur tal-kuntratt biex jipprovdi opportunitajiet ta' impjieg, b'medja ta' 5 % għal kull kuntratt.
- Pereżempju, waħda mir-rebbieħa ta' din l-offerta kienet Enver, organizzazzjoni li tappoġġa liż-żgħażaġh u lill-familji tagħhom fir-reġjun ta' "Zuid-Holland" (l-Olanda t'Isfel) permezz tal-forniment ta' servizzi għaż-żgħażaġh ta' kwalità, b'obbligu ta' redditu soċjali li jiswa 2 % tal-kuntratti kollha tagħha mal-GR-JR. Minbarra li tipprovdi servizzi ta' kwalità, ibbażati fil-komunità, Enver toffri direttament impjegi u internships lil persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol, inklużi persuni li jirċievu benefiċċji soċjali, żgħażaġh li huma vulnerabbli u li jeħtieġu appoġġ addizzjonali, u persuni b'diżabilità fiżika jew mentali.
- B'mod ġenerali, fl-2018, l-inizjattiva tar-Redditi Soċjali ta' Rotterdam wasslet biex 2519-il persuna b'distanza mis-suq tax-xogħol jiġu ingaġġati minn kumpaniji.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-attivitajiet ta' redditu soċjali jridu jitqabblu mar-realtajiet tas-settur. Fil-kura tas-saħħa pereżempju, għalkemm hemm ħafna postijiet tax-xogħol vakanti, dawn il-pożizzjonijiet jeħtieġu persuni b'diplomi rilevanti u bħalissa ma jistgħux jimtlew minn persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol.
- Għalhekk, fl-2019 Rotterdam aġġomat il-politiki tagħha dwar ir-redditu soċjali biex toffri lill-impjegaturi aktar flessibbiltà u opportunitajiet għal adattament. Dan ippermetta approċċi ġodda li huma aktar rilevanti għall-grupp fil-mira, bħall-indirizzar tal-problemi ta' dejn (li jaffettwaw 50 % tal-persuni fuq il-benefiċċji soċjali) u t-tressiq tal-persuni eqreb lejn is-suq tax-xogħol billi l-edukazzjoni u t-taħriġ (fuq il-post tax-xogħol), u l-korsijiet fil-lingwi jiġu permessi bħala attività uffiċjali ta' redditu soċjali.
- Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-redditu soċjali jirrikjedi li l-fornituri jirrapportaw l-attivitajiet tagħhom, flimkien mal-evidenza. Il-feedback mill-fornituri huwa li l-piż amministrattiv bħalissa huwa għoli. Għalhekk, Rotterdam qed taħdem ma' diversi organizzazzjonijiet biex issib soluzzjonijiet li jaħdmu għaż-żewġ partijiet.

Kuntatt

Sophie Harbers, Konsulent dwar ir-Redditi Soċjali, il-Belt ta' Rotterdam, s.harbers@rotterdam.nl

39. Tfassil konġunt u ġestjoni konġunta transfruntiera tas-servizzi tas-saħħa mentali

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: GECT GO/EZTS GO, Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali "Territorju tal-muniċipalitajiet: Comune di Gorizia (I), Mestna občina Nova Gorica (Slo) u Občina Šempeter-Vrtojba (Slo)", Gorizia, l-Italja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Din il-prattika tajba tfaċċat fil-qafas tal-[Health-Zdravstvo Project](#), proġett Interreg kofinanzjat bejn is-Slovenja u l-Italja li dam għaddej mill-2014 sal-2020, implimentat mill-GECT GO/EZTS GO bħala benefiċjarju uniku. Il-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ u jtejjeb il-forniment u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali għall-popolazzjoni li tgħix fiż-żona transfruntiera bejn l-Italja u s-Slovenja permezz ta' proġett pilota ta' integrazzjoni tas-servizzi u tal-faċilitajiet tas-saħħa.

L-objettiv tal-akkwist kien li jinħolqu proġetti transfruntiera innovattivi biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet taż-żgħażaġħ bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali, kemm f'termini ta' għoti tal-kura kif ukoll ta' integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol.

Inħolqu raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) biex titrawwem il-kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom. Ir-REKT jippermettu lil dawn is-sħab jimplementaw proġetti konġunti, jiskambjaw esperjenzi, itejbu l-koordinazzjoni tal-ippjanar spazjali u jiffurmaw entitajiet legali uniċi biex jegħlbu d-diffikultajiet maħluqa minn leġislazzjoni u proċeduri differenti f'territorji differenti.

Suġġett

It-tfassil konġunt u l-ġestjoni konġunta ta' approċċi, interventi, servizzi u proġetti personalizzati innovattivi u sperimentali mmirati lejn l-inklużjoni soċjali ta' żgħażaġħ bi problemi ta' saħħa mentali.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

Is-sejħa għall-offerti, elaborata minn Grupp ta' Ħidma konġunt,²⁸ kienet tirrikjedi li l-offerenti jissottomettu proposta preliminari għal proġett li tindika l-kriterji, il-metodi ta' implimentazzjoni konkreta u l-proposti operazzjonali għall-ġestjoni konġunta ta' interventi individwali u kollettivi appoġġati minn Baġit tas-Saħħa.²⁹ Il-proposti tal-proġetti għandu jkun fihom elementi ta' innovazzjoni, esperimentazzjoni, kwalità u impatt transfruntier qawwi u ċar. Il-proposti ġew evalwati għall-iżvilupp tal-programmi li ġejjin:

- *Programm ta' ġestjoni konġunta u appoġġ territorjali:* Proposti ta' proġetti bl-objettiv li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet transfruntiera kollha li huma mfassla u ġestiti b'mod konġunt, immirati, fost affarijiet oħra, biex jinkoraġġixxu l-iskambji u l-konsolidazzjoni tar-relazzjoni ta' ħidma tal-operaturi involuti.
- *Programm ta' taħriġ fuq ix-xogħol:* Proposti ta' proġetti mmirati sabiex jipprovdu opportunitajiet għat-taħriġ ta' impjeg b'kapaċità għolja biex jakkomodaw persuni bi problemi differenti ta' saħħa mentali. Il-proposti se jipprovdu opportunitajiet differenti ta' taħriġ għall-utenti f'mill-anqas tliet tipi ta' attivitajiet intraprenditorjali (eż. ekoloġiċi, agrikoltura soċjali, oqsma amministrattivi, catering, xogħol ta' appoġġ bejn il-pari, attivitajiet kulturali u ta' komunikazzjoni, eċċ.), b'kont meħud ukoll ta' perspettiva ta' territorju transfruntiera.

²⁸ *Magħmul minn: psikologi, edukaturi, ħaddiema soċjali, infermiera, eċċ. mill-entitajiet Sloveni u Taljani li ġejjin: lċ-Ċentru tas-Saħħa Nova Gorica (ZD Nova Gorica); L-isptar psikjatriku ta' Idrija (PB Idrija); lċ-Ċentru tas-Saħħa Mentali CSM – AAS2; kif ukoll il-koordinaturi.*

²⁹ *Il-Baġit tas-Saħħa jirrappreżenta possibbiltà maniġerjali innovattiva għall-promozzjoni tal-kura fid-dar, li kapaċi tiffoka fuq il-ħiliet ta' awtodeterminazzjoni tal-benefiċjarji u l-possibbiltà li l-kura tiġi adattata skont il-ħtiġijiet tagħhom (bħas-saħħa, il-kura, ir-riabilitazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-impjegji u l-ħtiġijiet soċjali).*

- *Programm soċjali:* Proposti ta' proġetti fil-qasam tal-attivitajiet ta' soċjalizzazzjoni għall-utenti. Attivitajiet li huma ta' natura riabilitattiva, immirati lejn il-bini ta' relazzjonijiet soċjali permezz ta' attivitajiet kulturali u edukattivi b'opportunitajiet ta' soċjalizzazzjoni huma mill-aktar milqugħa.
- *Programm ta' akkomodazzjoni:* Proposti ta' proġetti mmirati sabiex jiġi pprovdut appoġġ individwalizzat għall-akkomodazzjoni, billi tiġi pprovduta jew akkomodazzjoni privata jew akkomodazzjoni kondiviża. Is-sieħeb jimpenja ruħu li jagħmel disponibbli appartamenti residenzjali, preferibbilment fiż-żona ta' Mestna občina Nova Gorica (is-Slovenja), għal massimu ta' erba' persuni, mgħammra bi spazji privati li jistgħu jiġu adattati skont il-ħtieġa.

Il-punteġġ globali massimu li jista' jiġi assenjat għall-proposti huwa stabbilit għal 100 punt, imqassam kif ġej:

- Proposta għal proġett (inklużi l-punti ta' hawn fuq): punteġġ massimu ta' 85 punt
- Pjan ta' direzzjoni tan-negozju finanzjarju: punteġġ massimu ta' 15-il punt

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-għan soċjali ta' dan l-akkwist huwa l-inklużjoni soċjali u fix-xogħol taż-żgħażaġh bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali, fil-kuntest tal-ħolqien ta' network ta' servizzi tas-saħħa transfruntiera li għandu jiġi applikat għal oqsma oħra tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Verifika

Mill-anqas kull sitt xhur, il-Grupp ta' Ħidma jiltaqa' biex jimmonitorja l-objettivi tal-proġett. L-aġenda tal-laqqgħa biannwali ta' rieżami għandha tinqasam fil-punti li ġejjin:

- verifika tal-objettivi ta' riabilitazzjoni mil-ħuqa
- verifika tal-livelli ta' informazzjoni tal-partijiet ikkonċernati
- rieżami tal-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-ħidma fi ħdan it-tim konġunt
- il-kondiviżjoni tal-prattiki tajba u diskussjoni tas-sitwazzjonijiet diffiċli

Ir-risultati ta' din il-laqqgħa għandhom jiġu rreġistrati f' minuti u jinżammu mill-koordinaturi tal-Grupp ta' Ħidma.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 367,213.11 fuq perjodu ta' 18-il xahar.

Strument

L-Artikoli 74-77 dwar ir-reġim anqas strett għas-servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra tad-Direttiva 2014/24/UE

Atturi

- Awtorità kontraenti: GECT GO/EZTS GO
- Offerenti: Entitajiet tat-tielet settur/operatoruri mingħajr skop ta' qligħ Taljani u Sloveni
- Fornitur tas-servizzi kkuntrattat: "La Collina Società Cooperativa Sociale Onlus Impresa Sociale", kooperattiva soċjali Taljana
- Appoġġ tekniku: Insiel, il-kumpanija interna tal-ICT tar-Reġjun ta' Friuli Venezia Giulia

- Membri tal-Grupp ta' Ħidma u istituzzjonijiet involuti fil-proġett:
 - Il-Ministeru tas-Saħħa Sloven
 - Id-Direttorat Ċentrali għas-Saħħa, il-Politiki Soċjali u d-Diżabilità tar-Reġjun ta' Friuli Venezia Giulia tal-Italja
 - L-Istitut Nazzjonali Sloven għas-Saħħa Pubblika, NIJZ (Nacionalni inštitut za javno zdravje Republike Slovenije)
 - L-Istitut Sloven għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa, ZZS (Zavod za zdravstveno zavarovanje Republike Slovenije)

Impatti soċjali

- Bis-saħħa tal-proġett, hemm skambju ta' prattiki tajba bejn il-professjonisti soċjali u tas-saħħa permezz tal-Grupp ta' Ħidma Taljan-Sloven maħluq apposta, li kien involut fit-tfassil konġunt tal-kontenut tas-sejħa għall-offerti.
- Prattika tajba li sar fokus fuqha hija l-Baġit tas-Saħħa, li jiġi applikat b'mod komuni fl-Italja, iżda mhux fis-Slovenja. L-offerta għandha l-għan li tapplika l-prattika tajba tal-kunċett tal-Baġit tas-Saħħa ta' kura personalizzata *ad hoc* għall-utenti fit-territorju Sloven ta' Nova Gorizia.

Benefiċċji oħra

- Dan il-każ huwa novità reali fit-territorju, bħala opportunità speċjali biex jiġu skambjati prattiki tajba, jiġu offruti servizzi ta' kwalità aħjar liċ-ċittadini, u jiġu trasferiti f'liet u għarfien bejn il-fruntiera.
- Il-proġett saħħaħ ukoll il-kollaborazzjoni bejn il-fornituri tat-tielet settur/fornituri mingħajr skop ta' qligħ Taljani u Sloveni.
- Din hija prattika tajba li hija trasferibbli għal postijiet oħra. Hija tista' tiġi replikata mir-reġjuni Ewropej fil-forma ta' kooperazzjoni interreġjonali, kif ukoll f'pajjiżi barra mill-UE.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-entitajiet tat-tielet settur Taljani wrew li kienu ppreparati ferm aħjar biex iwieġbu għas-sejħa għall-offerti. Għal kooperazzjoni aktar sinifikattiva, il-fornituri ta' servizzi mingħajr skop ta' qligħ Sloveni jistgħu jibbenefikaw minn taħriġ u bini tal-kapaċità biex ikunu jistgħu jagħmlu offerti għal kuntratti ta' akkwist pubbliku.
- Minn Ottubru 2019, is-sejħiet kollha għall-offerti fl-Italja għandhom jiġu ppubblikati fuq pjattaforma elettroniċi. L-offerenti Sloveni ltaqgħu ma' xi problemi meta applikaw permezz tal-pjattaforma elektronika Taljana tar-Reġjun ta' Friuli Venezia Giulia³⁰, minħabba li kienet teħtieġ informazzjoni li l-entitajiet Taljani biss għandhom, bħal kodiċi fiskali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet akkwirenti sabu li l-offerenti kienu jwieġbu biss għas-sejħiet ippubblikati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Biex tiġi żgurata kooperazzjoni transfruntiera sinifikattiva, fejn l-operaturi Sloveni jagħmlu offerti għal sejħiet magħmula fit-territorju Taljan u viċi versa, il-GECT GO/ EZTS GO wettqu attivitajiet biex jimmappjaw il-pjattaforma elettroniċi disponibbli kollha sabiex jidentifikaw waħda adatta għall-ħtiġijiet tagħhom. Biex jagħmlu dan, huma ħadu sehem fi proġett pilota "Soluzzjonijiet B", li huwa promoss mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DG REGIO) tal-Kummissjoni Ewropea u ġestit mill-Assoċjazzjoni ta' Reġjuni mal-Fruntieri Ewropej (AEFR) bħala waħda mill-azzjonijiet proposti fil-Komunikazzjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE".³¹ Dan għen lill-awtorità kontraenti tidentifika l-pjattaforma eżistenti l-aktar adattata, li issa qed jużaw.³²
- L-oqfsa legali tal-entitajiet tat-tielet settur/organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ ivarjaw bejn iż-żewġ pajjiżi. Dan ħoloq kwistjonijiet, bħall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ Sloveni li ma għandhomx numru tal-VAT u għalhekk ma jistgħux jiffurmaw konsorzju jew Grupp ta' Interess Ekonomiku Ewropew (GIEE) mal-operaturi Taljani biex jagħmlu offerti. Il-mixja lejn qafas legali Ewropew għall-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet kollha tal-ekonomija soċjali tkun soluzzjoni vijabbli.

³⁰ (<http://appalti.regione.fvg.it/>)

³¹ <https://ec.europa.eu/futurium/en/border-regions/pilot-projects>

³² Net4Market.com

Kuntatt

Fabiana Pieri, Uffiċjal Tekniku Superjuri fir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT GO-EZTS GO),
fabiana.pieri@euro-go.eu

SETTUR 8 - Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)

40. L-użu tal-akkwist fil-Katalonja biex jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista tal-elettronika

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: L-Assoċjazzjoni Katalana tal-Awtoritajiet Lokali (L'Associació Catalana de Municipis – ACM), Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-Assoċjazzjoni Katalana tal-Awtoritajiet Lokali (L'Associació Catalana de Municipis – ACM) tinkludi aktar minn 1,000 korp tal-gvern lokali, li jirrappreżenta 95 % tal-muniċipalitajiet fir-reġjun. Waħda mill-funzjonijiet tagħha hija li taġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti, billi tgħaqqad il-ħtiġijiet u tipprovdi ffrankar amministrattiv għall-membri tagħha. Fl-2018, l-ACM saret affiljata ta' [Electronics Watch](#), assoċjazzjoni internazzjonali għall-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista tal-ICT. Il-klawżoli soċjali tal-ACM, derivati minn kuntratti ta' referenza minn Electronics Watch, issa qed jiżjeddu ma' offerti tal-membri tagħha, inkluż qafas reċenti għall-printers li fih qed jipparteċipaw 156 muniċipalità membru.

Suġġett

Ftehim qafas b'diversi operaturi għall-printers, it-tagħmir multifunzjonali u l-printers b'format wiesa'.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt:

L-offerenti rebbieħa ammessi għall-Ftehim Qafas iridu jiżguraw il-konformità mar-regolamenti dwar id-drittijiet u s-sikurezza tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-produzzjoni tal-fabbriki fejn jiġu prodotti l-oġġetti soġġetti għall-kuntratt. Għal dawn il-finijiet, l-offerent rebbieħ irid:

- Iwettaq id-diliġenza dovuta sabiex il-fabbriki li jipproduċu oġġetti elettroniċi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Istandards tax-Xogħol definiti fil-Kundizzjonijiet tal-Kuntratt ta' Electronics Watch.³³
- Jipprovdi lill-awtorità kontraenti (fi żmien 30 jum wara l-formalizzazzjoni):
 - Formola ta' Divulgazzjoni, li tinforma lill-Awtorità kontraenti dwar il-postijiet fiżiċi tal-fabbriki fejn jiġu prodotti l-oġġetti li jiffurmaw is-suġġett tal-kuntratt.
 - Jekk applikabbli, il-kuntrattur irid jinforma lill-awtorità kontraenti kull sena dwar l-awditi ta' kwalunkwe waħda mill-fabbriki fejn ġew prodotti l-oġġetti li jiffurmaw is-suġġett tal-kuntratt.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-klawżoli ta' Electronics Watch jirrikjedu li l-kuntratturi jwettqu d-diliġenza dovuta biex jiksbu t-trasparenza fil-katina tal-provvista, jikkollaboraw ma' superviżuri indipendenti u jirrimedjaw ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-istandards tas-sikurezza.

Il-klawżoli ta' Electronics Watch huma konsistenti mad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku u jirriflettu l-Prinċipji ta' Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali. Il-klawżoli fihom kodiċi ta' standards tax-xogħol li jirreferu għal-liġijiet domestiċi fil-pajjiżi tal-produzzjoni kif ukoll għall-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

³³ http://electronicswatch.org/electronics-watch-contract-conditions-for-supply-contracts-v-2-0_2556796.pdf

Verifika

Il-verifika hija bbażata fuq id-divulgazzjoni mill-fabbrika marbuta direttament mas-suġġett tal-kuntratt. Il-kuntratturi jżvelaw l-ismijiet legali u l-indirizzi fiżiċi kompluti tal-fabbriki li jagħmlu mudelli speċifiċi ta' prodotti lill-affiljati ta' Electronics Watch. Electronics Watch twettaq il-monitoraġġ għall-ACM biex tinvestigata l-konformità mal-istandards stabbiliti tad-drittijiet tal-ħaddiema fid-dokumenti tal-offerti.

Valur tal-kuntratt

EUR 1,127,385.51 fis-sena

Strument

- L-Artikolu 18(2) (dwar il-konformità mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol) u l-Artikolu 70 (dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: L-ACM u Electronics Watch bħala affiljata.
- Fornituri kkuntrattati:
 - Basso SA
 - Gircopi SI-Sistemas D'organització SA
 - Konica Minolta Business Solutions Spain
 - Ricoh Sistemas
- Organizzazzjoni ta' monitoraġġ indipendenti: Electronics Watch
- Utenti tal-ftehim qafas: Il-muniċipalitajiet membri tal-ACM

Impatti soċjali

- It-talba inizjali għad-divulgazzjoni ntlaggħet b'rispons pożittiv mill-kuntratturi. Il-kuntratturi pprovdew informazzjoni dettaljata dwar il-katina tal-provvista rigward mudelli speċifiċi ta' prodotti u postijiet ta' produzzjoni użati skont il-kuntratt. Fuq il-bażi tar-risultati tal-monitoraġġ eżistenti għal dawn il-mudelli u l-postijiet, Electronics Watch setgħet tkejjri valutazzjoni tar-riskju għall-ACM. L-ACM diġà qed tippjana li tinkludi l-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' Electronics Watch f'żewġ ftehimiet qafas oħra – għall-ICT u għar-reġistrazzjoni bil-vidjow tal-plenarji.
- Id-dettalji żvelati minn fornitur wieħed saħħew proċess ta' involviment li għaddej ma' fabrika tal-printers fin-Nofsinhar tal-Asja. Abbażi tad-dettalji tal-post tal-produzzjoni, diġà ġie implimentat pjan ta' monitoraġġ. Il-monitoraġġ jitwettaq mis-sħab lokali ta' Electronics Watch – organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili bl-għarfien espert fil-monitoraġġ tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Benefiċċji oħra

- Il-proċess standardizzat ta' Electronics Watch jippermetti trasferibbiltà faċli tal-monitoraġġ u mudell ta' segwitu wara l-affiljazzjoni.
- It-trasparenza tal-katina tal-provvista żdiedet ukoll għal affiljati oħra ta' Electronics Watch fl-Ewropa li jakkwistaw l-istess mudelli ta' prodotti.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Huwa importanti li l-offerenti/il-kuntratturi potenzjali jiġu infurmati dwar l-obbligi relatati matul il-fażi ta' ġestjoni tal-kuntratt biex tiġi faċilitata l-konformità.
- Hemm bżonn li l-industrija tal-ICT - kemm ir-rivendituri kif ukoll il-marki u l-fornituri tagħhom - tkompli tiżviluppa t-trasparenza tal-katina tal-provvista. Attwalment, id-divulgazzjoni ta' informazzjoni fil-livell tal-komponenti għadha ta' sfida għall-industrija; madankollu, din hija fundamentali biex tiġi permessa t-trasparenza tal-katina tal-provvista.
- Jekk aktar awtoritajiet pubbliċi jitolbu d-divulgazzjoni tal-postijiet u l-proċessi tal-produzzjoni, dan jgħin biex din tiġi stabbilita bħala Prattika Standard fl-industrija.

Kuntatt

Victor Torrents, l-Assoċjazzjoni Katalana tal-Muniċipalitajiet (ACM), victor.torrents@acm.cat

41. Ir-responsabbiltà soċjali fil-Ftehim Qafas dwar il-Kompjuters u l-Laptops, il-Finlandja

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Hansel Ltd, il-Finlandja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Hansel hija l-korp ċentrali għall-akkwisti fil-livell nazzjonali fil-Finlandja. Hansel u l-klijenti tagħha (awtoritajiet pubbliċi Finlandiżi) huma impenjati għall-promozzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u sostenibbli. Għal dan il-għan, l-iżguraw li l-prodotti u s-servizzi akkwistati jiġu manifatturati b'mod ġust u soċjalment responsabbli huwa rikonoxxut bħala prijorità.

Għalhekk, Hansel ipproduċiet Kodiċi ta' Kondotta għall-akkwist ta' prodotti elettroniċi b'enfasi fuq ir-responsabbiltà soċjali. L-għażla li tiffoka fuq dan it-tip ta' akkwist kienet ibbażata fuq il-fatt li dawn il-prodotti spiss jiġu manifatturati f'pajjiżi fejn id-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema mhux dejjem jiġu infurzati biżżejjed. Il-kodiċi jfittex li jippromwovi u jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema tul il-katina kollha tal-provvista tal-kompjuters u prodotti oħra relatati mal-ICT. Il-kodiċi għandu jintuża fil-proċeduri futuri kollha (ftehimiet qafas, kuntratti) immedija minn Hansel f'dan il-qasam tal-provvisti. Dan l-approċċ għie integrat għal prodotti u servizzi oħra permezz ta' verżjoni ġenerali tal-kodiċi li għandha tiġi applikata f'tipi oħra ta' akkwist.

Il-kodiċi jispjega l-obbligu tal-fornituri li jimpenjaw ruħhom għall-konformità miegħu u jiżguraw li r-rekwiżiti minimi kollha inklużi fih jiġu ssodisfati fl-operazzjonijiet tagħhom stess bħala kuntratturi, kif ukoll dawk tul il-katina tal-provvista.

Sabiex tiġi pilotata l-implimentazzjoni tal-kodiċi, Hansel nediet proċedura li tittratta l-prodotti tal-ICT. B'mod parallel, tnedew proġetti pilota oħra speċifiċi għas-settur fuq l-istess linji, inkluża proċedura għal ftehim qafas dwar l-għamara tal-uffiċċju. Il-kodiċi għie tradott bl-Ingliż u huwa disponibbli għall-użu minn awtoritajiet kontraenti oħra fil-Finlandja u f'postijiet oħra.

Is-sejħa nħarġet fl-2017 u l-kuntratt ingħata fl-2018.³⁴

Suġġett

Ftehim qafas għat-tagħmir tal-computing mobbli u tal-uffiċċju, inklużi tablets, kompjuters ibridi, laptops, kompjuters all-in-one, kompjuters desktop, eċċ., kif ukoll tagħmir, aċċessorji u servizzi oħra relatati mal-ICT.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Intużat proċedura miftuħa, u l-kriterji ta' responsabbiltà soċjali u ambjentali għew ikkunsidrati bħala kriterji għall-għoti b'piż ta' 20 %:

- Il-kriterji għall-għoti relatati mar-responsabbiltà ambjentali (10 %) kienu jinkludu n-nuqqas ta' użu ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara (jiġifieri l-merkurju, it-tetrabromobisfenol A, il-ftalati u l-PVC), kif ukoll l-użu ta' plastik riċiklat jew bijodegradabbli fil-partijiet tal-plastik u l-imballaġġ.
- Fir-rigward tal-kriterji soċjali (10 %), Hansel evalwat it-trasparenza tal-fornitur dwar il-postijiet tas-siti tal-assemblaġġ finali u tal-fornituri tal-komponenti, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-postijiet tal-assemblaġġ finali; il-ħlas ta' paga li tiggarrantixxi l-għajxien u l-għadd ta' sigħat tax-xogħol (mhux aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa inkluża s-sahra) kellhom jiġu vverifikati minn rapport ta' awditjar indipendenti ta' parti terza.

Dawn il-kriterji wrew li kienu ta' sfida (ara t-taqsimu dwar it-Tagħlimiet Meħuda). L-offerenti kellhom jiddikjaraw ukoll l-impenn tagħhom għat-termini ta' referenza (inkluż il-Kodiċi ta' Kondotta) fis-sottomissjoni tal-offerta.

L-għadd massimu ta' offerenti parteċipanti previsti għall-ftehim qafas kien ta' erbgħa.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

³⁴ <https://ted.europa.eu/udl?uri=TED:NOTICE:461029-2017:TEXT:MT:HTML&src=0&tabId=0>

L-objettiv ewlieni tal-kodiċi (u tal-proċedura) huwa li tiġi żgurata l-konformità ma' standards tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti tul il-katina tal-provvista kollha involuta fil-produzzjoni ta' prodotti ta-ICT mixtrija mill-awtoritajiet Finlandiżi.

Bjex jintlaħaq dan l-għan, il-Kodiċi ta' Kondotta jirreferi għall-istandards u l-konvenzjonijiet li ġejjin:

- Id-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (1948)
- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (Nazzjonijiet Uniti 1966)
- Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR, Nazzjonijiet Uniti 1966)
- Il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem
- Il-Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali
- It-Tmien Konvenzjonijiet Fundamentali tal-ILO: Nru 29 dwar ix-Xogħol Furzat (1930), Nru 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni (1948), Nru 98 dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv (1949), Nru 100 dwar ir-Remunerazzjoni Ugwali (1951), Nru 105 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat (1957), Nru 111 dwar id-Diskriminazzjoni (Impjeg u Xogħol) (1958), Nru 138 dwar l-Età Minima (1973) u Nru 182 dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal (1999)
- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Artikolu 32 (1989)
- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (2003)
- Il-legalizzazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, it-termini tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-seħħ fil-pajjiż tal-produzzjoni tal-prodotti u s-servizzi, inkluża l-legalizzazzjoni dwar il-pagi minimi, u r-regolamenti dwar il-protezzjoni soċjali.

Kif ukoll:

- Il-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-protezzjoni tas-Saff tal-Ożonu u l-Protokoll tagħha ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu;
- Il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tiegħu;
- Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-POPs);
- Il-Konvenzjoni dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Sustanzi Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali (UNEP/FAO) (il-Konvenzjoni dwar il-PIC) Rotterdam, l-10 ta' Settembru 1998, u t-tliet (3) Protokollu reġjonali tagħha:
- Kwalunkwe legalizzazzjoni dwar il-ħarsien tal-ambjent li tkun fis-seħħ fil-pajjiż tal-produzzjoni tal-prodotti u s-servizzi.

Verifika

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġġenera kriterji konkreti u mekkaniżmi ta' verifika affidabbli għall-valutazzjoni tar-responsabbiltà soċjali flimkien mal-prodotti li għandhom jinkisbu. F'dan ir-rigward, il-kodiċi jimmarka l-istandard ta' referenza għat-termini tal-kuntratt u jiggwida wkoll il-verifika matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Minbarra l-istandards applikabbli, il-kodiċi jistabbilixxi wkoll rekwiżiti soċjali oħra u mekkaniżmi biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' konformità u l-ksur. Il-fornitur u/jew il-kumpanija omm tiegħu se jippubblikaw rapport annwali dwar is-sostenibbiltà. Il-fornituri għandhom jieħdu miżuri kuntrattwali rilevanti biex jimplementaw il-Kodiċi ta' Kondotta fl-operazzjonijiet proprji tagħhom, kif ukoll tul il-katina tal-provvista.

Wieħed mill-aspetti ewlenin tal-kodiċi huwa marbut mal-kondiviżjoni tar-risultati dwar l-awditj tar-responsabbiltà soċjali u l-azzjonijiet korrettivi mwettqa, inkluż permezz tad-disseminazzjoni ta' verżjonijiet fil-qosor tar-rapporti tal-awditjar. L-għan tad-disseminazzjoni ta' tali informazzjoni huwa, minn naħa, li jizjed l-għarfien dwar ir-rekwiżiti tar-responsabbiltà soċjali fil-ktajjen tal-provvista (globali) u, min-naħa l-oħra, li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-awditjar multiplu lill-operaturi konformi minn awtoritajiet kontraenti differenti.

Valur tal-kuntratt

Il-valur stmat tal-ftehim qafas huwa ta' EUR 180 miljun. It-terminu inizjali huwa għal sentejn, li jista' jiġi estiż sa massimu ta' erba' snin.

Strument

L-Artikolu 18(2) (dwar klawżoli soċjali obbligatorji), l-Artikolu 71 (dwar is-sottokuntrattar) u l-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Korp ċentrali għall-akkwisti: Hansel Ltd
- Sieħeb ewlieni: Finnwatch
- Il-fornituri
- Il-verifikaturi/awdituri
- L-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom (it-trade unions)
- L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq l-iżvilupp.

Is-šhubija kienet fil-qalba tal-kodiċi u t-tfassil tal-kuntratt dwar l-ICT. Hansel bdiet il-proġett bi šhubija ma' Finnwatch, NGO li taħdem fuq il-promozzjoni tar-responsabbiltà korporattiva globali biex tiżgura standards tax-xogħol deċenti fl-akkwist pubbliku.

Finnwatch ipprovdiet lil Hansel b'assistenza esperta fit-tnejn u l-monitoraġġ ta' kriterji relatati mar-responsabbiltà soċjali għad-diversi stadji ta' proċess ta' akkwist. Id-disseminazzjoni ta' din l-inizjattiva fost l-awtoritajiet kontraenti fil-livelli kollha tal-gvern bħala Prattika tajba ġiet appoġġata miċ-Ċentru ta' Solidarjetà tat-Trade Unions tal-Finlandja (SASK), u l-KEPA (l-organizzazzjoni ċentrali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Finlandiżi li jaħdmu fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp).

Impatti soċjali

- Il-fornituri u l-awtoritajiet kontraenti saru aktar konxji tal-kwistjonijiet ta' responsabbiltà soċjali b'riżultat ta' dan l-isforz. Rapport dwar il-proġett pilota, immirat lejn il-kondiviżjoni tal-għarfien dwar ir-responsabbiltà soċjali tul il-ktajjen tal-provvista, ġie ppubblikat ukoll online minn [Finnwatch](#) (bil-Finlandiż). Elementi ewlenin mir-rapport kienu li d-djalogu u l-komunikazzjoni ma' fornituri potenzjali kienu essenzjali biex jippromwovu fehim reċiproku tal-implikazzjonijiet tar-rekwiżiti tal-kuntratt f'termini ta' eżekuzzjoni, awditjar, eċċ. Barra minn hekk, sabiex jiżdiedu r-rekwiżiti lil hinn mill-istandards minimi, għandhom jiżdiedu l-isforzi ta' verifika matul il-fażi ta' eżekuzzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-fornituri Finlandiżi ma għandhomx il-kapaċità li jimmonitorjaw l-istandards fil-ktajjen tal-provvista globali direttament u jiddependu mill-unitajiet tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji omm. Għalhekk, l-awtoritajiet kontraenti jeħtieġ li jittraduċu d-dokumenti ewlenin bl-Ingliż biex jiżguraw li r-rekwiżiti jkunu jistgħu jinftiehem f'unitajiet globali.
- Dawn ir-rekwiżiti għandhom impatt pożittiv fil-livell tal-produzzjoni, mill-fabbriki tal-assemblaġġ sa aktar 'il fuq fil-katina tal-provvista, jekk għadd dejjem akbar ta' awtoritajiet kontraenti jistabilixxu tali standards fil-proċeduri tagħhom.

Benefiċċji oħra

- Il-kondiviżjoni tar-rapporti tal-awditjar ma' awtoritajiet kontraenti oħra tista' tiffirka r-riżorsi u tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-offerenti kif ukoll għall-awtoritajiet.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Element ewlieni għas-suċċess tal-Kodiċi ta' Kondotta kien li ssir konsultazzjoni preliminari bir-reqqa tas-suq mal-fornituri potenzjali. Il-konsultazzjoni mas-suq inbdiet diversi xhur qabel id-data tal-pubblikazzjoni pjanata tal-avviż ta' akkwist u pprovdiet informazzjoni ewlenija dwar l-istandards rilevanti u r-rekwiżiti realistiki.
- Kien diffiċli li jiġu vverifikati l-kriterji tar-responsabbiltà soċjali matul il-proċedura tal-akkwist. Meta r-rapporti tal-awditjar kienu mehmuża mal-offerta, dawn mhux neċessarjament taw prova tal-kriterju reali (jiġifieri s-siġhat tax-

xogħol). Min-naħa l-oħra, l-awditjar normalment ma jitwettaqx fuq faċilitajiet tal-produzzjoni li jinsabu fl-UE, pereżempju. Peress li dawn diġà huma soġġetti għal regoli aktar stretti tal-UE, l-isforzi tal-awditjar huma kkonċentrati fuq oqsma aktar problematiċi fejn isiru aktar rilevanti.

- L-istess prodotti jiġu mmanifatturati f'diversi fabbriki tal-assemblaġġ. F'dan il-każ, huwa diffiċli li jitwettaq awditjar fil-prattika. (eż. Liema siti tal-produzzjoni għandhom jintgħażlu? Kif tiġi garantita l-konformità ġenerali?)
- Il-fornituri jew ir-rivendituri lokali mhux dejjem jiksbu twegġibiet sodisfaċenti mingħand il-fornituri globali tagħhom għall-mistoqsijiet mill-awtorità kontraenti.
- Jista' jkun ta' sfida għall-awtoritajiet kontraenti li jiżguraw il-konformità mal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali, speċjalment fil-ktajjen tal-provvista globali. Inizjattivi bħall-Kodiċi ta' Kondotta huma kruċjali biex jintwerew approċċi konkreti biex isir dan. Disseminazzjoni miftuħa u trasparenti ta' tali riżorsi hija kruċjali għall-promozzjoni ta' użu akbar minn awtoritajiet kontraenti oħra.
- Ikun utli ħafna jekk awtoritajiet oħra tal-akkwist fl-UE jużaw klawżoli kuntrattwali simili għall-Kodiċi ta' Kondotta fil-kuntratti ta' akkwist tagħhom. Dan jiskoraġġixxi l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku minn operaturi mhux konformi u jippromwovi konverġenza 'l fuq dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista globali.
- Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-rapporti tal-awditjar tal-fornituri ma' awtoritajiet oħra tal-akkwist madwar l-UE tkun effiċjenti u utli, speċjalment fi swieq fejn il-fornituri joperaw fi swieq tal-akkwist differenti, bħall-ICT.

Kuntatt

Is-Sur Kalle Hietaranta, Kap tal-Unità, Ġestjoni tal-Kategorija, Hansel Ltd, kalle.hietaranta@hansel.fi

42. Approċċ f'żewġ stadji fl-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli tal-hardware tal-ICT

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: BMZ Il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Ġermanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT)

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ddeċieda li jsegwi approċċ f'żewġ stadji għal din l-offerta pilota għas-suġġett prinċipali (kompjuters u monitors) kif ukoll għat-tagħmir periferali (tastiera u mice tal-pc), li kien jinkludi kombinazzjoni ta' kriterji minimi vinkolanti (speċifikazzjonijiet tekniċi) u kriterji avvanzati (kunċett ta' offerent soċjali, ippremjat fil-kriterji għall-għoti). Dan kien ibbażat fuq riċerka preċedenti tas-suq dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi tax-xogħol fil-katina tal-provvista tal-ICT, u fuq dak li joffri s-suq (u li jista' jagħti prova tiegħu) f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, fl-offerta tiegħu, il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi talab kriterji soċjali bħala speċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti għall-ewwel livell tal-katina tal-provvista (assemblaġġ finali) għall-kompjuters u għall-monitors. Dan kien ikkombinat ma' rekwiżiti għoljin għall-kwalità tal-verifika (tikketti jew rapport ta' test ekwivalenti minn parti terza indipendenti jew prova ta' awditjar estern). Il-kriterji soċjali kienu jinkludu kemm il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO kif ukoll kriterji soċjali oħra (is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-paga minima u s-sigurtà soċjali, is-sigħat tax-xogħol). Barra minn hekk, il-kriterji għall-għoti assenjaw marki għall-"kunċett ta' offerent" dwar miżuri soċjalment responsabbli fl-istadji ulterjuri tal-katina tal-provvista tal-prodotti, mit-tieni livell tal-katina tal-provvista sal-estrazzjoni tal-materja prima (u barra minn hekk għall-ewwel livell tat-tagħmir periferali). It-talba għal dan il-kunċett ta' offerent kienet strutturata mill-awtorità pubblika permezz ta' mistoqsijiet gwida dwar l-għarfien tas-suġġett mill-katina tal-provvista, analiżi tar-riskju korrispondenti, il-miżuri preventivi u l-verifika.

L-offerta turi li għal prodotti b'katina tal-provvista kumplessa, it-talba għal kriterji soċjali u verifika effettiva hija possibbli, anki meta dawn il-kriterji jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mit-tikketti.

Suġġett

Il-provvista ta' kompjuters u monitors u tagħmir periferali (tastiera u mice tal-pc) sostenibbli għal fuq il-post tax-xogħol, b'kont meħud tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tax-xogħol fil-katina tal-provvista (il-manifattura u l-estrazzjoni tal-minerali) tal-oġġetti li għandhom jiġu fornuti.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u kriterji

Speċifikazzjonijiet tekniċi:

Għas-suġġett prinċipali tal-offerta (kompjuters u monitors), is-sejħa għall-offerti titlob lill-offerenti jissodisfaw kriterji obbligatorji għall-ewwel livell tal-katina tal-provvista:

1. Konformità mal-Konvenzjonijiet Ewlenin tal-ILO dwar ix-Xogħol:

- Il-projbizzjoni tax-xogħol furzat u tal-jasar tad-dejn (il-Konvenzjonijiet 29 u 105 tal-ILO)
- In-nondiskriminazzjoni (il-Konvenzjonijiet 100 u 111 tal-ILO)

- Il-projbizzjoni tat-tħaddim abbużiv tat-tfal u l-impjeg ta' tfal ta' taħt il-15-il sena (il-Konvenzjonijiet 138 u 182 tal-ILO)
- Il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv (il-Konvenzjonijiet 87 u 98 tal-ILO)

2. Konformità ma' standards oħra tax-xogħol u soċjali:

- Is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (il-Konvenzjonijiet 155 u 170 tal-ILO)
- Il-paga minima u l-benefiċċji soċjali (il-Konvenzjonijiet 131 u 102 tal-ILO)
- L-ebda sigħat tax-xogħol eċċessivi (il-Konvenzjoni 1 tal-ILO)

Kriterji għall-għoti:

Barra minn hekk, l-offerenti huma mitluba jissottomettu dokument intitolat **"kunċett ta' offerent"** biex jagħtu prova tal-konformità ulterjuri tal-prodott ma' dan li ġej:

- Għall-ewwel livell għat-tagħmir periferali (tastiera u mouse tal-pc), mal-istess kriterji kif imsemmija hawn fuq fit-taqsima 1, jiġifieri l-Konvenzjonijiet tal-ILO;
- Għat-tieni livell u livelli ulterjuri tal-katina tal-provvista, kemm għas-suġġett ewlieni tal-offerta (kompjuters u monitors) kif ukoll għat-tagħmir periferali, l-offerent huwa mitlub jissottometti, flimkien mal-offerta, deskrizzjoni tal-miżuri kollha li jkun fha biex juri l-konformità mal-Konvenzjonijiet Ewlenin tal-ILO dwar ix-Xogħol (kif elenkati hawn fuq fit-taqsima 1), il-konformità ma' standards oħra tax-xogħol u soċjali (kif elenkati hawn fuq fit-taqsima 2); u
- L-evitar tal-użu ta' minerali ta' kunflitt fil-prodotti li għandhom jiġu forniti, f'konformità mal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli ta' Minerali minn Żoni Affettwati minn Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli.

Għall-kunċett ta' offerent, l-għadd totali ta' punti li jistgħu jinkisbu huwa 25,000. Għat-tagħmir periferali (jiġifieri t-tastiera u l-mouse tal-pc, għal-livell 1), l-offerent għandu juri konformità mal-istandards tal-ILO u standards oħra msemmija hawn fuq (2,000 punt).

Filwaqt li għas-suġġett ewlieni tal-kuntratt (kompjuters u monitors) u għat-tagħmir periferali (tastiera u mice tal-pc), jingħataw punti addizzjonali għall-kunċett ta' offerent relatat mal-konformità mal-istandards soċjali f'livelli ulterjuri tal-katina tal-provvista (23,000 punt - mil-livell 2):

- Għarfien tal-katina tal-provvista – massimu ta' 4,000 punt
- Analiżi tar-riskju dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol – massimu ta' 4,000 punt
- Miżuri korrettivi u preventivi – massimu ta' 5,000 punt
- Miżuri ta' kontroll, bħall-awditi soċjali – massimu ta' 5,000 punt
- Mekkaniżmu għall-ilmenti – massimu ta' 5,000 punt.

Il-miżuri ppreżentati fil-kunċett ta' offerent se jsiru parti mill-kuntratt. Aktar ma jkunu effettivi u estensivi l-isforzi għas-sostenibbiltà soċjali, aktar tkun għolja l-klassifikazzjoni tal-kwalità.

Ara t-tabella ta' hawn taħt.

| KG | K | Type | Designation | Reference to the specifications | Length of the answer | Weighting score | Minimum score | maximum attainable score | Points awarded | Points x weight | Met / Not Met | 0-10 points |
|------|-----|------|--|---------------------------------|----------------------|-----------------|---------------|--------------------------|----------------|-----------------|---------------|-------------------------|
| KG 1 | | | Workstation PC | | | | 0 | 15000 | | 0 | fulfilled | |
| KG 2 | | | Monitors | | | | 1000 | 10000 | | 0 | fulfilled | |
| KG 3 | | | Sustainability and social justice | | | | 1000 | 25000 | | 0 | fulfilled | |
| | 3.1 | B | Standards in the first stage of the supply chain for peripheral devices (key question 1) | | M | 100 | | 2000 | | 0 | | s. Explanation Annex 8b |
| | 3.2 | B | Knowledge of the supply chain (key questions 2.1 and 2.2) | | M | 100 | | 4000 | | 0 | | s. Explanation Annex 8b |
| | 3.3 | B | Risk analysis on working conditions (key questions 3.1 and 3.2) | | M | 100 | | 4000 | | 0 | | s. Explanation Annex 8b |
| | 3.4 | B | Corrective and preventive measures (key question 4.1) | | M | 100 | | 5000 | | 0 | | s. Explanation Annex 8b |
| | 3.5 | B | Control measures (key question 4.2) | | M | 100 | | 5000 | | 0 | | s. Explanation Annex 8b |
| | 3.6 | B | Complaints office and complaint management (leading question 4.3) | | M | 100 | | 5000 | | 0 | | s. Explanation Annex 8b |
| | | | | | | | 1200 | 27000 | | 0 | fulfilled | |

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- L-awtorità akkwirenti tikkontribwixxi għar-rispett tal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali u tinċentiva lil dawk li huma minn ta' quddiem nett.
- L-awtorità akkwirenti tippromwovi s-sensibilizzazzjoni dwar l-għarfien tal-katina tal-provvista u tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' miżuri ambizzjużi għall-għieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema, l-isfruttament tat-tfal, il-materja prima ta' kunflitt, u s-saħħa u s-sikurezza.
- Għal prodotti b'katina tal-provvista kumplessa, il-kombinazzjoni ta' kriterji minimi bħala kriterji vinkolanti (f'dan il-kuntest, għal dawk il-livelli tal-katina tal-provvista, fejn parti kbira mis-suq diġà taderixxi ma' xi standards soċjali) u kriterji avvanzati bħala kriterji għall-għoti (f'dan il-kuntest, għal dawk li huma minn ta' quddiem fost l-offerenti), għandha l-għan li tinċentiva lil-kumpaniji biex jaderixxu mal-istandards internazzjonali tar-responsabbiltà korporattiva.

Verifika

L-offerent għandu juri konformità mal-istandards ta-ILO u standards fundamentali tax-xogħol oħra msemmija hawn fuq bi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

- Tikketta, pereżempju tikketta ta' Ċertifikazzjoni mit-TCO jew ekwivalenti
- Rapport ta' spezzjoni ekwivalenti maħruġ minn parti terza indipendenti (eżami speċifiku għall-prodott tal-kundizzjonijiet tal-manifattura abbażi tal-istandards tax-xogħol u soċjali meħtieġa)
- Is-sħubija tal-manifattur fl-Electronic Industry Citizenship Coalition (EICC), inkluża s-sottomissjoni tar-rapporti tal-awditjar attwali kollha (relatati mal-oġġetti li għandhom jiġu kkonsenjati) minn parti terza indipendenti skont ir-"Rekwiżiti tal-Kwalità tal-Programm ta' Awditjar lvalidat tal-EICC"

Valur tal-kuntratt

EUR 1.8 miljun

Strument

- L-Artikoli 18(2), 43 u 67 tad-Direttiva 2014/24/UE
- Trasposta bil-liġi Ġermaniża dwar l-akkwist pubbliku (speċjalment VgV u GWB)

Atturi

- Awtorità kontraenti: BMZ Il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Ġermanja
- L-offerenti
- Konsulent estern għall-kriterji soċjali

Impatti soċjali

- L-awtorità akkwirenti kienet konxja li fl-2016, il-verifika effettiva tal-konformità mal-istandards tax-xogħol u soċjali u tħassib ieħor kienet għadha ma tistax tiġi pprovduta minn firxa wiesgħa ta' offerenti għall-katina tal-provvista kollha, iżda mill-anqas għall-ewwel livell tal-katina tal-provvista. Barra minn hekk, xi kumpaniji tal-ICT imorru lil hinn minn dan u jikkonformaw ma' standards soċjali lil hinn mill-ewwel livell u anki fir-rigward tal-minerali fil-prodott tagħhom. Billi jużaw kombinazzjoni ta' standards minimi obbligatorji (speċifikazzjonijiet tekniċi), iżda wkoll standards ulterjuri bħala kriterji għall-għoti, huma jeħtieġu standard minimu ta' konformità soċjali, iżda jinċentivaw u jappoġġaw ukoll lill-kumpaniji li jmorru lil hinn minn dan.

Benefiċċji oħra

- Il-potenzjal ta' trasferibbiltà għall-awtoritajiet pubbliċi kollha: L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti (flimkien mar-rekwiżiti għoljin għall-kwalità tal-verifika) jstgħu u għandhom jintużaw minn kull awtorità pubblika bħala rekwiżit bażiku, irrispettivament mill-volum tal-kuntratt u r-riżorsi tal-awtorità pubblika. Għall-kriterji għall-għoti addizzjonali, huwa meħtieġ livell minimu ta' riżorsi umani tal-awtorità pubblika minħabba l-ħtieġa li jiġu evalwati l-kunċetti ta' offerent.
- Il-potenzjal ta' trasferibbiltà għall-gruppi kollha ta' prodotti tal-ICT (anki dawk li għalihom ma jeżistux tikketti inklużi kriterji soċjali): L-offerta tiftaħ tipi differenti ta' verifika effettiva, adattati għal firxa usa' ta' prodotti tal-ICT.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Reazzjoni pożittiva tal-offerenti: kważi l-offerenti kollha kkonformaw mal-istandards minimi.
- Il-kombinazzjoni ta' metodi differenti ta' verifika hija pożittiva (tikketti u mezzi effettivi oħra ta' verifika; f'dan il-każ ma kinux aċċettati dikjarazzjonijiet sempliċi tal-offerenti).
- Inċentiv pożittiv għall-kumpaniji biex itejbu l-approċċ tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem lil hinn mill-ewwel livell tal-katina tal-provvista.
- Suġġerimenti għal aktar titjib sabiex jittejjeb il-fehim tar-rekwiżiti mill-offerenti: jintuża tqassim ċar (subintestaturi, kaxxi, noti f'qiegħ il-paġna, tipa); konsultazzjonijiet ta' qabel it-tqegħid fis-suq biex jiġi spjegat u żgurat fehim aħjar tar-rekwiżiti għall-kumpaniji; issir separazzjoni ċara bejn l-ewwel stadju tal-katina tal-provvista (kriterji obbligatorji) u l-istadji l-oħra tal-katina tal-provvista (kriterji għall-għoti).
- Fejn ikun xieraq, tiġi inklużi lista ta' kontroll jew formola għall-offerenti li tindika liema dokumenti u evidenza ġew meħmuża.
- Suġġerimenti għal aktar titjib sabiex tittejjeb il-kwalità tal-kunċetti ta' offerent: rekwiżiti aktar stretti, bħal indikazzjoni espliċita li l-punti jingħataw għal twegħibiet konkreti għall-mistoqsijiet ta' gwida biss. L-użu tad-djalogu mas-suq, u r-riċerka aġġornata dwar is-suq huma dejjem ta' għajjnuna fit-tnejn ta' offerta.

Kuntatt

Annelie Evermann, konsulent estern għall-kriterji soċjali, BMZ II-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, annelie.evermann@weed-online.org

43. L-Inklużjoni Diġitali - L-implimentazzjoni ta' Kriterji ta' Aċċessibbiltà fid-Disinn tal-Web

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Edukazzjoni, il-Finlandja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Id-disinn tal-web

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għall-Edukazzjoni hija responsabbli għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, għall-edukazzjoni preprimarja, bażika, ġenerali u vokazzjonali tal-edukazzjoni sekondarja għolja kif ukoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-adulti. Hija timmaniġġja wkoll ħafna mill-internazzjonalizzazzjoni tal-istudji fil-Finlandja, pereżempju l-programmi ta' skambju tal-istudenti u tal-għalliema.

L-Aġenzija kellha bżonn iġġedded tliet siti web, u xtaqet tagħmel dan b'mod li jappoġġa l-għanijiet u l-kompiti ta' aġenzija edukattiva moderna u li jipprovi esperjenza tajba għall-utenti.

Fl-2018 ingħata kuntratt għad-disinn tal-web u l-iżvilupp tas-servizzi online. Sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ta' dawn is-servizzi għall-utenti kollha, il-Bord tal-Edukazzjoni speċifika li dawn iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta-EN 301 549 jew ekwivalenti.

Suġġett

L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni u ta' pubblikazzjoni ta' sit web, id-disinn tal-interfaċċa tal-utent, id-disinn tal-web, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' servizzi online, u l-manutenzjoni.

Stadju tal-akkwist u kriterji

L-akkwist ma kellux l-għan ta' sistema turnkey. Minflok, huwa ffoka fuq l-akkwist ta' riżorsi għall-iżvilupp aġli. Il-persunal kollu (disinjatur tal-Interfaċċa tal-Utenti (UI), żewġ żviluppaturi u Disinjatur tas-Servizz) kien meħtieġ li jkollu mill-anqas sena esperjenza fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Web (WCAG 2.0). Id-Disinjatur tal-UI u d-Disinjatur tas-Servizz kienu mistennija wkoll li jkollhom esperjenza fil-Lean UX Design u disinn ieħor iċċentrat fuq l-utent. Fil-pjan ta' eżekuzzjoni, il-fornitur kien meħtieġ jiddeskrivi kif kien se jggarantixxi approċċ iċċentrat fuq l-utent u liema teknoloġiji kien se juża biex jiżgura l-aċċessibbiltà.

Intużat proċedura miftuħa, u 60 % tal-marki disponibbli ġew assenjati għal kriterji ta' kwalità, inkluża l-aċċessibbiltà, filwaqt li 40 % ġew assenjati għall-kost. [L-avviż ta' kuntratt fil-ĠUUE](#) għamel referenza diretta għall-EN 301 549. Waslu total ta' ħames offerti, li kollha setgħu joffru esperti b'esperjenza suffiċjenti fl-applikazzjoni tad-WCAG 2.0. Il-kuntratt ingħata lil [Wunder Finland Oy](#), SME li kellha esperjenza preċedenti fl-applikazzjoni ta' kriterji ta' aċċessibbiltà fid-disinn ta' siti web edukattivi għall-Università ta' Turku.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-aċċessibbiltà tal-web hija prattika inklużiva li tippermetti lil kulħadd, b'mod partikolari lill-persuni b'diżabilità, jew xi forma ta' indeboliment tal-vista, li jipperċepixxi, jifhem, jinnaviga u jinteraġixxi mal-ambjent online. Id-[Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web](#)³⁵ tirrikjedi li l-korpi tas-settur pubbliku jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu s-siti web u l-applikazzjonijiet mobbli tagħhom perċepibbli, operabbli, jinftehimu u robusti. [EN 301 549](#) huwa l-istandard Ewropew għall-aċċessibbiltà tat-teknoloġija fis-settur pubbliku. L-istandard, li ġie ppubblikat fl-2014, jindirizza firxa wiesgħa ta' diżabilitajiet u jispeċifika r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà funzjonali applikabbli għall-prodotti u s-servizzi tal-ICT, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proċeduri tat-test u tal-

³⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku

metodoloġija ta' evalwazzjoni għal kull rekwiżit ta' aċċessibbiltà f'forma li hija adatta għall-użu fl-akkwist pubbliku fl-Ewropa. Skont id-Direttiva, tapplika l-iskeda ta' żmien li ġejja għall-konformità ma' EN 301 549:

- Kwalunkwe sit web pubbliku ġdid ma'fluq fit-23 ta' Settembru 2019 jew wara jrid jikkonforma;
- Is-siti web pubbliċi kollha (inklużi s-siti eżistenti) iridu jikkonformaw sat-23 ta' Settembru 2020;
- L-apps mobbli kollha fis-settur pubbliku jridu jikkonformaw sat-23 ta' Ġunju 2021.

Filwaqt li l-istandard huwa speċifiku għas-settur pubbliku, huwa jaġmel referenza għal-Linji Gwida dwar l-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Web (WCAG) u għalhekk jinkorpora standards industrijali aktar wiesgħa. L-Istandard Ewropew dwar id-Disinn għal Kulħadd ([EN 17161](#)) jikkomplementa l-EN 301 549 billi jiddeskrivi l-proċessi meħtieġa biex jintlaħqu l-istandards ta' aċċessibbiltà. Fuq livell internazzjonali, l-[Inizjattiva Globali għal ICT Inklużiva](#) żviluppat għodod u gwida għall-akkwist ta' ICT aċċessibbli.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt għat-tiġdid ta' tliet siti web kellu valur totali ta' EUR 372,800.

Strument

- L-Artikolu 42 (dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) u l-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Skont id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web, is-siti web pubbliċi kollha jridu jikkonformaw mal-EN 301 549 jew ekwivalenti sat-23 ta' Settembru 2020. Id-Direttiva tirrikjedi wkoll li l-korpi pubbliċi jipubblikaw Dikjarazzjoni ta' Aċċessibbiltà fuq is-siti web tagħhom li tinkludi link għal mekkaniżmu ta' feedback għall-utenti biex jirrapportaw nuqqasijiet li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi ta' aċċessibbiltà. Il-monitoraġġ u r-rappurtar se jitwettqu fil-livell nazzjonali minn Diċembru 2021.

Atturi

- Awtorità kontraenti: L-Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għall-Edukazzjoni
- Fornitur ta' servizz ikkuntrattat: Wunder Finland Oy
- L-utenti tqiesu billi kkooperaw mat-tim ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tat-Teżor tal-Istat Finlandiż biex jimplimentaw fażi ta' għarfien tal-klijenti. Tliet workshops mal-klijenti segwiti minn intervisti pprovdew il-bażi għall-ewwel [sprint tad-disinn](#). B'riżultat ta' dan, l-utenti affettwati tas-siti web imġedda huma mistennija li jkollhom aċċessibilità mtejbja.

Impatti soċjali

- L-iżgurar li l-utenti b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċessaw is-siti web tas-settur pubbliku huwa vitali għat-twassil tas-servizzi pubbliċi u tal-informazzjoni liċ-ċittadini kollha. Sal-2020, wieħed minn kull ħamsa tal-popolazzjoni tal-UE huwa mistenni li jkollu xi forma ta' diżabilità,³⁶ u għalhekk l-iżgurar tal-aċċessibbiltà universali huwa aktar importanti minn qatt qabel. L-integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fil-proġett mill-bidu kienet tfisser li ma kienx hemm bżonn ta' bidliet drastiċi fid-disinn, u kwalunkwe deċizzjoni futura rigward id-disinn tas-sit u karatteristiċi ġodda possibbli se tiġi infurmata wkoll minn konsiderazzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà.

Benefiċċji oħra

³⁶ Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, [DG Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni](#)

- Filwaqt li EN 301 549 jimmira speċifikament l-aċċessibbiltà għall-utenti b'diżabilità, huwa jtejjeb ukoll b'mod ġenerali l-faċilità tal-użu u ċ-ċarezza għal utenti oħra, inklużi persuni akbar fl-età u dawk li jqattgħu anqas ħin online.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-Aġenzija oriġinarjament kellha l-għan li takkwista s-servizz ta' disinn tal-web permezz ta' Hansel (il-korp ċentrali għall-akkwisti tal-Finlandja għall-amministrazzjoni pubblika). Madankollu, dan ma wassal għall-ebda offerta li kienet tissodisfa r-rekwiżiti ta' kompetenza speċifiċi tal-Aġenzija. Għalhekk, l-Aġenzija ddeċidiet li torganizza l-akkwist proprju tagħha, b'riżultati pożittivi (ħames offerti, li kollha kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kompetenza).
- L-aktar osservazzjoni importanti għall-akkwisti futuri kienet li r-rekwiżiti tal-kwalità kienu korrelati b'mod qawwi mal-politiki ta' żvilupp tal-kompetenzi tal-kumpanija kif deskritti fil-pjan ta' eżekuzzjoni tagħhom. L-Aġenzija hija probabbli ħafna li tuża kriterji simili għall-akkwisti futuri ta' servizzi ta' kwalità għolja.

Kuntatt

Satu Meriluoto, Aġenzija Nazzjonali Finlandiża għall-Edukazzjoni, satu.meriluoto@oph.fi

SETTUR 9 - Tessuti

44. Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fl-Offerta Ċeka għat-Tessuti

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, iċ-Ċekja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Tessuti

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Ministeru Ċek tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (MoLSA) jixtieq ikun wieħed mis-sostenituri u minn ta' quddiem nett tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) fir-Repubblika Ċeka billi jaġixxi bħala aġent ta' bidla, billi jorganizza għexieren ta' avvenimenti u joħloq metodoloġiji u struttura ta' appoġġ għal dawk li huma lesti li jmessu l-organizzazzjonijiet tagħhom lejn is-sostenibbiltà. Il-MoLSA jipprova wkoll iressaq lill-partijiet ikkonċernati ewlenin madwar il-mejda biex jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri tal-SRPP.

Suġġett

Tessuti (speċjalment ħwejjeġ ta' taħt), għal aktar distribuzzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-karità lil persuni fil-bżonn. Dan l-akkwist huwa appoġġat finanzjarjament mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB) tal-Kummissjoni Ewropea.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Biex jiġi evitat ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali fil-proċess tal-manifattura tat-tessuti, l-MoLSA talab li l-offerenti jkollhom sistema li tiggarantixxi li d-drittijiet tal-ħaddiema protetti skont il-Konvenzjonijiet tal-ILO (it-ħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat, eċċ.) ma jkunux inkisru matul il-manifattura tal-oġġetti akkwistati. F'dan l-istadju, l-MoLSA ffoka biss fuq il-kundizzjonijiet fil-proċessi proprja tal-manifattura tat-tessuti, u mhux fuq il-produzzjoni tal-materja prima.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Fl-2015, l-MoLSA żviluppa l-istrateġija għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli tiegħu, li huwa juża biex tiggwida l-iżvilupp tal-offerti. L-istrateġija tistabbilixxi prinċipji bażiċi għall-Ministeru u tiffoka fuq l-impatti ambjentali u soċjali tal-akkwist. L-awtorità kontraenti tirrikonoxxi l-potenzjal tagħha li tinfluwenza s-suq u tixtieq ittejjeb l-impatt tal-akkwisti tagħha fuq is-sostenibbiltà.

L-ewwel strateġija (adottata fl-2015) wasslet għall-iżvilupp intern ta' proċeduri ġodda fi ħdan l-organizzazzjoni, li ppermetta lill-MoLSA jonfoq aktar minn EUR 20 miljun b'mod aktar sostenibbli. Bl-akkwisti tiegħu, l-MoLSA jixtieq jimminimizza l-impatti ambjentali negattivi tiegħu (enfasi fuq it-tnaqqis tal-iskart, l-akkwist etiku tal-injam, eċċ.), jelimina l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista tiegħu, jappoġġa l-abbiltajiet tal-SMEs u tal-intrapriżi soċjali li jaqdu lill-istituzzjonijiet pubbliċi, u jappoġġa r-riintegrazzjoni ta' persuni żvantaġġati fis-soċjetà.

Maż-żmien l-approċċ żviluppa fi ħsieb aktar strateġiku dwar il-kapaċità tal-akkwist. Dan l-aħħar, l-istrateġija ġiet aġġornata u issa tiffoka aktar fuq l-iżvilupp tal-SRPP fi ħdan organizzazzjonijiet subordinati (l-Uffiċċju tal-Impjiegi, is-Sigurtà Soċjali). Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-effetti tal-SRPP tal-organizzazzjoni kollha huma wieħed mill-għanijiet għall-futur.

Verifika

L-offerenti jistgħu juru konformità ma' dan ir-rekwiżit permezz tas-sħubija fil-Fair Wear Foundation (FWF) jew sistema oħra għall-kontroll tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tul il-katina tal-provvista tagħhom. Meta organizzazzjoni tissieħeb mal-FWF, hija tesprimi impenn għall-implimentazzjoni tat-tmien standards tax-xogħol tal-FWF fil-katina tal-provvista tagħha:

- L-impjeg jintgħażel liberament

- Ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fl-impjieg
- L-ebda sfruttament tat-tħaddim tat-tfal
- Il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv
- Il-ħlas ta' paga li tiggarrantixxi l-għajxien
- L-ebda sigħat ta' xogħol eċċessivi
- Kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa
- Relazzjoni ta' impjieg legalment vinkolanti

L-offerenti kellhom ukoll jidentifikaw il-manifattur, il-marka u l-post tal-manifattura ta' kull tip ta' prodott. Dan biex l-akkwiredent ikun jista' jkollu xi livell ta' viżibbiltà u kontroll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 550,000

Strument

L-Artikolu 58 u l-Anness XII, u l-Artikolu 18.2 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (MoLSA)
- L-impjegati li jaħdmu għall-fornituri tal-MoLSA

Impatti soċjali

- Ir-riskju ta' ksur tal-istandards tax-xogħol u soċjali matul il-produzzjoni tat-tessuti tnaqqas bl-użu ta' rekwiżiti soċjali bħala kundizzjonijiet speċjali għall-parteċipazzjoni.
- Il-katina tal-provvista saret aktar trasparenti.

Benefiċċji oħra

- L-offerent rebbieħ jimpjega persuni b'rekords kriminali, li jiksibu l-opportunità li jiżviluppaw ħiliet tax-xogħol u referenzi li se jappoġġaw ir-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà.
- Skont l-informazzjoni ppreżentata mill-offerenti rebbieħa, il-produzzjoni ma għandhiex għalfejn tiġi esternalizzata lejn pajjiżi li l-akkwiredent ma jistax jivverifika s-sistemi tax-xogħol tagħhom.
- L-iffukar fuq kundizzjonijiet ta' produzzjoni soċjalment responsabbli tal-oġġetti li tixtri jista' jgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni tal-operaturi ekonomiċi. L-awtorità kontraenti ma għandhiex għalfejn "tixtri rħis għad-dannu ta' ħaddieħor".

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Jekk ikun meħtieġ mill-awtorità kontraenti, l-industrija tat-tessuti tista' tiggarrantixxi l-konformità mad-drittijiet tal-ħaddiema matul il-produzzjoni sa ċertu punt.
- Talbiet sempliċi għat-trasparenza tal-katina tal-provvista jistgħu jwasslu għal benefiċċji mhux mistennija bħar-riintegrazzjoni ta' trasgressuri kriminali fis-soċjetà li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-kuntratt.
- Il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet matul it-twertiq tal-kuntratt jibqa' sfida.

- Il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet fil-produzzjoni tal-materja prima (bħall-qoton) għad irid jiġi żviluppat.
- Billi jsegwi l-istrateġija tiegħu stess, l-MoLSA jkompli jidentifika aktar offerti xierqa biex jittestja l-possibiltajiet. Barra minn hekk, huwa juri l-każijiet reali lil akkwirenti oħra sabiex jgħallimhom u jimmotivahom biex isiru akkwirenti sostenibbli wkoll. Huwa jaħdem ukoll biex jiżviluppa proċeduri interni għall-ġestjoni tal-kuntratti, biex jimmonitorja u jevalwa l-eżiti tal-kuntratti u biex jivvaluta l-valur tal-kuntratt.
- It-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista globali teħtieġ kooperazzjoni. Il-kost u l-isforz addizzjonali għal din il-kooperazzjoni jkunu ġustifikabbli jekk din tippermetti lill-akkwirent li jkun kunfidenti fil-kwalità tal-kundizzjonijiet għall-katina tal-provvista kollha tal-prodotti akkwistati.
- Ma jistax ikun hemm soluzzjonijiet sempliċi fl-SRPP; dan jeħtieġ żmien, sforz u fteħtieġ kritiku. Madankollu, huwa jgħib miegħu diversi benefiċċji, bħal organizzazzjoni aħjar tal-proċess tal-akkwist, fehim aħjar tal-ħtiġijiet tax-xerrej u tal-kwalità tal-prodott, kuxjenza tajba għall-akkwisti, kundizzjonijiet tax-xogħol u prezz ġusti, fokus fuq il-feedback, u approċċ kreattiv għal proċess altrimenti amministrattiv. Ta' min wieħed jagħmel l-ewwel pass u jitgħallem huwa u għaddej.

Kuntatt

Adam Gromnica, adam.gromnica@mpsv.cz u Eva Chvalkovská, eva.chvalkovska@mpsv.cz, Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali

45. L-approċċ ta' Ghent għall-akkwist ta' lbies tax-xogħol soċjalment responsabbli

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Ghent, il-Belġju

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Tessuti

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fl-2014, il-Belt ta' Ghent aġġornat il-politika tagħha tal-akkwisti sabiex tintegra b'mod sħiħ is-sostenibbiltà fl-akkwisti tagħha. Bħala parti minn dak l-isforz, l-għanijiet soċjali jinkludu l-inkoraġġiment tal-impjeg minn gruppi żvantaġġati, il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku lokali u l-integrazzjoni tal-istandards internazzjonali u l-prinċipji tal-kummerċ ġust. Wara dan, fl-2016 il-Belt ingħaqdet mal-Assoċjazzjoni tal-Bliet u l-Muniċipalitajiet Fjammingi (VVSG) biex tapplika dawn l-għanijiet għall-akkwist tal-ilbies tax-xogħol.

Ghent kienet l-ewwel Belt tal-Kummerċ Ġust fil-Belġju, l-ewwel Kapitali tal-Kummerċ Ġust fl-Ewropa u qed tippromwovi attivament is-sensibilizzazzjoni tax-xerrejja u tal-fornituri dwar is-suġġett tal-moda ġusta.

Suġġett

L-akkwist ta' lbies tax-xogħol soċjalment responsabbli.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-kuntratt beda fl-ewwel nofs tal-2018. Ghent wettqet l-akkwist fi tliet fażijiet:

- Analiżi tal-offerti pubbliċi preċedenti, biex tfittex l-aħjar prattiki għall-inkorporazzjoni tas-sostenibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet għall-ilbies tax-xogħol fir-reġjun ta' Flanders u lil hinn.
- Studju estensiv tas-suq imwettaq minn Ghent u VVSG iwwaluta l-istat ta' tħejija tas-suq, it-trasparenza tal-ktajjen tal-provvista u l-potenzjal tat-tikketti fis-settur, u ġabar il-fehmiet tal-fornituri dwar id-domanda sostenibbli u l-użu tal-klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku. Permezz ta' dan l-istudju, Ghent irrealizzat li s-suq ma kienx lest biex iwassal il-livell ta' impatt ambjentali u soċjali meħtieġ.
- Il-ħolqien ta' Sett ta' Għodod għal Ilbies tax-Xogħol Soċjalment Responsabbli³⁷ għall-fornituri u għall-akkwirenti li jipprovdihom il-gwida biex jitjebu matul il-kuntratt. Il-Belt qasmet il-ftehim qafas f'ħames lottijiet li kienu jeħtieġu gradi differenti ta' prestazzjoni soċjali u ambjentali, bis-sett ta' għodod jiddefinixxi kull livell ta' prestazzjoni. Is-sett ta' għodod jinkludi wkoll l-evidenza li l-offerenti kellhom jissottomettu u jispjega l-perkors lejn ilbies tax-xogħol aktar responsabbli, li l-fornituri jimpenjaw ruħhom għalih permezz ta' klawżoli kuntrattwali.

Fl-ewwel fażi tal-proċedura, l-offerenti kellhom l-obbligu li:

1. Jiffirmaw il-kodiċi ta' kondotta tal-“ġestjoni tal-katina tal-provvista soċjalment responsabbli”.
2. Jimlew il-kwestjonarju dwar il-“ġestjoni tal-katina tal-provvista soċjalment responsabbli”. Il-kwestjonarju kien dwar informazzjoni ġenerali rigward il-kumpanija, it-trasparenza fil-katina tal-provvista u r-riskji soċjali fil-katina tal-provvista. It-tweġibiet minn dan il-kwestjonarju ma ġewx iwwalutati, iżda servew bħala kejl bażi jew awtoevalwazzjoni, biex jiffurmaw il-bażi għad-djalogu bejn il-fornitur u l-Belt ta' Ghent.
3. Jipprovdu lista tal-vetturi li bihom ikunu se jsiru l-konsenji (standard tal-emissjonijiet ta' mill-anqas Euro V jew aħjar).

³⁷ <http://platforma-dev.eu/wp-content/uploads/2018/06/Toolbox-VVSG-EN.pdf>

Applikaw disa' fornituri. Ħamsa minnhom kienu konformi mal-obbligi ta' hawn fuq u għalhekk ġew ammessi għat-tieni fażi.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mbaġħad intbaġħtu lil dawn il-ħames kandidati magħżula. Din kienet it-tieni fażi tal-proċedura.

Il-kriterji għall-għoti kienu differenti skont il-lott, iżda b'mod ġenerali vvalutaw il-prezz, il-kwalità (ir-riżultati tat-testijiet minn laboratorju u kampjuni) u d-durabbiltà fi tmiem il-ħajja għall-ħwejjeġ. Il-kwalità minima meħtieġa ġiet deskritta fil-kriterji tekniċi. Il-kriterji għall-għoti tal-kwalità ppremjaw lil-fornituri li offrew kwalità ta' standard ogħla minn dik meħtieġa fil-kriterji tekniċi. Il-Belt ta' Ghent irċeviet ħames offeriti u fl-aħħar kull lott ġie assenjat lil fornitur differenti.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv ewlieni kien li jiġu integrati garanziji rigward il-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol u li tiżdied it-trasparenza tul il-katina kollha tal-provvista tat-tessuti.

Ghent titlob mingħand il-fornituri tagħha, minn naħa waħda, ir-rispett għall-istandards minimi internazzjonali tax-xogħol u għad-drittijiet tal-bniedem u l-ħlas ta' pagi li jggarantixxu l-għajxien, u, min-naħa l-oħra, it-titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet soċjali fil-ktajjen tal-provvista tal-prodotti akkwistati.

Il-kuntrattur (u s-sottokuntratturi involuti fil-produzzjoni tal-prodotti akkwistati mill-Belt ta' Ghent) kellhom jimpenjaw ruħhom matul il-fażi tal-għażla għat-trasparenza u għat-titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista matul id-durata kollha tal-kuntratt għall-prodotti kollha. Dan il-proċess ta' titjib jikkonċerna:

- Ir-rispett u l-applikazzjoni attiva tal-prinċipji ġenerali tar-"Responsabbiltà Soċjali Korporattiva" (CSR) u tal-"ġestjoni tal-katina soċjalment responsabbli" kif stabbiliti fil-kodiċi ta' kondotta. Il-prinċipji tal-kodiċi ta' kondotta huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u huma konformi mal-istandards internazzjonali ewlenin bħall-ISO 26000, GRI, ETI, FLA, Fair Wear Foundation, BSCI, SA 8000 u oħrajn simili.
- Ir-rappurtar annwali dwar ir-riskji soċjali fil-katina. Dan irid isir abbażi ta' rapport dwar ir-riskju vverifikat esternament. Ir-rapporti dwar ir-riskju abbozzati mill-awdituri tas-sostenibbiltà (Ecovadis jew ekwivalenti) jippermettu lill-kumpaniji jivvalutaw il-prestazzjoni ambjentali u soċjali tal-fornituri globali tagħhom.
- It-teħid ta' azzjonijiet korrettivi biex jiġu rrispettati l-prinċipji tar-"Responsabbiltà Soċjali Korporattiva" (CSR) u tal-"ġestjoni tal-katina soċjalment responsabbli".

Verifika

- Il-prestazzjoni tal-fornituri tiġi vverifikata minn partijiet terzi bħal Ecovadis jew ekwivalenti.
- Isiru laqgħat ta' segwitu mal-fornituri fuq bażi regolari.
- Diġà tfaßsu diversi rapporti dwar il-prestazzjoni tal-ħames fornituri minn awdituri speċjalizzati.
- Ghent qed taħdem fi sħubija mal-fornituri tagħha biex twettaq it-titjib.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt għandu valur stmat ta' EUR 1.2 miljun fuq perjodu ta' erba' snin.

Strument

- L-Artikolu 46 dwar il-qsim ta' kuntratti f'lottijiet tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Ghent
- Fornituri kkuntrattati:
 - Alsico, għall-ilbies tax-xogħol sostenibbli

- Bel-Confect, għall-ilbies tax-xogħol standard
 - Stemico, għall-friex u l-vaalori tat-trabi
 - Tric, għaż-żraben tax-xogħol
 - Fabory, għall-ingwanti u tagħmir ieħor ta' protezzjoni personali
- L-Assoċjazzjoni tal-Bliet u l-Muniċipalitajiet Fjammingi (VVSG)
 - L-awdituri tas-sostenibbiltà

Impatti soċjali

- Mill-bidu tal-fażi ta' tħejija tal-kuntratt, il-fornituri saru aktar konxji tar-responsabbiltà tagħhom biex jintlaħaq dan il-għan.
- Fornitur wieħed sar membru tal-Fair Wear Foundation, oħrajn qed jiġbru informazzjoni biex jagħmlu l-ktajjen tagħhom aktar trasparenti, u oħrajn diġà huma kompletament trasparenti u soċjalment responsabbli u issa qed jaħdmu b'sistemi ta' verifika ta' partijiet terzi.

Benefiċċji oħra

- L-ilbies tax-xogħol (flokkiġiet, qliezet, T-shirts) jiġi magħmul minn qoton organiku u ta' kummerċ ġust u poliester riċiklat meta jkun possibbli.
- L-ilbies tax-xogħol irid jiġi kkonsenjat b'mod effiċjenti f'termini ta' emissjonijiet tas-CO₂.
- Fi tmiem il-ħajja tal-ħwejjeġ, dawn jiġu riċiklati f'materjal ta' insulazzjoni u bankijiet tal-ġnien.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-fornituri tal-ilbies tax-xogħol kienu lesti li jikkooperaw biex itejbu kontinwament il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista. Il-fornituri jeħtieġ li jiġu involuti, stimulati u appoġġati biex jagħmlu dan.
- Il-klawżoli kuntrattwali huma biss parti waħda mis-soluzzjoni; sabiex ikun hemm suċċess, id-djalogu u s-sħubija mal-fornituri huma essenzjali. Dan għandu jibda qabel ma titnieda l-offerta u jitkompla matul it-twertiq ta' kuntratt.
- Fil-passat, dan it-tip ta' akkwist normalment kien jingħata f'lott wieħed. Il-qsim tal-akkwist f'lottijiet wera li kien ta' għajjnuna biex tiġi appoġġata kompetizzjoni b'saħħitha u biex jiġi identifikat l-aktar kandidat xieraq għal kull lott.
- Ghent taħdem flimkien mal-fornituri tagħha biex tilħaq l-oġettivi matul il-qafas. Dan huwa proċess ta' tagħlim li fih il-Belt u l-fornituri tagħha jippruvaw jgħinu lil xulxin.
- Iż-żmien u r-riżorsi suffiċjenti u r-rieda politika huma fatturi kritiċi tas-suċċess għal kollaborazzjoni bejn ix-xerrej u l-fornitur biex jinkisbu impatti reali.
- Bħala akkwirent pubbliku, huwa meħtieġ xi għarfien tekniku fil-qasam tat-tessuti. Pereżempju, f'Ghent, l-aġent responsabbli temm kors ta' taħriġ biex jitgħallem aktar dwar kif tiġi analizzata l-kwalità tat-tessuti (is-saħħa tensili, it-tentix, it-tiċkin).
- Fejn ikun possibbli, l-akkwirent pubbliku għandu jagħżel proċedura li tippermetti n-negożjati. Proċedura pubblika miftuħa hija stretta ħafna u jekk, pereżempju, kampjun wieħed ikun nieqes, hemm ir-riskju li l-proċedura jkollha titwaqqaf u li terġa' tinbeda kompletament.
- Ladarba ngħataw il-kuntratti l-ġodda, kienet prijorità li jiġi żgurat li kollox kien organizzat b'mod prattiku: l-aġġustament tas-sistemi tal-ordnijiet, l-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-bidu ma', u l-informazzjoni, tal-utenti finali, l-iżgurar li l-ħwejjeġ kienu disponibbli qabel ma jiġu ordnati, u l-ftehmiet dwar il-konsenji mal-fornituri, il-postijiet tal-ħasil tal-ħwejjeġ.
- L-isfidi futuri jinkludu t-teħid taż-żmien meħtieġ għal-laqqgħat ta' segwitu u għar-rapporti ta' partijiet terzi, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-ktajjen tal-provvista li għadhom ma humiex kompletament trasparenti u jiġu applikati azzjonijiet korrettivi fejn meħtieġ.

Kuntatt

Aline De Cokere, Akkwirent, il-Belt ta' Ghent, Aline.DeCokere@stad.gent

46. Simplifikazzjoni tal-verifika tal-konformità mal-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO fis-settur tat-tessuti

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Bonn, il-Ġermanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Tessuti

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Belt ta' Bonn hija impenjata li tiżgura li l-kuntratti pubbliċi jingħataw biss lil kumpaniji li jiżguraw li l-oġġetti akkwistati jkunu nkisbu jew ġew manifatturati f'konformità mal-istandards minimi stabbiliti fl-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO.

Fis-settur tat-tessuti, jeżistu diversi tikketti etiċi jew inizzjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati (bħall-Fair Wear Foundation jew l-Inizzjattiva tal-Kummerċ Etiku), li jistgħu jgħinu biex tiġi vverifikata l-konformità totali jew parzjali mal-istandards fundamentali tax-xogħol. Madankollu, l-għarfien ta' liema tikketti jew liema evidenza ekwivalenti tkun meħtieġa biex jiġi vverifikat kull standard speċifiku mhux dejjem ikun sempliċi.

Biex tegħleb dan, il-Belt ta' Bonn, f'kollaborazzjoni mal-NGO FEMNET, żviluppat Kwestjonarju faċli dwar il-Kriterji Soċjali, li jippermetti lill-offerenti jivverifikaw faċilment kull kriterju permezz ta' tikketti, sħubija f'inizzjattiva, jew evidenza alternattiva bħal awditi soċjali jew awditi tal-ġestjoni minn partijiet terzi indipendenti.

Il-Kwestjonarju dwar il-Kriterji Soċjali ġie pilotat għall-ewwel darba fl-2016 f'offerta għall-uniformijiet għall-impjegati tal-manutenzjoni tal-ispazji ekoloġiċi li kienu manifatturati f'kundizzjonijiet tax-xogħol soċjalment responsabbli. L-iżvilupp tal-Kwestjonarju kien infurmat mill-analiżi tas-suq, li għenet lil Bonn tiddefinixxi evidenza xierqa għal kull standard soċjali meħtieġ, kif ukoll biex talloka l-lottijiet skont id-disponibbiltà ppruvata tas-suq ta' ħwejjeġ manifatturati etikament.

Fl-2018, ġiet ippubblikata t-tieni sejħa għall-offerti, din id-darba kienet tinkludi wkoll lottijiet fuq oġġetti tal-ġilda. L-għan kien li jiġi akkwistat ilbies tax-xogħol robust, filwaqt li jissaħħu dawk il-fornituri li diġà huma impenjati li jipproduċu prodotti b'mod soċjalment aċċettabbli.

Suġġett

Ilbies ta' servizz u protettiv inklużi oġġetti tal-ġilda

Stadju tal-akkwist u kriterji

Fl-akkwist tal-ilbies tax-xogħol tal-2018, il-kriterji għall-għoti kienu ponderati kif ġej:

- **Prezz (40 %)**
- **Valur tal-użu (30 %) –** kienu disponibbli punti ugwali għall-kwalità, ix-xogħol u t-tagħmir. Il-punti ngħataw minn bord ta' rieżami magħmul minn utenti, uffiċjali tas-saħħa u s-sikurezza, u l-Kunsill tal-Persunal (korp elett li jirrappreżenta l-interessi tal-persunal, preżenti b'mod komuni fl-organizzazzjonijiet Ġermaniżi)
- **Kriterji soċjali (30 %) –** mogħtija punteġġ skont il-“Kwestjonarju dwar il-Kriterji Soċjali” (deskritt taħt “Verifika”).

L-offerti kellhom ikunu akkumpanjati mill-Kwestjonarju dwar il-Kriterji Soċjali, li kien jinkludi disa' mistoqsijiet għal kull prodott li kellu jiġi akkwistat. Il-mistoqsijiet jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tal-manifattura fl-istadju finali tal-produzzjoni (jiġifieri, is-sit tal-produzzjoni fejn il-prodott akkwistat ikun ġie ffinalizzat).

Il-Kwestjonarju dwar il-Kriterji Soċjali jindika b'mod ċar forom aċċettabbli ta' verifika (jiġifieri siġilli tessili ta' partijiet terzi, ċertifikati jew sħubijiet). Xi forom ta' verifika jistgħu jintużaw biex jipprovdu tweġiba pożittiva għall-mistoqsijiet kollha ta' hawn taħt (u b'hekk jiksbu massimu ta' 29 punt). Forom oħra ta' verifika jwiegħbu biss b'mod pożittiv uħud mill-mistoqsijiet ta' hawn taħt, u jiksbu punti skont dan. L-għadd ta' punti disponibbli għal kull mistoqsija ġie ponderat skont l-impatt soċjali rispettiv tagħhom (il-punti disponibbli għal kull waħda huma murija hawn taħt fil-parentesi):

1. Bħala negozjant jew marka, inti tidentifika r-riskji u l-impatt tagħhom fuq il-konformità mal-istandards tal-ILO fl-istadju finali tal-produzzjoni għall-prodott speċifiku li qed jiġi akkwistat? (2 punti)
2. Bħala negozjant jew marka, inti għandek impenn bil-miktub li tirrispetta l-istandards soċjali ta' hawn fuq fl-istadju finali tal-produzzjoni għall-prodott speċifiku li qed jiġi akkwistat, li jinkludi wkoll is-sottokuntratturi possibbli? (punt wieħed)
3. Bħala negozjant jew marka, inti tappoġġa t-tħabbira fil-lingwa lokali ta' Kodiċi ta' Kondotta (jiġifieri ġabra ta' politiki u regolamenti li l-kumpanija timponi fuqha nnifisha) fl-istadju finali tal-produzzjoni għall-prodott speċifiku li qed jiġi akkwistat, li jinkludi wkoll is-sottokuntratturi possibbli? (3 punti)
4. Bħala negozjant jew marka, inti għandek għarfien tas-sit tal-produzzjoni li fih il-prodott, li qed jiġi akkwistat fl-ordni speċifika, ġie manifatturat bħala prodott finali? (3 punti)
5. Bħala negozjant jew marka, inti tivverifika l-konformità mal-istandards soċjali ta' hawn fuq permezz ta' awditi soċjali indipendenti fl-istadju finali tal-produzzjoni għall-prodott speċifiku li qed jiġi akkwistat? (3 punti)
6. Bħala negozjant jew marka, inti tappoġġa l-konformità mal-istandards soċjali ta' hawn fuq fl-istadju finali tal-produzzjoni fil-kuntratt billi twettaq rieżamijiet perjodiċi u indipendenti tas-sistema ta' ġestjoni tiegħek jew tal-kumpanija tad-ditta (rigward l-impatt tagħhom fuq il-konformità mal-istandards soċjali)? (5 punti)
7. L-identifikazzjoni tar-riskji possibbli minnek jew mill-marka fir-rigward tal-konformità mal-istandards soċjali msemmija hawn fuq fl-istadju finali tal-produzzjoni fl-ordni speċifika hija faċilitata bl-implimentazzjoni ta' hotline anonima għall-ilmenti? (3 punti)
8. Jekk id-determinazzjoni tar-riskji possibbli ssir minnek jew mill-marka, il-konformità mal-istandards soċjali msemmija hawn fuq fl-istadju finali tal-produzzjoni tiġi ddeterminata minn persuna ta' kuntatt indipendenti, mhux fabrika, fuq il-post? (5 punti)
9. Bħala negozjant jew marka, inti tappoġġa lill-produtturi billi tipprovdi taħriġ dwar kundizzjonijiet ta' produzzjoni soċjalment responsabbli għall-maniġment u għall-impjegati tal-impjant tal-produzzjoni fl-istadju finali tal-produzzjoni? (4 punti)

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Permezz ta' dan l-akkwist, Bonn għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet fil-katina tal-provvista tat-tessuti, billi tiżgura li t-tessuti mmanifatturati għal dan il-kuntratt jiġu prodotti f'kundizzjonijiet li jissodisfaw il-Konvenzjonijiet Ewlenin tal-ILO:

- Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt ta' Organizzazzjoni, 1948 (Nru 87)
- Il-Konvenzjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Inneozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98)
- Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29) (u l-Protokoll tagħha tal-2014)
- Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105)
- Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138)
- Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182)
- Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Ugwali, 1951 (Nru 100)
- Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjegi u Xogħol), 1958 (Nru 111)

Verifika

Il-Kwestjonarju dwar il-Kriterji Soċjali jindika liema evidenza hija meħtieġa għal kull mistoqsija. Iżda biex jiġu ffrankati l-ħin u r-riżorsi, Bonn għamlitha possibbli wkoll li jitwieġbu diversi mistoqsijiet f'daqqa, billi għamlitha ċara liema tikketti jew inizjattivi jwieġbu liema mistoqsijiet (u b'hekk tiġi vverifikata l-konformità mal-istandards ewlenin tal-ILO). Dan isir f'erba' stadji, jew taqsimiet:

- Taqsima 1: Il-pajjiż tal-manifattura. Jekk l-oġġetti ma jgħux manifatturati fil-Lista tad-DAC ta' Pajjiżi u Territorji li Qed Jiżviluppaw – elenkati bħala anness – (kif determinat mid-denominazzjoni tal-prodott "Magħmul fi"), il-mistoqsijiet kollha jitqiesu li ġew issodisfati, u jingħataw 29 punt.
- Taqsima 2: Jekk it-Taqsima 1 ma tapplikax, tista' tiġi żgurata verifika suffiċjenti tal-istandards kollha tal-ILO permezz ta':

- Prova tas-šhubija fil-Fair Wear Foundation (FWF)
- Prova tas-šhubija fil-Fair Labour Association (FLA)
- Prova ta' siġill, ċertifikat jew šhubija li tkun ekwivalenti għal FWF jew FLA

Jekk tapplika xi waħda minn dawn ta' hawn fuq, il-mistoqsijiet kollha jitqiesu li ġew issodisfati, u jingħataw 29 punt.

- Taqsima 3: Jekk it-Taqsima 2 ma tapplikax, il-gruppi ta' mistoqsijiet jistgħu jiġu ssodisfati b'dan li ġej:
 - Prova tas-siġill IVN certified tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Tessuti Naturali > Il-mistoqsijiet 2, 3 u 7 jitqiesu li ġew issodisfati mill-kriterji tal-istandard. Jingħataw seba' punti.
 - Prova tal-Istandard Internazzjonali tar-Responsabbiltà Soċjali 8000 (SA 8000) > Il-mistoqsijiet 2, 3, 4, 5 u 7 jitqiesu li ġew issodisfati mill-kriterji tal-istandard. Jingħataw 13-il punt.
 - Prova tas-siġill tal-Fairtrade Textile Standard (FTT) > Il-mistoqsijiet 1, 2, 3, 4, 5, 7, 8 u 9 jitqiesu li ġew issodisfati mill-kriterji tal-istandard. Jingħataw 24 punt.
 - Prova tas-šhubija fl-Inizjattiva ta' Konformità Soċjali tan-Negożju (BSCI - Business Social Compliance Initiative) > Il-mistoqsijiet 2, 3, 5, 7 u 9 jitqiesu li ġew issodisfati mill-kriterji tal-istandard. Jingħataw 14-il punt.
 - Prova taċ-Ċertifikat ta' Produzzjoni Sostenibbli tat-Tessuti (STeP) > Il-mistoqsijiet 1, 2, 4, 5, 6 u 7 jitqiesu li ġew issodisfati mill-kriterji tal-istandard. Jingħataw 14-il punt.
 - Prova tas-šhubija fl-Inizjattiva għall-Kummerċ Etiku (ETI - Ethical Trading Initiative) > Il-mistoqsijiet 1, 2, 3, 6, 7, 8 u 9 jitqiesu li ġew issodisfati mill-kriterji tal-istandard. Jingħataw 23 punt.
 - Prova ta' siġill, ċertifikat jew šhubija ekwivalenti li jissodisfaw mistoqsijiet individwali fil-kwestjonarju. Il-punti jingħataw skont l-għadd ta' mistoqsijiet li jistgħu jiġu vverifikati.
- Taqsima 4: Jekk it-Taqsima 3 ma tapplikax, huwa possibbli wkoll li timtela kull mistoqsija fil-kwestjonarju, bit-kundizzjoni li dawn ikunu jistgħu jiġu vverifikati skont ir-"referenzi alternattivi" rispettivi elenkati fil-kwestjonarju.

Jekk ma tkun disponibbli l-ebda evidenza fil-forma ta' siġilli, ċertifikati jew šhubija (jew ekwivalenti), jew jekk il-kwestjonarju jmtela mingħajr verifika xierqa (kif elenkat fil-kwestjonarju), jingħataw zero punti.

Valur tal-kuntratt

EUR 121,116.03 (kuntratt ta' sentejn)

Strument

- L-Artikolu 18.2 (dwar il-konformità mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol) u l-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE
- Il-Ftehimiet Kollettivi u l-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tal-Ġermanja

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Bonn
- Fornitur ikkuntrattat

- Appoġġ għall-verifika: FEMNET

Impatti soċjali

Billi tiġi verifikata l-konformità mal-istandards ewlenin tal-ILO, huwa possibbli li jiġi żgurat li l-oġġetti li jkunu qed jiġu akkwistati jiġu prodotti f'ambjenti fejn jiġu rispettati d-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema li ġejjin.³⁸

- Il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;
- L-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obligatorju;
- L-abolizzjoni effettiva tax-xogħol tat-tfal;
- L-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjegji u x-xogħol.

Benefiċċji oħra

- Bonn irċeviet 11-il offerta, li huwa titjib fuq is-sejħa għall-offerti preċedenti tagħha, u huwa riżultat tajjeb għal suq speċjalizzat.
- Bonn issimplifikat il-proċess ta' verifika tal-konformità mal-ILO billi żiedet it-trasparenza għall-offerenti u l-akkwirenti tat-tikketti u l-inizjattivi.
- Dan l-approċċ huwa replikabbli ħafna minn akkwirenti oħra tat-tessuti. Approċċ simili jista' jiġi żviluppat ukoll għal setturi oħra.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-ponderazzjoni tal-kriterji soċjali żdiedet bejn il-proġett pilota u s-sejħa għall-offerti mill-ġdid tal-kuntratt, minn 15 % għal 30 % tal-kriterji ta' valutazzjoni totali. Dan ifisser li l-offerenti xorta jistgħu jirbħu l-kuntratt, anki jekk ma jkunux l-irħas offerta.
- Id-djalogu mal-offerenti kien pass importanti biex jiġi żgurat li l-kwestjonarju jinftiehem, kif ukoll biex l-offerenti jkunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet dwar il-proċedura ġenerali tal-akkwist.

Kuntatt

Is-Sinjura Sabrina Ahrend, Unità tas-Servizzi ta' Akkwist, il-Belt ta' Bonn, referatvergabedienste@bonn.de u s-Sinjura Rosa Grabe, Uffiċjal tal-Proġett għal Akkwist Pubbliku Ġust, FEMNET, beschaffung@femnet-ev.de

³⁸ Dan l-approċċ jista' jiġi ġġustifikat taħt il-prinċipju ta' trattament ugwali, li jirrikjedi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti, u sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat. F'dan il-każ, il-profil tar-riskju differenti fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema li japplika fil-pajjiżi żviluppati u fil-fażi tal-iżvilupp huwa kkunsidrat li jiġġustifika t-trattament differenti tagħhom fil-kwestjonarju.

47. Konċessjoni għall-ġbir tal-ħwejjeġ użati u l-immaniġġjar tal-iskart tat-tessuti f'Madrid: Lott riżervat għall-intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Madrid, Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Il-ġbir tal-ħwejjeġ użati u l-immaniġġjar tal-iskart tat-tessuti

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Muniċipalità ta' Madrid għandha l-għan li tippromwovi approċċ sostenibbli u integrat għall-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' aktar opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Filwaqt li rrikonoxxiet ir-rwol tal-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol (WISEs) bħala lievi għall-impjieg fost dawn il-gruppi ta' persuni, il-Muniċipalità nediet proċedura għall-għoti ta' kuntratt ta' konċessjoni maqsum f'lottijiet għall-ġbir tal-ħwejjeġ użati u għall-immaniġġjar tal-iskart tat-tessuti. Il-kuntratt jipprevedi t-tqegħid ta' 1,150 kontenitur madwar il-Belt ta' Madrid. Wieħed mil-lottijiet kien riżervat għall-intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol (WISEs).

Suġġett

Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-ħwejjeġ użati u tal-iskart tat-tessuti.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-proċedura ta' akkwist hija msejsa fuq id-dispożizzjoni fil-liġi Spanjola dwar il-kuntratti riżervati (il-Liġi 9/2017, disposición adicional 4a) li tinkorpora l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/23/UE u l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/24/UE. Ġiet applikata riżerva għal wieħed mit-tliet lottijiet tal-kuntratt, bil-kompetizzjoni tiġi ristretta għad-WISEs, li kellhom jagħtu prova li kienu rreġistrati bħala tali u jiddikjaraw il-validità tal-istatus tagħhom.

Preakkwist: Qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta, id-WISEs kellhom iċ-ċans li jaħdmu flimkien mal-awtorità kontraenti sabiex jiddeterminaw il-kapaċità, jiddiskutu l-għażla li l-kuntratt jinqasam f'lottijiet, l-imposti li kellhom jiġu applikati għat-tqegħid ta' kontenituri fi spazju pubbliku, eċċ. Il-konsultazzjonijiet kienu miftuħa għad-WISEs kollha interessati fil-kuntratt. F'dan ir-rigward, il-Muniċipalità kkuntattjat organizzazzjonijiet ċentrali lokali li xerdu l-informazzjoni fost il-membri tagħhom. Tali ħidma bir-reqqa ta' qabel l-akkwist irriżultat f'żieda fl-intelliġenza tas-suq dwar it-tielet settur fil-Belt ta' Madrid u ppromwoviet fehim aħjar tas-sitwazzjoni tagħhom fost l-awtoritajiet kontraenti.

Il-konċessjoni hija maqsuma fi tliet lottijiet li kull wieħed minnhom ikopri distretti differenti tal-Belt (lott 1: 366 kontenitur; lott 2: 419-il kontenitur; lott 3: 365 kontenitur). Il-lott 3, li jkopri d-distretti tan-Nofsinhar, huwa riżervat għall-intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol minħabba l-karatteristiċi soċjoekonomiċi taż-żona b'livell ta' introjtu aktar baxx mill-medja. Barra minn hekk, l-aċċess għall-infrastruttura meħtieġa għall-ġbir u l-immaniġġjar tal-ħwejjeġ użati mill-fornitur kien aktar faċli minħabba d-disponibbiltà ta' art industrijali bi prezzijiet li huma aktar baxxi mill-medja tal-Belt.

Il-proċedura tinkludi wkoll konsiderazzjonijiet soċjali bħala kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt:

- L-obbligu ta' konformità mar-regolamenti tax-xogħol u soċjali applikabbli, inklużi kriterji dwar l-aċċessibbiltà u d-disinn universali, u l-konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.
- Garanzija li jista' jerġa' jintuża l-akbar sehem possibbli ta' tessuti u drapp.
- Rekwiżit biex jiġu pprovduti d-dokumenti rilevanti kollha dwar il-ħaddiema impjegati lill-awtorità kontraenti.
- Rekwiżit li l-materjali kollha ta' disseminazzjoni assoċjati mat-twettiq tas-servizz ikunu newtrali fir-rigward tal-ġeneru.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Jiġu pprovduti opportunitajiet għall-impjegat lil persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali
- Jiġi promoss l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mill-operaturi tal-ekonomija soċjali
- Jiġu żgurati standards tax-xogħol deċenti għall-persuni impjegati f'workshops protetti, programmi ta' impjegat protetti u intrapriżi soċjali tal-inklużjoni fix-xogħol

Verifika

Il-persuni impjegati għat-tweġġ tal-lott riżervat jiġu riferuti mis-servizzi soċjali pubbliċi tal-Belt ta' Madrid. Biex ikunu eliġibbli, il-kandidati jrid ikollhom ċertifikat maħruġ minn servizz soċjali pubbliku li jiddikjara s-sitwazzjoni tagħhom ta' esklużjoni. Il-gruppi fil-mira eliġibbli huma diversi, u jvarjaw minn persuni qiegħda fit-tul, migranti, minoranzi etniċi, ommijiet waħedhom f'riskju ta' faqar jew vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa.

Sabiex jiġu promossi l-oġġettivi tal-inklużjoni soċjali kif ukoll is-sostenibbiltà tal-kollokamenti, il-benefiċjarji tal-programm ta' inklużjoni fix-xogħol isegwu perkors ta' integrazzjoni personalizzata. Flimkien mal-kuntratti ta' impjegat tagħhom, l-impjegati jiffirmaw ftehim ta' integrazzjoni individwali ma' konsulent dwar l-impjegati li jstabbilixxi l-azzjonijiet speċifiċi li jimpenjaw ruħhom li jwettqu sabiex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Issir enfasi fuq azzjonijiet relatati max-xogħol, inklużi kwalifiki bażiċi, bħal liċenzja tas-sewwieq jew tal-forklift, ħiliet lingwistiċi, u ħiliet personali, kif ukoll fuq aspetti ta' inklużjoni soċjali, bħall-akkomodazzjoni, id-divertiment, is-saħħa u forom oħra ta' appoġġ lill-individwu u lill-unità domestika tiegħu.

It-taħriġ fuq il-post tax-xogħol jgħin lill-ħaddiema jiżviluppaw ħiliet speċifiċi għax-xogħol, kif ukoll il-puntwalità, l-iġjene, il-komunikazzjoni u l-interazzjoni ma' impjegati oħra.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 5,472,852.50. Il-valur tal-lott 3 kien ta' EUR 232,687.50. Billi din hija konċessjoni, il-valur tal-kuntratt għe espress bħala l-ammont imħallas mill-offerenti lill-awtorità kontraenti. Billi stabbiliet prezz aktar baxx għal-lott 3 (EUR 75 għal kull kontenitur), l-awtorità kontraenti kellha l-intenzjoni li tikkompensa l-kostijiet oġġla mġarrba mid-WISE minħabba n-natura speċifika tagħha.

Strument

- L-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/23/UE (li jippermetti li jiġu applikati riżervi għall-konċessjonijiet)
- Il-proċedura hija inkwadrate fi ħdan l-Istrateġija għall-Prevenzjoni u l-Immaniġġjar tal-Iskart stabbilita mill-Belt ta' Madrid għall-perjodu 2018-2022. Wieħed mill-oġġettivi tal-Istrateġija huwa li taġixxi bħala lieva għall-impjegati, inkluż f'ost il-persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalitá ta' Madrid
- Fornituri kkuntrattati: Recumadrid u Solidanza
- Benefiċjarji: Il-persuni impjegati

Impatti soċjali

- B'riżultat ta' dan il-kuntratt, inħolqu sitt impjegati full-time ġodda għal persuni b'impjegabbiltà baxxa. L-impjegati f'xi każijiet huma residenti fid-distretti tal-Belt fejn isir il-ġbir tal-ħwejjeġ, u b'hekk tiġi promossa l-koeżjoni soċjali fiż-żona. B'riżultat tal-impjegat, il-benefiċjarji mill-programm ta' inklużjoni fix-xogħol ma humiex riċevituri ta' fondi tal-qgħad jew tal-għajnuna soċjali u jikkontribwixxu bħala kontribwenti għall-komunitá.
- Il-parteċipanti fil-programm ta' inklużjoni fix-xogħol jibbenefikaw ukoll mis-servizzi ta' akkumpanjament immirati biex jiżguraw l-inklużjoni tagħhom fix-xogħol u l-inklużjoni soċjali, bħat-taħriġ, il-kura tas-saħħa, u l-appoġġ għall-akkomodazzjoni.
- L-opportunitajiet għall-inklużjoni fix-xogħol se jespandu fil-bidu tal-2020, meta se jinħolqu erba' impjegati oħra full-time.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-fażi ta' konsultazzjoni ta' qabel it-tqegħid fis-suq kienet kruċjali biex l-awtorità kontraenti ssir konxja mill-kapaċità tad-WISEs sabiex tadatta l-karatteristiċi tal-proċedura biex tippermetti l-aċċess taqħhom għas-swieq tal-akkwist pubbliku.
- Is-sħubijiet bħala lieva għall-parteċipazzjoni akbar ta' operaturi iżgħar: L-offerent rebbieħ kien konsorzju ffurmat minn żewġ WISEs, Recumadrid u Solidanza, b'interess dwar is-suġġett u sfond komuni fl-integrazzjoni professjonali ta' persuni żvantaġġati. L-organizzazzjonijiet ingħaqdu flimkien sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi u ekonomiċi meħtieġa tal-kuntratt.
- Sensibilizzazzjoni: Il-benefiċċji ta' dan il-kuntratt huma kemm soċjali kif ukoll ambjentali, peress li l-kuntratturi jaħdmu għall-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tal-oġġetti tad-dar u t-tessuti. Il-kuntratt intuża mill-kuntrattur biex titqajjem kuxjenza dwar għażliet alternattivi ta' konsum bħall-ħwienet tal-ħwejjeġ użati, il-promozzjoni ambjentali jew il-ktajjen tal-immaniġġjar tal-iskart.
- L-isfida ewlenija tinsab fir-rikonoxximent sħiħ tal-ħidma professjonali mwettqa mid-WISEs. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jappoġġaw aktar lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-ekonomija ċirkolari b'offerti ġodda għall-ġbir tal-ħwejjeġ użati u l-immaniġġjar tal-iskart tat-tessuti fil-forma ta' kuntratti riżervati sħaħ (mhux biss lottijiet).

Kuntatt

Is-Sinjura Cristina Salvador, Direttur ta' [RECUMADRID, recumadrid@gmail.com](mailto:recumadrid@gmail.com), +34 91 425 23 84

48. L-akkwist ta' lbies tax-xogħol bil-għan li jżiedu l-impjegati fl-l iżvevja

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż

l-Ċentru tal-Akkwisti, ir-Reġjun ta' Falun-Borlänge, l-Iżvevja (Upphandlingscenter Falun Borlänge regionen, UHC)

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Tessuti

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-UHC huwa korp reġjonali għall-akkwisti li jakkwista għal seba' muniċipalitajiet differenti fil-Kontea ta' Dalarna. Il-UHC ilu jaħdem b'akkwist pubbliku soċjalment responsabbli mill-2016. Il-UHC għandu diversi objettivi relatati mas-sostenibbiltà soċjali, li wieħed minnhom huwa li mill-anqas 30 % tal-akkwisti kollha kull sena għandhom iżidu l-possibbiltajiet ta' impjeg u/jew ta' internships għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol.

Il-UHC jiffoka wkoll fuq pagi li jggarantixxu l-għajxien fl-akkwisti tiegħu, li huma definiti bħala l-introjtju minimu neċessarju biex haħdiem jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tiegħu, relatati mat-twertiq tal-kuntratt. L-għan ta' dan huwa li l-industrija ssir konxja li l-akkwist pubbliku għandu jintuża biex jipromwovi kummerċ ġust u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

Suġġett

L-akkwist ta' lbies tax-xogħol għall-persunal fis-servizzi tal-kura fid-dar, fl-akkomodazzjoni soċjali u fl-istabbilimenti ta' qabel l-iskola f'sitt muniċipalitajiet fil-Kontea ta' Dalarna: Borlänge, Falun, Säter, Gagnef, Hedemora u Ludvika.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-UHC juża tliet kundizzjonijiet għat-twertiq tal-kuntratti relatati maż-żieda fl-impjegati:

- Il-fornitur għandu jipparteċipa fi djalogu mal-UHC dwar kif jista' jaħdem aħjar b'konsiderazzjonijiet soċjali. L-għan huwa li tizzied is-sensibilizzazzjoni tal-fornituri dwar il-konsiderazzjonijiet soċjali.
- Il-fornitur għandu jeżamina l-possibbiltajiet li joffri impjeg jew internships vokazzjonali lil individwi li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol (bħall-persuni qiegħda fit-tul jew il-persuni b'diżabilità).
- Il-fornitur għandu joffri impjeg jew internship vokazzjonali ta' bejn tliet xhur u sitt xhur għal mill-anqas individwu wieħed li attwalment jinsab qiegħed.

Fl-akkwist tal-lbies tax-xogħol, il-fornitur kellu joffri lil mill-anqas individwu wieħed 'il bogħod mis-suq tax-xogħol internship vokazzjonali għal bejn tliet xhur u sitt xhur relatat mas-suġġett tal-kuntratt. L-individwi eliġibbli huma dawk b'diffikultajiet speċjali biex jidhru jew biex jiġu stabbiliti fis-suq tax-xogħol, bħall-persuni qiegħda fit-tul jew il-persuni b'diżabilità. Bħala alternattiva, il-fornitur jista' joffri lil persuna (kif definita hawn fuq) id-dritt għal taħriġ okkupazzjonali għal tliet xhur sa sitt xhur skont il-linji gwida tas-Servizz Pubbliku Żvediż tal-Impjegati jew tal-Muniċipalità.

L-għan huwa li l-internships jimxu lejn l-impjeg, għalkemm dan ma huwiex rekwiżit. L-impjeg ta' persuni fuq din il-bażi ma jistax ifisser li persuna oħra diġà impjegata mill-fornitur tiġi sostitwita. Tiġi applikata l-kundizzjoni kuntrattwali li ġejja relatata mal-kummerċ ġust/paga li tiggarrantixxi l-għajxien:

Il-UHC jistinka biex iżid il-proporzjon ta' prodotti mmanifatturati f'kundizzjonijiet fejn l-impjegati li jaħdmu biex isiru l-oġġetti jirċievu paga li tiggarrantixxi l-għajxien. Paga li tiggarrantixxi l-għajxien tfisser kumpens li jkopri l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna. Il-fornitur huwa mistenni li jkollu attitudni pożittiva lejn l-iżvilupp ta' prodotti u proċeduri li jissodisfaw dan. L-għan huwa li minn 1 sa 5 prodotti (mill-anqas 1) fi ħdan il-ftehim qafas jiġu prodotti minn fornitur jew minn sottokuntrattur li jħallas lill-impjegati tiegħu salarji konformi mal-paga li tiggarrantixxi l-għajxien tal-pajjiż. Il-fatt li l-prodott ikun ġie mmanifatturat f'kundizzjonijiet ġusti jista' jiġi ppruvat, pereżempju, permezz ta' marka tal-kummerċ ġust.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-UHC għandu politika komuni ta' akkwist għall-muniċipalitajiet involuti fiċ-Ċentru tal-Akkwisti b'enfasi qawwija fuq l-akkwist soċjali. F'dan l-akkwist ta' lbies tax-xogħol, il-UHC ried jiżgura paga li tiggarrantixxi l-għajxien u opportunitajiet ta' impjieg. Il-UHC iqis it-talbiet speċifiċi relatati mar-responsabbiltà soċjali mis-sitt muniċipalitajiet. L-enfasi hija fuq ir-rekwiżiti relatati mat-twettiq tal-kuntratt.

Verifika

Il-UHC isegwi kontinwament il-ħidma tal-fornituri dwar il-konsiderazzjonijiet soċjali. Ladarba jiġu konklużi l-ftehimiet, il-UHC jirrieżaminahom flimkien mal-akkwistent mill-muniċipalitajiet, l-akkwistent responsabbli fil-UHC u l-fornitur. Fl-akkwist tal-ilbies tax-xogħol, il-persunal mis-sitt servizzi pubbliċi tal-impjegi tal-muniċipalitajiet kien involut ukoll bħala esperti fit-tqabbil tal-impjegati mal-fornitur. Il-muniċipalitajiet iridu jiżguraw li l-internships ikollhom assigurazzjoni, u għalhekk il-fornitur u l-muniċipalitajiet jagħmlu ftehim ta' internship. Il-muniċipalitajiet isegwu b'mod regolari mal-fornitur dwar l-internship u l-impjegi.

Valur tal-kuntratt

Ftehim qafas għal erba' snin b'valur totali stmat ta' EUR 795,000.

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Il-Kapitolu 17, it-Taqsima 1 tal-Att Żvediż dwar l-Akkwist Pubbliku (2016: 1145), imsejjaħ LOU.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Upphandlingscenter tar-Reġjun ta' Falun-Borlänge (UHC)
- Il-muniċipalitajiet involuti f'dan il-ftehim qafas: Borlänge, Falun, Säter, Gagnef, Hedemora u Ludvika.
- Fornituri kkuntrattati: Fristads u Procurator
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali: Is-servizzi pubbliċi tal-impjegi

Impatti soċjali

L-għan tal-użu tal-klawżoli soċjali mill-UHC huwa primarjament biex il-persuni qiegħda jidħlu fis-suq tax-xogħol, biex jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u biex jiġu żviluppanti soluzzjonijiet fit-tul għas-sostenibbiltà soċjali. Il-UHC identifika diversi impatti relatati maż-żieda fl-impjegi:

- It-tnaqqis fl-eskluzjoni
- Is-saħħa mentali u s-sigurtà
- Iż-żieda fil-kompetenzi
- Il-kosteffiċjenza

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-korpi kontraenti għandhom iżommu f'moħħhom li r-rekwiżiti tar-responsabbiltà soċjali għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti.
- Huwa neċessarju djalogu bikri mal-atturi rilevanti kollha qabel ma jiġu introdotti rekwiżiti soċjali avanzati għall-kuntratti pubbliċi.
- Sfida ewlenija fil-futur se tkun il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet li jistgħu jqabblu lin-nies ma' kuntratti speċifiċi. Fil-bidu, il-UHC ma kienx jikkoopera mas-servizzi lokali tal-impjegi. Bħala akkwirenti, huma ma għandhomx

il-ħiliet u l-aċċess biex ikunu jistgħu jqabblu l-persuna t-tajba ma' kull impjeg, filwaqt li l-amministrazzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali għandhom.

Kuntatt

Maria Fridholm, akkwirent pubbliku, Upphandlingscenter, Maria.fridholm@ludvika.se

49. Klawżoli dwar l-impjegi fis-servizzi tat-trasport f'Varsavja

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: L-Awtorità tat-Trasport Urban tal-Belt ta' Varsavja, il-Polonja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Trasport

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Belt ta' Varsavja ilha taħdem kemm b'kuntratti riżervati (riżervati għal organizzazzjonijiet li jimpjegaw minimu ta' 30 % ta' persuni minn gruppi mhedda minn emarġinazzjoni soċjali) kif ukoll bi klawżoli dwar l-impjegi (impjeg b'kuntratt għal persuni qiegħda, persuni b'diżabilità u adolexxenti) relatati mat-twettiq tal-kuntratt. L-aktar klawżola soċjali komuni hija li jkun meħtieġ impjeg taħt kuntratt ta' impjeg.

F'dan l-akkwist, il-Belt riedet iżżid l-impjegi f'Varsavja għall-gruppi żvantaġġati msemmija hawn fuq kif ukoll tqajjem kuxjenza dwar il-possibiltajiet li jiżiedu l-impjegi b'kuntratti pubbliċi.

Suġġett

Servizzi regolari tat-trasport imwettqa bħala parti mit-trasport pubbliku lokali fuq linji tal-karozzi tal-linja taħt is-superviżjoni ta' ZTM (l-Awtorità tat-Trasport Pubbliku f'Varsavja).

Stadju tal-akkwist u kriterji

L-akkwist kien sejħa miftuħa għall-offerti. Il-Belt ta' Varsavja inkludiet rekwiżit fir-rigward tat-twettiq tal-kuntratt. Il-kuntrattur rebbieħ kellu joffri impjeg lil 120 persuna li attwalment kienu qiegħda u kienu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. Dawn ġew offruti impjegi bħala sewwieqa u dispatchers b'kuntratti full-time. Il-kuntrattur kien meħtieġ ukoll jippreżenta l-kuntratti ta' impjeg lill-Belt ta' Varsavja sabiex jiġi verifikat l-impjeg.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-Belt kellha żewġ objettivi fil-mira:

- iż-żieda fl-impjegi għall-persuni qiegħda, il-persuni b'diżabilità u ż-żgħażaġh
- is-sensibilizzazzjoni dwar il-possibiltajiet li jiżied l-impjeg b'kuntratti pubbliċi.

Verifika

Wara li bdiet tipprovdi s-servizz, il-Belt kellha kuntatt mal-kuntrattur sabiex tivverifika l-impjeg tax-xufiera u tad-dispatchers u tirċievi reġistru tal-impjegati b'informazzjoni dwar l-għadd ta' kuntratti ta' impjeg. L-operatur jibgħat skenn tal-kuntratt ta' impjeg (b'*data* anonimizzata minħabba r-rekwiżiti tal-GDPR). Barra minn hekk, il-Belt tivverifika l-għadd ta' kuntratti ta' impjeg matul iż-żjarat fil-vendi tal-karozzi tal-linja tal-operaturi.

Valur tal-kuntratt

Il-kuntratt ġie ffirmat fi Frar 2016 u l-valur totali tal-kuntratt huwa ta' EUR 130 miljun għal perjodu ta' seba' snin, mill-2016 sal-2023.

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- L-Ordni 1243/2015 tas-Sindku tal-Belt Kapitali ta' Varsavja, li tintroduċi l-applikazzjoni obligatorja ta' klawżoli soċjali fil-kuntratti ta' aktar minn EUR 30,000 fil-kategoriji li ġejjin:

- Il-catering u s-servizzi tal-catering
- Is-servizzi tal-kura
- Is-servizzi tat-tindif u tal-kura fid-dar
- It-tindif fix-xitwa u fis-sajf tat-toroq u l-bankini
- Iż-żamma taż-żoni ekoloġiċi
- Ix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni

L-Ordni tirrakkomanda wkoll l-użu ta' klawżoli soċjali fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għal kuntratti b'valur ta' anqas minn EUR 30,000, u għal kuntratti b'valur ta' aktar minn EUR 30,000 f'kategoriji oħra għajr dawk obligatorji. L-applikazzjoni tal-klawżoli soċjali f'akkwisti pubbliċi differenti mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Marzu 2019 wasslet għall-użu ta' 444 kuntratt b'valur globali ta' kważi EUR 1 biljun.

Atturi

- Awtorità kontraenti: L-Awtorità tat-Trasport Urban tal-Belt ta' Varsavja
- Fomitur: Mobilis SP

Impatti soċjali

- Bejn is-snin 2016-2023, żdiedet is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar l-oportunitajiet ta' impjeg taħt kuntratti pubbliċi. Fuq kollox, l-impjegji ġenerali żdiedu u se jkomplu jiżdiedu. F'dan il-kuntratt, ġie offrut impjeg full-time lil 120 persuna 'l bogħod mis-suq tax-xogħol.
- Peress li huwa obligatorju li jintużaw il-klawżoli dwar l-impjegji, il-Belt ta' Varsavja rat ħafna benefiċċji relatati maż-żieda fl-impjegji għal dawk li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. Aktar minn 16,500 persuna kienu involuti fit-twettiq ta' kuntratti koperti minn klawżoli soċjali abbażi ta' kuntratti ta' impjeg.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-kuntratturi preċedenti kienu jimpjegaw xufiera u dispatchers f'kuntratti ta' impjeg, iżda mhux bl-istess mod bħal meta jintużaw rekwiżiti speċifiċi fil-kuntratti. Peress li l-klawżola dwar l-impjegati hija obligatorja u għandha impatti soċjali pożittivi, l-akkwist li jmiss mill-Awtorità tat-Trasport x'aktarx li jkun simili ħafna. Madankollu, il-kuntratt attwali jibqa' għaddej sal-2023, u huwa diffiċli biex wieħed ibassar iċ-ċirkostanzi futuri.

Kuntatt

Radoslaw Maciak, Dipartiment Tekniku għall-Ġestjoni tal-Flotta tat-Trasport Pubbliku, L-Awtorità tat-Trasport Pubbliku ta' Varsavja, r.maciak@ztm.waw.pl

50. Kuntratt riżervat għall-immaniġġjar tal-iskart f'Rzgów, il-Polonja

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Municipalitá ta' Rzgów, il-Polonja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Immaniġġjar tal-iskart

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Municipalitá ta' Rzgów ħabbret offerta għall-ġbir u l-immaniġġjar (irkupru jew rimi) tal-iskart muniċipali mis-sidien tal-proprjetá f'Rzgów, kif ukoll il-forniment ta' boroż għall-iskart lill-unitajiet domestiċi. Intużat proċedura ta' sejħa għall-offerti riżervata biex jingħata l-kuntratt, stmat taħt il-limitu tal-UE, sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. L-offerta kienet tinkludi rekwiżiti ambjentali għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali - pereżempju, il-livelli stipulati ta' riċiklaġġ, it-tnejjja għall-użu mill-ġdid u l-irkupru b'metodi oħra u t-tnaqqis fil-piż tal-iskart muniċipali bijodegradabbli trasferit għall-ħżin - f'konformità mal-pjan għall-immaniġġjar tal-iskart għar-reġjun. Barra minn hekk, l-offerta kienet tinkludi aspetti soċjali, bħal rekwiżit li l-kuntrattur jimpjega persuni minn gruppi emarġinati.

Komunalka Rzgów, kooperattiva soċjali lokali, kienet l-offerent rebbieħ. Il-kooperattiva bħalissa timpjega ħdax-il persuna, inklużi persuni qiegħda fit-tul u persuni b'diżabilità. L-attività ewlenija tal-kooperattiva hija l-ġbir ta' skart imħallat u separat mir-residenti ta' Rzgów.

Suġġett

Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart muniċipali u l-forniment ta' boroż tal-iskart permezz ta' kuntratt riżervat għall-intrapriżi soċjali.

Stadju tal-akkwist u kriterji

L-offerta għall-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart muniċipali kienet riżervata għal kuntratturi li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Għandhom l-istatus ta' post tax-xogħol protett jew l-attività tagħhom tinkludi l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni li huma membri ta' gruppi soċjalment emarġinati; u
- Mill-anqas 50 % tal-impjegati huma membri ta' gruppi soċjalment emarġinati skont l-Artikolu 22 (2) tal-Kodiċi Pollakk għall-Akkwist Pubbliku.

Gruppi soċjalment emarġinati huma mifhuma bħala:

- Persuni b'diżabilità skont it-tifsira tal-Att tas-27 ta' Awwissu 1997;
- Persuni qiegħda skont it-tifsira tal-Att tal-20 ta' April 2004;
- Persuni mċaħħda mil-libertá jew meħlusa minn ħabsijiet li jesperjenzaw diffikultajiet fl-integrazzjoni fis-soċjetá, imsemmija fl-Att tas-6 ta' Ġunju 1997;
- Persuni b'disturbi mentali skont it-tifsira tal-Att tad-19 ta' Awwissu 1994;
- Persuni mingħajr dar skont it-tifsira tal-Att tat-12 ta' Marzu 2004;
- Persuni mogħtija mir-Repubblika tal-Polonja status ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja msemmija fl-Att tat-13 ta' Ġunju 2003;
- Persuni li għandhom sa 30 sena u persuni 'l fuq minn 50 sena, bi status ta' persuna li qed tfittex impjieg u qiegħda;
- Persuni li jappartjenu għal minoranzi żvantaġġati, skont it-tifsira tal-Att tas-6 ta' Jannar 2005.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-integrazzjoni ta' persuni minn gruppi emarġinati fis-suq tax-xogħol, kif ukoll it-titjib tar-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u l-irkupru tal-iskart muniċipali kif previst mill-Pjan Reġjonali għall-Immaniġġjar tal-Iskart ta-2022.

Verifika

Il-kuntrattur kien meħtieġ jissottometti dokument lill-Municipalitá li jikkonferma l-istatus tiegħu bħala post tax-xogħol protett jew dikjarazzjoni li tikkonferma li l-attività tiegħu tinkludi l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni li huma membri ta' gruppi soċjalment emarġinati u li mill-anqas 50 % tal-impjegati li jwettqu x-xogħol li huwa s-suġġett tal-kuntratt huma membri ta' gruppi soċjalment emarġinati. Il-kuntrattur ipprova lista ta' persuni (mingħajr isem u kunjom) li jissodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq.

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' 378,000 złoty PLN (ekwivalenti għal EUR 89,559.45) għal perjodu ta' sitt xhur.

Strumenti

- L-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Il-"Pjan Ekonomiku għall-Immaniġġjar tal-Iskart għar-Reġjun ta' Wielkopolska 2016-2022".

Atturi

- Awtoritá kontraenti: Il-Municipalitá ta' Rzgów Konińska, Wielkopolska, il-Polonja
- Fornitur ta' servizz ikkuntrattat: Il-Kooperattiva Komunalka Rzgów
- Benefiċjarji: L-impjegati tal-kooperattiva kkuntrattata minn gruppi soċjalment emarġinati

Impatti soċjali

- Permezz tal-involvement fl-akkwist pubbliku, il-kooperattiva soċjali Komunalka Rzgów tissaħħaħ, u dan jgħin biex tiġi żgurata s-sostenibbiltá tal-programmi u tal-proġetti tagħha.
- Għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, il-kooperattiva impjegat tliet persuni li kienu membri ta' grupp soċjalment emarġinat.

Benefiċċji oħra

- Ir-replikazzjoni jew it-trasferibbiltá ta' din il-prattika tajba hija possibbli għal organizzazzjonijiet oħra u setturi oħra.
- Il-Municipalitá tagħti parir lil oħrajn li qed ifittxu li jirreplikaw din il-prattika biex jagħmlu użu mill-kuntratti riżervati billi dan jgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika soċjali permezz tal-akkwist ta' xogħlijiet jew ta' servizzi.
- L-aspetti ambjentali tal-offerta, bħat-titjib fir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u l-irkupru tal-iskart muniċipali, huma allinjati wkoll mal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart tal-Belt.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-użu ta' sejħa għall-offerti riżervata għall-intrapriżi soċjali li jimpjegaw gruppi emarġinati għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali tqies mill-awtoritá kontraenti bħala ta' suċċess, minħabba li l-kooperattiva soċjali wettqet mingħajr problemi x-xogħlijiet stabbiliti fil-kuntratt u offriet impjeg lill-gruppi mmirati mill-Municipalitá, u b'hekk intlaħaq l-oġġettiv doppju tal-akkwist pubbliku. Minn dak iż-żmien, il-Municipalitá rrepetiet din il-prattika f'offerti oħra li jikkonċernaw l-immaniġġjar tal-iskart.
- Fil-futur, il-Municipalitá għandha l-għan li tagħmel użu minn dawn it-tipi ta' kuntratti aktar ta' spiss u f'setturi oħra.

- Pass potenzjali li jmiss ikun li l-istrateġija għall-inklużjoni soċjali tal-Municipalit  tinkludi l-użu tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, bħala mezz biex jintlaħqu l-oġettivi soċjali stabbiliti fiha.

Kuntatt

Iwona Maciejewska, President tal-kooperattiva soċjali Komunalka Rzg w, iwona.maciejewska@komunalkarzgow.pl

51. *Sħubija bejn il-Belt ta' Lille u GECCO, Intrapriża Soċjali, għall-produzzjoni tal-bijodiżil minn żjut tal-ikel użati*

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż

Il-Muniċipalità ta' Lille, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi

Trasport lokali

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

F'Jannar 2017, il-Muniċipalità ta' Lille kkonkludiet kuntratt ma' GECCO, intrapriża soċjali li topera f'Lille u fir-reġjun ta' Hauts-de-France. Il-kuntratt ingħata għal servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&D) b'valur taħt il-limitu tal-UE. Huwa jiffoka fuq l-iżvilupp tal-bijodiżil għall-vetturi pubbliċi miż-żjut għar-rimi u l-ittestjar tal-possibbiltà li tinħoloq alternattiva vijabbli għall-konsum tal-fjuwil standard.

GECCO hija intrapriża soċjali speċjalizzata fil-ġbir u l-irkupru tal-iskart tal-catering. Hija timpjega għaxar persuni bi spettru kbir ta' kompetenzi, inklużi ħaddiema tal-impjant, sewwieqa, inġiniera, kummerċjali, PhDs, maniġers tal-proġett u maniġers. Bħala parti minn din is-sħubija, GECCO u l-Belt ta' Lille qed jikkollaboraw biex jottimizzaw id-distribuzzjoni tal-fjuwil u l-manutenzjoni tal-vetturi, f'kollaborazzjoni mal-manifatturi tal-karozzi. Din is-sħubija għandha l-għan li tiżviluppa ekonomija ċirkolari fit-territorju billi tittrasforma l-iskart taż-żejt tal-qali fi fjuwil għall-użu tal-vetturi pubbliċi. Il-Belt ta' Lille rċeviet il-bijofjuwil prodott minn GECCO u użatu f'diversi vetturi tat-test.

Suġġett


Sħubija ta' riċerka u żvilupp bejn Muniċipalità u intrapriża soċjali għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodott innovattiv fil-qasam tal-bijofjuwils għall-użu ta' vetturi pubbliċi.

Stadju tal-fażi tal-akkwist u l-kriterji/Strument

Is-sħubija bejn il-Muniċipalità u GECCO ġiet stabbilita permezz ta' proċedura nnegożjata mingħajr avviż u hija maqsuma f'żewġ fażijiet:

- Fażi 1: Matul din il-fażi, il-Belt ta' Lille kienet topera tliet vetturi - kowċ, vettura li tiknes u vettura li taħsel - imħaddma b'bijofjuwil magħmul minn żjut tal-qali użati. Twestaq monitoraġġ tekniku tal-vetturi, tal-magni u tal-emissjonijiet atmosferiċi. Għal kull tip ta' vettura, intużaw vetturi tat-test standard li jaħdmu bid-diżil u l-GNR biex jiġi ttestjat l-adattament tagħhom għall-bijofjuwil. Din il-fażi damet 18-il xahar. It-tliet vetturi bħalissa qed jaħdmu bil-varjetà l-ġdida ta' fjuwil prodott minn GECCO (B30).
- Fażi 2: Fl-2020, l-użu sperimentali tal-bijofjuwil se jiżdied għal madwar għoxrin vettura (l-għadd finali għandu jiġi definit). Din il-fażi se tiġi kkombinata ma' studju tekniku, ekonomiku, soċjali u ambjentali biex jiġi vvalidat l-użu tal-kunċett.

Fi tmiem l-esperimentazzjoni żviluppata fi ħdan din is-sħubija, l-awtorità kontraenti se tivvaluta l-fattibbiltà tal-użu tal-fjuwil taż-żejt mormi fuq skala akbar, u tistabbilixxi proċeduri ta' akkwist skont dan.



BIOHEC-LIFE Project presentation

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Għall-Belt ta' Lille, dan l-aproċċ huwa parti mill-politika tal-Belt dwar:

- l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija alternattivi u rinnovabbli;
- il-promozzjoni tal-innovazzjoni u laboratorju tar-riċerka xjentifika;
- l-iżvilupp ta' settur tal-ekonomija ċirkolari li jagħti valur lill-iskart permezz ta' katina qasira u għandu impatt fuq il-komunità fil-forma ta' impjegi lokali, impjegi ekoloġiċi marbuta mal-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni ta' persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol, u,
- is-sensibilizzazzjoni fost il-produtturi tal-ikel u l-pubbliku ġenerali dwar sorsi ta' enerġija alternattivi u rinnovabbli. F'dan ir-rigward, GECCO stabbiliet ukoll diversi punti ta' ġbir għaż-żejt tal-qali madwar it-territorju, li mbagħad jerġa' jintuża bħala fjuwil għall-flotta muniċipali tal-vetturi. (permezz tal-iżvilupp parallel minn GECCO ta' punti ta' tluq volontarji għaż-żejt tal-qali fit-territorju, li mbagħad jerġa' jintuża ladarba jiġi ttrasformat fl-esperiment li għaddej fuq flotta ta' vetturi professjonali).

Valur tal-kuntratt

Il-valur totali tal-kuntratt huwa ta' EUR 5,600 fl-istadju preżenti (il-fażi 1 tlestiet).

Strument

- L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2014/24/UE li jitratta s-servizzi ta' riċerka u żvilupp u li jistabbilixxi kriterji għall-eżenzjoni tagħhom mill-akkwist pubbliku.
- Fil-leġiżlazzjoni Franċiża, l-Artikolu 30-II tad-Digriet 2016-360 tas-26 ta' Marzu dwar l-Akkwist Pubbliku jirfed il-proċeduri nnegożjati mingħajr avviż għal "prodotti manifatturati biss għall-finijiet ta' riċerka, esperimentazzjoni, studju jew żvilupp, mingħajr objettiv ta' profittabbiltà jew amortizzazzjoni tal-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp".

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Lille
- Fornitur ikkuntrattat: L-intrapriża soċjali GECCO

- Sħab: il-proġett huwa appoġġat mill-Programm LIFE Ewropew, ir-Reġjun ta' Hauts-de-France, il-Metropole Ewropea ta' Lille, il-Communauté de Communes Pévèle Carembault u McCain Food Europe. GECCO rċeviet ukoll appoġġ dwar l-ekoinnovazzjoni permezz tal-proġett BIOHEC-LIFE u s-sħab tiegħu (l-Università ta' Lille, NEOECO, Pour la Solidarité-PLS u RREUSE).

Impatti soċjali

- Ħolqien ta' impjegi u integrazzjoni professjonali:
 - Minn meta beda l-proġett inħolqu tliet impjegi permanenti, u huma mistennija sitt impjegi oħra sa tmiem il-fażi 2. Tnejn mill-impjegati l-ġodda qabel kienu f'intrapriżi ta' integrazzjoni professjonali.
 - Sa mill-ħolqien tagħha fl-2007, GECCO impjegat 23 persuna. Qabel ir-reklutaġġ tagħhom, 43 % minn dawn kienu qiegħda, 13 % kienu f'intrapriżi ta' integrazzjoni professjonali, u 17 % kienu studenti apprendisti.
 - GECCO ddelegat parti mill-ġbir taż-żejt tat-tisjir użat tagħha lil żewġ intrapriżi ta' integrazzjoni soċjali u professjonali. Tnax-il persuna ħadmu fuq din l-attività fl-2019, 50 % minnhom sabu impjieg.
- Saret evalwazzjoni tal-SROI (Redditu Soċjali fuq l-Investment) dwar il-proġett: ir-riżultati juru li għal kull euro investit fil-proġett, EUR 1.40 ta' impatt soċjali jmorru lura fit-territorju
- Sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali (adulti, adolexxenti u tfal) għall-valorizzazzjoni tal-iskart, approċċi ta' zero skart, u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dan huwa appoġġat permezz ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u workshops.

Benefiċċji oħra

L-impatti pożittivi l-oħra ta' dan l-esperiment mill-perspettiva tal-Belt ta' Lille huma:

- ambjentali: il-bijofjuwil il-ġdid inaqqas l-impatt fuq l-ambjent (emissjonijiet tal-gassijiet serra, konsum ta' enerġija mhux rinnovabbli, emissjoni ta' partikoli fini) meta mqabbel mal-fjuwils fossili tad-diżil: -95 % CO₂, -65 % emissjonijiet ta' partikoli, 100 % rinnovabbli.
- innovattivi: bl-użu ta' dan il-proċess innovattiv u mfassal b'mod ekoloġiku, l-awtoritajiet lokali jaġixxu bħala lievi għal ekosistemi innovattivi li jippermettu lill-operaturi jittestjaw u jivvalidaw l-inizjattivi tagħhom.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-isfida għal GECCO hija li tkompli tiżviluppa din l-innovazzjoni bħala sors għal impjegi ekoloġiċi. Dan se jsir billi żżid il-ġbir taż-żejt tal-qali, tippromwovi dan il-mudell ġdid ta' trasformazzjoni u distribuzzjoni tal-bijodiżil lil flotot professjonali oħra u timmultiplika l-impatt tiegħu permezz ta' sħubijiet ġodda.
- Ġiet eżaminata wkoll it-trasferibilità fil-livell Ewropew u ġew stabbiliti kuntatti inizjali f'xi pajjiżi ta' UE.

Kuntatt

Kuntatti għall-Muniċipalità ta' Lille:

- Ġestjoni tal-manutenzjoni għall-valutazzjoni teknika tal-esperimentazzjoni fuq il-flotta professjonali tal-vetturi: Pascal RAEPSAET, Maniġer tal-Manutenzjoni u l-Bini praepsaet@mairie-lille.fr
- Dipartiment tal-akkwist pubbliku għall-proċedura inizjali ta' kuntrattar: Gaëtan KERSEKENS, Maniġer tal-Akkwist Pubbliku, gkerskens@mairie-lille.fr
- Dipartiment tal-Iżvilupp Sostenibbli: Véronique FALISE, Maniġer tal-Iżvilupp Sostenibbli, vfalise@mairie-lille.fr

Kuntatti għall-kumpanija GECCO:

- Ġestjoni ġenerali tal-kuntratti u tal-proġetti: Michel MILLARES, CEO, michel.millares@gecco.fr
- Ġestjoni teknika tal-proġetti: Cédric HIS, Maniġer tal-R&D, cedric.his@gecco.fr
- Komunikazzjoni: Alicia BACHELET, Maniġer tal-Proġett alicia.bachelet@gecco.fr

52. Proġetti pilota għall-impjieg soċjali fil-Finlandja

Isem l-awtorità tal-akkwist, pajjiż: Il-Belt ta' Vantaa u l-Belt ta' Helsinki, il-Finlandja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni u objettivi tal-akkwisti

Fil-qafas tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Finlandja u l-Iżvezja bdew proġett tranżnazzjonali bħala inizzjattiva konġunta mmirata biex torbot l-akkwist pubbliku u l-impjieg ta' persuni żvantaġġati. Il-proġett, imsejjaħ SIEPP (Social Innovation and Employment through Public Procurement - Innovazzjoni Soċjali u Impjieg permezz tal-Akkwist Pubbliku), beda fl-2017 u għadu għaddej. L-SIEPP għandu l-għan li jindirizza ż-żieda fiċ-ċifri tal-qgħad fl-Iżvezja u fil-Finlandja, u huwa segwitu ta' proġett preċedenti ta' suċċess li dam għaddej mill-2014 sal-2017.

Il-konnessjoni tal-akkwist pubbliku u l-impjieg hija kwistjoni kruċjali, u permezz tagħha huwa possibbli li jinħolqu perkorsi għas-suq tax-xogħol miftuħ għal individwi li għandhom diffikultajiet biex jaċċessawh waħedhom. Il-proġett jagħmilha possibbli għal sħab b'livelli differenti ta' esperjenza li jiskambjaw għarfien espert u jitgħallmu minn xulxin. Barra minn hekk, il-proġett jipromwovi l-iskambju internazzjonali ta' prattiki tajba bejn il-pajjiżi tal-UE biex jiġi żgurati approċċ komuni.

Il-proġett għandu l-għan li joħloq dan li ġej:

- Opportunitajiet għal kollokamenti f'impjieg, apprendistati u internships għal persuni li normalment huma 'l bogħod mis-suq tax-xogħol miftuħ.
- Il-kisba ta' esperjenza u informazzjoni dwar proċessi innovattivi ta' aċċess għas-suq tax-xogħol u l-applikazzjoni ta' kriterji ta' impjieg, inklużi sħubijiet ġodda ma' intrapriżi privati u atturi speċjalizzati biex jiġu indirizzati l-isfidi tar-reklutaġġ, bħall-Istitut Finlandiż tas-Saħħa u l-Benesseri.
- *Data* statistika li tista' titqabbel u li tista' terġa' tintuża biex jinkiseb għarfien solidu dwar il-kwistjoni.
- L-iżvilupp ta' ċertifikat għal fornituri soċjalment responsabbli.
- Analiżi strateġika tas-suq tax-xogħol u tas-sitwazzjoni lokali tal-impjieg.

Tnedew akkwisti pilota għall-impjieg ta' persuni żvantaġġati fil-bliet Finlandiżi ta' Vantaa u Helsinki. Barra minn hekk, is-sħab Finlandiżi u Żvediżi għamlu żjarat ta' studju f'Varsavja, Pariġi, Glasgow, Rotterdam u Barċellona bħala esperjenza diretta dwar l-integrazzjoni soċjali fl-akkwist pubbliku. Iż-żjarat ikkontribwew għall-ġbir tal-aħjar prattiki mill-amministrazzjonijiet lokali. Is-sħab Finlandiżi ffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq l-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku sostenibbli u ta' mekkaniżmu ta' verifika sod.

Suġġett

L-akkwisti pilota jinkludu servizz ta' akkomodazzjoni ta' 24 siegħa għall-anzjani

Stadju tal-akkwist u kriterji

Saru akkwisti pilota innovattivi fil-bliet ta' Helsinki (għaxar akkwisti pilota) u Vantaa (sitt akkwisti pilota). L-akkwisti pilota stabbilew kriterji speċjali ta' impjieg u inkorporawhom f'akkwisti żgħar, b'valuri kuntrattwali ta' madwar EUR 10,000 kull wieħed. L-akkwisti jkopru proċeduri ta' offerta u kuntratti differenti f'Helsinki u f'Vantaa. L-għan ewlieni ta' dan il-proċess huwa li jittestja akkwisti iżgħar bħala pilota biex il-metodoloġija tiġi estiża għal kuntratti akbar fil-futur.

B'mod ġenerali, dawn l-akkwisti huma mistennija li jwasslu għal mill-anqas 100 opportunità ta' impjieg f'Helsinki u 30 f'Vantaa permezz ta' azzjoni diretta u benefiċċji indiretti. Pereżempju, wieħed mill-akkwisti pilota jirrigwarda servizz ta' akkomodazzjoni ta' 24 siegħa għall-anzjani. Il-fornitur tas-servizz huwa meħtieġ li jimpjega persuna qiegħda waħda għal disa' xhur għal kull 20 post ta' servizz ta' akkomodazzjoni mixtrija (20 post mixtrija = persuna waħda, 40 post = 2, eċċ). L-enfasi

tal-impjeggi hija fuq iż-żgħażaġh qiegħda (ta' anqas minn 25 sena, b'aktar minn 6 xhur ta' qgħad) u l-persuni qiegħda fit-tul (li rċewew aktar minn 300 jum ta' benefiċċji tal-qgħad). L-għan huwa l-impjeg full-time għal dawn il-persuni.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv ewlieni tal-proġett huwa li jżiedu l-opportunitajiet ta' impjeg għall-individwi li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol, bħall-migranti, il-persuni qiegħda fit-tul, l-NEETs, il-persuni ta' aktar minn 50 sena u l-persuni b'diżabilità. B'mod partikolari, il-kategorija tal-NEET qed tiżdied b'mod drammatiku fil-Finlandja, u tammonta għal 20 % tal-popolazzjoni żagħżuġha totali. Il-qgħad fit-tul qed jikber partikolarment malajr fi bliet kbar bħal Helsinki u Vantaa u fi gruppi ta' etajiet taħt l-40 sena; barra minn hekk, il-persuni li qed ifittxu ażil u l-immigranti jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol.

Verifika

Il-kundizzjoni ta' impjeg hija rekwiżit assolut skont il-kuntratt. Jekk ma tintlaħaqx, għandha tiffallas penali ta' EUR 9,000 mill-fornitur tas-servizz.

Valur tal-kuntratt

EUR 160,000

Strument

- L-Artikolu 70 (dwar il-kundizzjonijiet għat-tweġġ ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtoritajiet kontraenti: Il-Muniċipalitajiet ta' Helsinki u ta' Vantaa
- Sieħeb tat-tagħlim tranżnazzjonali: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku fl-Iżvezja
- Benefiċjarji: Persuni 'l bogħod mis-suq tax-xogħol li kienu impjegati jew mogħtija apprendistati permezz tal-akkwisti pilota

Impatti soċjali

- B'riżultat dirett tal-proġett, kien hemm kollokamenti f'impjeg, apprendistati u kollokamenti f'internships għal persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. L-esperjenza sa issa tindika li l-akkwist pubbliku jista' jkun miżura effettiva u sempliċi għat-tiŝiħ tal-impjeggi. Jekk jintuża b'mod korrett u jiġi ppjanat sewwa, huwa għandu potenzjal sinifikanti għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjeg.
- F'xi każijiet, persuni qiegħda fit-tul kienu impjegati fuq bażi ta' prova bħala parti mill-proġett u minn dak iż-żmien 'l hawn ġew ingaġġati bħala impjegati full-time.
- L-intervisti u l-istħarriġ ma' 20 kumpanija involuti fil-proġett urew attitudni pożittiva jew newtrali lejn il-metodu; ma ġiet irregjstrata l-ebda attitudni negattiva.
- F'Helsinki, erbgħa minn kull ħames ċittadini jaħsbu li l-użu ta' klawżoli dwar l-impjeggi fl-akkwist pubbliku huwa ħaġa tajba, u jinsistu li l-Belt u l-intrapriżi li tikkuntratta għandhom iġorru r-responsabbiltà tagħhom billi jagħmlu dan.

Benefiċċji oħra

Minbarra l-akkwisti pilota, il-proġett għandu l-għan li jxerred l-għarfien, it-tagħlim tranżnazzjonali (mal-Iżvezja) u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Elementi importanti tal-SIEPP kienu jinkludu workshops tranżnazzjonali, żjarat ta' studju u possibbiltajiet ta' tagħlim reċiproku matul it-triq. Twestqu vjaġġi ta' studju dwar l-akkwist pubbliku u l-impjeggi fil-Polonja, in-Netherlands, Franza, ir-Renju Unit u fi Spanja, minbarra l-Finlandja u l-Iżvezja. Saru workshops fil-pajjiżi sħab u l-kollaborazzjoni dwar is-suġġett kienet kostanti matul id-durata tal-proġett. L-SIEPP huwa mistenni li jintemm f'Marzu 2020. Il-kollaborazzjoni bejn il-partijiet Finlandiżi u Żvediżi kienet solida, u nġabru ħafna tagħlimiet tranżnazzjonali minn pajjiżi Ewropej oħra. Barra minn hekk, b'riżultat ta' dan:

- Il-kollaborazzjoni fil-bliet pilota ta' Helsinki u Vantaa bejn id-dipartimenti tal-akkwist rispettivi tagħhom, is-servizzi muniċipali tal-impjegi, u s-servizzi governattivi lokali tal-impjegi ġiet imsaħħa.
- Inħolqu opportunitajiet għall-kumpaniji biex juru responsabbiltà soċjali korporattiva.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Kien hemm titjib fil-klawżoli soċjali matul il-proġett, bħat-titwil tal-perjodu tal-kuntratt ta' impjieg minn sitt xhur għal minimu ta' disa' xhur. Il-kuntratti ġew imfassla biex ikunu adattati kemm għall-impjegatur kif ukoll għall-impjegat (eż. full-time jew part-time, x'tip ta' impjieg, deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti). Ir-riżultati tal-proġett huma parzjalment dovuti għall-evalwazzjoni u t-titjib kontinwi bbażati fuq l-esperjenzi tal-proġett: li titgħallem billi tagħmel u timmodifika kif meħtieġ.
- Il-passi li jmiss huma li jiġi estiż l-użu tal-klawżoli ta' impjieg jew soċjali fl-akkwisti pubbliċi fil-Finlandja permezz ta' implimentazzjoni ulterjuri f'Helsinki, Vantaa u n-network ta' partijiet interessati. Pereżempju, il-linji gwida tal-baġit għall-akkwisti tal-2020 għall-Belt kollha ta' Helsinki issa jsostnu li l-klawżola dwar l-impjegi trid tiġi kkunsidrata fl-akkwisti pubbliċi kollha ta' aktar minn EUR 200,000.
- Madankollu, il-proġett wera li kull pajjiż u Muniċipalità għandhom proċessi differenti ta' akkwist u ta' inklużjoni tal-klawżoli soċjali. Ma hemm l-ebda approċċ wieheg għal kulħadd. Barra minn hekk, huwa enfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-fażi ta' verifika kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll b'mod kwalitattiv.
- Min-naħa l-oħra, il-problemi u l-ostakli għall-applikazzjoni tal-klawżoli soċjali fil-kuntratti pubbliċi jstgħu jkunu wkoll simili kullimkien. Mudell operattiv għall-impjegi permezz tal-akkwist pubbliku kien diġà nħoloq fi proġett preċedenti tal-FSE. Dan il-qafas jintuża wkoll fil-bliet pilota tal-SIEPP.
- Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-impjegi fil-Finlandja se jniedi programm aċċelleratur dwar l-impjegi permezz tal-akkwist pubbliku fir-rebbiegħa tal-2020. Il-programm huwa parzjalment ibbażat fuq l-esperjenzi pilota u r-rakkomandazzjonijiet tal-SIEPP. L-użu tal-klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku gje approvat ukoll mill-Programm tal-Gvern tal-Prim Ministru Finlandiż.

Kuntatti

Veera Laurila, deputat Maniġer tal-Proġett, l-Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri: veera.laurila@thl.fi
 Ville Grönberg, Kap tat-Tim tal-Unità, l-Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri: ville.gronberg@thl.fi
 Mika Villa, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-FSE fil-Finlandja: mika.villa@ely-keskus.fi

53. Il-proġett tranżnazzjonali tal-FSE “L-innovazzjoni soċjali u l-impjiegi permezz tal-akkwist pubbliku”

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku, l-Iżvezja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-proġett kellu l-għan li jżid l-użu tal-klawżoli dwar l-impjiegi fl-akkwist pubbliku bħala għodda għall-ħolqien tal-impjiegi.

F'Ġunju 2016, il-Gvern Żvediż adotta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku. Din l-Istrateġija tippromwovi l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku bħala strument biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà, inkluż il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal kulħadd. L-Aġenzija Nazzjonali Żvediża għall-Akkwist Pubbliku kellha rwol prominenti fl-implimentazzjoni tagħha.

Hija identifikat il-kooperazzjoni tranżnazzjonali tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) bħala opportunità biex jiġi żviluppat mudell nazzjonali dwar kif jintużaw il-klawżoli dwar l-impjiegi fil-proċeduri tal-offerti. “L-Innovazzjoni Soċjali u l-Impjiegi Permezz tal-Akkwist Pubbliku” kien proġett tranżnazzjonali tal-FSE bejn l-organizzazzjonijiet Żvediżi u Finlandiżi. Għal aktar informazzjoni dwar l-esperjenza Finlandiża fil-proġett tal-FSE, ara l-każ X (p.x)

L-għan ta' dan il-proġett tal-FSE, li beda f'Jannar 2017 u dam 34 xahar, kien li jissaħħu l-għarfien u l-esperjenzi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti biex jitqiesu aħjar il-kriterji tal-impjieg soċjali fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, permezz ta' seba' workshops tranżnazzjonali tematiċi biex jiġi żviluppat it-tagħlim reċiproku dwar kwistjonijiet li huma marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni b'suċċess tal-kriterji tal-impjieg soċjali:

- Is-sitwazzjoni attwali u l-iskambju tal-aqwa prattiki u l-isfidi;
- Modi innovattivi biex jiġu applikati l-kriterji tal-impjieg, il-mudell tal-bonds b'impatt soċjali u l-użu tal-bonusijiet;
- Il-proċess ta' reklutaġġ u analiżi tas-suq tax-xogħol;
- Miżuri ta' appoġġ għal gruppi speċifiċi fil-mira (eż. il-migranti);
- L-istatistika u evalwazzjoni tal-impatt ekonomiku;
- Il-komunikazzjonijiet u t-tfassil tal-impatt, u
- Ir-rwol tal-intrapriżi soċjali u r-rikonoxximent tal-fornituri responsabbli.

Barra minn hekk, is-sħab tranżnazzjonali għamlu żjarat ta' studju fi bliet oħra li għandhom aktar esperjenza f'dan il-qasam: Varsavja, Pariġi, Glasgow, Rotterdam u Barċellona.

Abbażi ta' dan il-proġett, l-Iżvezja żviluppat [mudell u metodu nazzjonali](#) għall-użu tal-klawżoli dwar l-impjiegi bħala kriterji fl-akkwist pubbliku. Dan il-mudell jiddeskrivi kif l-akkwist jista' jintuża bħala strument strateġiku biex jinħolqu l-impjiegi għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. Huwa jkopri l-istadji kollha fil-proċess tal-akkwist: l-istadju preparatorju, l-istadju tal-akkwist u l-istadju ta' wara l-akkwist.

Huwa jinkludi ħafna aspetti interessanti, pereżempju, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-intrapriżi soċjali fl-akkwist permezz ta' kuntratti riżervati. Bħala parti mill-mudell, l-Aġenzija Nazzjonali Żvediża għall-Akkwist Pubbliku żviluppat ukoll [għodda li tgħin fil-kalkolu tal-benefiċċji soċjoekonomiċi](#) għall-atturi involuti: l-impjegat, is-settur pubbliku, is-settur/kumpanija privata u l-benefiċċju soċjoekonomiku totali għall-pajjiż.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet kontraenti li jużaw il-kriterji tal-impjieg soċjali bħala kriterji għall-għoti jew fi klawżoli dwar it-twettiq ta' kuntratt, kif ukoll li jimmonitorjaw ir-riżultati u eventwalment jiġbru statistika biex jevalwaw il-proċeduri tal-akkwist matul il-fażi ta' wara l-akkwist.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Iż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol (fl-lżvezja, speċjalment għall-migranti li waslu anqas minn tliet snin ilu);
- It-tisħiħ tal-familjarità mal-klawżoli dwar l-impjegi fost l-awtoritajiet statali u l-muniċipalitajiet;
- Iż-żieda fl-użu ta' klawżoli u kriterji dwar l-impjegi fil-proċeduri ta' akkwist mill-awtoritajiet kontraenti.

Verifika

Huwa f'idejn l-awtorità kontraenti li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' verifika.

Valur tal-proġett

Ammont tal-proġett ta-FSE: madwar EUR 1 miljun (għal 34 xahar). L-istrateġija nazzjonali żviluppata fiha tapplika għall-akkwisti kollha mill-awtoritajiet pubbliċi fl-lżvezja, li l-valur annwali tagħhom ikun ta' madwar SEK 706 biljun (madwar EUR 67 biljun).

Strument

- L-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) u l-Artikolu 70 (kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- L-Istrateġija Nazzjonali Żvediża dwar l-Akkwisti Pubbliċi (2016).

Atturi

Sħab fl-lżvezja:

- Is-Servizz Pubbliku Żvediż tal-Impjegi
- Il-Belt ta' Gothenburg
- Il-Belt ta' Stokkolma
- Il-Belt ta' Botkyrka
- Il-Belt ta' Helsingborg
- L-Amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport

Sħab fil-Finlandja:

- L-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa u l-Benesseri
- Il-Belt ta' Helsinki
- Il-Belt ta' Vantaa

Impatti soċjali

Il-proġett żviluppa għodda li tgħin biex jiġu kkalkulati l-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-atturi involuti: l-individwu impjegat, is-settur pubbliku, is-settur privat/il-kumpanija, l-Istat u l-benefiċċju soċjoekonomiku totali għall-pajjiż.

Din l-għodda tista' tintuża b'żewġ modi:

- Biex jiġu kkalkulati l-effetti stmati tal-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-impjieg fl-akkwist anki qabel ma jsir l-akkwist, u
- Biex jiġu segwiti l-effetti ta' akkwist bi klawżoli dwar l-impjegi ladarba jitlestha.

F'każ ta' eżempju li fih migrant li jkun għadu kif wasal jikseb impjieg b'appoġġ għall-impjegi għal 12-il xahar, il-benefiċċju kkalkulat għas-soċjetà jammonta għal aktar minn SEK 200,000. Jekk 100 migrant ġdid bejn wieħed u ieħor bl-istess kundizzjonijiet jiksbu impjieg permezz tal-akkwist pubbliku, l-impatt ekonomiku għas-soċjetà f'sena jkun ta' aktar minn SEK 20 miljun.

Barra minn hekk, il-proġett jappoġġa impatti soċjali kwalitattivi sinifikanti:

- Il-fatt li individwu jgħaddi minn qiegħed għal impjegat spiss jirriżulta f'benefiċċji personali notevoli, bħal saħħa aħjar jew sens akbar ta' appartenenza.
- Għandu wkoll effett pożittiv fuq il-probabbiltà tal-individwu li jikseb impjieg fil-futur minħabba li jkun kiseb aktar esperjenza tax-xogħol.
- Dan it-tip ta' effetti, għalkemm ma jitkejlux bl-għodda, għandhom jiġu kkunsidrati meta tittieħed deċiżjoni dwar ir-rekwiżiti tal-impjieg, minħabba li hemm effetti pożittivi lil hinn mill-benefiċċji ekonomiċi biss.

Bl-esklużjoni tal-Belt ta' Stokkolma, is-sħab l-oħra taw impjieg għal terminu fiss lil aktar minn 1,260 persuna (abbażi taċ-ċifri rrapportati, li fihom l-istatistika mill-2019 hija nieqsa f'xi każijiet). Il-Belt ta' Stokkolma stmat li l-mijiet ta' akkwisti kompletati ġġeneraw eluf ta' impjegi. Ma huwiex possibbli jingħataw ċifri aktar preċiżi minħabba n-nuqqas ta' sistema unifikata biex tinġabar u tiġi aggregata l-istatistika dwar ir-rekwiżiti soċjali u r-rekwiżiti tal-impjegi fl-akkwisti fl-lżvezja.

Benefiċċji oħra

L-aktar kisbiet importanti sa Diċembru 2019:

- L-iżvilupp ta' mudell nazzjonali tal-akkwist strateġiku fl-lżvezja: dan jikkonsisti f'linji gwida li jiddeskrivu l-passi meħtieġa għall-iżvilupp tal-akkwist strateġiku u jidentifikaw liema partijiet ikkonċernati għandhom ikunu involuti; mudelli u listi ta' kontroll għall-awtoritajiet pubbliċi; u parir legali għall-awtoritajiet kontraenti.
- Il-ħolqien ta' network għall-iskambju u d-disseminazzjoni dwar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, fl-UE u man-Nazzjonijiet Uniti, permezz tal-kuntatti informali maħluqa matul il-proġett.
- Konsultazzjonijiet wiesgħa fil-livell nazzjonali u ma' setturi differenti fl-lżvezja: id-dipartimenti u s-servizzi tal-impjegi, it-trade unions u s-settur privat.
- L-iżvilupp ta' għodda bbażata fuq il-web biex jiġu kkalkulati l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-klawżoli dwar l-impjegi.
- L-iżvilupp ta' materjal ta' appoġġ dwar kif għandha tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol fl-akkwist pubbliku permezz tal-implimentazzjoni ta' kuntratti riżervati għal dawk li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol.
- Il-proġett ħoloq pjattaforma online msejġha "bank tal-għarfien", fejn jista' jinstab l-għarfien kondiviż kollu bħall-klawżoli dwar l-impjegi, eżempji tajbin, l-esperjenza minn pajjiżi oħra tal-UE miż-żjarat ta' studju, il-fatturi ta' suċċess, mistoqsijiet u tweġibiet u materjal edukattiv.
- Il-proġett ħoloq ukoll materjal edukattiv li jista' jintuża f'organizzazzjonijiet individwali jew flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra.
- L-approċċ żviluppat permezz tal-proġett huwa pplanat li jiġi implimentat aktar fil-livell nazzjonali u f'reġjuni differenti.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat hija essenzjali biex jiġu indirizzati l-problemi soċjali u tas-soċjetà.
- Is-settur pubbliku għandu jirrikonoxxi li l-għarfien espert tal-intrapriżi soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali wkoll.

- Kundizzjoni importanti għas-suċċess hija l-eżistenza tar-rieda politika biex jiġu promossi klawżoli dwar l-impjegji fl-akkwist. Il-proġett Żvediż ibbenefika mill-appoġġ tal-gvern u tal-maniġment superjuri tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku.
- Hemm bżonn ta' aktar disseminazzjoni u komunikazzjoni fil-pajjiż kollu lill-gruppi fil-mira rilevanti anke wara l-proġett.
- Hemm bżonn ta' sistema ċentrali tal-IT biex timmonitorja, issegwi u tiġbor *data* dwar l-impatti fil-livell nazzjonali.
- Hemm bżonn ta' aktar riżorsi għall-awtoritajiet akkwirenti biex jappoġġaw din il-ħidma fil-forma ta' faċilitaturi u koordinaturi fil-pajjiż kollu.
- L-approċċ tranżnazzjonali, iż-żjarat ta' studju fi ħdan l-UE u l-kooperazzjoni mal-Finlandja ppermettew lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-partijiet ikkonċernati Żvediżi jiksbu għarfien li għen biex jinholq il-mudell nazzjonali u l-bank tal-għarfien.
- Huwa importanti wkoll li jkun hemm organizzazzjoni responsabbli biex tiffaċilita l-proċess ta' tqabbil bejn is-settur privat u l-persuni li qed ifittxu impjeg.
- L-idea li jinholq mudell nazzjonali ma' atturi differenti involuti minn oqsma differenti tal-pajjiż hija metodu ta' suċċess li bih il-materjali ta' appoġġ jinħolqu flimkien ma-utenti proprji, li jiżvela x'jaħdem u x'ma jaħdimx fil-prattika.
- Dan il-proġett jista' jiġi replikat fi Stati Membri oħra, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fl-oqfsa leġiżlattivi u fl-istrutturi ta' governanza. Pereżempju, b'differenza minn Franza, fejn il-leġiżlazzjoni spiss tirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tista' tiġi inkluża bħala rekwiżiti fis-sejthiet għall-offerti, fl-lżvezja huwa importanti li jiġi żgurat ir-rispett għall-ftehimiet kollettivi meta jkunu qegħdin jiffasslu l-proċeduri tal-offerti. Konsegwentement, il-konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali, b'mod partikolari t-trade unions, huma parti kruċjali mill-proċess tal-akkwist.

EŻEMPJU TAL-MUNIĊIPALITÀ TA' HELSINGBORG (wieħed mis-sħab tal-proġett)

Il-Belt ta' Helsingborg tikkonsisti f'unitajiet ta' akkwist differenti, li jżommu rendikont tal-ħtiġijiet ta' akkwist tal-Belt. Fit-tnejn ta' akkwist ġdid, l-unità tal-akkwisti tirrikorri għand id-**dipartiment tas-suq tax-xogħol** (l-unità tat-tqabbil) biex titlob l-opinjoni tiegħu dwar jekk il-klawżoli dwar l-impjegji jkunx xierqa. Id-dipartiment tas-suq tax-xogħol għandu l-uffiċċju tiegħu fl-unità tal-akkwisti. Huwa jipprovdni opinjoni bbażata fuq il-ħtiġijiet ivvalutati tas-suq tax-xogħol. Id-deċiżjoni finali tittieħed mill-unità tal-akkwisti.

Il-Belt ta' Helsingborg taħdem kważi esklussivament bi **klawżola ta' djalogu**. Dan ifisser li l-fornitur għandu l-obbligu li jittkellem mad-dipartiment tas-suq tax-xogħol dwar il-possibbiltajiet tiegħu li jappoġġa persuni barra mis-suq tax-xogħol fil-proċess tagħhom li jiksbu impjeg.

Il-klawżola ta' djalogu hija qasira u mhux ikkumplikata: "Il-fornitur għandu jikkoopera mal-Amministrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol sabiex jintegra lill-persuni fis-suq tax-xogħol billi, pereżempju, joffri internships, jirrekluta mill-gruppi fil-mira tal-amministrazzjoni tas-suq tax-xogħol jew billi jassumi b'mod ieħor ir-responsabbiltà soċjali. Il-fornitur għandu jipparteċipa fil-laqqgħat issuġġeriti mill-Belt. F'konsultazzjoni bejn il-partijiet, isir ftehim dwar kif għandu jiġi rrapportat ir-riżultat tal-kollaborazzjoni u b'liema mod għandha tittieħed ir-responsabbiltà soċjali fuq bażi kontinwa matul il-perjodu tal-ftehim."

Dak li tippromwovi l-klawżola ta' djalogu huwa djalogu "mhux preskrittiv" bejn l-awtorità kontraenti u l-kuntrattur. Hija ma tippreskrivix għadd speċifiku ta' persuni żvantaġġati li għandhom jiġu impjegati. Permezz ta' dan id-djalogu, il-fornitur jifhem aħjar x'tixtieq tikseb l-awtorità kontraenti u l-awtorità kontraenti tkun taf aħjar x'jista' joffri l-kuntrattur. Finalment huma jiffirmaw ftehim li jispeċifika kemm se jiġu impjegati persuni żvantaġġati u minn liema grupp fil-mira.

Għal aktar informazzjoni ara l-Appendiċi "[Lnti bennej tal-komunità](#)", fejn hija deskritta informazzjoni fil-qosor u konkreta dwar diversi għażliet ta' kollaborazzjoni. Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-offerti, il-fornituri huma mistiedna jistaqsu mistoqsijiet dwar din il-kwistjoni permezz tas-sistema tal-IT tal-akkwisti.

Il-Muniċipalità ta' Helsingborg ilha taħdem bil-klawżoli dwar l-impjegji mill-2015, b'firxa wiesgħa ta' fornituri differenti minn fergħat differenti: kuntratturi tal-bini, servizzi tat-tindif, kumpaniji tal-ġardinaġġ, ristoranti u kafetteriji, konsulenti arkitettoniċi, fornituri tal-art, djar tal-kura, eċċ. Is-sitwazzjoni attwali għal Novembru 2019 hija li hemm klawżoli dwar l-impjegji f'105

ftehimiet individwali mal-Belt ta' Helsingborg minn 33 proċedura ta' akkwist. Sa mill-bidu fl-2015, madwar 320 persuna kisbu impjieg jew traineeship minn fornituri bi klawżoli dwar l-impjegi fil-ftehimiet tagħhom. Il-Municipalit  tistma li madwar terz ta' dawn huma konsegwenza diretta tal-klawżola dwar l-impjegi. Il-Municipalit  tara wkoll il-klawżola dwar l-impjegi bħala mod kif jinbnew relazzjonijiet aktar b'saħħithom mal-fornitur.

Kuntatt

Patrick Amofah, Maniġer tal-Proġett, l-Aġenzija Nazzjonali Żvediża għall-Akkwisti Pubbliċi, patrick.amofah@uhmynd.se

54. L-Istrateġija għall-Akkwist Responsabbli tal-Greater London Authority

Awtorità kontraenti, Pajjiż: The Greater London Authority Group, ir-Renju Unit

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: It-trasport pubbliku, il-pulizija, is-sikurezza kontra n-nirien, it-tessuti, l-iżvilupp ekonomiku u t-tmexxija strateġika tal-politika għall-Belt ta' Londra.

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Għall-Greater London Authority (GLA), akkwist responsabbli jfisser akkwist soċjalment, ambjentalment u ekonomikament sostenibbli biex tinkiseb kwalità tal-ħajja aħjar u valur akbar għall-flus. Dan jinvolvi l-iżvilupp ta' shubbijiet biex aktar nies jiġu megħjuna jsibu xogħol u biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-impjeg. Ifisser ukoll il-ftuħ tal-aċċess għal opportunitajiet ta' kuntratti għal negozji diversi u organizzazzjonijiet tas-settur volontarju u komunitarju, l-inkoraġġiment tal-aqwa Prattika fost il-fornituri u l-promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni ambjentali akbar.

Fil-GLA, l-infiq annwali kkombinat fuq l-akkwisti jlaħħaq aktar minn GBP 11-il biljun. Minħabba l-iskala tal-attivitajiet, il-GLA għandha l-potenzjal li tixpruna t-titjib u l-innovazzjoni, u li tagħti valur soċjali u ekonomiku.

Il-Politika ta' Akkwist Responsabbli (RP) tagħhom tgħin biex tiżgura li d-decizzjonijiet meħuda mill-membri tal-GLA dwar l-akkwist ta' oġġetti, xogħlijiet jew servizzi jkunu allinjati mal-impjenji tagħhom u jappoġġaw temi, bħat-tisħiħ tal-valur soċjali, l-ugwaljanza u d-diversità, u l-inkorporazzjoni ta' Prattiki ta' impjeg ġusti.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-istrateġija ġiet riveduta f'Lulju 2017 biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' akkwist tal-GLA jissodisfaw ir-rekwiżiti leġiżlattivi nazzjonali rilevanti kollha, inkluż l-Att dwar l-Iskjavitù Moderna tal-2015, l-Att dwar il-Valur Soċjali tal-2012 u l-Att dwar l-Ugwaljanza tal-2010.

Hija allinjata wkoll mal-Istrateġija għall-Ħiliet fl-Infrastruttura tat-Trasport ippubblikata mid-Dipartiment tat-Trasport (DfT). Minbarra l-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, hawn taħt issir referenza għal proċessi ta' offerta għal kuntratti ta' provvista li jinkorporaw rekwiżiti bħall-użu ta' apprendistati, kif appoġġati mill-Artikoli 67 u 70 tad-Direttiva tal-UE 2014/24.

It-temi soċjali inklużi fl-Istrateġija dwar il-PR fl-2018/19 jinkludu l-iffaċilitar ta' ħiliet, taħriġ u opportunitajiet għall-fornituri tas-servizzi f'Londra, kif ukoll azzjonijiet biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-katina tal-provvista għall-uniformijiet tal-ħaddiema.

L-iffaċilitar ta' ħiliet, taħriġ u opportunitajiet ta' impjeg

Fis-snin 2018-2019, bdew 548 apprendistat fil-katina tal-provvista - li aktar minn 50 % minnhom kienu għal persuni BAME (sfondi etniċi suwed, Asjatiċi u minoritarji).

Meta l-fornituri jiġu mistiedna jagħmlu offeriti, huma jintalbu jiddeskrivu kif ikun beħsiebhom jinkorporaw mill-anqas output wieħed tal-Ħtiġijiet u t-Taħriġ Strateġiċi tax-Xogħol (SLNT - Strategic Labour Needs and Training) għal kull GBP 1 miljun, GBP 2 miljun jew GBP 3 miljun li jintefqu, skont it-tip ta' kuntratt. Bl-inkorporazzjoni ta' dan ir-rekwiżit fil-kuntratti mal-fornituri rilevanti, il-GLA toħloq aktar ħiliet u opportunitajiet ta' impjeg.

L-outputs tal-SLNT huma:

- apprendistat wieħed
- pożizzjoni waħda ta' impjeg għal persuna qiegħda
- 20 jum ta' pożizzjonijiet ta' kollokament fl-industrija jew jiem ta' prova
- 20 jum ta' attivitajiet ta' involviment fl-iskejjel

- 10 ijiem ta' kollokamenti ta' mobilità soċjali

F'kull kuntratt, l-apprendistati jridu jammontaw għal mill-anqas nofs l-outputs tal-SLNT sabiex kull proġett jilqa' ħaddiema ġodda fl-industrija.

Prattiki ta' akkwist etiku għax-xiri tat-tessuti

It-TfL huwa korp wieħed tal-GLA. It-TfL huwa impenjat li jiżgura li l-persuni li jagħmlu l-uniformijiet tal-impjegati tiegħu jiġu ttrattati b'mod ġust. Dan jinkludi rekwiżiti ċari dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-kuntratti rilevanti u stabbilixxa livelli ġodda ta' eċċellenza għad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista fl-akkwist pubbliku.

L-uniformijiet jiġu mmanifatturati fil-Bangladesh u fiċ-Ċina. Kull sena, il-fabbriki huma kuntrattwalment meħtieġa (Termini u Kundizzjonijiet) li jgħaddu minn awditu soċjali indipendenti minn parti terza fir-rigward tad-disa' prinċipji tal-Kodiċi Bażi tal-Ethical Trading Initiative (ETI - Inizjattiva dwar il-Kummerċ Etiku) (<https://www.ethicaltrade.org/eti-base-code>). Wara dan, jiġu maqbula pjanijiet ta' azzjoni biex jiġi indirizzat kwalunkwe qasam ta' nuqqas ta' konformità. Permezz tal-pjattaforma online Sedex, wieħed jista' jara r-riżultati tal-awditjar u l-pjanijiet jistgħu jiġu traċċati.

Verifika

It-TfL jirrikonoxxi l-limitazzjonijiet tal-awditi soċjali fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' konformità. Għalhekk, il-kuntratt tal-uniformijiet jirrikjedi wkoll li l-fornitur iwettaq aktar attività fis-siti tal-manifattura. Il-persunal, pereżempju, ħa taħriġ dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, is-saħħa u s-sikurezza u l-liġijiet tax-xogħol tal-Bangladesh, inkluż kif u meta għandhom jintużaw ittri ta' lment biex jitqajmu lmenti. Fabbrika minnhom qed tissieġeb ma' università lokali biex tospita interns, bil-għan li tgħinhom jikkwalifikaw bħala tekniċi u disinjaturi. Dan jibni l-kapaċità tal-ħaddiema vulnerabbli, filwaqt li jgħinhom jifhmu aħjar id-drittijiet tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

It-TfL ikkoordinata mal-Fairtrade Foundation biex jiżgura li l-qoton użat fl-uniformijiet tiegħu jinkiseb minn produttori ċertifikati, li jfisser li kemm il-bdiewa kif ukoll il-ħaddiema jiksibu dak li ħaqqhom. It-TfL irreprika dan l-approċċ għall-akkwist etiku ta' uniformijiet fil-kuntratt reċenti tiegħu dwar il-bies tax-xogħol.

Rapport tal-2018 mir-Roundtable Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Korporattiva u l-Koalizzjoni għar-Responsabbiltà Korporattiva sab li "meta mqabbel mad-dipartimenti tal-gvern ċentrali li jidhru f'dan ir-rapport, il-prattika tal-akkwisti tat-TfL hija ferm aktar responsabbli u avvanzata mil-lat soċjali".

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Greater London Authority (GLA) li hija membru tal-GLA Group. L-organizzazzjonijiet li ġejjin jiffurmaw il-Grupp:
 - Transport for London (TfL)
 - London Fire Commissioner (LFC)
 - Mayor's Office for Policing and Crime (MOPAC)
 - London Legacy Development Corporation (LLDC)
 - Old Oak and Park Royal Development Corporation (OPDC)
- Benefiċjarji:
 - Il-persuni qiegħda/persuni li qed ifittxu impjieg, il-persuni BAME
 - Il-ħaddiema fil-katina tal-provvista tat-tessuti

Impatti soċjali

- Is-Supplier Skills Team (SST) tat-TfL, li huwa minn ta' quddiem nett fis-settur, għen biex jinħolqu aktar minn 5,500 apprendistat u 5,300 impjieg għal persuni qiegħda minn Londra, inklużi aktar minn 100 eks-trasgressur.
- L-SST ġie stabbilit biex jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet tal-industrija fi sħubija mal-kuntratturi. Dan jgħinhom jimpjegaw in-nies it-tajba biex iwasslu l-proġetti u s-servizzi tat-TfL, joħolqu opportunitajiet li jindirizzaw in-nuqqas ta' rappreżentanza u, finalment, jikkontribwixxu għar-riġenerazzjoni ekonomika. L-SST huwa involut f'kull stadju tal-proċess tal-akkwist. Huwa jimplementa u jevalwa r-rekwiżiti tal-kuntratt, jappoġġa lill-fornituri mill-bidu sat-tmiem

tal-kuntratt tagħhom u jaħdem mal-fornituri fuq bażi volontarja biex jimmassimizzaw il-ħiliet u l-opportunitajiet ta' impjieg li jinħolqu waqt li jkunu qed jaħdmu fuq il-kuntratti.

- L-SST jista' jgħaqqad lill-kuntratturi ma' organizzazzjonijiet tal-karità u ma' sħab tal-impjegabbiltà li jgħinu biex jiġu stabbiliti inizjattivi ta' xogħol. Kull programm tal-SST għandu finanzjament estern sħiħ u l-parteċipanti jirċievu appoġġ qabel, matul u wara. Dan inaqqas ir-riskju li l-kandidati jtilqu.
- L-isforzi tal-SST qed inaqqsu d-distakk bejn il-grupp ta' kandidati potenzjali għall-apprendistati tekniċi u l-kwalifiki, l-esperjenza u l-imġiba meħtieġa.

Benefiċċji oħra

- Bis-saħħa tar-replikazzjoni ta' dan l-approċċ, aktar persuni li qed ifittxu impjieg se jiġu mħarrġa u appoġġati.
- Aktar minn 200 membru tal-persunal irċewew taħriġ fl-Akkwist Responsabbli.
- L-approċċ tat-TfL li r-rekwiżiti tal-SLNT jiġu inkorporati fil-kuntratti rilevanti mal-fornituri ġie introdott fil-GLA kollha għall-korpi funzjonali l-oħra.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Diversi fatturi kienu strumentali għall-kisbiet tal-SST: appoġġ ta' livell għoli, mandat ċar permezz tal-Politika ta' Akkwist Responsabbli u network ta' sħab li jikkondividu l-istess ħsieb.
- L-isfida li jmiss għat-TfL hija li jaħdem biex l-apprendistati l-ġodda kollha tal-katina tal-provvista jirriflettu d-diversità ta' Londra. Huma qed jaħdmu biex jiżviluppaw proċess ta' assigurazzjoni għal prattiki ta' akkwist soċjalment responsabbli fil-katina tal-provvista tagħhom sabiex jivverifikaw u jippremjaw lill-fornituri konformi. It-TfL se jkompli jinkoraġġixxi r-replikazzjoni u d-disseminazzjoni tal-aqwa prattika tiegħu f'awtoritajiet pubbliċi oħra.

Kuntatt

Matt Galvin, Maniġer Responsabbli tal-Akkwist, Greater London Authority Group, matthewgalvin@tfl.gov.uk

55. Bini tal-Inklużjoni Soċjali u l-Impjiegi fil-Kuntratti tal-Kostruzzjoni u s-Sigurtà

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin, l-Irlanda

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Il-kostruzzjoni (Ftehimiet ta' Żvilupp) u s-Servizzi tas-Sigurtà

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwist

Il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin (DCC) għandu strateġija fit-tul biex jintegra b'mod sħiħ il-konsiderazzjonijiet soċjali u dawk relatati mal-impjiegi fil-proċeduri ta' akkwist tiegħu. Il-Kunsill jixtieq jipprova opportunitajiet ta' impjieg għall-integrazzjoni soċjali ta' persuni żvantaġġati u membri ta' gruppi vulnerabbli. Id-DCC kellu xi esperjenza fl-użu tal-klawżoli dwar l-impjiegi f'kuntratti preċedenti. Bil-għan li jiżied l-impatt soċjali tal-akkwisti tiegħu, id-DCC ħa approċċ ġdid għal żewġ kuntratti li laħqu l-istadju tal-offerent preferut fl-2019.

Suġġett

Kuntratt 1 – Kostruzzjoni ta' żvilupp residenzjali b'pussess imħallat

Il-Kuntratt 1 jirrigwarda l-iżvilupp mill-ġdid ta' sit fit-Tramuntana tal-Belt interna ta' Dublin b'ħala skema residenzjali b'pussess imħallat biex jinkludi unitajiet soċjali, bi prezz li jintlaħaq u unitajiet tas-suq miftuħ. Il-proċedura ta' djalogu kompetittiv intużat ma' sensiela ta' laqgħat ta' djalogu biex jiġu rfinati l-aspetti legali, tekniċi u finanzjarji tal-proġett.

Kuntratt 2 – Qafas b'parti waħda għall-forniment ta' servizzi tas-sigurtà

Il-Kuntratt 2 jirrigwarda l-forniment ta' servizzi tas-sigurtà inkluż televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) u monitoraġġ tal-allarm, sigurtà bil-persuni, senjalazzjoni, żamma taċ-ċwieviet u xi sigurtà waqt avvenimenti. Intużat il-proċedura ristretta biex jiġi stabbilit ftehim qafas b'operatur wieħed għal perjodu sa erba' snin.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-Kuntratt 1 kien jinkludi klawżola ġdida dwar l-impjiegi soċjali, li tirrikjedi li l-offerent rebbieħ jiżgura li:

- 10 % tal-Ġimgħat ta' Persuna maħduma skont il-kuntratt jitwettqu minn individwi li kienu rreġistrati f'reġistru nazzjonali tal-qgħad għal perjodu kontinwu ta' mill-anqas tna-x il xahar immedjatament qabel l-impjieg tagħhom;
- 5 % tal-Ġimgħat ta' Persuna maħduma skont il-kuntratt jitwettqu minn individwi li jkunu impjegati taħt skema reġistrata ta' apprendistat jew taħriġ nazzjonali ekwivalenti jew arranġament ta' kollokament f'xogħol edukattiv;
- Il-persuni impjegati skont il-klawżoli ta' hawn fuq jistgħu jgħaddu għal impjiegi full-time u apprendistati, skont id-disponibbiltà tal-ħiliet xierqa;
- Huwa jaħdem mas-sħab tal-fornituri edukattivi biex jiġu identifikati opportunitajiet ta' taħriġ/programmi ta' titjib tal-ħiliet fir-rigward tal-opportunitajiet ta' impjieg li jirriżultaw mill-proġett, u jikkoordina t-twassil tagħhom mis-sħab edukattivi għall-komunità lokali.

Għall-Kuntratt 2, ġie applikat il-kriterju għall-ġħoti li ġej relatat mal-inklużjoni soċjali ("Proposta ta' Inklużjoni Soċjali għall-Kuntratt"):

- "Sabie xi appoġġata l-politika tal-Kunsill tal-Belt ta' Dublin li jipromwovi b'mod proattiv l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi, l-offerenti jridu jstabbilixxu programm ta' impjieg sostenibbli (li jinkludi l-mentoraġġ u t-taħriġ xierqa kollha) u jagħtu dettalji dwar kif se jiġi implimentat u liema riżorsi se jiġu allokati matul il-ħajja tal-kuntratt."
- Il-kriterju kellu ponderazzjoni ta' 20 %. Il-punteġġ massimu kien ta' 2,000 u l-punteġġ minimu meħtieġ kien ta' 1,200.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-Irlanda ma għandhiex politika nazzjonali dwar l-inklużjoni ta' aspetti soċjali fl-offerti, u għalhekk huwa f'idejn l-awtoritajiet kontraenti individwali li jiżviluppaw u jimplimentaw approċċi. Fl-2019 l-Irlanda adottat Politika Nazzjonali ġdida dwar l-Intrapriżi Soċjali, li tistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet biex tiżied il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi soċjali fl-akkwist pubbliku. Ġie stabbilit ukoll Grupp Konsultattiv dwar il-Konsiderazzjonijiet Soċjali fi ħdan l-Uffiċċju ċentrali għall-Akkwisti Pubbliċi (OGP).

Verifika

Għall-Kuntratt 1, se tiġi stabbilita s-sistema ta' monitoraġġ li ġejja:

- L-Iżviluppatur jinnomina koordinatur tal-impjegji biex jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-impjegji soċjali mill-Iżviluppatur u mill-Kuntrattur tal-Kostruzzjoni;
- Il-Kuntrattur tal-Kostruzzjoni jaħtar uffiċjal ta' kollegament li jżomm kuntatt mal-koordinatur tal-impjegji biex jipromwovi u jilħaq l-oġettivi tal-impjegji soċjali;
- L-uffiċjal ta' kollegament jipprovdi previżjonijiet u rapporti trimestrali dwar l-impjegji soċjali u jinforma lill-koordinatur tal-impjegji u lid-DCC dwar l-oportunitajiet ta' apprendistat;
- Isiru laqgħat regolari bejn il-koordinatur tal-impjegji u l-uffiċjal ta' kollegament, u mad-DCC. L-impjegji soċjali se jkunu punt permanenti fl-aġenda;
- Il-Kuntrattur tal-Kostruzzjoni huwa meħtieġ jipprovdi rapporti ta' kull xahar, inklużi skedi ta' ħinijiet, biex juri l-konformità mal-klawżoli dwar l-impjegji soċjali.

Għall-Kuntratt 2, l-offerenti setgħu jissottomettu firxa ta' proposti u evidenza xierqa tal-kapaċità tagħhom li jimplimentawhom. Pereżempju, ġiet ippreżentata evidenza tal-kapaċità ta' taħriġ tal-persuni qiegħda fit-tul biex iwettqu xogħol ta' sigurtà, u kif il-kumpanija kienet qiegħda tippjana li żżid tali impjegji hekk kif il-persunal jirtira jew jibdel l-impjegġ.

Valur tal-kuntratt

Il-valur stmat tal-Kuntratt 1 huwa ta' EUR 125.5 miljun. Il-valur stmat tal-Kuntratt 2 huwa ta' EUR 11-il miljun.

Strument

L-Artikolu 67 (dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt) u l-Artikolu 70 (dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt) tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

Awtorità kontraenti tal-Kuntratt 1: It-Tim tal-Proġett tal-Housing Land Initiative (HLI) fi ħdan id-DCC.

Awtorità kontraenti tal-Kuntratt 2: approċċ kollaborattiv bejn id-DCC u Greenville Procurement Partners Limited (sieħeb)

Impatti soċjali

L-għoti taż-żewġ kuntratti ġie ttardjat għal raġunijiet mhux relatati mal-kriterji soċjali deskritti hawn fuq. Id-DCC jittama li jkun f'pożizzjoni li jagħti dawn il-kuntratti ma jdumx u li jibda tara l-impatt ta' dawn l-approċċi l-ġodda.

Alan Nangle, l-Uffiċjal Eżekuttiv Għoli tad-DCC għall-akkwisti, isostni "Aħna nieħdu r-rwol tagħna fl-akkwist soċjali b'serjetà kbira u għarafna li l-mod kif konna qegħdin nittrattawh seta' jittejjeb. Kien jeħtieġ li niżguraw li f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjegġi, l-individwi bħala minimu jkollhom sett ta' ħiliet li jkunu ta' benefiċċju għalihom biex iżommu l-pożizzjoni tagħhom mal-kumpanija jew li jkunu ta' benefiċċju għalihom biex ifittxu xogħol xi mkien ieħor."

Benefiċċji oħra

- Kuntratt 1: Klawżola dwar l-impjegi soċjali issa ġiet inkluża wkoll fil-Ftehim ta' Żvilupp (DA) għal kuntratt maġġuri ieħor għall-konstruzzjoni ta' żvilupp residenzjali b'pussess imħallat. Id-DA ġie kondiviż ma' awtoritajiet lokali oħra li jwettqu proġetti simili.
- Kuntratt 2: Wara li rċieva deroga milli juża l-Qafas Nazzjonali tal-OGP għas-Servizzi tas-Sigurtà abbażi tal-inklużjoni ta' klawżola dwar l-impjegi soċjali, il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin qasam is-sejbiet u l-esperjenza tiegħu mal-OGP u awtoritajiet lokali oħra.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin tgħallem li mhux il-kuntratti kollha huma xierqa għall-inklużjoni ta' klawżoli soċjali billi dawn jistgħu ma jkunux jistgħu jitwettqu mis-suq. Huwa jirrakkomanda li l-awtoritajiet kontraenti jikkonsultaw mas-suq permezz ta' Talbiet għall-Infommazzjoni (RFIs) u jikkunsidraw kif se tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-klawżoli soċjali.

Fil-futur, il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin se jfittex li jiżviluppa prattiki ta' akkwist soċjali għall-kuntratti ta' provvista, kif ukoll għax-xogħlijiet u s-servizzi.

Kuntatt

Alan Nangle, Uffiċjal Eżekuttiv Superjuri, il-Kunsill tal-Belt ta' Dublin, alan.nangle@dublincity.ie

56. *Ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg biex jiġi evitat il-qgħad fit-tul fis-swieq lokali permezz tal-akkwist pubbliku*

Awtorità akkwirenti: Il-Belt ta' Dortmund, il-Ġermanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Il-kostruzzjoni, setturi tas-servizz pubbliku, bħall-ġestjoni tal-faċilitajiet, is-sigurtà, it-trasport, eċċ.

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-Belt ta' Dortmund nediet proġett (2017-2019) biex tindirizza l-problema tal-qgħad fit-tul u toħloq opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni qiegħda fit-tul permezz ta':

- Suq tax-xogħol appoġġat b'mod pubbliku (ħolqien ta' impjieg faċli/b'livell baxx ta' ħiliet f'oqsma li huma rilevanti fil-kuntest urban-soċjali); u
- L-akkwist pubbliku u l-ħolqien ta' impjieg ġodda b'ħiliet baxxi fis-suq tax-xogħol regolari f'intrapriżi fil-Belt ta' Dortmund.

Il-proġett kien jinkludi l-identifikazzjoni ta' setturi ġodda tas-servizzi li fihom għandhom jitnedew proċeduri ta' sejħiet għall-offerti adattati sabiex jinkludu klawżoli dwar l-impjieg għall-persuni qiegħda fit-tul. Il-Belt ta' Dortmund stabbiliet "Ċentru ta' Servizzi għall-Impjieg Lokali", biex tipprovdi pariri speċifiċi lill-offerenti potenzjali dwar il-possibiltajiet li jintegraw lill-persuni qiegħda fit-tul fil-kuntratti pubbliċi.

Hemm total ta' 31,250 persuna qiegħda f'Dortmund, inklużi 24,326 persuna qiegħda fit-tul (f'Diċembru 2019).

Stadju tal-akkwist u kriterji

Stadju ta' preakkwist

L-implimentazzjoni normalment tibda fil-fażi ta' preakkwist permezz tal-preparazzjonijiet tal-kuntratt. Minbarra l-iżvilupp ta' dokumenti trasparenti tal-offerti, huwa meħtieġ ukoll li l-assoċjazzjonijiet lokali u reġjonali tal-artiġjanat, industrijali u kummerċjali jiġu infurmati b'mod speċifiku dwar il-proċeduri ta' akkwist. L-għan ġenerali huwa li tizzied is-sensibilizzazzjoni tal-offerenti potenzjali dwar l-aspetti soċjali.

Il-proċess ta' komunikazzjoni biex jintlaħqu l-offerenti potenzjali jibda bil-fażi ta' qabel l-akkwist u jkompli matul il-fażi tal-akkwist u wara.

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt

Il-fażi tal-akkwist tinkludi klawżoli dwar it-twettiq tal-kuntratt relatati mal-impjieg, li hija novità fil-Ġermanja. Il-kuntrattur jingħata struzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandu jintegra fil-prattika lill-grupp fil-mira ta' persuni qiegħda fit-tul. Il-valur tal-kuntratt huwa stabbilit fid-dokumenti tal-akkwist, u għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu evalwati l-offerti abbażi ta' prezzijiet differenti. Il-fatt li l-klawżoli dwar l-impjieg huma parti mit-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali jpoġġi lill-kumpaniji kollha fuq l-istess livell u jiżgura li l-prinċipju tat-trattament ugwali jiġi rispettata. Ma huwiex meħtieġ li l-offerenti jiġu evalwati fir-rigward tal-impenn tagħhom lejn il-persuni qiegħda fit-tul, peress li l-kumpaniji kollha jridu jippromwovu bl-istess mod l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv soċjali huwa triplu:

- Li jiġi pprovduti servizzi soċjali effettivi u inklużivi b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti;
- Li jiżdedu s-sensibilizzazzjoni soċjali u l-involviment tal-offerenti;
- Li jitjiebu l-inklużjoni soċjali u l-istandards tal-kwalità tal-ħajja għall-grupp fil-mira.

Verifika

Matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, hemm diversi stadji ta' verifika bħal:

- Kontrolli ta' kull xahar ibbażati fuq il-prinċipju ta' "erba' għajnejn", li jfisser li żewġ persuni qed jivverifikaw b'mod indipendenti jekk il-kuntrattur ikunx qed jissodisfa l-klawżoli tal-kuntratt. L-għan huwa li jiġu evitati l-abbuż u l-korruzzjoni.
- Appoġġ permanenti għall-grupp fil-mira u l-kuntratturi minn timijiet esterni speċjalizzati fis-settur tal-kura soċjali (ħaddiem soċjali wieħed jipprovdi assistenza għal 30 persuna qiegħda fit-tul).
- Kontrolli regolari u appoġġ tal-kuntratturi permezz tat-tim taċ-Ċentru ta' Servizzi għall-Impjeggi Lokali".

Valur tal-proġett

Il-proġett (2017-2019) kien iffinanzjat mir-reġjun ta' Nordrhein-Westfalen, mill-Belt ta' Dortmund u miċ-Ċentru tal-Impjeggi lokali. Il-baġit totali kien ta' EUR 5.8 miljun. Fi ħdan il-proġett, il-Belt ta' Dortmund iffirmat kuntratti ma' fornituri ta' servizzi u ta' xogħlijiet tal-kostruzzjoni, li fihom Dortmund iggarantiet sussidju ta' 100 % tas-salarju (madwar EUR 24,000) għall-impjieg ta' persuna qiegħda fit-tul għal sena, li kien parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt, u inkluż fil-prezz fiss tal-kuntratt

Il-pagi tal-persuni qiegħda fit-tul issa huma fil-biċċa l-kbira koperti minn sussidju mill-Jobcentre abbażi ta' liġi ġdida (bil-Ġermaniż "Teilhabechancengesetz") li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019. L-għan tal-liġi huwa li tipprovdi appoġġ komprensiv lill-persuni impjegabbli intitolati għal benefiċċji għar-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. B'riżultat ta' dan, il-Belt ta' Dortmund issa tiggarrantixxi lis-sħab kuntrattwali tagħha mill-anqas 70 % tas-salarju għal persuna qiegħda fit-tul (LTU) għal sena. Il-kuntrattur iħallas massimu ta' 30 % tas-salarju tal-persuna LTU.

Fl-2020, il-baġit tal-Belt ta' Dortmund se jammonta għal EUR 114,500 biex ikopri s-sussidji tas-salarji fil-proċeduri ta' akkwist. Għas-snin mill-2021 sal-2029, il-baġit annwali ddedikat għal dan se jkun ta' EUR 208,500. Huwa previst li minn 55 sa 60 persuna LTU se jiġu impjegati kull sena b'dan il-mod.

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Belt ta' Dortmund mis-6 ta' April 2017 (nru 07209-17).

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Dortmund
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-klawżoli soċjali: l-uffiċċju tal-għajnuna soċjali ("Sozialamt"), l-aġenzija tal-impjieg ("Jobcenter"), u l-aġenzija tan-negozju Dortmund ("Wirtschaftsförderung Dortmund")
- Il-fornituri ta' servizzi kkuntrattati

Impatti soċjali

- Il-prevenzjoni tal-qgħad fit-tul: f'dawn l-aħħar sentejn, 160 persuna qiegħda fit-tul tpoġġew f'impjieg b'riżultat tal-involvement fil-proċeduri ta' akkwist.
- L-istabbiliment ta' opportunità għall-grupp fil-mira biex jipparteċipa fil-ħajja soċjali.
- Is-sensibilizzazzjoni dwar l-ostakli u l-problemi soċjali tal-qgħad fit-tul fost l-atturi involuti.
- L-issettjar mill-ġdid taċ-ċiklu ġenerazzjonali stabbilit tal-persuni qiegħda fit-tul biex jiġi evitat il-qgħad fit-tul fil-ġenerazzjonijiet futuri tal-familji affettwati.
- Il-bdil tal-akkwist tal-benefiċċji soċjali f'opportunità ta' ħlas reali biex tizzied il-kunfidenza fihom infushom tal-persuni qiegħda fit-tul billi jiġu offruti salarju minflok benefiċċju soċjali.

- It-tnaqqis tal-fondi meħtieġa għall-appoġġ soċjali fit-tul.

Benefiċċji oħra

- Il-Muniċipalità stabbiliet servizz speċifiku biex jagħti pariri lill-offerenti potenzjali dwar kif jintegraw lill-persuni qiegħda fit-tul permezz tal-proċeduri ta' akkwist ("Ċentru ta' Servizzi Lokali għall-Impjiegi").

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-esperjenza Prattika turi ħafna opportunitajiet tal-approċċ. Fil-futur, il-Belt ta' Dortmund qed tippjana li żżid l-appoġġ għall-offerenti u l-kuntratturi potenzjali biex jipprovdu impjiegi għall-persuni qiegħda fit-tul fil-kumpaniji. Barra minn hekk, se jiġu pprovduti aktar approċċi ta' finanzjament soċjali biex jżied l-għadd ta' parteċipanti potenzjali.

Kuntatt

Aiko Wichmann, Ċentru tal-Akkwisti, il-Belt ta' Dortmund, awichmann@stadtdo.de

57. Punt uniku ta' servizz għall-integrazzjoni ta' klawżoli soċjali f'La Rochelle

Isem l-Awtorità Akkwirenti, Pajjiż: La Rochelle, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Ix-xogħlijiet, it-tindif, it-tessuti, u, fuq bażi pilota, l-ikel

Introduzzjoni u objettivi tal-akkwisti

Għal bosta snin, id-Dipartiment għall-Impjigi u l-Edukazzjoni Għolja fi ħdan iż-Żona ta' Greater La Rochelle (Communauté d'Agglomération de La Rochelle - CDA) ingħaqad mal-Muniċipalità ta' La Rochelle, il-fornitur tal-akkomodazzjoni soċjali Atlantic Aménagement u l-Uffiċċju tal-Akkomodazzjoni Pubblika ta' Greater La Rochelle biex tittejjeb l-applikazzjoni tal-klawżoli soċjali fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku lokali.

Fl-2016, dawn l-erba' entitajiet pubbliċi ħolqu punt uniku ta' servizz ("guichet unique") għall-implimentazzjoni sistematika tal-klawżoli soċjali fil-kuntratti rilevanti kollha tagħhom (ix-xogħlijiet, it-tindif, it-tessuti u, fuq bażi pilota, l-ikel).

Is-CDA tagħxi bħala s-sieħeb u l-faċilitatur ewlieni, billi tgħin lill-akkwirenti tal-konsorzju jintegraw il-kriterji u l-klawżoli soċjali fl-offerti tagħhom, tassisti lill-fornituri biex jissodisfawhom b'mod korrett, u timmonitorja l-implimentazzjoni. Kull sieħeb appoġġa finanzjarjament il-punt uniku ta' servizz mill-2017, meta bdew formalment l-attivitajiet tiegħu. Il-ftehim ta' sħubija jinkludi missjoni, proċeduri operattivi u korpi ta' tmexxija u monitoraġġ.

Suġġett

L-offerti rilevanti jirrigwardaw prinċipalment iż-żamma ta' spazji ekoloġiċi, servizzi ta' tindif u tessuti tal-ilbies tax-xogħol. Barra minn hekk, bħalissa qed jitwettag proġett pilota għax-xiri ta' prodotti tal-ikel.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-missjoni tal-punt uniku ta' servizz hija li jirrieżamina b'mod sistematiku d-dokumenti tal-akkwisti pubbliċi tal-entitajiet assoċjati bl-objettiv li jiddaħħlu u jiġu rfinati l-klawżoli soċjali. Il-klawżoli jikkonċernaw prinċipalment l-impjeg ta' persuni soċjalment żvantaġġati permezz tal-inklużjoni ta' "ħin ta' inserzjoni soċjali" speċifiku (bil-Franċiż, "Heures d'insertion", jew sigħat ta' xogħol imwettqa minn persuni li jeħtieġu assistenza soċjali) bħala klawżoli ta' prestazzjoni soċjali f'kuntratti pubbliċi.

Ir-rwol tal-faċilitatur fil-proċess tal-akkwist jista' jiġi suddiviż fi tmien stadji:

1. Japprova klawżoli soċjali fil-programm għal akkwisti pubbliċi futuri.
2. Jidentifika lottijiet xierqa għall-klawżoli soċjali u jikkalkula l-ammont ta' "ħin ta' inserzjoni soċjali" eliġibbli għat-twertiq tal-kuntratt.
3. Jassisti fl-abbozzar ta' klawżoli rilevanti fl-akkwist. Il-punt uniku ta' servizz jappoġġa lill-awtoritajiet kontraenti u lill-offerenti, filwaqt li jiżgura proċess miftuħ, newtrali u trasparenti.
4. Jinforma lill-intrapriżi rilevanti u jistedinhom biex jagħmlu offerti. L-appoġġ għall-offerenti huwa limitat għall-assistenza u l-informazzjoni amministrattiva u burokratika u huwa disponibbli għall-offerenti interessati kollha.
5. Jipparteċipa fil-laqgħa ta' tnedija għall-akkwist rilevanti, billi jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar il-klawżoli soċjali.
6. Jassisti lill-intrapriżi fil-proċedura ta' applikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-klawżoli soċjali u l-inklużjoni tal-ħinijiet ta' inserzjoni skont il-kuntratt.
7. Isegwi u jimmonitorja l-applikazzjoni tas-"sigħat ta' inserzjoni soċjali" meħtieġa.
8. Jagħmel il-valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-azzjoni meħuda.

Objettiv tal-politika soċjali u / jew standards ta' referenza

Permezz tal-ħidma tagħha, is-CDA għandha l-għan li tgħaqqad u tiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-intrapriżi offerenti fl-applikazzjoni u fit-tweġġ tal-klawżoli soċjali fil-kuntratti tagħhom. Il-klawżoli soċjali implimentati jiffavorixxu tnaqqis fir-rati tal-qgħad, speċjalment għall-gruppi żvantaġġati. Il-klawżoli jiġu inklużi fl-offerti għal kuntratti ta' servizzi u ta' provvista, servizzi intellettuali u strutturi għall-integrazzjoni tal-persuni permezz ta' attivitajiet ekonomiċi. Il-grupp fil-mira ta' persuni eliġibbli huwa definit mill-kodiċi tax-xogħol Franċiż, kif previst fil-linji gwida stabbiliti mill-Ministeru tal-Ekonomija dwar l-inklużjoni ta' klawżoli soċjali fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-għan ewlieni huwa li jiġu promossi l-klawżoli soċjali, jiġu involuti aktar atturi u tiġi żgurata kompetizzjoni bilanċjata u ġusta.

Ir-reklutaġġ huwa dirett jew isir disponibbli għal persuni fis-servizzi nazzjonali tal-impjegi permezz ta' sottokuntrattar jew k-kuntrattar.

Verifika

Il-persunal tal-punt uniku ta' servizz jimmonitorja b'mod regolari t-tweġġ tax-xogħol u l-applikazzjoni tal-hekk imsejħa "sigħat ta' inserzjoni soċjali" billi jagħmel żjarat fuq il-post u kontrolli regolari mill-persunal amministrattiv tiegħu. Il-persunal tas-CDA jwettaq żjarat regolari fuq il-post fl-intrapriża rebbieħa biex jivverifika l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri maqbuli fil-kuntratt. Is-CDA tettaq ukoll kontrolli regolari fuq il-materjal amministrattiv.

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-tweġġ ta' kuntratt tad-Direttiva 24/14/UE.
- L-Artikolu 5213-13 dwar workshops protetti u l-Artikolu 5132-4 dwar ditti għal persuni b'diżabilità u żvantaġġati tal-kodiċi tax-xogħol Franċiż.

Atturi

- Awtorità Kontraenti: il-konsorzju tas-CDA, li jinkludi:
 - Il-Muniċipalità ta' La Rochelle
 - Greater La Rochelle - unità amministrattiva li lilha 28 muniċipalità lokali tar-reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine ddelegaw ċerti kompetenzi ta' politika
 - Il-fornitur tal-akkomodazzjoni soċjali Atlantic Aménagement
 - L-Uffiċċju tal-Akkomodazzjoni Pubblika tal-Greater La Rochelle
 - Port Atlantique La Rochelle, li ngħaqad b'ħala l-ħames sieħeb fl-2018
- Entitajiet oħra affettwati mill-ħidma tas-CDA huma:
 - Is-servizzi lokali tal-impjegi
 - L-intrapriżi soċjali appoġġati biex jagħmlu offerta għal kuntratti pubbliċi u l-impjegati tagħhom

Impatti soċjali

Fl-2018, il-punt uniku ta' servizz ipprova 64,326 "siegħa ta' inserzjoni soċjali", li huwa ekwivalenti għal 40 kuntratt ta' impjieg full-time, matul it-tweġġ ta' diversi kuntratti pubbliċi tal-awtoritajiet kontraenti sħab. Is-suċċess tal-inizjattiva jista' jiġi mmarkat mill-fatt li l-ammont ta' sigħat fl-2018 juri żieda ta' 70 % meta mqabbel mal-2017.

Pereżempju, fl-2018, 205 persuni (persuni li ilhom żmien twil ifittxu impjieg, benefiċjarji tal-RSA, eċċ.) ħadmu fil-kuntest ta' kuntratti ta' servizz għat-tindif; minn dawn, 25 % tal-parteċipanti kellhom anqas minn 26 sena. 34 kuntratt ta' kostruzzjoni, rinnovazzjoni u servizzi soċjali inkludew klawżoli soċjali, b'228 lott u 104 kumpaniji japplikaw "sigħat ta' inserzjoni soċjali". Il-biċċa l-kbira tal-kuntratti ta' impjieg (90 %) mogħtija b'riżultat ta' dawn l-akkwisti kienu jinkludu "sigħat ta' inserzjoni soċjali".

Benefiċċji oħra

Biex tizzied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-aspetti soċjali u l-involviment tal-intrapriżi u l-ħaddiema, il-punt uniku ta' servizz żviluppa ħames premijiet:

- Il-premju għall-aħjar żvilupp tal-karriera (għall-ħaddiema)
- Il-premju għall-prestazzjoni fl-istudju u x-xogħol (bil-Franċiż, "Prix de l'Alternance") (għall-ħaddiema)

- Il-premju għall-impenn soċjali (għall-intrapriżi)
- Il-premju għall-aktar impjeg sostenibbli (għall-intrapriżi)
- Premju speċjali għall-attivitajiet soċjali mwettqa (għall-intrapriżi)

It-tieni ċerimonja ta' premjazzjoni saret fl-2018 fl-okkażjoni tat-tieni Laqgħa tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Kamra Franċiża tal-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà ddedikata għall-klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku.

L-inizjattiva ġibdet ukoll l-attenzjoni internazzjonali: fil-Forum Globali dwar l-Ekonomija Soċjali f'Bilbao fl-2018, il-punt uniku ta' servizz ġie ppreżentat lil 1,700 parteċipant.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Fl-2018, l-Awtorità Portwali Atlantika ta' La Rochelle ngħaqdet mas-sħubija. B'riżultat ta' dan, l-akkwisti tagħha se jinkludu wkoll klawżoli soċjali mmonitorjati mill-punt uniku ta' servizz.
- Biex jżied l-involviment tiegħu fil-livell lokali, il-pass li jmiss tal-punt uniku ta' servizz se jkun li joħloq direttorju annwali tal-partijiet ikkonċernati lokali ("Annuaire des acteurs locaux"). L-ewwel abbozz ġie ppubblikat fl-2018. Il-pass li jmiss għall-punt uniku ta' servizz se jkun li l-klawżoli soċjali jiġu integrati f'aktar setturi tal-akkwist.

Kuntatti

Laurence Cesbron, Viċi Direttur, RESECO,
laurence.cesbron@resco.fr, 0241724080, (kuntatt primarju)

Axelle Chapuis, Inkarigata mill-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, Servizz tal-Impjeggi-Agglo La Rochelle, axelle.chapuis@agglo-larochelle.fr (kuntatt sekondarju),

Mireille Jassine Le Guen, Direttur, Servizz tal-Impjeggi-Agglo La Rochelle, mireille.jassin-le-guen@agglo-larochelle.fr (kuntatt sekondarju)

58. Network ta' faċilitaturi li jappoġġaw l-impjeg ta' persuni żvantaġġati permezz tal-akkwist pubbliku fir-reġjun tal-Grand-Est (Franza)

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Conseil Régional Grand-Est, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-faċilitaturi huma atturi ewlenin fl-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fir-Reġjun Franċiż ta' Grand-Est. Billi jaġixxu bħala intermedjarji, il-faċilitaturi jgħabblu l-ambizzjoni soċjali tal-awtoritajiet kontraenti mal-possibbiltajiet offruti mill-operaturi li jieħdu sehem fis-swieq tal-akkwist pubbliku.

L-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli mill-awtoritajiet kontraenti fir-reġjun tiegħu forom differenti. Madankollu, flimkien mal-promozzjoni ta' kuntratti riżervati u l-qsim fl-ottimizzazzjoni, l-użu tal-klawżoli dwar l-impjegji bħala kundizzjonijiet għat-tweqqif ta' kuntratt jintuża bħala strument ewleni għall-promozzjoni tal-inklużjoni fix-xogħol ta' persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol. Biex jappoġġaw dan il-għan, il-faċilitaturi għandhom rwol kruċjali fil-mobilizzazzjoni u l-akkumpanjament tal-atturi differenti li jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' tali klawżoli dwar l-impjegji bis-saħħa tar-rabtiet tagħhom ma' gruppi żvantaġġati. Dawn l-atturi jinkludu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, is-servizzi tal-impjegji (maisons d'emploi), is-servizzi soċjali (Plans Locaux pour l'Insertion et l'Emploi) jew l-NGOs, fost oħrajn.

Fil-preżent, in-network ta' faċilitaturi fil-Grand-Est jikkonsisti f'aktar minn 30 membru tal-persunal li jaħdmu madwar ir-reġjun f'kooperazzjoni u djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet kontraenti (kunsill reġjonali, muniċipalitajiet, eċċ.) u l-organizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq. In-network ta' faċilitaturi huwa ffinanzjat mill-awtorità reġjonali, il-muniċipalitajiet u awtoritajiet u servizzi pubbliċi oħra fir-reġjun.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-faċilitaturi għandhom funzjonijiet differenti li jkopru ċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist. B'mod partikolari, il-faċilitaturi jikkontribwixxu għat-tfassil tal-akkwist pubbliku b'mod aktar soċjali.

Ippjanar u tfassil fit-tul tal-proċeduri

- Il-ħidma bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-faċilitaturi hija msejsa fuq ippjanar fit-tul tal-opportunitajiet ta' impjeg għall-persuni żvantaġġati permezz tal-akkwist pubbliku u l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet kontraenti. Il-faċilitaturi jżuru lill-awtoritajiet kontraenti fir-reġjun fuq bażi regolari u jiddiskutu l-pjanijiet ta' akkwist pubbliku għall-futur (normalment matul is-sena jew sentejn li jmiss). Din il-perspettiva fit-tul tippermetti lill-faċilitaturi jimmappjaw l-opportunitajiet li għejjin, jidentifikaw ħtiġijiet speċifiċi (jiġifieri setturi, tipi ta' okkupazzjonijiet, kompiti, ħtiġijiet ta' taħriġ, għadd ta' sigħat), u jipprovdu lis-suq skont dan.
- Bis-saħħa tal-għarfien u l-konnessjoni mill-qrib tagħhom mar-realtà fuq il-post, il-faċilitaturi jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tfassil ta' proċeduri ta' kuntrattar waqt li jkunu għadhom qed jiġu ddisinjati. Pereżempju, il-faċilitaturi jipprovdu informazzjoni ewlenija dwar gruppi eliġibbli, servizzi li jistgħu jkunu soġġetti għal klawżoli dwar l-impjegji u ammonti ta' xogħol raġonevoli (kalkolu tal-volumi ta' sigħat).

Antiċipazzjoni

- Tiġi applikata perspettiva fit-tul ukoll fir-relazzjoni bejn il-faċilitaturi, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u atturi oħra involuti fl-impjegji inklużivi. Dan jgħin biex jiġu antiċipati t-talbiet ta' ħiliet u l-ħtiġijiet ta' taħriġ li jiżguraw il-konformità b'suċċess mal-klawżoli dwar l-impjegji u jipromwovu sinerġiji bejn l-atturi kif xieraq (jiġifieri s-servizzi tal-impjegji u l-fornituri tat-taħriġ).
- Il-faċilitaturi jidentifikaw ukoll il-ħtiġijiet ta' kapaċità. Il-faċilitaturi jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw l-operaturi b'potenzjal li jaċċessaw is-swieq tal-akkwist pubbliku, bħala offerenti jew bħala organizzazzjonijiet/servizzi li jirreferu lill-impjegati, iżda li ma għandhomx l-għarfien jew il-kapaċità biex jagħmlu dan. Biex jindirizzaw dawn il-lakuni, l-awtoritajiet kontraenti jipprovdu taħriġ imfassal apposta għall-ħtiġijiet u għall-atturi identifikati mill-faċilitaturi. It-taħriġ għandu approċċ estremament Prattiku u għandu l-għan li jappoġġa lill-offerenti potenzjali biex "jaqraw" is-sejnhiet b'mod xieraq u jwieġbu għar-rekwiżiti b'mod effettiv. Taħriġ bħal dan jista' jittratta wkoll wara l-akkwist, u juri lill-offerenti li ma jkunux intgħażlu kif jevitaw li jirrepetu l-iżbalji li jkunu saru fil-passat.

Akkumpanjament

- Il-faċilitaturi jakkumpanjaw lill-operaturi ekonomiċi u lill-awtoritajiet kontraenti matul iċ-ċiklu sħiħ tal-akkwist. Il-konnessjoni u d-djalogu bejn l-awtoritajiet kontraenti, il-faċilitaturi u l-operaturi huma kontinwi. Dan ikopri l-identifikazzjoni ta' offerenti potenzjali, l-appoġġ fl-abbozzar ta' proposti u jista' jestendi sal-fażi ta' monitoraġġ tal-kuntratt, billi jservi ta' medjatur bejn iż-żewġ partijiet u jappoġġa l-prestazzjoni tajba tal-operatur jekk jinqalgħu kwistjonijiet matul it-twettiq tal-kuntratt.

Filwaqt li r-rwol tal-faċilitaturi huwa ċentrali għall-mobilizzazzjoni ta' atturi b'mentalità soċjali, l-awtoritajiet kontraenti ħadu azzjonijiet komplementari b'għan simili. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kontraenti jorganizzaw avvenimenti ta' networking tat-tip ta' speed-dating madwar ir-reġjun bil-għan li jiddied l-għarfien reċiproku bejnhom u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Dawn l-avvenimenti, imsejħa ESSpresso, huma mmirati lejn il-promozzjoni tal-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mill-operaturi tal-ekonomija soċjali. Bis-saħħa tal-għarfien miksub, is-sessjonijiet għandhom it-tendenza li jiskattaw attività ta' akkwist mill-awtoritajiet kontraenti. L-informazzjoni tingħata lura wkoll lill-faċilitaturi, li jinkluduha fil-ġabra tal-għarfien tagħhom.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Jiġu pprovduti opportunitajiet għall-impjeg sostenibbli lil persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali.
- Jiġi promoss l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mill-operaturi tal-ekonomija soċjali.
- Jitwessa' l-ispazju għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli billi jiġu żgurati t-twessigħ tal-interazzjonijiet u l-fehim bejn l-awtoritajiet kontraenti, l-offerenti potenzjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħas-servizzi pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- Tiddied il-firxa ta' servizzi, kompiti u profili tal-impjegati li jistgħu jibbenefikaw minn klawżoli dwar l-impjegati

Strument

- L-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati u l-Artikolu 40 dwar il-konsultazzjonijiet preliminari tas-suq.
- L-awtoritajiet kontraenti pubbliċi fi Franza li jakkwistaw aktar minn EUR 100 miljun fis-sena, bħall-awtorità reġjonali tal-Grand-Est, huma obbligati jadottaw u jippubblikaw strateġija għall-promozzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u ekoloġiku, l-hekk imsejħa SPASER (Schéma de promotion des achats publics socialement et écologiquement responsables). Dan l-obbligu huwa riżultat tal-liġijiet Franċiżi 2014-856 dwar l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà (l-Artikolu 13) u 2015-992 dwar it-tranżizzjoni enerġetika għat-tekabbir ekoloġiku (l-Artikolu 76). L-ISPASER fil-Grand-Est stabbiliet il-promozzjoni tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli bħala prijorità u tqis in-network ta' faċilitaturi bħala ċentrali biex jintlaħaq dan il-għan.

Atturi

- Referenza ġenerali għall-SRPP fost l-awtoritajiet kontraenti fir-reġjun: Il-Kunsill Reġjonali tal-Grand-Est.
- L-awtoritajiet kontraenti fi ħdan ir-reġjun (il-Kunsill reġjonali nnifsu, il-muniċipalitajiet, is-servizzi pubbliċi, eċċ.).
- Il-faċilitaturi, li jaġixxu bħala intermedjarji bejn l-awtoritajiet kontraenti, l-operaturi ekonomiċi u l-partijiet interessati sabiex jippermettu l-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.
- L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.
- L-atturi l-oħra kollha marbuta mal-promozzjoni tal-inklużjoni fix-xogħol fost il-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol.
- Il-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol.

Impatti soċjali

- In-network ta' faċilitaturi u l-strateġija ġenerali għall-promozzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fir-reġjun ippromwew l-inklużjoni fl-impjeg ta' persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol. B'riżultat ta' dawn l-azzjonijiet, il-firxa ta' kompiti u servizzi mwettqa taħt dawn id-dispożizzjonijiet espandiet b'mod konsiderevoli, minn

servizzi tipiċi, b'hall-ġardinaġġ, il-konstruzzjoni u forom oħra ta' xogħol manwali, għal dawk intellettuali, parzjalment b'riżultat tal-grupp kbir ta' zghażaġh kwalifikati f'riskju ta' esklużjoni. Iż-żieda fil-possibiltajiet biddlet il-mentalità tal-awtoritajiet kontraenti u l-ideat tagħhom ta' dak li huwa fattibbli bl-SRPP.

- L-integrazzjoni tal-klawżoli dwar l-impjiegi ġiegħlet lill-impjegaturi jfittxu profili differenti ta' impjegati għat-tweqqig ta' kuntratti pubbliċi. Il-faċilitaturi kienu kruċjali biex iqabblu din id-domanda dejjem tiżdied għal impjiegi inklużivi mal-provvista disponibbli fl-Intrapriżi Soċjali tal-Integrazzjoni fix-Xogħol (WISEs), fis-servizzi tal-impjiegi u soċjali jew fl-NGOs li joperaw fir-reġjun.
- L-ippjanar fit-tul tal-akkwist pubbliku huwa kruċjali biex dawn il-ħtiġijiet jiġu allinjati mal-azzjonijiet ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet fir-reġjun. Jekk ikun hemm idea ċara tal-ħtiġijiet tal-ħiliet fuq perjodu fit-tul biex jitwettqu l-kuntratti, ikunu jistgħu jiġu stabbiliti azzjonijiet u objettivi ta' titjib tal-ħiliet kif meħtieġ. B'riżultat ta' dan, dan jiskatta sinerġiji bejn atturi u partijiet ikkonċernati differenti u jippermetti l-investiment f'azzjonijiet ta' taħriġ b'perspettiva fit-tul.
- L-ippjanar ġenerali tal-akkwist pubbliku jiffavorixxi wkoll il-mutwalizzazzjoni tal-opportunitajiet ta' inklużjoni fix-xogħol, meta l-impjegati jkunu jistgħu jaħdmu f'kuntratti differenti u b'riżultat ta' dan ikollhom mogħdijiet stabbli ta' inklużjoni fix-xogħol.
- Il-faċilitaturi kienu kruċjali għall-iżvilupp ta' sħubijiet bejn l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u n-negozji ġenerali. Minn naħa, dawn is-sħubijiet jgħinu lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jaċċessaw is-swieq tal-akkwist pubbliku. Min-naħa l-oħra, huma jistgħu jgħinu wkoll lin-negozji ġenerali biex jimplementaw il-konsiderazzjonijiet soċjali li jinsabu fil-proċeduri.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Huwa kruċjali li l-Awtorità Reġjonali u l-faċilitaturi jaġġornaw ir-relazzjoni tagħhom mal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u mal-organizzazzjonijiet ċentrali tagħhom b'mod regolari. Dan huwa kruċjali biex wieħed ikun konxju ta', u jiffhem, iż-żieda ta' atturi, mudelli ta' negozju u possibiltajiet ġodda għas-swieq tal-akkwist pubbliku. Min-naħa tiegħu, dan huwa kruċjali wkoll biex wieħed jiffhem kif il-fornituri jesperjenzaw il-konsiderazzjonijiet soċjali u jekk ikunux meħtieġa aġġustamenti. Dan huwa parti mix-xogħol ta' kuljum tal-faċilitaturi, iżda jkun meħtieġ approċċ aktar sistematiku.
- Element kruċjali tal-interazzjonijiet regolari tal-faċilitaturi mal-partijiet rilevanti kollha għandu x'jaqsam mal-esplorazzjoni ta' attivitajiet, servizzi u kompiti ġodda fejn ikunu applikabbli l-klawżoli dwar l-impjiegi. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu jaġixxu b'ħala lieva għall-iżvilupp ta' attivitajiet tal-ekonomija soċjali lil hinn mis-settur aktar tradizzjonali.

Kuntatt

Is-Sur Hervé Formell, RTES / Conseil Régional Grand-Est, Kap tal-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli, Herve.Formell@grandest.fr

59. Żvilupp ta' klawżoli ta' inklużjoni soċjali fis-swieq tal-akkwist pubbliku ta' Grand Paris Sud Est Avenir (Franza)

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Grand Paris Sud Est Avenir (GPSEA) -Établissement Public Territorial de la Métropole du Grand Paris, Franza

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Grand Paris Sud Est Avenir kellha strateġija dwar l-akkwist pubbliku minn tmiem l-2017, immirata lejn l-ippjanar tal-proċeduri ta' kuntrattar f'kull fażi sabiex jiġu identifikati, immonitorjati u mkejla opportunitajiet konkreti biex jinkisbu impatti soċjali, ambjentali u finanzjarji mill-akkwist pubbliku. L-istrateġija hija bbażata fuq 5 oġġettivi ewlenin:

- L-effiċjenza tal-infiq pubbliku, permezz ta' proċeduri ta' akkwist ibbażati mhux biss fuq il-konformità legali, iżda wkoll fuq approċċ ekonomiku bbażat fuq il-kostijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja.
- L-inklużjoni soċjali, permezz ta' inklużjoni ta' konsiderazzjonijiet soċjali, kriterji soċjali jew kuntratti riżervati.
- It-tnaqqis fl-impatt ambjentali, imsejjes fuq enfasi akbar fuq il-kwalità tal-prodotti u l-materjali u attenzjoni akbar għall-proċessi ta' produzzjoni li jintegraw il-kriterji ambjentali fis-swieq pubbliċi.
- Il-promozzjoni ta' aċċess akbar għas-swieq tal-akkwist pubbliku minn intrapriżi mikro, żgħira u medji, permezz ta' proċeduri simplifikati fl-istadju tal-offerti.
- Appoġġ akbar għall-innovazzjoni imsejjes fuq it-tmexxija tal-awtoritajiet pubbliċi fil-promozzjoni u l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u territorjali.

L-akkwist pubbliku huwa lieva għall-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi, speċjalment fir-rigward tal-inklużjoni soċjali. B'riconoxximent ta' dan, il-GPSEA ddeċidiet li timmobilizza l-għażliet differenti magħmula disponibbli mil-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-akkwist pubbliku biex tippromwovi l-aċċess għall-impjiegi għall-persuni kollha fiż-żona metropolitana, b'mod partikolari minn dawk li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol.

Għal dan il-għan, il-GPSEA taħdem fi sħubija mill-qrib mal-faċilitatur tagħha tal-klawżoli soċjali, Association Pôle Compétence Initiative (P.C.I. 94), biex tintegra d-dispożizzjonijiet soċjali b'enfasi fuq l-impjiegi fil-proċeduri ta' kuntrattar.

Il-GPSEA bdiet l-approċċ strateġiku għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli bl-elaborazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku li jelenka l-proċeduri kollha li għandhom jitnedew matul sena partikolari. Din il-lista tiġi kondiviża mal-faċilitatur, li jfittex li jqabbel il-ħtiġijiet tal-akkwist mal-ħtiġijiet ta' inklużjoni soċjali u fix-xogħol li jkun identifiċat fit-territorju.

Ir-rwol tal-faċilitatur huwa kruċjali fl-identifikazzjoni tal-gruppi fil-mira għall-inklużjoni, il-ħiliet u l-kompetenzi disponibbli u fil-valutazzjoni tal-potenzjal tal-akkwist pubbliku li jirrispondu għal dawn bis-saħħa tal-fehim aħjar tagħhom tal-ħtiġijiet soċjali fuq il-post. B'riżultat ta' dan, l-ispazju għal akkwist pubbliku soċjalment responsabbli huwa aktar wiesa' milli kieku l-awtorità kontraenti fittxet li timplimenta l-konsiderazzjonijiet soċjali waħedha.

Suġġett

Pereżempju, dan l-approċċ intuża mill-GPSEA biex tindirizza l-akkwist ta' loġġob u ġugarelli fin-network ta' libreriji tal-media u l-ġugarelli fir-reġjun.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Din il-proċedura tnediet f'Ġunju 2018 u ġiet ippubblikata online fuq AchatPublic.com. Il-kuntratt kien maqsum f'erba' lottijiet, li wieħed minnhom kien riżervat għall-operaturi ekonomiċi li jimpjegaw persuni b'diżabilità (Établissement et service d'aide par le travail, ESAT) jew persuni f'sitwazzjonijiet żvantaġġati (structures d'insertion par l'activité économique, SIAE). Qabel dan, il-faċilitatur kien wettaq xi xogħol ta' preakkwist biex jesplora kandidati potenzjali fost l-operaturi tal-ekonomija soċjali.

Il-kuntratt ingħata lil Rejoué, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tmexxi intrapriża soċjali għall-inklużjoni fix-xogħol (WISE). Rejoué implimentat b'suċċess approċċ uniku għall-integrazzjoni fix-xogħol ta' persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieg tax-xogħol f'Île-de-France, ibbażat fuq perkorsi individwalizzati lejn impjieg sostenibbli għal gruppi differenti f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Rejoué impjegat 212-il persuna mill-2012. L-attività tagħha hija bbażata fuq il-għbir, it-tindif, it-tiswija u l-bejgħ ta' ġugarelli użati. Minbarra l-oġġetti soċjali tagħha, Rejoué tikkontribwixxi wkoll għas-sostenibbiltà ambjentali billi tnaqqas l-iskart u tippromwovi l-użu mill-ġdid.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- Tiġi inkoraġġita l-integrazzjoni ta' persuni li jinsabu 'l bogħod mill-impjieg permezz ta' kuntratt riżervat għad-WISEs biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fl-impjegi fit-territorju.
- Jiġi promoss aċċess akbar għall-akkwist pubbliku minn atturi li jitttrattaw gruppi żvantaġġati speċifiċi.

Valur tal-kuntratt

Il-valur massimu tal-kuntratt dwar il-ġugarelli (erba' lottijiet) huwa ta' EUR 164,000 fuq erba' snin. Il-lott riżervat għandu valur ta' EUR 12,000 fuq erba' snin.

Il-valur approssimattiv tal-kuntratti kollha mnedija mill-GPSEA li fihom klawżoli soċjali huwa ta' EUR 2 miljun fis-sena.

Strument


- L-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Din id-dispożizzjoni hija minquxa fil-leġiżlazzjoni Franċiża bħala l-Artikolu L2113 tal-Kodiċi tal-Akkwist Pubbliku, li jstabbilixxi 50 % bħala l-perċentwal minimu ta' ħaddiema b'diżabilità jew żvantaġġati).

Atturi

- Awtorità kontraenti: Grand Paris Sud Est Avenir.
- L-assoċjazzjoni tal-Pôle Compétence Initiative 94 bħala faċilitatur, li taġixxi bħala intermedjarju bejn l-awtorità kontraenti, l-operaturi ekonomiċi u l-partijiet ikkonċernati, biex tippermetti l-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u, b'mod partikolari, l-integrazzjoni ta' persuni żvantaġġati fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti.
- L-Intrapriża Soċjali tal-Integrazzjoni fix-Xogħol li jimpjegaw gruppi fil-mira differenti, bħal persuni b'diżabilità (ESAT) jew gruppi żvantaġġati oħra (SIAE).
- In-negozji ġenerali, li huma f'kuntatt mill-qrib mal-faċilitaturi biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-klawżoli dwar l-impjegi meta jiġu inklużi fil-proċeduri, billi jirreferu lill-impjegati u jimmonitorjaw eżekuzzjoni adegwata tal-kuntratti.

Impatti soċjali

- Bejn l-2016 u l-2018, il-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinkludu klawżoli soċjali mmirati lejn il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni kollha rduppjaw fil-GPSEA. Żieda bħal din turi s-suċċess dejjem jikber tal-awtoritajiet kontraenti fl-użu tal-akkwist pubbliku bħala għodda biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali u ta' inklużjoni fix-xogħol fiż-żona metropolitana ta' Grand Paris.
- Il-graff ta' hawn taħt turi l-għadd ta' kuntratti maħruġa bi klawżoli soċjali (jiġifieri kundizzjonijiet għat-tweqqif, kriterji tal-għażla, kuntratti riżervati jew oħrajn)



Sors: GPSEA

- Il-GPSEA hija impenjata li tiżviluppa l-potenzjal sħiħ tagħha permezz ta' proġetti ambizzjużi li jittrattaw l-infrastrutturi tat-trasport u tal-mobilità (bħal Teléval, Tégéval, Altival), l-infrastrutturi tan-negozju (bħal Ballastière Nord, Duvauchelle Est fi Créteil - l-istabbiliment tal-Maison du Handball) jew ix-xogħlijiet pubbliċi tal-Grand Paris Express (pereżempju, ligne sud 15).
- Proġetti bħal dawn jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' opportunitajiet għall-akkwist pubbliku biex jiġu ingranati f'liet u profili ġodda jew mhux użati fil-klawżoli dwar l-impjegi u l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli b'mod ġenerali (eż. attivitajiet b'livell għoli ta' f'liet/intellettwali, servizzi amministrattivi, servizzi ta' manutenzjoni, kostruzzjoni u rinnovazzjoni jew manutenzjoni ta' bini pubbliċi u monumenti).

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- L-approċċ żviluppaw mill-GPSEA huwa applikabbli għall-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u territorjali kollha. L-awtoritajiet kontraenti għandhom isejsu l-ambizzjoni tagħhom li jimplementaw akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fl-ippjanar fit-tul tal-proċeduri. L-antiċipazzjoni tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jivvalutaw l-opportunitajiet aħjar u l-fattibbiltà tal-konsiderazzjonijiet soċjali f'kull proċedura. L-antiċipazzjoni hija fundamentali għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' akkwist, li huma kruċjali biex jinftiehem il-potenzjal ta' setturi speċifiċi (operatori tal-ekonomija soċjali, WISEs) u biex jiġu integrati l-konsiderazzjonijiet soċjali skont dan.
- Għal dan il-għan, il-faċilitaturi jirrappreżentaw strument ewlieni biex jiġi appoġġat it-tqabbil tal-ħtiġijiet tal-kuntrattar u tal-inklużjoni soċjali, inkluż permezz ta' assistenza biex jiġu abbozzati r-rekwiżiti tal-proċeduri.
- Fuq perjodu fit-tul, se jkun kruċjali li tiġi estiża l-firxa ta' gruppi fil-mira li jibbenefikaw minn konsiderazzjoni soċjali (u b'mod partikolari klawżoli dwar l-impjegi), pereżempju, lejn is-settur tas-servizzi.

Kuntatt

Is-Sinjura Aurore CARO, Kap tal-Akkwist tal-Proġetti, Grand Paris Sud Est Avenir
acar@gpsea.fr, +33 141943197

60. Protokoll għall-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli f'Girona imsejjes fuq appoġġ politiku u sħubija bejn il-partijiet ikkonċernati

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż

Il-Municipalit  ta' Girona, Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Politika- ġardinaġġ, tindif, ġbir tal-iskart, u oħrajn skont kull kuntratt.

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Protokoll għall-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli fil-Municipalit  ta' Girona ġie mgħoddi fit-13 ta' Ottubru 2014 bl-objettiv li jiġu promossi kuntratti riżervati u konsiderazzjonijiet soċjali, b'mod partikolari klawżoli dwar l-impjegji, fil-proċeduri ta' kuntrattar immedija mill-awtorit  lokali. Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ġew adattati fuq  ames snin u integraw formalment id-dispożizzjonijiet soċjali l-ġodda inklużi fil-liġi Spanjola li tittrasponi d-Direttiva 2014/24/UE dwar l-Akkwist Pubbliku. Il-Protokoll huwa disponibbli [hawnhekk](#) (bil-Katalan).

Fil-każijiet kollha, l-għan huwa li jkun hemm aċċess akbar għall-impjegji minn persuni qiegħda fit-tul u persuni li jappartjenu għal gruppi żvantaġġati oħra, bħal nisa li kienu vittmi ta' vjolenza sesswali jew domestika, zġhażagħ li ġejjin minn ambjenti ta' għajxien protetti, persuni li jesperjenzaw il-faqar u persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali minħabba l-faqar fost dawk li jaħdmu u forom oħra ta' prekarjet .

Il-Protokoll jistabbilixxi t-tip ta' kuntratti li se jkunu riżervati għall-workshops protetti, għall-intrapriżi soċjali tal-inklużjoni fix-xogħol (WISEs) u għal tipi oħra ta' operaturi tal-ekonomija soċjali li jimmiraw għall-inklużjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'forom differenti ta' żvantaġġ. Il-Protokoll jistabbilixxi wkoll allokazzjoni ta' mill-anqas 4 % tal-nefqa lokali globali fuq oġġetti u servizzi għall-kuntratti riżervati. Dan l-ammont ma għandux ikun anqas minn EUR 1,740,000 fis-sena f'kull każ.

Il-Protokoll jistabbilixxi wkoll li f'kuntratti ta' servizzi b'valur ta' aktar minn EUR 65,000 fis-sena, l-offerent magħżul huwa meħtieġ li jalloka mill-anqas 5 % tal-ħtiġijiet ta' impjegġ għat-tweġġ tal-kuntratt lil persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieg tax-xogħol jew li jiffaċċjaw forom oħra ta' zvantagġ³⁹. Is-servizzi lokali tal-impjegġi u dawk soċjali jaħdmu fi sħubija mal-fornituri biex jirreferu lill-ħaddiema u jivvalutaw b'mod konġunt l-adegwatezza tagħhom għal kull kuntratt inkwistjoni. L-istess approċċ jiġi segwit għall-forom kollha ta' akkwist pubbliku. Għalhekk, il-Protokoll japplika wkoll għal kuntratti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet b'valur ta' EUR 250,000 jew aktar.

Biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Protokoll u l-progress tiegħu, il-Municipalit  stabbiliet Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli b'rappreżentanti mill-awtoritajiet lokali (bejn il-partiti), l-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet tan-negozju, it-trade unions u l-prattikanti tal-akkwist.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-Protokoll jimplementa akkwist pubbliku soċjalment responsabbli permezz tal-pilastri li ġejjin:

- Kuntratti riżervati: il-kuntratti soġġetti għal riżerva jittrattaw firxa wiesgħa ta' attivitajiet u jinkludu, fost l-oħrajn, is-servizzi ta' manutenzjoni, is-servizzi postali, is-servizzi ta' tindif u  asil tal-ħwejjeġ, il-catering, il-ġbir u t-trasport tal-iskart, l-arti grafika u forom oħra ta' servizzi ta' appoġġ għall-amministrazzjoni lokali.

³⁹ Il-gruppi eliġibbli huma elenkati fil-Protokoll (l-Artikolu 6) u jinkludu: a) riċevituri ta' introjtu minimu; b) persuni b'diżabilit ; c) nisa li kienu vittmi ta' vjolenza sesswali jew domestika; d) zġhażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena li kienu taħt protezzjoni tat-tfal; e) trasgressuri b'intitolament legali għax-xogħol u eks-trasgressuri matul l-ewwel 12-il xahar wara r-rilaxx; f) persuni bi problemi ta' abbuż ta' sustanzi jew b'forom oħra ta' dipendenza li fil-preżent ikunu qed jirċievu kura; g) persuni li ma humiex eliġibbli għal introjtu minimu u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali; h) persuni ta' aktar minn 45 sena li ilhom qiegħda għal mill-anqas sentejn.

- Kundizzjonijiet tat-twerttiq: normalment fil-forma ta' klawżoli dwar l-impjegati (applikabli għall-gruppi fil-mira spjegati hawn fuq).
- Kriterji għall-għoti: ishma akbar (jiġifieri lil hinn mill-5 % meħtieġa) ta' impjegati li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol se jiġu ponderati bejn 5 % u 10 % fil-kriterji għall-għoti.
- Standards tax-xogħol deċenti: minbarra l-klawżoli soċjali obbligatorji marbuta mal-osservanza tal-istandards tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabli, il-Protokoll enfażizza l-konformità ma' standards tax-xogħol deċenti u ma' ftehimiet kollettivi f'setturi speċifiċi fejn ir-riskji ta' nuqqas ta' konformità huma ogħla. F'dan ir-rigward, il-Protokoll kellu rwol ewlieni fl-indirizzar ta' kwistjonijiet fil-forniment tas-servizzi ta' kura fid-dar u saħħaħ il-kontroll tas-"solvenza soċjali" tal-kuntratturi f'dan is-settur permezz ta' monitoraġġ u spezzjoni msaħħa tal-prestazzjoni.

Il-proċeduri ta' kuntrattar kollha għandhom ifittxu li jinkludu kwalunkwe forma tal-klawżoli soċjali msemmija hawn fuq. Madankollu, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu kontra dan jekk in-natura ta' kuntratt ma tagħmilhiex possibbli li jsir dan. F'dawn il-każijiet, id-dokumenti tal-offerti għandhom jinkludu ġustifikazzjoni dwar ir-raġunijiet għal dan.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Permezz tar-rekwiżiti msemmija hawn fuq, il-Muniċipalità ta' Girona għandha l-għan li:

- Iżżid l-aċċess għall-impjegati għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali.
- Toħloq ambjent favorevoli għall-impjegati u kundizzjonijiet tax-xogħol li jagħmluha possibbli għall-persuni kollha li jagħmlu d-drittijiet soċjali u tax-xogħol tagħhom effettivi.
- Iżżid l-aċċess għall-akkwist pubbliku mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

Valur tal-kuntratt

Permezz ta' kuntratti riżervati, fuq ħames snin ingħataw EUR 10,700,707 lil sitt workshops protetti u żewġ intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol.

Strument

- L-Artikolu 18(2) dwar il-klawżola soċjali obbligatorja, l-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati, l-Artikolu 67 dwar il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt u l-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twerttiq ta' kuntratt marbuta mal-impjieg jew ma' klawżoli soċjali oħra tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Girona, f'approċċ ikkoordinat fost id-dipartimenti u s-servizzi differenti tagħha, bħall-akkwist pubbliku, l-impjegati lokali u s-servizzi soċjali.
- Is-sħab soċjali, l-operaturi tal-ekonomija soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħala offerenti.
- L-impjegati, inklużi persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol u li jappartjenu għal gruppi żvantaġġati differenti.
- Il-Kumitat għall-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli, li jorganizza laqgħat fuq bażi regolari u jimmonitorja, jevalwa u jipproponi azzjonijiet ġodda fil-qasam.

Impatti soċjali

- Mill-2014 sal-2019, 75 persuna f'riskju ta' esklużjoni soċjali u/jew 'il bogħod mis-swieq tax-xogħol ġew impjegati fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti riżervati mnedija skont ir-rekwiżiti tal-Protokoll.

Benefiċċji oħra

- Fuq l-esperjenza pożittiva tal-Municipalit, bħalissa għaddejja ħidma għall-ħolqien ta' Protokoll u kumitat ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fil-provinċja ta' Girona.
- Il-Kumitat muniċipali bħalissa qed jesplora l-possibilit li is-sehem tar-riżorsi allokatu jidded minn 4 % għal 7 %.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-Kumitat kien kruċjali għall-promozzjoni ta' fehim reċiproku tal-isfidi assoċjati mal-akkwist pubbliku għat-tipi differenti ta' atturi. Huwa żied l-għarfien dwar opportunitajiet ġodda għall-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (servizzi, gruppi fil-mira), ħoloq soluzzjonijiet għal kwistjonijiet rikorrenti (pereżempju, l-involvement ta' organizzazzjonijiet tan-negozju fl-indirizzar tan-nuqqas ta' konformit mal-klawżoli dwar l-impjegi), eċċ.
- Is-sensibilizzazzjoni u l-bini tal-kapaċit fost il-prattikanti huma kruċjali sabiex jinftiehem b'mod sħiħ il-potenzjal tal-operaturi tal-ekonomija soċjali li jinvolvu ruħhom fl-akkwist pubbliku u jwettqu l-oġettivi soċjali tiegħu. Element kruċjali ta' tali komunikazzjoni huwa l-preżentazzjoni tal-impatti soċjali magħmula mill-kuntratti riżervati u forum oħra ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli.
- Sħubija bejn l-operaturi tal-ekonomija soċjali: mill-2008, Caritas Girona ħadmet f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra u flimkien stabbilew il-Grupo Èxit, alleanza ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali mmirata sabiex jinħolqu sinerġiji lejn aktar opportunitajiet għall-inklużjoni fix-xogħol fost persuni b'diżabilitajiet severi u persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali fil-Belt ta' Girona u fiż-żona ta' madwarha.
- Fl-2012, sitt organizzazzjonijiet ġodda ngħaqdu mal-Grupp, li bħalissa jopera b'mod konġunt fis-suq miftuħ. Il-Grupp jaħdem mal-awtoritajiet u s-servizzi pubbliċi (bħas-Servizz Reġjonali tal-Impjegi u s-Servizzi tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Soċjali), mal-impjegaturi (inkluża l-Kamra tal-Kummerċ), kif ukoll mal-iskejjel. Barra minn hekk, huwa rappreżentat f'livell istituzzjonali bħala parti mill-Kumitat lokali dwar l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, l-aġenziji lokali għall-iżvilupp ekonomiku, it-taħriġ, eċċ.
- Benefiċċju ewlieni ta' din is-sħubija huwa l-ħolqien ta' konsorzji fost id-WISEs għall-implimentazzjoni b'mod partikolari ta' kuntratti riżervati. Dan huwa essenzjali biex tingħeleb l-atomizzazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jippermetti l-parteċipazzjoni tagħhom f'kuntratti sħaħ pjuttost milli f'lottijiet biss.

Kuntatt

Is-Sinjura Anna Güell Juanola, Segretarju Ġenerali, Associaci3 Clster Èxit Girona, aguell@caritasgirona.cat, Tel. +34 608 90 61 31

61. Memorandum ta' Qbil għall-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'diżabilità jew żvantaġġati permezz ta' kuntratti riżervati

Isem l-awtorità akkwirenti: Brescia, l-Italja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Servizzi soċjali

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) għe ffirmat fil-11 ta' Marzu 2019 mill-provinċja u l-Muniċipalità ta' Brescia, l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalità ta' Brescia, is-Segretarji Muniċipali u Provinċjali tal-Assoċjazzjoni Professjonali Nazzjonali "GB Vinghenzi", u Confcooperative Brescia. Huwa għodda għall-kooperazzjoni pubblika-privata u għall-għoti ta' kuntratti riżervati skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/24/UE u skont l-Artikolu 112 tad-Digriet Leġislattiv Taljan Nru 50/2016.

L-għan huwa li jiġi pprovduti aktar opportunitajiet ta' impjieg lil persuni b'diżabilità jew żvantaġġati u segmenti aktar dgħajfa tas-suq tax-xogħol permezz tal-involvement ta' kooperattivi soċjali tat-tip B fl-akkwist pubbliku. Il-grupp ta' ħidma konġunt magħmul mill-firmatarji tal-MtQ, li jinkludu l-provinċja u l-Muniċipalità ta' Brescia, l-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalità ta' Brescia, is-Segretarji Muniċipali u Provinċjali tal-Assoċjazzjoni Professjonali Nazzjonali "GB Vinghenzi", u Confcooperative Brescia, żviluppa sensiela ta' għodod għall-ġestjoni tal-kuntratti riżervati għall-kooperattivi soċjali tat-tip B.

L-MtQ huwa meqjus bħala importanti minħabba l-approċċ kollaborattiv tiegħu. Brescia għandha storja ta' approċċi kollaborattivi; fil-fatt, l-ewwel kooperattiva ta' solidarjetà soċjali u l-ewwel konsorzju Taljan ta' kooperattivi soċjali t-tnejn ġew stabbiliti fi Brescia, fl-1963 u fl-1983, rispettivament. Din it-tradizzjoni matul is-snin ikkontribwiet għal sistema lokali ta' politiki attivi tax-xogħol immirati lejn l-integrazzjoni fix-xogħol ta' gruppi żvantaġġati.

Hija wasslet ukoll għat-tkabbir tad-dimensjoni intraprenditorjali tal-kooperattivi soċjali tat-tip B. Id-data mill-2017 turi li hemm madwar 110 kooperattivi fit-territorju ta' Brescia li jimpjegaw madwar 1,365 persuna.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Dan l-MtQ jaffettwa l-istadju tal-akkwist. Il-kuntratti ta' akkwist pubbliku jingħataw lil kooperattivi soċjali (u l-konsorzji tagħhom) b'dawn il-karatteristiċi: esperjenza fil-ħidma ma' persuni b'diżabilità jew persuni żvantaġġati, dawn il-persuni jirrappreżentaw mill-anqas 30 % tal-impjegati fl-istruttura organizzazzjonali tagħhom, approċċ olistiku għall-integrazzjoni (jiġifieri appoġġ fuq il-post tax-xogħol, taħriġ, aċċess għas-servizzi rilevanti, monitoraġġ tal-impatt, eċċ.). L-MtQ fih ukoll strumenti li jinkoraġġixxu l-involvement tas-settur privat billi jingrana mhux biss is-soluzzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni, iżda wkoll sħubijiet pubbliċi-privati effettivi.

Id-dispożizzjonijiet tal-MtQ u tal-għodod tiegħu japplikaw bl-istess mod għall-kuntratti u għall-konċessjonijiet, kemm 'il fuq kif ukoll taħt il-limiti tal-UE. F'dan is-sens, l-MtQ ma jirreferix għal tipi speċifiċi ta' kuntratti u attivitajiet, u jħalli s-setgħa sħiħa f'idejn l-Amministrazzjonijiet biex jistabbilixxu f'liema setturi u għal liema limiti japplikawh.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-MtQ jippromwovi l-użu ta' kuntratti riżervati għal operaturi bħall-kooperattivi soċjali tat-tip B. Il-kuntratti riżervati huma mmirati lejn dawk il-kooperattivi soċjali li jinkludu persuni żvantaġġati (mill-anqas 30 % tal-impjegati). L-MtQ jippromwovi wkoll l-inklużjoni ta' kriterji għall-għoti ta' natura soċjali, bħall-impjieg, u l-użu ta' klawżoli soċjali fil-kundizzjonijiet għat-twertiq ta' kuntratt.

Verifika

Il-Grupp ta' Ħidma, magħmul mill-firmatarji tal-MtQ, għandu l-kompitu li jippromwovi u jimmonitorja l-attivitajiet kif ukoll li jelabora proposti u proċeduri speċifiċi.

Valur tal-kuntratt:

Ivarja skont il-kuntratt.

Strument

- L-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/24/UE.
- L-Artikolu 112 tad-Digriet Leġiżlattiv Taljan Nru 50/2016.

Atturi

- Awtorit  kontraenti: Il-Provinċja ta' Brescia, il-Muniċipalit  ta' Brescia
- Membri oħra tal-Grupp ta' Ħidma:
 - L-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalit  ta' Brescia
 - Is-Segretarji Muniċipali u Provinċjali tal-Assoċjazzjoni Professjonali Nazzjonali "GB Vighenzi"
 - Confcooperative Brescia

Impatti soċjali

- Mill-iffirmar tal-MtQ fl-2019, l-awtoritajiet kontraenti taw madwar tletin kuntratt riżervat b'valur totali ta' EUR 15-il miljun. Dan kien jinkludi kuntratti pubbliċi għas-servizzi ta' kustodja u manutenzjoni taċ-ċimiterji pubbliċi u taż-żoni ekoloġiċi pubbliċi.
- Il-persuni b'dizabilit  jew il-persuni żvantaġġati jiġu inklużi fis-suq tax-xogħol permezz ta' kuntratti riżervati. Dawn l-individwi jiġu appoġġati wkoll f'oqsma oħra ta' ħajjithom - inkluż li jirċievu gwida professjonali, żvilupp tal-ħiliet, u appoġġ fis-servizzi soċjali u f'każijiet ta' emerġenza.
- Permezz tal-involviment fl-akkwist pubbliku, jissaħħu l-mudelli ta' negozju tal-kooperattivi soċjali, u dan jgħin biex tiġi żgurata s-sostenibbilt  tal-programmi u tal-proġetti tagħhom.
- Il-promozzjoni tal-iżvilupp territorjali lokali tissaħħaħ permezz tal-kooperazzjoni, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u l-għarfien espert ta' entitajiet differenti, inklużi l-istituzzjonijiet pubbliċi u s-soċjet  ċivili (jiġifieri l-kooperattivi soċjali).

Benefiċċji oħra

- L-approċċ kollaborattiv adottat fl-abbozzar tat-test tal-MtQ isaħħaħ il-kooperazzjoni u s-sħubija bejn is-settur pubbliku u l-ekonomija soċjali.
- In-natura komprensiva tal-MtQ hija parti minn strateġija li fiha l-inklużjoni ta' persuni żvantaġġati hija sistematika u għandha viżjoni fit-tul.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

L-MtQ ilu fis-seħħ anqas minn sena, iżda xi riżultati diġ  huma evidenti. Il-mudell gje propost bħala linja gwida li għandha tiġi segwita għal provinċji oħra. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi fir-reġjun ta' Brescia użaw varjet  ta' għodod previsti mill-MtQ, skont il-ħtiġijiet tagħhom.

Kuntatt

Emilio Emmolo, ConfCooperative - Federsolidariet  federsolidarieta@confcooperative.it

62. Strateġija Konġunta tal-Muniċipalitajiet ta' Sodankylä u Kittilä għal Akkwist Pubbliku Responsabbli

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalitajiet ta' Sodankylä u Kittilä, il-Finlandja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-Muniċipalitajiet ta' Sodankylä u Kittilä jinsabu fir-reġjun ta' Lapland, li huwa l-akbar reġjun fil-Finlandja, u jkopri 30 % tal-erja tal-pajjiż, madankollu 3 % biss tal-popolazzjoni tgħix hemmhekk. Għal dan, Lapland huwa rikonoxxut bħala reġjun b'popolazzjoni baxxa, b'densità tal-popolazzjoni ta' 1.5 persuni għal kull kilometru kwadru. Ir-reġjun qed jiffaċċja sfidi demografiċi bl-emigrazzjoni u popolazzjoni li qed tixjieħ, barra minn hekk il-partikolaritajiet ġeografiċi tar-reġjun jissarrfu f'distanza mis-swieq Ewropej u nazzjonali. Biex jiġu miġġielda dawn l-isfidi, l-innovazzjoni soċjali hija ingranata għall-foqkien ta' approċċi innovattivi biex jissolvew l-isfidi tas-soċjetà, b'mod partikolari billi jiġi mobilizzat l-akkwist pubbliku biex tingħata spinta lill-iżvilupp soċjoekonomiku inklużiv u tiġi stimolata l-kompetittività kif ukoll l-impjeggi għall-iżvilupp u t-tkabbir tar-reġjun.

Lapland huwa wkoll wieħed mir-reġjuni li huma parti mill-[Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti dwar l-ekonomija soċjali](#). L-għan tas-sħubija huwa li tistimula l-operazzjonijiet transfruntiera għas-soċjetajiet mutwi u l-kooperattivi biex ikunu jistgħu jużaw il-potenzjal sħiħ tas-suq intern, inkluż l-akkwist pubbliku, sabiex jespandu l-attivitajiet tal-ekonomija soċjali, permezz ta' attivitajiet ta' kollaborazzjoni interreġjonali. Is-sħubija għandha l-ħsieb li tindirizza diversi sfidi relatati mal-S3 (speċjalizzazzjoni intelliġenti) u l-ekonomija soċjali bħal, kif:

- Jiġu żviluppati raggruppamenti tal-ekonomija soċjali;
- Jinħolqu ktajjen tal-valur Ewropej ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jappartjenu għal reġjuni differenti fl-Ewropa;
- Tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi u atturi territorjali oħra, speċjalment dawk li għandhom kompetenzi teknoloġiċi u innovattivi.

Meta l-ġejżlazzjoni dwar l-akkwisti nbidlet fil-Finlandja b'riżultat tad-Direttiva tal-UE 2014/24/UE, l-opportunità li l-akkwist pubbliku jiġi allinjat mal-iżvilupp sostenibbli ġiet maħtufa mill-Muniċipalitajiet ta' Kittilä u Sodankylä. Ġie żviluppat approċċ ġdid tal-akkwist pubbliku għall-muniċipalitajiet fil-qafas tal-proġett iffinanzjat mill-FEŻR "Akkwist sostenibbli bħala fattur li jsaħħaħ il-vitalità" li ġie implimentat mill-2016 sal-2018 minn Kideve Kittilä Development flimkien mal-Muniċipalità ta' Sodankylä. Dan il-proġett intuża biex jgħin fl-iżvilupp ta' strateġija ġdida dwar l-akkwist pubbliku (disponibbli [hawnhekk](#) bil-Finlandiż) u żewġ gwidi dwar l-akkwist pubbliku għal kull Muniċipalità, waħda dwar il-kuntratti taħt il-limitu (disponibbli [hawnhekk](#) għal Kittilä u [hawnhekk](#) għal Sodankylä) u l-oħra għall-kuntratti 'l fuq mil-limitu⁴⁰ (disponibbli [hawnhekk](#) għal Kittilä u [hawnhekk għal](#) Sodankylä). Il-politiki u l-prattiki tal-muniċipalitajiet għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-iżvilupp reġjonali, u għal opportunitajiet imtejba għall-SMEs biex

⁴⁰ Il-limitu nazzjonali fil-Finlandja huwa ta' EUR 60,000

jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku. Huwa interessanti li jiġi nnotat li hemm biss żewġ organizzazzjonijiet f'Lapland li għandhom il-Marka ta' Intrapriża Soċjali Finlandiża.⁴¹

Iż-żewġ muniċipalitajiet ġirien ingħaqdu flimkien f'din l-inizjattiva, kemm minħabba s-similaritajiet bejn it-tnejn kif ukoll biex jirriflettet dwar is-soluzzjonijiet flimkien.

Il-gwida dwar il-kuntratti taħt il-limitu tipprovdi informazzjoni lil hinn minn dak li jissema fil-liġi nazzjonali Finlandiża dwar l-akkwist pubbliku, abbażi tad-Direttiva 2014/24/UE. Hija tteġġegħ lill-muniċipalitajiet biex jużaw pjattaformi ta' akkwist elettroniku (bħal [Cloudia](#) jew kwalunkwe servizz simili ieħor) għall-akkwisti ta' aktar minn EUR 10,000/20,000 (skont in-natura tal-akkwist) biex tiġi żgurata proċedura ta' akkwist miftuħa u trasparenti li tkun debitament reklamata u aċċessibbli online, inkluż għall-SMEs. Din il-miżura tista' tgħin ukoll biex tippromwovi l-aċċess għall-akkwist pubbliku għall-intrapriżi soċjali, li normalment ikunu SMEs, inkluż minn reġjuni oħra.

Fil-gwidi, l-awtoritajiet kontraenti huma mteġġa b'mod qawwi biex iwettqu l-proċess tal-akkwist pubbliku b'mod miftuħ u parteċipattiv fejn jiġu inklużi l-atturi kollha. Il-muniċipalitajiet iffaċilitaw ukoll it-taħriġ kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi, biex jifhmu s-sistema l-għdida tal-akkwist pubbliku kif ukoll l-offerti fuq pjattaformi elettroniċi.

Verifika

Hemm skambju miftuħ annwali, madankollu ma hemm l-ebda segwitu dirett tal-kuntratti minħabba nuqqas ta' riżorsi, kemm tekniċi kif ukoll umani, biex dawn il-muniċipalitajiet zġħar jagħmlu dan. Il-Muniċipalità ta' Kittilä qed tikkunsidra li tuża sistema biex timmonitorja l-kuntratti kollha (minbarra s-sistema elettronika tal-offerti). Idealment ikun hemm persuna fil-Muniċipalità inkarigata li tiltaqa' mal-offerenti biex timmonitorja u tirrapporta dwar il-konformità tal-kuntratti mogħtija.

Volum tal-akkwist

Id-*data* mill-2016 tindika li l-volumi tal-akkwist għall-Muniċipalità ta' Kittilä kienu ta' EUR 23.08 miljun u għall-Muniċipalità ta' Sodankylä ta' EUR 34.04 miljun. Dan jirrappreżenta madwar 40 % tal-baġit annwali.

Strumenti

Iż-żewġ gwidi jiffukaw fuq l-istrumenti li ġejjin, bħala mod kif jissaħħaħ l-akkwist pubbliku responsabbli:

- *Konsultazzjonijiet preliminari mas-suq (l-Artikolu 40 tad-Direttiva):*

Il-gwidi jispjegaw kif għandha titwettaq konsultazzjoni preliminari mas-suq jew kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jwettqu riċerka, anke billi jattendu avvenimenti. Il-gwidi jispjegaw li l-għan tat-talba għall-informazzjoni huwa li jiġu identifikati l-kumpaniji, il-prodotti u/jew is-servizzi, il-livelli tal-prezzijiet u r-rieda potenzjali li jikkompetu fis-suq. L-informazzjoni ġenerata mit-talba għall-informazzjoni hija maħsuba biex tiżgura li s-sejħa proprja għall-offerti tipproduċi offerti kemm jista' jkun ċari u komparabbli. Huwa rakkomandabbli li tintbagħat talba għall-informazzjoni lill-akbar numru possibbli ta' fornituri potenzjali sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-fornituri prospettivi. It-talba għall-informazzjoni tista' għalhekk tiġi ppubblikata fuq il-kanal pubbliċitarju www.hankintailmoitukset.fi jew fuq il-paġni web tal-Muniċipalità jew reklam f'gazzetta jew mod ieħor. It-talba għall-informazzjoni trid tiddikjara b'mod ċar li hija investigazzjoni preliminari, iżda għadha ma hijiex sejħa għall-offerti.

⁴¹ Aktar informazzjoni hija disponibbli hawnhekk: <https://www.oecd.org/cfe/leed/The-Finnish-Social-Enterprise-Finland.pdf>

- *Inkoraġġiment biex fil-kriterji għall-għoti ssir enfasi fuq kriterji ta' kwalità, soċjali u ambjentali (l-Artikolu 67 tad-Direttiva):*

Fil-kriterji għall-għoti huwa mħeġġeġ l-użu ta' kriterji ta' kwalità u konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali; l-użu tagħhom ġie diskuss ukoll f'wieħed mill-workshops li l-muniċipalitajiet organizzaw biex juru l-istrateġija.

- *Ippjanar u reklamar annwali:*

Hija mħeġġa ħafna l-komunikazzjoni bil-quddiem tal-akkwisti lill-fornituri u lill-offerenti potenzjali, pereżempju l-gwida ssemmi avvenimenti bħal avvenimenti ta' informazzjoni mfasla bħala "serati tal-akkwist" barra mill-perjodu tal-offerti. Huma jenfasizzaw li kuntratti partikolarment kbar għandhom jiġu rrapportati fil-ħin biex l-operaturi jkunu jistgħu jħejju għall-offerti, jew possibbilment jagħmlu offerta bħala grupp. Għan-negozji lokali, anki offerti taħt il-limitu spiss ikunu ta' daqs konsiderevoli, u għalhekk huwa rakkomandat li l-komunikazzjoni dwarhom issir fi żmien debitu. Barra minn hekk, fl-2018, ġie pilotat mudell li fih l-akkwist ta' kull unità ġie ppreżentat lill-Bord fil-Pjan Annwali. Il-pjan annwali jippermetti l-iskedar u r-riżorsi korretti ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Baġit jipprevedi wkoll proċess ta' sejhja għall-offerti ta' sena.

- *Qsim f'lottijiet (l-Artikolu 46 tad-Direttiva):*

Biex tiżied il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, il-muniċipalitajiet identifikaw l-użu ta' qsim f'lottijiet bħala għodda utli biex jiġi żgurat l-aċċess għal kuntratti kbar.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalitajiet ta' Sodankylä u Kittilä
- L-offerenti
- L-Aġent tal-Akkwist Pubbliku (li jkopri l-muniċipalitajiet kollha u huwa disponibbli wkoll għall-operaturi ekonomiċi f'Lapland)

Impatti soċjali

- Għall-akkwist pubbliku relatat mal-forniment ta' servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, nistgħu nosservaw bidla paradigmatica pożittiva bis-saħħa tal-gwidi, fejn l-awtoritajiet kontraenti jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-utenti, anke permezz ta' konsultazzjonijiet mal-utenti.
- Għalkemm ma hemmx *data* uffiċjali, hemm perċezzjoni ta' parteċipazzjoni akbar mill-SMEs fl-akkwist pubbliku fir-reġjun.

Benefiċċji oħra

- Il-prattika tajba hija trasferibbli (minkejja li l-kuntesti tal-pajjiżi jvarjaw), il-gwidi diġà ġew replikati f'muniċipalitajiet oħra f'Lapland.
- Bis-saħħa tal-paġna web ta' Kittilä (disponibbli [hawnhekk](#) bil-Finlandiż) b'linji gwida prattiċi għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-awtoritajiet kontraenti u l-intraprendituri, dawn il-gwidi qed jintużaw ukoll fix-Xlokk tal-Finlandja u huma disponibbli biex jintużaw fil-Finlandja kollha.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest ta' akkwist pubbliku sostenibbli, huwa rakkomandat li l-partijiet ikkonċernati kollha jiġu inklużi f'din il-ħidma.

- Huwa importanti li jiġi investit il-ħin biex jinbidlu l-mentalità u l-mod ta' ħidma, peress li l-bini tal-fiduċja jjeħu ż-żmien. Pereżempju, l-SMEs jistgħu jkunu xettiċi minħabba li l-proċess tal-akkwist mhux dejjem kien miftuħ fil-passat. L-organizzazzjoni ta' ħafna avvenimenti biex wieħed jittkellm dwar dan u l-ispejgazzjoni tal-proċeduri l-ġodda fid-dettall jgħinu biex kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll l-awtoritajiet kontraenti jiġu konvinti dwar il-valur miżjud.
- Organizzazzjonijiet jew persuni bħall-Aġent tal-Akkwist Pubbliku (iffinanzjat permezz tal-FEŻR bħala konsulent reġjonali) tassew jgħinu lill-muniċipalitajiet mingħajr ħafna riżorsi biex ikollhom appoġġ fi proċeduri ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli. F'dan il-każ, hija disponibbli konsulenza b'xejn li tagħmilha aktar faċli biex wieħed jesperimenta bl-għodod differenti offruti mid-Direttiva.
- Il-livell ta' għarfien irid dejjem jinżamm għoli. Il-muniċipalitajiet jista' jkollhom dawran tal-impjegati, u għalhekk il-prattiki jeħtieġ li jissaħħu b'mod kostanti u jinżammu fuq nett tal-aġenda.
- Is-sistemi elettroniċi tal-offerti huma utli ħafna iżda mhux il-muniċipalitajiet kollha aġġornaw il-linji gwida tagħhom. Xi wħud jagħmlu dan, xi wħud le, u xi muniċipalitajiet jużawhom biss għall-proċeduri tal-UE u mhux għal dawk lokali, li jista' jkun ta' sfida.
- L-avvenimenti bil-parteċipazzjoni tal-intraprendituri lokali, ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u tal-awtoritajiet kontraenti huma utli biex il-partijiet ikkonċernati jiġu mgħammra bl-għodod u bl-informazzjoni dwar l-istrateġija l-ġodda għall-akkwist pubbliku, sabiex jifhemu kif jużawha.

Kuntatt

Katja Kaunismaa, Maniġer tal-Proġett, Muniċipalità ta' Kittilä, Katja.Kaunismaa@kittila.fi

Susanna-Sofia Keskinarkaus, Aġent tal-Akkwist Pubbliku, Organizzazzjoni Reġjonali tal-Intrapriżi f'Lapland susanna-sofia.keskinarkaus@yrittajat.fi

63. L-Att Nazzjonali dwar l-Akkwist Pubbliku għall-inklużjoni fix-xogħol ta' persuni b'diżabilità fil-Bulgarija

Isem l-Awtorità Akkwirenti, Pajjiż: Il-Gvern Nazzjonali Bulgaru, il-Bulgarija

Settur tal-Prodotti jew tas-Servizzi: Varji

Introduzzjoni/ objettivi tal-akkwisti

Il-Bulgarija adottat politika nazzjonali li tippromwovi u tappoġġa lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għall-persuni b'diżabilità. Fl-2016, bħala parti minn din il-politika, il-gvern nazzjonali adotta leġiżlazzjoni li tappoġġa lill-intrapriżi li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità fl-akkwist pubbliku.

Id-dispożizzjoni, minqax fl-Artikolu 12 tal-Att Bulgaru dwar l-Akkwist Pubbliku, ġiet żviluppata f'konformità mad-Direttiva tal-UE 2014/24/KE, b'referenza partikolari għall-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati. Il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwisti tiddefinixxi lista ta' aktar minn 100 oġġett u servizz li għandhom jingħataw lil intrapriżi speċjalizzati, kooperattivi jew entitajiet ekonomiċi li l-objettiv ewlieni tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni b'diżabilità jew persuni żvantaġġati.

Il-lista tista' tiġi aġġornata jekk ikun meħtieġ u għe stabbilit Regjistru Nazzjonali għall-intrapriżi u l-kooperattivi speċjalizzati. Ir-riżerva tapplika wkoll għal intrapriżi li jissodisfaw termini ekwivalenti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor tal-UE.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-lista ta' oġġetti u servizzi ġiet żviluppata bl-użu ta' approċċ parteċipattiv minn grupp ta' ħidma interdipartimentali li jinkludi esperti mill-Gvern Bulgaru u organizzazzjonijiet rappreżentattivi nazzjonali ta' persuni b'diżabilità. Il-lista finali tinkludi 103 prodotti u 14-il settur tas-servizzi fil-kategoriji li ġejjin:

- Kategoriji ta' prodotti: ħwejġ u lbies tax-xogħol; prodotti tal-polietilen; boroż taż-żibel; xaters, fuljetti u prodotti tal-karti; flokkijiet riflettivi; utensili tal-kċina; prodotti tat-tindif; filters tal-arja u tal-gass; kontenituri
- Kategoriji ta' servizzi: servizzi tal-istampar u diġitali; servizzi tal-ħasil tal-ħwejġ

Minn meta daħlet fis-seħħ il-liġi, diversi akkwisti pubbliċi fil-Bulgarija applikaw id-dispożizzjoni l-ġdida. Pereżempju, il-Belt ta' Gabrovo ppubblikat offerta fit-13 ta' Awwissu 2019 għax-xiri ta' fuljetti u prodotti tal-karta b'valur totali tal-kuntratt ta' EUR 20,250. Mill-erba' intrapriżi li sottomettew offerta, tlieta minnhom kienu elenkati fir-regjistru nazzjonali għall-intrapriżi u l-kooperattivi speċjalizzati ta' u għall-persuni b'diżabilità, u għalhekk kellhom preferenza għall-ġħoti tal-kuntratt.

Eżempju ieħor huwa l-offerta għall-produzzjoni u l-konsenja ta' lbies tax-xogħol u ħwejġ speċjalizzati, maħruġa mill-ISTOLICHEN AVTOTRANSPORT LTD, il-kumpanija tat-trasport pubbliku ta' Sofija, fl-2018. Il-valur totali tal-kuntratt kien ta' EUR 205,128. F'dan il-każ, l-offerenti kollha kienu intrapriżi speċjalizzati rreġistrati f'konformità mad-dispożizzjoni nazzjonali.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettiv tal-lista ta' prodotti u servizzi huwa li jitravwem ambjent favorevoli u inklużiv għall-intrapriżi speċjalizzati fil-livell nazzjonali. Din l-inizjattiva toħroġ mill-idea li s-settur pubbliku, permezz tal-akkwist pubbliku, jista' jaġixxi bħala lieva għal aktar opportunitajiet ta' negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali madwar il-pajjiż u b'hekk jippromwovi aktar opportunitajiet għall-impjeg għall-persuni b'diżabilità.

Il-lista ġiet żviluppata skont il-liġi nazzjonali għall-persuni b'diżabilità, li tirrikjedi li l-Awtoritajiet Statali u Lokali jappoġġaw l-impjeg ta' persuni b'diżabilità billi joħolqu l-inċentivi ekonomiċi u l-għajjuna finanzjarja xierqa, inklużi opportunitajiet għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi soċjali. Dawk il-miżuri għandhom jiffavorixxu l-produttività u l-kompetittività, iżidu l-impjegabbiltà tal-persuni b'diżabilità f'ambjenti tax-xogħol speċjalizzati u jtejbu t-taħriġ vokazzjonali u l-impjeg tagħhom, filwaqt li jegħlbu r-restrizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi.

Skont il-leġiżlazzjoni Bulgara l-ġdida dwar l-akkwisti, l-operaturi ekonomiċi jista' jkollhom preferenza fl-ġħoti ta' kuntratti pubbliċi riżervati, bil-kundizzjoni li mill-anqas 30 % tal-persunal tagħhom ikun diżabbli. L-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jivverifikaw il-konformità ma' l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/24/UE għall-offerti valutati 'l fuq mil-limitu.

Verifika

Il-konformità tiġi verifikata permezz ta' kontrolli regolari fir-Reġistru Pubbliku tal-intrapriżi u l-kooperattivi speċjalizzati ta' u għall-persuni b'diżabilità. F'kull akkwist speċifiku, uffiċjal responsabbli mill-gvern nazzjonali jivverifika l-konformità tal-prodott ikkonsenjat u t-tweġiq tal-kuntratt skont id-dispożizzjonijiet soċjali u tekniċi stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist.

Strument

- L-Artikolu 20 dwar il-kuntratti riżervati tad-Direttiva 2014/14/UE.
- L-Artikolu 12 tal-Att Bulgaru dwar l-Akkwist Pubbliku.

Atturi

- Awtorità kontraenti: il-gvern nazzjonali Bulgaru
- Min ifassal il-politika: L-Aġenzija Bulgara għall-Persuni b'Diżabilità
- Il-Korpi Ċentrali għall-Akkwisti u l-aġenziji reġjonali relatati
- Il-Ministeru Bulgaru tax-Xogħol u l-Politiki Soċjali, involut fit-tweġiq tal-lista ta' prodotti u setturi tas-servizzi eliġibbli għal kuntratti riżervati għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali
- Il-muniċipalitajiet Bulgari, impenjaw ruħhom li jisfruttaw l-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità li saru disponibbli bil-politika nazzjonali. Għal dan il-għan, huma jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi inklużi fil-lista jiġu akkwistati bħala kuntratti riżervati.

Impatti soċjali

- Il-politika ta' inklużjoni soċjali għall-persuni b'diżabilità pprovdiet riżultati konsistenti fil-Bulgarija. Fi Frar 2020, l-akkwisti relatati kkuntrattaw 233 intrapriża jew kooperattiva b'persuni b'diżabilità, li jammontaw għal aktar minn 2,500 impjegat u ħaddiem, li mill-anqas 30 % minnhom huma diżabbli (skont ir-rekwiżit statutorju biex jiġu elenkati fir-reġistru nazzjonali).
- B'riżultat tal-politika nazzjonali, l-intrapriżi u l-kooperattivi li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità żdiedu fil-kwantità, u l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi li jipprovdu tjebet. Bit-titjib fil-kundizzjonijiet għall-intrapriżi soċjali, aktar persuni b'diżabilità jistgħu wkoll isibu impjieg.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-politika soċjali implimentata fil-Bulgarija tiddependi ħafna fuq il-verifika pubblika dwar il-validità tal-intrapriżi elenkati fir-reġistru speċjalizzat. L-aġġornamenti regolari tal-lista ta' oġġetti u servizzi huma vitali.
- Fir-rigward tal-ewwel punt, sfida ewlenija kienet li jiġi żviluppat mekkaniżmu sod ta' verifika għall-intrapriżi qabel ma jiġu rreġistrati kif ukoll il-monitoraġġ kontinwu tagħhom. Dawn il-kontrolli se jissoktaw fil-futur, u l-qawwa u l-metodi ta' verifika se jissaħħu.
- Barra minn hekk, minħabba n-novità tal-proċess, l-intrapriżi speċjalizzati għadhom f'fażi ta' tagħlim. B'riżultat ta' dan, xi drabi l-kwalità tal-prodott finali ma tkunx kif mistennija. Dan jista' jkun dovut ukoll għall-fatt li l-prodotti jew is-servizzi speċifiċi elenkati jridu jirriflettu l-kapaċitajiet u l-abbiltajiet tal-intrapriżi speċjalizzati rreġistrati korrispondenti.

Kuntatt

Todor Popov, Konsulent Legali, Muniċipalità ta' Gabrovo, t.popov@gabrovo.bg, 00359 066 818 30

64. L-Istrateġija ta' Valladolid biex tingħata spinta lill-akkwist pubbliku soċjalment effiċjenti: strateġiku, onest u sostenibbli

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Valladolid, Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Kollu (politika)

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

L-objettiv ewlieni tal-istrateġija "Istruzzjoni 1/2018, dwar il-promozzjoni ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli - strateġiku, onest u sostenibbli - fil-Muniċipalità ta' Valladolid u l-entitajiet pubbliċi lokali"⁴² huwa li titfassal sistema ġdida ta' akkwist pubbliku li tkun "aktar effiċjenti, trasparenti u onesta". L-istrateġija għandha l-għan li tipprevjeni l-korruzzjoni, issaħħaħ it-trasparenza permezz ta' aktar pubbliċità għas-sejnhiet għall-offerti, deċiżjonijiet fil-pront u garanziji ta' trattament ugwali għall-offerenti kollha. L-istrateġija għandha wkoll l-għan li tuża r-riżorsi eżistenti għall-akkwist pubbliku biex timplimenta l-politiki pubbliċi tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-affarijiet soċjali u ambjentali, l-iżvilupp ekonomiku, u l-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intrapriżi żgħira u medji (SMEs).

L-SMEs jiġġeneraw 61.3 % tal-valur miżjud u kważi 72 % tal-impjegji totali fi Spanja⁴³, u porzjon sinifikanti tal-SMEs huma intrapriżi u organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. Konxja ta' dan ix-xenarju ekonomiku, kif ukoll il-valur miżjud mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali, kemm f'termini ta' innovazzjoni soċjali kif ukoll fl-inklużjoni ta' gruppi emarġinati, il-Muniċipalità ta' Valladolid fittxet li ssaħħaħ l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mill-SMEs u li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema u dik soċjali.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-Istrateġija ta' Valladolid għandha l-objettiv ġenerali li tissimplifika l-proċeduri u tagħmel użu aktar strateġiku mir-regoli tal-akkwist pubbliku biex tippromwovi l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku mill-SMEs u mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, kif ukoll biex tiżgura akkwist pubbliku soċjalment u ambjentalment sostenibbli.

Il-kuntratti kollha ta' akkwist pubbliku għandhom l-għan li jilħqu l-objettivi li ġejjin, u s-sejnhiet għall-offerti se jinkludu mill-anqas żewġ objettivi soċjali li għandhom jiġu operazzjonalizzati permezz tal-klawżoli soċjali msemmija hawn fuq:

- Li tiġi promossa l-integrazzjoni fl-impjegji tal-persuni f'sitwazzjoni (jew f'riskju) ta' esklużjoni soċjali u tal-persuni b'diffikultajiet speċjali fl-aċċess għall-impjegji, speċjalment il-persuni b'diżabilità;
- Li jiġu eliminati l-inugwaljanzi bejn is-sessi, b'attenzjoni partikolari għall-parità fil-pagi, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-persuni LGBTI u l-eliminazzjoni ta' miżuri sessisti fil-kodiċijiet tal-ilbies estetiku;
- Li jiġi miġġieled il-qgħad fost gruppi b'diffikultà akbar biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol, speċjalment in-nisa, iż-żgħażaġħ, il-persuni li għandhom aktar minn 45 sena, u dawk qiegħda fit-tul;
- Li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema tul il-katina tal-produzzjoni, il-kummerċ ġust u trasparenza u traċċabbiltà akbar tal-katina tal-provvista kollha.

1. Miżuri mmirati lejn l-inklużjoni soċjali u r-rispett tal-istandards soċjali:

- Għal kull servizz jew provvista akkwistati, irid jiġi żgurat li l-manifatturi u/jew il-fornituri jikkonformaw mal-istandards fundamentali tax-xogħol u soċjali tal-ILO. Fit-tfassil ta' kull kuntratt jiġu kkunsidrati l-miżuri konkreti biex jintlaħqu dawn l-istandards kif ukoll l-aċċessibilità universali. Sabiex tiġi appoġġata l-integrazzjoni fix-xogħol ta' individwi minn gruppi żvantaġġati jew diskriminati, il-kriterji għall-għoti u l-kundizzjonijiet għat-tweqqif se jiġu inklużi fil-kuntratti. L-offerenti kollha li jippreżentaw offerta se jkollhom jissottomettu "Affidavit ta' Responsabbiltà" (dokument fejn

⁴²<https://www.valladolid.es/es/ayuntamiento/normativa/instruccion-1-2018-impulsar-contratacion-socialmente-eficie.ficheros/475710-INSTRUCCIONContrataci%C3%B3n%20eficiente%20y%20estrat%C3%A9gica.docx.pdf>

⁴³ Il-Kummissjoni Ewropea, *Skeda informattiva dwar l-Att Uniku dwar in-Negożju. Spanja 2019.*

jiddeskrivu kif jikkonformaw mal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO) kif ukoll jipprovdu prova tat-tikketti soċjali rilevanti (skont l-Artikolu 47 tal-istrateġija).

- L-istrateġija tipprevedi li l-oġġettivi soċjali jiġu inklużi fl-għan tal-kuntratt, meta dawn l-oġġettivi jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod parallel mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt u jkunu kompatibbli mas-suġġett tal-kuntratt. L-awtoritajiet muniċipali għandhom iwettqu studju, qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, biex janalizzaw liema aspetti soċjali jridu jiġu kkunsidrati
- L-evalwazzjoni tal-konsiderazzjonijiet soċjali preferibbilment issir permezz ta' sistema matematika. F'każijiet fejn dan ma jkunx fattibbli, l-offerent ikollu jippreżenta Pjan Soċjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Dan il-pjan għandu jkun fih proposti konkreti dwar:
 - Ir-reklutaġġ ġdid ta' individwi minn gruppi b'diffikultajiet biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol. Dan ma għandux jimplika s-sensja jew it-tnaqqis fil-fin tax-xogħol ta' impjegati oħra li jkunu parti mill-intrapriża. In-nisa vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-komunità LGTBI se jiġu kkunsidrati b'mod speċjali, taħt il-kategorija « gruppi b'diffikultajiet biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol ».
 - Programm għall-istabbiltà tal-impjegi tal-impjegati li se jeżegwixxu materjalment il-kuntratt.
 - Miżuri konkreti biex jiġu żgurati s-sigurtà tax-xogħol u l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Miżuri konkreti għat-taħriġ tal-impjegati involuti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt (ħiliet), pjan għall-ugwaljanza fix-xogħol li jiżgura l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol għall-irġiel, in-nisa u l-persuni b'identitajiet sesswali differenti kif ukoll pjan għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.
 - F'każ ta' sottokuntrattar, il-workshops protetti, l-intrapriżi soċjali jew intrapriżi oħra tal-ekonomija soċjali bħall-kooperattivi, iżda wkoll dawk li jaħdmu għal rashom u l-SMEs b'mod ġenerali għandhom jingħataw prijorità.

Dawn il-proposti konkreti inklużi fil-Pjan Soċjali se jitqiesu bħala obbligi kuntrattwali essenzjali. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-proposti jimplika sanzjonijiet jew il-waqfien tal-kuntratt.

2. Miżuri mmirati biex jinċentivaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs, inkluża l-ekonomija soċjali:

- Sabiex tipprepara lill-SMEs biex jagħmlu offerti, il-Municipalitá tippubblika pjan annwali dwar il-ħtiġijiet tagħha ta' akkwist pubbliku. Dan imbagħad jiġi kondiviż mal-partijiet ikkonċernati tan-negozju. Għal dan il-għan, il-Municipalitá toffri wkoll taħriġ immirat u bini tal-kapaċità għall-SMEs lokali dwar kif jagħmlu offerti b'mod elettroniku u kif jippreparaw għal sejħa għall-offerti, b'mod partikolari għall-offerti online.
- Il-perjodu ta' żmien għall-offerenti biex jippreżentaw l-offerti tagħhom huwa estiż għal ħamest ijiem aktar milli previst mil-Liġi Spanjola dwar l-Akkwist Pubbliku (9/2017). L-għadd ta' dokumenti ta' applikazzjoni u t-tul tagħhom tnaqqsu fis-sejħa għall-offerti sabiex ikun aktar faċli għall-SMEs li jipparteċipaw, b'kont meħud b'mod partikolari tal-SMEs b'kapaċità żgħira li jagħmlu offerta għall-kuntratti.
- L-istrateġija tipprevedi konsultazzjonijiet preliminari tas-suq mal-esperti u l-operaturi ekonomiċi sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u l-oġġettivi li l-Municipalitá jkun beħsiebha tilħaq permezz tal-akkwist pubbliku tagħha u biex jiġi valutat l-istat ta' thejġija tas-suq (speċjalment għall-SMEs biex jipparteċipaw fil-proċess tal-akkwist).
- Biex jiġi faċilitat l-aċċess għall-kuntratti mill-SMEs, l-istrateġija tipprevedi l-użu tal-qsam f'lottijiet, abbażi ta' kriterji funzjonali, ġeografiċi u/jew ekonomiċi (l-Artikolu 33 tal-istrateġija). Il-Municipalitá tieħu l-qsam f'lottijiet bħala regola ġenerali tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħha, l-eċċezzjonijiet se jkunu limitati għall-minimu. Barra minn hekk, il-Municipalitá se tistieden b'mod preferenzjali lill-SMEs biex jipparteċipaw f'offerti taħt il-limitu li ma jiġux pubbliċizzati.
- Fl-ippjanar annwali tagħha, il-Municipalitá talloka 8-10 % tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku biex jiġu riżervati għall-intrapriżi tal-integrazzjoni fix-xogħol u għall-workshops protetti (l-Artikolu 46 tal-istrateġija). Dan il-perċentwal ma jinkludix il-kuntratti riżervati għas-servizzi soċjali, kulturali u tas-saħħa pprovduti minn intrapriżi u organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali. Il-kuntratti taħt il-limitu tal-UE mogħtija bi proċedura nnegozjata mingħajr publikazzjoni minn qabel

għandhom ikunu riżervati wkoll għall-SMEs, speċjalment għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi mafluqa permezz tal-programmi tal-Muniċipalità (l-Artikolu 39 tal-istrateġija).

- Il-Muniċipalità tigarantixxi li l-kuntratturi jirċievu l-flus 30 jum wara l-ħruġ tal-fattura. Barra minn hekk, l-awtorità pubblika se tiegħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura li s-sottokuntratturi jitħallsu mill-kuntrattur fi żmien xieraq. Din il-miżura hija fid-dawl tal-fatt li bosta SMEs, speċjalment dawk fl-ekonomija soċjali, normalment ma jkollhomx kapital likwidu sinifikanti, u għalhekk li jirċievu l-pagamenti b'mod affidabbli u malajr wara li jiġu kkuntrattati jgħinhom biex ma jmorru minn taħt.

Verifika:

- Jinħatar maniġer tal-kuntratt biex jissorvelja l-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti funzjonali, il-kwalità, il-prezz u d-durata tax-xogħlijiet jew tas-servizzi stabbiliti f'kull kuntratt. Il-maniġer tal-kuntratt jista' joħroġ struzzjonijiet preċiżi u jwettaq spezzjonijiet tal-attivajiet operazzjonali, li għandhom jiġu dokumentati u rappurtati lill-awtorità kontraenti u lill-korp superviżorju.
- L-aspetti soċjali inklużi fid-dokumenti tal-offerta jew proposti mill-offerent se jkunu soġġetti għal verifika mill-uffiċjal muniċipali inkarigat mill-kuntratt. Kwalunkwe parti tista' tippreżenta lment jekk l-operatur ikkuntrattat jonqos milli jissodisfa l-obbligi soċjali tiegħu (l-Artikolu 60 tal-istrateġija).

Strument

- L-Artikoli 18(2), 20, 40, 43, 46, 67, 70 u 77 tad-Direttiva 2014/24/UE

Valur tal-kuntratt

Il-valur tal-kuntratti taħt il-valur tal-istrateġija jiddependi mill-oġġetti u s-servizzi speċifiċi li jkunu qed jiġu offruti. Bħala indikazzjoni ġenerali, in-nefqa totali tal-Muniċipalità fl-2019 kienet ta' EUR 74,383,477.69.

Atturi

- L-awtorità kontraenti u dik li ħolqot l-istrateġija: Il-Muniċipalità ta' Valladolid.

L-atturi li ġejjin appoġġaw l-iżvilupp tal-istrateġija:

- Diversi livelli rilevanti tal-Gvern ta' Spanja
- Il-Konfederazzjoni Spanjola tal-Intrapriżi tal-Ekonomija Soċjali (CEPES), li tat parir dwar miżuri għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-SMEs
- NGOs internazzjonali u nazzjonali
- L-Osservatorji tal-Akkwist Pubbliku
- Fondazzjonijiet
- Intrapriżi pubbliċi
- Assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali

Impatti soċjali

- Bejn 8 u 10 % tal-kuntratti kollha huma riżervati kemm għall-workshops protetti, li fi Spanja huma obbligati jimpjegaw minimu ta' 70 % tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll għall-intrapriżi tal-integrazzjoni fix-xogħol, li fir-reġjun ta' Castilla y León li għalihom mill-anqas 30 % tal-persuni f'sitwazzjoni jew f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

Benefiċċji oħra

- Din l-istrateġija għamlitha possibbli għal Valladolid li tirdoppja l-medja nazzjonali għall-għadd totali ta' kuntratti mogħtija lill-SMEs; fil-fatt, l-SMEs rebħu 75 % tal-kuntratti kollha mogħtija fl-2016 u 79 % fl-2017. Fl-2019, l-

għadd ta' SMEs ikkuntrattati tela' għal 81 % tal-offerenti aġġudikati kollha, li kien jirrappreżenta 51 % tal-baġit tal-Municipalit  għall-akkwisti.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Il-punti li g ejjin kienu kruċjali biex jiġi żgurati is-suċċess tal-istrateġija għall-akkwist pubbliku ta' Valladolid:

- L-ippjanar, it-tnejn tas-sejħa għall-offerti u l-verifika sussegwenti tal-eżekuzzjoni tagħha wrew li huma l-aktar aspetti importanti għal akkwist pubbliku soċjalment responsabbli u sostenibbli ta' suċċess. Madankollu, dan jirrikjedi investiment suffiċjenti ta' ħin u riżorsi umani.
- Sabiex jiġi żgurati li l-kriterji u l-obbligi jkunu ġew issodisfati mill-fornitur, kull kuntratt jiġi segwit minn skema ta' verifika b'saħħitha. Barra minn hekk, il-penalizzazzjoni tan-nuqqas ta' kompletzza tax-xogħlijiet/servizzi (inkluż in-nuqqas ta' konformit  mal-kriterji soċjali u ambjentali) trid tkun sostanzjali u infurzata tajjeb.
- Il-professionalizzazzjoni kemm għall-awtoritajiet kontraenti kif ukoll għall-operaturi hija essenzjali, speċjalment biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku.
- L-użu ta' mudell ta' dokumenti tal-akkwist li jkun b'aċċess miftuħ u li jista' jerġa' jintuża jista' jiffranka l-ħin u jagħmel il-proċeduri ta' akkwist pubbliku tal-Municipalit  (inklużi l-kriterji soċjali u ambjentali applikati) koerenti; mudelli bħal dawn jistgħu wkoll jippreparaw aħjar lill-offerenti tal-SMEs għal dak li jkun mistenni minnhom meta jwieġbu sejħa għall-offerti.
- Mill-miżuri kollha fl-istrateġija, l-aktar waħda effettiva fl-involviment tal-SMEs fil-kuntratti pubbliċi kienet il-qsam tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku f'lottijiet, fejn ma jistgħux jingħataw aktar minn terz tal-lottijiet lill-istess intrapriża. Madankollu, din il-miżura hija wkoll diffiċli biex tiġi implimentata minħabba li hemm reżistenza f'isem l-awtoritajiet kontraenti u t-timijiet tekniċi fir-rigward tat-tibdil tal-metodu ta' ħidma peress li dan ġeneralment jirrikjedi tfixkil tar-rutina, aktar xogħol, aktar monitoraġġ, ferm aktar koordinazzjoni (għall-qsam tal-kuntratti f'lottijiet).

Kuntatt

Is-Sur Jos  Manuel Mart nez Fern ndez, Viċi Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Belt ta' Valladolid, jmmfernandez@ava.es

65. Qafas għall-akkwist ta' valur soċjali f'Vancouver

Isem l-Awtorità Akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Vancouver, il-Kanada

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni u objettivi tal-akkwisti

Il-Belt ta' Vancouver saret waħda mill-ewwel bliet fil-Kanada li timpenja ruħha għall-akkwist ta' valur soċjali fl-2015 bl-adozzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għal Belt b'Saħħiħa (2015-2018). Il-pjan ta' azzjoni kien jinkludi impenn biex:

- "Jiġi inkoraġġit l-iżvilupp u/jew it-tiġħ ta' oqfsa għall-akkwist ta' valur soċjali fost il-membri tal-Mejda tat-Tmexxija"; u
- "Jinħoloq qafas formali għall-akkwist ta' valur soċjali biex jiggwida l-prattiki ta' akkwist tal-Belt ta' Vancouver."

F'April 2019, il-Kunsill tal-Belt, flimkien mat-tmexxija eżekuttiva tal-Belt, approva l-Qafas għall-Akkwist ta' Valur Soċjali. L-għan tal-qafas kien li jipprovi direzzjoni għall-akkwist soċjali u għall-ftehimiet ta' benefiċċju komunitarju, inklużi l-prinċipji, il-parametri dwar l-ambitu u d-daqs tal-inizjattivi, il-metriċi u l-miri. Il-qafas jintegra l-valur soċjali fl-infiq tal-Belt, "filwaqt li jikkontribwixxi għal eżiti aktar wiesgħa relatati mal-istrateġiji, l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Belt". Dan se jinkiseb permezz ta' linji gwida dwar l-akkwist immirati lejn l-espansjoni tad-diversità tal-katina tal-provvista filwaqt li jittejjeb l-indipendenza u l-kapaċità ekonomika b'aċċess u drittijiet għall-impjegati.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-Qafas jiddeskrivi diversi approċċi differenti għall-integrazzjoni tal-valur soċjali fl-akkwist:

- Il-bini tal-kapaċità u l-inkoraġġiment ta' negozji soċjali/diversi biex jagħmlu offerti għal kuntratti;
- L-applikazzjoni ta' kriterji ta' evalwazzjoni (għall-għoti) li jimmiraw għall-valur soċjali;
- L-applikazzjoni ta' klawżoli kuntrattwali bbażati fuq konsultazzjonijiet mas-suq li jiżguraw Prattiki ta' impjegat imtejjeb u ġusti.

Biex tespandi d-diversità tal-katina tal-provvista tagħha, il-Belt tuża approċċi bħal valutazzjonijiet bir-reqqa tad-disponibbiltà u tal-kapaċità tal-bejjiegħa biex tiddetermina l-opportunitajiet għan-negozji soċjali/diversi u biex titgħallim dwar il-bażi ta' bejjiegħa soċjali/diversi tagħha. Negozju jitqies bħala soċjali/divers jekk ikollu ċertifikazzjoni rikonoxxuta u/jew ikun proprjetà ta' jew operat minn gruppi tradizzjonalment emarġinati, bħan-nisa, il-persuni indiġeni, il-persuni b'diżabilità, jew LGBTQ+. Meta tiġi identifikata opportunità, il-Belt tfittex li tiżgura li dawn in-negozji jkunu jafu biha u jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-akkwisti.

Sal-2023, l-għan huwa li 50 % tal-għadd ta' kuntratti kif ukoll 50 % tal-valur tal-kuntratti jingħataw lil negozji soċjali/diversi f'kategoriji ta' servizzi bħal servizzi professjonali, konsulenti, HR, manutenzjoni tal-faċilitajiet, snajja', tiswijiet u esperti/konsulenti tekniċi.

Aspett importanti ieħor tal-qafas tal-politika dwar il-valur soċjali huwa l-miżuri meħuda biex tittejjeb l-indipendenza ekonomika lokali u l-kapaċità ta' ċittadini bil-għajnuna tal-aċċess għall-impjegati u d-drittijiet tal-ħaddiema. Dan jinkludi linji gwida għall-promozzjoni tal-akkwist ta' servizzi li huma:

- Etiċi - f'termini ta' standards tax-xogħol, kummerċ ġust, saħħa u sikurezza tal-impjegati.
- Tiġi promossa d-diversità tal-forza tax-xogħol permezz tal-parteċipazzjoni ta' gruppi ta' persuni mhux impjegati biżżejjed, qiegħda u mhux rappreżentati biżżejjed.
- Jiġi promoss il-benesseri ekonomiku permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, l-iżvilupp u l-benefiċċji tal-impjegati.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-objettivi tal-akkwist ta' valur soċjali f'Vancouver huma li:

- Jiġu avvanzati s-saħħa u l-benesseri tal-komunità
- Jiżdiedu u jittiebu l-opportunitajiet ekonomiċi għan-negozji soċjali u diversi
- Tittiejb l-indipendenza u l-kapaċità ekonomika għall-popolazzjonijiet mhux impjegati biżżejjed, qiegħda u mhux rappreżentati biżżejjed

Strument

Il-Qafas għall-Akkwisti ta' Valur Soċjali ġie approvat mill-kunsill tal-Belt u mit-tmexxija eżekuttiva tal-Belt f'April 2019, bl-implikazzjonijiet li ġejjin:

- Governanza fl-organizzazzjoni kollha skont l-impenn għall-objettivi tal-valur soċjali, bi sjieda u integrazzjoni inkorporati fil-proċess tal-akkwist pubbliku
- Il-fehim tal-importanza u tal-allinjament tiegħu bħala għodda biex jiġu appoġġati l-prijoritajiet soċjali fit-tul tal-Belt u l-kisba ta' valur totali inklużi l-eżiti ta' sostenibbiltà, reżiljenza, ekwità u rikonċiljazzjoni
- Ir-realizzazzjoni ta' livelli differenti ta' valur soċjali tista' tinkiseb b'modi differenti u fi żminijiet differenti skont l-akkwist

Impatti soċjali

L-akkwist ta' valur soċjali huwa meqjus bħala investment fit-tul għall-futur, fl-isforz għal komunità u ekonomija aktar ekwi u inklużivi permezz ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli. L-eżitu se jiġi segwit mid-dipartimenti li jimmonitorjaw l-ekwità, it-tnaqqis tal-faqar, il-problema ta' persuni mingħajr dar, eċċ. Madankollu, dawn l-impatti ma humiex mistennija li jkunu evidenti immedjatament.

Il-qafas ġie approvat f'April 2019 u sa Diċembru 2019 kien ġie applikat għal aktar minn terz tal-akkwisti pubbliċi b'valur ta' aktar minn CAD 75,000 (EUR 51,600), u kienu osservati l-impatti soċjali li ġejjin:

- Esperjenza waħda sa issa kienet mill-akkwist ta' servizzi ta' landscaping fejn f'ames negozji soċjali/diversi ġew mistiedna jagħmlu offerti. Minn dawk mistiedna biex jagħmlu offerti, tliet negozji soċjali/diversi wiegħbu u intrapriża soċjali waħda rebħet il-kuntratt bi kwotazzjoni taħt il-baġit.
- Esperjenza oħra ġejja mill-akkwist ta' servizzi temporanji ta' aġenziji tal-persunal. Peress li dawn it-tipi ta' aġenziji għandhom ftit impjegati interni, l-uniku mod biex jiżdiedu l-popolazzjonijiet mhux rappreżentati biżżejjed fil-forza tax-xogħol huwa li l-aġenziji jiżguraw li jkunu qed ifittxu għalihom u jikkollokawhom. Matul il-konsultazzjoni mas-suq, il-Belt infurmat lill-bejjiegħa li għandhom jagħmlu sforz akbar biex jakkwistaw u jattiraw kandidati minn gruppi mhux rappreżentati biżżejjed. Id-dokumenti tal-offerti kienu jinkludu mistoqsija standardizzata dwar fejn u kif l-offerent kiseb il-forza tax-xogħol tiegħu, fi sforz biex tinġabar l-informazzjoni u tinħoloq ukoll sensibilizzazzjoni. L-akkwist kellu wkoll kriterju għall-għoti ta' valur soċjali. Il-bejjiegħa rċevew punti għall-approċċ tal-valur soċjali tagħhom (negozju, provenjenza, ekwità) li jikkontribwixxu sa 15 % tal-punteġġ globali tagħhom. Inħatru diversi bejjiegħa u tlieta minn kull erbgħa tqiesu bħala soċjali/diversi abbażi tas-sjieda/kontroll/ċertifikazzjoni tal-prattiki tan-negozju u/jew tal-forza tax-xogħol tagħhom. Matul it-twettiq tal-kuntratt, dawn kollha se jkunu mistennija jirrapportaw dwar dawn il-prattiki.

Benefiċċji oħra

- Il-qafas għall-akkwist ta' valur soċjali huwa wiesa' fin-natura tiegħu u jippermetti għażliet sabiex jinstab l-aħjar użu għall-akkwist speċifiku. Dejjem isiru mistoqsijiet dwar kwistjonijiet soċjali u ta' diversità, u l-Belt tista' tiddeċiedi li tagħti aktar importanza lill-kriterji soċjali meta dan jagħmel sens. Dan l-approċċ flessibbli jagħmilha possibbli li jinstab valur soċjali f'kategoriji differenti ta' akkwist jew li jsir sforz addizzjonali fuq l-aspetti soċjali ta' akkwist meta jkun hemm opportunitajiet għal impatti sinifikanti.
- B'adattament, il-qafas jista' jiġi trasferit lil organizzazzjonijiet oħra tal-akkwisti. Dan il-qafas ġie kkunsidrat ukoll f'organizzazzjonijiet oħra fil-Kanada, pereżempju, f'muniċipalitajiet u universitajiet lokali, f'organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku madwar il-metropoli ta' Greater Toronto, u gvernijiet Provinċjali u Federali Kanadiżi.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Tagħlimiet meħuda:

- Il-Belt ta' Vancouver investiet biex tiskopri x'kien diġà qed isir qabel ma ddeċidiet x'għandu jsir fir-rigward tal-akkwist soċjalment responsabbli. Dan ippermittelha li tiskopri li ħafna mill-bejjiegħa tagħha diġà kienu soċjali/diversi u setgħu jirbħu u jwettqu kuntratti mingħajr ma jkunu aktar għaljin.
- Punt tat-tluq tajjeb b'dan it-tip ta' qafas huwa l-involvement fit-"tqabbil". Wieħed jista' jibda bi ftit oqsma ta' servizzi u jipprova jinvolvi ruħu mas-suq speċifiku. Pereżempju, is-servizzi tat-tindif u tal-landscaping jistgħu jkunu soluzzjoni tajba għall-intrapriżi soċjali.

Sfidi futuri:

- Iż-żieda fil-ponderazzjoni/punti għall-valur soċjali fl-akkwisti tista' tirriżulta f'impatti aktar definittivi relatati mal-inklużjoni ta' tali kriterji.
- Hemm benefiċċji faċli f'xiri u f'kuntratti żgħar li huma tipikament għażliet tajbin għan-negozji soċjali/diversi. Madankollu, id-dipartimenti huma familjari man-negozji/fornituri eżistenti tagħhom u għandhom it-tendenza li jerrgħu jinvolvu ruħhom magħhom, li jista' jillimita l-opportunitajiet biex jiddaħħlu intrapriżi soċjali/diversi ġodda li jaħdmu ma' gruppi mhux rappreżentati biżżejjed, mhux impjegati biżżejjed jew qiegħda.

Kuntatt

Kim Buksa, Maniġer tal-Akkwist Sostenibbli u Etiku (il-Belt ta' Vancouver, BC Kanada), kim.buksa@vancouver.ca

66. Ir-Redditu Soċjali ta' Wageningen fuq il-Politika tal-Investment

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Wageningen, in-Netherlands

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Il-Belt ta' Wageningen introduċiet politika ta' akkwist li biha l-amministrazzjoni hija obbligata tinkludi r-Redditu Soċjali fuq l-Investment (SROI) fuq kull offerta b'valur mistenni ta' aktar minn EUR 50,000. Perċentwal fiss (5 %) tal-prezz tal-kuntratt miftiehem ta' kull akkwist ta' aktar minn EUR 50,000 jintuża biex jiġu impjegati persuni qiegħda rreġistrati jew persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieq tax-xogħol.

Hemm diversi modi kif ir-redditu soċjali fin-Netherlands jista' jiġi inkorporat fl-akkwist pubbliku. L-għażliet jinkludu l-istabiliment ta' termini u kundizzjonijiet speċjali ta' prestazzjoni, l-inklużjoni ta' kriterji għall-għoti, jew ir-riżerva ta' kuntratt ma' kumpaniji tal-impjieg protetti. Għal eżempju ieħor, ara l-każijiet f'din il-ġabra minn Haarlem (p. 229) jew Rotterdam (p.134).

Suġġett

Ir-Redditu Soċjali huwa aspett importanti tal-politika tal-akkwisti tal-Muniċipalitá ta' Wageningen. Il-Muniċipalitá tistinka biex tikseb eżiti soċjali konkreti permezz tal-għoti ta' kuntratti lill-parteċipanti fis-suq. F'dan il-kuntest, ir-Redditu Soċjali jfisser li l-Muniċipalitá tistabbilixxi konsiderazzjonijiet soċjali kuntrattwali lill-offerenti. Dawn il-kundizzjonijiet huma fil-qasam tal-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li qed ifittxu impjieg.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Il-fornituri huma mitluba jiddeskrivu l-għażliet li għandhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Redditu Soċjali fuq l-Investment. Il-valutazzjoni tal-kriterji għall-għoti ssir mill-maniġer tal-kont tad-Dipartiment Korporattiv tal-Muniċipalitá. Wara l-kuntrattar, il-maniġer tal-kont ikun il-punt ta' kuntatt għall-implimentazzjoni tar-Redditu Soċjali fuq l-Investment.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Hemm tliet għażliet differenti disponibbli għall-inklużjoni tar-Redditu Soċjali f'offerta, li l-offerent għandu jagħżel waħda minnhom:

- *Rekwiżit tal-kuntratt:* Perċentwal fiss (5 %) tas-somma maqbula tal-kuntratt ta' assenjazzjoni jintuża biex jiġu impjegati persuni qiegħda jew persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. L-implimentazzjoni tar-rekwiżit tista' tiġi maqbula fi pjan wara l-assenjazzjoni bejn l-impreditur u l-Muniċipalitá.
- *Rekwiżit ta' kuntratt flimkien ma' kriterju għall-għoti:* Perċentwal fiss (5 %) tas-somma maqbula tal-kuntratt jintuża biex jiġu impjegati persuni qiegħda jew persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol u jiġi inkluż fl-offerta bħala kriterju għall-għoti.
- *Talba għall-ideat:* L-offerenti jiġu mitluba jagħmlu proposta għall-mod kif jiġi implimentat ir-redditu soċjali. Din il-proposta ma għandhiex għalfejn tiġi inkluż bħala kriterju għall-għoti, iżda, wara l-assenjazzjoni, tinħadem f'aktar dettall f'kollaborazzjoni mal-Muniċipalitá.

Verifika

Il-Belt tinkludi l-għażla li tiġi imposta multa fil-kuntratt. Kull sena jiġi rieżaminat il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-SROI. Jekk il-kontribuzzjoni tal-offerent ma tintlaħaq, il-Belt hija intitolata li titlob lill-offerent 5 % tal-valur tal-kuntratt għas-servizzi pprovduti (fl-2019, dan il-mekkaniżmu ntuża darba). Il-Belt se tuża dan l-ammont biex tfassal inizjattivi li jikkontribwixxu direttament għall-iżvilupp jew l-użu ta' strumenti biex jappoġġaw lill-persuni li qed ifittxu impjieg jew lill-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol fit-tfittxija tagħhom għax-xogħol.

Il-maniġer maħtur tal-kont huwa responsabbli għall-verifika tal-impjenji tal-SROI.

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalitá ta' Wageningen
- Benefiċjarji: Persuni li qed ifittxu impjieg (speċjalment persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieg tax-xogħol)

Impatti soċjali

- Il-Muniċipalitá ta' Wageningen stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tappoġġa kemm jista' jkun residenti biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.
- Il-politika tax-Xiri u l-Offerti trid tikkontribwixxi għal dan il-għan billi tapplika r-Redditi Soċjali fuq il-Politika tal-Investment, u b'dan il-mod toħloq opportunitajiet għall-persuni li huma żvantaġġati fis-suq tax-xogħol.
- Il-Muniċipalitá obligat lilha nnifisha li tapplika l-aspetti tal-SROI għall-offerti kollha. Irrispettivament minn jekk l-assenjazzjoni tkunx relatata ma' servizzi, konsenji jew xogħlijiet.

Benefiċċji oħra

- Tnaqqis fil-pagamenti tal-assistenza soċjali: L-SROI jżid iċ-ċansijiet għall-persuni qiegħda fit-tul li jsibu impjieg bi ħlas. Imbagħad ma jkollhomx bżonn benefiċċji soċjali.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Ir-Redditi Soċjali fuq l-Investment jitpoġġa fuq l-aġenda meta tkun qed tiġi organizzata konsultazzjoni mas-suq.
- L-awtorità kontraenti għandha titlob pjan ta' azzjoni għall-SROI u jekk ikun possibbli taħdem flimkien mal-kuntrattur fuq il-pjan;
- Il-kollegi responsabbli għall-implimentazzjoni u l-verifika tal-politika ta' akkwist bir-Redditi Soċjali fuq l-Investment għandhom jiġu involuti fi stadju bikri;
- L-inklużjoni tar-Redditi Soċjali fuq l-Investment fuq kull offerta b'valur kuntrattwali mistenni ta' aktar minn EUR 50,000 hija ostaklu pjuttost baxx (5 % ta' EUR 50,000 huma biss EUR 2,500). Jista' jkun aħjar li jinżamm il-limitu ta' offerta ta' EUR 221,000 (l-ammont li 'l fuq minnu trid tagħmel offerta fl-Ewropa sal-2020), sabiex il-kollokamenti għall-persuni li qed ifittxu impjieg li jirriżultaw mill-SROI jkunu aktar stabbli. Id-durata tal-kollokament tiddependi, fost affarijiet oħra, fuq il-valur tal-kuntratt.

Kuntatt

Cynthia A. van der Roest, Konsulent Anzjan dwar l-Akkwisti, cynthia.van.der.roest@wageningen.nl

67. L-approċċ ta' Haarlem għar-Redditu Soċjali fuq l-Investment

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Belt ta' Haarlem, in-Netherlands

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Is-setturi kollha li jinvolvu l-użu tal-ħaddiema (offerti għal servizzi u xogħlijiet)

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

Haarlem hija pijunier fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' "Redditu Soċjali fuq l-Investment" fl-offerti, li jhegġegħ lill-fornituri joħlqu valur soċjali. Mill-1995, il-Belt ta' Haarlem ilha tuża r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva/ir-Redditu Soċjali fuq l-Investment fl-akkwisti tagħha bħala kundizzjoni speċjali relatata mat-tweqqif ta' kuntratt. Dan huwa metodu ppruvat għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal persuni bi prospetti ta' impjieg baxxi.

Hemm diversi modi kif ir-Redditu Soċjali fin-Netherlands jista' jiġi inkorporat fl-akkwist pubbliku. L-għażliet jinkludu l-istabbiliment ta' termini u kundizzjonijiet speċjali ta' prestazzjoni, l-inklużjoni ta' kriterji għall-għoti, jew ir-riżerva ta' kuntratt ma' kumpaniji tal-impjieg protetti. Għal eżempju ieħor, ara l-każijiet f'din il-ġabra minn Wageningen (p. 227) jew Rotterdam (p.134).

Suġġett

Żieda fil-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol u fl-impjieg fost il-persuni li qed ifittxu impjieg u l-persuni b'diżabilità.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Matul il-proċess ta' akkwist, l-offerenti jridu jaqblu ma' kundizzjoni speċjali għat-tweqqif tal-kuntratt li jikkontribwixxu ammont ugwali għal 5 % tal-valur tal-kuntratt biex tiżdied il-parteċipazzjoni fix-xogħol billi jiġu appoġġati persuni li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol. Il-valur jista' jiġi pprovdut permezz ta' impjieg, internships jew attivitajiet oħra mwettqa fuq il-kuntratt speċifiku. Il-valur tar-redditu soċjali meħtieġ fuq l-investment (SROI) huwa proporzjonat għall-għan u l-ambitu tal-kuntratt: Jiġi applikat SROI ta' 5 % fl-offerti għal servizzi jew xogħol. Għal kuntratti ta' provvista b'komponent baxx ta' valur tax-xogħol, jintuża perċentwal ta' SROI aktar baxx.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-inizjattiva tallinja mal-għanijiet ta' politika li ġejjin:

- Tikkontribwixxi biex jinkiseb suq tax-xogħol aktar inklużiv
 - Aktar residenti jaħdmu u jrendu skont il-kapaċità tagħhom
 - Tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tar-residenti qiegħda
 - Tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola
 - Il-konnessjoni tal-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol
- Billi l-persuni jergħu jiddaħħlu fis-suq tax-xogħol jistgħu jintlaħqu aktar objettivi soċjali
 - Jittejbu l-ambjent tal-għajxien lokali u l-koeżjoni soċjali
 - Tissaħħaħ l-awtodipendenza tal-persuni li qed ifittxu impjieg
 - Jiġu prevenuti u kkontrollati l-problemi tad-dejn u tas-solitudni
 - Jiġu appoġġati l-intrapriżi soċjali u l-intraprenditorija (lokali)

Verifika

- Jiġi kkalkulat il-valur tal-SROI = il-valur tal-kuntratt * % ta' SROI f'dan il-każ 5 %
- Jiġi kkalkulat il-valur miksub tal-SROI bl-użu tal-valuri standard tal-kategorija. Il-valuri standard tal-kategorija jirreferu għall-attivitajiet li kuntrattur jista' jagħmel biex jissodisfa l-kundizzjoni tal-SROI. Hemm tliet tipi prinċipali ta' attivitajiet: a) impjieg jew internships għal persuni li ma kinux f'kundizzjoni ta' impjieg stabbli; b) l-involviment ta' Intrapriżi Soċjali fit-tweqqif tal-kuntratt u c) attivitajiet oħra tas-CSR marbuta mal-kuntratt speċifiku.

Valur tal-kuntratt

L-SROI jintuża għall-kuntratti kollha b'valur ta' EUR 200,000 jew aktar. Il-perċentwal korrispondenti tal-valur tal-kuntratt iddedikat għall-SROI, 5 %, jirrappreżenta valur ta' EUR 10,000 jew aktar.

Strument

- L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Skont regolament tal-Kunsill tal-Belt⁴⁴, Haarlem tapplika l-SROI għall-offerti kollha għal servizzi jew xogħol b'valur mistenni ta' EUR 200,000 jew aktar.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Haarlem
- Benefiċjarji: Persuni qiegħda/Persuni li qed ifittxu impjieg, persuni b'diżabilità

Impatti soċjali

- Żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni fix-xogħol: L-SROI jżid il-prospetti ta' impjieg għall-gruppi fil-mira. Kull sena mijiet ta' persuni qiegħda fit-tul u persuni b'diżabilità qed jinvolvu ruħhom fil-proċess tax-xogħol billi jibdew impjieg jew internship.
- Responsabbiltà soċjali korporattiva: L-SROI jinkoraġġixxi lis-suq biex jinvolvi ruħu u jieħu sehem fil-kisba tal-oġġettivi soċjali.

Benefiċċji oħra

- Tnaqqis fil-pagamenti tal-assistenza soċjali: L-SROI jżid iċ-ċansijiet għall-persuni qiegħda fit-tul li jsibu impjieg bi ħlas. Imbagħad ma jkollhomx bżonn benefiċċji tal-qgħad.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

Il-parametri li ġejjin kienu kruċjali għas-suċċess tal-inizjattiva:

- Għal implimentazzjoni b'suċċess tal-politika tal-SROI, huwa importanti ħafna li l-partijiet ikkonċernati kollha jġgu involuti. Dan jibda bil-kisba tal-appoġġ tagħhom, speċjalment ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u tas-suq. L-appoġġ politiku jiżgura l-kontinwità tal-SROI fl-akkwisti tal-Belt.
- Djalogu mas-suq u interessi reċiproċi: il-kompitu se jsir billi s-suq jinvolvi ruħu fl-offerta ta' opportunitajiet ta' impjieg għall-grupp fil-mira. Huwa importanti li jinżamm kuntatt u li wieħed jikkonferma dwar il-possibbiltajiet, id-diffikultajiet u l-ħtiġijiet tagħhom.
- Regoli u regolamenti prattiċi, flessibbli, sempliċi u ċari jagħmlu l-SROI aktar faċli għall-kuntratturi biex jikkonformaw miegħu u jiffaċilitaw infurzar aktar sempliċi.

L-isfida futura hija li jkun hemm kooperazzjoni mal-awtoritajiet kontraenti (semi)pubbliċi fir-reġjun, bħal muniċipalitajiet oħra u organizzazzjonijiet oħra tas-servizz pubbliku.

Kuntatt

Khalil Khuwam, Maniġer tal-Kontijiet u tal-Kuntratti, il-Belt ta' Haarlem, kkhuwam@haarlem.nl

⁴⁴ <https://haarlem.pleio.nl/file/download/48093642>

68. Promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata permezz tal-akkwist pubbliku

Awtorità akkwirenti: Il-Belt ta' Vjenna, l-Awstrija

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Varji

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwist

Il-Belt ta' Vjenna għandha aktar minn 25 sena esperjenza fl-appoġġ u l-promozzjoni tan-nisa u l-bniet sabiex jiġu miġġielda l-inugwaljanza eżistenti. Id-Dipartiment municijali għall-Affarijiet tan-Nisa fetaħ fl-1992 u, minn dak iż-żmien 'l hawn, ġie żviluppat network ta' esperti u proġetti dwar il-ġeneru f'dipartimenti differenti. Madankollu, fl-2020, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tas-soċjetà għadha ma hijiex evidenti minnha nnifisha. Għad hemm differenzi fl-introjtu bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll is-sehem inġust ta' xogħol mhux imħallas u mħallas. Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa fir-rigward tax-xogħol full-time fi Vjenna kienet ta' 14.5 % fl-2019.

Il-Belt ta' Vjenna tagħti ħafna kuntratti, mill-akkwist ta' materjali tal-uffiċċju sa kuntratti ta' riċerka. Minħabba d-daqs tal-amministrazzjoni municijali, il-volum finanzjarju ta' dawn il-kuntratti huwa konsiderevoli. L-applikazzjoni tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tan-nisa fl-akkwist tiżgura li l-infiq jikkontribwixxi wkoll għall-ugwaljanza tan-nisa u l-irġiel fin-negozji privati.

Għalhekk, il-Belt ta' Vjenna stabbiliet grupp ta' ħidma fl-2010 biex jeżamina kif il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tista' tkun marbuta mal-akkwist pubbliku. Imbagħad twestqu diversi skemi pilota f'għadd dejjem akbar ta' oqsma. Fil-bidu, id-dipartimenti municijali involuti kienu d-Dipartiment tal-Istrateġija u l-Iżvilupp Ekonomiku tal-UE u d-Dipartiment tal-Akkwisti.

Suġġett

Il-Belt ta' Vjenna żviluppat linji gwida għall-intrapriżi u strumenti li jgħinuhom jivvalutaw l-ogħla livell ta' opportunitajiet indaqs fi ħdan l-intrapriża u jimplementaw miżuri. Barra minn hekk, l-impjegati taċ-civil (il-persuni interessati kollha, b'mod partikolari l-akkwirenti) jirċievu taħriġ speċifiku, listi ta' kontroll, eċċ.

Stadju tal-akkwist u kriterji

Id-dipartimenti municijali parteċipanti jridu josservaw il-prinċipji li ġejjin:

- Għall-kuntratti ta' servizz, l-offerenti jridu jimpenjaw ruħhom fl-offerti tagħhom għall-implimentazzjoni ta' miżuri għall-promozzjoni tan-nisa u jagħtu prova tagħhom f'perjodu ta' żmien partikolari. Dawn il-kundizzjonijiet għat-twestiq ta' kuntratt bħalissa japplikaw għall-kuntratti kollha ta' servizz b'durata minima ta' sitt xhur u valur stmat ta' mill-anqas EUR 50,000 li jingħataw lil negozji b'aktar minn 20 impjegat. B'din il-miżura, il-Belt ta' Vjenna tindirizza b'mod intenzjonat kuntratti ta' servizz akbar u aktar fit-tul. F'dan il-livell, il-bidliet organizzattivi jistgħu fil-fatt jiġu implimentati minn negozji privati. Dan ir-rekwiżit ma għandu l-ebda effett fuq il-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-offerti, madankollu hija kundizzjoni għal kuntratt mill-Belt. L-implimentazzjoni tal-miżuri ta' promozzjoni tan-nisa tiġi vverifikata biss ladarba l-kuntratt ikun qed jitwettag.
- Il-promozzjoni tan-nisa u ta' aspetti relatati mal-ġeneru trid tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, l-ippjanar tal-akkwist, u l-ispeċifikazzjoni tas-servizzi. L-impjegati li jaħdmu fl-akkwist iridu jikkunsidraw dawn l-aspetti minn qabel. Pereżempju, jekk ikun se jiġi kkummissjonat studju, id-deskrizzjoni tas-servizz fis-sejħa għall-offerti tista' tiġi fformulata b'mod li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet u l-perspettivi differenti tan-nisa u tal-irġiel.
- Il-promozzjoni tan-nisa u l-aspetti relatati mal-ġeneru jistgħu jiġu kkunsidrati meta jiġu fformulati l-kriterji tal-ġhoti biex tiġi determinata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża. Pereżempju, prova li daww responsabbli għat-twestiq tal-kuntratt ikollhom taħriġ speċjali fil-qasam tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tan-nisa.

Jekk impjegat taċ-ċivil ikun jeħtieġ aktar appoġġ, huwa jista' jattendi korsijiet ta' taħriġ organizzati mill-Grupp Eżekuttiv dwar il-Persunal u l-Awditjar Intern tal-Belt ta' Vjenna.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

- L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tan-nisa permezz tal-akkwist;
- L-ugwaljanza tan-nisa u l-irġiel fin-negozji privati.

Verifika

Fil-fażi tal-offerti, l-offerenti jridu jissottomettu dikjarazzjoni ta' impenn li fiha jimpenjaw ruħhom li jimplementaw ċerti miżuri magħżula mill-katalgu ta' miżuri li ġej:

- Grupp A: il-promozzjoni tan-nisa fir-reklutaġġ
- Grupp B: il-promozzjoni tan-nisa fil-kwalifika
- Grupp C: ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u privata
- Grupp D: miżuri strutturali (bħall-implimentazzjoni ta' pjan kwalifikat ta' promozzjoni tan-nisa, miżuri biex jiġi indirizzat il-fastidju sesswali, il-ħatra ta' rappreżentanti tan-nisa, aktar taħriġ dwar l-ugwaljanza).

L-offerenti jimpenjaw ruħhom li jimplementaw il-miżuri magħżula sa nofs il-perjodu tal-kuntratt u jissottomettu evidenza bil-miktub tal-implimentazzjoni tagħhom. Jekk ma jkunx possibbli li l-miżuri magħżula jiġu implimentati b'mod sħiħ sal-iskadenza, l-offerenti jridu jiddikjaraw ir-raġunijiet. Ksur tal-obbligu ta' implimentazzjoni tal-miżuri magħżula jista' jwassal għall-indikazzjoni ta' "difett serju" fir-Reġistru tal-Kuntratturi tal-Awstrija.

F'każ ta' nuqqas ta' prova tal-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri magħżula sal-iskadenza tal-eżekuzzjoni, tapplika penali sa 1 fil-mija tal-ammont tal-kuntratt, b'limitu massimu ta' EUR 10,000.

Jitwettqu wkoll kontrolli aleatorji mill-Grupp tal-Awditjar Intern tal-Belt ta' Vjenna u mill-Qorti tal-Awditjar tal-Belt ta' Vjenna.

Strument

L-użu ta' kriterji soċjali għall-għoti u ta' klawżoli dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, li jistgħu jinkludu konsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru, huwa awtorizzat skont l-Artikolu 67 u l-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/24/UE.

Linji gwida żviluppati mill-Belt ta' Vjenna: l-obbligi formali, li l-kumpaniji jridu jiffirmaw, u l-katalgu tal-miżuri ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi li jistgħu jagħżlu minnhom huma disponibbli minn:

<https://www.wien.gv.at/wirtschaft/gewerbe/pdf/verpflichtungserklaerung-vergabe-frauenfoerderung.pdf>

Atturi

Il-proġett tkabbar fl-2012 u fl-2015. F'Diċembru 2019, id-dipartimenti municiċpali li ġejjin qed jipparteċipaw fil-proġett billi jaderixxu mal-prinċipji msemmija hawn fuq:

- Id-Dipartiment għall-Affarijiet Ewropej
- Id-Dipartiment għall-Akkwisti
- Id-Dipartiment għat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni
- Id-Dipartiment għad-Dawl Pubbliku
- Id-Dipartiment għall-Affarijiet tan-Nisa
- Id-Dipartiment għall-Iżvilupp u l-Ippjanar Urban

- Id-Dipartiment għall-Arkitettura u d-Disinn Urban
- Id-Dipartiment għall-Protezzjoni tal-Ambjent
- Id-Dipartiment għall-Affarijiet Ekonomiċi, ix-Xogħol u l-Istatistika

Id-dipartimenti li ġejjin jakkumpanjaw l-implimentazzjoni tal-proġett fid-dipartimenti sħab:

- Il-Grupp Eżekuttiv għall-Organizzazzjoni, is-Sikurezza u s-Sigurtà (MD-OS), it-Taqsima għall-Integrazzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi
- Id-Dipartiment għall-Affarijiet tan-Nisa
- Id-Dipartiment għall-Liġi tal-Kummerċ, il-Protezzjoni tal-Privatezza tad-Data u l-Istatus Ċivili **Impatti soċjali**

Il-proġett għandu impatt importanti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-soċjetà billi jiżgura miżuri għall-promozzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-postijiet tax-xogħol u fis-suq tax-xogħol. Il-kumpaniji kkuntrattati huma sieħeb importanti fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi Vjenna.

Il-proġett għandu impatt fuq:

- L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol;
- Il-promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ewlenin;
- L-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa;
- L-iżgurar li n-nisa u l-irġiel ikollhom aċċess ugwali għas-servizzi muniċipali.

Il-proġett kien mudell għal bliet oħra fl-Awstrija u fuq livell internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa - OSKE).

Benefiċċji oħra

Fatti u ċifri:

- L-aktar miżuri komuni użati qed joffru sigħat tax-xogħol flessibbli u jżidu l-għadd ta' nisa f'pożizzjonijiet ewlenin.
- Legalment, sa-lum kien hemm biss ilment wieħed, li ma kellux suċċess.
- Il-kumpaniji kollha rrispettaw il-ftehim, u għalhekk ma kelliex tiġi imposta penali waħda fit-tmien snin li dam għaddej il-programm, minkejja li l-possibbiltà ta' penali hija maqbula fil-proġett.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-proġett kien suċċess kbir. Dan huwa dovut prinċipalment għall-fatt li ġie pprovdut appoġġ suffiċjenti għall-kumpaniji mill-bidu nett. Pereżempju, saru workshops, ġie pprovdut manwal għall-analiżi tal-ugwaljanza u ideat għat-teħid ta' azzjoni, u hemm ukoll il-possibbiltà ta' parir individwali bit-telefown. L-istess jgħodd għall-appoġġ ta' dawk l-impjegati pubbliċi responsabbli għall-kuntrattar: jiġi offrut taħriġ regolari u ġiet żviluppata lista ta' kontroll tal-ġeneru fi proċess parteċipattiv minn esperti tal-ġeneru, flimkien ma' rappreżentanti tad-dipartimenti muniċipali kkonċernati.
- Fattur kruċjali kien ukoll li jiġi involut studjuż magħruf ħafna tal-liġi biex jivverifika r-regolamenti. Dan kien appoġġ siewi kull meta saru d-diskussjonijiet.
- Kien utli ħafna li jinholq grupp ta' ħidma kollaborattiv biex jiġi stabbilit il-proġett. L-esperti tal-ġeneru, id-dipartimenti legali u r-rappreżentanti ta' diversi servizzi muniċipali ħadmu flimkien mill-bidu nett.
- Proġett bħal dan ma setax jinbeda u jiġi ġestit mingħajr appoġġ politiku sħiħ.

Kuntatt

Laura Wimmer, il-Belt ta' Vjenna, laura.wimmer@wien.gv.at

69. Djalogu biex tinkiseb is-sostenibbiltà fil-proċessi ta' akkwist ta' Bremen

Isem l-awtorità akkwirenti, pajjiż: Il-Belt Anseatika Fielsa ta' Bremen, il-Ġermanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Din il-metodoloġija ntużat fuq diversi prodotti/servizzi differenti, inklużi t-tessuti, l-ilbies tax-xogħol protettiv, il-ġugarelli, it-tagħmir sportiv, iż-żraben u l-ingwanti tas-sikurezza, u s-servizzi tat-tindif (politika)

Introduzzjoni/objettiv tal-akkwist

Il-Belt ta' Bremen għandha madwar 570,000 abitant. Bħala Belt Anseatika, Bremen ibbenefikat mill-kummerċ nazzjonali u internazzjonali mill-1260. Illum, din l-identità hija l-motivazzjoni għal Bremen biex issawwar il-kummerċ b'mod ġust u sostenibbli sabiex il-partijiet kollha involuti jkunu jistgħu jibbenefikaw minnu. Mill-2009, il-Belt Anseatika Fielsa ta' Bremen (FHB) segwiet l-għan li tagħmel l-akkwist pubbliku ekoloġikament u soċjalment responsabbli. L-ewwel pass importanti f'dan il-proċess kien l-offerta b'suċċess biex issir il-Kapitali tal-Kummerċ Ġust tal-Ġermanja fl-2011, li kienet tinvolvi bosta atturi mis-soċjetà ċivili, il-politika, ix-xjenza, in-negozju u l-amministrazzjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn, huma komplew jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-konsolidazzjoni tal-Kummerċ Ġust fil-komunità. L-istabbiliment ta' ċentru ta' kompetenza għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fl-2016 għen ukoll biex tiġi promossa l-implimentazzjoni konsistenti tal-aspetti ta' sostenibbiltà fil-proċeduri tal-offerti tal-Belt. F'dawn l-añhar snin, l-enfasi kienet b'mod partikolari fuq il-gruppi ta' prodotti tal-ilbies tax-xogħol protettiv, il-ġugarelli, it-tagħmir sportiv, l-oġġetti promozzjonali u t-tagħmir tal-catering (kafè, te, kawkaw, zokkor tal-kannamieli).

Kemm qabel kif ukoll matul il-proċessi tal-offerti għal dawn il-prodotti, isiru djalogi mal-offerenti, workshops mal-utenti u workshops mal-offerenti fid-Dipartiment tal-Akkwisti Strateġiċi taċ-Ċentru tal-Akkwisti u l-Aġġudikazzjoni ta' Bremen (EVZ), li huwa responsabbli għall-proċessi tal-offerti għall-akkwisti pubbliċi ċentralizzati tal-FHB.

Stadju tal-akkwist u kriterji

- *Id-djalogi mal-offerenti* jservu biex jinfurmaw u jissensibilizzaw lill-offerenti potenzjali u lin-naħa tad-domanda (uffiċjali tal-akkwisti) rigward l-integrazzjoni ta' kriterji soċjali u ekoloġiċi f'sejħa għall-offerti li tkun ġeja. Meta tkun qed tiġi pjanata offerta għal grupp ta' prodotti ġdid, titwettaq riċerka intensiva (bħal sħarriġ tal-fornituri lokali) biex jinstabu manifatturi possibbli. Bremen ma għandhiex proċedura awtomatika biex tippubbliċizza l-avvenimenti ta' djalogu online, għalkemm xi drabi l-avvenimenti jiġħabru fuq is-siti web ta' NGOs bħal Engagement Global u "Südwind". Għall-offerti fuq livell tal-UE, hemm regoli ċari li jridu jiġu segwiti sabiex jingħata żmien biżżejjed biex jiġu sottomessi l-offerti u biex l-offerenti jagħmlu l-mistoqsijiet.
- Il-manifatturi u, jekk applikabbli, il-fornituri jiġu mistiedna għall-avvenimenti u jirċievu rapport wara. Ir-riżultati tal-workshops mal-offerenti jiġu inkorporati fid-dokumenti tal-offerta.
- F'dawn id-djalogi, l-NGOs jiġu involuti u jagħmlu kontribuzzjonijiet importanti. Il-kors tal-avveniment ġeneralment jinkludi preżentazzjonijiet, segwiti minn mistoqsijiet u diskussjonijiet dwar is-suġġetti. Jiġu deskritti t-tip u l-ambitu tar-rekwiżiti tal-akkwist, kif ukoll ir-rekwiżiti kwalitattivi u soċjoekoloġiċi. L-NGOs jippreżentaw il-problemi li jkun jeħtieġ li jittejbu fil-produzzjoni u fil-katina tal-provvista tal-prodott jew tas-servizz inkwistjoni mill-perspettiva tagħhom. B'riżultat ta' dan, il-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jiksbu l-ewwel impressjoni tad-domanda, ir-rekwiżiti tagħha u l-approċċ biex jittejbu r-rekwiżiti soċjali-ekoloġiċi fil-produzzjoni u fil-katina tal-provvista. Id-djalogu jindirizza wkoll il-kwistjoni tal-kapaċità jew tar-rieda tal-kumpaniji li jissodisfaw ir-rekwiżiti soċjali-ekoloġiċi u li jipparteċipaw fil-proċeduri ta' għoti korrispondenti. Huwa importanti li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tat-trasportaturi tad-domanda fi ħdan il-Muniċipalità dwar l-użu ta' kriterji soċjali u ekoloġiċi.

- Il-*workshops mal-utenti* jinfurmaw lill-uffiċjali ewlenin tal-akkwist kif ukoll lill-EVZ dwar il-prodotti eżistenti ta' offerenti potenzjali u jżidu l-għarfien tal-utenti finali / tal-organizzazzjonijiet tal-utenti u tal-kumpaniji dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-aspetti ekoloġiċi tal-akkwist. Matul l-avveniment, diversi kumpaniji jippreżentaw il-prodotti tagħhom u l-karatteristiċi tagħhom (kwalitattivi, iżda wkoll soċjali u ekoloġiċi) lil grupp żgħir ta' xerrejja u fornituri, li jinbidlu sabiex il-parteċipanti kollha jkunu jistgħu jsiru jafu l-prodotti kollha.
- Matul *workshop tal-offerenti*, l-awtorità tal-għoti, l-offerenti potenzjali u konsumaturi ewlenin individwali jaħdmu flimkien mal-NGOs biex itejbu d-deskrizzjoni tas-servizz u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, li, sa dan il-ħin, l-awtorità tal-għoti tkun diġà fformulat minn qabel. Il-workshop iservi biex idaħħal it-trasparenza fil-proċess tal-offerti u biex jitqiesu l-ħtiġijiet u l-mistoqsijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha. Matul il-proċess, it-testi mħejjija jiġu spjegati u diskussi taħt superviżjoni legali.

lċ-ċentru ta' kompetenza għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli introduċa l-użu ta' formati ta' djalogu fil-fażi ta' preakkwist fl-FHB fl-2016. Minn dak iż-żmien, saru diversi djalogi, inklużi (iżda mhux limitati għal):

- *Grupp ta' prodotti: tessuti/ilbies tax-xogħol*
 - Djalogu mal-manifatturi għall-uniformijiet
 - Workshops għall-utenti dwar l-ilbies tax-xogħol (*Workshops għall-utenti li eżaminaw l-ilbies tax-xogħol muri minn sitt manifatturi sostenibbli u kitbu r-rekwiżiti u l-kummenti tagħhom fi kwestjonarju. L-akkwiredent strateġiku mbagħad uża dan il-kwestjonarju biex jiffinalizza d-dokumenti tal-offerta.*)
 - Workshop mal-offerenti dwar l-ilbies tax-xogħol
- *Grupp ta' prodotti: ġugarelli*
 - Djalogu mal-offerenti dwar il-ġugarelli (*Djalogu biex titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi, speċjalment l-għalliema tal-kindergarten minn ċentri ta' indukrar ta' matul il-ġum, dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tal-ġugarelli u l-prattika tal-offerti tal-FHB, kif ukoll biex jiġi stabbilit kuntatt inizjali ma' offerenti potenzjali.*)

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-intenzjoni tal-avvenimenti ta' djalogu u tal-workshops hija li tinħoloq il-bażi għall-espansjoni sistematika tal-firxa ta' gruppi ta' prodotti fi ħdan ftehimiet qafas ċentrali li jissodisfaw ir-rekwiżiti għoljin ta' akkwist soċjalment u ekoloġikament sostenibbli.

Ir-Regolament dwar l-Istandards Fundamentali tax-Xogħol ("Kernarbeitsnormenverordnung") tal-FHB jiddefinixxi dawn ir-rekwiżiti, li ġew aġġornati f'Mejju 2019. Ir-Regolament fih lista ta' prodotti li jridu jiġu akkwistati b'mod li jikkonformaw mal-Istandards Fundamentali tax-Xogħol tal-ILO. Dan huwa partikolarment importanti għal "prodotti sensitivi", li huma magħrufa li spiss jiġu prodotti f'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena.

Il-lista ta' prodotti sensitivi tinkludi l-gruppi li ġejjin:

- Prodotti tessili
- Prodotti agrikoli min-Nofsinhar Globali (eż. te, kafè, kawkaw u oħrajn)
- Fjuri maqtugħa min-Nofsinhar Globali
- Ġugarelli u blalen sportivi
- Prodotti tal-injam
- Prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)

- Oġġetti tal-ġilda u prodotti tal-ikkunzar

Verifika

Il-formati ta' djalogu huma avvenimenti li għalihom l-offerenti potenzjali jew il-konsumaturi/it-trasportaturi tad-domanda tal-Muniċipalità ma jeħtieġu l-ebda verifika. Dan jintuża bħala possibbiltà ta' limitu baxx ta' involviment ta' partijiet ikkonċernati li kieku jistgħu ma jipparteċipawx fi proċessi ta' akkwist soċjalment jew ekoloġikament responsabbli. Ir-rekwiżiti speċifiċi applikati fl-offerti huma soġġetti għal verifika.

Valur tal-kuntratt

Billi diversi offerti differenti ġew eżegwiti b'dawn il-formati ta' djalogu, ma jista' jingħata l-ebda valur speċifiku tal-kuntratt.

Strument

- L-Artikolu 40 dwar il-konsultazzjonijiet preliminari tas-suq tad-Direttiva 2014/24/UE
- Fi ħdan il-liġi tal-Istat federali ta' Bremen, l-akkwist huwa regolat permezz tal-Liġi dwar il-Konformità tat-Tariffi u l-Akkwist Pubbliku ("Tariftreue- und Vergabegesetz").
- Ir-Regolament dwar l-Istandards Fundamentali tax-Xogħol ("Kernarbeitsnormenverordnung") u r-Regolament Amministrattiv għall-Akkwisti tal-Belt Anseatika Ħielsa ta' Bremen ("Verwaltungsvorschrift für die Beschaffung der Freien Hansestadt Bremen").

Atturi

Is-Senatur għall-Finanzi, il-Kancellarja tas-Senat u Immobilien Bremen jiżviluppaw u jespandu flimkien l-akkwist sostenibbli u ġust fi Bremen.

- Is-Senatur għall-Finanzi huwa responsabbli għall-qasam tal-akkwist pubbliku (inkluż l-akkwist pubbliku sostenibbli) u jikkummissjona lill-kumpanija pubblika Immobilien Bremen bħala fornitur ta' servizz għax-xiri ċentrali u l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Iċ-ċentru ta' kompetenza għall-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli jinsab direttament f'Immobilien Bremen.
- Il-Kancellarja tas-Senat hija responsabbli għall-promozzjoni tal-kummerċ ġust fi Bremen u żżomm sħubijiet mal-bliet sħab ta' Bremen fir-Nofsinhar Globali.
- Il-gruppi fil-mira tal-formati ta' djalogu deskritti hawnhekk huma d-dipartimenti muniċipali ta' Bremen, l-istituzzjonijiet l-oħra kollha tal-FHB (il-muniċipalitajiet rurali u urbani) u l-offerenti potenzjali.
- Gruppi fil-mira addizzjonali huma s-sħab fil-qafas ta' sindakati pubbliċi-privati tal-akkwist kif ukoll ir-riċevituri ta' għotjiet li jstgħu jipparteċipaw fl-akkwisti ċentrali ta' Bremen.

Impatti soċjali

- L-esperjenza b'dawn id-djalogi sa issa wriet li jippermettu lill-akkwidenti, lill-konsumaturi u lill-offerenti jifhmu aħjar il-prodotti soċjalment responsabbli u l-integrazzjoni ta' kriterji soċjali fil-proċess tal-akkwist. Barra minn hekk, hija tikkontribwixxi biex tingħeleb ir-riluttanza tal-fornituri li jipparteċipaw f'offerti bi kriterji soċjali.
- Internament, benefiċċju soċjali ppermetta lill-aġenziji min-naħa tad-domanda li jsiru aktar familjari mal-vantaġġi offriti mill-ftehimiet qafas mill-aġenzija ċentrali għall-akkwisti tal-Muniċipalità, minħabba li jissimplifikaw il-proċess tal-ordini u jippermettu deċiżjoni ta' akkwist favur prodotti soċjalment responsabbli.

Benefiċċji oħra

- Il-persuni involuti fl-akkwist jaġixxu bħala multiplikaturi deċiżivi fi ħdan il-Municipalit . Il-formati ta' djalogu jsaħħu u jespandu dan l-effett multiplikatur billi jiżviluppaw il-ħiliet u jipprovdu informazzjoni lill-uffiċjali tal-akkwist u lill-impjegati muniċipali.
- Il-ftehimiet qafas  entrali għall-gruppi ta' prodotti u s-servizzi kollha huma disponibbli għall-utenti deċentralizzati fi ħdan il-Municipalit  għal sejħa sempli i. B'dan il-mod, it-trasportaturi tad-domanda fi ħdan il-Municipalit  se jkunu diretti b'mod sostenibbli lejn prodotti li jikkonformaw mal-kriterji ta' akkwist soċjalment responsabbli jew kummer   ust.
- Il-prodotti korrispondenti jistgħu jiġu ordnati b'mod elettroniku bi fteit sforz.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Il-formati ta' djalogu huma ta' su ess fil-ħolqien ta' fehim akbar tal-ħtieġa ta' akkwist soċjalment u ekolojikament responsabbli mit-trasportaturi tad-domanda, kif ukoll mill-offerenti potenzjali.
- Ir-riluttanza għall-parteċipazzjoni f'offerti bi kriterji soċjali u ambjentali titnaqqas, minħabba li l-mistoqsijiet u l-incezzzi bejn il-fornituri u l-awtorit  kontraenti jistgħu jiġu indirizzati direttament.
- L-isfidi jinqalgħu, speċjalment meta grupp ta' prodotti jkun għadu ma r evieħ wisq fokus f'termini ta' produzzjoni sostenibbli (e . il- ugarelli jew, sa  ertu punt akbar, it-tagħmir sportiv), peress li l-fehim tal-ħti ijiet ta' produzzjoni sostenibbli tal-akkwirenti, kif ukoll id-disponibbilt  ta' atturi tas-suq li jistgħu jipprovdu tali prodotti, huma baxxi.
- Barra minn hekk, ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jitwettqu l-formati ta' djalogu jippreżentaw sfida kontinwa, billi dawn iseħħu minbarra l-kostijiet standard tal-pro ess tal-offerti.

Kuntatt

Johanna Reimers, Kanċellerija tas-Senat tal-Belt Anseatika Ħielsa ta' Bremen, Johanna.reimers@ez.bremen.de, +49 421 361 2878

70. Żgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Copenhagen, id-Danimarka

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Tindif, kostruzzjoni, servizzi tal-ikel/catering, kura tas-saħħa, trasport, kura ta' matul il-jum, toroq u manutenzjoni

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwisti

L-inizjattiva "Copenhagen kontra d-dumping soċjali" tal-Belt ta' Copenhagen ħadet azzjoni kontra d-dumping soċjali billi inkludiet klawżoli dwar ix-xogħol fil-kuntratti biex tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-impjegati kollha li jaħdmu għall-kuntratturi u s-sottokuntratturi tal-Belt.

Hija għandha l-għan li tiżgura kompetizzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kull min jaħdem fuq il-kuntratti tal-Belt, permezz tal-użu ta' kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt. Għet stabbilita task force interna biex tiżgura li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi jikkonformaw mal-klawżola dwar ix-xogħol u joffru lill-impjegati tagħhom pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

Il-ħlas u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti jiffurmaw parti mill-kuntratt mal-Belt ta' Copenhagen permezz ta' klawżola dwar ix-xogħol. Xi kuntratti jinkludu wkoll klawżoli dwar l-edukazzjoni u l-impjeg, li jirrikjedu li l-fornituri jedukaw lit-trainees u lill-apprendisti jew jimpjegaw persuni qiegħda għal inkarigu rispettivament.

Il-Belt ta' Copenhagen taħdem kontra d-dumping soċjali biex tiżgura:

- Ħlas u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kull impjegat li jaħdem fuq inkarigu għall-Belt;
- Kundizzjonijiet ekwi għal kull kumpanija li tagħmel offeriti fuq inkarigi;
- Aktar traineeships u apprendistati għaż-żgħażaġh.

Verifika

- Copenhagen stabbiliet task force li tikkonsisti minn disa' persuni (esperti tas-CSR impjegati mill-Belt ta' Copenhagen) biex timmonitorja l-konformità mal-klawżoli dwar ix-xogħol mill-fornituri kollha tagħha.
- It-task force tipprijoritizza spezzjonijiet regolari fuq il-post u hija intitolata li żżur it-tipi kollha ta' postijiet tax-xogħol f'kull ħin. Il-ħlas u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-fornituri li joperaw fis-setturi tal-kostruzzjoni, tat-tindif u tat-trasport jiġu mmonitorjati mill-qrib.
- Kull sena jsiru madwar 600 kontroll tal-konformità. Madwar terz huma spezzjonijiet fuq il-post filwaqt li l-bqija huma investigazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' impjegati speċifiċi bbażati fuq dokumentazzjoni tal-ħlas, is-siġhat tax-xogħol, il-pensjoni, it-taxxa, eċċ.
- It-task force għandha approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ispezzjonijiet tagħha, billi tiffoka l-isforzi primarji tagħha f'oqsma u impjegati fejn ir-riskju ta' skorrettezza jitqies bħala l-ogħla. F'każ ta' ksur, jinbeda djalogu mal-impjegatur, u l-Belt ta' Copenhagen hija intitolata li żżomm ir-remunerazzjoni. Jekk ma jiġi osservat l-ebda titjib, l-impjegatur irid iħallas penali u, finalment, il-Belt għandha d-dritt li tikkanċella l-kuntratt.

Valur tal-kuntratt

Din l-inizjattiva tapplika għall-kuntratti kollha ta' servizzi u ta' kostruzzjoni u f'każijiet fejn il-Belt tħallas għotjiet jew sussidji lil proġetti jew istituzzjonijiet.

Strument

- L-Artikolu 70 (dwar klawżoli għat-twettiq ta' kuntratt) u l-Artikolu 71 (dwar is-sottokuntrattar) tad-Direttiva 2014/24/UE.
- Id-Direttiva 91/76/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/957 dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema.
- Ir-rati ta' ħlas rilevanti huma stabbiliti fi ftehimiet kollettivi vinkolanti bejn il-Belt u t-trade unions rispettivi.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Belt ta' Copenhagen
- L-impjegati tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi ta' Copenhagen
- It-task force dwar id-dumping soċjali ta' Copenhagen
- It-trade unions li jinnegozjaw ftehimiet kollettivi

Impatti soċjali

- *Ħlas u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti:* L-impjegati tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi tal-Belt ta' Copenhagen huma intitolati għal ħlas u kundizzjonijiet tax-xogħol skont il-ftehim kollettiv rilevanti u d-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema inklużi l-ħlas, is-siġhat ta' mistrieħ u l-kumpens għas-sahra. Huma żgurati wkoll id-drittijiet tagħhom għall-ħlas tal-vaganzi u l-assigurazzjoni skont il-liġi Daniża dwar ix-xogħol.
- *Għodod aħjar ta' monitoraġġ:* Il-Belt ta' Copenhagen bdiet proġett pilota li bih il-ħaddiema jridu jirreġistraw lilhom infushom billi jużaw karta tal-identità meta jaċċessaw u jutilqu mis-sit tax-xogħol. Din is-sistema tagħmilha aktar faċli għat-task force tal-Belt biex timmira kuntratti u impjegaturi fejn ir-riskju ta' dumping soċjali jkun akbar billi tipprovdni informazzjoni dwar l-għadd ta' ħaddiema impjegati, il-post fil-katina tal-provvista, it-tip ta' xogħol, il-forma ta' impjeg, is-siġhat tax-xogħol, eċċ. L-għan huwa li t-task force tingħata stampa ġenerali aħjar ta' min qed iwettaq xogħol fuq il-proġetti tal-Belt ta' Copenhagen, u li l-fornituri ewlenin tal-Muniċipalità jingħataw għodda biex jimmaniġġjaw aħjar is-sottokuntratturi tagħhom fil-partijiet kollha tal-katina tal-provvista.
- *Infurzar immirat:* Matul l-2018, it-task force skopriet li l-biċċa l-kbira tal-ksur tal-klawżola dwar ix-xogħol iseħħ minn sottokuntratturi tul il-katina. Il-kuntrattur ewlieni ħafna drabi ma jkollux stampa ġenerali ta' liema kumpaniji jkunu preżenti fis-siti, u dan jagħmilha diffiċli għalih biex jiżgura l-konformità mal-klawżola dwar ix-xogħol aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista. Din l-istampa hija minnha anki għal kumpaniji li jiffokaw fuq ħlas u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u introduċew diversi forum ta' awtokontroll.

L-isforzi ta' kontroll bħalissa huma bbażati fuq mudell tar-riskju, u għalhekk it-task force tiffoka l-ħidma ta' kontroll fejn tivvaluta li hemm l-akbar riskju ta' ksur. Dan isir biex jiġi żgurat li jiġu skoperti kemm jista' jkun każijiet ta' dumping soċjali u biex jiġi żgurat li, sa fejn ikun possibbli, ix-xogħol tal-kuntratturi konformi ma jiġix disturbat għall-ebda raġuni.

Il-mudell ibbażat fuq ir-riskju tnejja mit-tim tat-task force u jiġi aġġornat b'mod kontinwu. Il-mudell iqis għadd ta' fatturi bħat-tip ta' kumpanija, il-kundizzjonijiet tal-impjeg, it-tip ta' xogħol imwettaq, il-ksur preċedenti tal-kumpaniji kkonċernati, eċċ. L-isforzi ta' kontroll il-ġodda, ibbażati fuq ir-riskju, ifissru li t-task force żżur prinċipalment il-postijiet tax-xogħol fejn jitwettqu l-kompiti għall-Muniċipalità - speċjalment siti ta' kostruzzjoni kbar.

Il-preżenza fiżika fuq il-post tipprovdni fehim approfondit dwar il-proċess tal-kostruzzjoni u għarfien dwar il-kumpaniji, kemm il-kuntrattur ewlieni kif ukoll is-sottokuntratturi li jinbidlu. Dan ifisser ukoll li l-impjegati tal-kuntrattur jafu t-task force u huma konxji mill-isforzi tal-Muniċipalità kontra d-dumping soċjali.

- *Prevenzjoni:* Minbarra l-isforz ta' kontroll innifsu, it-task force qed iżżid il-fokus tagħha fuq il-ħidma preventiva billi ssaħħaħ id-djalogu man-negozji tal-Belt, fost affarijiet oħra. Matul l-aħħar sena, it-task force organizzat erba' laqgħat ta' informazzjoni għall-kumpaniji li jixtiequ jisimgħu aktar dwar l-isforzi tagħhom kontra d-dumping soċjali u t-talbiet magħmula mill-Muniċipalità. It-tim ta' rispons għamel ukoll taħditiet lill-kumpaniji li xtaqu jgħammru aħjar lill-manijers tal-kostruzzjoni tagħhom biex jimmaniġġjaw ir-rekwiżiti tal-klawżola u jkunu lesti għall-kontroll.

Fl-istess ħin, huwa mistenni li l-preżenza tat-task force fuq is-siti tax-xogħol matul il-kontrolli se jkollha effett preventiv fit-tul, peress li t-tim ikun viżibbli fuq il-post tax-xogħol u jqassam materjali mmirati lejn il-kumpaniji u l-impjegati fiż-żjarat ta' spezzjoni tiegħu.

Benefiċċji oħra

- L-esperjenza turi li l-klawżoli dwar ix-xogħol għandhom effetti doppji: huma jgħinu biex jiġu żgurati fl-aspett u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-impjegati kollha li jwettqu xogħol fuq kuntratti pubbliċi u jgħinu biex tiġi enfasizzata, fi ħdan l-organizzazzjoni, l-importanza tar-responsabbiltà soċjali fil-kuntratti pubbliċi. Madankollu, il-klawżoli dwar ix-xogħol ma jistgħux ikunu waħedhom; huma jridu jkunu supplementati minn spezzjonijiet u kontrolli tal-konformità, preferibbilment minn tim intern fi ħdan l-organizzazzjoni. Il-klawżoli dwar ix-xogħol flimkien ma' spezzjonijiet regolari jista' jkollhom effett pożittiv u jgħinu biex tinħoloq kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri.
- Il-Belt ta' Copenhagen tixtieq tikkontribwixxi għal aktar taġlim u internships għaż-żgħażaġħ. Għalhekk, il-Belt tirrikjedi li l-fornituri u r-riċevituri tal-għotjiet tagħha jimpjegaw u jħarrġu studenti u apprendisti meta jkun possibbli.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Approċċ ibbażat fuq iż-żjarat implimentat minn aġenti interni wera li huwa aktar effettiv mill-esternalizzazzjoni tal-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.
- Huwa preferibbli approċċ ibbażat fuq ir-riskju, fejn il-kontrolli tad-dokumenti jitwettqu biss meta jiġi valutat li hemm riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-klawżola dwar ix-xogħol.
- Il-biċċa l-kbira tal-ksur iseħħ tul il-katina tal-provvista minn sottokuntratturi u minn sottosottokuntratturi.
- Meta jkun hemm suspett ta' ksur tal-klawżola dwar ix-xogħol, huwa kruċjali li tinġabar informazzjoni dwar l-identità tal-ħaddiema impjegati fis-sit u s-siġnat tax-xogħol eżatti tagħhom.

Kuntatt

Eva Milsted Enoksen, Konsulent dwar is-CSR, jc3y@kk.dk

71. Strateġija għall-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli fil-Kunsill tal-Belt ta' Pamplona

Isem l-awtorità akkwirenti, Pajjiż: Il-Muniċipalità ta' Pamplona, Spanja

Settur tal-prodotti jew tas-servizzi: Politika - il-prodotti u s-servizzi kollha.

Introduzzjoni/objettivi tal-akkwist

Fit-16 ta' April 2019, il-Muniċipalità ta' Pamplona approvat "Istruzzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku Strateġiku u Soċjalment Responsabbli", li kienet akkumpanjata minn gwida li poġġiet il-klawżoli soċjali, il-mekkaniżmi ta' verifika u l-għodod għall-kejl tal-impatt fil-qalba tal-prattika tal-akkwist (il-Gwida hija disponibbli [hawnhekk](#) bl-Ispanjol). Dan l-approċċ għandu jiġi segwit fil-proċeduri ta' kuntrattar kollha mnedija mill-Muniċipalità u jirrifletti li l-awtorità lokali hija impenjata li tintegra l-kriterji soċjali u ambjentali fl-attività tagħha ta' akkwist pubbliku.

L-orjentazzjoni l-għdida lejn l-akkwist pubbliku f'Pamplona għandha l-għan li timmassimizza r-redditu tal-flus pubbliċi għan-nies u li tagħmel impatti ċari f'termini ta' inklużjoni soċjali, ridistribuzzjoni, ugwajanza u sostenibbiltà. Barra minn hekk, hija tfittex li tgħaqqad l-effettività u l-effiċjenza mal-promozzjoni tal-għanijiet soċjali fl-attività tal-akkwist pubbliku. F'dan ir-rigward, kull proċedura ta' kuntrattar li tittratta xogħlijiet, servizzi jew provvisti se ssegwi jew tesplora l-integrazzjoni ta' objettivi bħall-promozzjoni tal-ugwajanza bejn il-ġeneri, l-impjeggi deċenti u ta' kwalità, l-opportunitajiet ta' impjeg għall-persuni li jinsabu 'l bogħod mis-swieg tax-xogħol⁴⁵ jew il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-impjeggi u fis-soċjetà. L-akkwist pubbliku se jfittex ukoll iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u tal-operaturi tal-ekonomija soċjali, kif ukoll jippromwovi l-ekonomija ċirkolari, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, u livelli oġġa ta' kożzjoni soċjali u territorjali.

Objettiv tal-politika soċjali u/jew standard ta' referenza

L-awtorità kontraenti għandha rwol ċentrali fit-twettiq tal-mandat legali biex tippromwovi akkwist pubbliku soċjalment responsabbli fil-proċeduri kollha u tmexxi l-implimentazzjoni tiegħu fil-prattika ta' kuljum tal-akkwisti. Dan se jitwettaq permezz ta' valutazzjoni dettaljata tal-potenzjal għall-klawżoli soċjali f'kull proċedura u l-ispeċifikazzjonijiet tagħha.

Dan l-approċċ huwa legalment imsejjes fuq il-possibbiltajiet offruti mil-leġiżlazzjoni reġjonali dwar l-Akkwist Pubbliku, li hija konsistenti mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2014/24/UE. Għal dan il-għan, l-istruzzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-miżuri li ġejjin:

Preakkwist imsaħħaħ:

- L-ippjanar tal-proċeduri ta' kuntrattar li għandhom jitnedew matul is-sena se jkun obligatorju.
- Jistgħu jitwettqu konsultazzjonijiet preliminari tas-suq biex jiżied l-għarfien tal-fornituri potenzjali u s-soluzzjonijiet disponibbli.
- Is-suġġett tal-kuntratt jista' jiġi definit minn kriterji soċjali u ambjentali.

Żgurar ta' impjeg deċenti:

- Għandhom jiġu valutati u stabbiliti l-ħtiġijiet ta' impjeg marbuta ma' kull kuntratt, inkluż permezz ta':

⁴⁵ Il-gruppi eliġibbli huma persuni b'diżabilità, persuni impjegati fintrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol, workshops protetti u gruppi inklużi bħala gruppi fil-mira fil-liġi nazzjonali, bħaż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'livelli ta' ħiliet aktar baxxi, in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni li għandhom aktar minn 45 sena, il-migranti, il-persuni friskju ta' esklużjoni soċjali (l-Artikolu 30 tar-Real Decreto Legislativo 3/2015, de 23 de octubre, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de Empleo).

- Stima tal-ħtiġijiet tal-persunal għall-eżekuzzjoni ta' kull kuntratt, inklużi l-kwalifiki u l-kostijiet tagħhom skont il-ftehimiet kollettivi applikabbli.
- Indikazzjoni ċara tal-kostijiet tal-pagi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati minn kuntratti preċedenti li għandhom jiġu assorbiti mill-kuntrattur il-ġdid (skont id-Direttiva 2001/23/KE dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji).
- Il-provvediment għall-ħlas dirett lis-sottokuntratturi u li-izguraw li l-pagamenti lill-kuntratturi jkunu soġġetti għall-ħlas tas-salarji lill-impjegati.

Simplifikazzjoni u abilitazzjoni tal-aċċess għall-akkwist pubbliku minn operaturi iżgħar

- Jiġu minimizzati l-piż amministrattiv u l-ostakli għall-parteċipazzjoni mill-intrapriżi mikro, żgħar u medji u min-negozji lokali. Dan se jitwettaq permezz ta':
 - Fil-fażi tal-offerti, se jkunu meħtieġa formola ta' awtodikjarazzjoni jew id-dokument Ewropew uniku għall-akkwist (ESPD) minn kull offerent biex jagħtu prova tal-kapaċità u s-solvenza tagħhom li jwettqu l-kuntratt.
 - Kriterji tal-għażla mmirati li jissimplifikaw ir-rekwiżiti tekniċi, finanzjarji jew professjonali.
- Il-proċeduri se jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' offeriti konġunti. L-offerenti se jkunu jistgħu jagħtu prova tas-solvenza finanzjarja tagħhom permezz tar-riżorsi li jkunu proprjetà ta' intrapriżi oħra.
- Il-fatturat minimu annwali meħtieġ biex tintwera s-solvenza finanzjarja ma għandux jaqbeż il-valur totali stmat tal-kuntratt sakemm ma jkunx debitament ġustifikat mir-riskji assoċjati max-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti kkuntrattati f'kull każ.
- Sa fejn ikun possibbli, il-proċeduri se jnaqqsu jew jeliminaw il-garanziji finanzjarji provviżorji għall-parteċipazzjoni fil-fażi tal-offerti. Il-garanzija finali se tiġi stabbilita mill-awtorità kontraenti skont l-ispeċifità ta' kull kuntratt, iżda, f'kull każ, se tkun anqas minn 4 % tal-valur tiegħu. Fil-każ tal-kuntratti riżervati, bħala prinċipju ġenerali, ma tkun meħtieġa l-ebda garanzija provviżorja jew finali sakemm ma tkunx ġustifikata mir-riskji assoċjati mas-suġġett tal-kuntratt.
- Il-kuntratti se jinqasmu f'lottijiet b'mod awtomatiku. Il-parteċipazzjoni jew l-għoti tal-lottijiet se jkunu limitati għal kull operatur. Xi lottijiet se jkunu riżervati għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

Verifika

Il-konformità mal-kriterji soċjali inklużi f'kull proċedura tiġi żgurata permezz ta' dan li ġej:

- Kull klawżola soċjali inkluża f'kull kuntratt se tkun akkumpanjata minn dispożizzjoni ta' verifika. Il-verifikatur se jiddetermina t-tip ta' evidenza u l-istadju tal-offerti li fuqhom trid tiġi ppruvata l-konformità mal-klawżola soċjali. Il-kuntratti għandhom jispeċifikaw f'kull każ l-obbligu tal-offerenti li jagħtu prova tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti soċjali. Il-konsiderazzjonijiet soċjali dejjem jikkwalifikaw bħala dispożizzjonijiet kuntrattwali obligatorji.
- Il-ksur tal-klawżoli soċjali se jinvolvi penali serji, u jista' jwassal għat-terminazzjoni ta' kuntratti jew għan-nuqqas ta' abbiltà li wieħed jieħu sehem fi proċeduri futuri. Il-persunal maħtur mill-awtorità kontraenti se jkun responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-klawżoli soċjali, għas-sinjallazzjoni tan-nuqqas ta' konformità u għall-bidu ta' azzjonijiet ta' sanzjonar meta jkun meħtieġ. Il-kuntratti mhux se jiġu finalizzati sakemm il-konformità mal-klawżoli soċjali minnqux fihom tkun twettqet f'konformità mat-termini miftiehma u tiġi verifikata.

Valur tal-kuntratt

Il-Muniċipalità ta' Pamplona talloka madwar EUR 80 miljun kull sena għall-akkwist pubbliku.

Strument

- L-Artikolu 40 dwar il-konsultazzjoni preliminari mas-suq; L-Artikolu 18(2) dwar il-klawżola soċjali obligatorja; L-Artikolu 71 dwar is-sottokuntrattar; L-Artikolu 58 dwar il-kriterji ta' għażla inkluż 58(3) dwar il-fatturat; L-Artikolu 59 dwar Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist; L-Artikolu 63 dwar id-dipendenza fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra;

L-Artikolu 46 dwar il-qsim ta' kuntratti f'lottijiet; L-Artikoli 20 u 77 dwar il-kuntratti riżervati; L-Artikolu 70 dwar il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt u L-Artikolu 73 dwar it-terminazzjoni ta' kuntratti.

- L-istruzzjoni (regolament lokali) maħruġa mill-Muniċipalità ta' Pamplona, li l-konformità magħha hija obligatorja, iżżid u tiżviluppa b'mod sħiħ il-potenzjal soċjali fi ħdan il-leġiżlazzjoni reġjonali u nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku.

Atturi

- Awtorità kontraenti: Il-Muniċipalità ta' Pamplona
- Offerenti: In-negozji, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Impatti soċjali

- Il-Muniċipalità ta' Pamplona għandha l-għan li tkun l-ewwel amministrazzjoni pubblika fi Spanja li tivverifika u tkejjel l-impatt soċjali tal-attività tagħha ta' akkwist pubbliku. Biex tagħmel dan, kull klawżola soċjali inkluża fil-proċeduri se tkun akkumpanjata minn miżura ta' verifika li tagħti prova tal-konformità u indikatur biex jitkejju l-effettività u r-riżultat tagħha.
- B'dan il-mod, il-Muniċipalità se tkun tista' tivvaluta b'mod sistematiku r-riżultati u l-benefiċċji miksuba minn prattiki ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli. L-impatti mkejja jistgħu jinkludu, pereżempju, l-għadd ta' persuni b'diżabilità jew ta' nisa li jesperjenzaw vjolenza abbażi tal-ġeneru li jkunu impjegati, il-konformità mal-istandards tax-xogħol, iż-żieda fil-kuntratti permanenti, il-valur tal-kuntratti jew tas-sottokuntratti li jmorru għand operatori tal-ekonomija soċjali u intrapriżi soċjali tal-integrazzjoni fix-xogħol, il-miżuri ta' ugwajjanza bejn il-ġeneri applikati u l-għadd ta' persuni li jibbenefikaw minnhom, jew il-valur tal-kummerċ ġust jew tal-prodotti mmanifatturati lokalment mixtrija.
- Minħabba ż-żmien limitat ta' applikazzjoni tal-istruzzjoni sa issa, ir-rappurtar dwar l-impatti soċjali għadu qed jiġi żviluppat.

Benefiċċji oħra

- Din l-inizjattiva tista' tiġi trasferita u applikata faċilment minn awtoritajiet pubbliċi oħra.

Tagħlimiet meħuda u sfidi futuri

- Ir-rieda politika u l-appoġġ għal inizjattiva bħal din huma kruċjali. Madankollu, huwa daqstant ieħor meħtieġ appoġġ trażversali f'kull livell (dipartimenti u persunal muniċipali). Għalhekk, ġew organizzati sessjonijiet ta' taħriġ għall-prattikanti kemm dwar l-istrateġija kif ukoll dwar il-gwida.
- L-isfida ewlenija quddiemna tinsab fil-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli permezz tal-istruzzjoni. Għal dan il-għan, huwa kruċjali li l-għanijiet tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli jiġu integrati bħala parti mill-oġġettivi strateġiċi għall-Muniċipalità, bħall-Istrateġija tal-2030 għal Pamplona.

Kuntatt

Is-Sur José Costero, Direttur, l-Uffiċċju Strateġiku, il-Kunsill tal-Belt ta' Pamplona, j.costero@pamplona.es +34948420527

TABELLA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SOĊJALI RILEVANTI

| Id-Direttiva 2014/24/UE | Spjegazzjoni (rilevanza għall-SRPP) | Każijiet bil-Kwotazzjoni tad-Dispożizzjoni |
|--|--|---|
| L-Artikolu 18(2) <i>Klawżola soċjali obbligatorja</i> | Iridu jittieħdu miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali, tal-UE u internazzjonali applikabbli u mal-ftehimiet kollettivi fit-twettiq ta' kuntratti pubbliċi. | (5) It-Televiżjoni Ċeka; (8) Il-Kummissjoni Ewropea; (20) Madrid; (25) Ir-Rumanija; (26) It-Toskana; (30) Tampere; (40) Il-Katalonja; (41) Hansel; (42) BMZ Il-Ġermanja; (44) Czech MoLSA; (46) Bonn; (60) Girona; (64) Valladolid, u (71) Pamplona. |
| L-Artikolu 20 <i>Kuntratti riżervati</i> | Jistgħu jiġu riżervati kuntratti għal workshops protetti/programmi ta' impjeg li jimpjegaw mill-anqas 30 % ħaddiema b'diżabilità jew żvantaġġati. | (1) Il-Katalonja; (7) Wrocław; (18) Vendée; (21) Corfu; (22) Il-Belġju; (26) It-Toskana; (27) Toledo; (28) Salamanca; (31) Oslo; (47) Madrid; (50) Rzgów; (58) Conseil Régional Grand-Est; (59) Grand Paris Sud Est Avenir; (60) Girona; (63) Il-Bulgarija; (64) Valladolid, u (71) Pamplona. |
| L-Artikolu 40 <i>Konsultazzjonijiet preliminari mas-suq</i> | Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet preliminari mas-suq ma' operaturi ekonomiċi u esperti indipendenti. | (1) Il-Katalonja; (2) Helsingborg; (5) It-Televiżjoni Ċeka; (25) Ir-Rumanija; (31) Oslo; (32) Koto SIB; (58) Conseil Régional Grand-Est; (62) Sodankylä u Kittilä; (64) Valladolid; (69) Bremen u (71) Pamplona. |
| L-Artikolu 42 <i>L-aċċessibbiltà fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi</i> | Fl-akkwist kollu li jkun maħsub għall-użu mill-persuni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jridu jqisu l-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità jew id-disinn għall-utenti kollha. | (25) Ir-Rumanija; (30) Tampere, u (43) l-Aġenzija Finlandiża għall-Edukazzjoni. |
| L-Artikolu 43 <i>Tikketti</i> | It-tikketti soċjali jistgħu jkunu meħtieġa fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji għall-għoti jew fil-klawżoli dwar it-twettiq ta' kuntratt sakemm dawn jissodisfaw ċerti standards ta' trasparenza u oġġettività, u jiġu aċċettati wkoll tikketti ekwivalenti. | (11) Berlin; (19) Oslo; (20) Madrid; (24) Emilia-Romagna; (42) BMZ il-Ġermanja u (64) Valladolid. |
| L-Artikolu 46 <i>Qsim f'lottijiet</i> | Il-kuntratti jistgħu jinqasmu f'lottijiet, u jekk tittieħed deċiżjoni biex dan ma jsirx, trid tiġi pprovduta spjegazzjoni fid-dokumenti jew fir-rapport tal-akkwist. | (1) Il-Katalonja; (5) It-Televiżjoni Ċeka; (12) Ille et Vilaine; (15) Strasburgu; (21) Corfu; (26) It-Toskana; (45) Ghent; (62) Sodankylä u Kittilä; (64) Valladolid u (71) Pamplona. |
| L-Artikolu 56(1) <i>Prinċipji tal-għoti ta' kuntratti</i> | L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux kuntratt lill-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża jekk l-offerta ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli skont l-Artikolu 18(2). | |
| L-Artikolu 57(4) <i>Raġunijiet għall-</i> | L-offerenti jistgħu jiġu esklużi meta l-awtorità kontraenti tkun tista' turi bi kwalunkwe mezz xieraq ksar tal-obbligi | (16) Skien; (25) Ir-Rumanija; (34) Brescia, u (60) Girona. Akkwist |

| | | |
|--|--|---|
| <i>esklużjoni</i> | applikabbli skont l-Artikolu 18(2). | Ċentralizzat; (52) Girona. |
| L-Artikolu 58/- Anness XII <i>Ġestjoni tal-katina tal-provvista</i> | L-offerenti jistgħu jintalbu jindikaw il-miżuri ta' ġestjoni tal-katina tal-provvista li huma jkunu jistgħu japplikaw fil-kuntratt. | (44) MoLSA Ċeka u (71) Pamplona |
| L-Artikolu 67 <i>Kriterji għall-għoti ta' kuntratt</i> | Il-kriterji għall-għoti ta' kuntratt jistgħu jkunu relatati mal-karatteristiċi soċjali jew mal-kundizzjonijiet tan-negozjar dment li dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, irreklamati minn qabel, ma jagħtux libertà tal-għażla mingħajr restrizzjonijiet lill-awtorità kontraenti, jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva, u jkunu jistgħu jiġu verifikati b'mod effettiv. | (1) Il-Katalonja; (3) Budapest; (4) Aarhus; (5) It-Televiżjoni Ċeka; (6) Ballerup; (9) Malta; (10) Il-Logħob Olimpiku; (19) Oslo; (25) Ir-Rumanija; (28) Salamanca; (31) Oslo; (35) Gdynia; (38) Rotterdam; (41) Hansel; (42) BMZ Il-Ġermanja; (53) L-Iżvezja; (54) Londra; (55) Dublin; (60) Girona; (62) Sodankylä u Kittilä; (64) Valladolid u (68) Vjenna. |
| L-Artikolu 70 <i>Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt</i> | Il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt jistgħu jinkludu konsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjeg sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jkunu reklamati minn qabel. | (2) Helsingborg; (4) Aarhus; (5) It-Televiżjoni Ċeka; (6) Ballerup; (8) Il-Kummissjoni Ewropea; (12) Ille et Vilaine; (14) Castilla y León; (16) Skien; (17) Grangegorman; (19) Oslo; (25) Ir-Rumanija; (35) Gdynia; (48) Falun-Borlänge; (49) Varsavja; (52) Vantaa u Helsinki; (53) L-Iżvezja; (54) Londra; (55) Dublin; (56) Dortmund; (57) La Rochelle; (60) Girona; (64) Valladolid; (66) Wageningen; (67) Haarlem; (68) Vjenna; (70) Copenhagen, u (71) Pamplona. |
| L-Artikoli 71(1) u 71(6) <i>Sottokuntrattar</i> | L-obbligi skont l-Artikolu 18(2) jistgħu jiġu infurzati kontra s-sottokuntratturi; ir-responsabbiltà konġunta għal dawn l-obbligi tista' tiġi applikata mal-kuntrattur ewlieni; l-awtorità kontraenti tista' titlob is-sostituzzjoni ta' sottokuntrattur li ma jikkonformax. | (41) Hansel; (70) Copenhagen, u (71) Pamplona. |
| L-Artikoli 74-77 <i>Reġim anqas strett għas-servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra</i> | L-awtoritajiet kontraenti jistgħu japplikaw proċeduri aktar flessibbli għal ċerti servizzi soċjali, tas-saħħa, edukattivi, kulturali u servizzi oħra dment li jiġu osservati l-prinċipji ta' trattament ugwali u tat-trasparenza; ċerti kuntratti jistgħu jiġu riżervati għal intrapriżi soċjali/soċjetajiet mutwi ta' servizz pubbliku. | (18) Vendée; (31) Oslo; (34) Brescia; (36) Riga; (37) Il-Litwanja; (39) L-Italja/is-Slovenja u (64) Valladolid. |

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni ta' Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru tiegħek fuq: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefon jew permezz tal-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

- permezz tan-numru tat-telefown mingħajr ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jitolbu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696, jew
- permezz tal-posta elettronika fuq: https://europa.eu/european-union/contact_mt

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web tal-Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Publikazzjonijiet tal-UE

Tista' trizzel jew tordna publikazzjonijiet tal-UE kemm b'xejn kif ukoll bi ħlas minn: <https://op.europa.eu/mt/web/general-publications/publications>. Tista' tikseb diversi kopji ta' publikazzjonijiet mingħajr ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru ta' informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Id-dritt tal-Unjoni u dokumenti relatati

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż id-dritt kollu ta' l-Unjoni mill-1952 fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, mur fuq EUR-Lex fuq: <http://eur-lex.europa.eu>

Data miftuħa mill-UE

Il-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-*data* mill-UE. Id-*data* tista' titriżel u terġa' tintuża mingħajr ħlas, għal finijiet kemm kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

